IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-QORTI TAL-AWDITURI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287(1) u (4) tat-TFUE u l-Artikoli 148(1) u 162(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u l-Artikoli 139 u 156 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp

**il-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea, fil-laqgħa tagħha tal-4 ta' Settembru 2014, adottat ir-**

**RAPPORTI ANNWALI**

**għas-sena finanzjarja 2013.**

Ir-rapporti, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet għall-osservazzjonijiet tal-Qorti, intbagħtu lill-awtoritajiet responsabbli mill-għoti tal-kwittanza u lill-istituzzjonijiet l-oħra.

Il-Membri tal-Qorti tal-Awdituri huma:

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA (President), Igors LUDBORŽS, Jan KINŠT, Kersti KALJULAID, Karel PINXTEN, Henri GRETHEN, Szabolcs FAZAKAS, Louis GALEA, Ladislav BALKO, Augustyn KUBIK, Milan Martin CVIKL, Rasa BUDBERGYTĖ, Lazaros S. LAZAROU, Hans Gustaf WESSBERG, Henrik OTBO, Pietro RUSSO, Ville ITÄLÄ, Kevin CARDIFF, Baudilio TOMÉ MUGURUZA, Iliana IVANOVA, George PUFAN, Neven MATES, Alex BRENNINKMEIJER, Danièle LAMARQUE, Nikolaos MILIONIS, Phil WYNN OWEN, Klaus-Heiner LEHNE, Oskar HERICS.

# RAPPORT ANNWALI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT

(2014/C 398/01)

# WERREJ


| | Paġna |
|---|---|
| Introduzzjoni ġenerali | 7 |
| Kapitolu 1 — Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni u l-informazzjoni ta' sostenn | 9 |
| Kapitolu 2 — Dħul | 53 |
| Kapitolu 3 — Agrikoltura: suq u appoġġ dirett | 77 |
| Kapitolu 4 — Żvilupp rurali, ambjent, sajd u saħħa | 105 |
| Kapitolu 5 — Politika reġjonali, trasport u enerġija | 137 |
| Kapitolu 6 — Impjiegi u affarijiet soċjali | 173 |
| Kapitolu 7 — Relazzjonijiet esterni, għajnuna u tkabbir | 199 |
| Kapitolu 8 — Riċerka u politiki interni oħra | 215 |
| Kapitolu 9 — Nefqa amministrattiva u nfiq relatat | 235 |
| Kapitolu 10 — Kisba ta' riżultati mill-baġit tal-UE | 253 |

## INTRODUZZJONI ĠENERALI

0.1. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija l-istituzzjoni stabbilita bit-Trattat biex twettaq l-awditu tal-finanzi tal-Unjoni Ewropea (UE). Bħala l-awditur estern tal-UE hija taġixxi bħala l-gwardjan indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini tal-Unjoni u tikkontribwixxi għat-titjib tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE. Aktar informazzjoni dwar il-Qorti tista' tinstab fir-rapport annwali tal-attività tagħha li, flimkien mar-rapporti speċjali tagħha dwar il-programmi ta' nfiq u d-dħul tal-UE u l-opinjonijiet tagħha dwar leġiżlazzjoni ġdida jew emendata, huma disponibbli fuq il-websajt tagħha:

www.eca.europa.eu

0.2. Dan huwa s-37 Rapport Annwali tal-Qorti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE u jkopri s-sena finanzjarja 2013. Rapport annwali separat ikopri l-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp.

0.3. Il-baġit ġenerali tal-UE jiġi deċiż kull sena mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew. Ir-rapport annwali tal-Qorti, flimkien mar-rapporti speċjali tagħha, jipprovdu bażi għall-proċedura ta' kwittanza, li fiha l-Parlament Ewropew jiddeċiedi jekk il-Kummissjoni tkunx wettqet ir-responsabbiltajiet tagħha b'mod sodisfaċenti għall-implimentazzjoni tal-baġit. Il-Qorti tibgħat ir-rapport annwali tagħha lill-parlamenti nazzjonali fl-istess żmien li tibagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

0.4. Il-parti ċentrali tar-rapport annwali hija d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-Qorti (id-"DAS") dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet konsolidati tal-UE u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet (li ssir referenza għalihom fir-rapport bħala "regolarità tat-tranżazzjonijiet"). Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni nfisha tagħti bidu għar-rapport; il-materjal li jsegwi jirrapporta prinċipalment dwar ix-xogħol tal-awditjar li fuqu hija bbażata d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni.

0.5. Ir-rapport huwa organizzat kif ġej:

— il-Kapitolu 1 fih id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni u sommarju tar-riżultati tal-awditu tal-Qorti dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar ir-regolarità tat- tranżazzjonijiet, analiżi tar-rapport ta' sinteżi u tar-rapporti annwali tal-attività u rapport fil-qosor dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja. L-Anness 1.3 fil-Kapitolu 1 jipprovdi siltiet mill-kontijiet konsolidati għall-2013. Informazzjoni finanzjarja aktar estensiva għall-2013 hija ppreżentata fil-kontijiet konsolidati ppubblikati u fir-rapport finanzjarju mħejji mill-Kummissjoni Ewropea, li huma t-tnejn disponibbli fuq:

  http://ec.europa.eu/budget/biblio/documents/2013/2013_en.cfm;

— il-Kapitoli 2 sa 9 jagħtu s-sejbiet dettaljati tal-awditjar fil-forma ta' "valutazzjonijiet speċifiċi" tad-dħul u l-infiq tal-UE. Il-Kapitolu 2 jittratta l-parti tal-baġit tal-UE li tikkonċerna d-dħul; il-Kapitoli 3 sa 9 jittrattaw seba' gruppi ta' oqsma ta' politika li fi ħdanhom l-infiq mill-baġit tal-UE jiġi awtorizzat u rreġistrat. Dawn il-gruppi ta' oqsma ta' politika jikkorrispondu b'mod wiesa' mal-intestaturi użati fil-qafas finanzjarju 2007-2013, li jistipula l-pjanijiet wesgħin tal-infiq pluriennali tal-UE;

— il-Kapitolu 10 janalizza l-prestazzjoni u jqis ir-regoli baġitarji tal-UE u l-aċċent tagħhom fuq il-prestazzjoni u fih l-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar xi aspetti tar-rappurtar mill-Kummissjoni dwar il-prestazzjoni, inkluż ir-rappurtar tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, ir-raba' rapport ta' evalwazzjoni tagħha, u r-rapporti annwali tal-attività mħejjija mid-diretturi ġenerali tal-Kummissjoni. Il-kapitolu jenfasizza wkoll xi whud mit-temi prinċipali li jirriżultaw mir-rapporti speċjali tal-Qorti tal-2013 dwar il-prestazzjoni.

0.6. Il-valutazzjonijiet speċifiċi huma bbażati prinċipalment fuq ir-riżultati tal-ittestjar mill-Qorti tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet u fuq valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi prinċipali ta' superviżjoni u kontroll li jirregolaw id-dħul jew l-infiq involut.

0.7. Ir-risposti tal-Kummissjoni (jew ir-risposti ta' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE, fejn xieraq) għall-osservazzjonijiet tal-Qorti huma ppreżentati f'dan id-dokument. Id-deskrizzjoni mill-Qorti tas-sejbiet u tal-konklużjonijiet tagħha tieħu kont tar-risposti rilevanti tal-parti awditjata. Madankollu, hija r-responsabbiltà tal-Qorti, bħala awditur estern, li tirrapporta s-sejbiet tal-awditjar tagħha, tasal għal konklużjonijiet minn dawk is-sejbiet, u b'hekk tagħti valutazzjoni indipendenti u imparzjali tal-affidabbiltà tal-kontijiet kif ukoll tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet.

KAPITOLU 1

## Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni u l-informazzjoni ta' sostenn

WERREJ


| | *Paragrafu* |
|---|---|
| Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti mogħtija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – rapport tal-awditur indipendenti I-XII | I-XII |
| Introduzzjoni | 1.1-1.8 |
| Sejbiet tal-awditjar għall-2013 | 1.9-1.40 |
| Affidabbiltà tal-kontijiet | 1.9-1.15 |
| Ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-awditjar dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet | 1.16-1.24 |
| Analiżi tar-rapport ta' sinteżi u tar-rapporti annwali tal-attività | 1.25-1.40 |
| Ġestjoni baġitarja u finanzjarja | 1.41-1.50 |
| Il-baġits emendatorji żiedu b'mod sinifikanti l-volum ta' pagamenti li l-Kummissjoni kellha permess li tagħmel | 1.42 |
| Il-livelli kumplessivi ta' infiq kienu qrib il-massimu permess taħt il-qafas baġitarju | 1.43 |
| Minkejja l-livell għoli ta' pagamenti, l-obbligi li jsiru pagamenti fil-futur komplew jikbru | 1.44-1.45 |
| Perjodu persistentement twil minn impenn inizjali sa aċċettazzjoni tal-infiq f'bosta oqsma ta' nfiq | 1.46-1.47 |
| Volum sinifikanti ta' fondi ddebitati lill-baġit iżda mhux żborżati lir-riċevituri finali | 1.48 |
| Dewmien fir-reġistrazzjoni ta' dħul baġitarju | 1.49 |
| Ħtieġa għal tbassir tal-flussi tal-flus fuq firxa twila | 1.50 |

Anness 1.1 — Approċċ u metodoloġija tal-awditjar

Anness 1.2 — Segwitu tal-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti rigward l-affidabbiltà tal-kontijiet

Anness 1.3 — Siltiet mill-kontijiet konsolidati 2013

# ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI TAL-QORTI MOGĦTIJA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL – RAPPORT TAL-AWDITUR INDIPENDENTI

I. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea li jinkludu r-rapporti finanzjarji konsolidati ([1]) u r-rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ([2]) għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2013, approvati mill-Kummissjoni fit-30 ta' Lulju 2014; u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

*Ir-responsabbiltà tal-maniġment*

II. Skont l-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u r-Regolament Finanzjarju, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea abbażi ta' standards tal-kontabbiltà li huma aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku u għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Il-maniġment huwa wkoll responsabbli milli jiżgura li l-attivitajiet, it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni riflessi fir-rapporti finanzjarji jkunu konformi mal-awtoritajiet li jirregolawhom. Il-Kummissjoni terfa' r-responsabbiltà aħħarija għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 317 tat-TFUE).

*Ir-responsabbiltà tal-awditur*

III. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-Qorti mexxiet l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

IV. Awditu jinvolvi t-twettiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet konsolidati u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, inkluża valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijet konsolidati u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jsiru dawk il-valutazzjonijiet tar-riskji, jitqies il-kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tar-rapporti konsolidati u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, biex jitfasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi iżda mhux bl-iskop li tiġi espressa opinjoni dwar l-effettività tal-kontroll intern. Awditu jinkludi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi użati u r-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi li jsiru, kif ukoll evalwazzjoni tal-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet konsolidati.

V. Għad-dħul, l-eżaminar mill-Qorti tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u l-Introjtu Nazzjonali Gross bbażat fuq ir-riżorsi proprji jieħu bħala l-punt tat-tluq tiegħu l-aggregati makroekonomiċi relevanti li fuqhom dawn huma kkalkulati, u jivvaluta s-sistemi tal-Kummissjoni għall-ipproċessar tagħhom sakemm il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri jkunu ġew riċevuti u rreġistrati fil-kontijiet konsolidati. Għar-riżorsi proprji tradizzjonali, il-Qorti teżamina l-kontijet tal-awtoritajiet doganali u tanalizza l-fluss tad-dazji sakemm l-ammonti jiġu riċevuti mill-Kummissjoni u rreġistrati fil-kontijiet.

---

([1]) Ir-rapporti finanzjarji konsolidati jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki tkontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni (inkluż ir-rappurtar fuq is-segmenti).

([2]) Ir-rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u noti ta' spjegazzjoni.

VI. Għall-infiq, il-Qorti teżamina tranżazzjonijiet ta' pagament meta l-infiq ikun ġie mġarrab, rreġistrat u aċċettat. Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti (inklużi dawk li saru għax-xiri ta' assi) minbarra pagamenti bil-quddiem fil-punt meta jsiru. Pagamenti bil-quddiem jiġu eżaminati meta r-riċevitur tal-fondi jipprovdi ġustifikazzjoni għall-użu proprju tagħhom u l-Istituzzjoni jew il-korp jaċċetta l-ġustifikazzjoni billi japprova l-pagament bil-quddiem, sew jekk fl-istess sena u sew jekk aktar tard.

VII. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjonijiet tagħha.

## Affidabbiltà tal-kontijiet

*Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet*

VIII. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2013 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni fil-31 ta' Diċembru 2013, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju u r-regoli kontabilistiċi bbażati fuq standards tal-kontabbiltà li huma aċċettati internazzjonalment għas-settur pubbliku.

## Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

### Dħul

*Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet*

IX. Fl-opinjoni tal-Qorti, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2013 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

### Impenji

*Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-impenji li fuqhom huma bbażati l-kontijiet*

X. Fl-opinjoni tal-Qorti, l-impenji li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2013 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

### Pagamenti

*Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet*

XI. Il-gruppi kollha tal-politika li jkopru nfiq operazzjonali huma materjalment milquta minn żball. L-istima tal-Qorti għar-rata tal-iżball l-aktar probabbli għall-pagamenti kontabilizzati għall-ispejjeż li fuqhom huma bbażati l-kontijiet hija ta' 4,7 %. Is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll eżaminati kienu parzjalment effettivi biex jiżguraw il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet.

*Opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet*

XII. Fl-opinjoni tal-Qorti, minħabba s-sinifikat tal-kwistjonijiet deskritti fil-paragrafu tal-bażi għall-opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2013 huma materjalment milquta minn żball.

L-4 ta' Settembru 2014

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

*President*

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

12, rue Alcide De Gasperi, 1615 Luxembourg, LUXEMBOURG

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

1.1. Il-baġit tal-Unjoni Ewropea (UE) huwa l-istrument għall-finanzjament tal-objettivi ta' politika tal-UE. L-infiq tal-UE jammonta għal madwar wieħed fil-mija tal-introjtu nazzjonali gross tal-UE (madwar EUR 290 għal kull ċittadin tal-UE fl-2013). Dan jirrappreżenta, bejn wieħed u ieħor, tnejn fil-mija tal-infiq pubbliku totali tal-Istati Membri tal-UE. Il-***Graff 1.1*** tqabbel il-baġit implimentat totali tal-UE tal-2013 mal-infiq pubbliku (3) tal-Istati Membri tal-UE fl-2013.

**Graff 1.1 — Infiq totali 2013 tal-gvernijiet ġenerali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u nfiq tal-UE fl-2013** *(f'EUR miljun)*




*Sors:* L-Unjoni Ewropea: Il-kontijiet annwali konsolidati 2013 tal-Unjoni Ewropea – riżultat tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE – it-Tabella 1.1 pagamenti (ara l-***Anness 1.3*** – it-Tabella 5).

L-Istati Membri: L-Eurostat – Statistika tal-gvernijiet – Dħul, infiq u aggregati prinċipali tal-gvernijiet – Infiq totali 2013 tal-gvernijiet ġenerali.

(http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/government_finance_statistics/data/database).

(3) Definit bħala "infiq totali tal-gvernijiet ġenerali": id-definizzjoni prinċipali tal-istatistika użata mill-Eurostat (is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet 1995, il-paragrafu 8.99).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.2. L-infiq tal-UE huwa ddominat minn żewġ tipi ta' nfiq:

(a) programmi bbażati fuq drittijiet, fejn il-pagament huwa bbażat fuq l-issodisfar ta' ċerti kundizzjonijiet (inkluża għajnuna diretta għall-bdiewa (il-Kapitolu 3) u appoġġ baġitarju dirett (il-Kapitolu 7); u

(b) skemi ta' rimborż, fejn l-UE tirrimborża spejjeż eliġibbli għal attivitajiet eliġibbli (inkluż l-iżvilupp rurali u reġjonali (il-Kapitoli 4 u 5), skemi ta' taħriġ (il-Kapitolu 6), proġetti ta' żvilupp (il-Kapitolu 7) u proġetti ta' riċerka (il-Kapitolu 8)).

1.3. Ir-rwol tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri jinkludi:

— il-valutazzjoni dwar jekk il-baġit tal-UE jintużax skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli,

— l-espressjoni tal-fehma tagħha dwar jekk il-kontijiet tal-Unjoni Ewropea humiex affidabbli,

— ir-rappurtar dwar l-eżaminar tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività tal-infiq tal-UE, u

— l-għoti ta' opinjonijiet dwar leġiżlazzjoni proposta b'impatt fuq il-ġestjoni tar-riżorsi.

L-ewwel tnejn minn dawn ir-responsabbiltajiet jiġu ssodisfati permezz tal-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni [4] (ara l-paragrafu 1.5).

1.4. Dan il-kapitolu tar-rapport annwali:

— jistipula l-isfond għad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti u jiġbor fil-qosor is-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-awditjar li fuqhom hija bbażata din id-dikjarazzjoni,

— jipprovdi informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-baġit tal-UE,

— jispjega kif il-Qorti twettaq l-awditu tagħha tal-affidabbiltà tal-kontijiet u tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet (ara l-***Anness 1.1***), u

— jippreżenta l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni b'rispons għall-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti f'rapporti annwali preċedenti dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet (ara l-***Anness 1.2***).

(4) Ara l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.5. Il-Qorti tal-Awdituri tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni rigward l-affidabbiltà tal-kontijiet u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tissupplimenta din id-dikjarazzjoni b'valutazzjonijiet speċifiċi ta' kull qasam kbir ta' attività tal-UE. Dawn il-valutazzjonijiet speċifiċi ma jikkostitwixxux opinjonijiet tal-awditjar; huma jippreżentaw kwistjonijiet sinifikanti, li huma speċifiċi għal kull grupp tal-politika. Il-konklużjoni ta' kull valutazzjoni speċifika hija bbażata fuq l-evidenza kumplessiva għall-awditjar miġbura fil-livell tal-grupp tal-politika.

1.6. L-għan tax-xogħol dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-Unjoni Ewropea huwa li tinkiseb evidenza xierqa u suffiċjenti biex jiġi konkluż il-punt sa fejn id-dħul, l-infiq, l-assi u l-obbligazzjonijiet ġew irreġistrati sewwa u li l-kontijiet konsolidati (ara s-silta fl-***Anness 1.3***) jippreżentaw sewwa l-pożizzjoni finanzjarja fil-31 ta' Diċembru 2013, u d-dħul, l-ispejjeż u l-flussi tal-flus u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar (ara l-paragrafi 1.9 sa 1.11).

1.7. L-għan tax-xogħol dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet konsolidati 2013 huwa li tinkiseb evidenza xierqa u suffiċjenti biex tittieħed konklużjoni dwar jekk dawk it-tranżazzjonijiet humiex skont ir-regolamenti applikabbli jew id-dispożizzjonijiet kuntrattwali, u jekk ġewx ikkalkulati b'mod korrett (ara l-paragrafi 1.16 sa 1.24 għal ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati u l-Kapitoli 2 sa 9 għal aktar dettalji).

1.8. L-għan tal-eżaminar tar-rapporti annwali tal-attività tas-servizzi tal-Kummissjoni u tar-rapport ta' sinteżi relatat huwa li jiġi vvalutat il-punt sa fejn huma jipprovdu valutazzjoni ġusta tal-kwalità tal-ġestjoni finanzjarja, u għaldaqstant jgħinu jiffurmaw opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar ir-regolarità tad-dħul u l-infiq (ara l-paragrafi 1.25 sa 1.40, u l-osservazzjonijiet relatati fit-taqsimiet "Eżaminar tas-sistemi ta' kontroll magħżula" fil-Kapitoli 2 sa 9 ([5])).

([5]) Il-Kapitolu 10 jiddiskuti r-rapporti annwali tal-attività relatati mal-effiċjenza, l-effettività u l-ekonomija tal-infiq tal-UE.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## SEJBIET TAL-AWDITJAR GĦALL-2013

### Affidabbiltà tal-kontijiet

1.9. L-osservazzjonijiet tal-Qorti jikkonċernaw il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013 imħejjija mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni, approvati mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament Finanzjarju ([6]) u li ġew riċevuti, flimkien mal-ittra tar-rappreżentazzjonijiet tal-uffiċjal tal-kontabbiltà, mingħand il-Qorti fil-31 ta' Lulju 2014. Il-kontijiet konsolidati jinkludu:

(a) ir-rapporti finanzjarji konsolidati li jkopru l-karta tal-bilanċ (li tippreżenta l-assi u l-obbligazzjonijiet fi tmiem is-sena), id-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni finanzjarja (li tirrikonoxxi l-introjtu u l-infiq tas-sena), id-dikjarazzjoni tal-flussi tal-flus (li tiżvela kif bidliet fil-kontijiet jaffettwaw il-flus kontanti u l-ekwivalenti tal-flus kontanti) u d-dikjarazzjoni ta' bidliet fl-assi netti kif ukoll in-noti relatati;

(b) ir-rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit li tkopri d-dħul u l-infiq għas-sena kif ukoll in-noti relatati.

1.10. Bħala parti mill-awditu tar-rapporti finanzjarji 2013, il-Qorti użat is-servizzi ta' attwarju indipendenti biex teżamina l-kalkolu u d-divulgazzjoni tal-benefiċċji tal-impjegati koperti mill-Iskema tal-Pensjoni tal-Uffiċjali Ewropej. Dan jappoġġa l-konklużjoni ġenerali tal-Qorti dwar il-kontijiet konsolidati 2013. Madankollu, ix-xogħol imwettaq jindika ħtieġa għall-Kummissjoni li ttejjeb l-affidabbiltà tad-*data* tas-sors u li tiżgura li għandha r-riżorsi tekniċi xierqa meħtieġa għall-valutazzjoni ta' din l-obbligazzjoni.

1.11. L-awditu mill-Qorti tal-kontijiet konsolidati 2013 sab li dawn kienu ħielsa minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali (ara wkoll l-***Anness 1.2***).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.10.** *Il-Kummissjoni tieħu nota tal-evalwazzjoni pożittiva u se tkompli ttejjeb il-metodi tagħha f'dan il-qasam.*

([6]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji li japplikaw għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 298, 26.10.2010, p. 1) jeħtieġ li l-kontijiet finali jkunu ntbagħtu sal-31 ta' Lulju tas-sena finanzjarja ta' wara (ara l-Artikolu 148).

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| *Sfidi ġodda fil-preżentazzjoni ta' informazzjoni finanzjarja affidabbli* | |
| 1.12. Żviluppi għaddejjin fil-ġestjoni finanzjarja tal-UE jinkludu l-użu dejjem jikber minn korrezzjonijiet netti u minn strumenti finanzjarji. Dan ifisser li l-Kummissjoni se tiffaċċja sfidi dejjem jikbru, fil-preżentazzjoni ta' informazzjoni finanzjarja affidabbli. Dawn jinkludu: | **1.12.** *Korrezzjonijiet finanzjarji netti li huma użati fil-Politika Agrikola Komuni sa mill-1976 se japplikaw ukoll b'mod sistematiku fil-qasam tal-koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020.* |
| (a) l-indikazzjoni fi ħdan il-kontijiet, tal-użu estiż minn korrezzjonijiet finanzjarji netti fil-qasam tal-koeżjoni, id-distinzjoni ta' dawn tal-aħħar minn mekkaniżmi korrettivi oħra, u l-għoti ta' informazzjoni dwar l-impatt differenti tad-diversi mekkaniżmi korrettivi fil-komunikazzjoni annwali tagħha dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-UE [7] (ara l-paragrafu 1.13); | **(a)** *Ammonti li jirriżultaw mill-użu estiż ta' korrezzjonijiet finanzjarji netti fil-qasam tal-koeżjoni se jkunu riflessi fil-kontijiet li japplikaw proċeduri komuni tal-kontabilità.*<br><br>*B'reazzjoni għal talba mill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni se tinkludi kapitolu dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji netti annwali tagħha skont il-Komunikazzjoni dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-UE.* |
| (b) l-introduzzjoni ta' proċeduri ġodda għar-reġistrazzjoni tal-operat tal-mekkaniżmi korrettivi kollha ppreżentati fin-Nota 6 fi ħdan sistemi kontabilistiċi konvenzjonali, u l-ikkonfermar tat-twaqqit, l-oriġini u n-natura ta' dawn il-mekkaniżmi mal-korpi kkonċernati (ara l-paragrafu 1.14); | **(b)** *Il-Kummissjoni se tirrieżamina l-proċeduri fis-seħħ filwaqt li tqis ir-rekwiżiti ġodda ta' rapportar iżda tikkunsidra li t-tranżazzjonijiet marbuta mal-iskambju ta' proġetti/nefqa eliġibbli/kontra dawk ineliġibbli mill-Istati Membri għandhom l-ewwel ikunu rreġistrati f'sistemi ta' kontabilità nazzjonali. Fir-rigward tal-qafas regolatorju l-ġdid dwar korrezzjonijiet finanzjarji netti, ara r-risposta għall-paragrafu 1.12 (a).* |
| (c) l-ikkompletar tal-proċess tar-reġistrazzjoni u l-kejl ta' strumenti finanzjarji u strumenti ta' inġinerija finanzjarja skont l-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà għas-settur pubbliku (kif meħtieġ mill-Artikolu 140(11) tar-Regolament Finanzjarju), b'mod partikolari permezz ta' proċeduri affidabbli għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' indeboliment; | **(c)** *Il-Kummissjoni għandha proċess tar-rapportar għal strumenti finanzjarji fis-seħħ abbażi tar-Regola 11 tal-Kontabilità tal-UE li hija f'konformità mal-IPSAS. Hija ħarġet linji gwida għal kontijiet fiduċjarji kif ukoll rekwiżiti ta' rappurtar ta' tmiem is-sena dettaljati fi Ftehimiet tal-qafas finanzjarju u amministrattiv (FAFA) mal-BEI u l-FEI.*<br><br>*Il-Kummissjoni qiegħda fil-proċess li tanalizza s-sitwazzjoni tal-istrumenti finanzjarji ta' qabel l-2014.*<br><br>*Il-Kummissjoni tenfasizza li l-Artikolu 140 tar-Regolament Finanzjarju huwa applikabbli għall-istrumenti finanzjarji b'ġestjoni diretta u indiretta biss. Strumenti ta' inġinerija finanzjarja b'ġestjoni kondiviża huma koperti bis-CPR u huma kkontabbilizzati bħala avvanzi lil Stati Membri skont ir-regoli tal-kontabilità tal-UE.* |
| (d) il-ksib ta' informazzjoni dwar il-flus kontanti miżmuma sakemm isir l-użu inizjali minnhom (ara l-paragrafu 1.48); u | **(d)** *Il-Kummissjoni se teżamina flimkien mal-Istati Membri kif l-informazzjoni tista' tittejjeb aktar bil-mod kif qed tissuġġerixxi l-Qorti, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu kunsiderazzjonijiet tal-kostbenefiċċju.* |

[7] Ir-rapport dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-UE skont l-Artikolu 150(4) tar-Regolament Finanzjarju (UE, Euratom Nru 966/2012) li għandu jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet baġitarji f'Settembru (2012: COM(2013) 682 final/2).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(e) l-iżgurar li s-servizzi kollha tal-Kummissjoni japprovaw pagamenti bil-quddiem biss abbażi ta' nfiq imġarrab, appoġġat b'informazzjoni affidabbli minn riċevituri (ara l-Kapitolu 7, il-paragrafu 7.25, ir-Rakkomandazzjoni 1).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**(e)** *Ir-regoli tal-kontabilità eżistenti u l-gwida diġà kkomunikati lid-DĠs jikkjarifikaw it-trattament korrett li għandu jkun segwit għall-ikklerjar.*

*Id-DĠ ELARG se jistabbilixxi proċedura ġdida, f'konformità mar-regoli u r-regolamenti applikabbli.*

## *Għoti ta' informazzjoni aħjar dwar mekkaniżmi korrettivi*

1.13. Iċ-cifri fil-qosor għal korrezzjonijiet finanzjarji huma ppreżentati fin-Nota 6 għall-kontijiet konsolidati tal-UE. Dawn huma elaborati aktar f'komunikazzjoni annwali mill-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-UE. Fil-preżent, la n-Nota 6 u lanqas il-komunikazzjoni annwali mill-Kummissjoni ma tiġbor fil-qosor l-impatt, li jvarja, ta' għadd ta' aġġustamenti korrettivi differenti:

**1.13.** *Il-Kummissjoni se tikkunsidra l-preżentazzjoni ta' din l-informazzjoni, waqt li tikkunsidra l-kostijiet u l-benefiċċji ta' dan l-approċċ.*

(a) — ċaħda tal-infiq iddikjarat mill-Istati Membri qabel l-aċċettazzjoni mill-Kummissjoni, **jew**

— aġġustamenti fl-infiq aċċettat wara r-rimborż mill-Kummissjoni;

(b) — aġġustamenti fil-livell tal-proġett, **jew**

— korrezzjonijiet fil-livell tal-programm biss;

(c) — korrezzjonijiet li jnaqqsu l-pakkett tal-infiq għal Stati Membri individwali (korrezzjonijiet finanzjarji netti), **jew**

— ftehimiet li jippermettu s-sostituzzjoni ta' nfiq irregolari b'dikjarazzjonijiet ġodda.

**(c)** *Ara r-risposta għall-paragrafu 1.12(a).*

1.14. L-informazzjoni ppreżentata fin-Nota 6 tiffoka fuq ir-rwol superviżorju tal-Kummissjoni u tinkludi ċifri kemm fuq bażi annwali kif ukoll fuq dik kumulattiva ([8]). Madankollu, il-mekkaniżmi miġbura fil-qosor fin-nota:

**1.14.**

(a) jinvolvu ħafna atturi minn awtoritajiet nazzjonali u mis-servizzi tal-Kummissjoni;

**(a)** *Din hija n-natura/l-istruttura tas-sistema ta' ġestjoni kondiviża.*

(b) jieħdu bosta snin biex jiġu kkompletati (b'mod partikolari għall-infiq għall-koeżjoni, fejn madwar erbgħa minn ħamsa tal-korrezzjonijiet li saru matul is-snin 2007 sa 2013 huma relatati ma' programmi operazzjonali ta' perjodi preċedenti, ara l-***Graff 1.2***); u

**(b)** *Ara r-risposta għall-paragrafu 1.18.*

(c) huma, għall-koeżjoni, fil-biċċa l-kbira rreġistrati barra s-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni.

**(c)** *Il-Kummissjoni tinnota li l-informazzjoni hija parzjalment irreġistrata barra mis-sistema ta' kontabilità tal-Kummissjoni f'konformità mal-bażi ġuridika sottostanti u l-fatt li dawn it-tranżazzjonijiet huma tranżazzjonijiet tal-Istat Membru, u mhux tal-Kummissjoni.*

*Ara r-risposta għall-paragrafu 1.12(b)*

([8]) Fin-Nota 6 l-Kummissjoni tippreżenta informazzjoni kumulattiva li tkopri bosta snin. Dan jinsab b'kuntrast ma' noti oħra għall-kontijiet konsolidati li jiffukaw fuq informazzjoni rilevanti għas-sena finanzjarja u, għal skopijiet komparattivi, għas-sena preċedenti.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 1.15. Għaldaqstant, huwa importanti li l-Kummissjoni tistabbilixxi proċeduri tajba għall-ikkonfermar tat-twaqqit, l-oriġini u l-ammont ta' miżuri korrettivi mal-Istati Membri li jagħtu aċċertament akbar dwar il-preċiżjoni taċ-ċifri ppreżentati fil-kontijiet u fil-komunikazzjoni annwali dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-UE. | **1.15.** *Il-Kummissjoni se teżamina mal-Istati Membri kif sistemi ta' informazzjoni eżistenti jistgħu jittejbu ulterjorment bil-mod li qed tissuġġerixxi l-Qorti.* |

**Graff 1.2 – Korrezzjonijiet finanzjarji għall-agrikoltura u l-koeżjoni rrappurtati mill-Kummissjoni fis-snin 2007 sa 2013, skont il-perjodu**



L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-awditjar dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet

1.16. Il-Qorti tippreżenta r-riżultati tal-awditjar tagħha dwar id-dħul fil-Kapitolu 2 u dwar l-infiq fil-Kapitoli 3 sa 9 (ara t-***Tabella 1.1***).

**Tabella 1.1 – Tranżazzjonijiet suġġetti għall-awditu għall-Kapitoli 3 sa 9 tar-rapport annwali**

*(EUR miljun)*

| Kapitoli tar-Rapport Annwali | | Pagamenti li saru fl-2013 | Tranżazzjonijiet suġġetti għall-awditu fl-2013 |
|---|---|---|---|
| | | *(A)* | *(B)* |
| **Kapitolu 3** | **Agrikoltura: suq u appoġġ dirett** | **45 004** | **45 016** |
| **Kapitolu 4** | **Żvilupp rurali, ambjent, sajd u saħħa** | **14 780** | **15 581** |
| **Kapitolu 5** | **Politika reġjonali, trasport u enerġija** | **45 084** | **45 477** |
| **Kapitolu 6** | **Impjiegi u affarijiet soċjali** | **14 017** | **16 200** |
| **Kapitolu 7** | **Relazzjonijiet esterni, għajnuna u tkabbir** | **6 180** | **6 019** |
| **Kapitolu 8** | **Riċerka u politiki interni oħra** | **13 156** | **10 431** |
| **Kapitolu 9** | **Nefqa amministrattiva u nfiq relatat** (1) | **10 248** | **10 600** |
| | **Total** | **148 469** | **149 324** |

It-"Tranżazzjonijiet suġġetti għall-awditu fl-2013" (B) jikkonsistu f"Pagamenti li saru fl-2013" (A) ħlief għal pagamenti bil-quddiem li saru fl-2013 (EUR 16 763 miljun) u inklużi l-approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem fl-2013 (EUR 15 842 miljun) kif ukoll żborżamenti li saru lir-riċevituri finali mill-SIF (EUR 1 776 miljun).

(1) Dan il-kapitolu jkopri wkoll in-nefqa kklassifikata fil-baġit bħala operazzjonali, fejn l-infiq min-natura tiegħu huwa amministrattiv – bħall-ispejjeż ta' bini u dawk għas-salarji ta' DĠ operazzjonali.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.17. Ir-riżultati tal-awditjar 2013 jindikaw li d-dħul (EUR 149 504 miljun) u t-tranżazzjonijiet fil-grupp tal-politika nefqa amministrattiva u nfiq relatat (EUR 10 600 miljun) kienu ħielsa minn żball materjali u li s-sistemi ta' superviżjoni u kontroll eżaminati kienu effettivi (ara t-***Tabella 1.2*** u l-paragrafi 2.27 u 9.18). Il-gruppi kollha tal-politika li jkopru n-nefqa operazzjonali kienu milquta minn żball materjali (ara l-paragrafi 3.44, 4.35, 5.61 sa 5.62, 6.39 sa 6.40, 7.22 sa 7.23 u 8.33 sa 8.34). L-impenji kienu ħielsa minn żball materjali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.17.** *Il-Kummissjoni tifhem li r-rata ta' żball irrappurtata mill-Qorti hija estimu annwali li jqis il-korrezzjonijiet tan-nefqa tal-proġett jew rimborżi milquta minn żbalji misjuba u rreġistrati qabel l-awditu tal-Qorti.*

*Il-Kummissjoni tissottolinja li hija marbuta mir-Regolament Finanzjarju, li jistipula fl-Artikolu 32(e) li s-sistema ta' kontroll intern tagħha għandha tiżgura, fost affarijiet oħra, "kontroll adegwat tar-riskji li jirrigwardaw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti meta jitqies il-karattru pluriennali tal-programmi u n-natura tal-pagamenti".*

*Il-Kummissjoni se tkompli teżerċita r-rwol superviżorju tagħha, b'mod partikolari billi timplimenta l-korrezzjonijiet u l-irkupri finanzjarji f'livell li jikkorrispondi mal-livell tal-irregolaritajiet u tan-nuqqasijiet identifikati. Minħabba l-qafas ġuridiku li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-kumplessità tal-proċeduri relatati, u l-għadd ta' saffi ta' kontroll involuti f'ħafna oqsma l-iżbalji jiġu kkoreġuti biss bosta snin wara li jkunu saru.*

*Barra minn hekk, ir-Regolament Finanzjarju (l-Artikolu 80.4) jipprevedi l-użu ta' korrezzjonijiet estrapolati jew b'rata fissa skont ir-regoli speċifiċi għas-setturi fejn ammonti minfuqa b'manjiera mhux xierqa ma jistgħux jiġu preċiżament identifikati, li hija sitwazzjoni komuni. Il-Kummissjoni aġixxiet fil-limiti tal-kompetenzi tagħha u b'rispett sħiħ għar-regolamenti eżistenti sabiex tipproteġi l-baġit tal-UE. Skont l-approċċ tal-awditu tal-Qorti, isiru aġġustamenti sakemm tkun stabbilita rabta mal-operazzjonijiet individwali.*

*Il-Kummissjoni tqis li r-rata tal-iżbalji annwali rappreżentattiva tal-Qorti għandha titqies fil-kuntest tal-karattru pluriennali tal-interventi tal-UE (ara wkoll il-paragrafi 3.7, inċiż 3.44 1, 4.6, 4.36 l-1 inċiż, 5.20, 5.21, 6.13).*

*Il-Kummissjoni taqbel mal-valutazzjoni tal-Qorti tal-iżbalji rrappurtati minbarra l-għadd limitat ta' eċċezzjonijiet deskritti fil-paragrafi: 3.6(b), 3.7, 3.13, 4.5(b), 4.7, 4.15, 6.13.*

**Tabella 1.2 – Sommarju 2013 tar-riżultati tal-awditjar dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet**

| Kapitolu tar-Rapport Annwali | Tranżazzjonijiet suġġetti għall-awditu (miljun EUR) | Rata tal-iżball l-aktar probabbli (MLE) 2013 | Intervall ta' fiduċja | | Rata tal-iżball l-aktar probabbli (MLE) 2012 |
|---|---|---|---|---|---|
| | | (%) | Limitu inferjuri tal-iżball (LEL) | Limitu superjuri tal-iżball (UEL) | (%) |
| Agrikoltura: suq u appoġġ dirett | 45 016 | **3,6** | 1,7 | 5,5 | **3,8** |
| Żvilupp rurali, ambjent, sajd u saħħa | 15 581 | **6,7** | 3,5 | 9,9 | **7,9** |
| Politika reġjonali, trasport u enerġija | 45 477 | **6,9** | 3,7 | 10,1 | **6,8** |
| Impjiegi u affarijiet soċjali | 16 200 | **3,1** | 1,5 | 4,7 | **3,2** |
| Relazzjonijiet esterni, għajnuna u tkabbir | 6 019 | **2,6** | 1,2 | 4,0 | **3,3** |
| Riċerka u politiki interni oħra | 10 431 | **4,6** | 2,6 | 6,6 | **3,9** |
| Nefqa amministrattiva u nfiq relatat | 10 600 | **1,0** | 0,0 | 2,3 | **0** |
| **Total** | **149 324** | **4,7** | 3,5 | 5,9 | **4,8** |
| | | | | | |
| **Dħul** | **149 504** (1) | **0** | 0 | 0 | **0** |

(1) L-awditu kien jinvolvi eżaminar, fil-livell tal-Kummissjoni, ta' kampjun ta' ordnijiet ta' rkupru li jkopru t-tipi kollha ta' dħul (ara l-paragrafu 2.4).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.18. Kumplessivament il-Qorti tikkonkludi li, il-pagamenti [9] kienu materjalment milquta minn żball u li s-sistemi ta' superviżjoni u kontroll eżaminati kienu, b'mod ġenerali, parzjalment effettivi (ara t-***Tabella 1.2***).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.18.** *Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li s-sistemi eżaminati, kif jidher fl-estimu tar-rata tal-iżbalji tal-Qorti fil-livell tar-riċevituri finali, huma parzjalment effettivi. Bħala konsegwenza tal-operat tas-sistemi superviżorji u ta' kontroll tagħha, il-Kummissjoni implimentat korrezzjonijiet finanzjarji, korrezzjonijiet finanzjarji netti u rkupri fl-2013 li jammontaw għal EUR 3.334 miljun (ammont proviżorju), li jikkorrispondi għall-ekwivalenti ta' 2,4 % meta mqabbel mal-pagamenti li saru (ara t-Tabella 1.1). Għal analiżi ddettaljata taċ-ċifri skont kull qasam ta' politika ara hawn taħt:*

— *Kapitolu 3 – Agrikoltura – Is-Suq u l-Appoġġ Dirett: EUR 637 miljun ta' korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri (1,4 % tal-pagamenti li saru);*

— *Kapitolu 4 – Żvilupp Rurali, Ambjent, Sajd u Saħħa: EUR 476 miljun ta' korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri (3,2 % tal-pagamenti li saru);*

— *Kapitolu 5 – Politika Reġjonali, Enerġija u Trasport: EUR 1.029 miljun ta' korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri implimentati (2,3 % tal-pagamenti li saru);*

— *Kapitolu 6 – Impjiegi u Affarijiet Soċjali: EUR 898 miljun (6,4 % tal-pagamenti totali li saru),*

— *Kapitolu 7 – Relazzjonijiet Esterni, Għajnuna u Tkabbir: EUR 93 miljun (1,5 % tal-pagamenti totali li saru),*

— *Kapitolu 8 – Riċerka u Politiki Interni Oħrajn: EUR 197 miljun (1,5 % tal-pagamenti totali li saru) u*

— *Kapitolu 9 – Nefqa amministrattiva: EUR 3 miljun (0 % tal-pagamenti totali li saru).*

*Dan ma jfissirx li l-irkupri, il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-korrezzjonijiet finanzjarji netti kollha implimentati fis-sena T jistgħu jitnaqqsu l-iżbalji tas-sena T. Madankollu, dan jimplika li meta ssir valutazzjoni dwar jekk is-sistema ġenerali ta' kontroll intern hijiex effikaċi biex tipproteġi l-baġit tal-UE fuq bażi pluriennali, kemm ir-rati tal-żbalji kif ukoll l-irkupri/l-korrezzjonijiet finanzjarji għandhom jiġu kkunsidrati.(ara tweġiba għal paragrafu 1.17).*

### *Analiżi tar-riżultati tal-awditjar*

1.19. Ir-riżultati ta' din is-sena juru livell ta' żball materjali fil-biċċa l-kbira mill-partijiet tal-baġit, li huwa qrib dak tal-2012. Kumplessivament, ir-rata ta' żball stmata għall-2013 hija 4,7 %, tnaqqis ta' 0,1 punti perċentwali. Fattur sinifikanti fl-2013 kien fl-impatt akbar ta' miżuri korrettivi applikati mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni. Li kieku dawn il-miżuri korrettivi ma kinux ġew applikati għat-tranżazzjonijiet ikkampjunati mill-Qorti, il-livell kumplessiv ta' żball stmat kien ikun 1,6 punti perċentwali ogħla.

**1.19.** *Ara r-risposti għal 1.17 u 1.18.*

(9) Il-Qorti teżamina l-pagamenti meta l-infiq ikun ġie mġarrab, irreġistrat u aċċettat.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.20. Ir-riżultati relattivament stabbli nkisbu f'sena li fiha l-infiq fuq in-nefqa l-aktar suxxettibbli għal żball (koeżjoni) żdied b'mod ċar.

1.21. Fatturi oħra b'impatt fuq il-livell ta' żball stmat tal-2013 jinkludu:

— it-tnaqqis fl-inċidenza ta' żbalji tal-akkwist pubbliku (għalkemm huwa xorta jirrappreżenta parti waħda minn ħamsa tal-livell ta' żball stmat, ara l-paragrafu 1.22 u l-***Graff 1.4***),

— għall-kundizzjonalità, għadd għoli ta' żbalji (aktar minn kwart tal-bdiewa miżjura li kienu suġġetti għal rekwiżiti ta' kundizzjonalità naqsu milli josservaw wieħed minnhom jew aktar) u kopertura usa' tal-kundizzjonalità kienu jfissru li huma kkontribwixxew 0,2 punti perċentwali għar-rata kumplessiva ta' żball (2012: 0,1 punti perċentwali).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.21.**

*Ir-rispett tal-obbligi tal-kundizzjonalità ma jikkostitwixxix kriterju ta' eliġibbiltà għall-ħlasijiet tal-PAK u, għaldaqstant, il-kontrolli ta' dawn ir-rekwiżiti ma jirrelatawx mal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti. Ara tweġibiet għal paragrafi 3.6(b), 3.7, 3.13, 4.5(b), 4.7, u 4.15.*

**Graff 1.3 – L-istima mill-Qorti tar-rata tal-iżball l-aktar probabbli (2007-2013)** ([1])




([1]) Iż-żewġ punti għall-2012 jirrappreżentaw ir-rata tal-iżball l-aktar probabbli (MLE) stmata mill-Qorti fl-2012 (4,8 %, ara t-***Tabella 1.2*** fir-Rapport Annwali 2012 tal-Qorti) u stima ta' x'kienet tkun l-MLE kieku nqabdu l-istess sejbiet f'kampjun mislut fuq l-istess bażi bħal fis-snin preċedenti (4,5 %, ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafi 1.14 u 1.15). Il-limiti superjuri u inferjuri tal-iżball (UEL u LEL) għall-2012 ġew ibbażati fuq l-approċċ tal-kampjunar minn dik is-sena 'l hawn.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.22. L-iżbalji marbuta mal-eliġibbiltà fin-nefqa tar-rimborż jiddominaw l-iżbalji maqbuda mill-Qorti fl-2013. L-ispejjeż ineliġibbli inklużi fil-klejms għall-ispejjeż ikkontribwixxew 1,8 punti perċentwali (2012: 1,0), il-kategorija ta' żbalji marbuta ma' proġetti, attivitajiet u benefiċjarji ineliġibbli kkontribwixxiet 1,1 punti perċentwali aktar (2012: 1,1) għal-livell totali ta' żball, u ksur serju tar-regoli tal-akkwist pubbliku (fil-biċċa l-kbira relatati man-nefqa tar-rimborż, iżda wkoll li jaffettwaw parti min-nefqa amministrattiva) kkontribwixxa 1,0 punti perċentwali aktar (2012: 1,4). Is-sors ewlieni ta' żball għal-infiq marbut mad-drittijiet kien dikjarazzjonijiet skorretti mill-bdiewa, li kkontribwixxew 0,6 punti perċentwali (2012: 0,8) għal-livell kumplessiv ta' żball. (ara l-***Graff 1.4***).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.22.** *Il-Kummissjoni identifikat ukoll problemi simili waqt l-awditi tagħha. Saru sforzi konsiderevoli mill-Kummissjoni matul l-aħħar perjodu biex tkun identifikata l-kawża ewlenija tal-problemi u jkunu implimentati azzjonijiet korrettivi fejn meħtieġ.*

**Graff 1.4 – Kontribut għar-rata kumplessiva ta' żball stmata skont it-tip ta' żball**




1.23. Ripartizzjoni tar-rata kumplessiva ta' żball stmata skont il-kapitolu turi li "Politika reġjonali, trasport u enerġija" (il-Kapitolu 5) jikkontribwixxi madwar żewġ partijiet minn ħamsa tar-rata kumplessiva ta' żball stmata, "Agrikoltura: suq u appoġġ dirett" (il-Kapitolu 3) jikkontribwixxi madwar kwart u "Żvilupp rurali, ambjent, sajd u saħħa" (il-Kapitolu 4) jikkontribwixxi madwar waħda minn sebgħa (ara l-***Graff 1.5***). Ma hemm l-ebda bidla sinifikanti f'din id-distribuzzjoni meta mqabbla mal-2012.

**Graff 1.5 – Kontribut għar-rata kumplessiva ta' żball stmata skont il-kapitolu tar-rapport annwali**




L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.24. Il-Qorti tikkalkula li r-rata ta' żball stmata meħuda globalment fuq l-infiq tal-ġestjoni kondiviża tammonta għal 5,2 % (2012: 5,3 %) u fuq il-forom l-oħra kollha ta' nefqa operazzjonali ([10]) hija 3,7 % (2012: 4,3 %). Ir-rata ta' żball stmata għan-nefqa amministrattiva hija 1 % fl-2013 (2012: 0 %).

([10]) Prinċipalment in-nefqa koperta mill-Kapitoli 7 u 8, kif ukoll li tinkludi partijiet min-nefqa koperta mill-Kapitoli 4, 5 u 6. L-iżball estrapolat għall-infiq tal-ġestjoni kondiviża huwa bbażat fuq l-eżaminar ta' 699 tranżazzjoni (misluta minn popolazzjoni ta' EUR 119,6 biljun), l-estrapolazzjoni għal forom oħra ta' nefqa operazzjonali hija bbażata fuq l-eżaminar ta' 342 tranżazzjoni (misluta minn popolazzjoni ta' EUR 19-il biljun).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Analiżi tar-rapport ta' sinteżi u tar-rapporti annwali tal-attività

### *Rapporti annwali tal-attività*

**Id-diretturi ġenerali jirrappurtaw kull sena dwar ir-regolarità ...**

1.25. Il-Kummissjoni teħtieġ mid-diretturi ġenerali [11] li dawn jipprovdu dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi fir-rapporti annwali tal-attività tagħhom [12] (ir-rappurtar dwar il-prestazzjoni fi ħdan il-qafas tar-rapporti annwali tal-attività huwa diskuss fil-Kapitolu 10). Meta ma jkunux jistgħu jagħtu aċċertament dwar segment sinifikanti tal-infiq, huma joħorġu riżerva. Id-diretturi ġenerali għandhom jikkwalifikaw l-aċċertament tagħhom fejn:

(a) ikun seħħ avveniment b'implikazzjonijiet serji għar-reputazzjoni tal-Kummissjoni, jew

(b) l-impatt tal-livelli ta' żball stmati, mingħajr l-inklużjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri li diġà saru, jibqa' materjali.

1.26. Fl-2013 is-Segretarjat Ġenerali u d-DĠ Baġit aġġornaw il-gwida [13] dwar l-abbozzar u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni fir-rapporti annwali tal-attività tagħhom u l-bażi għar-riżervi. Ir-rapporti annwali tal-attività issa għandhom l-għan li jippreżentaw messaġġ konsistenti fi tliet saffi ta' informazzjoni: (1) sommarju, (2) deskrizzjoni tal-kisbiet, tal-ġestjoni u tal-valutazzjonijiet u (3) annessi dettaljati. Element ġdid fil-gwida jeħtieġ mid-diretturi ġenerali li dawn jidentifikaw oqsma ta' żball persistentement għoli. Din il-gwida twieġeb ukoll għar-rekwiżit fir-Regolament Finanzjarju li l-Kummissjoni għandha tieħu jew tipproponi azzjoni xierqa fejn il-livell ta' żball ikun persistement għoli [14].

---

[11] It-terminu "direttur ġenerali" jintuża hawnhekk biex ikopri l-persuni kollha li jiffirmaw id-dikjarazzjonijiet. Id-dikjarazzjonijiet ġew iffirmati mis-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni, 36 direttur ġenerali, 8 diretturi u 4 kapijiet tas-servizzi u l-uffiċjal kap operattiv tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

[12] Ir-rapporti annwali tal-attività tas-servizzi tal-Kummissjoni huma disponibbli fuq il-websajt tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/atwork/key-documents/index_mt.htm.

[13] l-Istruzzjonijiet Permanenti għar-Rapporti Annwali tal-Attività 2013 (SEC/2013/SEC(2013)584).

[14] L-Artikolu 32(5) tar-Regolament Finanzjarju.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**... u rreġistraw anqas riżervi peress li l-livelli ta' pagament naqsu fir-rigward ta' xi programmi b'riskju ogħla.**

1.27. Id-diretturi ġenerali għamlu total ta' 17-il riżerva kwantifikata fl-2013 meta mqabbla ma' 23 riżerva fl-2012 (ara t-***Tabella 1.3***). L-akbar fattur fit-tnaqqis fl-għadd ta' riżervi kien it-tnaqqis fil-livell ta' pagamenti taħt is-Sitt Programm Kwadru (FP6) u taħt il-programmi operazzjonali ta' koeżjoni 2000-2006 ([15]) (suġġetti għal ħames riżervi kwantifikati ([16]) fl-2012, iżda l-ebda waħda fl-2013). Id-DĠ responsabbli xorta se jkollhom bżonn japprovaw klejms għall-infiq għal dawn il-programmi ([17]).

1.28. Fid-dawl tal-osservazzjonijiet mill-Qorti ([18]) u mis-Servizz tal-Awditjar Intern, id-Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali introduċa żewġ riżervi ġodda. Ir-riżervi addizzjonali u l-kwantifikazzjoni aġġustata ta' riżervi kontinwati fir-rapport annwali tal-attività tad-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali jipprovdu stampa aktar realistika tal-qasam ta' politika meta mqabbla mas-sena l-oħra. Madankollu, il-Qorti tinnota l-limitazzjonijiet għall-approċċ segwit (il-paragrafi 3.39 sa 3.43).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.28.** *Id-DĠ AGRI ħa approċċ magħmul minn diversi saffi għall-bini ta' assigurazzjoni, li jirrikonoxxi li kull saff ta' assigurazzjoni meħuda waħedha tista' ma tkunx biżżejjed. Dan huwa preċiżament għaliex il-Kummissjoni integrat l-informazzjoni kollha disponibbli sabiex tagħmel l-aktar estimu solidu tar-rata ta' żball residwu u b'hekk tiddetermina fejn ir-riżervi jkunu meħtieġa.*

([15]) Programmi operazzjonali għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (FK) u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE).

([16]) Id-Direttur Ġeneral għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, id-Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u l-Kap tas-Servizz għall-Istrumenti tal-Politika Barranija ma komplewx riżerva maħruġa fl-2012 bi nfiq fl-2012 ta' EUR 58,5 miljun, EUR 2,4 miljun u EUR 25,9 miljun rispettivament.

([17]) Ir-riskji relatati mal-għeluq tal-programmi operazzjonali 2000-2006 issa huma suġġetti għal żewġ riżervi (dwar ir-reputazzjoni) mhux kwantifikati maħruġa mid-diretturi ġenerali tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana u tad-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni. Żewġ riżervi oħra mhux kwantifikati nħarġu mid-diretturi ġenerali tad-DĠ Azzjoni Klimatika (għas-Sistema Ewropea għan-Negozjar ta' Emissjonijiet) u tad-DĠ Riżorsi Umani u Sigurtà (għal frodi potenzjali fi Skola Ewropea partikolari).

([18]) Ir-Rapport Annwali 2012 tal-Qorti, il-paragrafi 4.38 u 4.44 (ir-Rakkomandazzjoni 3).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Ir-rapporti annwali tal-attività għadhom qed jevolvu u għaldaqstant huma diffiċli biex jitqabblu bejn is-snin.**

1.29. Bidliet fil-preżentazzjoni introdotti fl-2013 ifissru li r-rapporti annwali tal-attività jipprovdu aktar minn stima waħda tal-"ammonti f'riskju" (huwa nnifsu kunċett ikkumplikat, ara l-paragrafi 1.31 u 1.32). Ir-rata ta' żball li fuqha huwa bbażat dan il-kalkolu tinsab, madankollu, fit-tarf inferjuri tal-firxa stmata mill-Qorti. Filwaqt li r-rati ta' riskju fil-qasam ewlieni tal-koeżjoni huma rrappurtati madwar firxa ta' riżultati possibbli ([19]), is-sommarju eżekuttiv jiffoka fuq ċifra aktar baxxa ([20]) (ara l-Kapitolu 3, il-paragrafu 3.42, il-Kapitolu 5, il-paragrafi 5.46, 5.47, 5.51, 5.52, 5.57, u l-Kapitolu 6, il-paragrafi 6.34 sa 6.38).

1.30. Żewġ direttorati ġenerali ([21]) kienu suġġetti għal "analiżi limitata", u tlieta għal analiżi ta' segwitu ([22]) mwettqa mis-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni. L-analiżi limitata tar-rata tal-iżball residwu għad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana sabet li s-sistema għall-iċċekkjar u l-korrezzjoni tar-rati ta' żball tal-Istati Membri hija relattivament ippjanata tajjeb, iżda li madankollu kien hemm inċertezzi u dgħufijiet sinifikanti fiċ-ċifri. Għad-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali l-IAS sab li d-direttur ġenerali għandu bażi aktar solida biex jipprovdi aċċertament meta mqabbel mal-2012. Madankollu, l-arranġamenti għall-ġbir, l-ipproċessar u r-rappurtar tal-informazzjoni għad iridu jitjiebu.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.29.** *Il-Kummissjoni ħadet passi biex tarmonizza u tissimplifika l-istruttura tar-Rapporti ta' Attività Annwali sabiex titjieb iċ-ċarezza u l-konsistenza.*

*Il-Kummissjoni tqis li l-estimi tagħha huma ġeneralment konformi ma' dawk tal-Qorti. Barra minn hekk, l-estimu tar-rata ta' żball residwu għal Kapitolu 3 huwa pjuttost eqreb għall-medjan milli għaċ-ċifra l-aktar baxxa tal-intervall ta' kunfidenza.*

**1.30.** *L-azzjonijiet diġà mibdija mid-DĠ AGRI fl-2012 jkomplu sabiex jiġu awtomatizzati l-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta u b'hekk iġibu magħhom it-titjib ulterjuri rrakkomandat mill-IAS.*

([19]) Id-DĠ Politika reġjonali u urbana (DĠ REGIO), ir-Rapport Annwali tal-Attività, il-paġna 6, jgħid li r-rata medja tar-riskju stmata, li hija marbuta mal-pagamenti 2013 għall-FEŻR u għall-Fond ta' Koeżjoni tinsab fil-firxa bejn 2,8 % u 5,3 %, u d-DĠ Impjiegi, affarijiet soċjali u inklużjoni (DĠ EMPL), ir-Rapport Annwali tal-Attività, il-paġna 44 jgħid li rata medja ta' żball għall-FSE tinsab fil-firxa bejn 2,6 % u 3,5 % għall-programmi operazzjonali 2007-2013.

([20]) L-indikatur ewlieni tal-prestazzjoni 5 għad-DĠ Politika reġjonali u urbana (DĠ REGIO) u dak għad-DĠ Impjiegi, affarijiet soċjali u inklużjoni (DĠ EMPL) huma 1,2 % u 1,1 % rispettivament.

([21]) Id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana (DĠ REGIO) u d-DĠ Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u t-Teknoloġija (DĠ CNECT).

([22]) Id-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali (DĠ AGRI), id-DĠ Żvilupp u Kooperazzjoni – EuropeAid (DĠ DEVCO) u d-DĠ Riċerka u Innovazzjoni (DĠ RTD).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Il-Kummissjoni issa tippreżenta żewġ miżuri ta' "ammonti f'riskju".**

1.31. It-***Tabella 1.3*** tippreżenta żewġ "ammonti f'riskju meħuda mir-rapporti annwali tal-attività". L-ammont ogħla, li jammonta għal total ta' EUR 4 179 miljun ([23]), huwa l-ammont imsemmi fit-Taqsima 4.1 tar-rapport ta' sinteżi (ara l-paragrafu 1.35). Il-preżentazzjoni ta' din iċ-ċifra tirrappreżenta titjib meta mqabbla mal-2012 (ara l-paragrafu 1.36). L-ammont aktar baxx (EUR 2 437 miljun) huwa l-kwantifikazzjoni tar-riżervi, li saret mid-diretturi ġenerali fir-rapporti annwali tal-attività.

1.32. Il-Qorti tqis li xi rapporti annwali tal-attività jistgħu jistmaw "ammonti f'riskju" b'mod insuffiċjenti. Għaldaqstant, jista' jkun li l-valutazzjoni mill-Kummissjoni ta' oqsma differenti ta' nfiq, u l-identifikazzjoni ta' oqsma ta' żball persistentement għoli, ma tkunx robusta biżżejjed (ara l-paragrafu 1.29).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.31.** *Il-Kummissjoni tinnota li r-Rapport ta' Sinteżi jinkludi definizzjoni ta' "ammont f'riskju", tabella ta' riżervi kwantifikati u estimu tal-ammont f'riskju għan-nefqa mhux taħt riżerva.*

*Għalkemm l-approċċ "klassiku" (ibbażat fuq ammonti f'riskju minn dawk l-attivitajiet li huma taħt riżerva) baqa' l-metodu ewlieni biex jiġu stmati l-ammonti f'riskju, id-DĠ b'ġestjoni kondiviża madankollu ppreżentaw ukoll fir-RAA tagħhom il-metodu alternattiv (xenarju massimu) inklużi dawk l-oqsma b'rata ta' żbalji relattivament iktar baxxi u mhux taħt riżerva.*

**1.32.** *Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-valutazzjoni tagħha ta' oqsma differenti ta' nfiq, u l-identifikazzjoni ta' oqsma b'ammont ta' żbalji għoli b'mod persistenti, huwa b'saħħtu biżżejjed, wara l-implimentazzjoni ta' miżuri li jindirizzaw dgħufijiet identifikati qabel.*

([23]) L-"ammonti f'riskju" tal-Anness 1 tar-rapport ta' sinteżi (EUR 3 807 miljun) u żieda ta' EUR 372 miljun għall-infiq mhux suġġett għal riżerva (it-Taqsima 4.1 tar-rapport ta' sinteżi).

**Tabella 1.3 – Riżervi kwantifikati fir-rapporti annwali tal-attività tal-Kummissjoni**

*(EUR miljun)*

| Kapitolu | DĠ/Servizz [1] | Raġuni għar-riżerva | Total tal-pagamenti għal attivitajiet rilevanti fl-2013 | Total tal-ammont f'riskju | Total tal-pagamenti lil entitajiet taħt riżerva għal attivitajiet rilevanti fl-2013 | Ammonti f'riskju (riżervi) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 3 | AGRI | Dgħufijiet fil-legalità u r-regolarità tal-pagamenti għal interventi fis-swieq agrikoli f'disa' Stati Membri. | 3 193,2 | 237,4 | 670,8 | 198,3 |
| | | Dgħufijiet fil-legalità u r-regolarità tal-pagamenti diretti lill-bdiewa f'sitt Stati Membri. | 41 658,3 | 973,9 | 18 997,5 | 652,2 |
| 4 | AGRI | Il-pjanijiet ta' azzjoni ta' 31 aġenzija tal-pagamenti fi 19-il Stat Membru ma indirizzawx id-dgħufijiet identifikati kollha fil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet. | 13 151,8 | 673,90 | 9 591,5 | 598,8 |
| | | Dgħufijiet fl-evalwazzjoni tar-raġonevolezza tal-ispejjeż ta' miżuri ta' investiment fi Stat Membru kandidat wieħed. | 47,6 | 2,60 | 26,0 | 2,60 |
| | MARE | Ir-rapport nazzjonali tal-awditjar żvela rati ta' żball li jaqbżu t-2 % tal-infiq iddikjarat (erba' Stati Membri), jew rapport mhux affidabbli jew nuqqas ta' rapport ipprovdut minn żewġ Stati Membri. | 566,4 | 10,8 | 91,3 | 7,6 |
| | SANCO | Riżerva rigward ir-rata tal-iżbalji residwi fir-rigward tal-preċiżjoni tal-klejms għall-ispejjeż tal-Istati Membri taħt il-programmi ta' monitoraġġ u ta' eradikazzjoni tal-mard tal-annimali fil-qasam ta' politika tal-ikel u l-għalf (programmi annwali). | 229,1 | 4,5 | 229,1 | 4,5 |

(1) Għal-lista sħiħa ta' DĠ/servizzi tal-Kummissjoni jekk jogħġbok ara http://publications.europa.eu/code/mt/mt-390600.htm.

*(EUR miljun)*

| Kapitolu | DĠ/Servizz [1] | Raġuni għar-riżerva | Total tal-pagamenti għal attivitajiet rilevanti fl-2013 | Total tal-ammont f'riskju | Total tal-pagamenti lil entitajiet taħt riżerva għal attivitajiet rilevanti fl-2013 | Ammonti f'riskju (riżervi) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 5 | REGIO | Defiċjenzi serji fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għal 73 progamm operazzjonali fi 15-il Stat Membru għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali/Fond ta' Koeżjoni (2007-2013) u 2 programmi għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA). | 43 392,8 | 1 152,7 | 5 636,0 | 440,2 |
| 6 | EMPL | Defiċjenza sinifikanti tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti għall-Fond Soċjali Ewropew (2007-2013) f'36 programm operazzjonali fi 11-il Stat Membru. | 13 763,8 | 330,3 | 2 159,4 | 123,2 |
| 7 | DEVCO [2] | Okkorrenza sinifikanti ta' żbalji fit-tranżazzjonijiet ta' bażi (ċifra globali għad-Direttorat Ġenerali). | 6 730,8 | 225,5 | 225,5 | 225,5 |
| 8 | RTD | Żbalji fi klejms għall-ispejjeż għal għotjiet tas-Seba' Programm Kwadru (FP7). | 3 664,4 | 107,5 | 3 664,4 | 107,5 |
| | CNECT | | 1 533,0 | 31,8 | 1 533,0 | 31,8 |
| | ENTR | | 403,2 | 1,2 | 403,2 | 1,2 |
| | ENER | | 143,7 | 5,3 | 143,7 | 5,3 |
| | MOVE | | 65,3 | 0,8 | 65,3 | 0,8 |
| | REA | Żbalji fi klejms għall-ispejjeż għall-FP7 għall-Ispazju u s-Sigurtà. | 250,8 | 6,3 | 250,8 | 6,3 |
| | | Żbalji fi klejms għall-ispejjeż għal-FP7 għall-intrapriżi żgħar u medji. | 230,4 | 27,1 | 230,4 | 27,1 |
| | EACEA | Żball fil-pagament ta' għotja għall-programm LLP (2007-2013). | 124,4 | 3,7 | 124,4 | 3,7 |
| | | **Total tal-kwantifikazzjoni tar-riżervi** | **129 149,0** | **3 795,3** | **50 547,6** | **2 436,6** |
| | HOME | Ammont f'riskju għas-"Solidarjetà" u l-"Flussi ta' migrazzjoni" | | 11,7 | | |
| | | **Total tal-"ammonti f'riskju" tal-Anness 1 tar-rapport ta' sinteżi** | **129 149,0** | **3 807,0** | **50 547,6** | **2 436,6** |

(1) Għal-lista sħiħa ta' DĠ/servizzi tal-Kummissjoni jekk jogħġbok ara http://publications.europa.eu/code/mt/mt-390600.htm.
(2) L-ammonti għad-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni – EuropeAid (DĠ DEVCO) jinkludu għall-kolonni rispettivi EUR 2 963,0 miljun u EUR 99,3 miljun għall-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ).

*Sors:* Ir-rapporti annwali tal-attività tad-direttorati ġenerali, is-servizzi u l-aġenziji eżekuttivi u r-rapport ta' sinteżi.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Ir-rapport ta' sinteżi*

**Ir-rapport ta' sinteżi huwa strument għall-obbligu ta' rendikont intern u estern…**

1.33. Il-Kummissjoni adottat ir-"rapport ta' sinteżi" ([24]) fil-11 ta' Ġunju 2014. Ir-rapport ta' sinteżi kien oriġinarjament żviluppat bħala parti mill-arranġamenti ta' obbligu ta' rendikont intern tal-Kummissjoni, iżda dan jintbagħat ukoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u jsir disponibbli għall-pubbliku ([25]) (obbligu ta' rendikont estern).

1.34. Kif indikat fir-Rapport Annwali 2012 ([26]), ir-rapport ta' sinteżi mhuwiex suġġett għal awditu mill-Qorti. Huwa jiġi ffinalizzat skont skeda ta' żmien stipulata fir-Regolament Finanzjarju, iżda tard wisq għalih biex ikun input sinifikanti għax-xogħol tal-Qorti. Il-kummenti li ġejjin huma relatati mal-osservazzjonijiet tagħha li saru fir-Rapport Annwali 2012 u l-kosteffettività ta' proċeduri ta' kontroll.

**… li fih il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-infiq huwa milqut minn livell materjali ta' żball …**

1.35. Ir-Rapport ta' Sinteżi 2013 fih deskrizzjoni u ħarsa ġenerali lejn l-ammonti f'riskju (jitqabbel mat-***Tabella 1.3***). Huwa jinnota li l-ambitu finanzjarju tar-riżervi li saru mid-diretturi ġenerali żdied meta mqabbel mal-2012. L-ammonti f'riskju (ara l-paragrafi 1.29 sa 1.32) jikkorrispondu għal 2,8 % ([27]) tal-infiq kollu żborżat (kemm mill-baġit tal-UE kif ukoll permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp). Għaldaqstant, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-infiq huwa milqut minn livell materjali ta' żball. F'oqsma ewlenin ta' nfiq, il-Kummissjoni tibbaża din l-evalwazzjoni fuq valutazzjonijiet mid-diretturi ġenerali li huma aktar baxxi mil-livell stmat mill-Qorti. Fil-fehma tal-Qorti, id-differenzi fil-livell ta' żball maqbud huma raġuni ewlenija għaċ-ċifri differenti ppreżentati mill-Qorti għar-rata ta' żball stmata, u mill-Kummissjoni għall-"ammonti f'riskju".

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.35.** *B'mod ġenerali, il-Kummissjoni tikkumplimenta l-ammont annwali f'riskju bir-r-rata residwa ta' żball pluriennali li tqis il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri.*

*Il-Kummissjoni tqis li r-rata residwa tal-iżbalji pluriennali tagħti indikazzjoni ċara ta' sa fejn il-baġit tal-UE jintlaqat minn nefqa magħmula bi ksur tal-liġi, wara t-tħaddim tas-sistemi ta' sorveljanza u ta' kontroll.*

([24]) L-isem sħiħ tad-dokument huwa "Rapport ta' sinteżi tal-kisbiet tal-ġestjoni tal-Kummissjoni fl-2013", imqassar hawnhekk għal "rapport ta' sinteżi".
([25]) Is-sinteżi hija ppubblikata fuq il-websajt tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/atwork/pdf/synthesis_report_2012_en.pdf, flimkien mal-anness tagħha http://ec.europa.eu/atwork/pdf/synthesis_report_2012_annex_en.pdf
([26]) Ir-Rapport Annwali 2012 tal-Qorti, il-paragrafu 1.45.
([27]) Ir-rapport ta' sinteżi, il-paragrafu 4.1, il-paġna 14.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**...u jfittex li jispjega l-kunċett tal-Kummissjoni ta' "ammonti f'riskju"**

1.36. Flimkien mar-rapport ta' sinteżi, il-Kummissjoni tipprovdi anness ta' paġna waħda dwar il-kalkolu ta' ammonti f'riskju. Dan jispjega "ammonti f'riskju" bħala l-valur tal-frazzjon tat-tranżazzjonijiet li huwa stmat li mhuwiex f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti regolatorji u kuntrattwali applikabbli wara l-applikazzjoni tal-kontrolli kollha (miżuri korrettivi) intenzjonati biex jimmitigaw ir-riskji ta' konformità. Ikun utli għall-qarrejja esterni li jiġu infurmati dwar in-natura u l-impatt finanzjarju ta' dawn il-"miżuri korrettivi". Il-Qorti se tqis eżaminar ulterjuri tal-kalkolu ta' ammonti f'riskju fix-xogħol tal-awditjar futur, filwaqt li se tieħu kont tax-xogħol tas-servizz tal-awditjar intern tal-Kummissjoni.

**Ir-rapport ta' sinteżi jipprovdi l-ewwel kunsiderazzjoni dwar il-kosteffettività tal-proċeduri ta' kontroll.**

1.37. Ir-rapport ta' sinteżi jqis il-kosteffettività tas-sistemi ta' kontroll fil-paragrafu 3.4. Dan l-element iwieġeb għal rekwiżit ġdid, li jirriżulta mir-reviżjoni 2012 tar-regolament finanzjarju. Filwaqt li l-analiżi ppreżentata fil-korp tar-rapport hija proviżorja ([28]), u tistenna aktar aġġornamenti fil-metodoloġija, is-sommarju eżekuttiv jipprovdi xi konklużjonijiet sodi. Il-Kummissjoni tikkonkludi li għall-ġestjoni diretta, kontrolli aktar dettaljati jqumu ħafna flus u l-kontrolli addizzjonali għandhom jitwettqu biss fejn il-benefiċċji potenzjali jistgħu jintwerew bħala li huma aktar bil-qabda mill-ispejjeż lill-Kummissjoni u lill-benefiċjarji. Għall-ġestjoni kondiviża, il-Kummissjoni tikkonkludi li "l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu massimu tal-istrumenti kollha disponibbli sabiex jipprevienu l-iżbalji".

1.38. Ir-rapport ma fihx informazzjoni dwar l-ispejjeż li jappoġġaw il-konklużjonijiet li huwa jippreżenta għall-ġestjoni diretta (fejn "kontrolli aktar dettaljati jqumu ħafna flus") u għall-ġestjoni kondiviża (fejn l-Istati Membri huma mħeġġa "jagħmlu użu massimu tal-istrumenti kollha disponibbli"). Ir-rapport ta' sinteżi ma jiddiskutix l-isfida ta' programmi b'livell persistentement għoli ta' żball (ara l-paragrafu 1.26).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.36.** *Il-Kummissjoni se tipprovdi informazzjoni dwar in-natura u l-impatt finanzjarju ta' dawn il-miżuri korrettivi fil-komunikazzjoni aġġornata tagħha dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-UE.*

**1.37.** *F'konformità mar-Regolament Finanzjarju l-ġdid l-għadd u l-limitu ta' kontrolli għandhom jiġu adattati għal-livell tar-riskju, filwaqt li jqisu l-kosteffikaċja. L-għan primarju għall-valutazzjoni tal-kosteffikaċja tal-kontrolli huwa li tappoġġja t-teħid ta' deċiżjonijiet ta' ġestjoni fir-rigward tat-tfassil tas-sistemi ta' kontroll u tal-allokazzjoni konsegwenti tar-riżorsi. Dan japplika wkoll għal kontrolli tal-Istati Membri relatati mal-fondi tal-UE. Fl-2013, id-DĠ kollha tal-Kummissjoni kienu meħtieġa jirrieżaminaw l-istrateġiji u s-sistemi ta' kontroll biex jiżguraw li huma kosteffikaċi u proporzjonati għar-riskji. Dan jista' jinvolvi bidliet strutturali kbar fil-proċessi ta' ġestjoni finanzjarja. Il-Kummissjoni hija impenjata li timplimenta b'mod effettiv ir-rekwiżiti l-ġodda.*

([28]) It-Taqsima 3.4, (il-paġna 12) tar-rapport ta' sinteżi tinkludi li "hemm il-ħtieġa ta' ħidma ulterjuri sabiex isir użu aħjar ta' din l-informazzjoni sabiex l-intensità u l-frekwenza tal-kontroll jiġu mmodulati skont ir-riskju. Hemm evidenza ta' lakuni sinifikanti fir-rigward tal-istabbiliment ta' indikaturi għall-effikaċja tal-kontroll."

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Valutazzjoni kumplessiva**

1.39. Il-Qorti tistenna b'interess titjib ulterjuri fir-rapport ta' sinteżi fis-snin futuri. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tqis li tikkjarifika aktar il-kalkolu ta' ammonti f'riskju, u li tispjega l-impatt stmat ta' mekkaniżmi korrettivi fuq din iċ-ċifra. Il-kjarifika ta' dawn il-punti se tassisti lill-Kummissjoni fl-ilħuq ta' konklużjonijiet dwar oqsma li jbatu minn livelli persistentement għoljin ta' żball, li dwarhom tinħtieġ rikunsiderazzjoni fundamentali (ara l-paragrafu 1.26).

1.40. Xi oqsma oħra għal titjib identifikati mill-Qorti fl-2012 jibqgħu rilevanti. Il-preżentazzjoni tar-rapport ta' sinteżi skont l-iskeda ta' żmien stipulata fl-Artikolu 66 tar-Regolament Finanzjarju tfisser li huwa tard wisq biex ikun hemm impatt sinifikanti fuq il-konklużjonijiet tal-Qorti. Barra minn hekk, ir-rapport – filwaqt li issa huwa aktar ċar dwar l-impatt materjali tal-irregolarità – ma għandux u ma jinkludix dikjarazzjoni espliċita ([29]) tat-tip li jsir f'oqsma oħra.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.39.** *Il-Kummissjoni se teżamina kif ir-rapport ta' sinteżi jista' jittejjeb aktar, b'mod partikolari dwar l-ammonti annwali f'riskju u l-impatt stmat ta' mekkaniżmu korrettiv dwar rati ta' żballji residwi pluriennali. Id-dettalji jistgħu jinsabu diġà fir-RAA.*

*Il-Kummissjoni bi ħsiebha tuża din l-informazzjoni fil-kuntest tal-Artikolu 32 il-paragrafu 5 tar-RF li jeħtieġ li tieħu jew tipproponi l-azzjonijiet xierqa meta l-livell ta' żbalji jkun persistentement għoli.*

**1.40.** *Il-Kummissjoni tqis li r-Rapport ta' Sinteżi jmur ferm lil hinn mir-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju li fl-Artikolu 66 jiddikkjara: "Sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sommarju tar-rapporti ta' attività annwali għas-sena preċedenti." Ir-Rapport ta' Sinteżi huwa sommarju tar-Rapporti ta' Attività Annwali u huwa d-dokument li permezz tiegħu l-Kulleġġ jerfa' r-responsabbiltà politika abbażi tal-Artikolu 317 tat-TFUE. Fih analiżi dwar id-dubji u xi jwassal għalihom, u jagħti struzzjonijiet lis-servizzi dwar kif għandhom jiġu indirizzati d-dgħufijiet li baqa'.*

*Il-Kummissjoni tqis li l-amalgamazzjoni tar-rapporti ta' attività annwali u r-Rapport ta' Sinteżi tissodisfa l-objettivi interni u esterni tal-obbligu ta' rendikont kif definit mill-Qorti. Ir-rapporti ta' attività annwali tlestew fil-ħin sabiex jiġu kkunsidrati mill-Qorti, u fihom dikjarazzjoni espliċita li t-tip tagħha jista' jitqabbel ma' ta' oqsma oħra.*

## ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

1.41. Il-karatteristiċi ewlenin tal-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-UE fl-2013 kienu jinkludu:

(a) żieda kbira fil-volum ta' pagamenti li l-Kummissjoni kellha permess li tagħmel;

(b) livelli kumplessivi ta' nfiq li kienu qrib il-massimu permess taħt il-qafas legali għall-baġit;

(c) żieda kontinwata tal-obbligi ta' pagament fil-futur;

([29]) Pereżempju, id-dikjarazzjoni dwar il-ġestjoni meħtieġa tal-korpi fl-Istati Membri (l-Artikolu 59(5)(a) tar-Regolament Finanzjarju) u d-dikjarazzjonijiet dwar it-tmexxija korporattiva meħtieġa taħt l-Artikolu 46(a) tar-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji (ĠU L 222, 14.8.1978, p. 11).

(d) perjodu persistentement twil mill-impenn inizjali sal-aċċettazzjoni tal-infiq inizjali f'bosta oqsma ta' nfiq;

(e) volum sinifikanti ta' fondi ddebitati lill-baġit iżda mhux żborżati lir-riċevituri finali; u

(f) dewmien fir-reġistrazzjoni ta' ripagamenti bħala dħul baġitarju.

## Il-baġits emendatorji żiedu b'mod sinifikanti l-volum ta' pagamenti li l-Kummissjoni kellha permess li tagħmel

1.42. Il-baġit inizjali għall-2013 iffissa limitu għal pagamenti ta' EUR 132,8 biljun. Disa' baġits emendatorji ġew approvati matul is-sena. B'mod partikolari, il-baġits emendatorji 2 u 8 ([30]) żiedu EUR 11,2 biljun mal-infiq permess għas-sena. B'kollox, il-baġits emendatorji u l-aġġustamenti għal riporti ġabu l-approprjazzjonijiet għal pagament fil-baġit annwali għal-livell ta' EUR 145,5 biljun ([31]) (6,3 % ogħla milli fl-2012). Il-baġit addizzjonali għall-koeżjoni (l-Intestatura 1b, EUR 9,2 biljun) kien żieda ta' 17 % fuq is-sena preċedenti.

## Il-livelli kumplessivi ta' infiq kienu qrib il-massimu permess taħt il-qafas baġitarju

1.43. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali stabbilixxa livell massimu, għall-impenji li setgħu jiġu bbaġitjati għall-2013 ta' EUR 153,3 biljun, u livell massimu ta' EUR 144,6 biljun għall-pagamenti ([32]). Il-baġit finali stabbilixxa limitu qrib il-massimu permess taħt il-qafas finanzjarju (99,3 % tal-massimu għall-impenji u 99,9 % tal-massimu għall-pagamenti). L-eżitu finali kemm għall-impenji kif ukoll għall-pagamenti kien min-naħa tiegħu qrib il-limiti stabbiliti fil-baġit annwali – u għaldaqstant il-qafas finanzjarju – b'pagamenti li laħqu t-98,8 % tal-limitu massimu tal-qafas finanzjarju.

([30]) Il-baġit emendatorju Nru 2 (ĠU L 327, 6.12.2013, p. 1) u l-baġit emendatorju Nru 8 (ĠU L 49, 19.2.2014, p. 13).

([31]) Il-kontijiet konsolidati tal-UE, it-Tabella 3.1, il-kolonni (7) + (8) u l-ammonti riportati ta' EUR 1 biljun fil-kolonna (9).

([32]) Dawn l-ammonti jinkludu EUR 0,8 biljun għall-impenji u EUR 0,3 biljun għall-approprjazzjonijiet ta' pagament fuq erba' fondi li jaqgħu barra l-limitu massimu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (ir-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, l-Istrument ta' Flessibbiltà, il-Fond Ewropew tal-Aġġustament għall-Globalizzazzjoni).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Minkejja l-livell għoli ta' pagamenti, l-obbligi li jsiru pagamenti fil-futur komplew jikbru

1.44. Ir-riżultat baġitarju għas-sena kien pożittiv peress li d-dħul (essenzjalment riżorsi proprji riċevuti mill-Istati Membri) qabeż il-pagamenti b'EUR 1,0 biljun fl-2013 (bħal fl-2012). Dan il-bilanċ pożittiv baġitarju se jpaċi sejhiet għal riżorsi proprji mill-Istati Membri fl-2014. Madankollu r-riżultat ekonomiku (imfassal fuq bażi tad-dovuti) huwa negattiv, u jirrifletti żieda fl-obbligazzjonijiet netti ta' EUR 5,4 biljun (ara l-***Anness 1.3***, it-Tabelli 1 u 6). Fatturi ewlenin kienu ż-żieda fi spejjeż dovuti u fi provvedimenti.

1.45. Filwaqt li jittieħdu l-impenji pendenti u l-obbligazzjonijiet pendenti flimkien, l-ammont li għandu jiġi ffinanzjat minn baġits futuri żdied minn EUR 313-il biljun fil-31 ta' Diċembru 2012 għal EUR 322 biljun fil-31 ta' Diċembru 2013. Mill-EUR 322 biljun, EUR 222 biljun jirrappreżentaw impenji baġitarji pendenti u EUR 99 biljun [33] huma relatati ma' obbligazzjonijiet tal-karta tal-bilanċ li mhumiex koperti minn impenji pendenti. L-impenji pendenti għall-koeżjoni (l-Intestatura 1b) jammontaw għal 61,6 % tat-total (ara l-***Graff 1.6***).

**Graff 1.6 – Evoluzzjoni ta' impenji pendenti akkumulati għall-koeżjoni**




*Sors:* Rapporti dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja – snin finanzjarji 2000-2013

(33) Bl-eċċezzjoni notevoli ta' self, il-biċċa l-kbira mill-obbligazzjonijiet fuq il-karta tal-bilanċ eventwalment se jinbidlu f'talba għal pagament mill-baġit. Mill-EUR 143 biljun ta' obbligazzjonijiet li ma jirriflettux teħid ta' self, EUR 44 biljun biss huma diġà koperti minn impenji.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Perjodu persistentement twil minn impenn inizjali sa aċċettazzjoni tal-infiq f'bosta oqsma ta' nfiq

1.46. Bħala medja, aktar minn sentejn jgħaddu qabel ma impenn isir pagament. Il-likwidazzjoni ta' impenn permezz ta' pagament mhux neċessarjament ittemm il-proċess tar-reġistrazzjoni tal-infiq. Il-Kummissjoni tirreġistra l-infiq finali billi tapprova l-prefinanzjament. Dan isir biss meta l-attivitajiet ikunu ġew imwettqa, irrappurtati lilha, u aċċettati. It-***Tabella 1.4*** turi l-livell ta' żborżamenti tal-prefinanzjament li l-Kummissjoni għadha ma aċċettatx u ma vvalidatx l-użu finali għalihom mill-benefiċjarji. Il-prefinanzjament gross ammonta għal EUR 79,4 biljun fi tmiem l-2013.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.46.** *Is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom struzzjonijiet ċari dwar il-prefinanzjament abbażi biss ta' nefqa mġarrba, sostnuta minn informazzjoni affidabbli mir-riċevituri, validata u aċċettata (ara 1.12e)*

## Tabella 1.4 – Ripartizzjoni tal-impenji baġitarji pendenti u l-prefinanzjament tal-Kummissjoni

*(EUR miljun)*

**Impenji baġitarji pendenti** ([1])

| Intestatura | | < 2007 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | Total | Snin tal-impenji ([2]) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Tkabbir sostenibbli ([3]) | 4 097 | 337 | 859 | 3 760 | 12 112 | 28 399 | 51 867 | 65 263 | 166 694 | 2,3 |
| 2 | Riżorsi naturali | 479 | 46 | 95 | 139 | 219 | 2 571 | 9 496 | 15 383 | 28 428 | 1,7 |
| 3 | Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja | 6 | 16 | 50 | 144 | 214 | 398 | 728 | 1 522 | 3 078 | 1,1 |
| 4 | L-UE bħala attur globali | 956 | 415 | 823 | 1 237 | 2 375 | 3 845 | 5 923 | 7 738 | 23 312 | 2,5 |
| 5 | Amministrazzjoni | — | — | — | — | — | 1 | 3 | 339 | 343 | 0,0 |
| | **Total** | **5 538** | **814** | **1 827** | **5 280** | **14 920** | **35 214** | **68 017** | **90 245** | **221 855** ([4]) | **2,2** |

**Prefinanzjament** ([5])

| Intestatura | | < 2007 ([6]) | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | Total | Snin tal-pagamenti ([7]) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Tkabbir sostenibbli ([3]) | 1 776 | 6 947 | 11 888 | 12 476 | 3 710 | 4 743 | 6 867 | 8 746 | 57 153 | 0,8 |
| 2 | Riżorsi naturali | 805 | 3 826 | 2 723 | 158 | 93 | 121 | 205 | 346 | 8 277 | 0,1 |
| 3 | Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja | 3 | 2 | 69 | 154 | 224 | 697 | 1 421 | 1 455 | 4 025 | 2,4 |
| 4 | L-UE bħala attur globali | 214 | 128 | 174 | 591 | 908 | 1 488 | 2 409 | 3 982 | 9 894 | 1,5 |
| 5 | Amministrazzjoni | — | — | — | — | — | — | 1 | 5 | 6 | 0,0 |
| | **Total (prefinanzjament gross)** | **2 798** | **10 903** | **14 854** | **13 379** | **4 935** | **7 049** | **10 903** | **14 534** | **79 355** | **0,6** |

*Nota:* Meta jsir tqabbil bejn din it-tabella u ċ-ċifri tal-2012, għandu jittieħed kont taż-żieda fil-baġit li tnaqqas l-għadd ta' snin tal-pagamenti mogħtija fil-kolonna finali.

([1]) *Sors:* Il-kontijiet annwali tal-Kummissjoni Ewropea 2013, it-Tabella 3.5.

([2]) *Sors:* Ir-Rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja – 2013 – it-Taqsima A.6.3.

([3]) L-Intestatura 1 – It-tkabbir sostenibbli huwa magħmul mill-Intestatura 1a – Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi u 1b – Koeżjoni għat-Tkabbir u l-Impjiegi.

([4]) L-impenji baġitarji pendenti ma jinkludux EUR 557 miljun minn istituzzjonijiet oħra.

([5]) Il-prefinanzjament minn istituzzjonijiet u aġenziji oħra jammonta għal EUR 257 miljun.

([6]) Parti mill-prefinanzjament imħallas qabel l-2007 ġiet allokata lill-intestatura korrispondenti tal-qafas finanzjarju bbażata fuq id-DĠ responsabbli billi l-informazzjoni dwar il-linja baġitarja ma kinitx disponibbli fis-sistema ta' informazzjoni tal-Kummissjoni.

([7]) Prefinanzjament imħallas sal-31.12.2013 diviż bil-pagamenti li saru mill-approprjazzjonijiet tas-sena.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

1.47. It-***Tabella 1.4*** turi li l-itwal perjodu medju mill-impenn sal-aċċettazzjoni tal-infiq huwa għall-Intestatura 4 (L-UE bħala attur globali), fejn għal operazzjoni tipika jgħaddu erba' snin bejn impenn li qed isir, u r-reġistrazzjoni mill-Kummissjoni tal-infiq relatat finali.

## Volum sinifikanti ta' fondi ddebitati lill-baġit iżda mhux żborżati lir-riċevituri finali

1.48. Fir-rapport l-aktar reċenti tal-Kummissjoni ([34]) dwar l-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja tal-fond strutturali (SIF) (datat Settembru 2013), li jiddeskrivi s-sitwazzjoni sa tmiem l-2012, kien hemm 37 % biss tal-ammonti għall-SIF imħallsa lill-benefiċjarji finali. L-UE kienet ikkontribwixxiet EUR 8,4 biljun għal dawn il-fondi sa tmiem l-2012. Meta titqies il-pressjoni fuq il-baġit għall-pagamenti u r-Regolament Finanzjarju li jiddikjara fl-Artikolu 140(7) li għandhom jiġu evitati bilanċi eċċessivi fuq strumenti finanzjarji, il-Kummissjoni għandha thares b'mod kritiku lejn il-fluss ta' pagamenti lejn dawn l-istrumenti. Hija għandha wkoll iżżomm somom miżmuma fuq kontijiet fiduċjarji fl-aktar livell baxx konsistenti ma' talbiet mistennija għal flussi tal-flus matul is-sena ta' wara.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**1.48.** *Il-Kummissjoni hija konxja tal-limitazzjonijiet tal-qafas leġiżlattiv matul l-QFP 2007–2013: f'konformità mal-Artikolu 78 (6) tar-regolament ġenerali (1083/2006) tal-politika ta' koeżjoni 2007–13, l-Istati Membri jistgħu jitolbu minnufih 100 % tal-ammonti li jkunu ħallsu għall-Istrumenti Finanzjarji 2007–2013 mingħand il-Kummissjoni. Rigward it-talbiet l-oħra kollha, il-Kummissjoni tħallashom fi żmien xahrejn, soġġett għall-finanzjament disponibbli (l-Artikolu 87).*

*Il-Kummissjoni tenfasizza li hija ħadet azzjonijiet biex tindirizza bilanċi eċċessivi. Dan jinkludi t-twettiq ta' xogħol addizzjonali ta' awditjar u evalwazzjonijiet, kif ukoll l-għoti ta' gwida dettaljata u strutturi ta' appoġġ. Barra minn hekk, il-qafas leġiżlattiv kurrenti kien imsaħħaħ b'mod sinifikanti, kemm għal ġestjoni diretta u għal dik indiretta, (l-Artikolu 140(7)RF) u ġestjoni kondiviża (l-Artikolu 41 CPR 1303/20013) sabiex tiġi evitata l-problema ta' pparkjar ta' fondi.*

*B'mod partikolari, l-Artikolu 41 jiddikjara li fl-2014–20, l-Istati Membri jistgħu jinkludu biss pagamenti għal Strumenti ta' Inġinerija Finanzjarja f'talbiet lill-Kummissjoni f'diversi porzjonijiet ta' perċent-wali (mhux aktar minn 25 % u jiddependi fuq l-iżborsi effettivi). L-esperjenza tal-perjodu ta' qabel, kif innutat mill-Qorti, għalhekk ġiet inkorporata fir-Regolament il-ġdid.*

*Diġà fl-imgħoddi, il-Kummissjoni indikat l-eżekuzzjoni baxxa fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni fid-diversi rapporti tagħha lill-Parlament u lill-Kunsill. Madankollu l-Kummissjoni ma tiffokax biss fuq l-assorbiment tal-fondi iżda wkoll fuq il-kisba tar-riżultati permezz ta' investimenti kofinanzjati. Għaldaqstant, tista' taċċetta assorbiment inqas jekk il-kwalità tal-investimenti hija garantita.*

*Il-Kummissjoni tinnota wkoll li fi tmiem l-2012 ir-rata medja ta' żborż fil-FEI kienet ta' 40 %. Din il-medja tirrifletti l-fatt li l-maġġoranza tal-FEI kienu stabbiliti fl-2009 jew aktar tard. Bejn l-2011 u l-2012 in-numru ta' strumenti finanzjarji żdied b'60 % u l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-programmi għall-FEI żdied b'14 %. Dan jikkonferma li fl-2012 għadd sinifikanti ta' FEI ġodda ġew stabbiliti, b'impatt fuq ir-rati medji ta' żborż (ara r-risposta għal § 5.35).*

([34]) Referenza tad-dokument: COCOF_13-0093-00-EN.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## Dewmien fir-reġistrazzjoni ta' dħul baġitarju

1.49. Sal-31 ta' Diċembru 2013, rimborżi ([35]) minn selfiet u operazzjonijiet ta' kapital ta' riskju tal-MEDA ([36]) li jammontaw għal EUR 259 miljun kienu akkumulaw u baqgħu f'kont fiduċjarju fil-BEI u ma kinux ġew trattati bħala dħul baġitarju. Inizjalment, dawn ir-rimborżi ġew trasferiti regolarment mill-BEI lill-Kummissjoni. Madankollu, fuq it-talba tal-Kummissjoni ([37]), it-trasferiment ta' rimborżi għall-baġit ġie sospiż fl-2008. B'riżultat ta' dan, ir-rimborżi wara din id-data ma ġewx ritornati lill-baġit tal-UE bħala dħul.

**1.49.** *Kien hemm dewmien minħabba diskussjoni li qed issir dwar l-aħjar mod biex dawn il-fondi jkunu jistgħu jerġgħu jintużaw. Din issa ġiet solvuta permezz tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 466/2014/UE ippubblikata fil-ĠU 8/05/2014, li biha:*

- *EUR - 110 miljun se jintużaw biex isaħħu l-Fond ta' Garanzija ECFIN (għall-BEI). L-istatus attwali huwa li l-BEI ntalab li jirritona dawn il-fondi lill-Kummissjoni.*
- *il-bilanċ tal-fondi ta' refużjoni (EUR 151 miljun) diġà ġie mħallas lura mill-BEI u ngħata lura lill-baġit ġenerali.*

## Ħtieġa għal tbassir tal-flussi tal-flus fuq firxa twila

1.50. Iż-żieda kontinwata tas-somom li għandhom jiġu ffinanzjati minn baġits futuri (ara l-paragrafu 1.45), minkejja ż-żieda fil-pagamenti fl-2013, tappoġġa aktar il-fehma espressa mill-Qorti fir-Rapport Annwali 2012 tagħha. Il-Qorti tkompli tqis li l-Kummissjoni għandha tħejji u tippubblika kull sena tbassir tal-flussi tal-flus fuq firxa twila ([38]). Dan kieku jgħin lill-partijiet interessati fil-valutazzjoni tar-rekwiżiti futuri ta' pagament u tal-prijoritajiet baġitarji. Huwa kieku jgħin ukoll lill-Kummissjoni biex tieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa biex tiżgura li l-pagamenti essenzjali jistgħu jiġu ssodisfati minn baġits annwali approvati.

**1.50.** *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u se tippreżenta din il-previżjoni fir-rapport tal-Uffiċjal tal-Kontabilità (l-Artikolu 150.4 RF) lill-awtorità ta' kwittanza f'Settembru 2014. Minkejja dan, il-Kummissjoni tirrimarka li hija diġà għandha tagħrif dettaljat dwar il-ħtiġijiet baġitarji fit-tul tagħha li jintuża fil-kuntest tal-proċess baġitarju annwali tagħha u għall-monitoraġġ tal-QFP.*

([35]) Pagamenti tal-imgħax u ripagamenti ta' self, dividendi u rimborż ta' kapital.
([36]) L-istrument prinċipali tal-kooperazzjoni ekonomika u finanzjarja taħt is-Shubija Ewro-Mediterranja.
([37]) Ibbażata fuq proposta leġiżlattiva li temenda r-Regolament (KE) Nru 1638/2006, li ma ġietx adottata.
([38]) Ara l-paragrafi 1.58 u 1.59 tar-Rapport Annwali 2012 tal-Qorti.

ANNESS 1.1

*APPROĊĊ U METODOLOĠIJA TAL-AWDITJAR*

1. L-approċċ tal-awditjar tal-Qorti huwa stipulat fil-Manwal għall-Awditu Finanzjarju u tal-Konformità (FCAM). Dan il-manwal huwa disponibbli fuq il-websajt tal-Qorti. Sabiex tippjana xogħol tal-awditjar u tiddetermina l-firxa ta' ttestjar sostantiv, il-Qorti tuża mudell ta' aċċertament tal-awditjar. Dan jinvolvi kunsiderazzjoni tar-riskju li jseħħu żbalji fit-tranżazzjonijiet (riskju inerenti) u r-riskju li s-sistemi ta' kontroll ma jipprevenux jew ma jaqbdux u ma jikkoreġux tali żbalji (riskju ta' kontroll).

**PARTI 1 – Approċċ u metodoloġija tal-awditjar għall-affidabbiltà tal-kontijiet**

2. Sabiex tivvaluta jekk il-kontijiet konsolidati (ir-rapporti finanzjarji konsolidati u r-rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit) jippreżentawx sewwa, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea fi tmiem is-sena, u r-riżultati tal-operazzjonijiet u l-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet, l-awditu jinvolvi:

(a) evalwazzjoni tal-ambjent tal-kontroll kontabilistiku;

(b) iċċekkjar tal-funzjonament ta' proċeduri kontabilistiċi ewlenin u l-proċess ta' għeluq fi tmiem is-sena;

(c) kontrolli analitiċi (konsistenza u raġonevolezza) fuq id-*data* kontabilistika prinċipali;

(d) analiżijiet u rikonċiljazzjonijiet tal-kontijiet u/jew tal-bilanċi;

(e) testijiet sostantivi ta' impenji, pagamenti u partiti speċifiċi fuq il-karta tal-bilanċ ibbażati fuq kampjuni rappreżentattivi; u,

(f) sa fejn ikun possibbli, u skont l-istandards internazzjonali tal-awditjar, l-użu minn xogħol awdituri oħra. Dan huwa partikolarment il-każ għall-awditu tal-attivitajiet ta' teħid b'self u għoti b'self immaniġġjati mill-Kummissjoni, il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni u l-fond BUFI għall-multi msarrfa proviżorjament, li għalihom ċertifikati tal-awditjar esterni huma disponibbli.

**PARTI 2 – Approċċ u metodoloġija tal-awditjar għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet**

3. L-awditu tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet jinvolvi:

(a) ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet (ara t-***Tabelli 1.1*** u ***1.2***) biex jiġi aċċertat jekk dawn humiex f'konformità mar-regoli u r-regolamenti rilevanti; u

(b) eżaminar tas-sistemi ta' kontroll magħżula. Dan huwa supplimentat b'evidenza mogħtija minn xogħol awdituri oħra (fejn rilevanti) u analiżi tal-informazzjoni u tal-aċċertamenti mill-Kummissjoni.

*Kif il-Qorti tittestja t-tranżazzjonijiet*

4. L-ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet fi ħdan kull valutazzjoni speċifika (il-Kapitoli 2 sa 9) huwa bbażat fuq kampjun rappreżentattiv tal-irċevuti (fil-każ tad-dħul) u t-tranżazzjonijiet li jinsabu fi ħdan il-grupp tal-politika kkonċernat ([1]). Dan l-ittestjar jagħti stima tal-punt sa fejn it-tranżazzjonijiet fil-popolazzjoni kkonċernata huma irregolari.

5. L-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jinvolvi eżaminar ta' kull tranżazzjoni magħżula, biex jiġi determinat jekk il-klejm jew il-pagament sarx għall-iskopijiet approvati mill-baġit u speċifikati fil-leġiżlazzjoni rilevanti, ġiex ikkalkulat b'mod korrett u sarx f'konformità mar-regoli u r-regolamenti rilevanti. Dan jinvolvi l-ittraċċar tat-tranżazzjoni mill-kontijiet baġitarji sal-livell tar-riċevitur finali (eż. bidwi, organizzatur ta' kors ta' taħriġ, jew promotur ta' proġett tal-għajnuna għall-iżvilupp) u ttestjar tal-konformità f'kull livell. Meta t-tranżazzjoni (fi kwalunkwe livell) tiġi kkalkulata b'mod skorrett jew ma tissodisfax rekwiżit regolatorju jew dispożizzjoni kuntrattwali, hija titqies li jkun fiha żball.

([1]) Barra minn dan, jinsilet kampjun rappreżentattiv orizzontali ta' impenji u jiġi ttestjat għall-konformità mar-regoli u r-regolamenti rilevanti.

6. Għad-dħul, l-eżaminar mill-Qorti tar-riżorsi proprji bbażati fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud u fuq l-introjtu nazzjonali gross jieħu bħala punt tat-tluq l-aggregati makroekonomiċi rilevanti li fuqhom dawn huma kkalkulati, u jeżamina s-sistemi ta' kontroll tal-Kummissjoni għall-ipproċessar tagħhom sakemm il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri jkunu ġew riċevuti u rreġistrati fil-kontijiet konsolidati. Għar-riżorsi proprji tradizzjonali, il-Qorti teżamina l-kontijiet tal-awtoritajiet doganali u l-fluss tad-dazji sakemm l-ammonti jiġu riċevuti mill-Kummissjoni u rreġistrati fil-kontijiet.

7. Għall-infiq, il-Qorti teżamina l-pagamenti meta l-infiq ikun ġie mġarrab, irreġistrat u aċċettat ("pagamenti kontabilizzati għall-ispejjeż"). Dan l-eżaminar ikopri l-kategoriji kollha ta' pagamenti (inklużi dawk li saru għax-xiri ta' assi) minbarra pagamenti bil-quddiem fil-punt meta jsiru. Il-pagamenti bil-quddiem jiġu eżaminati meta r-riċevitur finali tal-fondi tal-UE (eż. bidwi, istitut ta' riċerka, kumpanija li tipprovdi xogħlijiet jew servizzi akkwistati pubblikament) jipprovdi ġustifikazzjoni għall-użu tajjeb minnhom u l-Kummissjoni (jew istituzzjoni jew korp ieħor li jimmaniġġja l-fondi tal-UE) taċċetta li l-użu finali mill-fondi jkun ġustifikat billi tapprova l-pagament bil-quddiem.

8. Il-kampjun tal-awditjar tal-Qorti huwa mfassal biex jipprovdi stima tal-livell ta' żball fil-popolazzjoni awditjata fl-intier tagħha. Il-Qorti ma teżaminax tranżazzjonijiet f'kull Stat Membru, stat benefiċjarju u/jew reġjun kull sena. L-eżempji mogħtija fir-rapport annwali huma għal skopijiet illustrattivi u juru l-iżbalji l-aktar tipiċi misjuba. It-tismija ta' ċerti Stati Membri, stati benefiċjarji u/jew reġjuni ma tfissirx li l-eżempji ppreżentati ma jokkorrux xi mkien ieħor. L-eżempji illustrattivi ppreżentati f'dan ir-rapport ma jiffurmawx bażi biex jinsiltu konklużjonijiet dwar l-Istati Membri, l-istati benefiċjarji u/jew ir-reġjuni kkonċernati ([1]).

*Kif il-Qorti tevalwa u tippreżenta r-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet*

9. **Żbalji** fit-tranżazzjonijiet jokkorru għal diversi raġunijiet u jieħdu għadd ta' forom differenti skont in-natura tal-ksur u tar-regola speċifika jew tar-rekwiżit kuntrattwali li ma ssegwiex. It-tranżazzjonijiet individwali jistgħu jkunu totalment jew parzjalment milquta minn żball. L-iżbalji maqbuda u kkoreġuti qabel u indipendentement mill-kontrolli mwettqa mill-Qorti huma esklużi mill-kalkolu u l-frekwenza ta' żball, billi huma juru li is-sistemi ta' kontroll jaħdmu b'mod effettiv. Il-Qorti tqis jekk l-iżbalji individwali humiex kwantifikabbli jew mhux kwantifikabbli, filwaqt li tieħu kont tal-punt sa fejn huwa possibbli li jiġi mkejjel kemm mill-ammont awditjat kien milqut minn żball.

10. Ħafna żbalji jokkorru fl-applikazzjoni ta' liġijiet dwar l-akkwist pubbliku. Biex jiġu rrispettati l-prinċipji bażiċi ta' kompetizzjoni previsti fil-liġi tal-UE, għandhom jiġu riklamati proċeduri sinifikanti; għandhom jiġu evalwati offerti skont kriterji speċifikati; il-kuntratti jistgħu ma jinqasmux b'mod artifiċjali biex jiġi evitat il-ksur ta' limiti massimi, eċċ.

11. Għall-iskopijiet tal-awditjar tagħha, il-Qorti tqiegħed valur fuq nuqqasijiet ta' osservazzjoni tar-rekwiżiti tal-liġi tal-akkwist. Il-Qorti:

(a) tikkwantifika (u fejn xieraq testrapola) l-impatt ta' ksur serju tar-regoli tal-akkwist pubbliku ([2]) fuq il-bażi li huwa jaffettwa l-valur sħiħ tal-pagament relatat mal-kuntratt – żball kwantifikabbli 100 % ([3]);

(b) ma tikkwantifikax żbalji anqas serji li ma jolqtux l-eżitu tal-proċedura tal-offerti (żbalji mhux kwantifikabbli) ([4]).

12. Il-kwantifikazzjoni mill-Qorti tista' tkun differenti minn dik użata mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri meta jiġi deċiż kif għandu jkun ir-rispons għall-applikazzjoni skorretta tar-regoli tal-akkwist pubbliku.

---

([1]) L-għan tal-awditu huwa li tintlaħaq konklużjoni valida dwar l-infiq u d-dħul tal-UE fl-intier tagħhom. Sabiex isir tqabbil validu u statistikament sinifikanti fost l-Istati Membri, l-istati benefiċjarji u/jew ir-reġjuni, ikun meħtieġ kampjunar ta' għadd ħafna akbar ta' tranżazzjonijiet f'kull wieħed minnhom milli huwa realistikament possibbli.

([2]) Il-Qorti tqis bħala serji dawk l-iżbalji li jiffrustraw l-objettivi tar-regoli tal-akkwist pubbliku: tal-kompetizzjoni ġusta u tal-għoti tal-kuntratt lill-offerent bl-aħjar kwalifiki. Hemm essenzjalment żewġ sistemi ta' għotjiet: l-offerta l-aktar baxxa jew l-offerta l-aktar vantaġġuża.

([3]) Eżempji ta' żball kwantifikabbli: l-ebda kompetizzjoni jew inkella kompetizzjoni ristretta (minbarra fejn din hija espliċitament permessa mill-qafas legali) għall-kuntratt prinċipali jew supplimentari; valutazzjoni mhux xierqa ta' offerti b'impatt fuq l-eżitu tal-offerta; tibdil sostanzjali tal-ambitu tal-kuntratt; qsim artifiċjali ta' kuntratti sabiex proġetti jinġiebu taħt il-limitu massimu li fih japplikaw ir-regoli tal-akkwist pubbliku.

([4]) Eżempji ta' żbaji mhux kwantifikabbli: valutazzjoni mhux xierqa ta' offerti mingħajr impatt fuq l-eżitu tal-offerta, dgħufijiet formali tal-proċedura tal-offerti jew speċifikazzjoni tal-offerti, aspetti formali tar-rekwiżiti ta' trasparenza mhux rispettati.

*Rata ta' żball stmata (żball l-aktar probabbli)*

13. Abbażi tal-iżbalji li hija kkwantifikat, il-Qorti tistma r-**rata tal-iżball l-aktar probabbli** (MLE) f'kull valutazzjoni speċifika, u għall-infiq mill-baġit fl-intier tiegħu. Il-perċentwal tal-MLE huwa stima statistika tal-perċentwal probabbli ta' żball (jiġifieri ksur kwantifikabbli ta' regolamenti, regoli, u kundizzjonijiet tal-kuntratt u tal-għotja applikabbli) fil-popolazzjoni ([1]). Il-Qorti tistma wkoll il-limitu inferjuri tal-iżball (LEL) u l-limitu superjuri tal-iżball (UEL) (ara l-grafika hawn taħt).




14. Il-perċentwal tal-erja skura ta' taħt il-kurva tindika l-probabbiltà li r-rata ta' żball tal-popolazzjoni tinsab bejn l-LEL u l-UEL.

15. Fl-ippjanar tax-xogħol tal-awditjar tagħha, il-Qorti tfittex li tuża proċeduri li jippermettulha tqabbel ir-rata ta' żball stmata fil-popolazzjoni ma' **materjalità** ta' 2 % fl-ippjanar. Fil-valutazzjoni tar-riżultati tal-awditjar, il-Qorti hija ggwidata minn dan il-livell ta' materjalità u tieħu kont tan-natura, l-ammont u l-kuntest tal-iżbalji meta tkun qed tifforma l-opinjoni tal-awditjar tagħha.

*Frekwenza ta' żball*

16. Il-Qorti tesprimi l-frekwenza tal-okkorrenza tal-iżbalji billi tippreżenta l-proporzjon tal-kampjun milqut minn żbalji jew kwantifikabbli jew inkella mhux kwantifikabbli.

*Kif il-Qorti teżamina s-sistemi ta' kontroll u tirrapporta r-riżultati*

17. Is-sistemi ta' kontroll huma stabbiliti mill-Kummissjoni, korpi u istituzzjonijiet oħra tal-UE, awtoritajiet tal-Istati Membri, pajjiżi u/jew reġjuni benefiċjarji biex jiġu mmaniġġjati r-riskji għall-baġit, inkluża r-regolarità tat-tranżazzjonijiet. L-eżaminar tas-sistemi ta' kontroll huwa partikolarment utli għall-identifikazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet għal titjib.

18. Kull grupp tal-politika, inkluż id-dħul, jopera ħafna sistemi individwali. Il-Qorti tagħżel kampjun ta' sistemi biex jiġu vvalutati kull sena. Ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll huma ppreżentati fil-forma ta' tabella fl-Annessi x. 2 tal-Kapitoli 2 sa 9. Is-sistemi eżaminati huma kklassifikati bħala *effettivi* biex jimmitigaw ir-riskju ta' żball fit-tranżazzjonijiet, *parzjalment effettivi* (meta jkun hemm xi dgħufijiet li jaffettwaw l-effettività operatorja) jew *mhux effettivi* (meta d-dgħufijiet ikunu pervażivi u b'hekk idgħajfu għalkollox l-effettività operatorja):

---

([1]) $MLE = \frac{1}{\sum ASI} * \sum_i \left( ASI_i * \frac{ammont\,tal-izball_i}{ammont\,awditjat_i} \right)$, fejn l-*ASI* huwa l-intervall medju għall-kampjunar u *i* huwa n-numerazzjoni ta' tranżazzjonijiet fil-kampjun.

*Kif il-Qorti tasal għall-opinjonijiet tagħha fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni*

19. Il-Qorti tasal għall-opinjoni tagħha dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea, stipulata fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni, abbażi tax-xogħol kollu tal-awditjar tagħha kif irrappurtat fil-Kapitoli 2 sa 9 ta' dan ir-rapport u bl-inklużjoni ta' valutazzjoni ta' kemm huwa pervażiv l-iżball. Ix-xogħol imwettaq jippermetti lill-Qorti tivvaluta l-aċċertament li l-iżbalji fil-popolazzjoni jaqbżu jew jaqgħu fi ħdan il-limiti ta' materjalità. L-aħjar stima mill-Qorti tar-rata ta' żball għall-infiq kumplessiv fl-2013 hija 4,7 %. Il-Qorti għandha hija aktar minn 95 % fiduċjuża li r-rata ta' żball għall-popolazzjoni awditjata hija materjali. Ir-rata ta' żball stmata misjuba f'oqsma differenti ta' politika tvarja kif deskritt fil-Kapitoli 3 sa 9. Il-Qorti vvalutat l-iżball bħala pervażiv – li jinfirex madwar il-biċċa l-kbira mill-oqsma ta' nfiq. Il-Qorti tagħti opinjoni kumplessiva dwar ir-regolarità tal-impenji bbażata fuq kampjun orizzontali addizzjonali.

*Frodi*

20. Jekk il-Qorti jkollha raġuni għalfejn tissuspetta li seħħet attività ta' frodi, din tirrapportaha lill-OLAF, l-uffiċċju tal-Unjoni kontra l-frodi, li huwa responsabbli mit-twettiq ta' kwalunkwe investigazzjoni li tirriżulta. Il-Qorti tirrapporta bosta każijiet kull sena lill-OLAF.

**PARTI 3 – Rabta bejn l-opinjonijiet tal-awditjar għall-affidabbiltà tal-kontijiet u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet**

21. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-TFUE l-Qorti ħarġet:

(a) opinjoni tal-awditjar dwar il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja li ntemmet; u

(b) opinjonijiet tal-awditjar dwar ir-regolarità tad-dħul, il-pagamenti u l-impenji li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

22. Dawn l-opinjonijiet tal-awditjar u l-awditi relatati jitwettqu skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet ta' Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI.

23. Dawn l-istandards jipprevedu wkoll is-sitwazzjoni fejn l-awdituri joħorġu opinjonijiet tal-awditjar dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u r-regolarità tat-tranżazzjoniiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet, billi jiddikjaraw li opinjoni modifikata dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet ma twassalx fiha nfisha għal opinjoni modifikata dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet. Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji li l-Qorti tagħmel opinjoni dwarhom, b'mod partikolari n-Nota 6, jirrikonoxxu li hemm problema materjali b'rabta ma' ksur tar-regoli li jirregolaw l-ispejjeż iddebitati lill-baġit tal-UE. Għaldaqstant, il-Qorti ddeċidiet li l-eżistenza ta' livell materjali ta' żball li jolqot ir-regolarità mhijiex minnha nfisha raġuni biex timmodifika l-opinjoni separata tagħha dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet.

ANNESS 1.2

*SEGWITU TAL-OSSERVAZZJONIJIET MIS-SNIN PREĊEDENTI RIGWARD L-AFFIDABBILTÀ TAL-KONTIJIET*

| Osservazzjonijiet imqajma fis-snin preċedenti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|
| 1. **Prefinanzjament, kontijiet pagabbli u proċeduri ta' qtugħ il-linja** | 1. **Prefinanzjament, kontijiet pagabbli u proċeduri ta' qtugħ il-linja** | 1. **Prefinanzjament, kontijiet pagabbli u proċeduri ta' qtugħ il-linja** |
| Għall-prefinanzjamenti, il-kontijiet pagabbli u l-qtugħ il-linja relatat, mis-sena finanzjarja 2007 'l hawn il-Qorti identifikat żbalji kontabilistiċi b'impatt finanzjarju immaterjali kumplessivament iżda bi frekwenza għolja. Dan jenfasizza l-ħtieġa għal aktar titjib fil-livell ta' ċerti direttorati ġenerali. | | |
| Fir-rigward tal-kontabbilizzar ta' ammonti prefinanzjati, il-Qorti sabet li bosta direttorati ġenerali komplew jirreġistraw stimi fil-kontijiet saħansitra meta jkollhom bażi adegwata biex japprovaw il-prefinanzjamenti korrispondenti. F'xi każijiet, dewmien fil-kontabbilizzar ta' nfiq imġarrab kien marbut ma' telf fir-rendikont tal-entrati. Il-Qorti qieset li titjib sinifikanti fil-proċeduri kien meħtieġ f'ċerti direttorati ġenerali. | Il-Qorti sabet każijiet fejn ġew irreġistrati stimi fil-kontijiet (f'xi każijiet kienet diġà disponibbli bażi adegwata għall-approvazzjoni tal-prefinanzjamenti korrispondenti). Il-Qorti sabet ukoll li f'bosta direttorati ġenerali l-proċeduri ta' qtugħ il-linja għandhom jiġu mtejba, armonizzati u awtomatizzati. | *Ir-regoli tal-kontabilità eżistenti u l-gwida diġà kkomunikati lid-DĠs jikkjarifikaw it-trattament korrett li għandu jkun segwit għall-ikklerjar. Id-DĠ kkonċernat se jistabbilixxi proċedura ġdida f'konformità mar-regoli u r-regolamenti applikabbli.*<br><br>*Il-Kummissjoni tixtieq tindika li huwa normali u mifhum li dejjem se jkun hemm possibilitajiet għal titjib, huwa proċess kontinwu. Madankollu, il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li l-prefinanzjament u l-fatturi kienu mdaħħla korrettament matul dawn l-aħħar ħames snin.* |
| Il-Kummissjoni inkludiet għall-ewwel darba strumenti ta' inġinerija finanzjarja fil-kontijiet 2010 u pagamenti bil-quddiem minn skemi oħra ta' għajnuna għall-ewwel darba fil-kontijiet 2011. Fiż-żewġ każijiet il-bilanċi pendenti huma stmati fuq is-suppożizzjoni li l-fondi jintużaw b'mod indaqs matul il-perjodu tal-operazzjoni. Il-Kummissjoni għandha żżomm din is-suppożizzjoni taħt analiżi. | Il-bilanċi pendenti jkomplu jiġu stmati fuq is-suppożizzjoni li l-fondi jintużaw b'mod indaqs matul il-perjodu tal-operazzjoni. | *Titjib huwa mistenni għall-perjodu 2014–2020 abbażi tar-rekwiżiti legali li issa huma fis-seħħ.* |
| 2. **Divulgazzjonijiet rigward irkupri u korrezzjonijiet finanzjarji** | 2. **Divulgazzjonijiet rigward irkupri u korrezzjonijiet finanzjarji** | 2. **Divulgazzjonijiet rigward irkupri u korrezzjonijiet finanzjarji** |
| L-uffiċjal tal-kontabbiltà rfina l-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar irkupri u korrezzjonijiet finanzjarji fin-Nota 6 għar-rapporti finanzjarji. Din in-Nota 6 issa hija aktar iffukata u anqas estensiva, iżda fiha wkoll informazzjoni mhux finanzjarja li tista' tkun ippreżentata aħjar fir-rapport dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-UE skont l-Artikolu 150(4) tar-Regolament Finanzjarju (UE, Euratom Nru 966/2012) li għandu jiġi ppreżentat lill-awtoritajiet baġitarji f'Settembru ta' kull sena. | Il-preżentazzjoni tal-informazzjoni fin-Nota 6 kompliet titjieb iżda għad fiha informazzjoni li mhijiex misluta mis-sistema kontabilistika.<br><br>Sfidi ġodda fil-preżentazjoni ta' informazzjoni finanzjarja affidabbli huma diskussi fil-paragrafi 1.12 sa 1.14. | *Il-Kummissjoni se teżamina flimkien mal-Istati Membri kif l-informazzjoni tista' tittejjeb aktar bil-mod kif qed tissuġġerixxi l-Qorti, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu kunsiderazzjonijiet tal-kostbenefiċċju.* |

| Osservazzjonijet imqajma fis-snin preċedenti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|
| 3. **Trasferiment tal-assi ta' Galileo** | 3. **Trasferiment tal-assi ta' Galileo** | 3. **Trasferiment tal-assi ta' Galileo** |
| Fir-Rapport Annwali 2010 u r-rapporti annwali sussegwenti tagħha, il-Qorti ġibdet l-attenzjoni għar-riżervi li saru mid-direttur ġenerali responsabbli fir-rapporti annwali tal-attività tiegħu rigward l-affidabbiltà tar-rappurtar finanzjarju mill-Aġenzija Spazjali Ewropea. | Ir-direttur ġenerali responsabbli ma kompliex ir-riżerva fir-rigward tal-affidabbiltà tar-rappurtar finanzjarju mill-Aġenzija Spazjali Ewropea fir-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tiegħu. | |

*ANNESS 1.3*

*SILTIET MILL-KONTIJIET ANNWALI KONSOLIDATI 2013* ([1])

**Tabella 1 – Karta tal-bilanċ** (*)

*(EUR miljun)*

| | 31.12.2013 | 31.12.2012 |
|---|---|---|
| **Assi mhux kurrenti** | | |
| Assi intanġibbli | 237 | 188 |
| Proprjetà, impjant u tagħmir | 6 104 | 5 978 |
| Investimenti kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità | 349 | 392 |
| Assi finanzjarji | 59 844 | 62 311 |
| Ammonti riċevibbli u rekuperabbli | 498 | 564 |
| Prefinanzjament | 38 072 | 44 505 |
| | **105 104** | **113 938** |
| **Assi attwali** | | |
| Inventarji | 128 | 138 |
| Assi finanzjarji | 5 571 | 1 981 |
| Ammonti riċevibbli u rekuperabbli | 13 182 | 14 039 |
| Prefinanzjament | 21 367 | 13 238 |
| Flus u ekwivalenti ta' flus | 9 510 | 10 674 |
| | **49 758** | **40 070** |
| **Total tal-assi** | **154 862** | **154 008** |
| **Obbligazzjonijiet mhux attwali** | | |
| Pensjoni u benefiċċji oħra tal-impjegati | (46 818) | (42 503) |
| Provvedimenti | (1 323) | (1 258) |
| Obbligazzjonijiet finanzjarji | (54 153) | (57 232) |
| Obbligazzjonijiet oħra | (2 216) | (2 527) |
| | **(104 510)** | **(103 520)** |
| **Obbligazzjonijiet attwali** | | |
| Provvedimenti | (545) | (806) |
| Obbligazzjonijiet finanzjarji | (3 065) | (15) |
| Ammonti pagabbli | (92 594) | (90 083) |
| | **(96 204)** | **(90 904)** |
| **Total tal-obbligazzjonijiet** | **(200 714)** | **(194 424)** |
| **Assi netti** | **(45 852)** | **(40 416)** |
| Riżervi | 4 073 | 4 061 |
| Ammonti li għandhom jintalbu mill-Istati Membri (**) | (49 925) | (44 477) |
| **Assi netti** | **(45 852)** | **(40 416)** |

(*) Il-karta tal-bilanċ hija ppreżentata billi jintuża l-lejawt bħal dak tal-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea.

(**) Il-Parlament Ewropew adotta baġit fl-20 ta' Novembru 2013 jipprevedi l-pagament tal-obbligazzjonijiet fuq perjodu qasir tal-UE mir-riżorsi proprji li għandhom jinġabru, jew jintalbu, mill-Istati Membri fl-2014. Barra minn hekk, taħt l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal (ir-Regolament tal-Kunsill Nru 259/68, tad-29 ta' Frar 1968 kif emendat), l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu b'mod konġunt l-obbligazzjoni għall-pensjonijiet.

([1]) Il-qarrej jingħata l-parir li jikkonsulta t-test sħiħ tal-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013 li jinkludu kemm ir-rapporti finanzjarji konsolidati kif ukoll in-noti ta' spjegazzjoni u r-rapporti aggregati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u n-noti ta' spjegazzjoni.

**Tabella 2 – Rapport tal-prestazzjoni finanzjarja** (*)

*(EUR miljun)*

| | 2013 | 2012 |
|---|---|---|
| **Dħul operatorju** | | |
| Dħul minn riżorsi proprji u kontribuzzjonijiet | 141 241 | 130 919 |
| Dħul operatorju ieħor | 8 414 | 6 826 |
| | **149 655** | **137 745** |
| **Spejjeż operatorji** | | |
| Spejjeż amministrattivi | (9 269) | (9 320) |
| Spejjeż operatorji | (138 571) | (124 633) |
| | **(147 840)** | **(133 953)** |
| **Bilanċ pożittiv minn attivitajiet operatorji** | **1 815** | **3 792** |
| Dħul finanzjarju | 2 038 | 2 157 |
| Spejjeż finanzjarji | (2 045) | (1 942) |
| Moviment fl-obbligazzjoni tal-pensjoni u benefiċċji oħra tal-impjegati | (5 565) | (8 846) |
| Sehem tad-defiċit nett tal-impriżi konġunti u l-kumpaniji assoċjati | (608) | (490) |
| **Riżultat ekonomiku tas-sena** | **(4 365)** | **(5 329)** |

(*) Ir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja huwa ppreżentat billi jintuża l-lejawt bħal dak tal-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea.

**Tabella 3 – Rapport tal-flussi tal-flus** (*)

*(EUR miljun)*

| | 2013 | 2012 |
|---|---|---|
| Riżultat ekonomiku tas-sena | **(4 365)** | **(5 329)** |
| **Attivitajiet operatorji** | | |
| Amortizzament | 48 | 39 |
| Deprezzament | 401 | 405 |
| (Żieda)/tnaqqis fis-selfiet | 20 | (16 062) |
| (Żieda)/tnaqqis fl-ammonti riċevibbli u rekuperabbli | 923 | (4 837) |
| (Żieda)/tnaqqis fil-prefinanzjament | (1 695) | (2 013) |
| (Żieda)/tnaqqis fl-inventarji | 10 | (44) |
| Żieda/(tnaqqis) fil-provvedimenti | (196) | 299 |
| Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjonijiet finanzjarji | (29) | 16 017 |
| Żieda/(tnaqqis) f'obbligazzjonijiet oħra | (311) | 468 |
| Żieda/(tnaqqis) fl-ammonti pagabbli | 2 511 | (1 390) |
| Bilanċ pożittiv baġitarju tas-sena preċedenti meħud bħala dħul mhux fi flus | (1 023) | (1 497) |
| Movimenti oħra mhux fi flus | (50) | 260 |
| Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjoni tal-pensjoni u tal-benefiċċji tal-impjegati | 4 315 | 7 668 |
| **Attivitajiet ta' investiment** | | |
| (Żieda)/tnaqqis fl-assi intanġibbli u l-proprjetà, l-impjant u t-tagħmir | (624) | (1 390) |
| (Żieda)/tnaqqis fl-investimenti kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità | 43 | (18) |
| (Żieda)/tnaqqis fl-assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ | (1 142) | (837) |
| **Fluss nett tal-flus** | **(1 164)** | **(8 261)** |
| Żieda/(tnaqqis) nett fi flus u f'ekwivalenti ta' flus | (1 164) | (8 261) |
| Flus u ekwivalenti ta' flus fil-bidu tas-sena | 10 674 | 18 935 |
| Flus u ekwivalenti ta' flus fi tmiem is-sena | 9 510 | 10 674 |

(*) Ir-rapport tal-flussi tal-flus huwa ppreżentat billi jintuża l-lejawt bħal dak tal-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea.

**Tabella 4 – Rapport tal-bidliet fl-assi netti** (*)

*(EUR miljun)*

| | Riżervi (A) | | Ammonti li għandhom jintalbu mingħand l-Istati Membri (B) | | Assi netti = (A) + (B) |
|---|---|---|---|---|---|
| | Riżerva ta' valur ġust | Riżervi oħra | Bilanċ pożittiv/(defiċit) akkumulat | Riżultat ekonomiku tas-sena | |
| **Bilanċ sal-31 ta' Diċembru 2011** | **(108)** | **3 716** | **(35 669)** | **(1 789)** | **(33 850)** |
| Moviment fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija | — | 168 | (168) | — | 0 |
| Movimenti fil-valur ġust | 258 | — | — | — | 258 |
| Oħrajn | — | 21 | (19) | — | 2 |
| Allokazzjoni tar-riżultat ekonomiku 2011 | — | 6 | (1 795) | 1 789 | 0 |
| Riżultat tal-baġit 2011 ikkreditat lill-Istati Membri | — | — | (1 497) | — | (1 497) |
| Riżultat ekonomiku tas-sena | — | — | — | (5 329) | (5 329) |
| **Bilanċ sal-31 ta' Diċembru 2012** | **150** | **3 911** | **(39 148)** | **(5 329)** | **(40 416)** |
| Moviment fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija | — | 46 | (46) | — | 0 |
| Movimenti fil-valur ġust | (51) | — | — | — | (51) |
| Oħrajn | — | 12 | (9) | — | 3 |
| Allokazzjoni tar-riżultat ekonomiku 2012 | — | 5 | (5 334) | 5 329 | 0 |
| Riżultat tal-baġit 2012 ikkreditat lill-Istati Membri | — | — | (1 023) | — | (1 023) |
| Riżultat ekonomiku tas-sena | — | — | — | (4 365) | (4 365) |
| **Bilanċ sal-31 ta' Diċembru 2013** | **99** | **3 974** | **(45 560)** | **(4 365)** | **(45 852)** |

(*) Ir-rapport tal-bidliet fl-assi netti huwa ppreżentat billi jintuża l-lejawt bħal dak tal-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea.

**Tabella 5 – Riżultat tal-baġit tal-UE** (*)

*(EUR miljun)*

| Unjoni Ewropea | 2013 | 2012 |
|---|---|---|
| Dħul għas-sena finanzjarja | 149 504 | 139 541 |
| Pagamenti kontra l-approprjazzjonijiet tas-sena attwali | (147 567) | (137 738) |
| Approprjazzjonijiet ta' pagament riportati għas-sena N+1 | (1 329) | (936) |
| Kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati riportati mis-sena N-1 | 437 | 92 |
| Differenzi tal-kambju għas-sena | (42) | 60 |
| **Riżultat tal-baġit** (**) (**) | 1 002 | 1 019 |

(*) Ir-riżultat tal-baġit tal-UE huwa ppreżentat billi jintuża l-lejawt bħal dak tal-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea.
(**) Ir-riżultat tal-EFTA tiegħu huwa EUR (4) miljun fl-2013 u EUR (4) miljun fl-2012.

**Tabella 6 – Rikonċiljazzjoni tar-riżultat ekonomiku mar-riżultat tal-baġit** (*)

*(EUR miljun)*

| | 2013 | 2012 |
|---|---|---|
| **Riżultat ekonomiku tas-sena** | (4 365) | (5 329) |
| **Dħul** | | |
| Drittijiet stabbiliti fis-sena attwali iżda li għadhom ma ngħabrux | (2 071) | (2 000) |
| Drittijiet stabbiliti fis-snin preċedenti u li ngħabru fis-sena attwali | 3 357 | 4 582 |
| Dħul dovut (nett) | (134) | (38) |
| **Spejjeż** | | |
| Spejjeż dovuti (netti) | 3 216 | (1 544) |
| Spejjeż tas-sena preċedenti mħallsa fis-sena attwali | (1 123) | (2 695) |
| Effett nett tal-prefinanzjament | (902) | 820 |
| Approprjazzjonijiet ta' pagament riportati għas-sena li jmiss | (1 528) | (4 666) |
| Pagamenti li saru minn riporti u kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' pagament mhux użati | 1 538 | 4 768 |
| Moviment fil-provvedimenti | 4 136 | 7 805 |
| Oħrajn | (1 028) | (670) |
| **Riżultat ekonomiku tal-aġenziji u l-KEFA** | (93) | (15) |
| **Riżultat baġitarju tas-sena** | 1 002 | 1 019 |

(*) Ir-rikonċiljazzjoni tar-riżultat ekonomiku mar-riżultat baġitarju hija ppreżentata billi jintuża l-lejawt bħal dak tal-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU 2

# Dħul

WERREJ


| | Paragrafi |
|---|---|
| Introduzzjoni | 2.1-2.4 |
| Karatteristiċi speċifiċi tad-dħul | 2.2-2.3 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 2.4 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 2.5 |
| Eżaminar tas-sistemi ta' kontroll magħżula | 2.6-2.26 |
| Riżorsi proprji bbażati fuq l-ING | 2.7-2.12 |
| Riżorsi proprji tradizzjonali | 2.13-2.19 |
| Riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT | 2.20-2.22 |
| Multi u penali | 2.23-2.24 |
| Kwistjonijiet ġenerali oħra dwar id-dħul | 2.25 |
| Rapporti annwali tal-attività | 2.26 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 2.27-2.29 |
| Il-konklużjoni għall-2013 | 2.27 |
| Rakkomandazzjonijiet | 2.28-2.29 |

Anness 2.1 – Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għad-dħul

Anness 2.2 – Riżultati tal-eżaminar tas-sistemi għad-dħul

Anness 2.3 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għad-dħul

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

2.1. Dan il-kapitolu jippreżenta l-valutazzjoni speċifika tad-dħul, li jinkludi r-riżorsi proprji u dħul ieħor. Informazzjoni ewlenija dwar id-dħul fl-2013 tingħata fit-***Tabella 2.1***.

**Tabella 2.1 – Dħul – Informazzjoni ewlenija 2013**

| Tip ta' dħul | Deskrizzjoni | Dħul 2013 *(miljuni ta' euro)* |
|---|---|---|
| Riżorsi proprji bbażati fuq l-ING | Riżorsi bbażati fuq l-ING (introjtu nazzjonali gross) mis-sena finanzjarja attwali | 110 032 |
| Riżorsi proprji tradizzjonali (RPT) | Dazji doganali u imposti fuq iz-zokkor | 15 366 |
| Riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT | Riżorsi bbażati fuq il-VAT (taxxa fuq il-valur miżjud) mis-sena finanzjarja attwali | 14 542 |
| Korrezzjoni tal-iżbilanċi baġitarji | Korrezzjoni favur ir-Renju Unit | 166 |
| Tnaqqis tal-kontribuzzjoni bbażata fuq l-ING | Mogħti lill-Pajjiżi l-Baxxi u lill-Isvezja | - 6 |
| | **TOTAL TAR-RIŻORSI PROPRJI** | **140 100** |
| Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet f'konnessjoni ma' ftehimiet u programmi tal-Unjoni/Komunità | | 3 897 |
| Imgħax fuq pagamenti li jsiru tard u multi | | 2 973 |
| Dħul li ġej minn persuni li jaħdmu mal-istituzzjonijiet u ma' korpi oħra tal-Unjoni | | 1 199 |
| Bilanċi pożittivi, bilanċi u aġġustamenti | | 698 |
| Dħul li ġej mill-operat amministrattiv tal-Istituzzjonijiet | | 611 |
| Dħul mixxellanju | | 24 |
| Operazzjonijiet ta' self | | 2 |
| | **TOTAL TA' DĦUL IEĦOR** | **9 404** |
| | **TOTAL TAD-DĦUL GĦAS-SENA** | **149 504** |

*Sors:* Il-kontijiet konsolidati 2013 tal-Unjoni Ewropea.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Karatteristiċi speċifiċi tad-dħul

2.2. Il-biċċa l-kbira tad-dħul tirriżulta mir-riżorsi proprji (93,7 % tad-dħul) ([1]) li minnhom hemm tliet kategoriji:

— Ir-riżorsi proprji bbażati fuq l-introjtu nazzjonali gross (ING) jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' rata uniformi għall-ING tal-Istati Membri (EUR 110 032 miljun, 73,6 % tad-dħul). Il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri huwa bbażat fuq *data* tal-ING prevista ([2]). Din id-*data* hija suġġetta għal reviżjoni ([3]) għal erba' snin, u wara dan issir preskritta ([4]). Wara li jittieħdu inkunsiderazzjoni s-sorsi l-oħra kollha tad-dħul, ir-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING jintużaw biex jiġi bbilanċjat il-baġit tal-UE ([5]). Ir-riskji prinċipali għar-regolarità huma li l-istatistika ta' bażi ma tiġix ikkompilata f'konformità mar-regoli tal-Unjoni jew li ma tiġix ipproċessata mill-Kummissjoni skont dawn ir-regoli.

— Ir-riżorsi proprji tradizzjonali (RPT) huma d-dazji doganali miġbura fuq l-importazzjonijiet u t-taxxa fuq il-produzzjoni taz-zokkor. Dawn jiġu stabbiliti u miġbura mill-Istati Membri. Tliet kwarti ta' dawn l-ammonti jitħallsu lill-baġit tal-UE (EUR 15 366 miljun,10,3 % tad-dħul), filwaqt li l-kwart li jifdal jinżamm biex ikopri l-ispejjeż tal-ġbir. Ir-riskji prinċipali fir-rigward tal-RPT huma l-kompletezza, il-preċiżjoni u l-puntwalità tad-dazji li jsiru disponibbli għall-Unjoni.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17) u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 tat-22 ta' Mejju 2000 li jimplimenta d-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 130, 31.5.2000, p. 1), kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 105/2009 (ĠU L 36, 5.2.2009, p. 1).

([2]) Din id-*data* tiġi miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fil-laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji.

([3]) Ir-reviżjonijiet jitqiesu għall-kalkolu tal-bilanċi u l-aġġustamenti tal-ING tal-Istati Membri għas-snin preċedenti li wkoll jikkontribwixxu għall-baġit tad-dħul annwali. Dawn ir-reviżjonijiet jistgħu jkunu pożittivi jew negattivi f'kull Stat Membru. Għall-2013, il-bilanċi u l-aġġustamenti netti tal-ING ammontaw għal EUR 162 miljun, 0,1 % tad-dħul (l-aġġustamenti pożittivi ammontaw għal EUR 1 177 miljun, 0,8 % tad-dħul, u l-aġġustamenti negattivi ammontaw għal EUR 1 015-il miljun, 0,7 % tad-dħul).

([4]) Dment li ma jiġux stabbiliti riżervi (ara l-paragrafu 2.7).

([5]) Kwalunkwe dikjarazzjoni insuffiċjenti (jew dikjarazzjoni eċċessiva) tal-ING għal Stati Membri partikolari – filwaqt li ma taffettwax ir-riżorsi proprji kumplessivi bbażati fuq l-ING – għandha l-effett li żżid (jew tnaqqas) il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri l-oħra, sakemm id-*data* tal-ING tiġi kkoreġuta.

— Ir-riżorsi proprji bbażati fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' rata uniformi għall-bażijiet ta' valutazzjoni armonizzati nozzjonalment tal-VAT tal-Istati Membri ([6]) (EUR 14 542 miljun, 9,7 % tad-dħul). Ir-riskji prinċipali jinstabu fil-kompletezza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, fil-preċiżjoni tal-kalkoli mill-Kummissjoni tal-kontribuzzjonijiet dovuti u fil-puntwalità tal-pagamenti mill-Istati Membri.

2.3. Ir-riskji prinċipali fir-rigward ta' dħul ieħor jinkludu l-ġestjoni mill-Kummissjoni ta' multi u żbalji fil-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet inkonnessjoni ma' ftehimiet tal-Unjoni/tal-Komunità.

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

2.4. L-***Anness 1.1***, il-***parti 2***, tal-Kapitolu 1 jiddeskrivi l-approċċ u l-metodoloġija kumplessivi tal-awditjar tal-Qorti. Għall-awditjar tad-dħul, għandhom jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin:

(a) L-awditu kien jinvolvi eżaminar, fil-livell tal-Kummissjoni, ta' kampjun ta' 55 ordni ta' rkupru ([7]) kif definit fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu 6. Il-kampjun huwa mfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa kollha tal-ordnijiet ta' rkupru fi ħdan id-dħul.

(b) Il-valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll eżaminat:

(i) is-sistemi tal-Kummissjoni biex jiġi żgurat li d-*data* tal-ING tal-Istati Membri hija xierqa bħala bażi għall-finijiet tar-riżorsi proprji, u s-sistemi tal-Kummissjoni għall-kalkolu u l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet tar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING ([8]);

(ii) is-sistemi tal-Kummissjoni għall-RPT, inkluż il-monitoraġġ minnha tal-awditi *a posteriori* (ta' wara l-ikklerjar) magħmula mill-Istati Membri;

(iii) is-sistemi kontabilistiċi għall-RPT fi tliet Stati Membri magħżula (il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Rumanija) ([9]) u analiżi tas-sistemi tagħhom għall-awditi *a posteriori*;

---

([6]) Erba' Stati Membri (il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija u l-Isvezja) jibbenefikaw minn rata ta' prelevazzjoni mnaqqsa għall-perjodu 2007-2013.

([7]) Ordni ta' rkupru hija l-proċedura li permezz tagħha l-uffiċjal awtorizzanti jirreġistra dritt tal-Kummissjoni sabiex jiġi rkuprat l-ammont li jkun dovut.

([8]) Il-valutazzjoni ħadet id-*data* tal-ING prevista li dwarha kien sar qbil, bħala l-punt tat-tluq tagħha. Il-Qorti ma tistax tipprovdi ġudizzju dwar il-kwalità tad-*data* li dwarha kien sar qbil bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

([9]) L-awditu tal-Qorti ma jistax ikopri importazzjonijiet li ma ġewx iddikjarati jew dawk li nqabżu mis-sorveljanza doganali.

(iv) is-sistemi tal-Kummissjoni biex jiġi żgurat li r-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT huma kkalkolati u miġbura b'mod korrett ([10]);

(v) il-ġestjoni mill-Kummissjoni tal-multi u l-penali;

(vi) ir-Rapporti Annwali tal-Attività għall-2013 (RAA 2013) tad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit (id-DĠ Baġit) u l-Eurostat.

## REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

2.5. L-***Anness 2.1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-55 tranżazzjoni awditjata mill-Qorti l-ebda waħda ma kienet milquta minn żball.

— L-awditu tal-Qorti ma sab ebda żball fil-kalkolu mill-Kummissjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri fuq il-bażi tad-*data* tal-VAT u tal-ING jew fuq il-bażi tal-pagament tagħhom.

— Il-Qorti sabet li, kumplessivament, l-ordnijiet ta' rkupru li saru mill-Kummissjoni jirriflettu d-dikjarazzjonijiet tal-RPT mibgħuta mill-Istati Membri.

— L-awditu tal-Qorti ma sab ebda żball fil-kalkoli jew fil-pagamenti ta' tranżazzjonijiet oħra ta' dħul.

## EŻAMINAR TAS-SISTEMI TA' KONTROLL MAGĦŻULA

2.6. L-***Anness 2.2*** fih sommarju tar-riżultati tas-sistemi eżaminati mill-Qorti.

### Riżorsi proprji bbażati fuq l-ING

2.7. Riżerva ([11]) hija mezz li permezz tiegħu element dubjuż f'*data* tal-ING ippreżentata minn Stat Membru jista' jinżamm miftuħ għall-korrezzjoni wara l-limitu ta' żmien statutorju ta' erba' snin. L-użu ta' riżervi huwa għalhekk parti mill-proċess ta' kontroll intern. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jistinkaw biex jirriżolvu elementi dubjużi malajr kemm jista' jkun.

([10]) L-awditu tal-Qorti ħa l-bażi armonizzata tal-VAT imħejjija mill-Istati Membri, bħala l-punt tat-tluq tiegħu. Hija ma ttestjatx direttament l-istatistika u d-*data* pprovduta mill-Istati Membri.

([11]) Ir-riżervi jistgħu jkunu ġenerali jew speċifiċi. Ir-riżervi ġenerali jkopru l-elementi kollha tal-kompilazzjoni tal-ING. Riżervi speċifiċi jkopru elementi diskreti tal-ING (PNG sal-2001, ING wara dan).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.8. Fi tmiem l-2013 kien hemm 114-il riżerva speċifika stabbilita (ara t-***Tabella 2.2***). Matul l-2013 kien hemm 21 riżerva speċifika stabbilita ([12]) u 12 li tneħħew. Għad hemm riżerva waħda speċifika tal-PNG pendenti relatata mal-perjodu 1995–2001. L-effett finanzjarju tar-riżervi tal-ING u tal-PNG li tneħħew fl-2013 ġie kkalkulat mill-Qorti ([13]) bħala tnaqqis nett ta' EUR 583,5 miljun ([14]) fil-kontribuzzjonijiet, għall-Istati Membri kkonċernati.

([12]) Mill-21 riżerva, 19 ġew stabbiliti wara l-ikkompletar taċ-ċiklu ta' verifikazzjoni għall-Bulgarija u r-Rumanija. Waħda ġiet stabbilita għall-Awstrija wara żjara ta' djalogu fil-qafas tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv u waħda ġiet stabbilita għar-Renju Unit, ibbażat fuq il-kwistjonijiet identifikati fir-Rapport Speċjali Nru 11/2013 tal-Qorti "Kisba ta' *data* korretta dwar l-introjtu nazzjonali gross (ING): approċċ aktar strutturat u ffukat aħjar itejjeb l-effettività tal-verifikazzjoni mill-Kummissjoni".

([13]) L-effett finanzjarju tat-tneħħija tar-riżervi ġie ddeterminat mill-Qorti billi ttieħed kont tal-bidliet kollha għall-bażi tal-ING dovuti għall-impatt tar-riżervi li tneħħew fl-2013 għas-snin li kienu diġà preskritti.

([14]) Il-bilanċ ta' żieda ta' EUR 0,4 miljun u ta' tnaqqis ta' EUR 583,9 miljun.

**Tabella 2.2 – Riżervi speċifiċi tal-ING/PNG għall-Istati Membri fil-31 ta' Diċembru 2013** ([1])

| Stat Membru | Riżervi pendenti fil-31.12.2012 | Riżervi li saru fl-2013 | Riżervi li tneħħew fl-2013 | Riżervi pendenti fil-31.12.2013 | L-ewwel sena li għaliha japplikaw ir-riżervi |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 3 | 0 | 0 | 3 | 2002 |
| Il-Bulgarija | m/a | 8 | 0 | 8 | 2007 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 2 | 0 | 0 | 2 | 2004 |
| Id-Danimarka | 1 | 0 | 0 | 1 | 2002 |
| Il-Ġermanja | 2 | 0 | 0 | 2 | 2002 |
| L-Estonja | 2 | 0 | 0 | 2 | 2004 |
| L-Irlanda | 1 | 0 | 1 | 0 | m/a |
| Il-Greċja | 9 | 0 | 0 | 9 | 1995 |
| Spanja | 3 | 0 | 0 | 3 | 2002 |
| Franza | 2 | 0 | 0 | 2 | 2002 |
| L-Italja | 3 | 0 | 0 | 3 | 2002 |
| Ċipru | 5 | 0 | 0 | 5 | 2004 |
| Il-Latvja | 10 | 0 | 0 | 10 | 2004 |
| Il-Litwanja | 2 | 0 | 0 | 2 | 2004 |
| Il-Lussemburgu | 2 | 0 | 1 | 1 | 2002 |
| L-Ungerija | 10 | 0 | 0 | 10 | 2004 |
| Malta | 8 | 0 | 1 | 7 | 2004 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 4 | 0 | 4 | 0 | m/a |
| L-Awstrija | 1 | 1 | 1 | 1 | 2009 |
| Il-Polonja | 11 | 0 | 0 | 11 | 2004 |
| Il-Portugall | 3 | 0 | 0 | 3 | 2002 |
| Ir-Rumanija | m/a | 11 | 0 | 11 | 2007 |
| Is-Slovenja | 3 | 0 | 1 | 2 | 2004 |
| Is-Slovakkja | 2 | 0 | 0 | 2 | 2004 |
| Il-Finlandja | 1 | 0 | 0 | 1 | 2002 |
| L-Isvezja | 4 | 0 | 0 | 4 | 2002 |
| Ir-Renju Unit | 11 | 1 | 3 | 9 | 2002 |
| **TOTAL** | **105** | **21** | **12** | **114** | |

([1]) Ir-riżervi speċifiċi trasversali mhumiex inklużi fit-tabella.

*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

2.9. Minbarra riżervi speċifiċi tal-ING il-Kummissjoni stabbilixxiet riżervi trasversali speċifiċi. Dawn ir-riżervi huma definiti mill-Kummissjoni bħala punti nnotifikati lill-Istati Membri kollha biex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel tqabbil tal-kompilazzjoni ta' *data* ta' bażi. Żewġ riżervi trasversali ġodda ([15]) ġew stabbiliti fl-2013 (li żied għal tmienja l-għadd ta' riżervi trasversali miftuħa). Għas-sitt riżervi trasversali diġà stabbiliti, il-Kummissjoni bdiet il-proċess għat-tneħħija tagħhom (għal tlieta minnhom dan wassal għat-tneħħija tagħhom f'xi Stati Membri ([16])).

2.10. L-unika riżerva ġenerali stabbilita fi tmiem l-2013 kienet dwar id-*data* tal-ING tal-Greċja li kienet tkopri s-snin 2008 u 2009. Ir-riżerva għas-sena 2008 ġiet stabbilita fl-2012 peress li d-*data* għal dik is-sena kienet ibbażata fuq stimi preliminari. Ma setgħetx titneħħa fl-2013 peress li l-Greċja ma pprovdiet l-ebda informazzjoni ġdida lill-Kummissjoni. Hija kellha tiġi estiża għall-2009 biex tipprevieni l-preskrizzjoni (ara l-paragrafu 2.2, l-ewwel inċiż) billi d-*data* għal dik is-sena kienet għadha bbażata fuq stimi preliminari.

2.11. Il-Kummissjoni qed issegwi mill-qrib is-sitwazzjoni fir-rigward tal-problemi fil-kompilazzjoni tal-kontijiet nazzjonali mill-Greċja, inkluż bit-twettiq ta' żjarat regolari. Il-Qorti tilqa' l-fatt li l-Kummissjoni qed tqiegħed riżervi ġenerali fuq id-*data* tal-ING tal-Greċja u b'hekk qed tissalvagwardja l-interessi finanzjarji tal-UE. Madankollu, l-użu prolongat ta' riżervi ġenerali jista' jwassal għal inċertezza baġitarja.

2.12. Matul l-2013 il-qasam tal-ekonomija li ma tidhirx ġie diskuss fil-laqgħat tal-Kumitat tal-ING. Ġie rikonoxxut mill-Kummissjoni li l-livell ta' armonizzazzjoni tad-*data* ma jissodisfax l-istandards normali tal-Istatistika Ewropea. Preċedentement, il-Qorti kienet ġibdet l-attenzjoni għal din il-kwistjoni u għamlet rakkomandazzjoni speċifika fir-Rapport Speċjali Nru 11/2013 tagħha.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**2.9.** *Ir-riżervi trasversali komplew jiġu riżolti. Il-pass tal-proċess qed jiżdied fl-2014, b'25 riżerva oħra titneħħa fl-ewwel tliet xhur biss.*

**2.10.** *Pjan ta' azzjoni għal perjodu qasir għal titjib tal-kontijiet nazzjonali annwali Griegi huwa previst minn proġett ta' assistenza mibdi dan l-aħħar.*

**2.11.** *Bħalissa teżisti biss riżerva ġenerali waħda.*

**2.12.** *L-eżawrjenza kienet mill-fażijiet bikrija u ser tkompli tkun konsiderazzjoni importanti fil-proċess ta' verifika tal-PNG/ING.*

*L-Istati Membri mhux meħtieġa li jagħmlu stimi separati tal-elementi individwali tal-ekonomija mhux osservata sakemm tiġi żgurata l-eżawrjenza globali tat-totali tal-ING użata għal skopijiet tar-riżorsi proprji.*

([15]) "Ir-rekordjar tat-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-vetturi" u "Il-kalkolu tal-konsum intermedju għal kirjiet reali u imputati fl-istima tal-produzzjoni ta' servizzi għal unitajiet domestiċi", it-tnejn li huma bbażati fuq kwistjonijiet identifikati fir-Rapport Speċjali Nru 11/2013 tal-Qorti.

([16]) Ir-riżerva trasversali III (it-trattament ta' entitajiet bi ftit jew bl-ebda preżenza fiżika) tneħħiet fi 19-il pajjiż, ir-riżerva trasversali IV (it-trattament ta' skemi ta' skrappjar tal-karozzi) tneħħiet fi 17-il pajjiż u r-riżerva trasversali V (it-trattament ta' abitazzjonijiet f'kooperattivi) tneħħiet fi 11-il pajjiż.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Riżorsi proprji tradizzjonali

2.13. L-awtoritajiet doganali jistgħu, wara li jeħilsu l-merkanzija u sabiex jissodisfaw ruħhom li d-dettalji li jinsabu fid-dikjarazzjoni huma eżatti, jispezzjonaw id-dokumenti kummerċjali u *data* li għandha x'taqsam mal-operazzjonijiet ta' importazzjoni ([17]). Dawn il-kontrolli, li jinkludu awditi *a posteriori* ([18]), jissejħu kontrolli *a posteriori*. Dawn għandhom ikunu bbażati fuq analiżi tar-riskju fuq il-bażi ta' kriterji żviluppati f'livelli nazzjonali, Komunitarji u, fejn ikunu disponibbli, internazzjonali ([19]).

2.14. L-awditu tal-Qorti sab li l-kwalità, l-ambitu u r-riżultati tal-awditi *a posteriori* kienu jvarjaw sostanzjalment fit-tliet Stati Membri miżjura ([20]). Id-dgħufijiet li ġejjin fl-identifikazzjoni, fl-għażla u fl-ispezzjoni tal-importaturi wara l-ikklerjar tal-merkanzija għaċ-ċirkolazzjoni libera ġew identifikati:

(a) Fl-identifikazzjoni u fl-għażla ta' importaturi:

(i) Ma hemm l-ebda standard tal-UE fir-rigward tal-analiżi tar-riskju, li huwa legalment vinkolanti, għall-awditi *a posteriori*.

(ii) Il-metodoloġiji tal-Istati Membri għall-għażla ta' importaturi biex jiġu spezzjonati mhumiex armonizzati.

(iii) Ma hemm l-ebda database madwar l-UE kollha li fiha informazzjoni li tista' tintuża għall-identifikazzjoni u l-għażla tal-importaturi għall-awditi *a posteriori* ([21]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**2.14.** *Il-kostatazzjonijiet tal-Qorti se jkunu segwiti mill-Kummissjoni. Fejn instabu dgħufijiet hija se titlob lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri ta' rimedju.*

**(a)**

**(i)** *Filwaqt li l-iskambju ta' informazzjoni ta' riskju huwa rekwiżit legali, il-kriterji tar-riskju kif definiti fl-aktar verżjoni reċenti tal-Gwida tal-Awditu Doganali (Marzu 2014) mhumiex legalment vinkolanti. Il-Kummissjoni tforni lill-Istati Membri b'informazzjoni tar-riskju fil-forma ta' avviżi ta' Assistenza Reċiproka u avviżi ta' Formola ta' Informazzjoni dwar Riskju (RIF) sabiex din l-informazzjoni tkun tista' tintuża minnhom fil-formulazzjoni tal-analiżi tar-riskju tagħhom. Il-Kummissjoni qiegħda teżamina l-użu ta' din l-informazzjoni mill-Istati Membri fl-ispezzjonijiet tagħha tal-2014.*

**(ii)** *Il-Gwida tal-Awditu Doganali l-ġdida (appoġġjata mill-programm doganali rispettiv) tipprovdi approċċ komuni armonizzat għat-twettiq tal-awditi ta' wara r-rilaxx.*

**(iii)** *Il-Kummissjoni tmexxi bażi ta' dejta tal-importazzjonijiet fl-Istati Membri (Sorveljanza II), li fiha l-ismijiet tal-importaturi mhumiex ipprovduti. Sorveljanza III għandu jipprovdi aktar informazzjoni, li tippermetti lill-importaturi li jiġu identifikati, iżda mhux se jkun jista' jitħaddem kompletament sal-2018.*

---

([17]) L-Artikolu 78 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

([18]) Awditu *a posteriori* huwa metodu ta' kontroll tal-operaturi ekonomiċi permezz tal-eżaminar tal-kontijiet, ir-rekords u s-sistemi tagħhom. *Sors:* Gwida għall-awditjar doganali.

([19]) L-Artikolu 13(2) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità.

([20]) L-approċċ l-aktar strutturat dwar l-analiżi tar-riskju, l-implimentazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-awditi *a posteriori* nstab li kien fil-Ġermanja meta mqabbel mal-Pajjiżi l-Baxxi u mar-Rumanija.

([21]) Il-Kummissjoni tamministra database ta' importazzjonijiet fl-Istati Membri għal raġunijiet ta' sikurezza u sigurtà, iżda peress li l-ismijiet tal-importaturi ma jingħatawx, id-*data* ma hija tal-ebda użu għall-awditi *a posteriori*.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

Dawn it-tliet aspetti jillimitaw l-effettività tal-identifikazzjoni u l-għażla ta' importaturi għall-awditi *a posteriori*. L-importaturi l-aktar riskjużi jistgħu ma jintgħażlux u ċerti importaturi jistgħu ma jiġu spezzjonati qatt. Pereżempju l-importaturi li jikklerjaw importazzjonijiet f'bosta Stati Membri fejn l-ammont totali ta' dawn l-importazzjonijiet ikun sinifikanti, qatt ma jintgħażlu għall-ispezzjoni, jekk l-ammonti f'kull Stat Membru jitqiesu immaterjali mill-awtoritajiet doganali nazzjonali.

(b) Fl-ispezzjoni tal-importaturi:

(i) Ma ġewx definiti standards minimi madwar l-UE kollha, permezz ta' miżuri leġiżlattivi, għall-awditi *a posteriori*, u tħalla f'idejn l-Istati Membri biex jistabbilixxu l-qafas proprju tagħhom ([22]). Għalkemm il-Kummissjoni żviluppat gwida għall-awditjar doganali li mhix vinkolanti ([23]) din ma ntużatx mill-Istati Membri miżjura, fejn il-metodoloġija tal-awditjar kienet tvarja. Ma sar l-ebda monitoraġġ f'dan il-qasam mill-Kummissjoni f'dawn l-aħħar snin.

(ii) Meta l-merkanzija tiġi kklerjata fi Stat Membru (A) li jkun differenti minn dak fejn jinstab l-importatur (B), kemm it-twettiq tal-awditi *a posteriori* kif ukoll kwalunkwe proċedura sussegwenti ta' rkupru – li għandha tinbeda minn Stat Membru (A) – ikunu aktar ikkumplikati peress li l-importatur jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru ieħor (B) (Ara l-eżempju fil-Kaxxa 2.1). Filwaqt li l-problema ġiet rikonoxxuta mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali fis-sena 2000, ma ttieħdet l-ebda azzjoni dwar din il-kwistjoni.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**(b)**

**(i)** *Il-Kummissjoni tispezzjona aspetti varji tal-kontrolli doganali, inklużi dawk tal-awditi ta' wara r-rilaxx, fl-ispezzjonijiet annwali tagħha fl-Istati Membri.*

*Il-Kummissjoni qassmet il- Gwida tal-Awditu Doganali lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri kollha biex tisħaq fuq approċċ għal awditu totalment armonizzat għall-finijiet tal-kontrolli doganali u biex tippromwovi kontrolli ta' verifika rikonoxxuti fl-UE. Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li l-gwida ma ntużatx fl-Istati Membri miżjura mill-Qorti u se titlob lill-Istati Membri kollha biex jagħmlu użu effettiv mill-Gwida tal-Awditu Doganali l-ġdida.*

**(ii)** *Filwaqt li prattika ta' awditu tajba tissuġġerixxi li l-Istati Membri jikkomunikaw ma' xulxin, l-aktar f'sitwazzjoni fejn kwantità kbira ta' prodotti jkunu importati minn kumpanija fi Stat Membru differenti minn fejn ikunu jinsabu l-kwartieri tagħha, m'hemm l-ebda obbligu legali fil-liġi doganali tal-UE fuq l-Istat Membru ta' importazzjoni biex jieħu din l-azzjoni. Madankollu, kull Stat Membru jista' skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 juża għodda ta' għajnuna reċiproka biex jitlob assistenza minn awtorità doganali ta' Stat Membru ieħor. Il-gwida tal-awditu l-ġdida tirreferi għal din l-għażla.*

([22]) Għall-applikazzjoni tal-Artikoli 13 u 78 tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità.

([23]) Il-gwida hija r-riżultat ta' kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan il-grupp tal-proġett Dwana 2007 dwar sistemi tal-awditjar *a posteriori*. Madankollu, mhuwiex obbligatorju li l-Istati Membri japplikawha.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 2.1 – Riżultati baxxi ta' rkupru meta l-importatur ikun jinstab fi Stat Membru differenti minn dak fejn il-merkanzija tiġi kklerjata għaċ-ċirkolazzjoni libera**

Wara notifikazzjoni mill-OLAF, id-dwana Olandiża identifikat importazzjonijiet ta' tessuti miċ-Ċina b'valur baxx ħafna li ġew iddikjarati f'Rotterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi).

Konsegwentement id-dwana Olandiża wettqet spezzjonijiet relatati ma' dawn l-importazzjonijiet fil-bini tad-dikjaranti fil-Pajjiżi l-Baxxi. Dawn l-ispezzjonijiet wasslu għal notifiki ta' rkupru li ammontaw għal total ta' EUR 50 miljun, bejn wieħed u ieħor. Il-biċċa l-kbira tan-notifiki ta' rkupru ġew ippreżentati lil kumpanniji li għandhom is-sede tagħhom fi Stati Membri oħra.

Inkisbet rata ta' rkupru baxxa ħafna: aktar minn EUR 45 miljun kienu għadhom pendenti fil-kontijiet-B fid-data tal-awditu u d-dwana Olandiża qieset li ma kienx probabbli li d-djun pendenti jiġu rkuprati.

F'wieħed minn dawn il-każijiet, id-dwana Olandiża sabet li l-merkanzija nħattet f'Ħamburg (il-Ġermanja) u ġiet ittrasportata lejn Rotterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi). F'Rotterdam il-merkanzija ġiet ikklerjata għaċ-ċirkolazzjoni libera u wara nstaqet sad-destinazzjoni finali tagħha fil-Polonja. F'dan il-każ partikolari, jidher li, peress li r-rotot ta' trasport użati ma kellhom l-ebda ġustifikazzjoni ekonomika jew ġustifikazzjoni loġistika, l-importaturi fittxew li jikklerjaw il-merkanzija fi Stat Membru differenti sabiex titnaqqas il-probabbiltà li jkunu suġġetti għal kontrolli u biex jikkumplikaw kwalunkwe proċedura potenzjali ta' rkupru.

(iii) Il-Qorti sabet li tnejn mill-Istati Membri miżjura (il-Pajjiżi l-Baxxi u r-Rumanija), fit-twettiq ta' awditi *a posteriori* għand importatur, ma eżaminawx dawk l-importazzjonijiet ikklerjati mill-istess importatur fi Stat Membru ieħor. Fil-Ġermanja l-ispetturi jieħdu pass ieħor billi jiċċekkjaw jekk il-merkanzija tkunx tqiegħdet taħt proċedura doganali fi Stat Membru ieħor, u jekk isibu diskrepanzi jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati ([24]) (ara l-Kaxxa 2.2).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 2.1 — Riżultati ta' rkupru baxx meta l-importatur ikun jinstab fi Stat Membru differenti minn dak fejn il-merkanzija tiġi kklerjata għaċ-ċirkolazzjoni libera***

*Il-Kummissjoni se ssegwi din il-kwistjoni mal-awtoritajiet doganali Olandiżi. Il-Kummissjoni sistematikament issegwi l-azzjoni ta' rkupru tal-Istati Membri ta' ammonti ta' aktar minn EUR 50 000 li kienu mħassra mill-kont B li u rrappurtati lilha kif meħtieġ bil-leġislazzjoni relevanti. Meta n-nonirkupru jkun attribwibbli lil-Istat Membru, il-Kummissjoni titolbu jagħmel l-ammont disponibbli.*

**(iii)** *Il-kostatazzjonijiet tal-Qorti se jkunu segwiti mill-Kummissjoni. Fejn instabu dgħufijiet se titlob lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri ta' rimedju.*

([24]) Taħt l-Iskema ta' Assistenza Reċiproka (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1)).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 2.2 – Skambju ta' informazzjoni relatata ma' diskrepanzi li nqabdu għand importatur fi Stat Membru wieħed li kienu jikkonċernaw ukoll Stati Membri oħra**

Id-dwana Ġermaniża qabdet żball ta' klassifikazzjoni ta' tariffi li kien japplika wkoll għall-importazzjonijiet ikklerjati f'żewġ Stati Membri oħra (Franza u r-Renju Unit). L-awtoritajiet doganali Ġermaniżi infurmaw dawk l-Istati Membri dwar dawn id-diskrepanzi. Minkejja dan, sa Mejju 2014, 15-il xahar wara, iż-żewġ Stati Membri kkonċernati ma kienu pprovdew l-ebda feedback lill-awtoritajiet Ġermaniżi dwar azzjoni ta' rkupru.

(iv) Il-livell ta' implimentazzjoni tal-pjanijiet tal-awditjar 2012 kien baxx fir-Rumanija u fil-Pajjiżi l-Baxxi.

2.15. Kull Stat Membru jibgħat dikjarazzjoni ta' kull xahar lill-Kummissjoni dwar id-dazji stabbiliti (il-"kontijiet A") u dikjarazzjoni ta' kull tliet xhur dwar dawk id-dazji stabbiliti li ma jkunux inklużi fiha (il-"kontijiet B") ([25]).

2.16. L-awditi tal-Qorti fit-tliet Stati Membri identifikaw dgħufijiet fil-ġestjoni tal-kontijiet B. Pereżempju, l-ammonti meqjusa irrekuperabbli ([26]) kienu stmati b'mod insuffiċjenti ([27]) jew inqabdu każijiet ta' dewmien twil fil-proċeduri ta' infurzar u ta' segwitu.

2.17. Barra minn hekk il-Qorti sabet dgħufijiet fil-ġestjoni tal-kontijiet A fil-Pajjiżi l-Baxxi peress li għadhom jinħtieġu interventi manwali għat-tħejjija tad-dikjarazzjonijiet tal-kontijiet A u dan jirriżulta f'riskji ta' żbalji ([28]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 2.2 — Skambju ta' informazzjoni relatata ma' diskrepanzi li nqabdu għand importatur fi Stat Membru wieħed li kienu jikkonċernaw ukoll Stati Membri oħra***

*Il-Kummissjoni ssegwi mal-Istati Membri l-punti kollha mqajma fir-rapporti ta' spezzjonijiet tagħha u dawk magħmula mill-Qorti, u fejn issib dgħufijiet hija titlob lill-Istati Membri jieħdu miżuri ta' rimedju xierqa.*

**2.17.** *Il-Kummissjoni se ssegwi din il-kwistjoni mal-awtoritajiet Olandiżi matul is-segwitu regolari tal-ħidma dwar il-punti mqajma mill-Qorti.*

([25]) Meta d-dazji jew l-imposti jibqgħu ma jitħallsux u ma jkun ġie pprovdut l-ebda titolu ta' sigurtà, jew meta dawn ikunu koperti minn titoli ta' sigurtà iżda jkun tqajjem dubju dwarhom, l-Istati Membri jistgħu jissospendu d-disponibbiltà ta' dawn ir-riżorsi billi jdaħħluhom f'dawn il-kontijiet separati.

([26]) Skont l-Artikolu 6(4)(b) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000.

([27]) Dawn il-każijiet ma affettwawx l-affidabbiltà tal-ammont kumplessiv kif stabbilit fil-kont separat u tat-tnižžil relatat fil-valur kif divulgat fil-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea.

([28]) Pereżempju, il-Pajjiżi l-Baxxi għamlu żbalji fit-trattament tagħhom ta' ammonti irrekuperabbli u li huma relatati mal-kontijiet A u B għall-perjodu 1/2005 – 4/2012, li rriżulta f'pagament mill-awtoritajiet Olandiżi ta' RPT ta' EUR 12,3 miljun (wara tnaqqis ta' 25 % ta' spejjeż tal-ġbir) u mgħax ulterjuri ta' EUR 6,5 miljun fl-2012 u fl-2013 rispettivament.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 2.18. L-ispezzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni matul l-2013 sabu wkoll nuqqasijiet fil-ġestjoni tal-kontijiet B fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri li żaru ([29]). Żewġ spezzjonijiet imwettqa fil-Greċja identifikaw problemi sinifikanti fil-ġestjoni tal-kontijiet B ([30]). | **2.18.** *L-ispezzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni jinkludu l-eżami tal-kont B għall-Uffiċċju/i tal-Istati Membri miżjura u l-kostatazzjonijiet huma b'mod ġenerali ta' natura ta' darba li juru problemi individwali fil-proċedura ta' ġbir tar-riżorsi proprji tradizzjonali. Rari jkunu ta' tip sistematiku li jaffettwa l-ġestjoni ta' dak il-kont. F'kont ta' dan it-tip (kollezzjoni ta' każi problematiċi u kkontestati li jistgħu jagħtu lok għal interpretazzjonijiet legali differenti) inevitabbilment ser ikun hemm kostatazzjonijiet ta' darba. Is-sitwazzjoni tal-Greċja hija eċċezzjonali u tinsab taħt azzjoni ta' segwitu speċjali.* |
| 2.19. L-ispezzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni fl-Istati Membri jirriżultaw f'"punti miftuħa" ([31]). Dawn il-punti miftuħa jista' jkollhom impatt finanzjarju potenzjali jew le u jingħalqu meta jiġu indirizzati b'mod xieraq mill-Istati Membri. Fi tmiem is-sena kien hemm total ta' 341 punt miftuħ, li minnhom 35 kien ilhom miftuħa għal aktar minn 5 snin (ara t-***Tabella 2.3***). | **2.19.** ***Is-servizzi tal-Kummissjoni qed jaħdmu mingħajr waqfien mal-Istati Membri biex*** *isolvu punti miftuħa. Filwaqt li xi punti li tqajmu fl-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni jew fl-awditi tal-Qorti jistgħu jkunu relattivament sempliċi u jistgħu jiġu ttrattati u jingħalqu malajr, punti oħrajn li tqajmu mal-Istati Membri huma aktar kumplessi u jistgħu jeħtieġu tibdil leġiżlattiv/organizzattiv, jew it-teħid ta' proċeduri legali. F'dawn il-każijiet il-punti li ma jistgħux jingħalqu mis-servizzi tal-Kummissjoni f'perjodu ta' żmien qasir. Mit-341 punt muri mill-Qorti bħala miftuħa, 313 baqgħu miftuħa sa tmiem Mejju 2014. Minn dawn, 27 kienu ilhom miftuħa għal aktar minn ħames snin.* |

([29]) L-ispezzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni koprew il-kwistjoni tal-kontijiet B fi 22 Stat Membru, fi 17 minnhom inqabdu problemi.

([30]) Skont ir-rapport tal-Kummissjoni, l-eżaminar tal-każijiet tal-kontijiet B jikkonferma li l-Greċja ma tirrispettax l-obbligi legali tagħha taħt l-Artikoli 17(2) u 17(3) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1150/2000.

([31]) Matul l-2013 inħareġ total ta' 29 rapport ta' spezzjoni, li wassal għal 98 "punt miftuħ" ġdid.

**Tabella 2.3 – Punti miftuħa tal-RPT fil-31 ta' Diċembru 2013**

| Stat Membru | Punti li kienu miftuħa fil-31.12.2012 | Riżervi li saru fl-2013 | Riżervi li tneħħew fl-2013 | Punti li kienu miftuħa fil-31.12.2013 | Miftuħa għal aktar minn ħames snin | L-ewwel sena meta nfetaħ il-punt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 14 | 6 | 9 | 11 | 0 | 2009 |
| Il-Bulgarija | 14 | 4 | 8 | 10 | 0 | 2009 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 8 | 3 | 5 | 6 | 0 | 2012 |
| Id-Danimarka | 15 | 3 | 1 | 17 | 0 | 2009 |
| Il-Ġermanja | 28 | 1 | 12 | 17 | 9 | 2001 |
| L-Estonja | 4 | 0 | 3 | 1 | 0 | 2012 |
| L-Irlanda | 10 | 6 | 6 | 10 | 0 | 2011 |
| Il-Greċja | 33 | 4 | 3 | 34 | 5 | 2002 |
| Spanja | 17 | 4 | 1 | 20 | 0 | 2009 |
| Franza | 40 | 5 | 11 | 34 | 7 | 2003 |
| L-Italja | 23 | 3 | 11 | 15 | 0 | 2009 |
| Ċipru | 6 | 2 | 0 | 8 | 0 | 2011 |
| Il-Latvja | 6 | 0 | 3 | 3 | 0 | 2011 |
| Il-Litwanja | 5 | 0 | 0 | 5 | 0 | 2011 |
| Il-Lussemburgu | 7 | 1 | 3 | 5 | 0 | 2011 |
| L-Ungerija | 12 | 4 | 9 | 7 | 0 | 2011 |
| Malta | 2 | 4 | 2 | 4 | 0 | 2013 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 29 | 13 | 6 | 36 | 4 | 2005 |
| L-Awstrija | 3 | 2 | 0 | 5 | 0 | 2009 |
| Il-Polonja | 11 | 2 | 3 | 10 | 4 | 2006 |
| Il-Portugall | 16 | 2 | 3 | 15 | 5 | 2002 |
| Ir-Rumanija | 11 | 4 | 2 | 13 | 0 | 2011 |
| Is-Slovenja | 5 | 0 | 5 | 0 | 0 | m/a |
| Is-Slovakkja | 4 | 1 | 4 | 1 | 0 | 2013 |
| Il-Finlandja | 7 | 5 | 2 | 10 | 1 | 1998 |
| L-Isvezja | 11 | 10 | 1 | 20 | 0 | 2009 |
| Ir-Renju Unit | 19 | 9 | 4 | 24 | 0 | 2009 |
| **TOTAL** | **360** | **98** | **117** | **341** | **35** | |

*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT

2.20. Fi tmiem is-sena, kien hemm total ta' 103 riżervi ([32]) stabbiliti (ara t-***Tabella 2.4***). Il-Kummissjoni neħħiet 81 riżerva fl-2013 (meta mqabbel ma' 57 fis-sena preċedenti). Minn dawn, 21 riżerva kienu relatati ma' ksur. Tmien riżervi ta' dan it-tip tneħħew peress li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri kienet konformi mad-Direttiva tal-VAT. Fit-13-il każ li kien baqa', ġie kkalkulat kumpens fejn il-ksur kellu impatt fuq il-bażi tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT.

2.21. L-effett finanzjarju nett tat-tneħħija tar-riżervi fl-2013 għas-snin preskritti ġie kkalkulat mill-Qorti ([33]) bħala żieda ta' EUR 81,7 miljun ([34]) tar-riżorsi proprji bbażati fuq il-VAT.

2.22. Fi tmiem l-2013, kien hemm 12-il riżerva stabbilita mill-Kummissjoni li kien ilhom pendenti għal żmien twil ([35]), waħda inqas mis-sena preċedenti. Matul l-2013 tneħħew seba' riżervi li kien ilhom pendenti għal żmien twil fi tmiem l-2012. Sitt riżervi stabbiliti mill-Kummissjoni saru "pendenti għal żmien twil" għax jikkonċernaw is-sena 2004. Fi tmiem l-2013 kien hemm ukoll erba' riżervi stabbiliti mill-Istati Membri, li kien ilhom pendenti għal żmien twil (tlieta identiċi għal dawk tal-Kummissjoni).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**2.21.** *Il-Kummissjoni tqis li din iċ-ċifra mhijiex indikatur xieraq tal-eżitu ta' programm ta' spezzjoni tar-riżorsi proprji tal-VAT u ma tistax tintuża bħala indikatur ta' xi tendenzi.*

**2.22.** *Il-Kummissjoni kompliet tikkoopera mal-Istati Membri matul l-2013 biex isolvu l-kwistjonijiet sottostanti għar-riżervi li kienet stabbiliet. Il-Kummissjoni tqis li matul l-2013 sar progress sinifikanti.*

([32]) Il-karatteristiċi tar-riżervi huma mfissra fil-paragrafu 2.7.

([33]) L-effett finanzjarju tat-tneħħija tar-riżervi ġie ddeterminat mill-Qorti billi tqiesu l-bidliet kollha għall-bażi tal-VAT dovuti għall-attività ta' kontroll tal-Kummissjoni għas-snin 1995–2009. Is-sena 2009 saret preskritta fl-2013 u l-bidliet għall-bażi tal-VAT tal-2009 u ta' snin preċedenti jistgħu jsiru biss jekk ikun hemm riżerva stabbilita. L-effetti tal-limiti massimi ttieħdu inkunsiderazzjoni.

([34]) Il-bilanċ ta' żieda ta' EUR 218,3 miljun u tnaqqis ta' EUR 136,6 miljun.

([35]) Il-Qorti tiddefinixxi riżervi pendenti għal żmien twil bħala dawk li jmorru lura għal sena li tkun mill-inqas 10 snin qabel, jiġifieri dawk stabbiliti fi tmiem l-2013 u li jikkonċernaw is-sena 2004 u qabel.

**Tabella 2.4 – Riżervi tal-VAT fil-31 ta' Diċembru 2013**

| Stat Membru | Riżervi pendenti fil-31.12.2012 | Riżervi li saru fl-2013 | Riżervi li tneħħew fl-2013 | Riżervi pendenti fil-31.12.2013 | L-ewwel sena li għaliha japplikaw ir-riżervi |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 6 | 0 | 2 | 4 | 2007 |
| Il-Bulgarija | 7 | 3 | 3 | 7 | 2007 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 8 | 0 | 8 | 0 | m/a |
| Id-Danimarka | 6 | 0 | 1 | 5 | 2005 |
| Il-Ġermanja | 7 | 0 | 2 | 5 | 2007 |
| L-Estonja | 10 | 0 | 9 | 1 | 2007 |
| L-Irlanda | 4 | 0 | 0 | 4 | 2006 |
| Il-Greċja | 5 | 4 | 3 | 6 | 1999 |
| Spanja | 3 | 0 | 1 | 2 | 2003 |
| Franza | 12 | 1 | 8 | 5 | 2005 |
| L-Italja | 12 | 5 | 5 | 12 | 1999 |
| Ċipru | 0 | 0 | 0 | 0 | m/a |
| Il-Latvja | 5 | 0 | 4 | 1 | 2006 |
| Il-Litwanja | 2 | 0 | 2 | 0 | m/a |
| Il-Lussemburgu | 2 | 3 | 1 | 4 | 2008 |
| L-Ungerija | 4 | 0 | 3 | 1 | 2010 |
| Malta | 4 | 0 | 0 | 4 | 2005 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 11 | 4 | 9 | 6 | 2006 |
| L-Awstrija | 5 | 0 | 0 | 5 | 2004 |
| Il-Polonja | 10 | 1 | 5 | 6 | 2004 |
| Il-Portugall | 5 | 0 | 5 | 0 | m/a |
| Ir-Rumanija | 4 | 4 | 0 | 8 | 2007 |
| Is-Slovenja | 0 | 0 | 0 | 0 | m/a |
| Is-Slovakkja | 0 | 0 | 0 | 0 | m/a |
| Il-Finlandja | 8 | 1 | 2 | 7 | 2001 |
| L-Isvezja | 5 | 1 | 1 | 5 | 1995 |
| Ir-Renju Unit | 8 | 4 | 7 | 5 | 2004 |
| **TOTAL** | **153** | **31** | **81** | **103** | |

*Sors*: Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Multi u penali

2.23. Il-Kummissjoni tista' timmulta lill-kumpaniji għal ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni. Fi tmiem l-2013 madwar 97 % tal-multi dovuti ([36]) kienu koperti b'pagament proviżorju jew b'garanzija. Ir-regoli ta' applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju ([37]) jiddikjaraw li l-Kummissjoni għandha tinforza l-irkupru tal-ammonti riċevibbli bi kwalunkwe mezz disponibbli fejn la jkunu saru pagamenti proviżorji u lanqas ma jkunu ngħataw garanziji mid-debituri biex ikopru l-ammonti sħaħ sad-dati meta jkunu dovuti. Jista' jingħata żmien addizzjonali għall-pagament, iżda r-rekwiżit ta' garanzija jista' jkun rinunzjat biss fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-uffiċjal tal-kontabbiltà.

2.24. Bħala segwitu tas-sejbiet irrappurtati fir-Rapporti Annwali 2011 u 2012 tagħha, il-Qorti eżaminat kampjun ta' 14 minn 33 multa dovuta ([38]) li ma kinux koperti la minn pagament proviżorju u lanqas minn garanzija u sabet li fi 13-il każ il-Kummissjoni ma kinitx użat il-mezzi kollha disponibbli biex tinforza l-irkupru. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-Kummissjoni kienet għadha qed tivvaluta jekk tħallix żmien addizzjonali għall-pagament.

## Kwistjonijiet ġenerali oħra dwar id-dħul

2.25. Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għall-kwistjoni irrappurtata fil-paragrafu 1.49.

## Rapporti annwali tal-attività

2.26. Ir-RAA 2013 tad-DĠ Baġit u tal-Eurostat jipprovdu valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja relatata mal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi fir-rigward tar-riżorsi proprji u dħul ieħor u l-informazzjoni pprovduta tikkorrobora l-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Qorti.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**2.23.** *Il-biċċa l-kbira ta' multi pendenti għandhom karattru proviżorju peress li dawn ġew appellati u jistgħu jiġu kanċellati jew imnaqqsa. L-għan tal-Kummissjoni huwa li ma tinfurżax l-irkupru akkost ta' kollox minħabba li dan jista' jkollu konsegwenzi irreparabbli għall-impriżi mmultati. Għalhekk il-Kummissjoni tipprova tikseb kopertura permezz ta' pjan ta' pagament negozjat kopert minn garanzija finanzjarja, jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali taħt ir-regoli l-ġodda ta' applikazzjoni mingħajr garanzija finanzjarja.*

**2.24.** *Dawn il-multi jikkonċernaw jew każijiet fejn l-inkapaċità li jitħallsu t-talbiet kienu pendenti, u/jew każijiet fejn l-infurzar kien jikkawża l-insolvenza immedjata tal-impriża mmultata, bil-konsegwenza li l-Kummissjoni tkun tilfet il-multa billi mhijiex kreditur preferenzjali taħt ir-regoli attwali. Kif indikat taħt il-punt 2.23 il-valutazzjoni dwar jekk jiġix permess żmien addizzjonali għal pagament teħtieġ analiżi fil-fond.*

([36]) Bejn wieħed u ieħor EUR 8,3 biljun minn EUR 8,5 biljun.

([37]) L-Artikoli 88, 89 u 90 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12. 2012, p. 1).

([38]) Li jirrappreżentaw EUR 116-il miljun minn total ta' EUR 225 miljun. Il-kampjun kien jinkludi 11-il multa rrappurtata fir-Rapport Annwali 2012.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

### Il-konklużjoni għall-2013

2.27. Għad-dħul:

— il-Qorti ma sabet l-ebda żball fit-tranżazzjonijiet li ttestjat,

— is-sistemi eżaminati huma vvalutati bħala effettivi għar-riżorsi proprji bbażati fuq l-ING u fuq il-VAT u għal dħul ieħor ([39]) (ara l-***Anness 2.2***),

— is-sistemi eżaminati huma vvalutati bħala kumplessivament effettivi għall-RPT. Il-kontrolli interni ewlenin fl-Istati Membri miżjura huma vvalutati bħala parzjalment effettivi (ara l-***Anness 2.2***).

L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li d-dħul mhuwiex milqut minn livell materjali ta' żball.

### Rakkomandazzjonijiet

2.28. L-***Anness 2.3*** juri r-riżultat tal-analiżi mill-Qorti tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti. Fir-Rapporti Annwali 2010 u 2011, il-Qorti ppreżentat ħames rakkomandazzjonijiet. Minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, il-Kummissjoni implimentat bis-sħiħ żewġ rakkomandazzjonijiet, filwaqt li tnejn ġew implimentati fil-biċċa l-kbira tal-aspetti u waħda ma ġietx implimentata.

2.29. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2013, il-Qorti tirrakkommanda li l-Kummissjoni:

**2.29.**

*Riżorsi proprji bbażati fuq l-ING*

— **Rakkomandazzjoni 1:** theġġeġ lill-Istati Membri biex jipprovdu aktar kjarifika dwar il-metodoloġiji li jużaw għall-kompilazzjoni ta' *data* fil-qasam tal-ekonomija li ma tidhirx u biex jippromwovu l-armonizzazzjoni bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam;

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. L-eżawrjenza kienet mill-fażijiet bikrija u ser tkompli tkun konsiderazzjoni importanti fil-proċess ta' verifika tal-PNG/ING.*

*Fiċ-ċiklu ta' verifika li jmiss il-Kummissjoni (Eurostat) tippjana li tirrevedi u taġġorna l-analiżi trażversali li kienet saret fil-qafas tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-eżawrjenza.*

([39]) Il-konklużjoni dwar is-sistemi hija limitata għas-sistemi magħżula għall-eżaminar kif definit fl-ambitu tal-awditjar fil-paragrafu 2.4.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
| --- | --- |
| — **Rakkomandazzjoni 2:** tistabbilixxi u timmonitorja mill-qrib pjan ta' azzjoni dettaljat bi stadji importanti ċari biex tindirizza l-problemi fil-kompilazzjoni tal-kontijiet nazzjonali tal-Greċja. | *Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u tinnota li l-implimentazzjoni tagħha tinsab għaddejja. Il-Kummissjoni (Eurostat) qiegħda tikkonċentra l-isforzi tagħha f'oqsma ta' kontijiet nazzjonali li joħolqu l-ikbar riskju għar-Riżorsi Proprji tad-DGN, jiġifieri r-riżervi stabbiliti, il-progress li fuqu l-Eurostat tissorvelja mill-qrib. Pjan ta' azzjoni għal perjodu qasir għal titjib tal-kontijiet nazzjonali annwali Griegi huwa previst minn proġett ta' assistenza mibdi dan l-aħħar.* |
| *Riżorsi proprji tradizzjonali* | |
| — **Rakkomandazzjoni 3:** tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tal-analiżi tar-riskju għall-awditi doganali *a posteriori*, inkluż il-bini fuq l-informazzjoni fid-database eżistenti ta' importazzjonijiet, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jimmiraw aħjar fuq importaturi riskjużi; | *Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Il-verżjoni l-ġdida tal-Gwida tal-Awditu Doganali (2014) tistabbilixxi indikaturi tar-riskju għall-awditu ta' wara r-rilaxx. Huma ppjanati bidliet fil-bażi tad-dejta eżistenti ta' importazzjonijiet, iżda mhux se jkunu jistgħu jitħaddmu kompletament sal-2018.* |
| — **Rakkomandazzjoni 4:** theġġeġ lill-Istati Membri biex jużaw il-gwida eżistenti, u timmonitorja l-implimentazzjoni ta' awditi *a posteriori* tal-Istati Membri; | *Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Taħt il-qafas legali attwali, it-twettiq ta' kontrolli huwa kompetenza tal-Istat Membru. Barra minn hekk, il-Kummissjoni matul l-ispezzjonijiet tagħha ta' kontrolli doganali mwettqa, se theġġeġ lill-Istati Membri jużaw il-gwida eżistenti u fejn isibu dgħufijiet fit-twettiq tal-verifiki ta' wara r-rilaxx titlob lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri ta' rimedju. Il-Kummissjoni tfakkar li l-Gwida tal-Awditi Doganali riveduta kienet approvata f'Marzu 2014.* |
| — **Rakkomandazzjoni 5:** theġġeġ lill-Istati Membri biex jużaw b'mod korrett il-kontijiet A u B u biex jiżguraw li dawn ikunu kompleti u korretti b'mod evidenti. | *Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni se tkompli tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jużaw b'mod korrett il-kontijiet A u B u biex jiżguraw li dawn ikunu kompleti u korretti b'mod evidenti.* |

ANNESS 2.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦAD-DĦUL*

| | 2013 | | | | | | | | 2012 | 2011 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | RPT | | VAT/ING, korrezzjonijiet taħt it-Titolu 1 tal-baġit | | Dħul ieħor | | Total | | | | |
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | | | | | | | | | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet: | 7 | | 46 | | 2 | | **55** | | 55 | 55 | 55 |
| Ordnijiet ta' rkupru | 7 | | 46 | | 2 | | **55** | | 55 | 55 | 55 |
| **RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR** ([1]) ([2]) | | | | | | | | | | | |
| **Proporzjon (għadd) tat-tranżazzjonijiet ittestjati li nstabu li huma:** | | | | | | | | | | | |
| Ħielsa minn żball | 100 % | (7) | 100 % | (46) | 100 % | (2) | **100 %** | **(55)** | 100 % | 98 % | 100 % |
| Milquta minn żball wieħed jew aktar | 0 % | (0) | 0 % | (0) | 0 % | (0) | **0 %** | **(0)** | 0 % | 2 % | 0 % |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | | | | | | | | | | |
| Rata tal-iżball l-aktar probabbli | | | | | | | **0,0** | | 0,0 | 0,8 | 0,0 |

([1]) Biex jitjieb il-fehim approfondit f'oqsma bi profili ta' riskju differenti fi ħdan il-grupp tal-politika, il-kampjun inqasam f'segmenti. Ir-riżultati tal-ittestjar jirriflettu s-sehem proporzjonali li kull segment għandu fi ħdan il-grupp tal-politika.

([2]) Iċ-ċifri kkwotati fil-parentesi jirrappreżentaw l-għadd reali tat-tranżazzjonijiet.

ANNESS 2.2

*RIŻULTATI TAL-EŻAMINAR TAS-SISTEMI GĦAD-DĦUL*

**Valutazzjoni tas-sistemi eżaminati**

| Sistema kkonċernata | Kontrolli mill-Kummissjoni fl-Istati Membri | Kalkolu/kontrolli fl-uffiċċju u ġestjoni tad-dħul mill-Kummissjoni | Ġestjoni mill-Kummissjoni tar-riżervi | Kontrolli interni ewlenin fl-Istati Membri li saritilhom żjara | Valutazzjoni kumplessiva |
|---|---|---|---|---|---|
| ING | M/A (*) | Effettivi | Effettiva | M/A | **Effettivi** |
| VAT | Effettivi | Effettivi | Effettiva | M/A | **Effettivi** |
| RPT | Effettivi | Effettivi | M/A | Parzjalment effettivi (**) | **Effettivi** |
| Multi u penali | M/A | Effettivi | M/A | M/A | **Effettivi** |

(*) Fl-2013 il-Qorti ppubblikat ir-rapport speċjali Nru 11/2013 fejn ivvalutat l-effettività tal-verifikazzjoni mill-Kummissjoni tad-*data* dwar l-ING tal-perjodu 2002–10. Fl-2013 ma twettqet l-ebda attività ta' verifikazzjoni mill-Kummissjoni. Iċ-ċiklu ta' verifikazzjoni li jmiss huwa mistenni li jibda fl-2015 bil-kunsinna tal-inventarji l-ġodda tal-ING mill-Istati Membri.

(**) Ara l-paragrafi 2.13 sa 2.18.

ANNESS 2.3

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦAD-DĦUL*

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 u 2010 | *Fir-Rapporti Annwali 2011 u 2010 tagħha, il-Qorti rrakkomandat li l-Kummissjoni għandha:* | | | | | | | |
| | theġġeġ lill-Istati Membri biex isaħħu s-superviżjoni doganali (eż. l-għoti tas-"simplifikazzjoni superjuri" għal utenti ta' proċeduri ta' kklerjar lokali) sabiex jimmassimizzaw l-ammont tal-RPT miġbur; | | x | | | | | *Matul spezzjonijiet annwali tagħha fl-Istati Membri fejn fokus speċifiku kien fuq il-kontrolli implimentati u l-użu tal-analiżi tar-riskju, il-Kummissjoni ħeġġet lill-Istati Membri biex isaħħu l-kontrolli doganali u s-sorveljanza tagħhom (inklużi każijiet fejn ingħatat il-konċessjoni ta' "super simplifikazzjoni" fil-kuntest ta' rilaxx lokali) biex il-ġbir tar-RPT jkun imħares.* |
| | tkompli bl-isforzi tagħha biex tiżgura li l-kontijiet B jintużaw b'mod korrett, li s-sistemi ta' kontabbiltà jippermettu li d-dikjarazzjonijiet tal-kontijiet A u B tal-Istati Membri jkunu jidhru li huma kompleti u korretti (*); | | x | | | | | *Il-Kummissjoni se tkompli bl-isforzi tagħha biex tiżgura li l-kontijiet B jintużaw tajjeb u li d-dikjarazzjonijiet ta' kontijiet tal-Istati Membri jkunu kompluti u korretti b'mod li jista' jintwera.*<br>*Il-fatt li għadhom jippersistu l-problemi bil-kont B huwa relatat mat-tip tal-kont innifsu, kont magħmul minn każijiet problemati1i u kkontestati li jistgħu jagħtu lok għal interpretazzjonijiet legali differenti.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2010 | tippreżenta lill-Kumitat tal-ING ir-rapporti ta' valutazzjoni dwar id-*data* tal-ING tal-Istati Membri sabiex ir-riżervi ġenerali eżistenti kollha jkunu jistgħu jiġu sostitwiti b'riżervi speċifiċi għall-perjodu mill-2002 'il quddiem; | x | | | | | | |
| | tiċċara l-ambitu tal-opinjoni li tipprovdi fir-rapporti ta' valutazzjoni tagħha dwar id-*data* tal-ING tal-Istati Membri; | x | | | | | | |
| | tqis l-evalwazzjoni tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll fl-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika (NSI) għall-kumpilazzjoni tal-kontijiet nazzjonali. | | | | x | | | *Il-Kummissjoni tqis li l-approċċ li hija tapplika (kontrolli tad-dokumentazzjoni tal-Kwestjonarji tal-ING, il-verifika tal-Inventarji tal-ING permezz tal-GIAQ ikkumplimentata b'verifika diretta) huwa adattat għal valutazzjoni finali tal-ING tal-Istati Membri. F'dan il-kuntest, is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll (SCS) huma ta' natura organizzattiva u ma jagħtux indikazzjonijiet speċifiċi dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet, li jiddependu primarjament fuq is-sorsi statistiċi u l-metodi użati, anke jekk is-SCS jgħinu biex jitnaqqsu r-riskji tal-iżbalji fil-kontijiet nazzjonali. Il-Kummissjoni se tissokta bl-isforzi tagħha sabiex tiżviluppa linji gwida dwar is-SCS li jkunu jistgħu jintużaw mill-Istati Membri biex jikkumpilaw il-kontijiet nazzjonali tagħhom, filwaqt li tqis l-osservazzjonijiet tal-Qorti.* |

(*) Il-Kummissjoni twettaq segwitu tal-użu tal-kontijiet A u B kull sena il-problema għadha hemm. Madankollu, peress li l-problemi għadhom hemm, jeħtieġ li l-isforzi jkomplu.

## KAPITOLU 3

# Agrikoltura: suq u appoġġ dirett

WERREJ


| | *Paragrafu* |
|---|---|
| Introduzzjoni | 3.1-3.6 |
| Karatteristiċi speċifiċi tal-grupp tal-politika | 3.2-3.5 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 3.6 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 3.7-3.15 |
| Eżaminar tas-sistemi ta' kontroll magħżula | 3.16-3.43 |
| Sistemi tal-Istati Membri relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet | 3.16-3.38 |
| Is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK) | 3.17-3.29 |
| Valutazzjoni tal-eżerċizzju ta' rinforz tal-aċċertament | 3.30-3.35 |
| Sistema ta' kontroll applikabbli għall-għajnuna tal-UE għal gruppi tal-produtturi | 3.36-3.38 |
| Stimi mill-Kummissjoni tar-rata tal-iżball residwu | 3.39-3.43 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 3.44-3.46 |
| Il-konklużjoni għall-2013 | 3.44 |
| Rakkomandazzjonijiet | 3.45-3.46 |

Anness 3.1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għall-agrikoltura: suq u appoġġ dirett

Anness 3.2 — Riżultati tal-eżaminar tas-sistemi magħżula għall-agrikoltura: suq u appoġġ dirett

Anness 3.3 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għall-agrikoltura: suq u appoġġ dirett

## INTRODUZZJONI

3.1. Dan il-kapitolu jippreżenta l-valutazzjoni speċifika tas-suq u l-appoġġ dirett għall-agrikoltura. Informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u l-infiq fl-2013 tingħata fit-***Tabella 3.1***.

### Tabella 3.1 — Suq u appoġġ dirett għall-agrikoltura — Informazzjoni ewlenija 2013

*(miljuni ta' euro)*

| Qasam ta' politika | Deskrizzjoni | Pagamenti |
|---|---|---|
| Nefqa agrikola ffinanzjata mill-FAEG | Għajnuna diretta | 41 658 |
| | Interventi fis-swieq agrikoli | 3 193 |
| | Nefqa amministrattiva(1) ([1]) | 132 |
| | Oħrajn | 153 |
| | | **45 136** |
| | Total tal-pagamenti għas-sena | **45 136** |
| | *- total tan-nefqa amministrattiva* ([2]) | *132* |
| | Total tan-nefqa operazzjonali | **45 004** |
| | *- pagamenti bil-quddiem* ([3]) | *9* |
| | *+ approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem* ([3]) | *21* |
| | **Popolazzjoni awditjata, total** | **45 016** |
| | **Total tal-impenji għas-sena** | **45 132** |

([1]) Dan l-ammont jirrappreżenta t-total tan-nefqa amministrattiva għall-qasam ta' politika ta' "Agrikoltura u Żvilupp Rurali".
([2]) L-awditu tan-nefqa amministrattiva huwa rrappurtat fil-Kapitolu 9.
([3]) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7).

*Sors*: Il-kontijiet konsolidati 2013 tal-Unjoni Ewropea.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**Karatteristiċi speċifiċi tal-grupp tal-politika**

3.2. L-objettivi tal-politika agrikola komuni (PAK) kif stipulati fit-Trattat ([1]) huma li tkabbar il-produzzjoni agrikola, li tassigura b'dan il-mod livell ġust ta' għajxien għall-popolazzjoni agrikola, li tagħmel is-swieq stabbli, li tiggarantixxi d-disponibbiltà tal-provvisti u li tassigura prezzijiet raġonevoli fil-konsenja tal-prodotti lill-konsumatur.

3.3. Il-baġit tal-UE jiffinanzja l-infiq tal-PAK permezz ta' żewġ fondi ([2]): il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), li jiffinanzja bis-sħiħ il-miżuri tas-suq ([3]) u għajnuna diretta mill-UE, u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), li jikkofinanzja programmi tal-iżvilupp rurali flimkien mal-Istati Membri. Dan il-kapitolu jkopri l-FAEG filwaqt li l-FAEŻR huwa ppreżentat fil-Kapitolu 4. Il-miżuri prinċipali ffinanzjati mill-FAEG huma:

— l-iskema ta' *għajnuna diretta "Skema ta' Pagament Uniku" (SPU)* li tipprevedi appoġġ diżakkoppjat ([4]) għall-introjtu bbażat fuq "drittijiet" ([5]), fejn kull wieħed minnhom huwa attivat b'ettaru wieħed ta' art eliġibbli. Fl-2013 l-SPU rrappreżentat infiq ta' EUR 31 394 miljun,

— l-iskema ta' *għajnuna diretta "Skema ta' Pagament Uniku skont l-Erja" (SPUE)*, appoġġ diżakkoppjat għall-introjtu simplifikat li huwa mmirat lejn bdiewa f'10 mill-Istati Membri ([6]) li ssieħbu fl-UE fl-2004 u fl-2007 u li tipprevedi l-pagament ta' ammonti uniformi għal kull ettaru eliġibbli ta' art agrikola. Fl-2013 l-SPUE rrappreżentat infiq ta' EUR 6 681 miljun,

— skemi oħra ta' *għajnuna diretta* li prinċipalment jipprovdu pagamenti akkoppjati ([7]). Fl-2013, dawk l-iskemi rrappreżentaw infiq ta' EUR 3 583 miljun,

([1]) L-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1).

([3]) Bl-eċċezzjoni ta' ċerti miżuri bħal miżuri ta' promozzjoni u l-iskema ta' frott għall-iskejjel, li huma kofinanzjati.

([4]) Pagamenti diżakkoppjati jingħataw għal art agrikola eliġibbli irrispettivament minn jekk tintuża għall-produzzjoni jew le.

([5]) L-għadd u l-valur tad-drittijiet ta' kull bidwi huma kkalkulati mill-awtoritajiet nazzjonali skont wieħed mill-mudelli previsti taħt il-leġiżlazzjoni tal-UE.

([6]) Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

([7]) Pagamenti akkoppjati ta' għajnuna huma kkalkulati abbażi tal-għadd ta' annimali li jinżammu (eż. baqar li jreddgħu, nagħaġ u mogħoż) u/jew l-għadd ta' ettari kkultivati b'għalla speċifika (eż. qoton, ross, pitrava, eċċ.).

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|

— *interventi fis-swieq agrikoli* li jkopru pereżempju appoġġ speċifiku għas-settur tal-frott/ħxejjex u dak tal-inbid, appoġġ għall-ħalib u l-frott fl-iskejjel, programmi ta' għajnuna alimentari, appoġġ għall-prezzijiet taħt il-programm POSEI ([8]), intervent għall-ħżin u rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni (li b'kollox irrappreżentaw infiq ta' EUR 3 193 miljun fl-2013).

3.4. L-infiq tal-PAK huwa kważi esklużivament suġġett għal ġestjoni kondiviża mill-Kummissjoni u l-Istati Membri. L-infiq jitwassal permezz ta' madwar 80 aġenzija tal-pagamenti li huma responsabbli biex jagħmlu pagamenti lill-benefiċjarji. Il-kontijiet u r-rekords tal-pagamenti tal-aġenziji tal-pagamenti huma eżaminati minn korpi indipendenti tal-awditjar (korpi taċ-ċertifikazzjoni) li jippreżentaw ċertifikati u rapporti annwali lill-Kummissjoni.

3.5. Ir-riskji prinċipali fir-rigward tar-regolarità tal-pagamenti diretti huma li l-għajnuna skont l-erja tista' titħallas għal art ineliġibbli, lil benefiċjarji ineliġibbli jew lil aktar minn benefiċjarju wieħed għall-istess ħabel art, jew li d-drittijiet jiġu kkalkulati b'mod skorrett jew li l-primjums għall-annimali jitħallsu għal annimali li ma jeżistux. Fil-każ ta' interventi fis-swieq agrikoli, ir-riskji prinċipali fir-rigward ta' regolarità huma li l-għajnuna tingħata lil applikanti ineliġibbli jew għal spejjeż jew prodotti ineliġibbli jew iddikjarati b'mod eċċessiv.

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

3.6. L-***Anness 1.1***, il-***parti 2*** tal-Kapitolu 1 jiddeskrivi l-approċċ u l-metodoloġija kumplessiva tal-awditjar tal-Qorti. Għall-awditu ta' suq u appoġġ dirett għall-agrikoltura għandhom jiġu osservati l-punti speċifiċi li ġejjin:

(a) l-awditu kien jinvolvi l-eżaminar ta' kampjun ta' 180 tranżazzjoni kif definit l fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7. Il-kampjun huwa mfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa kollha ta' tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp tal-politika. Fl-2013 il-kampjun kien jikkonsisti fi tranżazzjonijiet minn 17-il Stat Membru ([9]);

**3.6.**

([8]) Il-POSEI huwa programm ta' soluzzjonijiet speċifiċi għan-natura periferika u insulari tar-reġjuni ultraperiferiċi

([9]) Ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Finlandja u r-Renju Unit.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(b) il-Qorti ffukat l-ittestjar tagħha tal-kundizzjonalità fuq obbligi magħżula tal-KAAT (kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba) ([10]) u SMRs (rekwiżiti statutorji tal-immaniġġjar) ([11]) magħżula li għalihom setgħet tinkiseb evidenza u tintlaħaq konklużjoni fiż-żmien taż-żjarat tal-awditjar ([12]);

(c) il-valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll ([13]) eżaminat is-SIAK (Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll) f'erba' Stati Membri ([14]), ix-xogħol li twettaq taħt il-proċedura ta' rinforz tal-aċċertament ([15]) fl-Italja u s-sistema ta' kontroll applikabbli għall-għajnuna tal-UE għal gruppi tal-produtturi fil-Polonja;

(d) l-istimi tar-rata tal-iżball residwu mill-Kummissjoni ġew eżaminati;

(e) il-Qorti eżaminat ukoll il-proċedura tad-DĠ AGRI għall-approvazzjoni tal-kontijiet. Ir-riżultati ta' dan ix-xogħol, li japplikaw ukoll għal dan il-kapitolu, huma ppreżentati fil-Kapitolu 4 (ara l-paragrafi 4.22 sa 4.27).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**(b)** *Ara r-risposta għall-paragrafu 3.13.*

([10]) L-evitar tal-invażjoni ta' veġetazzjoni mhux mixtieqa, iż-żamma ta' terrazzi, il-manutenzjoni ta' msaġar taż-żebbuġ u r-rispett tar-rati minimi tal-istokkjar tal-bhejjem jew tal-obbligi tal-ħsad.

([11]) Ir-rekwiżiti għall-SMR 4 (id-Direttiva dwar in-Nitrati) u l-SMR 6 sal-SMR 8 (dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimal).

([12]) L-obbligi ta' kundizzjonalità huma rekwiżiti legali sostantivi li għandhom jiġu ssodisfati mir-riċevituri kollha ta' għajnuna diretta tal-UE. Dawn huma l-kundizzjonijiet bażiċi u f'ħafna każijiet l-uniċi kundizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati sabiex jiġi ġġustifikat il-pagament tal-ammont sħiħ ta' għajnuna diretta, b'hekk id-deċiżjoni tal-Qorti li titratta l-ksur tal-kundizzjonalità bħala żball.

([13]) L-għażla tal-Istati Membri u tas-sistemi awditjati kienet ibbażata fuq ir-riskju u għalhekk ir-riżultati ma jistgħux jitqiesu bħala rappreżentattivi tal-UE fl-intier tagħha.

([14]) Il-Ġermanja (il-Bavarja), l-Irlanda (Department of Agriculture, Fisheries and Food (DAFF)), l-Italja (Agenzia per le Erogazioni in Agricoltura (AGEA)) u Franza (Agence de Services et de Paiement (ASP)).

([15]) Ara l-paragrafu 3.30.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

3.7. L-***Anness 3.1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-180 tranżazzjoni awditjata mill-Qorti 110 (61 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tal-101 żbalji li kkwantifikat, il-Qorti tistma li r-rata tal-iżball l-aktar probabbli hija ta' 3,6 % ([16]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.7.** *Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni li r-rata ta' erruri rrappurtata mill-Qorti hija stima annwali li tieħu kont ta' rkupri u miżuri korrettivi magħmula qabel l-awditjar tal-Qorti. Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni wkoll li n-nefqa kkonċernata tkun soġġetta għal korrezzjoni fis-snin sussegwenti permezz ta' korrezzjonijiet finanzjarji netti li jirriżultaw minn proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità kif ukoll permezz ta' rkupri mingħand il-benefiċjarji. Il-Kummissjoni tqis li r-rata ta' erruri rappreżentattiva annwali tal-Qorti għandha titqies fil-kuntest tal-karattru pluriennali ta' korrezzjonijiet u rkupri finanzjarji netti.*

*Barra minn hekk, u kif diġà rrilevat fi snin preċedenti l-Kummissjoni ma taqbilx mal-Qorti dwar il-kwalifika ta' ksur tal-obbligi tal-kundizzjonalità bħala żbalji kwantifikabbli li jammontaw għal 0,5 punti perċentwali, u tikkunsidra li dawn m'għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu tar-rati ta' erruri tad-DAS tagħha.*

*Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni wkoll li kif irrappurtat fir-Rapport ta' Attività Annwali tal-2013 tad-DĠ AGRI, il-korrezzjonijiet finanzjarji netti imposti mill-Kummissjoni fuq l-Istati Membri u l-irkupri mill-benefiċjarji implimentati għall-FAEG kienu jammontaw għal 575,89 miljun euro fl-2013 (1,28 % tan-nefqa totali).*

3.8. L-iżbalji kwantifikabbli li nqabdu mill-Qorti jistgħu jiġu raggruppati f'erba' kategoriji prinċipali.

— pagamenti għal applikazzjonijiet għall-għajnuna li ddikjaraw b'mod eċċessiv l-għadd ta' ettari jew annimali eliġibbli,

— pagamenti lil benefiċjarji ineliġibbli jew għal attivitajiet/infiq ineliġibbli,

— pagamenti affettwati min-nuqqas ta' sodisfazzjon tal-obbligi ta' kundizzjonalità ([17]),

— pagamenti milquta minn żbalji amministrattivi.

**3.8.**

([16]) Il-Qorti tikkalkula l-istima tagħha tar-rata ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Il-Qorti hija 95 % fiduċjuża li r-rata ta' żball fil-popolazzjoni tinsab bejn 1,7 % u 5,5 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

([17]) Ara l-paragrafu 3.12.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

Ripartizzjoni tar-rata tal-iżball l-aktar probabbli stmata skont it-tip ta' żball tingħata fil-***Graff 3.1***. Fi 33 każ ta' żbalji kwantifikabbli li saru mill-benefiċjarji finali, l-awtoritajiet nazzjonali kellhom informazzjoni suffiċjenti (pereżempju, mingħand il-benefiċjarji finali, l-awdituri tagħhom jew mill-kontrolli proprji tal-awtoritajiet nazzjonali) biex jipprevienu, jaqbdu u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma jiddikjaraw l-infiq lill-Kummissjoni. Li kieku din l-informazzjoni kollha kienet intużat biex jiġu kkoreġuti l-iżbalji, ir-rata tal-iżball l-aktar probabbli stmata għal dan il-kapitolu kienet tkun 1,1 punti perċentwali aktar baxxa. Barra minn hekk, il-Qorti sabet li għal 24 każ, l-iżball li nqabad mill-Qorti sar mill-awtoritajiet nazzjonali. Dawn l-iżbalji kkontribwixxew 0,2 punti perċentwali għar-rata tal-iżball l-aktar probabbli stmata.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, qed tiżviluppa numru ta' azzjonijiet ta' rimedju biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati u b'hekk titnaqqas ir-rata ta' erruri fil-futur. Ir-Rapport ta' Attività Annwali tad-DG AGRI (2013) jispeċifika 11-il każ bħal dawn f'disa' Stati Membri fir-rigward ta' miżuri tas-suq, u 20 każ f'sitt Stati Membri għal pagamenti diretti. Sa issa, il-pjanijiet ta' azzjoni kienu effettivi ħafna. Il-Kummissjoni tiżgura wkoll li r-riskju finanzjarju għall-baġit tal-UE li jirriżulta minn dawn in-nuqqasijiet huwa dejjem kopert permezz ta' korrezzjonijiet finanzjarji netti imposti bħala riżultat ta' proċedura pluriennali ta' approvazzjoni tal-konformità.*

*Il-Qorti tenfasizza li l-Istati Membri setgħu identifikaw, ikkoreġew u evitaw għadd relattivament importanti ta' żbalji. Għalhekk, jista' jiġi konkluż li l-problemi mhumiex jirriżultaw mis-sistema nnifisha, iżda pjuttost min-nuqqasijiet fl-applikazzjoni tagħha minn xi Stati Membri.*

**Graff 3.1— Kontribut skont it-tip ta' żball għar-rata tal-iżball l-aktar probabbli**



L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.9. Instabu żbalji relatati ma' ettari eliġibbli ddikjarati b'mod eċċessiv f'69 tranżazzjoni relatata ma' 15 mis-17-il Stat Membru li saritilhom żjara. Nofs dawn l-iżbalji jammontaw għal inqas minn 2 % u għalhekk għandhom impatt żgħir fuq il-livell ta' żball stmat. L-iżbalji f'din il-kategorija li huma akbar kienu relatati ma' pagamenti għal art ineliġibbli ddikjarata bħala bur permanenti eliġibbli (ara l-Kaxxa 3.1).

**Kaxxa 3.1 — Eżempji ta' pagamenti għal art eliġibbli ddikjarata b'mod eċċessiv**

Fil-Greċja ħabel tar-raba' kklejmjat bħala bur permanenti ([18]) bbenefika minn għajnuna taħt l-SPU filwaqt li fir-realtà dan kien miksi b'arbuxxelli, buxxijiet u siġar densi, u b'hekk kellu jiġi eskluż kompletament jew parzjalment mill-għajnuna tal-UE. Dan l-iżball seħħ peress li l-awtoritajiet Griegi kklassifikaw żoni ta' dan it-tip bħala bur permanenti eliġibbli fid-database tal-LPIS ([19]).

Sitwazzjonijiet fejn żoni ta' bur permanenti li ġew iddikjarati b'mod eċċessiv ibbenefikaw minn għajnuna diretta tal-UE ġew osservati wkoll fil-Ġermanja (Schleswig-Holstein), l-Irlanda, Franza, il-Polonja u r-Rumanija ([20]).

3.10. Il-Qorti rrappurtat ukoll każijiet ta' valutazzjoni skorretta tal-eliġibbiltà ta' art fid-databases tal-LPIS f'rapporti annwali preċedenti ([21]) u sabet ukoll każijiet ta' dan it-tip fil-kuntest tal-awditi tas-sistemi SIAK li twettqu fl-2013 (ara l-paragrafu 3.20).

3.11. Il-Qorti identifikat tliet każijiet, fejn l-attività, il-benefiċjarju jew l-infiq ma kienx eliġibbli għall-għajnuna tal-UE, li tnejn minnhom huma relatati ma' miżuri tas-suq, (ara l-Kaxxa 3.2).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.9.** *Il-Kummissjoni se tkompli tiddiskuti mal-Qorti l-aktar metodoloġija adattata għall-kejl fuq il-post, b'mod partikolari meta l-kejl tal-GPS jitpoġġa fuq immaġni ortho, għad-determinazzjoni taż-żona eleġibbli, anki jekk iż-żewġ elementi għandhom skali differenti, u sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom gwida konsistenti mill-istituzzjonijiet tal-UE.*

***Kaxxa 3.1 — Eżempji ta' pagamenti għal art eliġibbli eċċessiva***

*Is-servizzi tal-Kummissjoni jikkondividu l-opinjoni tal-Qorti. L-awditi mwettqa mis-servizzi tal-Kummissjoni identifikaw nuqqasijiet simili. Id-dgħufijiet li nstabu huma segwiti permezz tal-proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità li jiżguraw li r-riskju għall-baġit tal-UE jiġi kopert b'mod adegwat minn korrezzjonijiet finanzjarji netti.*

**3.10.** *Is-sitwazzjonijiet irrappurtati matul ir-rapporti preċedenti tal-Qorti kienu segwiti permezz ta' diversi proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità.*

([18]) Il-leġiżlazzjoni tal-UE tiddefinixxi mergħa permanenti bħala art li tintuża għat-tkabbir ta' ħaxix jew għalf erbaċew ieħor li tradizzjonalment jinstab f'mergħat naturali.

([19]) Fir-rigward tal-LPIS ara l-paragrafu 3.20.

([20]) Fl-annessi (p. 130) għar-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tagħha il-Kummissjoni tirrapporta dwar dgħufijiet sistematiċi relatati ma' mergħa permanenti fil-Greċja, Spanja, l-Italja, l-Awstrija, il-Portugall, l-Isvezja u r-Renju Unit (l-Iskozja u l-Irlanda ta' Fuq).

([21]) Ir-Rapport Annwali 2010, l-Anness 3.2 għal Spanja (Extremadura u Kastilja-La Mancha), ir-Rapport Annwali 2011, il-paragrafu 3.20 u l-Anness 3.2 għal Spanja (il-Galizja), l-Italja (il-Lombardija) u l-Awstrija; ir-Rapport Annwali 2012, l-Anness 3.2 għar-Renju Unit (l-Ingilterra u l-Irlanda ta' Fuq).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 3.2 — Eżempju ta' pagamenti għal infiq u benefiċjarji ineliġibbli**

Fl-Italja ngħatat għajnuna għall-promozzjoni tal-inbid ([22]) fl-Istati Uniti u fl-Iżrael, lil assoċjazzjoni ta' ħames operaturi li minnhom erbgħa biss kienu fil-fatt eliġibbli bħala produtturi tal-inbid. Barra minn hekk, il-proġett li ġie approvat kien jinkludi nfiq li jirrappreżenta l-ispiża tas-servizzi ta' korp ta' implimentazzjoni. Il-Qorti sabet li ngħatat għajnuna tal-UE għal dan l-infiq għalkemm l-assoċjazzjoni kienet sussegwentement infurmat lill-awtoritajiet Taljani li, għall-kuntrarju tal-proġett approvat, ma ġie kkuntrattat ebda korp ta' implimentazzjoni.

3.12. Taħt l-iskemi kollha ta' għajnuna diretta tal-FAEG, il-benefiċjarji għandhom obbligu li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kundizzjonalità. Dawn ir-rekwiżiti jinkludu Rekwiżiti Statutorji tal-Immaniġġjar (SMRs) relatati mal-protezzjoni tal-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, il-benessri tal-annimali u l-obbligi tal-KAAT. Jekk il-bdiewa ma jikkonformawx ma' dawn ir-rekwiżiti l-għajnuna tagħhom titnaqqas.

3.13. Mill-klejms iċċekjati mill-Qorti, 164 kienu suġġetti għal dawn ir-rekwiżiti ta' kundizzjonalità, u 44 mill-bdiewa kkonċernati naqsu milli jikkonformaw mar-regoli. Il-frekwenza ta' nuqqas ta' konformità (25 % tal-klejms ikkonċernati, livell simili għal dak irrappurtat mill-Istati Membri) hija relattivament għolja, u għandha impatt fuq ir-rata ta' żball stmata ta' 0,5 punti perċentwali.

([22]) Il-leġiżlazzjoni tal-UE tipprevedi l-kofinanzjament ta' miżuri ta' promozzjoni tal-inbid mwettqa f'pajjiżi li mhumiex membri tal-UE. Il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni Taljana tirrestrinġi l-għajnuna lill-produtturi tal-inbid.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 3.2 — Eżempji ta' pagamenti għal infiq u benefiċjari illeġibbli***

*Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li d-dispożizzjonijiet li skont il-Qorti ma ġewx rispettati mill-awtoritajiet Taljani mhumiex rekwiżiti tal-UE, iżda jagħmlu parti minn dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni Taljani.*

**3.13.** *Ir-rispett tal-obbligi tal-kundizzjonalità ma jikkostitwixxix kriterju ta' eliġibbiltà għall-pagamenti tal-PAK u, għaldaqstant, il-kontrolli ta' dawn ir-rekwiżiti ma jirrelatawx mal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti. Il-kundizzjonalità hija mekkaniżmu li bih il-bdiewa huma ppenalizzati meta huma ma jirrispettawx sensiela ta' regoli li jirriżultaw b'mod ġenerali minn politiki oħra apparti l-PAK u japplikaw għaċ-ċittadini tal-UE indipendentement mill-PAK. Għalhekk il-Kummissjoni tqis li n-nuqqasijiet imposti għall-ksur tar-rekwiżiti tal-kundizzjonalità m'għandhomx jittieħdu f'kunsiderazzjoni għall-kalkolu tar-rati ta' erruri għall-PAK.*

*Ir-rata ta' erruri għal 0,5 % tal-Kundizzjonalità għandha impatt sinifikanti fuq ir-rata ta' erruri globali ta' 3,6 %*

*Barra minn hekk, minħabba li t-tnaqqis tal-kundizzjonalità japplika biss għal pagamenti diretti, u mhux għal xi kejl tas-suq, l-impatt għal pagamenti diretti huwa saħansitra ogħla.*

*Il-Kummissjoni tqis ukoll li fil-qafas legali l-ġdid tal-PAK, il-leġiżlatur ikkonferma x'kien ifisser sa mill-bidu nett (ukoll għall-perjodu 2007-2013), jiġifieri li għall-appoġġ kollu tal-PAK "L-impożizzjoni ta' piena amministrattiva ma taffettwax il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li għalihom tapplika" (l-Artikolu 97(4) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013).*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.14. Il-ksur ta' kundizzjonalità l-aktar frekwenti li kien osservat mill-Qorti huwa relatat man-nuqqas ta' rispett ta' obbligi ta' rappurtar fir-rigward tad-databases tal-annimali (ara l-Kaxxa 3.3).

**Kaxxa 3.3 — Eżempji ta' żbalji ta' kundizzjonalità**

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kundizzjonalità teħtieġ li l-movimenti/twelid/mewt tal-annimali jiġu nnotifikati lid-database nazzjonali tal-annimali fi żmien sebat ijiem. Fir-Renju Unit (l-Iskozja) bidwi ma kienx irrispetta l-iskadenza tan-notifika għal 53 minn 104 avvenimenti ta' dan it-tip.

Il-Qorti sabet każijiet oħra ta' nuqqas ta' sodisfazzjoni tal-obbligi ta' rappurtar fir-rigward tad-databases tal-annimali fir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja (il-Bavarja u Schleswig-Holstein), l-Irlanda, il-Greċja, Franza, l-Italja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

3.15. Il-Qorti sabet ukoll għadd ta' żbalji amministrattivi fil-mod li bih l-awtoritajiet nazzjonali ttrattaw l-applikazzjonijiet. L-iżball l-aktar frekwenti f'din il-kategorija huwa relatat mal-fatt li nqabeż il-limitu massimu għal drittijiet taħt l-SPU fi Franza. Dan laqat is-26 tranżazzjoni tal-SPU kollha li ġew awditjati f'dak l-Istat Membru (ara l-Kaxxa 3.5).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.14.** *Dwar il-problemi sinifikanti misjuba għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali, il-Kummissjoni tikkondividi l-osservazzjoni tal-Qorti u tagħti attenzjoni partikolari lil dawn ir-rekwiżiti matul l-awditi ta' kundizzjonalità tagħha.*

***Kaxxa 3.3 — Eżempji ta' żbalji ta' kundizzjonalità***

*Fil-verifika tagħha tal-2014 fl-Iskozja, il-Kummissjoni osservat xi dgħufijiet fil-kontroll tar-rispett tal-iskadenzi għan-notifikazzjonijiet. Din il-kwistjoni se tiġi segwita fil-qafas tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità.*

*Il-Kummissjoni wettqet verifiki tal-kundizzjonalità fl-Istati Membri kollha awditjati mill-Qorti u, f'ħafna minnhom, osservat nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll u s-sanzjonar tal-obbligi ta' rappurtar u, b'mod ġenerali, f'dak li jirrigwarda l-Identifikazzjoni u r-Reġistrazzjoni tal-annimali. Meta ġie stabbilit nuqqas ta' konformità sistemiku, il-Kummissjoni dejjem segwietu permezz tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità.*

**3.15.** *Il-Kummissjoni, bħala riżultat tal-awditi tagħha stess, hija konxja mis-sitwazzjoni u qed issegwi d-defiċjenza skont il-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet għas-snin finanzjarji kkonċernati. Ara wkoll il-kummenti fil-Kaxxa 3.5.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## EŻAMINAR TAS-SISTEMI TA' KONTROLL MAGĦŻULA

### Sistemi tal-Istati Membri relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet

3.16. L-***Anness 3.2*** fih sommarju tar-riżultati ([23]) tas-sistemi eżaminati mill-Qorti ([24]).

**3.16.** *Taħt is-sistema ta' ġestjoni kondiviża hija prinċipalment ir-responsabbiltà tas-sistemi ta' kontroll intern tal-aġenziji li jħallsu biex jikxfu n-nuqqasijiet. Dan ifisser li s-sistema ta' monitoraġġ u tal-awditjar intern tal-aġenzija tal-pagamenti għandhom ikunu tal-ewwel li jindunaw jekk il-proċeduri amministrattivi u ta' kontroll ma jkunux effettivi. B'mod ġenerali meta l-aġenziji tal-pagamenti jsiru konxji min-nuqqasijiet, huma jieħdu azzjonijiet biex jirrimedjawhom. Il-proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità qiegħda hemm sabiex jiġi żgurat li l-korrezzjonijiet finanzjarji netti jkunu jistgħu jiġu applikati kontra l-Istati Membri għal riskju finanzjarju minħabba kontrolli dgħajfa jew nuqqas ta' konformità mal-kontrolli ewlenin.*

*Is-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK)*

3.17. Is-SIAK hija s-sistema prinċipali ta' ġestjoni u kontroll fl-operat li tiżgura r-regolarità tal-pagamenti ta' għajnuna diretta. Hija tkopri aktar minn 90 % tal-infiq mill-FAEG. Is-sistema tikkonsisti f'databases tal-ażjendi agrikoli u tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna, Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Ħbula tar-Raba' (LPIS), databases tal-annimali u database tad-drittijiet fl-Istati Membri li jimplimentaw l-SPU. L-aġenziji tal-pagamenti jwettqu kontrolli reċiproċi amministrattivi bejn dawn id-databases imfassla biex jiġi żgurat li l-pagamenti jsiru għall-ammont korrett, lill-benefiċjarju eliġibbli kkonċernat għal art jew annimali eliġibbli. Il-pagamenti jsiru biss għall-klejms ivvalutati bħala eliġibbli wara li jitwettqu l-kontrolli amministrattivi u fuq il-post, meħtieġa kollha (100 % kontrolli amministrattivi u mill-inqas 5 % kontrolli fuq il-post ([25])).

**3.17.** *Filwaqt li jirrikonoxxu li inevitabbilment dejjem se jibqgħu ċerti dgħufijiet u imperfezzjonijiet, is-servizzi tal-Kummissjoni madankollu huma tal-opinjoni li s-SIAK fit-totalità tagħha tibqa' sistema solida għall-ġestjoni tan-nefqa tal-PAK.*

([23]) Peress li l-awditu tar-rinforz tal-aċċertament fl-Italja ma kienx imfassal biex jikkonkludi dwar l-effettività tas-sistemi, ir-riżultati tiegħu mhumiex ippreżentati fl-***Anness 3.2*** iżda f'taqsima separata ta' dan il-kapitolu (il-paragrafi 3.30–3.35).

([24]) Is-sejbiet relatati mas-SIAK, minbarra dawk li jikkonċernaw id-drittijiet, japplikaw ukoll għal miżuri ta' żvilupp rurali relatati mal-erja u mal-annimali, li huma koperti mill-Kapitolu 4.

([25]) Bejn 20 % u 25 % ta' dawn l-ispezzjonijiet jintgħażlu b'mod aleatorju u l-bqija permezz ta' valutazzjoni tar-riskju.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.18. Il-Qorti vvalutat l-elementi ewlenin tas-SIAK li ġejjin:

(a) proċeduri ta' kontroll amministrattiv u kwalità tad-databases;

(b) sistemi ta' kontroll ibbażati fuq kontrolli fuq il-post;

(c) proċeduri biex jiġi żgurat l-irkupru ta' pagamenti mhux dovuti.

**Proċeduri ta' kontroll amministrattiv u kwalità tad-databases**

3.19. Il-proċeduri ta' kontroll amministrattiv applikati mill-aġenziji tal-pagamenti jeħtieġu li jitwettqu kontrolli reċiproċi (kontroverifiki) kull fejn ikun possibbli u xieraq bejn id-databases kollha tas-SIAK ([26]). Il-Qorti vverifikat jekk id-databases fihomx informazzjoni kompleta u affidabbli, jekk isirux il-kontrolli reċiproċi rilevanti kollha u jekk tittieħidx azzjoni korrettiva.

3.20. L-LPIS hija database li fiha rekord tal-erja agrikola kollha, maqsuma fi ħbula referenzjali, ta' Stat Membru u l-erjas eliġibbli f'kull ħabel referenzjali. Hija bbażata fuq Sistema ta' Informazzjoni Ġeografika (GIS) li fiha l-konfini tal-ħbula diġitalizzati u bir-referenzi ġeografiċi, li huma sostnuti minn ortoimmaġnijiet ([27]) Il-Qorti sabet każijiet fejn l-eliġibbiltà tal-art ġiet irreġistrata b'mod skorrett fid-databases tal-LPIS (ara l-Kaxxa 3.4).

| **Kaxxa 3.4 — Eżempji ta' ineżattezzi fid-databases tal-LPIS** |
|---|
| Fl-Irlanda l-Qorti eżaminat l-ortoimmaġnijiet tal-ħbula kklejmjati minn sitt benefiċjarji magħżula b'mod aleatorju u għal erbgħa minnhom sabet li karatteristiċi ineliġibbli (arbuxelli, bini, toroq ta' aċċess, eċċ.) li kienu jidhru b'mod ċar fuq l-ortoimmaġnijiet ma ġewx esklużi mill-erja eliġibbli rreġistrata fl-LPIS. |
| Fi Franza l-għajnuna tal-UE tingħata għal art xagħrija għar-rigħi ("landes et parcours"). Għalkemm dawn l-erjas jinkludu taħlita ta' veġetazzjoni erbaċea eliġibbli u buxxijiet, arbuxelli, eċċ. ineliġibbli, l-LPIS Franċiża tirreġistrahom bħala kompletament eliġibbli. |

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

| ***Kaxxa 3.4 — Eżempji ta' ineżattezzi fil-bażijiet ta' dejta tal-LPIS*** |
|---|
| *Ix-xogħol tal-awditjar tal-Kummissjoni diġà żvela n-nuqqasijiet kemm fl-Irlanda kif ukoll fi Franza. B'konsegwenza ta' dan, għadhom għaddejjin proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità għaż-żewġ Stati Membri. Ir-riskju għall-fond huwa u se jkun sistemikament kopert minn korrezzjonijiet finanzjarji netti bħala riżultat ta' proċeduri ta' approvazzjoni ta' konformità pluriennali.* |

([26]) L-Artikoli 28 u 29 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1122/2009 (ĠU L 316, 2.12.2009, p. 65).

([27]) Ortoimmaġnijiet huma ritratti mill-ajru li jintużaw għall-valutazzjoni tal-eliġibbiltà tal-art fl-LPIS.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.21. Fir-rigward tal-kontrolli amministrattivi fuq l-iskemi ta' għajnuna skont l-erja, il-Qorti sabet nuqqasijiet importanti f'żewġ aġenziji tal-pagamenti (ara l-Kaxxa 3.5).

**Kaxxa 3.5 — Eżempji ta' nuqqasijiet fil-proċeduri ta' kontroll amministrattiv**

Fl-2010 Franza allokat drittijiet għall-pagament li qabżu l-limitu massimu nazzjonali taħt il-leġiżlazzjoni tal-UE b' 4,61 % ([28]). Madankollu, minflok ma applikaw tnaqqis ta' 4,61 % għall-valuri tad-drittijiet kollha l-awtoritajiet Franċiżi applikaw tnaqqis ta' 3,92 %, 3,4 % u 3,31 % għall-pagamenti kollha taħt l-SPU fis-snin baġitarji 2011 sa 2013 rispettivament bir-riżultat li dawk il-pagamenti kienu għoljin wisq ([29]).

Fl-Italja, f'aktar minn 10 000 każ, ingħatat għajnuna għal art li ġiet iddikjarata biss wara tmiem l-iskadenza stabbilita fil-leġiżlazzjoni tal-UE li jeskludi art ta' dan it-tip mill-għajnuna tal-UE ([30]).

**Sistemi ta' kontroll ibbażati fuq kontrolli fuq il-post**

3.22. Il-Qorti reġgħet ħadet 82 qies fuq il-post li kienu twettqu mill-4 aġenziji tal-pagamenti awditjati. Għalkemm f'21 każ ([31]) il-qisien tal-Qorti kienu differenti minn dawk tal-aġenziji tal-pagamenti, fi 12 minn dawn il-każijiet id-differenzi li ġew osservati ma qabżux 0,1 ha. Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li, b'mod kumplessiv, ir-riżultati tat-teħid tal-qisien mill-ġdid minnha kienu sodisfaċenti.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.21.** *Ara l-kummenti fil-Kaxxa 3.5.*

***Kaxxa 3.5 — Eżempji ta' nuqqasijiet fil-proċeduri tal-kontrolli amministrattivi***

*B'riżultat tal-ħidma ta' verifika tagħha stess, il-Kummissjoni hija konxja mis-sitwazzjoni u qed issegwi d-defiċjenza skont il-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet għas-snin finanzjarji kkonċernati. Ir-riskju għall-Fond jiġi evalwat u kopert minn korrezzjonijiet finanzjarji netti.*

([28]) Il-limitu massimu nqabeż meta għadd ta' skemi ta' għajnuna akkoppjata ġew diżakkoppjati u inkorporati fl-SPU.

([29]) Il-Qorti rreferiet għal din il-kwistjoni fir-Rapport Annwali 2011 tagħha (ara l-Kaxxa 3.2) u fir-Rapport Annwali 2012 tagħha (ara l-Kaxxa 3.1).

([30]) Ara l-Artikolu 23(2), l-aħħar subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 1122/2009.

([31]) Sitt każijiet fl-Italja, tmien każijiet fl-Irlanda, erba' każijiet fil-Ġermanja (il-Bavarja) u tliet każijiet fi Franza.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Proċeduri biex jiġi żgurat l-irkupru ta' pagamenti mhux dovuti**

3.23. Taħt il-leġiżlazzjoni tal-UE ([32]), l-Istati Membri għandhom jirkupraw somom li jintilfu b'riżultat ta' irregolaritajiet jew negliġenza u jibdew il-proċess fi żmien sena minn meta jsiru konxji tat-telf. Jekk il-pagamenti mhux dovuti ma jkunux irkuprati fi żmien erba' snin (jew fi żmien tmien snin meta l-azzjoni tal-irkupru tittella' fil-qrati nazzjonali), it-telf għandu jiġi kondiviż b'mod indaqs bejn l-Istat Membru u l-UE ([33]).

3.24. Fl-Irlanda l-Qorti osservat li djun relatati mas-sena ta' klejms 2008 jew snin preċedenti kienu ġew innotifikati lid-debituri wara dewmien konsiderevoli u ma kinux ġew suġġetti għal ebda proċedura ta' rkupru jew ta' infurzar għal bosta snin. Sa tmiem l-2012, minn EUR 6,7 miljun ta' djun relatati ma' dawn is-snin ta' klejms total ta' EUR 2,3 miljun iġġarrbu mill-UE taħt ir-regola ta' kondiviżjoni ta' 50/50 u EUR 0,7 miljun oħra ġew ikkanċellati u ġġarbu kompletament mill-baġit tal-UE.

3.25. Fejn somom jintilfu minħabba żball amministrattiv, ir-regola ta' kondiviżjoni ta' 50/50 ma tapplikax u l-Istat Membru għandu jirrifonda l-ammont sħiħ lill-baġit tal-UE. L-awtoritajiet Taljani ma rreġistrawx b'mod affidabbli jekk id-djun kinux dovuti għal irregolarità jew għal żball amministrattiv. B'riżultat ta' dan, l-ammonti li rriżultaw minn żbalji amministrattivi u li ġew irrappurtati lill-Kummissjoni ma kinux affidabbli, li potenzjalment jista' jwassal għal debitar mhux meħtieġ mill-baġit tal-UE.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.23.** *Qamet ukoll il-kwistjoni mill-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ECJ) dwar jekk l-awtoritajiet nazzjonali aġixxewx b'mod negliġenti. Sabiex jeżoneraw ruħhom mill-obbligi tagħhom li jikkoreġu l-irregolaritajiet fil-pront u biex jitqiesu diliġenti f'dan il-qasam, l-Istati Membri jridu:*

- *jniedu proċedura ta' rkupru fi żmien erba' snin mill-ewwel indikazzjoni ta' irregolarità,*
- *jniedu proċedura ta' rkupru fi żmien sena (1) wara l-kostatazzjoni amministrattiva jew ġudizzjarja ewlenija,*
- *jsegwu l-proċedura ta' rkupru nazzjonali fi żmien sena (1) wara l-aħħar każ jew azzjoni li hija rilevanti għal dik il-proċedura ta' rkupru,*
- *jirrispettaw il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-UE.*

**3.24.** *Il-Kummissjoni, permezz tax-xogħol tal-awditjar tagħha stess u wara r-reviżjoni tal-aħħar rapport tal-Korp ta' Ċertifikazzjoni, hija konxja minn ċerti nuqqasijiet fl-Irlanda deskritti mill-Qorti u hemm proċedura għaddejja bħalissa li tirrigwarda l-approvazzjoni tal-konformità fejn qed jiġu evalwati l-miżuri korrettivi meħtieġa. Fi tmiem din il-proċedura, ir-riskju totali identifikat għall-Fond se jkun kopert permezz ta' korrezzjonijiet finanzjarji netti li se jiġu kkalkulati fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Korp ta' Ċertifikazzjoni.*

**3.25.** *Il-Kummissjoni, permezz tax-xogħol tal-awditjar tagħha stess, tinsab konxja minn ċerti nuqqasijiet fil-ġestjoni tad-dejn Taljan li huma segwiti fil-kuntest ta' għadd ta' proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità. Barra minn hekk, il-Kummissjoni wettqet missjoni fl-Italja f'Ġunju 2014 sabiex tkompli tiġi ċċarata s-sitwazzjoni dwar l-irregolaritajiet. Kwalunkwe riskju għall-fond ikun kopert permezz ta' korrezzjonijiet finanzjarji netti.*

([32]) L-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005.
([33]) L-Artikolu 32(5) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Valutazzjoni kumplessiva tas-SIAK**

3.26. Globalment, is-SIAK għandha rwol ewlieni fil-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' żbalji fi klejms mill-bdiewa. Madankollu, dgħufijiet persistenti fl-esklużjoni ta' art ineliġibbli mil-LPIS u fit-trattament amministrattiv ta' klejms jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għal-livell ta' żball li jifdal fil-pagamenti lill-bdiewa.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.26.** *Is-SIAK hija mfassla biex tara li klejms ineliġibbli l-anqas biss jiddaħħlu. Il-kontroverifiki amministrattivi tal-klejms kollha, meta implimentati korrettament, jippermettu l-individwazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-iżbalji li jibqgħu fit-talbiet introdotti fis-sistema. Is-servizzi tal-Kummissjoni huma attenti għall-eżattezza tal-informazzjoni f'dawn il-bażijiet ta' dejta, minħabba li din hija element ewlieni għall-ġestjoni u l-kontroll korrett. Meta jiġu skoperti n-nuqqasijiet, l-Istati Membri jintalbu joffru rimedju għalihom. Barra minn hekk, ir-riskju għall-Fond huwa kopert mill-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità.*

*Filwaqt li jirrikonoxxu li inevitabbilment dejjem se jibqgħu ċerti dgħufijiet u imperfezzjonijiet, is-servizzi tal-Kummissjoni madankollu huma tal-opinjoni li s-SIAK fit-totalità tagħha tibqa' sistema solida għall-ġestjoni tan-nefqa tal-PAK.*

3.27. Fir-rigward ta' *data* mhux preċiża dwar l-eliġibbiltà tal-art irreġistrata fl-LPIS żbalji ta' dan it-tip spiss jirriżultaw minn interpretazzjoni insuffiċjenti tal-ortoimmaġnijiet jew mill-użu ta' kriterji ta' eliġibbiltà skorretti mill-Istat Membru (ara l-paragrafi 3.9 u 3.10 u l-Kaxxa 3.4).

**3.27.** *Ara r-risposta għall-paragrafu 3.26.*

3.28. Fir-rigward ta' trattament amministrattiv skorrett ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna, żbalji ta' dan it-tip jirriżultaw mill-implimentazzjoni skorretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE jew minn nuqqas, min-naħa tal-Istati Membri, li jirrimedjaw żbalji tas-sistemi li jinġiebu għall-attenzjoni tagħhom (ara l-Kaxxa 3.5 u n-nota 29 f'qiegħ il-paġna).

**3.28.** *Ara r-risposta għall-paragrafu 3.26.*

3.29. Minkejja d-dgħufijiet fl-LPIS u fil-kontrolli amministrattivi li nqabdu mill-awditu, il-Qorti tqis, fuq il-bażi tar-riżultati tal-awditjar tagħha, li s-SIAK tagħmel kontribut sinifikanti għat-tnaqqis tar-rati ta' żball fl-infiq li tkopri. Dan huwa rifless ukoll fir-rata baxxa ta' żball attribwibbli għall-infiq immaniġġjat taħt is-SIAK meta mqabbel mar-rata għolja ta' żball li nqabad fil-miżuri tas-suq kif irrappurtat mill-Kummissjoni fir-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tagħha (ara l-paragrafi 3.40 u 3.41).

**3.29.** *Il-Kummissjoni taqbel mal-Qorti rigward il-kontribut pożittiv tas-SIAK fuq il-livell ta' erruri. Is-SIAK għandha effett preventiv, korrettiv u ta' żvelar fuq żball. Madankollu, il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni wkoll li minħabba d-diversità u n-natura mmirata tal-miżuri varji tas-suq, ma jkunx possibbli li s-SIAK tiġi estiża biex tkoprihom.*

*Valutazzjoni tal-eżerċizzju ta' rinforz tal-aċċertament*

3.30. Fl-2010, il-Kummissjoni introduċiet, fuq bażi volontarja, il-proċedura ta' "Rinforz tal-Aċċertament" (RA). Taħt din il-proċedura, li hija bbażata fuq il-linji gwida tal-Kummissjoni, korp tal-awditjar indipendenti maħtur mill-Istat Membru jagħti opinjoni mhux biss dwar il-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' kontroll intern, iżda wkoll, ibbażat fuq analiżi dettaljata ta' kampjun rappreżentattiv tat-tranżazzjonijiet, dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq iddikjarat lill-UE. Il-kampjun għandu jittieħed b'mod aleatorju mill-applikazzjonijiet spezzjonati fuq il-post mill-aġenzija tal-pagamenti.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 3.31. Meta l-Istat Membru jista' jiċċertifika, skont il-metodoloġija definita mill-Kummissjoni, li r-rata ta' żbalji li tinstab fil-kampjun aleatorju ċċekkjat fuq il-post ma taqbiżx it-2 % għal mill-inqas sentejn konsekuttivi, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li jissostitwixxi l-kontrolli fiżiċi fuq il-post b'kontrolli bbażati fuq ortoimmaġnijiet ([34]). | ***3.31.*** *Jekk il-Kummissjoni ssib li l-kundizzjonijiet ġuridiċi ma ġewx rispettati, dan jiġi ttrattat bħala nuqqas fis-sistema ta' kontroll u kwalunkwe riskju għall-baġit tal-UE jiġi kopert b'korrezzjoni finanzjarja netta.* |
| 3.32. L-Italja wettqet il-proċedura RA b'mod retroattiv fl-2012 għas-snin ta' klejms 2010, 2011 u 2012 u kkonkludiet li r-rati tal-iżball residwu kienu taħt 2 % għas-snin ikkonċernati. B'riżultat ta' dan, l-Italja ddeċidiet li tnaqqas ir-rata tagħha ta' spezzjonijiet fuq il-post għal 1 % mis-sena ta' klejms 2012 'il quddiem. | |
| 3.33. Il-Qorti analizzat ix-xogħol tal-korp tal-awditjar Taljan għas-sena ta' klejms 2011 u sabet li l-kampjun, li ma kienx ittieħed skont il-linji gwida tal-Kummissjoni, ma kienx rappreżentattiv. Barra minn hekk, il-korp tal-awditjar ma eżaminax it-trattament amministrattiv tal-klejms għall-kuntrarju tal-proċedura stabbilita fil-linji gwida tal-UE. | |
| 3.34. Mill-133 tranżazzjoni ċċekkjata mill-korp tal-awditjar Taljan għas-sena ta' klejms 2011 il-Qorti eżaminat għażla aleatorja ta' 60 tranżazzjoni u sabet li 9 kienu milquta minn żbalji amministrattivi li ma kinux inqabdu. F'sitta mis-seba' każijiet ibbażati fuq ir-riskju li ntgħażlu, il-Qorti ħadet qisien fuq il-post u sabet li l-erja eliġibbli ddeterminata mill-korp tal-awditjar kienet skorretta. | |
| 3.35. Fid-dawl tal-iżbalji li nstabu f'60 tranżazzjoni eżaminata, il-Qorti tqis li l-awditu mwettaq mill-korp tal-awditjar Taljan ma kienx suffiċjenti biex jiġġustifika t-tnaqqis sussegwenti tar-rata ta' spezzjonijiet fuq il-post mill-awtoritajiet Taljani. | ***3.35.*** *It-tnaqqis ta' kontrolli fiżiċi fuq il-post mill-awtoritajiet Taljani se jiġi segwit matul il-proċeduri ta' awditjar ta' konformità u r-riskju għall-fond se jkun kopert permezz ta' korrezzjonijiet finanzjarji netti.* |
| *Sistema ta' kontroll applikabbli għall-għajnuna tal-UE għal gruppi tal-produtturi* | |
| 3.36. Fl-Istati Membri li ssieħbu fl-2004 jew wara ([35]), l-għajnuna tal-UE hija disponibbli għal gruppi tal-produtturi għall-investimenti meħtieġa sabiex, sussegwentement, huma jkunu jistgħu jiġu rikonoxxuti bħala organizzazzjoni tal-produtturi ([36]). Ir-rikonoxximent irid jinkiseb fi ħdan perjodu massimu ta' ħames snin. Grupp tal-produtturi jista' jinħoloq fuq l-inizjattiva ta' bdiewa li jkunu kultivaturi ta' prodott wieħed jew aktar fis-settur tal-frott u l-ħxejjex. L-UE tikkofinanzja 50 % tal-ispiża eliġibbli ta' investimenti ta' dan it-tip. | |

([34]) Kundizzjoni ulterjuri hija li l-Istat Membru inkwistjoni jkun ivvaluta li l-LPIS tiegħu hija affidabbli.

([35]) Din l-iskema tapplika bl-istess mod għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE u għall-gżejjer minuri tal-Eġew.

([36]) L-organizzazzjonijiet tal-produtturi huma l-operaturi bażiċi fis-sistema tal-frott u l-ħxejjex. Huma jipprovdu assistenza teknika lill-membri tagħhom u jgħaqqdu l-provvisti tagħhom flimkien. Ir-rikonoxximent tagħhom huwa suġġett għal sensiela ta' kundizzjonijiet, inkluż l-użu ta' prattiki ta' kultivazzjoni tajbin għall-ambjent li jinkludu l-immaniġġjar tal-iskart u l-eżistenza ta' mmaniġġjar kummerċjali u kontabilistiku xierqa.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.37. Il-Qorti eżaminat is-sistema ta' kontroll applikabbli għall-għajnuna tal-UE għal gruppi tal-produtturi fil-Polonja ([37]). Taħt ir-regoli Pollakki, grupp tal-produtturi jista' jiġi rikonoxxut biss jekk ikun magħmul minn tal-inqas ħames membri u dment li l-ebda wieħed mill-membri ma jkollu aktar minn 20 % tad-drittijiet tal-vot fil-grupp. Sabiex jiġi rikonoxxut bħala grupp tal-produtturi l-applikanti jridu jippreżentaw pjan ta' rikonoxximent ([38]). Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni tal-UE ([39]) tipprovdi li l-konċentrazzjoni tal-provvista u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tal-membri tiegħu għandhom ikunu l-attività prinċipali tal-grupp tal-produtturi u li n-nuqqas ta' rispett ta' din il-kundizzjoni twassal għall-irtirar tar-rikonoxximent.

3.38. L-awditu tal-Qorti żvela nuqqasijiet sinifikanti fil-proċeduri ta' kontroll applikati fl-għoti ta' rikonoxximent lill-gruppi tal-produtturi. Mill-40 każ li eżaminat il-Qorti, hija sabet 9 li fihom il-gruppi ma ssodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà. F'xi każijiet ir-rekwiżiti fir-rigward tal-għadd minimu ta' membri u tad-drittijiet massimi tal-vot inkisbu bid-diviżjoni tal-azjendi immedjatament qabel il-preżentazzjoni tal-pjan ta' rikonoxximent jew bil-ħolqien ta' entitajiet legali separati li kienu l-proprjetà tal-membri tal-grupp. Fi tliet każijiet il-produzzjoni tal-grupp tqiegħdet fis-suq mhux mill-grupp iżda minn wieħed jew tnejn mill-membri tiegħu jew minn kumpaniji li kienu l-proprjetà tagħhom. L-awditi proprji tal-Kummissjoni diġà kkonkludew li kien hemm defiċjenzi strutturali sinifikanti fil-proċeduri ta' approvazzjoni għal pjanijiet ta' rikonoxximent ta' gruppi tal-produtturi fil-Polonja. B'riżultat ta' dan, fir-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tagħha, hija stabbilixxiet riżerva bbażata fuq l-istima tagħha li 25 % tal-infiq totali taħt il-miżura huwa f'riskju.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.38.** *L-għan tal-gruppi tal-produtturi huwa li jiksbu rikonoxximent bħala organizzazzjonijiet tal-produtturi fi żmien perjodu ta' ħames snin. Il-Kummissjoni tikkonferma li hija sabet ukoll nuqqasijiet fl-awditi tagħha ta' gruppi tal-produtturi. Tnediet proċedura tal-approvazzjoni tal-konformità fl-14/2/2014. Is-sejbiet rilevanti wasslu għal riżerva fir-RAA 2013 tad-DĠ AGRI u għal talba għal azzjoni ta' rimedju fir-rigward ta' verifiki qabel l-approvazzjoni (emendi) ta' pjanijiet ta' rikonoxximent u qabel il-pagamenti ta' għajnuna meħtieġa, u biex isiru l-irkupri ta' pagamenti mhux dovuti mingħand il-benefiċjarji. L-awtoritajiet Pollakki ntalbu jniedu pjan ta' azzjoni li jinkludi reviżjoni sħiħa tal-pjanijiet ta' rikonoxximent kollha. Il-Kummissjoni se tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni. In-nuqqas milli jiġi implementat il-pjan ta' azzjoni jwassal għal sospensjoni/tnaqqis ta' pagamenti tal-UE. Madankollu, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li r-regoli tal-UE ma jipprojbixxux ir-rikonoxximent ta' grupp ta' produtturi biss minħabba li jkun intlaħaq in-numru minimu ta' membri jew l-għadd massimu ta' drittijiet tal-vot ftit qabel il-ħolqien tiegħu. Bl-istess mod, id-dispożizzjonijiet regolatorji għal gruppi ta' produtturi ma jeskludux l-esternalizzazzjoni ta' bejgħ lil jew bejgħ minn xi membru importanti fil-perjodu tranżitorju.*

---

([37]) L-infiq totali tal-UE fuq il-gruppi tal-produtturi kien jammonta għal EUR 343 miljun fl-2013, li minnhom madwar 90 % ntnefqu fil-Polonja.

([38]) Il-pjan jispeċifika l-assi disponibbli kif ukoll l-investimenti u l-azzjonijiet meħtieġa biex jinkiseb rikonoxximent bħala organizzazzjoni tal-produtturi fi tmiem il-perjodu ta' rikonoxximent. F'għadd ta' każijiet investimenti ta' dan it-tip jinkludu x-xiri ta' makkinarju eżistenti minn membri tal-grupp.

([39]) L-Artikoli 28(1), 43, 116(1) u 118(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 (ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1) u l-Artikoli 41(1), 114(1) u 116(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 (ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Stimi mill-Kummissjoni tar-rata tal-iżball residwu

3.39. Fir-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tiegħu, id-DĠ AGRI jivvaluta r-rata tal-iżball residwu (RER), jiġifieri sa liema punt it-tranżazzjonijiet jibqgħu milquta minn żball wara t-thaddim tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll. Ir-RERs għall-għajnuna diretta u l-miżuri tas-suq l-ewwel jiġu kkalkulati separatament.

3.40. Għall-għajnuna diretta l-punt tat-tluq għad-determinazzjoni tar-RER hija r-rati ta' żball irrappurtati mill-Istati Membri fl-istatistika tal-ispezzjonijiet tagħhom. Madankollu, peress li din l-istatistika ma tkoprix il-komponenti kollha tar-rata tal-iżball residwu u mhijiex dejjem affidabbli, id-DĠ AGRI wettaq valutazzjoni individwali għal kull aġenzija tal-pagamenti, ibbażata fuq l-informazzjoni kollha disponibbli – inklużi s-sejbiet tal-awditjar tal-Qorti. Skont il-firxa tad-dgħufijiet li nstabu, hija applikat żidiet ta' sa 5 punti perċentwali għar-rati ta' żball irrappurtati minn 42 mis-66 aġenzija tal-pagamenti li jimmaniġġjaw l-għajnuna diretta. Ir-RER stmata għall-għajnuna diretta tammonta għal 2,33 % tal-infiq kollu ([40]).

3.41. Fir-rigward tal-miżuri tas-suq ir-RER ma tiġix iddeterminata għal kull aġenzija tal-pagamenti iżda għal miżuri kollha fl-intier tagħhom, ibbażat fuq l-informazzjoni tal-awditjar kollha disponibbli. Din hija stmata bħala 7,44 % tal-infiq kollu.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.39.** *Fl-2012, id-DĠ AGRI aġġusta l-metodu tiegħu biex jistima rata ta' erruri residwi (RER) b'mod aktar komprensiv billi titqies l-informazzjoni kollha disponibbli (ir-rapporti tal-awditjar tiegħu stess, dawk tal-Qorti u dawk tal-korpi ta' ċertifikazzjoni). Din il-valutazzjoni saret fir-rigward ta' għajnuniet diretti diżakkoppjati fir-RAA tal-2012 u ġiet estiża, kif rakkomandat mill-Qorti (fir-Rapport Annwali tagħha tal-2012), wara aktar irfinar fir-RAA 2013 għan-nefqa kollha tal-PAK.*

*Il-metodoloġija għall-kalkolu tar-RER se tiġi żviluppata aktar is-sena d-dieħla (RAA 2014) fid-direzzjoni ta' approċċ kumulattiv pluriennali li se jirrifletti l-impatt tal-korrezzjonijiet finanzjarji netti ex post imposti mill-Kummissjoni (u rkupri minn benefiċjarji mill-Istati Membri nfushom) dwar ir-riskju residwu għall-baġit tal-UE.*

([40]) Din ir-rata hija aktar minn tliet darbiet ogħla mill-medja peżata tar-rata ta' żball ta' 0,69 % ikkalkulata fuq il-bażi tal-istatistika rrappurtata mill-Istati Membri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

3.42. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni stmat li r-rata kumplessiva tal-iżball residwu għal pagamenti mill-FAEG għall-2013 hija 2,69 %. Il-Qorti tqis li l-approċċ il-ġdid li jieħu inkunsiderazzjoni mhux biss id-*data* ta' kontroll ipprovduta mill-Istati Membri iżda wkoll informazzjoni oħra tal-awditjar li tkun disponibbli, jirrappreżenta titjib fil-kalkolu tar-RER.

3.43. Madankollu, il-Qorti tosserva li r-riżultati ta' dan l-approċċ juru li jista' jinkiseb aċċertament limitat biss mill-istatistika tal-ispezzjonijiet tal-Istati Membri, mid-dikjarazzjonijiet tad-diretturi tal-aġenziji tal-pagamenti u mix-xogħol imwettaq mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni. Dan jintwera mill-fatt li d-diretturi tal-81 aġenzija tal-pagamenti kollha, ħlief għal waħda (Spanja (Asturias)), kienu taw dikjarazzjonijiet ta' aċċertament pożittivi ([41]) u l-korpi taċ-ċertifikazzjoni waslu għal konklużjonijiet pożittivi dwar il-kwalità tal-ispezzjonijiet fuq il-post u l-istatistika dwarhom fil-każ ta' 79 mill-aġenziji tal-pagamenti.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.42.** *Il-Kummissjoni tilqa' l-valutazzjoni tal-Qorti li l-metodoloġija l-ġdida tagħha għall-kalkolu tal-RER hija titjib.*

*Kif irrakkomandat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, id-DĠ AGRI japplika approċċ ġdid biex jiġu stmati r-rati ta' erruri residwi li jikkunsidraw l-informazzjoni kollha disponibbli, b'mod partikolari l-awditi kemm mid-DĠ AGRI kif ukoll mill-QEA f'dawn l-aħħar tliet snin. L-impatt potenzjali tan-nuqqasijiet identifikati fuq ir-rata ta' erruri huwa stmat u miżjud bħala żieda mar-rata ta' erruri rrapportata mill-Istat Membru konċernat fil-livell ta' kull aġenzija tal-ħlas, li tirriżulta fi stima aktar realistika u aktar preċiża tar-rata ta' erruri residwi. Applikata għall-pagamenti diretti għar-RAA 2012, il-metodoloġija ġiet żviluppata aktar u, kif rakkomandat mill-Qorti, estiża għat-totalità tal-infiq tal-PAK fir-RAA 2013.*

**3.43.** *Kull saff ta' assigurazzjoni meħud waħdu jista' ma jkunx biżżejjed. Din hija r-raġuni għalfejn il-Kummissjoni integrat l-informazzjoni kollha disponibbli sabiex issir l-aktar stima solida tar-rata ta' erruri residwi.*

([41]) Fil-qafas tal-mudell ta' aċċertament li jintuża mill-Kummissjoni, id-diretturi tal-aġenziji tal-pagamenti jippreżentaw id-dikjarazzjonijiet ta' aċċertament tagħhom fejn jiddikjaraw li stabbilixxew sistema li tipprovdi aċċertament raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

### Il-konklużjoni għall-2013

3.44. Għal dan il-grupp tal-politika:

— l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jindika li r-rata tal-iżball l-aktar probabbli preżenti fil-popolazzjoni hija ta' 3,6 %,

— mill-ħames sistemi ta' kontroll eżaminati, waħda ġiet ivvalutata bħala effettiva, tnejn bħala parzjalment effettivi u tnejn bħala mhux effettivi.

L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-infiq aċċettat huwa milqut minn livell materjali ta' żball.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.44.**

*Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni li r-rata ta' erruri rrappurtata mill-Qorti hija stima annwali li tqis l-irkupri u l-miżuri korrettivi magħmula qabel l-awditjar tal-Qorti. Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni wkoll li n-nefqa kkonċernata tkun soġġetta għal korrezzjoni fis-snin sussegwenti permezz ta' korrezzjonijiet finanzjarji netti li jirriżultaw minn proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità kif ukoll permezz ta' rkupri mingħand il-benefiċjarji. Il-Kummissjoni tqis li r-rata ta' erruri annwali rappreżentattiva tal-Qorti għandha tiġi kkunsidrata fil-kuntest tal-karattru pluriennali ta' korrezzjonijiet u rkupri finanzjarji netti.*

*Barra minn hekk, hija ma taqbilx mal-kwalifika mill-Qorti ta' ksur, tal-obbligi tal-kundizzjonalità bħala żbalji kwantifikabbli, u tikkunsidra li dawn ma għandhomx jiġu inklużi fil-kalkoli ta' rati ta' erruri tad-DAS tagħha.*

*Kif stabbilit fl-Artikolu 287(1) tat-TFUE id-DAS tkopri l-"affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom".*

*Il-ksur tal-kondizzjonalità min-naħa l-oħra ma jaffettwa la l-eliġibbiltà tal-bdiewa għall-appoġġ tal-PAK (l-ewwel u t-tieni pilastri) u lanqas ir-regolarità tal-pagamenti. L-eliġibbiltà tan-nefqa ma tiddependix fuq jekk il-bidwi osservax l-obbligi tal-kundizzjonalità tiegħu, għalhekk in-nuqqas ta' konsiderazzjoni lejn l-obbligi tal-kundizzjonalità ma jinvolvix telf parzjali jew sħiħ tad-dritt tal-bidwi għall-appoġġ tal-PAK iżda jiskatta l-applikazzjoni ta' tnaqqis li huwa soġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi, għajr dawk dwar l-eliġibbiltà.*

*Il-Kummissjoni tqis ukoll li fil-qafas legali l-ġdid tal-PAK, il-leġiżlatur ikkonferma x'kien ifisser sa mill-bidu nett ukoll għall-perjodu ta' finanzjament 2007-2013, jiġifieri li għall-appoġġ kollu tal-PAK "L-impożizzjoni ta' piena amministrattiva ma għandhiex taffettwa l-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li għalihom tapplika" (l-Artikolu 97(4) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013).*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Rakkomandazzjonijiet

3.45. L-***Anness 3.3*** juri r-riżultat tal-analiżi mill-Qorti tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti. Fir-Rapporti Annwali 2010 u 2011, il-Qorti ppreżentat sitt rakkomandazzjonijet. Minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, tlieta ġew implimentati fil-biċċa l-kbira mill-aspetti u tlieta ġew implimentati f'xi aspetti.

3.46. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2013, il-Qorti tirrakkomanda li:

— **Rakkomandazzjoni 1**: il-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jintuża l-potenzjal sħiħ tas-SIAK. Dan jinkludi sforzi partikolari biex jiżguraw li

  — l-eliġibbiltà u d-daqs tal-ħbula agrikoli, b'mod partikolari ta' mergħat permanenti, jiġu vvalutati u rreġistrati b'mod korrett mill-Istati Membri fuq il-bażi tal-kriterji applikabbli tal-UE permezz ta' analiżi komprensiva tal-ortoimmaġnijiet l-aktar reċenti (ara l-paragrafi 3.9, 3.10 u 3.20),

  — tittieħed azzjoni korrettiva immedjata mill-Istati Membri fejn is-SIAK tinstab li tkun milquta minn żbalji sistemiċi, speċjalment fir-rigward ta' trattament amministrattiv skorrett ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna (ara l-paragrafu 3.15 u l-Kaxxa 3.5),

  — il-kotba tad-debituri tal-Istati Membri jkun fihom informazzjoni sħiħa u affidabbli dwar l-ammonti u n-natura ta' djun u li proċeduri effettivi ta' rkupru/infurzar jiġu applikati mingħajr dewmien mhux dovut (ara l-paragrafi 3.24 u 3.25),

— **Rakkomandazzjoni 2:** il-Kummissjoni tiżgura li l-proċedura ta' rinforz tal-aċċertament tiġi applikata b'mod effettiv għat-titjib tal-kwalità u l-kumparabbiltà tax-xogħol imwettaq mill-korpi tal-awditjar u li tittieħed azzjoni korrettiva fir-rigward tat-tnaqqis mhux ġustifikat tar-rata ta' spezzjonijiet fuq il-post, li sar mill-awtoritajiet Taljani (ara l-paragrafi 3.30 sa 3.35),

— **Rakkomandazzjoni 3:** il-Kummissjoni timmonitorja b'mod attiv l-applikazzjoni ta' azzjonijiet korrettivi fir-rigward tad-defiċjenzi fis-sistema ta' kontroll applikabbli għall-għajnuna tal-UE għal gruppi tal-produtturi fil-Polonja (ara l-paragrafi 3.36 sa 3.38).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**3.46.**

*il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni tenfasizza li tissalvagwardja l-interessi finanzjarji tal-baġit tal-UE permezz ta' korrezzjonijiet finanzjarji netti fil-qafas tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità.*

*Sabiex tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tagħhom tar-regoli l-ġodda dwar il-pagamenti diretti fir-riforma tal-PAK, inħolqot unità ġdida speċifikament fid-DĠ AGRI.*

*Barra minn hekk, in-nuqqasijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri huma indirizzati permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni komprensivi u fil-mira fejn meħtieġ. Meta s-servizzi tal-Kummissjoni jiskopru problemi bħal dawn matul l-awditi tagħhom, huma jitolbu lill-Istat Membru biex jieħu azzjonijiet ta' rimedju. Fejn il-problema hija partikolarment akuta, l-Istat Membru huwa meħtieġ li jimplimenta pjan ta' azzjoni għal rimedju li jiġi segwit mill-qrib mis-servizzi. S'issa tali pjanijiet instabu li huma effettivi ħafna.*

*L-inkjesti tal-ġestjoni tad-dejn tal-konformità jitwettqu mill-Kummissjoni biex tikseb tali assigurazzjoni. F'dan il-kuntest, il-kriterji ta' diliġenza kkwotati fir-risposta tagħna għall-punt 3.23 huma applikati b'mod strett. F'każ ta' negliġenza min-naħa tal-Istat Membru, l-ammont mhux irkuprat komplet jitħallas mill-baġit tal-Istat Membru kkonċernat. Approċċ bħal dan jiżgura trattament indaqs ta' każijiet individwali u bejn l-Istati Membri.*

*il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.*

*It-tnaqqis fil-kontrolli fuq il-post mill-awtoritajiet Taljani se jiġi segwit permezz ta' proċeduri ta' awditjar ta' konformità u r-riskju għall-fond se jkun kopert permezz ta' korrezzjonijiet finanzjarji netti.*

*il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u diġà qed timplementa miżuri rimedjali xierqa f'dan ir-rigward.*

ANNESS 3.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦALL-AGRIKOLTURA: SUQ U APPOĠĠ DIRETT*

| | 2013 | | | | | | 2012 | 2011 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | SIAK | | Mhux SIAK | | Total | | | | |
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | | | | | | | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet: | 164 | | 16 | | **180** | | 180 | 180 | 146 |
| **RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR** ([1]) ([2]) | | | | | | | | | |
| **Proporzjon (għadd) tat-tranżazzjonijiet ittestjati li nstabu li huma:** | | | | | | | | | |
| Ħielsa minn żball | 36 % | (59) | 69 % | (11) | **39 %** | **(70)** | 59 % | 61 % | 73 % |
| Milquta minn żball wieħed jew aktar | 64 % | (105) | 31 % | (5) | **61 %** | **(110)** | 41 % | 39 % | 27 % |
| **Analiżi tat-tranżazzjonijiet milquta minn żball** | | | | | | | | | |
| **Analiżi skont it-tip ta' żball** | | | | | | | | | |
| Kwistjonijiet oħra ta' konformità u żbalji mhux kwantifikabbli: | 7 % | (7) | 40 % | (2) | **8 %** | **(9)** | 19 % | 14 % | 31 % |
| Żbalji kwantifikabbli: | 93 % | (98) | 60 % | (3) | **92 %** | **(101)** | 81 % | 86 % | 69 % |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | | | | | | | | |
| Rata tal-iżball l-aktar probabbli | | | | | **3,6 %** | | 3,8 % | 2,9 % | m.a. |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | | | | | 5,5 % | | | | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | | | | | 1,7 % | | | | |

([1]) Biex jitjieb il-fehim approfondit f'oqsma bi profili ta' riskju differenti fi ħdan il-grupp tal-politika, il-kampjun inqasam f'segmenti.
([2]) Iċ-ċifri kkwotati fil-parentesi jirrappreżentaw l-għadd reali tat-tranżazzjonijiet.

ANNESS 3.2

*RIŻULTATI TAL-EŻAMINAR TAS-SISTEMI MAGĦŻULA GĦALL-AGRIKOLTURA: SUQ U APPOĠĠ DIRETT*

**Valutazzjoni tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll magħżula – FAEG**

| Stat Membru (Aġenzija tal-pagamenti) | Skema | Infiq relatat mas-SIAK (limitu massimu nazzjonali, l-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 73/2009) (1 000 EUR) | Proċeduri ta' kontroll amministrattiv biex jiġi żgurat pagament korrett inkluża l-kwalità tad-databases | Metodoloġija ta' spezzjonijiet fuq il-post, għażla, eżekuzzjoni, kontroll tal-kwalità u rappurtar tar-riżultati individwali | Proċeduri għall-irkupru ta' pagamenti mhux dovuti | Valutazzjoni kumplessiva |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Franza** | SPU | 8 527 494 | Mhux effettivi 1,2,3,4,5 | Effettivi | Effettivi | **Mhux effettivi** |
| **L-Irlanda** | SPU | 1 340 869 | Parzjalment effettivi 1,2 | Effettivi | Parzjalment effettivi A | **Parzjalment effetti-vi** |
| **L-Italja (AGEA)** | SPU | 4 379 985 | Parzjalment effettivi 1,3,6 | Parzjalment effettivi a | Parzjalment effettivi B | **Parzjalment effetti-vi** |
| **Il-Ġermanja (il-Bavarja)** | SPU | 5 852 938 | Effettivi | Parzjalment effettivi a | Effettivi | **Effettivi** |

1 Eliġibbiltà ta' art mhux irreġistrata b'mod preċiż fl-LPIS.
2 Rendikont insuffiċjenti tal-entrati fid-databases tas-SIAK.
3 Dgħufijiet fil-proċedura tar-reġistrazzjoni ta' klejms.
4 Bażi skorretta għall-kalkolu tal-pagamenti.
5 Nuqqas ta' rispett tal-limitu massimu għad-drittijiet għall-pagament.
6 Nuqqas ta' applikazzjoni ta' penali għal ħbula miżjuda mal-klejm wara l-iskadenza, informazzjoni mhux affidabbli dwar korrezzjonijiet ta' żbalji ovvji.

a Kwalità insuffiċjenti ta' qisien tal-erjas waqt kontrolli fuq il-post.

A Dewmien fl-applikazzjoni ta' proċeduri ta' infurzar.
B Informazzjoni inkompleta fil-ktieb tad-debitur.

| Stat Membru (Aġenzija tal-pagamenti) | Skema | Infiq għas-sena baġitarja 2013 (1 000 EUR) | Proċeduri ta' kontroll amministrattiv biex jiġi żgurat pagament korrett | Spezzjonijiet fuq il-post | Valutazzjoni kumplessiva |
|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Polonja** | Għajnuna għar-rikonoxximent preliminari ta' gruppi tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex | 307 264 | Mhux effettivi 1, 2, 3, 4 | Parzjalment effettivi a | **Mhux effettivi** |

1 **Dgħufijiet fil-kontroll tal-eliġibbiltà tal-benefiċjarju**
Rikonoxximent ta' gruppi tal-produtturi li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti legali
Għadd minimu ta' membri miksub bid-diviżjoni ta' azjendi eżistenti
2 **Dgħufijiet fil-kontrolli relatati mal-ħtieġa tal-investiment**
Kontrolli insuffiċjenti/rendikont inkomplet tal-entrati dwar il-kontrolli mwettqa.
Żidiet approvati tal-investimenti kienu sproporzjonati meta mqabbla maż-żieda fil-produzzjoni
3 **Dgħufijiet fil-kontrolli relatati mar-raġonevolezza tal-ispiża**
Kontrolli insuffiċjenti/rendikont inkomplet tal-entrati dwar il-kontrolli mwettqa.
Aċċettazzjoni ta' elementi ta' spejjeż li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet mhux distakkati bejn persuni relatati
4 **Problemi oħra ta' legalità u regolarità**
Spejjeż tat-trasport inklużi fil-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata (VMP)
Produzzjoni tal-grupp mhux kummerċjalizzata mill-grupp
Tul ta' żmien tal-pjan ta' rikonoxximent itwal milli meħtieġ
Spiża tal-użufrutt aċċettata bħala nfiq eliġibbli

a **Dgħufijiet fil-kontroll finali wara l-aħħar sena ta' implimentazzjoni tal-pjan ta' rikonoxximent**

ANNESS 3.3

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦALL-AGRIKOLTURA: SUQ U APPOĠĠ DIRETT*

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta mill-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Ma għadhiex applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | 3.45. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2011, il-Qorti tirrakkomanda li għall-perjodu ta' programmazzjoni attwali, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu azzjoni xierqa biex jiżguraw li:<br>**Rakkomandazzjoni 1**: l-eliġibbiltà tal-mergħa permanenti tiġi vvalutata b'mod xieraq, speċjalment f'każijiet fejn iż-żoni huma parzjalment koperti b'buxxijiet, arbuxelli, siġar densi jew blat (ara l-paragrafi 3.12 u 3.20); | | | X | | | | *Il-Kummissjoni hija konxja minn din il-kwistjoni u l-kriterji tal-eliġibbiltà fil-kuntest tar-riforma tal-PAK lejn l-2020 ġew iċċarati.*<br>*Għall-perjodu atttwali, meta l-Kummissjoni ssib dawn id-dgħufijiet, isiru rakkomandazzjonijiet għal rettifika lill-Istat Membru u jiġu imposti korrezzjonijiet finanzjarji permezz ta' proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità biex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-UE.*<br>*Azzjoni ulterjuri f'dan is-suġġett tkun l-instigazzjoni ta' pjanijiet speċifiċi ta' azzjoni ta' rimedju mill-Istati Membri, wara talba mill-Kummissjoni; dan huwa l-każ, pereżempju, fi Spanja u l-Greċja:*<br>— *Il-missjoni fl-2013 wriet li l-ħidma mill-Greċja ma kinitx skont l-istandard. Konsegwentement il-moratorju tneħħa proporzjonalment għal parti mill-ammonti involuti (jiġifieri l-parti marbuta mal-mergħa permanenti biss ġiet"revokata") u se jiġu applikati korrezzjonijiet finanzjarji netti,*<br>— *L-azzjonijiet ta' rimedju li ttieħdu minn Spanja ġew awditjati f'nofs l-2013 u nstab li ma kinux jindirizzaw is-sitwazzjoni b'mod sħiħ. Bħala konsegwenza se jiġi adottat approċċ iktar prattiku vis-à-vis Spanja u l-korrezzjonijiet finanzjarji netti se jissoktaw.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta mill-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Ma għadhiex applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 2**: l-aġenziji tal-pagamenti jieħdu azzjoni korrettiva immedjata fejn is-sistemi amministrattivi u ta' kontroll tagħhom u/jew id-databases tas-SIAK jinstabu li għandhom xi nuqqas (ara l-paragrafi 3.19 sa 3.22) (1); ([1]) | | X | | | | | ***Magħmula.*** *Il-Kummissjoni għandha biss rwol ta' sorveljanza taħt ġestjoni kondiviża; l-Istati Membri huma primarjament responsabbli għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' erruri. Għalhekk, il-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri biex tiżgura t-titjib kontinwu tal-affidabbiltà tal-informazzjoni fil-LPIS-GIS. Mis-sena tal-klejm 2010, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 146/2010 introduċa r-rekwiżit li l-Istati Membri jwettqu valutazzjoni tal-kwalità tal-LPIS-GIS fuq bażi annwali skont proċeduri determinati u jagħmlu rapport dwar ir-riżultati u l-azzjonijiet maħsuba, fejn meħtieġ, biex titjieb is-sitwazzjoni [2010/AUD/0083].* |
| | **Rakkomandazzjoni 3**: l-ispezzjonijiet fuq il-post ikunu tal-kwalità meħtieġa biex l-erja eliġibbli tiġi identifikata b'mod affidabbli (ara l-paragrafu 3.23) (1); ([1]) | | X | | | | | *Il-Kummissjoni taqbel mal-Qorti u sistematikament, bħala parti mill-approvazzjoni tirrakkomanda lill-Istati Membri sabiex itejbu s-sistemi ta' kontroll u jiżguraw implimentazzjoni aktar vigoruża tagħhom. B'mod aktar ġeneriku, il-kwalità ta' verifiki fuq-il–post tagħmel parti mill-gruppi esperti organizzati fir-rigward tal-verifiki fuq il-post.*<br><br>*Barra minn hekk, is-servizzi tal-Kummissjoni identifikaw nuqqasijiet simili fil-kwalità tal-kontrolli fuq il-post, u d-dgħufijiet li nstabu ġew segwiti permezz tal-proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità li jiżguraw li r-riskju għall-baġit tal-UE jkun kopert b'mod adegwat.*<br><br>*Matul id-DAS 2013, ġew identifikati problemi mill-QEA waqt l-awditi tas-sistema fi Franza. Għal dan il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li mill-2013 'il quddiem, Franza għandha pjanijiet ta' azzjoni għaddejja bl-għan li jiġu indirizzati d-dgħufijiet fl-LPIS. L-abbozz tal-pjan ta' azzjoni ġie diskuss f'diversi laqgħat bilaterali qabel ma Franza ressqet verżjoni "finali" tal-pjan ta' azzjoni fil-15.11.2013.*<br><br>*Barra minn hekk, Franza għandha pjan ta' azzjoni kontinwu għad-dgħufijiet fil-kontrolli ta' kundizzjonalità u għall-għajnuniet mhux akkoppjati ma' qasam. Ir-riżultati jkunu viżibbli fl-2014 jew l-2015.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta mill-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Ma għadhiex applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 4:** it-tfassil u l-kwalità tax-xogħol imwettaq mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni jipprovdu valutazzjoni affidabbli tal-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet fl-aġenziji tal-pagamenti (ara l-paragrafi 3.29 ff). | | | X | | | | *Il-Kummissjoni ressqet l-isforzi biex jiġi żgurat li d-disinn u l-kwalità tax-xogħol imwettaq mill-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni jipprovdu valutazzjoni affidabbli tal-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet fl-aġenziji tal-pagamenti.*<br>*It-tisħiħ tal-ħidma tal-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni hu propost fir-riforma tal-PAK, fl-Art. 9 tar-R. 1306/2013. Skont il-qafas legali l-ġdid, din il-ħidma se titwettaq mis-sena tat-talba 2014 (sena finanzjarja 2015), li jfisser li r-riżultati jiġu rrappurtati biss fi Frar 2016 għall-finijiet tal-approvazzjoni finanzjarja tal-kontijiet.*<br>*Tħejjew linji gwida dettaljati dwar il-metodoloġija tal-awditjar għall-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni flimkien mal-Istati Membri u dawn setgħu jinkisbu fil-15/01/2014. Tiġi offruta gwida ulterjuri lill-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni matul il-Laqgħat regolari tal-Gruppi Esperti.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta mill-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Ma għadhiex applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2010 | 3.58. Wara din l-analiżi kif ukoll is-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2010, il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni tieħu azzjoni xierqa biex tiżgura li:<br>(a) l-użu ta' ortoritratti jsir obbligatorju u li l-LPIS tiġi aġġornata regolarment abbażi ta' ortoritratti ġodda (ara l-paragrafu 3.31); | | X | | | | | ***Magħmul.*** *Il-Kummissjoni għandha biss rwol ta' sorveljanza taħt ġestjoni kondiviża; l-Istati Membri huma primarjament responsabbli għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' erruri.*<br>*Il-kwistjoni ta' aġġornament regolari tal-LPIS tiġi kkunsidrata fil-valutazzjoni ta' kwalità obbligatorja l-ġdida tal-LPIS li għadha kif ġiet introdotta. Fil-kuntest tar-riforma tal-PAK wara l-2013, fejn l-Artikolu 70 tar-Regolament tal-Kummissjoni 1306/2013 jagħmel l-użu tat-tekniki tas-sistemi ta' informazzjoni ġeografiċi kompjuterizzati, inklużi ortoimmaġni mill-ajru jew spazjali, obbligatorju, huwa saħansitra aktar importanti li jintużaw immaġni aġġornati billi n-nuqqas ta' aġġornament/dettalji fl-ortoimmaġni jrendi diffiċli l-implementazzjni tal-kontrolli ta' eliġibbiltà bi kwalità suffiċjenti. Barra minn hekk, l-ortoimmaġni aġġornata żżid valur konsiderevoli lil bdiewa u tippermettilhom b'mod aktar affidabbli li jiddeterminaw żoni eliġibbli u bidliet fil-veġetazzjoni u l-kopertura tal-art.*<br>*Fl-aħħar, huwa rifless ir-riskju ġenerali li ritratti-orto skaduti jistgħu jwasslu għal pagamenti irregolari, meta xieraq, fir-Reġistru Ċentrali ta' Riskju u mbagħad fil-Programm ta' Ħidma Annwali fid-Direttorat J.* |
| | (d) il-kwalità tal-ispezzjonijiet tiġi ċċekkjata u rrappurtata b'mod adegwat mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni (ara l-paragrafi 3.46 u 3.47). | | | X | | | | *Mis-sena tat-talba 2014 (sena finanzjarja 2015) il-korpi ta' ċertifikazzjoni huma mistennija jwettqu verifika aktar komprensiva tal-kontrolli mwettqa fil-PA (kemm amministrattiva kif ukoll fuq il-post).*<br>*Ara wkoll it-tweġiba għar-Rakkomandazzjoni 4 – FY 2011.* |

([1]) Saru rakkomandazzjonijiet simili fil-paragrafu 3.58 (b) u (c) tar-Rapport Annwali 2010.

KAPITOLU 4

## Żvilupp rurali, ambjent, sajd u saħħa

WERREJ


| | Paragrafu |
|---|---|
| Introduzzjoni | 4.1-4.5 |
| Karatteristiċi speċifiċi tal-grupp tal-politika | 4.2-4.4 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 4.5 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 4.6-4.16 |
| Żvilupp rurali | 4.7-4.15 |
| Ambjent, sajd u saħħa | 4.16 |
| Eżaminar tas-sistemi ta' kontroll magħżula | 4.17-4.34 |
| Żvilupp rurali | 4.17-4.30 |
| Sistemi tal-Istati Membri relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet | 4.17-4.21 |
| Is-sistemi tal-Kummissjoni relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet | 4.22-4.30 |
| Ambjent, sajd u saħħa | 4.31-4.34 |
| Sistemi tal-Istati Membri relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet | 4.32-4.33 |
| Is-sistemi tal-Kummissjoni relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet | 4.34 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 4.35-4.38 |
| Il-konklużjoni għall-2013 | 4.35 |
| Rakkomandazzjonijiet | 4.36-4.38 |

Anness 4. 1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għall-iżvilupp rurali, l-ambjent, is-sajd u s-saħħa

Anness 4. 2 — Riżultati tal-eżaminar tas-sistemi magħżula għall-iżvilupp rurali, l-ambjent, is-sajd u s-saħħa

Anness 4. 3 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għall-iżvilupp rurali, l-ambjent, is-sajd u s-saħħa

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

4.1. Dan il-kapitolu jippreżenta l-valutazzjoni speċifika tal-iżvilupp rurali, l-ambjent, is-sajd u s-saħħa, li tinkludi l-parti mill-iżvilupp rurali tal-qasam ta' politika "Agrikoltura u żvilupp rurali", flimkien mal-oqsma ta' politika "Ambjent u azzjoni dwar il-klima", "Affarijiet Marittimi u Sajd", u "Saħħa u ħarsien tal-konsumatur". Informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u l-infiq fl-2013 tingħata fit-***Tabella 4.1***.

**Tabella 4.1 – Żvilupp rurali, ambjent, sajd u saħħa – Informazzjoni ewlenija 2013**

*(miljuni ta' euro)*

| Qasam ta' politika | Deskrizzjoni | Pagamenti |
|---|---|---|
| Żvilupp rurali | Żvilupp rurali | 13 152 |
| | Miżuri ta' qabel l-adeżjoni | 48 |
| | Aspetti internazzjonali tal-qasam ta' politika "Agrikoltura u żvilupp rurali" | 3 |
| | | **13 203** |
| Affarijiet marittimi u sajd | Nefqa operazzjonali | 779 |
| | Nefqa amministrattiva | 41 |
| | | **820** |
| Saħħa u ħarsien tal-konsumatur | Nefqa operazzjonali | 484 |
| | Nefqa amministrattiva | 115 |
| | | **599** |
| Ambjent u azzjoni dwar il-klima | Nefqa operazzjonali | 314 |
| | Nefqa amministrattiva | 92 |
| | | **406** |
| | **Total tal-pagamenti għas-sena** | **15 028** |
| | *- total tan-nefqa amministrattiva* (1) | *248* |
| | **Total tan-nefqa operazzjonali** | **14 780** |
| | *- pagamenti bil-quddiem* (2) (3) | *537* |
| | *+ approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem* (2) | *1 254* |
| | *+ żborżamenti lil riċevituri finali minn Strumenti ta' Inġinerija Finanzjarja* | *84* |
| | **Popolazzjoni awditjata, total** | **15 581** |
| | **Total tal-impenji għas-sena** | **17 173** |

(1) L-awditu tan-nefqa amministrattiva huwa rrappurtat fil-Kapitolu 9. In-nefqa amministrattiva totali għall-qasam ta' politika agrikoltura u żvilupp rurali hija inkluża fit-*Tabella 3.1*.
(2) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7).
(3) Din iċ-ċifra tinkludi EUR 13-il miljun ta' pagamenti bil-quddiem imħallsin lill-Istrumenti ta' Inġinerija Finanzjarja.

*Sors:* Il-kontijiet konsolidati 2013 tal-Unjoni Ewropea.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Karatteristiċi speċifiċi tal-grupp tal-politika

4.2. L-iżvilupp rurali huwa parti mill-politika agrikola komuni (PAK), li l-objettivi kumplessivi, is-sorsi ta' finanzjament u l-ġestjoni u kontroll tal-infiq tagħha huma ppreżentati fil-Kapitolu 3 (il-paragrafi 3.2 sa 3.4). Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) jikkofinanzja, b'rati li jvarjaw, in-nefqa għall-iżvilupp rurali żborżata permezz ta' programmi tal-iżvilupp rurali tal-Istati Membri ([1]). In-nefqa tkopri 46 miżura ([2]) li jinkludu kemm miżuri relatati mal-erja ([3]) kif ukoll miżuri mhux relatati mal-erja ([4]).

4.3. Fir-rigward ta' oqsma oħra ta' politika, il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent hija intenzjonata li tikkontribwixxi għall-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, il-ħajja taċ-ċittadini tagħha, u l-utilizzazzjoni razzjonali tar-riżorsi naturali, inkluż fil-livell internazzjonali, bi nfiq implimentat fuq bażi ċentralizzata mid-DĠ ENV ([5]) u mid-DĠ CLIMA ([6]) għall-azzjoni klimatika. Il-politika komuni tas-sajd tal-qasam ta' politika "Affarijiet marittimi u sajd" issegwi objettivi kumplessivi simili għal dawk tal-politika agrikola komuni (ara l-paragrafu 3.2); dan il-qasam ta' politika jinvolvi kemm ġestjoni kondiviża bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni (DĠ MARE ([7])), kif ukoll ġestjoni diretta mid-DĠ MARE. Fil-qasam ta' politika "Saħħa u ħarsien tal-konsumatur", li hija mmaniġġjata mid-DĠ SANCO ([8]) fuq bażi ċentralizzata, l-UE tikkontribwixxi kemm għall-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti kif ukoll għall-benessri tal-konsumatur.

4.4. Ir-riskju prinċipali għar-regolarità għall-grupp tal-politika, u b'mod partikolari għall-iżvilupp rurali, huwa li l-infiq ikun ineliġibbli minħabba nuqqas ta' konformità ma' regoli u kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà li ħafna drabi jkunu kumplessi.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.2.** *Il-Kummissjoni tenfasizza li n-nefqa tal-FAEŻR tinkludi kemm miżuri relatati maż-żona (li huma ttrattati taħt l-IACS għall-aspetti relatati maż-żona) u kemm miżuri mhux relatati maż-żona. Dan għandu impatt fuq id-daqs tal-iżbalji għal miżuri rispettivi.*

**4.4.** *Fir-rigward tar-regoli kumplessi u l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà li għalihom għamlet referenza l-Qorti, il-Kummissjoni tirrimarka li dawn huma, sa ċertu punt, konsegwenza tal-għanijiet ambizzjużi tal-politika għall-iżvilupp rurali.*

*Madankollu, għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, il-qafas legali ġie ssimplifikat.*

---

([1]) Total ta' EUR 13 152 miljun, inklużi pagamenti għall-ikkompletar ta' programmi qabel l-2006 (EUR 195 miljun).

([2]) Il-miżuri huma elenkati taħt il-punt 7a fl-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006 (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 15).

([3]) Miżuri relatati mal-erja huma dawk fejn il-pagament ikun marbut mal-għadd ta' ettari, bħal pagamenti agroambjentali u pagamenti kumpensatorji lil bdiewa f'żoni bi żvantaġġi naturali.

([4]) Miżuri mhux relatati mal-erja huma tipikament miżuri ta' investiment, bħall-modernizzazzjoni ta' ażjendi agrikoli u l-istabbiliment ta' servizzi bażiċi għall-ekonomija u l-popolazzjoni rurali.

([5]) Id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent tal-Kummissjoni.

([6]) Id-Direttorat Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika tal-Kummissjoni.

([7]) Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd tal-Kummissjoni.

([8]) Id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumaturi tal-Kummissjoni.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

4.5. L-***Anness 1.1***, il-***parti 2***, tal-Kapitolu 1 jiddeskrivi l-approċċ u l-metodoloġija kumplessivi tal-awditjar tal-Qorti. Għall-awditu tal-iżvilupp rurali, l-ambjent, is-sajd u s-saħħa, għandhom jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin:

(a) l-awditu kien jinvolvi l-eżaminar ta' kampjun ta' 177 tranżazzjoni kif definit l fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7. Il-kampjun huwa mfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa sħiħa ta' tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp tal-politika. Fl-2013 il-kampjun kien jikkonsisti f'162 tranżazzjoni għall-iżvilupp rurali f'16 il-Stat Membru u f'pajjiż kandidat wieħed ([9]), u fi 15-il tranżazzjoni li kienu jikkonċernaw l-ambjent, is-sajd u s-saħħa f'5 Stati Membri ([10]);

(b) il-Qorti ffukat l-ittestjar tagħha tar-rekwiżiti ta' kundizzjonalità (deskritti fil-paragrafu 3.13) fuq l-obbligi tal-KAAT (kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba) u SMRs (rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni) ([11]) magħżula li għalihom setgħet tinkiseb evidenza u tintlaħaq konklużjoni fiż-żmien taż-żjarat tal-awditjar ([12]);

(c) il-valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll għall-iżvilupp rurali eżaminat tmien aġenziji tal-pagamenti ([13]) fi tmien Stati Membri ([14]). Barra minn hekk, is-sistema ta' kontroll għall-kundizzjonalità ġiet iċċekkjata f'erba' Stati Membri ([15]). Għall-oqsma ta' politika l-oħra, ġew awditjati s-sistemi tal-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) fil-Polonja u d-DĠ MARE;

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.5.**

**(b)** *Ara t-tweġiba għall-paragrafu 4.15.*

---

([9]) Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja (Brandenburg u Berlin, Mecklenburg-Vorpommern, is-Sassonja), il-Greċja, Spanja (Andalusija), Franza, l-Italja (il-Kalabrija, il-Pjemonte, Sardenja), il-Latvja, l-Ungerija, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall (l-Azores, il-Portugall Kontinentali), ir-Rumanija, il-Finlandja u t-Turkija.

([10]) Il-kampjun kien jikkonsisti fi tmien tranżazzjonijiet taħt ġestjoni diretta u f'sebgħa taħt ġestjoni kondiviża fil-Greċja, fi Spanja, fl-Italja, fil-Polonja u fil-Portugall.

([11]) Ir-rekwiżiti għall-SMRs 4 (id-Direttiva dwar in-Nitrati) u 6 sa 8 (li jikkonċernaw l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali), u n-nuqqas ta' konformità ovvju mal-SMRs 16 u 18 (il-benessri tal-annimali).

([12]) L-obbligi ta' kundizzjonalità huma rekwiżiti legali sostantivi li għandhom jiġu ssodisfati mir-riċevituri kollha ta' għajnuna diretta mill-UE. Dawn huma l-kundizzjonijiet bażiċi u f'ħafna każijiet l-uniċi kundizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati sabiex jiġi ġġustifikat il-pagament tal-ammont sħiħ ta' għajnuna diretta, b'hekk id-deċiżjoni tal-Qorti li titratta l-ksur tal-kundizzjonalità bħala żball.

([13]) L-aġenziji tal-pagamenti u l-kontrolli ewlenin intgħażlu abbażi ta' analiżi tar-riskju.

([14]) Il-Ġermanja (Nordrhein-Westfalen), Spanja (Valenzja), l-Italja (Sqallija), il-Latvja, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovenja.

([15]) Ir-Repubblika Ċeka, Spanja (Kastilja u León), l-Italja (l-Emilja-Romanja) u Malta.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(d) ġew analizzati r-rapporti annwali tal-attività tal-Kummissjoni għad-DĠ AGRI [16] (dawk li jikkonċernaw l-iżvilupp rurali) u għad-DĠ SANCO;

(e) barra minn hekk, sabiex tivvaluta l-bażi għad-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni, il-Qorti analizzat ix-xogħol tal-awditjar tad-DĠ AGRI fir-rigward tal-approvazzjoni tal-kontijiet (għall-FAEG – il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija – u għall-FAEŻR).

## REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

4.6. L-***Anness 4.1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-177 tranżazzjoni awditjata mill-Qorti 96 (54 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tat-48 żball li kkwantifikat, il-Qorti tistma li r-rata tal-iżball l-aktar probabbli hija ta' 6,7 % [17], li l-***Graff 4.1*** turi l-kategoriji prinċipali tagħha.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.6.** *Il-Kummissjoni tinnota li r-rata tal-iżbalji rrappurtata mill-Qorti hija estimu annwali li jikkunsidra rkupri u miżuri korrettivi magħmula qabel l-awditjar tal-Qorti. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li n-nefqa kkonċernata tkun soġġetta għal korrezzjoni fis-snin susseg-wenti permezz ta' korrezzjonijiet finanzjarji netti li jirriżultaw minn proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità kif ukoll permezz ta' rkupri mingħand il-benefiċjarji. Il-Kummissjoni tqis li r-rata tal-iżbalji annwali rappreżentattiva tal-Qorti għandha titqies fil-kuntest tal-karattru pluriennali ta' korrezzjonijiet u rkupri finanzjarji netti.*

*Il-Kummissjoni tieħu nota tar-rata tal-iżbalji l-aktar probabbli stmata mill-Qorti li hija inqas minn dik għas-sena li għaddiet. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li kif irrappurtat fir-rapport ta' attività annwali tal- 2013 tad-DĠ AGRI, il-korrezzjonijiet finanzjarji netti imposti fuq l-Istati Membri mill-Kummissjoni u l-irkupri mill-benefiċjarji implimentati għall-FAEŻR fl-2013 jammontaw għal EUR 327,77 miljun (2,53 % tan-nefqa totali).*

---

(16) Id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

(17) Il-Qorti tikkalkula l-istima tagħha tar-rata ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Il-Qorti hija 95 % fiduċjuża li r-rata ta' żball fil-popolazzjoni tinsab bejn 3,5 % u 9,9 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

**Graff 4.1 – Kontribut skont it-tip ta' żball, għar-rata tal-iżball l-aktar probabbli**




| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| **Żvilupp rurali** | |
| 4.7. Fir-rigward tan-nefqa għall-iżvilupp rurali, minn 162 tranżazzjoni kkampjunata, 92 (57 %) kienu milquta minn żball, li minnhom 48 (52 %) kienu żbalji kwantifikabbli. | **4.7.** *Il-frekwenza tal-iżbalji li nstabu mill-Qorti fl-iżvilupp rurali naqas minn 63 % fl-2012 għal 57 %. Ir-rata tal-iżbalji għall-iżvilupp rurali għandha wkoll tkun apprezzata fid-dawl tal-għanijiet ambizzjużi tal-politika għall-iżvilupp rurali.*<br><br>*Il-Kummissjoni tinnota li 11 biss mill-iżbalji kwantifikati msemmija kienu jikkonċernaw il-ksur tal-kundizzjonalità. Għalhekk, fl-opinjoni tal-Kummissjoni, ladarba ll-ħtiġijiet ta' kundizzjonalità la jaffetwaw l-eliġibbiltà tal-bdiewa għall-appoġġ mill-PAK (l-ewwel u t-tieni pilastru) u lanqas r-regolarità tal-pagamenti, l-esklużjoni ta' dawn l-iżbalji tnaqqas l-għadd ta' tranżazzjonijiet affettwati minn żball kwantifikabbli għal 37 (40 %).*<br><br>*Fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tiegħu għall-2013, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ AGRI għamel riżerva rigward in-nefqa għall-iżvilupp rurali għal 19-il Stat Membru (31 aġenzija tal-ħlas). Ir-riżervi saru minħabba l-okkorrenza sinifikanti ta' dgħufijiet fit-tranżazzjonijiet sottostanti u kienu akkumpanjati minn talba lill-Istati Membri kkonċernati biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet permezz ta' azzjonijiet ta' rimedju.* |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.8. F'20 każ ta' żbalji kwantifikabbli li saru mill-benefiċjarji finali, l-awtoritajiet nazzjonali kellhom informazzjoni suffiċjenti (mingħand il-benefiċjarji finali, l-awdituri tagħhom jew mingħand il-kontrolli proprji tal-awtoritajiet nazzjonali) biex jipprevjenu, jaqbdu u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma jiddikjaraw l-infiq lill-Kummissjoni. Li kieku din l-informazzjoni kollha ntużat biex jiġu kkoreġuti l-iżbalji, ir-rata tal-iżball l-aktar probabbli stmata għal dan il-kapitolu kienet tkun 4,7 punti perċentwali aktar baxxa. Barra minn hekk, il-Qorti sabet li għal 3 każijiet, l-iżball maqbud mill-Qorti sar mill-awtoritajiet nazzjonali. Dawn l-iżbalji kkontribwixxew 0,5 punti perċentwali għar-rata tal-iżball l-aktar probabbli stmata.

4.9. L-awditu kien jinvolvi l-eżaminar ta' tranżazzjonijiet meħuda minn 31 miżura differenti. Mill-162 tranżazzjoni, kien hemm 61 relatati mal-erja u 101 mhux relatati mal-erja. Instabu żbalji fit-tranżazzjonijiet ikkampjunati fis-16-il Stat Membru kollha miżjura. Bħal fis-snin preċedenti, il-komponent maġġuri (75 %) tar-rata tal-iżball l-aktar probabbli rrappurtat fil-paragrafu 4.6 kien jikkonċerna miżuri mhux relatati mal-erja.

4.10. Ir-raġuni għall-biċċa l-kbira mill-iżbalji kwantifikabbli kienet in-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-eliġibbiltà, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw:

(a) impenji agroambjentali;

(b) rekwiżiti speċifiċi għall-proġetti ta' investiment, għall-benefiċjarji u għall-infiq;

(c) regoli tal-akkwist.

Analiżi ta' kull wieħed minn dawn hija stipulata fil-paragrafi li ġejjin.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.8.** *Il-Kummissjoni taqbel mal-fehma li l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu potenzjalment ikunu sabu ħafna mill-iżbalji misjuba mill-Qorti: ir-regoli tal-PAK jipprovdu lill-Istati Membri bl-istrumenti meħtieġa kollha biex itaffu l-biċċa l-kbira tar-riskji tal-iżbalji. Wara r-riżervi fl-2011, 2012 u l-2013 mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ AGRI, ġew stabbiliti pjanijiet ta' azzjoni estensivi f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri biex jidentifikaw il-kawżi ewlenin tal-iżbalji u l-azzjonijiet xierqa ta' rimedju.*

*Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, il-programmi kollha tal-iżvilupp rurali huma meħtieġa jinkludu valutazzjoni ex ante tal-verifikabbiltà u l-kontrollabbiltà tal-miżuri, imwettqa b'mod konġunt mill-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Aġenzija tal-Ħlas.*

*Barra minn hekk, mill-2013 il-Kummissjoni intensifikat l-awditjar tagħha dwar in-nefqa fuq l-iżvilupp rurali.*

**4.9.** *Matul l-awditi tagħhom stess f'xi Stati Membri l-Kummissjoni sabet nuqqasijiet simili għal dawk osservati mill-Qorti tal-Awdituri. Kienu imposti korrezzjonijiet finanzjarji netti sostanzjali fuq l-Istati Membri kkonċernati (jew qed jittieħdu proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità bil-ħsieb li jsiru tali korrezzjonijiet) sabiex ikun protett il-baġit tal-UE.*

*Barra minn hekk fejn saru riżervi, l-Istati Membri kkonċernati huma meħtieġa li jieħdu azzjonijiet ta' rimedju. (ara paragrafu 4.8)*

*Il-livell aktar baxx ta' żbalji għal miżuri relatati maż-żona jikkonfermaw li, meta implimentati tajjeb, li s-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (IACS) hija sistema effettiva biex tipprevjeni u tikkoreġi żbalji.*

**4.10.** *Il-Kummissjoni sabet ukoll każijiet simili fl-awditi tagħha stess fl-Istati Membri. Fejn xieraq, il-Kummissjoni tindirizza rakkomandazzjonijiet għal azzjoni ta' rimedju lill-awtoritajiet nazzjonali u teskludi in-nefqa mhux eliġibbli mill-finanzjament tal-UE.*

*Il-biċċa l-kbira tar-rekwiżiti speċifiċi msemmija mill-Qorti mhumiex stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, iżda huma l-kriterji tal-eliġibbiltà stabbiliti mill-Istati Membri sabiex jinkisbu aħjar l-objettivi tal-politika tal-iżvilupp rurali tal-Istat Membru inkwistjoni.*

*Fir-rigward tal-akkwist pubbliku. Ara t-tweġiba għall-paragrafu 4.13.*

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 4.11. Il-kampjun awditjat kien jinkludi 36 tranżazzjoni għal pagamenti agroambjentali, li jikkonċernaw l-użu ta' metodi ta' produzzjoni agrikola li huma kompatibbli mal-ħarsien tal-ambjent, il-pajsaġġ u r-riżorsi naturali. Il-Qorti sabet li f'seba' każijiet (19 %), il-bdiewa ma kinux issodisfaw il-kundizzjonijiet kollha għall-pagament. Eżempju ta' tali żball li nstab mill-Qorti jingħata fil-Kaxxa 4.1. | ***4.11.*** *Il-Kummissjoi tinnota li l-frekwenza ta' żbalji li nstabu mill-Qorti f'pagamenti agroambjentali naqset minn 26 % fl-2012 għal 19 % fl-2013.*<br><br>*Il-Kummissjoni vverifikat l-implimentazzjoni tal-miżuri agroambjentali fl-Istati Membri kollha fil-perjodu ta' pprogrammar 2007-2013. Minkejja n-nuqqasijiet li fadal, il-kwalità ġenerali tal-implimentazzjoni tjiebet matul il-perjodu.* |
| **Kaxxa 4.1 – Eżempju ta' żball ta' eliġibbiltà: nuqqas ta' konformità ma' impenji agroambjentali**<br><br>Benefiċjarju fl-Italja (Sardenja) ikkommetta lilu nnifsu li ma jużax prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jagħmlu l-ħsara fuq il-qaqoċċ. Matul iż-żjara tagħha fuq il-post, il-Qorti sabet li l-benefiċjarju kien uża tali prodotti 12-il darba matul il-perjodu awditjat.<br><br>Każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' impenji agroambjentali nqabdu wkoll fl-Italja (il-Pjemonte), fl-Ungerija, fil-Pajjiżi l-Baxxi, fil-Polonja u fir-Rumanija. | ***Kaxxa 4.1 – Eżempju ta' żball ta' eliġibbiltà: Nuqqas ta' konformità ma' impenji agroambjentali***<br><br>*Dwar l-Istati Membri msemmija mill-Qorti, il-Kummissjoni sabet ukoll dgħufijiet u bħalissa għaddejjin proċeduri tal-approvazzjoni tal-konformità fir-rigward l-Ungerija, l-Italja (Pjemonte), il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja u r-Rumanija, li se jwasslu għal korrezzjonijiet finanzjarji netti li jkopru r-riskju għall-baġit tal-UE.* |
| 4.12. Kriterji ta' eliġibbiltà u proċeduri tal-għażla jgħinu sabiex l-għajnuna tiġi mmirata lejn ċerti kategoriji ta' benefiċjarji, bil-għan li tittejjeb l-effettività tal-infiq fl-iżvilupp rurali. Madankollu, mill-101 tranżazzjoni eżaminata li kienu relatati ma' proġetti ta' investiment, 24 (24 %) ma kinux jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-eliġibbiltà. Eżempju ta' dan it-tip ta' żball jinsab fil-Kaxxa 4.2. | ***4.12.*** *Fuq il-bażi tar-riżultati tal-awditu tagħha stess, il-Kummissjoni applikat korrezzjonijiet finanzjarji netti f'dan ir-rigward u se tkompli tagħmel dan kif meħtieġ. Fil-pjanijiet ta' azzjoni għat-tnaqqis tar-rata tal-iżbalji għall-iżvilupp rurali, il-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla huma tnejn mill-oqsma indirizzati.* |
| **Kaxxa 4.2 – Eżempju ta' żball ta' eliġibbiltà: benefiċjarju ineliġibbli**<br><br>Il-miżura "żieda fil-valur tal-prodotti agrikoli u tal-forestrija" tagħti appoġġ għall-investiment. L-għajnuna għandha tiġi mmirata lejn intrapriżi taħt ċertu daqs billi dawn jitqiesu li huma f'pożizzjoni aħjar biex iżidu l-valur lil prodotti lokali. Fil-Portugall, benefiċjarji taħt din il-miżura jrid ikollhom anqas minn 750 impjegat jew fatturat ta' anqas minn EUR 200 miljun. Ċifri għall-intrapriżi li jkollhom il-kontroll (eż. azzjonisti maġġoritarji) għandhom jiġu inklużi biex dan ir-rekwiżit jiġi ssodisfat.<br><br>Benefiċjarju awditjat fil-Portugall irċieva EUR 523 644 ta' għajnuna mill-UE biex jespandi l-faċilitajiet tiegħu tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa. Il-Qorti sabet li l-intrapriża kienet tappartjeni lil żewġ kumpaniji multinazzjonali kbar, u b'hekk hija taqbeż iż-żewġ rekwiżiti tad-daqs għall-eliġibbiltà b'aktar minn 300 darba. Konsegwentement, il-benefiċjarju ma kienx eliġibbli għall-għajnuna u ma kellu jsir ebda pagament.<br><br>Instab ukoll nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-eliġibbiltà għal proġetti ta' investiment jew għall-infiq ikkonċernat fil-Bulgarija, fid-Danimarka, fil-Ġermanja (Brandenburg u Berlin), fil-Greċja, fi Spanja (Andalusija), fi Franza, fl-Italja (il-Pjemonte), fil-Latvja, fil-Pajjiżi l-Baxxi, fl-Awstrija, fil-Polonja, fil-Portugall (l-Azores), fir-Rumanija u fil-Finlandja. | ***Kaxxa 4.2 – Eżempju ta' żball ta' eliġibbiltà: Benefiċjarji mhux eliġibbli***<br><br>*Il-Kummissjoni tikkondividi l-apprezzament tal-Qorti tal-eżempju fil-Kaxxa 4.2 li hija sejra ssegwi permezz tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità. Il-Kummissjoni diġà kienet konxja min-nuqqasijiet identifikati, hija sabet dgħufijiet fil-verifika tal-kriterji ta' eliġibilità għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju matul waħda mill-missjonijiet ta' awditu tagħha stess fil-Portugall fl-2012. Korrezzjoni finanzjarja netta se tkun proposta għal dawn in-nuqqasijiet permezz tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità.* |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.13. Għal 24 tranżazzjoni eżaminata, il-benefiċjarju kien meħtieġ jikkonforma ma' regoli tal-akkwist pubbliku. Dawn ir-regoli jitfasslu biex jiżguraw li l-oġġetti u s-servizzi meħtieġa jinxtraw fuq it-termini l-aktar favorevoli, filwaqt li jiggarantixxu aċċess ugwali għal kuntratti pubbliċi u konformità mal-prinċipji ta' trasparenza u nondiskriminazzjoni. Il-Qorti sabet li fi 11-il każ, kien hemm ksur ta' waħda jew aktar minn dawn ir-regoli. Minn dawn, ħamsa ġew irrappurtati bħala żbalji kwantifikabbli minħabba li kienu jirrappreżentaw ksur serju tar-regoli tal-akkwist, u dan jintwera fil-Kaxxa 4.3.

**Kaxxa 4.3 — Eżempju ta' żball ta' eliġibbiltà: nuqqas ta' rispett tar-regoli tal-akkwist**

Fi Franza, muniċipalità rurali rċeviet finanzjament taħt il-FEŻR għal proġett li kien jikkonċerna r-rinnovazzjoni u l-estensjoni ta' bini pubbliku, inklużi xogħlijiet ta' kostruzzjoni u servizzi ta' konsulenza.

Għal kuntratt wieħed li jagħmel parti mill-proġett, il-muniċipalità ma tatx kuntratt lill-offerent bil-prezz l-aktar baxx, mingħajr ebda dokumentazzjoni li tiġġustifika dan it-trattament. Għas-servizzi ta' konsulenza, il-benefiċjarju rċieva tliet espressjonijiet ta' interess mingħajr kwotazzjonijiet tal-prezzijiet. Filwaqt li l-kapaċità professjonali tat-tliet offerenti kienet meqjusa adegwata għall-proġett, il-benefiċjarju nnegozja l-prezz ma' kumpanija waħda biss, u kkonkluda l-kuntratt mingħajr ma staqsa għal offerti mingħand iż-żewġ offerenti l-oħra.

Minħabba n-nuqqas ta' rispett tal-prinċipji bażiċi tal-akkwist ta' trattament indaqs u trasparenza, l-infiq ikkonċernat huwa ineliġibbli.

Il-Qorti sabet ukoll ksur tar-regoli tal-akkwist pubbliku fil-Bulgarija, fil-Ġermanja (Brandenburg u Berlin, is-Sassonja), fi Spanja (Andalusija), fil-Pajjiżi l-Baxxi, fil-Polonja, fir-Rumanija u fil-Finlandja.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.13.** *L-akkwist pubbliku huwa element ċentrali fil-pjanijiet ta' azzjoni għall-iżvilupp rurali msemmija fil-paragrafu 4.8.*

*Il-Kummissjoni tixtieq ukoll tenfasizza li żball fl-akkwist pubbliku ma jfissirx neċessarjament frodi jew użu ħażin tal-fondi tal-UE. In-nuqqas ta' osservanza tar-regoli tal-akkwist ma jinvolvix neċessarjament l-użu ħażin ta' 100 % tan-nefqa kkonċernata. Ħafna drabi, l-objettivi ta' politika għall-azzjoni individwali jkunu ntlaħqu u l-flus tal-kontribwenti ma jkunx intilef.*

*Biex tinforza r-regoli eżistenti dwar l-akkwist pubbliku li l-Kummissjoni adottat linji gwida ġodda għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji netti li għandhom jitwettqu fir-rigward tan-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża, għal nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku [id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9527]. Relatati ma' dawn il-linji gwida, in-nuqqas ta' osservanza tar-regoli tal-akkwist huwa ġġudikat abbażi tal-prinċipju tal-proporzjonalità. Rigward l-eżempji ċċitati mill-Qorti fil-Kaxxa 4.3, is-servizzi tal-Kummissjoni sabu wkoll nuqqasijiet sinifikanti f'ċerti Stati Membri. Bħalissa għaddejjin proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità u korrezzjonijiet finanzjarji netti se jiġu applikati jekk meħtieġ..*

***Kaxxa 4.3 — Eżempju ta' żball ta' eliġibbiltà: in-nuqqas ta' osservanza tar-regoli tal-akkwist***

*Ara t-tweġibiet għal 4.13.*

*Ara t-tweġiba għall-paragrafu 4.13.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.14. Dgħufijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll jistgħu jaffettwaw għadd kbir ta' pagamenti, billi dawn jikkonċernaw it-tranżazzjonijiet kollha tal-istess tip ipproċessati permezz tas-sistema rilevanti. Mit-92 żball maqbud mill-Qorti, 40 % irriżultaw minn kundizzjonijiet li jaffettwaw aktar minn tranżazzjoni waħda. Dawn l-iżbalji jista' jkollhom impatt finanzjarju. Eżempju ta' tali żball huwa inkluż fil-Kaxxa 4.4.

**Kaxxa 4.4 — Eżempju ta' żball li jolqot aktar minn tranżazzjoni waħda**

Bdiewa ta' età ta' qabel l-irtirar li jieqfu mill-attività agrikola sabiex jittrasferixxu l-azjenda agrikola lil bdiewa oħra jistgħu jibbenefikaw minn appoġġ għall-irtirar kmieni taħt il-FAEŻR. Fil-Polonja, il-programm tal-iżvilupp rurali jistipula li l-ammont ta' appoġġ għall-irtirar kmieni għandu jitnaqqas mill-ammont tal-pensjoni tal-istat, ladarba benefiċjarju jkun laħaq l-età statutorja tal-irtirar u jkun suġġett għal assigurazzjoni tal-persjoni għal mill-anqas 25 sena.

L-aġenzija tal-pagamenti ma kellhiex kontrolli xierqa fis-seħħ biex tiżgura l-konformità ma dan ir-rekwiżit. Għaldaqstant, benefiċjarju ta' 63 sena kompla jirċievi l-ammont sħiħ ta' appoġġ għall-irtirar kmieni mingħajr tnaqqis tal-pensjoni tal-istat, minkejja li kien jissodisfa l-kundizzjonijiet għal din tal-aħħar. Il-Qorti tikkonkludi li l-parti tal-appoġġ għall-irtirar kmieni li kellha titħallas mill-fond nazzjonali tas-sigurtà soċjali fil-forma ta' pensjoni tal-istat hija ineliġibbli għall-finanzjament taħt il-FAEŻR. Dan l-iżball fil-Polonja jolqot tranżazzjonijiet oħra fejn bidwi jissodisfa l-kundizzjonijiet deskritti fil-paragrafu hawn fuq.

Żbalji li jolqtu aktar pagamenti minn dak eżaminat, u b'impatt finanzjarju nstabu wkoll fil-Pajjiżi l-Baxxi, fil-Portugall (l-Azores, il-Portugall Kontinentali) u fil-Finlandja.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 4.4 — Eżempju ta' żball li jafettwa iktar minn tranżazzjoni waħda:***

*Il-Kummissjoni tixtieq tiċċara li hawn ma hawn l-ebda suġġeriment li sar ħlas doppju għall-persuna rtirata, iżda pjuttost qed jintqal li l-baġit tal-UE qed iġarrab kostijiet li kellhom jiġu ffinanzjati mill-baġit nazzjonali.*

*Il-Kummissjoni taqbel mal-fehma tal-Qorti li l-awtoritajiet nazzjonali kellhom jiżguraw li kwalunkwe drittijiet għal pensjonijiet nazzjonali kellhom jitnaqqsu mill-appoġġ għal irtirar kmieni, minkejja l-fatt li l-benefiċjarju ma talabx il-pensjoni nazzjonali tiegħu. Fil-qafas tal-proċedura ta' verifika tal-konformità, il-Kummissjoni qed issegwi s-sejbiet tal-Qorti fil-konfront tal-awtoritajiet nazzjonali bil-għan li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE u jirkupraw kwalunkwe ħlasijiet mhux dovuti.*

*Fil-qafas tal-proċedura ta' verifika tal-konformità, is-servizzi tal-Kummissjoni se jsegwu s-sejbiet tal-Qorti ta żball sistemiku (jiġifieri nuqqasijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll) bil-għan li jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE u jirkupraw kwalunkwe ħlasijiet mhux dovuti permezz ta' korrezzjonijiet finanzjarji netti.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.15. Taħt ċerti skemi ta' għajnuna mill-FAEŻR [18], il-benefiċjarji ta' għajnuna mill-UE għandhom obbligu legali li jissodisfaw kundizzjonijiet ta' "kundizzjonalità", kif deskritt fil-paragrafu 3.12. Filwaqt li 24 (39 %) mill-61 bidwi miżjura li kienu suġġetti għal rekwiżiti ta' kundizzjonalità naqsu milli josservawhom, l-impatt fuq ir-rata ta' żball stmata hija relattivament baxxa (0,2 punti perċentwali). Kien hemm probabbiltà akbar li l-bdiewa jiksru r-regoli dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.15.** *Ir-rispett tal-obbligi tal-kundizzjonalità ma jikkostitwixxix kriterju ta' eliġibbiltà għall-ħlasijiet tal-PAK u, għaldaqstant, il-kontrolli ta' dawn ir-rekwiżiti ma jirrelatawx mal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti. Il-kundizzjonalità hija mekkaniżmu li bih il-bdiewa huma ppenalizzati meta huma ma jirrispettawx sensiela ta' regoli li jirriżultaw b'mod ġenerali minn politiki oħra apparti l-PAK u japplikaw għaċ-ċittadini tal-UE indipendentement mill-PAK. Għalhekk il-Kummissjoni tqis li l-penali imposti għall-ksur tar-rekwiżiti tal-kundizzjonalità ma għandhomx jittieħdu f'kunsiderazzjoni għall-kalkolu tar-rati ta' żball għall-PAK.*

*Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-qafas ġuridiku l-ġdid tal-PAK, il-leġiżlatur ikkonferma b'mod espliċitu dan l-approċċ għall-appoġġ kollu tal-PAK billi fl-Artikolu 97(4) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 stipula li "l-impożizzjoni ta' piena amministrattiva ma għandhiex taffettwa l-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li għalihom tapplika."*

*Dwar il-problemi misjuba għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali, il-Kummissjoni tikkondividi l-osservazzjoni tal-Qorti u tagħti attenzjoni partikolari għal dawn ir-rekwiżiti matul l-awditi tal-kundizzjonalità tagħha stess.*

### *Ambjent, sajd u saħħa*

4.16. Fir-rigward tal-ambjent, is-sajd u s-saħħa, minn 15-il tranżazzjoni kkampjunata, 4 (27 %) kienu milquta minn żbalji mhux kwantifikabbli.

## EŻAMINAR TAS-SISTEMI TA' KONTROLL MAGĦŻULA

### Żvilupp rurali

*Sistemi tal-Istati Membri relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet*

4.17. L-***Anness 4.2*** fih sommarju tar-riżultati tas-sistemi eżaminati mill-Qorti [19].

---

(18) Kif imniżżel fl-Artikolu 50a tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1).

(19) Għal miżuri tal-iżvilupp rurali relatati mal-erja, il-verifikazzjoni ta' ċerti elementi ewlenin bħall-erja eliġibbli ssir permezz tas-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (SIAK), deskritta fil-paragrafu 3.17. Rekwiżiti oħra tal-eliġibbiltà huma rregolati minn kontrolli mfassla b'mod speċifiku. Kif deskritt fl-***Anness 3.2***, il-Qorti vvalutat is-sistemi SIAK f'erba' aġenziji tal-pagamenti u sabet li huma effettivi f'każ wieħed, parzjalment effettivi f'żewġ każijiet u mhux effettivi f'każ wieħed.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.18. L-awtoritajiet tal-Istati Membri huma responsabbli mill-istabbiliment u mill-operat b'mod partikolari ta':

(a) proċeduri amministrattivi u tal-kontroll xierqa biex jiżguraw il-preċiżjoni tad-dikjarazzjonijiet magħmula minn min jagħmel il-klejm, u l-issodisfar tar-rekwiżiti tal-eliġibbiltà;

(b) kontrolli fuq il-post li, skont l-iskema ta' għajnuna, għandhom ikopru mill-anqas 5 % tal-benefiċjarji kollha jew tal-infiq ([20]);

(c) sistema biex jiġi żgurat l-issodisfar tar-rekwiżiti ta' kundizzjonalità.

4.19. L-awditu tal-Qorti kopra l-konformità mad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti rilevanti u valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi fl-iżgurar tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet. Sabiex tikseb kopertura usa' tas-sistemi u titjib fl-effiċjenza, il-Qorti bbażat il-valutazzjonijiet tas-sistemi tagħha parzjalment fuq awditi mwettqa mill-Kummissjoni (DĠ AGRI) (ara aktar il-paragrafu 4.23).

4.20. Għas-sistemi tal-Istati Membri eżaminati, il-Qorti identifikat id-dgħufijiet prinċipali li ġejjin ([21]):

— defiċjenzi f'kontrolli amministrattivi relatati ma' kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u ma' impenji, bħan-nuqqas ta' detezzjoni ta' VAT ineliġibbli jew ir-riskju ta' finanzjament doppju, f'sebgħa minn tmien Stati Membri,

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.20.** *Il-Kummissjoni hija konxja tan-nuqqasijiet fis-sistema ta' kontroll tal-Istati Membri għall-FAEŻR. Fir-RAA tal-2013 tad-DĠ AGRI, kważi nofs l-aġenziji tal-ħlas tqiegħdu taħt riżerva għan-nefqa tal-FAEŻR b'talba biex jieħdu l-azzjoni meħtieġa ta' rimedju. Kif imsemmi mill-Qorti fil-paragrafu 4.19, parti mill-valutazzjoni tagħha stess tas-sistemi ta' Stat Membru hija bbażata fuq is-sejbiet tal-awditi għall-konformità mwettqa mis-servizzi tal-Kummissjoni.*

*Kull meta fil-qafas tal-awditi tagħha l-Kummissjoni tidentifika xi dgħufijiet fil-kontrolli amministrattivi, din issegwihom permezz tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità sabiex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-UE.*

*Il-Kummissjoni hija konxja tan-nuqqasijiet li jikkonċernaw problemi relatati mal-eliġibbiltà, inkluż il-proċedura ta' akkwist u l-VAT. Dawn il-kwistjonijiet huma fil-qalba tal-awditi mwettqa fl-Istati Membri dwar miżuri ta' investiment. Anki fil-pjanijiet ta' azzjoni mwaqqfa mal-Istati Membri biex jitnaqqsu r-rati ta' żball, dawn il-problemi kienu u għadhom qed jiġu indirizzati.*

*Għall-perjodu ta' finanzjament 2014-2020, ir-regoli dwar l-eliġibbiltà tal-VAT għall-korpi pubbliċi ġew simplifikati, li għandu jnaqqas ir-riskju ta' żbalji.*

([20]) L-Artikoli 12 u 25 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 65/2011 (ĠU L 25, 28.1.2011, p. 8).

([21]) L-***Anness 4.2*** jindika l-Istat Membru speċifiku li fih instabet id-dgħufija.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| — evalwazzjoni insuffiċjenti tar-raġonevolezza tal-ispejjeż fl-erba' Stati Membri kollha fejn dan l-aspett ġie ċċekkjat, permezz ta', pereżempju, it-tqabbil ma' spejjeż ta' referenza u l-użu ta' offerti kompetittivi, | *Il-Kummissjoni tikkondividi l-fehma li l-verifiki amministrattivi tar-raġonevolezza tal-ispejjeż huma essenzjali biex jiżguraw l-effikaċja tas-sistema ta' kontroll. Il-Kummissjoni matul il-verifiki tal-konformità tagħha ukoll sabet nuqqasijiet fl-evalwazzjoni tar-raġonevolezza tal-ispiża u imponiet korrezzjonijiet finanzjarji netti f'dan ir-rigward biex tipproteġi l-interess finanzjarju tal-UE.*<br><br>*Il-Kummissjoni tixtieq tinnota li, għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, 2014-2020, il-kostijiet simplifikati għar-rimborż ta' ħlasijiet (finanzjament b'rata fissa, l-iskala standard ta' kostijiet unitarji u l-ammonti f'daqqa) se jintużaw b'mod aktar wiesa'. Dan għandu jikkontribwixxi għal użu aktar effiċjenti u korrett tal-fondi.* |
| — dgħufijiet fis-segwitu ta' irregolaritajiet identifikati minn aġenziji tal-pagamenti, inkluża l-applikazzjoni ta' tnaqqis jew irkupri f'erba' minn sitt Stati Membri, | *Permezz ta' proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità, il-Kummissjoni ssegwi kwalunkwe nuqqasijiet sistemiċi identifikati fil-qafas tal-awditi tagħha, inklużi dawk relatati ma' irregolarità tal-Istati Membri u l-ġestjoni tad-dejn. Fi tmiem dawn il-proċeduri r-riskju totali għall-baġit tal-UE huwa kopert minn korrezzjonijiet finanzjarji netti. Għall-iskop tal-erba' Stati Membri msemmija mill-Qorti, il-Kummissjoni hija konxja tan-nuqqasijiet u diġà jinsabu għaddejjin proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità sabiex ikun imħares il-baġit tal-UE.* |
| — kwalità insuffiċjenti tal-kontrolli fuq il-post (eż., huma ma koprewx l-impenji u l-obbligi kollha), f'ħames minn tmien Stati Membri, | *Il-Kummissjoni stess identifikat ukoll n-nuqqasijiet dwar il-kwalità tal-kontrolli fuq il-post. Sabiex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-UE, il-Kummissjoni sistematikament issegwi nuqqasijiet permezz tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità.* |
| — defiċjenzi fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll għal kontrolli tal-kundizzjonalità fl-erba' Stati Membri kollha, bħal standards nazzjonali insuffiċjenti tal-KAAT jew implimentazzjoni nazzjonali skorretta tad-Direttiva dwar in-Nitrati. | *Il-Kummissjoni tikkondividi l-fehma tal-Qorti dwar tlieta mill-Istati Membri, kif ikkonfermat mir-riżultati tal-awditi tal-kundizzjonalità tal-Kummissjoni f'dawn l-aġenziji tal-ħlas.*<br><br>*Ir-raba' Stat Membru kien inkluż fil-programm ta' awditjar tal-2015.* |
| Dawn id-dgħufijiet kienu simili ħafna għal dawk li nstabu u rrappurtati li kienu jikkonċernaw is-sistemi tal-Istati Membri li ġew eżaminati f'dawn l-aħħar sentejn [22]. Tali dgħufijiet jispjegaw fil-parti l-kbira l-iżbalji maqbuda matul l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet (ara l-paragrafu 4.8). | |

[22] Ir-Rapport Annwali 2012, il-Kapitolu 4, il-paragrafi 4.21 sa 4.25, u r-Rapport Annwali 2011, il-Kapitolu 4, il-paragrafi 4.22 sa 4.32.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.21. Il-Qorti sabet dgħufijiet fil-kontrolli tar-regoli tal-akkwist, li kienu evidenti fit-tliet Stati Membri kollha fejn dan ir-rekwiżit ġie eżaminat. Il-Qorti eżaminat 17-il tranżazzjoni li jinvolvu l-akkwist pubbliku, li minnhom 8 (47 %) kienu milquta minn żbalji. Fi tlieta minn tmien każijiet, instab infiq ineliġibbli, li jammonta għal total ta' aktar minn EUR 4,8 miljun tal-għajnuna mill-FAEŻR. Eżempju li jinvolvi nfiq ineliġibbli mhux maqbud mill-kontrolli ta' Stat Membru jingħata fil-Kaxxa 4.5.

**Kaxxa 4.5 — Eżempju ta' kwalità insuffiċjenti ta' kontrolli amministrattivi ta' Stat Membru**

Għal każ wieħed tal-akkwist pubbliku kkontrollat fil-Latvja, l-aġenzija tal-pagamenti nfisha kienet il-benefiċjarja ta' EUR 2 miljun f'għajnuna mill-FAEŻR, li kienet tikkonċerna s-sistema tal-IT esternalizzata tagħha.

Il-Qorti sabet li l-kuntratt għas-sistema tal-IT u manutenzjoni sussegwenti tal-IT ingħataw lil kumpanija permezz ta' proċedura ta' akkwist pubbliku milquta minn bosta żbalji serji. Pereżempju, l-aġenzija tal-pagamenti indebitament applikat proċedura nnegozjata, li għaliha l-kundizzjonijiet ma kinux issodisfati, minflok proċedura miftuħa jew ristretta kif meħtieġ mil-leġiżlazzjoni. In-nuqqas ta' rispett ta' dawn il-proċeduri meħtieġa jirrendi l-infiq ineliġibbli għal finanzjament mill-UE.

F'dawn l-aħħar sentejn, il-Qorti rrappurtat każijiet simili ħafna li jikkonċernaw l-akkwist ta' sistemi u servizzi tal-IT fejn l-aġenzija tal-pagamenti nfisha kienet il-benefiċjarja ta' għajnuna mill-FAEŻR u ma rrispettatx ir-regoli tal-akkwist pubbliku ([23]). Dan juri li l-korpi responsabbli mill-iċċekkjar tal-għajnuna tal-UE mhux dejjem jirrispettaw ir-regoli huma stess.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 4.5 — Eżempju ta' kwalità insuffiċjenti ta' kontrolli amministrattivi ta' Stat Membru***

*Il-kwistjonijiet imsemmija mill-Qorti se jiġu segwiti mill-Kummissjoni f'awditu ta' konformità.*

*Rigward l-eżempji msemmija fir-rapporti annwali preċedenti tal-Qorti, il-Kummissjoni qiegħda ssegwi s-sejbiet tal-Qorti fil-qafas tal-approvazzjoni ta' konformità tal-proċeduri tal-kontijiet u se tapplika korrezzjonijiet finanzjarji netti fejn xieraq.*

*Is-sistemi tal-Kummissjoni relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet*

**Il-proċeduri ta' approvazzjoni tal-kontijiet tal-Kummissjoni**

4.22. Il-ġestjoni tal-biċċa l-kbira mill-infiq fuq l-agrikoltura hija kondiviża bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-għajnuna titħallas mill-Istati Membri, li mbagħad tiġi rimborżata mill-Kummissjoni (fuq bażi ta' kull xahar għall-FAEG u fuq bażi ta' kull tliet xhur għall-FAEŻR). Biex hija tkun tista tassumi r-responsabbiltà aħħarija għall-implimentazzjoni tal-baġit, il-Kummissjoni tapplika żewġ proċeduri separati:

([23]) Ir-Rapport Annwali 2012, il-Kapitolu 4, il-Kaxxa 4.6 u r-Rapport Annwali 2011, il-Kapitolu 4, il-Kaxxa 4.2.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(a) *proċedura annwali ta' approvazzjoni finanzjarja* li tkopri l-kontijiet annwali u s-sistema ta' kontroll intern ta' kull aġenzija tal-pagamenti akkreditata. Id-deċiżjoni riżultanti dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet hija bbażata fuq awditi mwettqa minn korpi indipendenti taċ-ċertifikazzjoni fl-Istati Membri, li jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni;

(b) *proċedura pluriennali ta' approvazzjoni tal-konformità*, li tista' twassal għal korrezzjonijiet finanzjarji għall-Istat Membru kkonċernat jekk l-infiq ikun kiser ir-regoli tal-UE f'sena finanzjarja waħda jew f'bosta snin finanzjarji. Id-deċiżjonijiet riżultanti tal-konformità huma bbażati fuq awditi tal-konformità mwettqa mill-Kummissjoni.

4.23. Il-Qorti ċċekkjat il-konformità ta' 20 mill-awditi tal-konformità tal-Kummissjoni ma' standards internazzjonali tal-awditjar. Il-biċċa l-kbira mill-elementi ewlenin kienu fis-seħħ u konformi mar-rekwiżiti regolatorji prinċipali. Il-Qorti nnutat titjib meta mqabbla mas-sena li għaddiet, eż. fir-rigward tad-dokumentazzjoni tal-awditjar, u sabet li r-riżultati tal-awditi tal-FAEŻR u tal-kundizzjonalità mill-Kummissjoni kienu ta' kwalità suffiċjenti biex jintużaw mill-Qorti bħala parti mill-valutazzjonijiet proprji tagħha tas-sistemi tal-Istati Membri. Madankollu, għad hemm dgħufijiet, b'mod partikolari għall-FAEG, fir-rigward tal-kontroll ta' kwalità, l-użu sistematiku ta' listi ta' kontroll, u l-mod kif tiġi evalwata l-evidenza u kif jiġu ffurmati l-konklużjonijiet. Osservazzjonijiet simili ġew irrappurtati mill-Qorti fl-aħħar sentejn. ([24])

4.24. Id-DĠ AGRI rrapporta li, fl-2013, l-awditi tal-konformità tiegħu koprew 42 % tal-infiq tal-FAEG u tal-FAEŻR, l-istess perċentwal kif irrappurtat għall-2012. L-infiq kopert mill-awditu tal-Kummissjoni huwa relatat direttament ma' korrezzjonijiet finanzjarji. Madankollu, il-Qorti ma setgħetx tiċċekkja l-preċiżjoni taċ-ċifra rrappurtata, billi l-Kummissjoni ma setgħetx tipprovdi lill-Qorti b'informazzjoni suffiċjenti dwar kif din ġiet ikkalkulata.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.23.** *Il-Kummissjoni tilqa' r-rikonoxximent tal-Qorti tat-titjib li sar fir-rigward tal-proċeduri ta' awditu. Fir-rigward tan-nuqqasijiet identifikati għall-FAEG, ikompli x-xogħol biex titjieb is-sistema.*

**4.24.** *Il-Qorti għamlet xi osservazzjonijiet interessanti u pertinenti dwar il-metodoloġija dettaljata biex tiġi kkalkolata l-kopertura tan-nefqa tal-awditi. Il-Kummissjoni se teżaminahom bil-għan li tallinja l-kalkoli tal-kopertura tagħha fil-kuntest tal-programm pluriennali ġdid ta' ħidma tal-awditjar tagħha.*

([24]) Ir-Rapport Annwali 2012, il-Kapitolu 4, il-paragrafu 4.27, u r-Rapport Annwali 2011, il-Kapitolu 4, il-paragrafu 4.41.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.25. L-awditi tal-konformità tal-Kummissjoni huma bbażati fuq is-sistemi, u ma jiċċekkjawx ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-kampjuni jintgħażlu fuq bażi skont il-ġudizzju jew bażi aleatorja, u jkopru nfiq relatat ma' bosta snin baġitarji, iżda mhumiex rappreżentattivi. B'konsegwenza ta' dan, ix-xogħol tal-awditjar tal-Kummissjoni ma jippermettilhiex li tikkalkula rata ta' żball annwali, u l-korrezzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw mill-awditi fil-biċċa l-kbira mill-każijiet isiru fuq bażi ta' rata fissa. Korrezzjonijiet b'rata fissa għandhom jintużaw fejn ma jkunx possibbli li jiġu identifikati b'mod preċiż l-ammonti minfuqa indebitament ([25]). Barra minn hekk, il-korrezzjonijiet b'rata fissa, tipikament 2 % jew 5 %, jiġu applikati irrispettivament minn kemm ikunu nstabu nuqqasijiet fil-kontroll.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.25.** *Il-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni, mit-talba tal-2014, jikkontrollaw kampjun rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet li jippermettilhom li jagħtu opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità u sabiex jivvalidaw rata tal-iżbalji. Min-naħa l-oħra, l-għan tax-xogħol tal-awditjar tal-konformità tal-Kummissjoni huwa li tinkiseb assigurazzjoni li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll kif implimentati mill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża tal-PAK jikkonformaw mar-regoli u fejn dawk is-sistemi jinstabu li jkunu defiċjenti biex jipproteġu l-baġit tal-UE permezz ta' korrezzjonijiet finanzjarji netti. L-awditi tal-approvazzjoni tal-konformità tal-Kummissjoni ma jaspirawx biex iwettqu ttestjar sostantiv li jippermettulha tikkalkula r-rati ta' żball fir-rigward ta' kull aġenzija tal-ħlas li għalija hija kkunsidrat korrezzjoni finanzjarja. Il-kampjuni ttestjati matul il-missjonijiet huma maħsuba biex jittestjaw is-sistema eżaminata. Għalhekk mhumiex meħtieġa li jkunu rappreżentattivi.*

*Il-korrezzjonijiet finanzjarji netti jiġu determinati fuq il-bażi tan-natura u l-gravità tal-ksur u l-ħsara finanzjarja kkawżata lill-baġit tal-UE. Fejn ikun possibbli, l-ammont jiġi kkalkulat fuq il-bażi tat-telf li effettivament jiġi kkawżat jew fuq il-bażi ta' estrapolazzjoni. Fejn dan ma jkunx possibbli bi sforzi proporzjonati, fejn l-Istati Membri ma jużawx l-opportunità biex jagħmlu x-xogħol addizzjonali meħtieġ biex jipprovdu valutazzjoni kkalkolata tat-telf għall-baġit tal-UE jew, fejn dan tal-aħħar huwa inkomplet jew mhux preċiż biżżejjed, jintużaw rati fissi li jikkunsidraw in-natura u l-gravità tan-nuqqasijiet identifikati fis-sistemi nazzjonali ta' ġestjoni u kontroll. Ir-regoli għall-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji ġew riveduti fir-Regolament orizzontali tal-PAK għal qafas ġuridiku 2013-2020 (ir-Regolament KE Nru 1306/2013), li jirrikjedi kriterji preċiżi sabiex jiġi stmat ir-riskju fl-UE. F'dak ir-rigward, id-dispożizzjonijiet fl-Att Iddelegat stabbilew b'mod aktar preċiż il-metodu u l-kriterji għall-kalkolu ta' korrezzjoni finanzjarja netta fi proporzjon xieraq mar-riskju ta' nfiq irregolari. Pereżempju regoli aktar stretti u korrezzjonijiet finanzjarji netti ogħla se japplikaw fejn hemm tliet nuqqasijiet jew aktar differenti f'sistema ta' kontroll.*

([25]) L-Artikolu 80(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1) jispeċifika li "Il-Kummissjoni għandha tapplika korrezzjonijiet finanzjarji għall-Istati Membri sabiex teskludi mill-finanzjamenti tal-Unjoni l-infiq li jkun jikser id-dritt applikabbli. Il-Kummissjoni għandha ssejjes il-korrezzjonijiet finanzjarji tagħha fuq l-identifikazzjoni tal-ammonti minfuqa indebitament, u l-implikazzjonijiet finanzjarji għall-baġit. Meta dawn l-ammonti ma jistgħux jiġu identifikati b'mod preċiż, il-Kummissjoni tista' tapplika korrezzjonijiet estrapolati jew b'rata fissa skont ir-regoli speċifiċi għas-settur."

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.26. Fl-2013, il-Kummissjoni ħadet erba' deċiżjonijiet tal-konformità, li wasslu għal korrezzjonijiet finanzjarji ta' EUR 1 116,8 miljun (EUR 861,9 miljun relatati mal-FAEG, EUR 236,2 miljun relatati mal-FAEŻR u EUR 18,6 miljun relatati ma' oħrajn). Korrezzjonijiet b'rata fissa kienu jiffurmaw 66 % ta' dawn il-korrezzjonijiet finanzjarji, li huwa simili ħafna għall-proporzjon medju ta' dawn l-aħħar ħames snin (65 %).

4.27. Korrezzjonijiet finanzjarji adottati fl-2013 jirrappreżentaw madwar 2 % tal-baġit tal-UE 2013 għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, li huwa ogħla mil-livell medju ta' korrezzjonijiet finanzjarji applikati fil-perijodu 2008-2012 (1,4 %). Dan huwa prinċipalment spjegat bit-tnaqqis ta' fajls tal-awditjar miftuħa li huma pendenti, minn 553 fi tmiem l-2012 għal 516 fi tmiem l-2013. Ir-riżoluzzjoni u l-għeluq ta' dawn il-fajls, li kienu relatati ma' snin finanzjarji qabel l-2010, irriżultaw f'korrezzjonijiet finanzjarji ta' EUR 881 miljun (79 % tat-total) fl-2013. Għad fadal għadd mhux ħażin ta' fajls pendenti qodma, b'mod partikolari għall-FAEG u għal irregolaritajiet, li għalihom 46 fajl għadhom miftuħa u li huma relatati ma' awditi mwettqa bejn l-2007 u l-2009.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.26.** *Korrezzjonijiet finanzjarji netti b'rata fissa huma applikati biss fejn il-Kummissjoni ma tistax, bi sforz proporzjonat, tikkalkula b'mod aktar preċiż ir-riskju għall-baġit tal-UE. Il-kriterji u l-metodoloġija għall-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet b'rata fissa huma stabbiliti b'mod trasparenti f'dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni (VI/5330/97 tat-23/12/1997) sabiex jiġi żgurat li r-riskju għall-baġit tal-UE huwa kopert. Ara wkoll it-tweġiba għall-paragrafu 4.25.*

**4.27.** *Għall-PAK il-Kummissjoni tapplika korrezzjonijiet finanzjarji "netti" dejjem, jiġifieri huma effettivament rimborżati mill-Istati Membri lill-baġit tal-UE.*

*Il-Kummissjoni qed tieħu azzjoni biex tindirizza l-għadd ta' faxxikoli miftuħa tal-awditjar, u d-DĠ AGRI rrekluta ħames impjegati kkwalifikati li jaħdmu esklussivament fuq l-eliminazzjoni tax-xogħol b'lura.*

*Barra minn hekk, id-DĠ AGRI diġà implimenta monitoraġġ aktar mill-qrib tal-ġestjoni tad-dewmien proċedurali.*

*Il-Kummissjoni, permezz tal-qafas ġuridiku l-ġdid tal-PAK, qed tieħu azzjoni bl-għan li tiġi ssimplifikata l-proċedura ta' konformità kollha kemm hi u li tillimita r-riskju ta' dewmien bla bżonn. B'mod partikolari, skadenzi għal kull pass tal-proċedura ta' konformità qed jiġu introdotti kemm għall-Istati Membri u l-Kummissjoni fl-Artikolu 34 tal-abbozz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni li huwa mistenni li jkun adottat mill-Kummissjoni f'Lulju 2014.*

*Il-Kummissjoni taqbel li hemm lok li titħaffef b'mod sinifikanti l-proċedura ta' konformità. Madankollu, il-proċedura tal-konformità teħtieġ li ċerti passi jkunu applikati f'sekwenza kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (fażi kontradittorja tikkostitwixxi l-qalba tal-proċedura standard tal-approvazzjoni tal-konformità; u fażi ta' konċiljazzjoni fuq talba tal-Istat Membru). Għal każijiet aktar kumplessi ż-żewġ fażijiet tal-proċedura ta' konformità (kontradittorja segwita minn konċiljazzjoni), id-dritt tal-Istat Membru li jikkontesta l-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni u l-ħtieġa għall-korrezzjoni li tkun proporzjonali għall-gravità tan-nuqqas jistgħu jeħtieġu xogħol addizzjonali sinifikanti.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Ir-rapport annwali tal-attività (RAA) tad-DĠ AGRI**

4.28. Ir-RAA tad-DĠ AGRI ([26]) fih riżervi għan-nefqa għall-iżvilupp rurali għal 31 aġenzija tal-pagamenti f'19-il Stat Membru. Ir-riżervi nħarġu minħabba l-okkorrenza sinifikanti ta' dgħufijiet fit-tranżazzjonijiet ta' bażi. L-ammont taħt riżerva huwa ta' EUR 599 miljun, ibbażat fuq rata tal-iżball residwu (RER) ([27]) ta' 5,19 %. Din hija żieda sinifikanti mis-sena preċedenti, meta l-RER kienet ta' 1,62 % bbażata fuq l-istatistika tal-Istati Membri ([28]) dwar il-kontroll.

4.29. Iż-żieda kbira fl-RER għall-2013 tirriżulta minn approċċ rivedut tal-Kummissjoni meta mqabbel mal-2012. Il-Kummissjoni issa tieħu kont tal-awditi tal-konformità proprja tagħha, kif ukoll tal-awditi tal-Qorti, tar-rapporti annwali tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni u kwalunkwe informazzjoni disponibbli oħra fil-valutazzjoni tar-rata ta' żball għal aġenziji tal-pagamenti. Għall-2013, minn 69 aġenzija tal-pagamenti, il-Kummissjoni aġġustat ir-rati ta' żball irrappurtati mill-Istati Membri għal 43 minn 48 aġenzija tal-pagamenti awditjata mill-Kummissjoni u mill-Qorti tal-Awdituri fl-aħħar tliet snin. Madankollu, ma sar ebda aġġustament għal infiq mhux kopert mill-awditi tal-Qorti jew tal-Kummissjoni, . Dan jista' jkollu impatt fuq l-RER.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.28.** *Fir-rapport annwali 2012 tagħha, f'Kapitolu 4, il-Qorti rrakkomandat li, għal eżerċizzji futuri, id-DĠ AGRI japplikaw għall-FAEŻR il-metodoloġija l-ġdida li kien uża għall-2012 biex jikkalkula r-rata tal-iżbalji u l-ammont fir-riskju għal għajnuniet diretti diżakkoppjati (FAEG). Kien b'riżultat dirett tal-applikazzjoni ta' din il-metodoloġija l-ġdida li l-RER għall-FAEŻR kkalkolat għall-2013 tvarja minn dik bil-metodoloġija l-antika fl- 2012 u s-snin ta' qabel. B'riżultat tal-estimu aktar preċiż tal-ammont f'riskju fil-livell tal-aġenzija tal-ħlas, ir-riżervi għall-FAEŻR kienu waqgħu għal nofs tal-aġenziji tal-ħlas.*

**4.29.** *Il-Kummissjoni tivvaluta r-rati tal-iżbalji rrappurtati mill-aġenziji tal-ħlas u jagħmel aġġustamenti fuq il-bażi ta' "l-informazzjoni rilevanti disponibbli kollha". L-aġenziji tal-ħlas kollha huma soġġetti għal awditjar mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni kull sena (anki jekk il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-assigurazzjoni li għandha tinkiseb mill-opinjonijiet tal-korp ta' ċertifikazzjoni għad trid tiġi msaħħa – dan isir mis-sena tat-talba 2014). Barra minn hekk, billi l-awditi li saru mill-Kummissjoni huma determinati fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju, jista' jitqies li l-aġenziji tal-ħlas mhux awditjati fit-tliet snin ta' qabel huma meqjusa li għandhom riskju aktar baxx. Aġġustamenti ulterjuri li mhumiex ibbażati fuq evidenza speċifika u konkreta jwasslu għal sopravalutazzjoni tar-RER.*

*Barra minn hekk, huwa enfasizzat li, meta l-Kummissjoni taġġusta r-rata ta' żbalji ta' aġenzija tal-ħlas, dan jista' jirriżulta li tkun meħtieġa riżerva u għalhekk anki pjan ta' azzjoni ta' rimedju għall-aġenzija tal-ħlas ikkonċernata. Dan ikollu implikazzjonijiet ta' riżorsi finanzjarji u umani fuq dik l-aġenzija tal-ħlas mingħajr ma l-Kummissjoni kellha elementi oġġettivi biex fuqhom tibbaża l-aġġustament.*

([26]) http://ec.europa.eu/atwork/synthesis/aar/index_en.htm.

([27]) Ir-rata tal-iżball residwu hija stima mill-Kummissjoni tal-iżball li jifdal wara l-korrezzjoni tal-iżbalji maqbuda mis-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tal-Istati Membri.

([28]) Għalkemm il-Kummissjoni indikat li x'aktarx li l-RER għall-2012 kienet se tkun ogħla, hija ma pprovdietx l-istima kwantifikata proprja tagħha.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

4.30. Wara r-riżerva tad-DĠ AGRI għall-FAEŻR fir-RAA tiegħu tal-2011 u dak tal-2012, l-Istati Membri kollha kienu mistiedna jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni mmirati lejn it-tnaqqis tar-rata ta' żball għal dan il-qasam ta' politika. Filwaqt li l-Qorti tirrikonoxxi l-isforzi li saru, analiżi ta' kampjun ta' pjanijiet ta' azzjoni wriet li l-kwalità u l-ambitu tagħhom kienu jvarjaw b'mod sinifikanti. Dgħufija partikolari hija li l-pjanijiet ta' azzjoni ma jiħdux inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjenti s-sejbiet tal-awditjar tal-Kummissjoni u tal-Qorti. Eżempju ta' prattika tajba instab fir-Rumanija, li identifikat 19-il azzjoni differenti, li koprew kemm il-miżuri relatati mal-erja kif ukoll dawk mhux relatati mal-erja, u li indirizzaw nuqqasijiet identifikati fl-awditi. B'kuntrast ma' dan, fi Spanja nstab eżempju fejn 9 biss mis-17-il reġjun ikkontribwixxew għall-pjan ta' azzjoni nazzjonali, li, barra minn hekk, kien jiffoka prinċipalment fuq miżuri relatati mal-erja u mhux fuq miżuri ta' investiment li l-Qorti sabet li huma aktar suxxettibbli għall-iżbalji.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.30.** *Hekk kif, fl-2012, il-Qorti rrapportat rata għolja ta' żball għall-iżvilupp rurali, il-Kummissjoni immedjatament ħadet azzjoni f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Fl-2012 ġew stabbiliti pjanijiet ta' azzjoni f'14-il Stat Membru u mill-2013 'il quddiem kienu stabbiliti fl-Istati Membri kollha bil-għan li jkunu identifikati l-kawżi ta' żbalji u jkunu ddefiniti azzjonijiet ta' rimedju. Sar sforz konsiderevoli kemm mill-Istati Membri u wkoll mill-Kummissjoni. Dan kien proċess ta' tagħlim għall-partijiet kollha involuti, iżda l-Kummissjoni hija tal-opinjoni li sa issa dan kien kien ta' suċċess. Ma hemm l-ebda dubju bil-benefiċċju tal-esperjenza miksuba xi azzjonijiet setgħu kienu aktar immirati, oħrajn setgħu ġew skedati b'mod differenti eċċ. Il-Kummissjoni qed tadotta l-kummenti tal-Qorti fil-ħidma kontinwa mal-awtoritajiet tal-Istati Membri bil-ħsieb li jittejjeb aktar l-isforz biex jitnaqqsu r-rati ta' żball.*

*Il-Kummissjoni qed timmonitorja mill-qrib li l-Pjanijiet ta' Azzjoni jindirizzaw is-sejbiet u n-nuqqasisjiet prinċipali tal-awditu. F'dawk il-każijiet speċifiċi fejn l-Istat Membru jinjora persistentement kwistjonijiet rilevanti relatati ma' żieda tar-rata tal-iżbalji, il-Kummissjoni tista' tattiva korrezzjonijiet finanzjarji netti jew sospensjoni/interruzzjonijiet ta' ħlasijiet.*

## Ambjent, sajd u saħħa

4.31. Il-Qorti eżaminat is-sistemi fil-Polonja taħt ir-responsabbiltà tal-awtorità tal-awditjar tal-FES, u l-elementi prinċipali tas-sistemi tad-DĠ MARE għall-ġestjoni tal-infiq tal-FES.

### *Sistemi tal-Istati Membri relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet*

4.32. L-***Anness 4.2*** fih sommarju tar-riżultati tas-sistemi eżaminati mill-Qorti.

4.33. L-objettiv prinċipali tal-awditu tal-Qorti kien li jiġu ttestjati r-rekwiżiti ewlenin applikabbli għas-sistema ta' ġestjoni u kontroll użata mill-awtorità tal-awtorità tal-awditjar fil-Polonja biex tiġi żgurata r-regolarità ta' operazzjonijiet iffinanzjati mill-FES. Barra minn hekk, il-Qorti wettqet mill-ġdid l-awditi tal-awtorità tal-awditjar fuq operazzjonijiet iffinanzjati mill-FES. Id-dgħufijiet prinċipali li nstabu jikkonċernaw il-verifikazzjoni ta' kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Is-sistemi tal-Kummissjoni relatati mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet*

4.34. Il-Qorti eżaminat is-sistemi ta' valutazzjoni tar-riskju, l-ippjanar tal-awditu u l-korrezzjonijiet finanzjarji tad-DĠ MARE għall-FES, b'fokus fuq il-Polonja, biex tikkomplementa l-awditu tas-sistemi ta' dak l-Istat Membru. L-awditu sab li korrezzjoni finanzjarja għall-Polonja, filwaqt li kienet ibbażata fuq kalkoli dettaljati, ma kinitx ġiet appoġġata minn evidenza suffiċjenti tal-validazzjoni tagħha.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**4.34.** *Il-korrezzjoni finanzjarja saret fir-rigward ta' nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 25(2) tar-Regolament KE 1198/2006. Ma saritx weħeda: grupp ta' ħidma ddedikat ġie stabbilit fid-DĠ MARE biex janalizza tali każijiet. Dan involva l-unitajiet operazzjonali u l-unitajiet ta' konservazzjoni u kontroll, sabiex tkun żgurata konsistenza fit-trattament tal-Istati Membri u t-tixrid effettiv tal-informazzjoni.*

## KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

## Il-konklużjoni għall-2013

4.35. Għal dan il-grupp tal-politika,

— l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jindika li r-rata tal-iżball l-aktar probabbli preżenti fil-popolazzjoni hija ta' 6,7 %,

— mit-13-il sistema ta' kontroll eżaminata, 7 ġew ivvalutati bħala parzjalment effettivi u 6 bħala mhux effettivi.

L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-infiq aċċettat huwa milqut minn livell materjali ta' żball.

**4.35.**

*Il-Kummissjoni tinnota li r-rata tal-iżbalji rrappurtata mill-Qorti hija estimu annwali li jikkunsidra rkupri u miżuri korrettivi magħmula qabel l-awditjar tal-Qorti. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li n-nefqa kkonċernata tkun soġġetta għal korrezzjoni fis-snin sussegwenti permezz ta' korrezzjonijiet finanzjarji netti li jirriżultaw minn proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità kif ukoll permezz ta' rkupri mingħand il-benefiċjarji. Il-Kummissjoni tqis li r-rata tal-iżbalji annwali rappreżentattiva tal-Qorti għandha titqies fil-kuntest tal-karattru pluriennali ta' korrezzjonijiet u rkupri finanzjarji netti. Il-Kummissjoni tieħu nota tar-rata tal-iżbalji l-aktar probabbli stmata mill-Qorti tal-Awdituri.*

*Madankollu, hija ma taqbilx, b'mod partikolari, mal-kwalifika mill-Qorti ta' ksur tal-obbligi tal-kundizzjonalità bħala żbalji kwantifikabbli, u tikkunsidra li dawn m'għandhomx ikunu inklużi fil-kalkolu ta' rati ta' żball tad-DAS tagħha.*

*Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għal paragrafu 4.15 għal spjegazzjoni dettaljata dwar il-pożizzjoni tagħha f'dan ir-rigward.*

*Il-Kummissjoni tinnota li r-riżultati ppreżentati huma simili għar-riżultati tas-sena l-oħra.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## Rakkomandazzjonijiet

4.36. L-***Anness 4.3*** juri r-riżultat tal-analiżi mill-Qorti tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapport annwali preċedenti. Fir-Rapporti Annwali 2010 u 2011, il-Qorti ppreżentat 11-il rakkomandazzjoni. Minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, waħda ġiet implimentata bis-sħiħ, tnejn fil-biċċa l-kbira mill-aspetti, sitta f'xi aspetti u tnejn ma ġewx implimentati.

**4.36.** *Ara t-tweġibiet fl-Anness 4.3 għall-10 rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw l-iżvilupp rurali.*

4.37. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2013, il-Qorti tirrakkommanda fil-qasam tal-iżvilupp rurali li:

— **Rakkomandazzjoni 1:** l-Istati Membri jwettqu aħjar il-kontrolli amministrattivi eżistenti tagħhom, billi jużaw l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli għall-aġenziji tal-pagamenti, billi dan għandu l-potenzjal li jinqabdu u jiġu kkoreġuti l-maġġoranza tal-iżbalji (ara l-paragrafi 4.8 u 4.20). B'mod partikolari għal miżuri ta' investiment, kontrolli amministrattivi għandhom jużaw l-informazzjoni kollha disponibbli biex jikkonfermaw l-eliġibbiltà tan-nefqa, tal-proġett u tal-benefiċjarju (inklużi l-azzjonisti kollha aħħarin) u l-konformità tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku mar-regoli nazzjonali u/jew tal-UE applikabbli,

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u tikkondividi l-fehma li l-Istati Membri għandhom iwettqu aħjar il-kontrolli amministrattivi tagħhom.*

*L-aġenziji tal-ħlas u l-Istati Membri bħalissa b'mod konġunt qed iwettqu evalwazzjonijiet ex ante tal-verifikabbiltà u l-kontrollabbiltà tal-miżuri li se jkunu parti mill-PŻR 2014-2020. Huma obbligati li jakkumpanjaw kwalunkwe sors ta' żbalji identifikat b'azzjonijiet ta' mitigazzjoni mmirati.*

*L-Att ta' Implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 se jiċċara l-ambitu u l-kontenut tal-verifiki amministrattivi, fuq il-post u ex post.*

*Biex tipproteġi aħjar l-interess finanzjarju tal-UE, il-Kummissjoni saħħet ir-regoli għall-interruzzjoni tal-ħlasijiet fl-iżvilupp rurali f'każijiet fejn l-Istati Membri ma jaqdu r-rwol tagħhom korrettamennt skont ir-regoli ta' ġestjoni kondiviża.*

— **Rakkomandazzjoni 2:** il-Kummissjoni tiżgura segwitu xieraq tal-każijiet kollha fejn il-Qorti qabdet żbalji (bħalma ġie identifikat fil-paragrafi 4.14, 4.20 u 4.21, kif ukoll fil-paragrafu 4.16 għall-ambjent),

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u se tiżgura li l-iżbalji sistemiċi kollha misjuba mill-Qorti jkunu segwiti kif xieraq.*

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| — **Rakkomandazzjoni 3:** l-Istati Membri jiżguraw li l-pjanijiet ta' azzjoni għall-indirizzar tar-rata għolja ta' żball fl-iżvilupp rurali huma kompleti, billi jinkludu r-reġjuni kollha u jindirizzaw il-miżuri kollha, b'mod partikolari l-miżuri ta' investiment, u jieħdu inkunsiderazzjoni s-sejbiet tal-awditjar tal-Kummissjoni u tal-Qorti (ara l-paragrafu 4.30), | *Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni qiegħda taħdem b'mod intensiv mal-Istati Membri sabiex ikunu identifikati u rremedjati l-kawżi ta' żbalji fl-implimentazzjoni tal-politika. Din il-ħidma se tkompli fil-futur qrib bil-għan li jkunu indirizzati ulterjorment in-nuqqasijiet identifikati, inklużi dawk li nstabu mill-Qorti tal-Awdituri.*<br><br>*L-aħħar proċedura ta' segwitu tal-pjanijiet ta' azzjoni fuq ir-rati ta' żball li saret f'Marzu 2014 diġà talbet lill-SM kollha biex jorbtu l-pjanijiet ta' azzjoni u l-azzjonijiet mitiganti mas-sejbiet tal-awditu differenti kkomunikati mill-Kummissjoni jew mill-Qorti tal-Awdituri. L-eżerċizzju ta' segwitu li ġej se jkun varati matul il-ħarifa tal-2014 u se jissaħħaħ f'din il-kwistjoni. Rapport ta' progress tal-awditjar qed jiġi ppreżentat kull tliet xhur sabiex isegwi s-sejbiet ewlenin*<br><br>*Il-Kummissjoni qiegħda notevolment titratta din il-kwistjoni fil-laqgħat Annwali ta'Rieżami u l-Kumitati ta' Monitoraġġ mal-AwtoritajietManiġerjali, filwaqt li tinsisti fuq il-kompletezza u l-effikaċja tal-pjanijiet ta' azzjoni.* |
| u għall-PAK fl-intier tagħha li: | |
| — **Rakkomandazzjoni 4:** il-Kummissjoni tiddokumenta kif hija tikkalkula l-infiq kopert mill-awditi tal-konformità tagħha (ara l-paragrafu 4.24), | *Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Informazzjoni dwar il-kopertura tal-awditu, inkluża l-informazzjoni sottostanti ddettaljata kollha relatata mal-punti mqajma mill-QEA ġiet ikkomunikata lil QEA fl-ewwel ġimgħa ta' Ġunju 2014.* |
| — **Rakkomandazzjoni 5:** Il-Kummissjoni tieħu passi biex tkompli tnaqqas l-ammont ta' fajls tal-awditjar miftuħa li huma pendenti, biex b'hekk tippermetti li l-awditi kollha mwettqa qabel l-2012 jingħalqu sa tmiem l-2015 (ara l-paragrafu 4.27), | *Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Għal dawn l-aħħar snin din il-prijorità ġiet segwita b'mod attiv mis-servizzi tal-Kummissjoni u hija riflessa fl-ippjanar tax-xogħol annwali.* |
| — **Rakkomandazzjoni 6:** Il-Kummissjoni tkompli tiżviluppa l-approċċ tagħha għall-kalkolu tal-RER billi tiżgura li hija tieħu inkunsiderazzjoni l-infiq u l-aġenziji tal-pagamenti kollha (ara l-paragrafu 4.29). | *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni fis-sens li mis-sena tat-talba 2014 il-Korpi ta' Ċertifikazzjoni se jawditjaw l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv u dan se jipprovdi informazzjoni iktar robusta dwar il-livell ta' żball fil-livell tal-aġenzija tal-ħlas.* |
| 4.38. Barra minn hekk, il-Qorti tirrakkomanda li: | |
| — **Rakkomandazzjoni 7:** il-korrezzjonijiet finanzjarji għall-Istati Membri li jikkonċernaw il-Fond Ewropew għas-Sajd jiġu appoġġati minn evidenza tal-validazzjoni tagħhom (ara l-paragrafu 4.34). | *Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.* |

ANNESS 4.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦALL-IŻVILUPP RURALI, L-AMBJENT, IS-SAJD U S-SAĦĦA*

| | 2013 | | | 2012 | 2011 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Żvilupp rurali** | **Ambjent, sajd u saħħa** | **Total** | | | |
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | | | | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet: | 162 | 15 | **177** | 177 | 178 | 92 |
| **RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR** (1) (2) | | | | | | |
| **Proporzjon (għadd) tat-tranżazzjonijiet ittestjati li nstabu li huma:** | | | | | | |
| Ħielsa minn żball | 43 % (70) | 73 % (11) | **46 % (81)** | 37 % | 43 % | 48 % |
| Milquta minn żball wieħed jew aktar | 57 % (92) | 27 % (4) | **54 % (96)** | 63 % | 57 % | 52 % |
| **Analiżi tat-tranżazzjonijiet milquta minn żball** | | | | | | |
| **Analiżi skont it-tip ta' żball** | | | | | | |
| Kwistjonijiet oħra ta' konfrmità u żbalji mhux kwantifikabbli: | 48 % (44) | 100 % (4) | **50 % (48)** | 43 % | 38 % | 48 % |
| Żbalji kwantifikabbli: | 52 % (48) | 0 % (0) | **50 % (48)** | 57 % | 62 % | 52 % |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | | | | | |
| Rata tal-iżball l-aktar probabbli | | | **6,7 %** | 7,9 % | 7,7 % | m.a. |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | | | 9,9 % | | | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | | | 3,5 % | | | |

(1) Biex jitjieb il-fehim approfondit f'oqsma bi profili ta' riskju differenti fi ħdan il-grupp tal-politika, il-kampjun inqasam f'segmenti.
(2) Iċ-ċifri kkwotati fil-parentesi jirrappreżentaw l-għadd reali tat-tranżazzjonijiet.

ANNESS 4.2

*RIŻULTATI TAL-EŻAMINAR TAS-SISTEMI MAGĦŻULA GĦALL-IŻVILUPP RURALI, L-AMBJENT, IS-SAJD U S-SAĦĦA*

**Valutazzjoni tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll magħżula**

*Tabella 1*

| Stat Membru (Aġenzija tal-pagamenti) | Miżuri tal-iżvilupp rurali awditjati | Kontrolli amministrattivi relatati mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u mal-impenji | Evalwazzjoni tar-raġonevolezza tal-ispejjeż | Segwitu ta' irregolaritajiet inkluża l-applikazzjoni ta' tnaqqis jew ta' rkupri | Kontrolli ta' regoli tal-akkwist | Kontrolli fuq il-post u għażla tal-kampjun | Valutazzjoni kumplessiva |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Ġermanja (Nordrhein-Westfalen)** | Relatati mal-erja (M211, M212, M213, M214, M215) | Parzjalment effettivi | m/a | Parzjalment effettivi | m/a | Parzjalment effettivi | **Parzjalment effettivi** |
| **Spanja (Valenzja)** | Relatati mal-erja (M211, M212, M214) | Parzjalment effettivi | m/a | Mhux effettivi | m/a | Parzjalment effettivi | **Parzjalment effettivi** |
| **Malta** | Relatati mal-erja (M212, M214) | Parzjalment effettivi | m/a | Mhux effettivi | m/a | Parzjalment effettivi | **Parzjalment effettivi** |
| **Is-Slovenja** | Relatati mal-erja (M211, M212, M214) | Parzjalment effettivi | m/a | Effettivi | m/a | Effettivi | **Parzjalment effettivi** |
| **L-Italja (Sqallija)** | Mhux relatati mal-erja (M121, M123, M311, M511) | Parzjalment effettivi | Mhux effettivi | Effettivi | Mhux effettivi | Effettivi | **Mhux effettivi** |
| **Il-Latvja** | Mhux relatati mal-erja (M121, M123, M321, M511) | Mhux effettivi | Mhux effettivi | Mhux effettivi | Mhux effettivi | Parzjalment effettivi | **Mhux effettivi** |
| **Il-Polonja** | Mhux relatati mal-erja (M321, M322) | Effettivi | Mhux effettivi | m/a | Parzjalment effettivi | Effettivi | **Parzjalment effettivi** |
| **Ir-Rumanija** | Mhux relatati mal-erja (M312) | Mhux effettivi | Mhux effettivi | m/a | m/a | Parzjalment effettivi | **Mhux effettivi** |

| Stat Membru (Aġenzija tal-pagamenti) | Miżuri tal-iżvilupp rurali awditjati | Kontrolli amministrattivi relatati mal-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u mal-impenji | Evalwazzjoni tar-raġonevolezza tal-ispejjeż | Segwitu ta' irregolaritajiet inkluża l-applikazzjoni ta' tnaqqis jew ta' rkupri | Kontrolli ta' regoli tal-akkwist | Kontrolli fuq il-post u għażla tal-kampjun | Valutazzjoni kumplessiva |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Għadd ta' Stati Membri bi dgħufijiet/Għadd ta' Stati Membri awditjati** | | 7/8 | 4/4 | 4/6 | 3/3 | 5/8 | |

| | |
|---|---|
| Miżuri relatati mal-erja awditjati: | M211: pagamenti għal żvantaġġi naturali lill-bdiewa f'żoni muntanjużi; M212: pagamenti lill-bdiewa f'żoni bi żvantaġġi naturali, għajr iż-żoni muntanjużi; M213: pagamenti ta' Natura 2000 u pagamenti marbuta mad-Direttiva 2000/60/KE; M214: pagamenti agroambjentali; M215: pagamenti għall-benessri tal-annimali |

| | |
|---|---|
| Miżuri mhux relatati mal-erja awditjati: | M121: modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli; M123: żieda fil-valur tal-prodotti agrikoli u tal-forestrija; M311: diversifikazzjoni f'attivitajiet mhux agrikoli; M312: ħolqien u żvilupp tan-negozju; M321: servizzi bażiċi għall-ekonomija u l-popolazzjoni rurali; M322: tiġdid u żvilupp tal-irħula; M511: assistenza teknika |

*Tabella 2*

| Stat Membru (Aġenzija tal-pagamenti) | Skema | Segwitu ta' irregolaritajiet inkluża l-applikazzjoni ta' tnaqqis jew ta' rkupri | Implimentazzjoni ta' standards ta' kundizzjonalità u ta' kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba | Kontrolli fuq il-post u għażla tal-kampjun | Valutazzjoni kumplessiva |
|---|---|---|---|---|---|
| **Ir-Repubblika Ċeka** | Kundizzjonalità | Parzjalment effettivi | Mhux effettivi | Parzjalment effettivi | **Mhux effettivi** |
| **Spanja (Kastilja u León)** | Kundizzjonalità | Mhux effettivi | Mhux effettivi | Parzjalment effettivi | **Mhux effettivi** |
| **L-Italja (l-Emilja-Romanja)** | Kundizzjonalità | Parzjalment effettivi | Mhux effettivi | Mhux effettivi | **Mhux effettivi** |
| **Malta** | Kundizzjonalità | Parzjalment effettivi | Parzjalment effettivi | Parzjalment effettivi | **Parzjalment effettivi** |
| **Għadd ta' Stati Membri b'dgħufijiet/Għadd ta' Stati Membri awditjati** | | **4/4** | **4/4** | **4/4** | |

*Tabella 3*

| Stat Membru | Aspetti ġenerali | Kopertura tal-manwal tal-awditjar | Metodoloġija tal-awditjar għall-awditu tas-sistemi | Analiżi tal-awditi fuq is-sistemi | Metodoloġija tal-kampjunar għall-awditi tal-operazzjonijiet | Metodoloġija tal-awditjar għall-awditi tal-operazzjonijiet | Analiżi tal-awditi tal-operazzjonijiet | Twettiq mill-ġdid tal-awditi fuq l-operazzjonijiet | Rapport annwali dwar il-kontroll u opinjoni tal-awditjar | Valutazzjoni kumplessiva |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Polonja (awtorità tal-awditjar għall-Fond Ewropew għas-Sajd)** | Effettivi | Effettivi | Effettivi | Parzjalment effettiva | Effettivi | Parzjalment effettiva | Effettivi | Parzjalment effettiva | Effettivi | **Parzjalment effettiva** |

ANNESS 4.3

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦALL-IŻVILUPP RURALI, L-AMBJENT, IS-SAJD U S-SAĦĦA*

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Ma għadhiex applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | 4.53. Għandu jiġi nnutat li r-rakkomandazzjoni tal-Qorti għal simplifikazzjoni ulterjuri tar-regoli u l-kundizzjonijiet għall-iżvilupp rurali għadha valida. | | | X | | | | *Il-Kummissjoni qiegħda kontinwament attenta għall-opportunitajiet biex tissimplifika r-regoli u l-kundizzjonijiet għall-iżvilupp rurali filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li ħafna minn dawn il-kundizzjonijiet huma elementi addizzjonali miżjuda mill-Istati Membri u dan ipoġġihom lil hinn mill-isfera ta' influwenza tal-Kummissjoni.*<br><br>*Il-leġiżlazzjoni l-ġdida għall-iżvilupp rurali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 li daħlet fis-seħħ fl-aħħar tal-2013 introduċiet numru ta' elementi ta' simplifikazzjoni u wkoll teħtieġ li l-miżuri stipulati fil-programmi jkunu verifikabbli u kontrollabbli. Madankollu, issa li din il-leġiżlazzjoni hija fis-seħħ, l-iskop tal-Kummissjoni li timponi aktar miżuri ta' simplifikazzjoni huwa pjuttost limitat matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.*<br><br>*Ir-riżultati tal-elementi l-ġodda ta' simplifikazzjoni introdotti se jkunu viżibbli biss matul il-perjodu ta' implimentazzjoni li jmiss.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Ma għadhiex applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | 4.54. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2011, il-Qorti tirrakkomanda fil-qasam tal-iżvilupp rurali għall-perjodu ta' programmazzjoni attwali li:<br><br>**Rakkomandazzjoni 1:** l-Istati Membri jwettqu l-kontrolli amministrattivi fuq il-post u b'mod aktar rigoruż, sabiex jimmitigaw ir-riskju li jiddikjaraw infiq ineliġibbli lill-UE. | | | X | | | | *Il-Kummissjoni taqbel mal-Qorti u sistematikament tirrakkomanda lill-Istati Membri biex jirrimedjaw kwalunkwe nuqqasijiet bħal dawn fil-qafas tagħha ta' proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità.*<br><br>*Fir-RAA tiegħu għall-2013, id-DĠ AGRI għamel 62 riżerva u talab li tittieħed azzjoni biex tirrimedja d-defiċjenzi. Nuqqas minn aġenziji tal-ħlas li jieħdu l-azzjoni meħtieġa jista' jwassal għal sospensjoni tal-ħlasijiet mill-Kummissjoni.*<br><br>*Barra minn hekk, ix-xogħol ġdid li se jitwettaq mill-Korpi ta' Ċertifikazzjoni għas-sena finanzjarja 2015, sabiex jagħtu opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità, se jgħin ukoll biex jiġu identifikati nuqqasijiet fl-effikaċja ta' kontrolli tal-aġenziji tal-ħlas u jorjentawhom lejn it-titjib neċessarju biex jiżguraw li l-verifiki jitwettqu bir-reqqa meħtieġa.*<br><br>*F'każ li li l-Istati Membri jiddikjaraw nefqa bħala ineliġibbli, il-Kummissjoni tħares il-baġit tal-UE billi tirkupra pagamenti mhux dovuti permezz ta' korrezzjonijiet finanzjarji netti.* |
| | **Rakkomandazzjoni 2**: il-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li r-regoli eżistenti jiġu infurzati aħjar fir-rigward ta':<br><br>— akkwist pubbliku u r-regoli tal-VAT meta l-korpi pubbliċi jkunu benefiċjarji tal-għajnuna,<br><br>— impenji agroambjentali u regoli tal-eliġibbiltà għall-modernizzazzjoni ta' azjendi agrikoli. | | | X | | | | *Id-DĠ AGRI matul l-awditi tiegħu stess sab ukoll dgħufijiet simili għal dawk identifikati mill-Qorti u qiegħed isegwihom permezz tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-konformità. Fejn ikun determinat riskju għall-baġit tal-UE, jiġu imposti korrezzjonijiet finanzjarji netti. Proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità li jinsabu għaddejin qed isegwu n-nuqqasijiet misjuba fir-rigward tal-applikazzjoni tal-VAT u r-regoli tal-akkwist pubbliku kif ukoll il-miżura ta' żvilupp rurali msemmija.*<br><br>*Dwar l-akkwist pubbliku, huwa nnotat li riċentament kienu adottati linji gwida ġodda fil-Kummissjoni għad-determinazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji netti li għandhom jitwettqu fir-rigward tan-nefqa ffinanzjata mill-Unjoni taħt ġestjoni kondiviża, għal nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku [id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 9527].* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Ma għadhiex applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 3**: il-Kummissjoni tanalizza r-raġunijiet għar-rata ta' żball materjali. | | X | | | | | *Bejn l-2012 u l-2013, il-Kummissjoni analizzat, permezz ta' grupp ta' ħidma, x'kienu r-raġunijiet ewlenin wara r-rata tal-iżbalji. Ir-riżultati kienu stabbiliti f'dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li ġie ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'Ġunju 2013 dwar il-valutazzjoni tal-kawżi fundamentali tal-iżbalji u azzjonijiet korrettivi u preventivi fil-politika tal-iżvilupp rurali (SWD (2013) 244 final).*<br>*Il-Kummissjoni organizzat diversi laqgħat mal-Istati Membri biex tiddiskuti l-kwistjoni u se tkompli tanalizza r-raġunijiet għal kwalunkwe elementi ġodda li huma identifikati.* |
| | **Rakkomandazzjoni 4**: il-Kummissjoni tieħu kont tas-sejbiet identifikati mill-Qorti meta tistabbilixxi l-istrateġija tal-awditjar tal-approvazzjoni tal-awditi tal-kontijiet tad-DĠ AGRI. | X | | | | | | *Mhux applikabbli* |
| | **Rakkomandazzjoni 5**: il-Kummissjoni testendi l-linji gwida għall-korpi taċ-ċertifikazzjoni bil-ħtieġa li dawn il-korpi jinkludu, fir-rapporti u fl-istrateġija tal-awditjar tagħhom, sejbiet minn awditi preċedenti mill-Kummissjoni u mill-Qorti. | | | | X | | | *Il-Kummissjoni tqis li din ir-rakkomandazzjoni hija kompletament implimentata. Il-kwistjoni hija indirizzata fil-linji gwida li għandhom ikunu applikati mill-Korpi ta' Ċertifikazzjoni wara l-2013 b'żewġ stadji matul ix-xogħol ta' awditjar. (1) fl-istadju tal-ippjanar, abbażi ta' analiżi tar-rsikju li għandha tikkunsidra b'mod xieraq l-informazzjoni kollha disponibbli, inkluż is-sejbiet preċedenti tal-QEA; dawn għandhom ikunu sostanzjati kif xieraq fl-istrateġija tal-awditjar (ara t-taqsima 3.2 tal-linji gwida); u (2) fl-istadju ta' evalwazzjoni, fejn il-Korpi ta' Ċertifikazzjoni huma mistennija jwettqu analiżi dwar jekk ir-riżultati tagħhom humiex dubjużi, jew le, minħabba kwalunkwe informazzjoni rilevanti li toħroġ minn mezzi oħra ta' verifika (fosthom il-QEA u l-KE).* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Ma għadhiex applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 6**: fir-rigward tal-kundizzjonalità, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ir-rispett tar-rekwiżiti li jikkonċernaw l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali u jtejbu t-tixrid ta' kontrolli matul is-sena sabiex ir-rekwiżiti kollha rilevanti jiġu ċċekkjati b'mod xieraq. | | | | X | | | *Matul l-awditi tagħha fuq l-applikazzjoni tal-kundizzjonalità mill-Istati Membri, il-Kummissjoni tivverifika b'mod sistematiku li l-Istati Membri jiżguraw ir-rispett tar-rekwiżiti dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali kif ukoll il-puntwalità tal-kontrolli fuq il-post.* |
| | 4.55. Fl-oqsma ta' politika tal-ambjent, l-affarijiet marittimi u s-sajd, is-saħħa u l-protezzjoni tal-konsumatur, il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni ttejjeb il-monitoraġġ tal-qabdiet ta' ħut taħt ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd ma' pajjiżi barra mill-UE. | | X | | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Ma għadhiex applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2010 | 3.58 (d) il-kwalità tal-ispezzjonijiet tiġi ttestjata u rrappurtata b'mod adegwat mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni. | | | X | | | | *Il-Kummissjoni tqis li din ir-rakkomandazzjoni hija implimentata bis-sħiħ minħabba li l-qafas biex jiġi żgurat li l-korpi ta' ċertifikazzjoni jirrapportaw b'mod adegwat dwar il-kwalità tal-ispezzjonijiet fuq il-post ġiet implimentata u l-linji gwida ddettaljati meħtieġa ġew maħruġa lill-Korpi taċ-Ċertifikazzjoni. Fil-fatt, mis-sena tat-talba 2014 (is-sena finanzjarja 2015) il-korpi ta' ċertifikazzjoni huma meħtieġa li jagħtu opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni. Dan jeħtieġ li huma jiċċekkjaw u jirrapportaw dwar il-kwalità tal-ispezzjonijiet imwettqa mill-aġenziji tal-ħlas.* |
| | 3.59. Fil-qasam tal-iżvilupp rurali, il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jsibu rimedju għad-dgħufijiet identifikati, b'mod partikolari billi jtejbu l-effettività tal-kontrolli mwettqa għal miżuri li mhumiex relatati mas-SIAK. | | | X | | | | *Il-Kummissjoni tikkunsidra li diġà għamlet progress sinifikanti f'dan ir-rigward. Hija wettqet eżerċizzju estensiv fi ħdan id-DĠ AGRI u mal-Istati Membri biex tidentifika l-kawżi ewlenin tal-iżbalji u biex timplimenta azzjonijiet sabiex jirrimedjaw għalihom. Din il-ħidma se tkompli fejn ikunu identifikati nuqqasijiet ġodda.*<br><br>*Pjanijiet ta' azzjoni li jkopru firxa wiesgħa kienu implimentati fl-2012 u fl-2013, u fl-2014, 31 pjan ta' azzjoni kienu meħtieġa għal aġenziji tal-ħlas speċifiċi fejn ir-rata tal-iżbalji għadha għolja.*<br><br>*Ix-xogħol ġdid li se jitwettaq mill-Korpi ta' Ċertifikazzjoni għas-sena finanzjarja 2015, sabiex jagħtu opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità, se jgħin ukoll biex jiġu identifikati nuqqasijiet fl-effikaċja ta' kontrolli tal-aġenziji tal-ħlas u b'hekk jorjentawhom lejn it-titjib neċessarju biex jiżguraw li l-verifiki jitwettqu skont l-istandards meħtieġa.* |
| | 3.60. Finalment, jeħtieġ li jittieħdu miżuri effettivi mill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex b'hekk il-kwistjonijiet identifikati fl-oqsma ta' politika tal-ambjent, is-sajd, is-saħħa u l-ħarsien tal-konsumatur jiġu solvuti. | | | X | | | | |

KAPITOLU 5

## Politika reġjonali, trasport u enerġija

WERREJ


| | *Paragrafu* |
|---|---|
| Introduzzjoni | 5.1-5.19 |
| Karatteristiċi speċifiċi tal-grupp tal-politika | 5.3-5.18 |
| Objettivi ta' politika | 5.3-5.4 |
| Strumenti ta' politika | 5.5-5.15 |
| Riskji għar-regolarità | 5.16-5.18 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 5.19 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 5.20-5.32 |
| Eżaminar tal-Istrumenti ta' Inġinerija Finanzjarja | 5.33-5.36 |
| Eżaminar tas-sistemi ta' kontroll magħżula | 5.37-5.60 |
| Valutazzjoni tas-superviżjoni mill-Kummissjoni tal-awtoritajiet tal-awditjar | 5.37-5.51 |
| Analiżi tar-rapporti annwali tal-attività tal-Kummissjoni | 5.52-5.60 |
| Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana | 5.53-5.58 |
| Direttorat Ġenerali għall-Mobblità u t-Trasport u Direttorat Ġenerali għall-Enerġija | 5.59-5.60 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 5.61-5.64 |
| Il-konklużjoni għall-2013 | 5.61-5.62 |
| Rakkomandazzjonijiet | 5.63-5.64 |

Anness 5.1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għall-politika reġjonali, it-trasport u l-enerġija

Anness 5.2 — Riżultati tal-eżaminar tas-sistemi ta' kontroll magħżula għall-koeżjoni

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

5.1. Dan il-kapitolu jippreżenta l-valutazzjoni speċifika tal-politika reġjonali, it-trasport u l-enerġija li tinkludi l-oqsma ta' politika "Politika reġjonali", "Mobbiltà u trasport" u "Enerġija". Informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u l-infiq fl-2013 tingħata fit-***Tabella 5.1***.

**Tabella 5.1 – Politika reġjonali, trasport u enerġija – Informazzjoni ewlenija 2013**

*(miljuni ta' euro)*

| Qasam ta' politika | Deskrizzjoni | Pagamenti |
|---|---|---|
| Politika Reġjonali | Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u operazzjonijiet reġjonali oħra | 31 130 |
| | Fond ta' Koeżjoni | 11 906 |
| | Operazzjonijiet ta' qabel l-adeżjoni relatati mal-politiki strutturali | 358 |
| | Nefqa amministrattiva | 86 |
| | Fond ta' Solidarjetà | 14 |
| | | **43 494** |
| Mobbiltà u Trasport | Netwerks Trans-Ewropej (TENs) | 771 |
| | Trasport 'il ġewwa mill-kosta, trasport bl-ajru u marittimu | 158 |
| | Nefqa amministrattiva | 65 |
| | Riċerka relatata mat-trasport | 65 |
| | | **1 059** |
| Enerġija | Enerġiji konvenzjonali u rinnovabbli | 312 |
| | Enerġija nukleari | 199 |
| | Riċerka marbuta mal-enerġija | 144 |
| | Nefqa amministrattiva | 76 |
| | Netwerks Trans-Ewropej (TENs) | 27 |
| | | **758** |
| | **Total tal-pagamenti għas-sena** | **45 311** |
| | *- total tan-nefqa amministrattiva* (1) | *227* |
| | Total tan-nefqa operazzjonali | **45 084** |
| | *- pagamenti bil-quddiem* (2) (3) | *2 974* |
| | *+ approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem* (2) | *1 742* |
| | *+ żborżamenti lil riċevituri finali minn Strumenti ta' Inġinerija Finanzjarja* | *1 625* |
| | **Popolazzjoni awditjata, total** | **45 477** |
| | **Total tal-impenji għas-sena** | **46 759** |

(1) L-awditu tan-nefqa amministrattiva huwa rrappurtat fil-Kapitolu 9.
(2) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7).
(3) Din iċ-ċifra tinkludi EUR 1 869 miljun ta' pagamenti bil-quddiem imħallsin lill-Istrumenti ta' Inġinerija Finanzjarja.

*Sors*: Il-kontijiet konsolidati 2013 tal-Unjoni Ewropea.

5.2. Il-politika reġjonali, fil-biċċa l-kbira implimentata permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), tirrappreżenta 96 % tal-infiq fl-oqsma ta' politika koperti minn dan il-kapitolu filwaqt li l-4 % li jifdal jikkonċernaw l-oqsma tat-trasport u l-enerġija.

## Karatteristiċi speċifiċi tal-grupp tal-politika

### *Objettivi ta' politika*

**Politika Reġjonali**

5.3. Il-politika reġjonali għandha l-għan li ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea billi tnaqqas id-disparitajiet fl-iżvilupp bejn reġjuni differenti, tirristruttura żoni industrijiali li jkunu sejrin lura u tiddiversifika żoni rurali u tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni transkonfinali u transnazzjonali.

**Politiki tal-mobbiltà, tat-trasport u tal-enerġija**

5.4. Il-politiki tat-trasport u tal-enerġija għandhom l-għan li jistabbilixxu sistemi u servizzi tat-trasport u tal-enerġija li jkunu siguri, sostenibbli u kompetittivi għaċ-ċittadini u n-negozji Ewropej u li jiżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi li jikkontribwixxu għall-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki.

### *Strumenti ta' politika*

**Politika reġjonali**

5.5. Il-FEŻR jiffinanzja proġetti ta' infrastruttura, il-ħolqien jew il-preżervazzjoni ta' impjiegi, inizjattivi għall-iżvilupp ekonomiku reġjonali u attivitajiet li jappoġġaw lil impriżi żgħar u medji. Il-Fond ta' Koeżjoni jiffinanzja investimenti fl-infrastruttura fl-oqsma tal-ambjent u t-trasport fl-Istati Membri li l-introjtu nazzjonali gross *per capita* tagħhom jkun taħt id-90 % tal-medja tal-UE. Barra minn hekk, hemm l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni biex jgħin lil pajjiżi kandidati jħejju għall-użu tal-infiq mill-politika reġjonali tal-UE, u l-Fond ta' Solidarjetà tal-UE jipprovdi appoġġ fil-każ ta' diżastri naturali fl-Istati Membri (ara t-***Tabella 5.1***).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Ġestjoni u kontroll tal-infiq f'fondi tal-politika ta' koeżjoni (FEŻR/FK u FSE)*

5.6. Il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE) lkoll jikkontribwixxu għall-finanzjament taħt il-politika ta' koeżjoni. Dawn il-fondi huma rregolati minn regoli komuni, suġġett għal eċċezzjonijiet fir-regolamenti speċifiċi ta' kull fond. Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni jiġu implimentati permezz ta' programmi pluriennali, b'ġestjoni kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. L-FSE, li huwa s-suġġett tal-Kapitolu 6, huwa msemmi f'dan il-kapitolu fejn jiġu diskussi kwistjonijiet komuni għall-fondi kollha.

5.7. Għal kull perjodu ta' programmazzjoni, abbażi ta' proposti mill-Istati Membri, il-Kummissjoni tapprova programmi operazzjonali (PO) u pjanijiet finanzjarji indikattivi li jkunu jinkludu l-kontribuzzjonijiet mill-UE u dawk nazzjonali [1]. Proġetti magħżula mill-awtoritajiet tal-Istati Membri jiġu ffinanzjati permezz tal-PO u jitwettqu minn individwi privati, assoċjazzjonijiet, impriżi privati jew pubbliċi jew korpi pubbliċi lokali, reġjonali u nazzjonali. Ir-regoli skont liema l-ispejjeż jistgħu jiġu rimborżati mill-baġit tal-UE huma stipulati fir-regolamenti u/jew fir-regoli nazzjonali dwar l-eliġibbiltà.

5.8. Għal kull proġett, il-benefiċjarji jiddikjaraw l-ispejjeż imġarrba lill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom. Dawn id-dikjarazzjonijiet individwali jiġu aggregati f'dikjarazzjonijiet tal-infiq perjodiċi għal kull PO ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u ppreżentati lill-Kummissjoni [2]. Imbagħad, l-ammont kumplessiv ta' finanzjament mill-UE jiġi rimborżat mill-baġit tal-UE lill-Istat Membru skont ir-rata ta' kofinanzjament stabbilita fil-livell ta' prijorità.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.7.** *L-istabbiliment ta' regoli tal-eliġibbiltà fil-livell nazzjonali (l-Artikolu 56 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006) kien wieħed mill-elementi ewlenin tas-simplifikazzjoni introdotta fil-perjodu tal-programm 2007–2013. Kellu l-għan li jipprovdi lill-Istati Membri b'iżjed flessibbiltà fl-adattament ta' regoli ta' eliġibbiltà għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' reġjuni jew programmi, u sabiex jarmonizzahom mar-regoli fis-seħħ għal skemi pubbliċi nazzjonali oħra.*

---

(1) B'kollox, kienu ġew approvati 434 PO mill-Kummissjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 20072013: 317 għall-FEŻR/l-FK (li minnhom 24 PO fihom proġetti tal-FK), u 117 għall-FSE. Fl-1 ta' Lulju 2013, il-Kroazja saret it-28 Stat Membru tal-UE. B'riżultat ta' dan, l-għadd totali ta' PO żdied għal 440 (322 PO tal-FEŻR/FK u 118-il PO tal-FSE).

(2) Il-punt sa fejn l-ispejjeż jiġu rimborżati jiġi ddeterminat skont ir-rata stabbilita mill-PO għal tali proġetti, iżda jittieħdu inkunsiderazzjoni kriterji oħra wkoll (bħal limiti massimi speċifiċi skont ir-regolamenti u/jew ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Livell tal-Istati Membri u dak reġjonali*

5.9. L-Istati Membri jerfgħu r-responsabbiltà primarja għall-prevenzjoni jew il-qbid u l-korrezzjoni ta' nfiq irregolari, u jirrappurtaw lill-Kummissjoni. Ir-responsabbiltà għall-amministrazzjoni ta' kuljum tinsab f'idejn awtoritajiet maniġerjali u korpi intermedji deżinjati ([3]). Dawn għandhom jiżguraw li l-proġetti kollha jkunu eliġibbli għal finanzjament mill-UE u li l-ispejjeż iddikjarati jikkonformaw mal-kundizzjonijiet kollha speċifikati fir-Regolamenti u/jew fir-regoli nazzjonali. Dawn il-verifikazzjonijiet jinkludu spezzjonijiet fuq il-post ta' proġetti fuq bażi ta' kampjun u verifikazzjoni tal-ġestjoni fl-uffiċċju qabel l-infiq jiġi ċċertifikat mill-awtoritajiet maniġerjali. Awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni jridu jiżguraw li jkunu saru kontrolli adegwati u jwettqu verifikazzjonijiet addizzjonali qabel jiddikjaraw l-infiq għar-rimborż mill-Kummissjoni. Meħuda flimkien, dawn il-verifikazzjonijiet tal-ġestjoni jissejħu "kontrolli tal-ewwel livell".

5.10. Barra minn hekk, għal kull PO (jew grupp ta' PO), l-awtoritajiet tal-awditjar (AA) fl-Istati Membri jwettqu awditi tas-sistemi u, fuq bażi ta' kampjun, awditi *ex post* tal-operazzjonijiet ([4]). Huma jirrappurtaw dwar dawn l-awditi lill-Kummissjoni permezz ta' rapporti annwali ta' kontroll (ACRs), li jinkludu opinjoni annwali tal-awditjar dwar il-funzjonament tas-sistemi u l-istima mill-AA tar-rata ta' żball (ara l-paragrafi 5.38 u 5.41) ([5]).

([3]) Korpi intermedji huma korpi pubbliċi jew privati li jaġixxu taħt ir-responsabbiltà ta' awtorità maniġerjali u li jwettqu d-dmirijiet f'isimhom.

([4]) L-Artikolu 62 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

([5]) Aktar dettalji dwar ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-AA u l-kontribut tagħhom għall-*proċess ta' aċċertament tal-Kummissjoni jinsabu fir-Rapport Speċjali Nru 16/2013* Valutazzjoni ta' awditu uniku (single audit) u d-dipendenza tal-Kummissjoni fuq ix-xogħol tal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar fil-Koeżjoni", il-paragrafi 5 sa 11.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Livell tal-Kummissjoni*

5.11. Il-Kummissjoni (id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana u d-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni) trid tikseb aċċertament li l-Istati Membri jkunu stabbilixxew sistemi ta' ġestjoni u kontroll li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-regolamenti, u li s-sistemi jiffunzjonaw b'mod effettiv ([6]). Jekk il-Kummissjoni ssib li Stat Membru jkun naqas milli jikkoreġi nfiq irregolari, li kien ġie ċċertifikat u ddikjarat, jew li jkun hemm nuqqasijiet serji fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, il-Kummissjoni tista' tinterrompi jew tissospendi l-pagamenti ([7]). Jekk l-Istat Membru ma jirtirax l-infiq irregolari (li jista' jiġi sostitwit bi nfiq eliġibbli għal proġetti oħra tal-istess PO) u/jew ma jirrimedja ebda nuqqas li jinstab fis-sistema, il-Kummissjoni tista' tapplika korrezzjonijiet finanzjarji ([8]). Aktar informazzjoni dwar il-mod kif il-Kummissjoni imponiet interruzzjonijiet/sospensjonijiet u kif applikat korrezzjonijiet finanzjarji tingħata wkoll fil-Kapitolu 1, il-paragrafi 1.12 sa 1.14.

**Mobbiltà u trasport u enerġija**

5.12. Il-politiki tat-trasport tal-Unjoni Ewropea għandhom l-għan li jiżviluppaw is-suq intern, iżidu l-kompetizzjoni u l-innovazzjoni, u jintegraw in-netwerks tat-trasport. F'dan il-qasam, il-politiki tal-UE jippromwovu l-mobbiltà, l-iżvilupp sostenibbli u s-sigurtà tat-trasport. Il-politiki tal-enerġija għandhom l-għan li jipprovdu enerġija affordabbli, prezzijiet kompetittivi u servizzi ta' enerġija teknoloġikament avvanzati liċ-ċittadini u lin-negozji. Huma jippromwovu l-produzzjoni, it-trasport u l-konsum ta' enerġija sostenibbli, u provvista sigura ta' enerġija fi ħdan l-UE. Il-programm Netwerks trans-Ewropej tat-Trasport (TEN-T) u l-programm Ewropew tal-enerġija għall-irkupru (EEPR) huma l-istrumenti finanzjarji prinċipali f'dawn iż-żewġ oqsma (ara t-***Tabella 5.1***).

([6]) L-Artikolu 72 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.
([7]) L-Artikolu 39(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1); l-Artikoli 91 u 92 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.
([8]) L-Artikolu 99 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Ġestjoni u kontroll tal-infiq fuq il-mobbiltà u t-trasport u l-enerġija*

5.13. Il-Kummissjoni (id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport u d-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija) timplimenta l-infiq fuq l-enerġija u t-trasport permezż ta' żewġ aġenziji eżekuttivi u ta' impriża konġunta ([9]) u wkoll permezz ta' arranġamenti ta' ġestjoni konġunta (bħall-fondi għad-dekummissjonar nukleari jew il-faċilità Ewropea ta' finanzjament għall-effiċjenza enerġetika).

5.14. Il-Kummissjoni ġeneralment tiffinanzja proġetti wara sejħiet għal proposti ta' proġetti. Pagamenti għal proġetti approvati jsiru direttament mill-Kummissjoni lill-benefiċjarji, ibbażati fuq ftehimiet ta' għotjiet jew fuq deċiżjonijiet tal-Kummissjoni. Ġeneralment, il-benefiċjarji jkunu l-awtoritajiet tal-Istati Membri iżda jistgħu jkunu wkoll kumpaniji pubbliċi jew privati. Il-finanzjament mill-UE jingħata fi ħlasijiet parzjali: pagament bil-quddiem jew pagament ta' prefinanzjament mal-iffirmar tal-ftehim ta' għotja jew deċiżjoni għal finanzjament, segwit minn pagamenti interim u finali biex l-infiq eliġibbli rrappurtat mill-benefiċjarji jiġi rimborżat.

5.15. Il-Kummissjoni tevalwa l-proposti bi tqabbil ma' kriterji speċifikati tal-għażla u tal-għotja, tipprovdi informazzjoni u gwida lill-benefiċjarji, u timmonitorja u tivverifika l-implimentazzjoni ta' proġetti fuq il-bażi tar-rapporti ta' progress finanzjarju u tekniku ppreżentati mill-benefiċjarji. Ftehimiet ta' għotjiet jew deċiżjonijiet tal-Kummissjoni jistgħu jeħtieġu li klejms għall-infiq jiġu ċċertifikati minn awditur indipendenti jew minn korp nazzjonali rilevanti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni twettaq awditi *ex-post* sabiex taqbad u tikkoreġi żbalji li setgħu ma ġewx ipprevenuti b'kontrolli preċedenti.

([9]) L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks, INEA (is-suċċessur tal-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport); l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji, EASME (is-suċċessur tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni) u l-Impriża Konġunta SESAR (Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru Uniku Ewropew).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Riskji għar-regolarità*

**Politika reġjonali**

5.16. Għall-infiq tal-FEŻR u tal-FK ir-riskji prinċipali huma relatati man-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE u/jew dawk nazzjonali meta jingħataw il-kuntratti u mal-finanzjament ta' proġetti li ma jkunux eliġibbli jew li ma jkunux jikkonformaw mar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat ([10]). Riskju ulterjuri huwa li l-benefiċjarji jiddikjaraw spejjeż li jkunu ineliġibbli skont ir-regolamenti u/jew ir-regoli nazzjonali dwar l-eliġibbiltà.

5.17. Fl-implimentazzjoni tal-PO, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jiffaċċjaw prijoritajiet li jikkompetu ma' xulxin. L-infiq għandu jkun suġġett għal kontrolli xierqa intenzjonati li jiżguraw ir-regolarità u l-ġestjoni finanzjarja tajba. Fl-istess ħin, hemm interess fl-assorbiment tal-fondi allokati mill-UE. Fil-prattika, dan jista' jfixkel l-applikazzjoni konsistenti ta' kontrolli effettivi u b'hekk il-ksur ta' regoli ma jinqabadx u ma jiġix ikkoreġut u l-infiq ineliġibbli jiġi finalment rimborżat mill-baġit tal-UE. Dan jista' jirriżulta wkoll fil-finanzjament ta' proġetti li jkunu għaljin wisq, mhux implimentati b'mod effiċjenti jew li x'aktarx ma jkunux se jiksbu r-riżultati intenzjonati ([11]). Din it-tensjoni ssir aktar rilevanti kif joqrob tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà.

**Mobbiltà u trasport u enerġija**

5.18. Għall-infiq tat-trasport u l-enerġija, ir-riskju prinċipali huwa li l-Kummissjoni ma taqbadx l-ispejjeż ineliġibbli ddikjarati mill-benefiċjarji qabel ir-rimborż. Bħal taħt l-FEŻR u l-FK, hemm ukoll riskji relatati ma' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.16.** *Il-Kummissjoni taqbel ma' din il-valutazzjoni, kif hemm iddettaljat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tagħha "Analiżi tal-iżbalji fil-Politika ta' Koeżjoni għas-snin 2006–2009" (SEC(2011) 1179 tal-5 ta' Ottubru 2011). F'dan id-dokument, il-Kummissjoni tindika l-azzjonijiet speċifiċi fl-impenn tagħha biex ittaffi dawn ir-riskji (b'mod partikolari gwida u taħriġ addizzjonali lill-awtoritajiet ta' ġestjoni dwar ir-riskji identifikati, l-implimentazzjoni f'waqtha ta' korrezzjonijiet finanzjarji, proċeduri ta' interruzzjonijiet u sospensjonijiet, u awditi mmirati lejn l-oqsma l-aktar riskjużi).*

(10) Aktar informazzjoni dwar ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat tista' tinsab fir-Rapport Speċjali Nru 15/2011, "Il-proċeduri tal-Kummissjoni jassiguraw il-ġestjoni effettiva tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat?"

(11) Aktar informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' prestazzjoni hija ppreżentata fil-Kapitolu 10.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

5.19. ***L-Anness 1.1***, il-***parti 2***, tal-Kapitolu 1 jiddeskrivi l-approċċ u l-metodoloġija kumplessivi tal-awditjar tal-Qorti. Għall-awditu tal-politika reġjonali, it-trasport u l-enerġija, għandhom jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin:

(a) l-awditu kien jinvolvi l-eżaminar ta' kampjun ta' 180 tranżazzjoni ([12]) kif definit fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7. Il-kampjun huwa mfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa kollha kemm hi ta' tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp tal-politika. Fl-2013, il-kampjun kien jikkonsisti f'tranżazzjonijiet minn 19-il Stat Membru ([13]);

(b) l-awditu kien jinvolvi l-eżaminar ta' strumenti ta' inġinerija finanzjarja (SIF) f'termini tar-rati ta' żborżament tagħhom (jiġifieri l-proporzjon ta' fondi użati fil-livell tar-riċevituri finali). Dan sar permezz ta' analiżi tar-rappurtar ta' progress tal-Kummissjoni għall-2012 u tal-ħames SIF fi ħdan il-kampjun ta' tranżazzjonijiet awditjati;

(c) il-valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll eżaminat:

(i) l-attivitajiet superviżorji tal-Kummissjoni fir-rigward tal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar fl-Istati Membri;

(ii) ir-rapporti annwali tal-attività (RAA) tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport u d-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija.

([12]) Dan il-kampjun jikkonsisti f'180 tranżazzjoni relatata ma' 168 proġett tal-politika reġjonali (125 proġett tal-FEŻR, 38 proġett tal-FK u 5 strumenti ta' inġinerija finanzjarja), 8 proġetti tat-trasport u 4 proġetti tal-enerġija (ara l-***Anness 5.1***). Il-kampjun ittieħed mill-pagamenti kollha, bl-eċċezzjoni tal-pagamenti bil-quddiem li ammontaw għal EUR 2,9 biljun fl-2013. Mill-168 tranżazzjoni tal-politika reġjonali (inklużi l-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja kollha), 157 huma relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 20072013. L-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja eżaminati ġew kampjunati minn dawk il-fondi li għalihom saru żborżamenti li lill-benefiċjarji finali (bħal self, garanziji jew investimenti ta' ekwità) matul l-2013.

([13]) Il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Isvezja.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

5.20. L-***Anness 5.1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-180 tranżazzjoni awditjata mill-Qorti, 102 (57 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tal-40 żball li kkwantifikat, il-Qorti tistma li r-rata tal-iżball l-aktar probabbli hija ta' 6,9 % ([14]).

5.21. Il-Kapitolu 1 fih valutazzjoni tal-preċiżjoni u l-affidabbiltà taċ-ċifri għall-korrezzjonijiet finanzjarji ppreżentati fin-Nota 6 għall-kontijiet ikkonsolidati tal-UE (ara l-paragrafi 1.12 sa 1.14). Il-punt sa fejn il-Qorti tieħu inkunsiderazzjoni l-korrezzjonijiet finanzjarji meta tkun qed tistma r-rata tal-iżball l-aktar probabbli huwa spjegat fil-Kapitolu 1 tar-Rapport Annwali 2012 ([15]).

**5.20.** *Ir-risposta komuni għall-paragrafi 5.20 u 5.21.*

*Il-Kummissjoni tosserva li l-iżball l-aktar probabbli rrappurtat għall-2013 huwa konformi mar-rati ta' erruri ppreżentati mill-Qorti għal dawn l-aħħar erba' snin.*

*Dan jikkonferma li r-rata ta' erruri għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013 tibqa' stabbli u b'mod sinifikanti taħt ir-rati rrappurtati għall-perjodu 2000–2006. Dan l-iżvilupp huwa derivat mid-dispożizzjonijiet ta' kontroll imsaħħa tal-perjodu 2007–2013 u l-politika stretta tal-Kummissjoni biex tinterrompi/tissospendi l-pagamenti meta jiġu identifikati xi nuqqasijiet, kif irrappurtat fir-rapport ta' attività annwali tal-2013 tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana (ara t-taqsima 2.111 F, pp.44-45). Il-Kummissjoni se tkompli tiffoka l-azzjonijiet tagħha fuq il-programmi l-aktar riskjużi/l-Istati Membri u timplimenta miżuri korrettivi meta jkun meħtieġ permezz ta' politika stretta ta' interruzzjonijiet u sospensjonijiet ta' pagamenti. Għall-perjodu l-ġdid tal-2014–2020 il-kapaċità korrettiva tal-Kummissjoni ġiet imtejba aktar billi tneħħiet, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-possibbiltà għall-Istati Membri li jerġgħu jużaw fondi, biex b'hekk tirriżulta f'korrezzjonijiet finanzjarji netti. Dan se jkun inċentiv importanti għall-Istati Membri sabiex jidentifikaw u jikkoreġu l-irregolaritajiet qabel jiċċertifikaw il-kontijiet annwali lill-Kummissjoni.*

*Barra minn hekk, ir-Regolament Finanzjarju (l-Artikolu 80.4) jipprevedi l-użu skont ir-regoli dwar il-politika ta' koeżjoni (l-Artikolu 99(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006) ta' rati fissi jew korrezzjonijiet estrapolati meta ammonti minfuqa b'mod mhux xieraq ma jkunux jistgħu jiġu preċiżament identifikati, li huwa komuni li jseħħ. Dan kien il-każ għall-politika reġjonali fl-2013. Il-Kummissjoni aġixxiet fil-limiti tal-kompetenzi tagħha u b'rispett sħiħ għar-regolamenti eżistenti sabiex tipproteġi l-baġit tal-UE. Skont l-approċċ tal-Qorti, isiru aġġustamenti sal-punt li ġiet stabbilita rabta għal operazzjonijiet individwali. Il-Kummissjoni tqis li l-korrezzjonijiet tar-rata fissa applikata koprew l-intier tal-programmi u l-operazzjonijiet ikkonċernati. Ara wkoll ir-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 1.17.*

5.22. Il-***Graff 5.1*** tippreżenta l-punt sa fejn it-tipi differenti ta' irregolaritajiet ikkontribwixxew għall-istima mill-Qorti tar-rata tal-iżball l-aktar probabbli għall-2013.

([14]) Il-Qorti tikkalkula l-istima tagħha tar-rata ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Il-Qorti hija 95 % fiduċjuża li r-rata ta' żball fil-popolazzjoni tinsab bejn 3,7 % u 10,1 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

([15]) Ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafi 1.19 sa 1.37.

**Graff 5.1 – Kontribut skont it-tip ta’ żball għar-rata tal-iżball l-aktar probabbli**



L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**In-nuqqasijiet ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku jirrappreżentaw aktar minn terz tar-rata ta' żball stmata mill-Qorti għal dawn l-oqsma ta' politika**

5.23. Ir-regoli tal-akkwist pubbliku huma strument ewlieni biex il-flus pubbliċi jintnefqu b'mod ekonomiku u effettiv u biex jiġi stabbilit suq intern fi ħdan l-UE.

5.24. Fl-2013, il-Qorti eżaminat 122 proċedura ta' akkwist pubbliku relatata ma' kuntratti għal xogħlijiet u servizzi li fuqhom huwa bbażat l-infiq għall-180 tranżazzjoni ttestjata mill-Qorti ([16]). Il-valur kombinat stmat tal-kuntratti għal dawn l-akkwisti pubbliċi ammonta għal EUR 4,2 biljun ([17]).

5.25. Bħal fis-snin preċedenti, il-proċeduri ta' akkwist pubbliku kienu partikolarment suxxettibbli għal żbalji ([18]). Il-Qorti identifikat każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE u/jew ma' dawk nazzjonali għal 60 mill-122 proċedura eżaminata. Madwar terz minn dawn kienu nuqqasijiet serji ta' konformità ma dawn ir-regoli u b'hekk klassifikati bħala żbalji kwantifikabbli. Dawn l-iżbalji jirrappreżentaw 45 % tal-iżbalji kwantifikabbli kollha u jammontaw għal bejn wieħed u ieħor 39 % tar-rata ta' żball stmata għal dan il-grupp tal-politika (ara l-Kaxxa 5.1).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.23.** *Risposta komuni għall-paragrafi 5.23 sa 5.25:*

*Filwaqt li l-Kummissjoni u l-Qorti jawditjaw il-konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku bl-istess mod, il-Kummissjoni, mill-perjodu ta' programmazzjoni 2000–2006, tapplika korrezzjonijiet b'rata fissa proporzjonali u b'hekk tindirizza r-riskju ta' danni għall-baġit tal-UE u tikkunsidra n-natura u l-gravità tal-irregolaritajiet reali.*

*Dawn ir-rati fissi huma applikati mill-Kummissjoni u mill-maġġoranza tal-awtoritajiet nazzjonali meta jimponu korrezzjonijiet finanzjarji minħabba ksur fir-regoli tal-akkwist pubbliku, inklużi wkoll meta jsegwu l-iżbalji rrappurtati mill-Qorti.*

*Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-Awtorità tal-Kwittanza talbet lill-Kummissjoni u l-Qorti biex jarmonizzaw il-metodoloġiji tagħhom biex jikkwantifikaw l-iżbalji tal-akkwist pubbliku (deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2013 dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011).*

*Il-Kummissjoni fl-2013 aġġornat id-deċiżjoni tagħha dwar il-kwantifikazzjoni ta' żbalji tal-akkwist pubbliku f'ġestjoni kondiviża, inkluż inter alia l-infiq tal-koeżjoni u l-iżvilupp rurali (ara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)9527 final).*

*Abbażi ta' din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tistima li l-kwantifikazzjoni ta' żbalji għal żbalji tal-akkwist pubbliku fl-2013 tkun sa 0,6 punt perċentwali aktar baxxa minn dik ikkalkolata mill-Qorti meta tuża l-kwantifikazzjoni tagħha stess.*

---

([16]) Għal madwar 73 % mill-122 proċedura ta' akkwist pubbliku awditjata mill-Qorti, il-valur tal-kuntratti kien ogħla mil-livell limitu li għamilhom suġġetti għar-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE kif trasposti fil-liġi nazzjonali.

([17]) Dan l-ammont jirrappreżenta l-infiq totali għall-kuntratti mogħtija, li parti minnu ġie ċċertifikat skont id-dikjarazzjonijiet tal-infiq awditjati.

([18]) Ara r-Rapport Annwali 2010, il-paragrafi 4.26 sa 4.27, ir-Rapport Annwali 2011, il-paragrafi 5.31 sa 5.33, u r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafi 5.30 sa 5.34.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 5.1 – Eżempji ta’ nuqqasijiet serji ta’ konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku**

(a) *Għoti dirett mhux ġustifikat ta’ xogħlijiet addizzjonali (nuqqas ta’ ċirkustanzi mhux previsti)*: Fi proġett TEN-T fil-Ġermanja, kuntratti għal xogħlijiet addizzjonali ta’ kostruzzjoni għal terminal tal-passiġġieri f’ajruport (li kienu ġew mogħtija direttament lill-istess kuntrattur) ġew iddikjarati għal kofinanzjament. Dawn ix-xogħlijiet addizzjonali kienu dovuti għal defiċjenzi fit-tħejjija, l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-proġett aktar milli għal ċirkustanzi mhux prevedibbli. F’każijiet bħal dawn l-għoti dirett huwa illegali u kien imissha saret sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet addizzjonali.

Instabu każijiet simili fi proġetti oħra tal-FEŻR/FK u tat-trasport fil-Belġju, fir-Repubblika Ċeka, fil-Ġermanja, fi Spanja, fl-Italja, u fl-Isvezja.

(b) *Użu minn kriterji illegali ta’ għotja fi proċedura tal-offerti*: Fi proġett tal-FEŻR relatat mar-rinnovament ta’ bini pubbliku fi Spanja, il-formula speċifikata fid-dossier tal-offerta biex tiddetermina l-aktar offerta ekonomika biddlet, b’mod li ma kellux isir, l-eżitu tal-offerta u l-kuntratt ingħata b’mod irregolari.

(c) *Tibdil tal-ambitu tal-kuntratt wara l-offerta*: Fi proġett tal-FEŻR għat-titjib u r-rinnovament tan-netwerk tal-provvista tal-ilma fi Spanja, l-ambitu tal-proġett ġie modifikat b’mod sinifikanti wara l-offerta u l-għoti tal-kuntratt. Dan jikser ir-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE u dawk nazzjonali u n-nefqa ddikjarata għal dan il-kuntratt huwa għaldaqstant irregolari. Barra minn hekk, ix-xogħlijiet fil-fatt imwettqa ma kinux konformi mal-kuntratt modifikat.

Instabu każijiet simili fi proġetti tal-FEŻR/FK fir-Repubblika Ċeka.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 5.1 – Eżempji ta’ nuqqasijiet serji ta’ konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku***

**(c)** *Għar-Repubblika Ċeka l-Kummissjoni tisħaq li hija imponiet korrezzjoni tar-rata fissa ta’ 10 % għall-infiq ta’ dan il-programm mill-2007 sal-31 ta’ Awwissu 2012 li tkopri l-iżbalji tal-istess għamla rrappurtati bħal dawk identifikati mill-Qorti. Din il-korrezzjoni kienet applikata għall-proġetti kollha awditjati mill-Qorti.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5.26. Żbalji oħra relatati ma' proċeduri tal-ħruġ ta' sejħiet għall-offerti u ma' proċeduri ta' kuntrattar seħħu f'terz ieħor tal-122 akkwist pubbliku awditjat. Dawn l-iżbalji jinkludu każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' informazzjoni u ta' pubblikazzjoni, applikazzjoni skorretta tal-kriterji tal-għażla u nuqqasijiet fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta. Dawn l-iżbalji ma jikkontribwixxux għar-rata ta' żball stmata mill-Qorti ([19]).

**Għal tliet proġetti awditjati mill-Qorti l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà ma ġewx issodisfati**

5.27. Il-Qorti identifikat tliet proġetti li l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għalihom stipulati fir-Regolamenti u/jew fir-regoli nazzjonali dwar l-eliġibbiltà ma ġewx issodisfati u l-iżbalji ġew kwantifikati. Dawn l-iżbalji jirrappreżentaw 8 % tal-iżbalji kwantifikabbli kollha u jammontaw għal bejn wieħed u ieħor 22 % tar-rata ta' żball stmata (ara l-Kaxxa 5.2).

**Kaxxa 5.2 – Eżempji ta' proġetti ineliġibbli**

(a) *Għażla ta' proġett li ma jistax jilħaq l-objettivi tiegħu realistikament*: Proġett tal-FEŻR fil-Polonja kien jikkonsisti fir-rinnovament ta' bini storiku u l-park tiegħu biex jintuża bħala ċentru ta' taħriġ b'faċilitajiet ta' akkomodazzjoni. Dan il-proġett intgħażel mill-awtorità maniġerjali għalkemm l-objettivi tal-proġett, kif speċifikati fl-applikazzjoni tal-proġett, ma setgħux jintlaħqu realistikament. B'mod partikolari, l-għadd ta' persuni f'taħriġ li kienu se jużaw il-faċilitajiet kien miżjud b'mod sinifikanti. Barra minn hekk, spejjeż relatati ma' użu privat tal-bini ġew iddikjarati u kienu barra mill-ambitu tal-ftehim ta' għotja.

(b) *Il-benefiċjarju ma jissodisfax il-kriterji tal-għażla speċifikati fil-PO*: Proġett tal-FEŻR fl-Ungerija kien jikkonsisti fl-akkwiżizzjoni ta' gaffa minn benefiċjarju li jopera fis-settur tat-trasport u l-kostruzzjoni. Madankollu, la l-proġett u lanqas l-attività kummerċjali tal-benefiċjarju ma tista' titqies bħala innovattiva u għalhekk ma ssodisfawx il-kriterji stabbiliti fil-PO.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.26.** *Il-Kummissjoni se ssegwi l-iżbalji kollha rrappurtati mill-Qorti skont id-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)9527 final.*

**5.27.** *Risposta komuni għall-paragrafi 5.27 sa 5.29:*

*Il-Kummissjoni tfittex li tiżgura li l-benefiċjarji u l-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-programmi huma konxji sew tar-regoli tal-eliġibbiltà. Dan jista' jkun permezz ta' taħriġ u gwida u, għall-politika reġjonali u urbana, l-awtoritajiet ta' ġestjoni għandhom jgħaddu dan l-għarfien lill-korpi kollha inkarigati mill-ġestjoni tal-fondi. Għall-politika reġjonali, meta l-Kummissjoni tidentifika regoli kumplessi fil-livell tal-programm, tagħmel ukoll rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru biex jissimplifika r-regoli.*

*Il-Kummissjoni se tkompli tiffoka l-azzjonijiet tagħha fuq l-awtoritajiet tal-programm fejn ġew identifikati xi riskji.*

([19]) Aktar informazzjoni dwar l-approċċ tal-Qorti għall-kwantifikazzjoni ta' żbalji tal-akkwist pubbliku tingħata fl-***Anness 1.1***, il-paragrafi 10 sa 12.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Spejjeż ineliġibbli ddikjarati għal kważi proġett wieħed minn 10 fost il-proġetti kollha awditjati mill-Qorti**

5.28. Meta jiddikjaraw l-ispejjeż lill-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali jkunu qed jiċċertifikaw li dawn l-ispejjeż ikunu ġġarrbu f'konformità ma' għadd ta' dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fir-regolamenti tal-UE, fir-regoli nazzjonali dwar l-eliġibbiltà, fir-regoli speċifiċi tal-PO, fis-sejħiet għal interess, fid-deċiżjonijiet għall-approvazzjoni ta' proġetti għal kofinanzjament jew fil-ftehimiet ta' għotjiet.

5.29. Il-Qorti sabet li spejjeż ineliġibbli kienu ġew iddikjarati fi 8 % tat-tranżazzjonijiet eżaminati. Dawn jirrappreżentaw 38 % tal-iżbalji kwantifikabbli kollha u jammontaw għal madwar 21 % tar-rata ta' żball stmata għal dawn l-oqsma ta' politika (ara l-Kaxxa 5.3).

**Kaxxa 5.3 – Eżempji ta' spejjeż ineliġibbli ddikjarati**

(a) *Spejjeż tal-persunal mhux sostanzjati*: Għal proġett ta' Enerġija fi Franza relatat mal-kostruzzjoni ta' interkonnessjoni tal-elettriku bejn Franza u Spanja, xi spejjeż tal-persunal ma setgħux jiġu sostanzjati mill-benefiċjarju. Għalhekk in-nefqa ta' bażi relatata ma' dawn l-ispejjeż tal-persunal hija ineliġibbli għal kofinanzjament mill-UE.

Fi proġett tal-FEŻR fl-Italja instab każ simili fejn ġiet iddikjarata nefqa ineliġibbli għas-salarji.

(b) *Infiq iddikjarat għal organizzazzjoni li mhijiex fl-UE*: Proġett TEN-T għall-iżvilupp ulterjuri ta' spazju tal-ajru komuni Ewropew twettaq minn organizzazzjonijiet f'bosta Stati Membri tal-UE u f'pajjiż wieħed li mhuwiex fl-UE. Ir-rekwiżit li organizzazzjonijiet mill-Istati Membri tal-UE biss setgħu jkunu benefiċjarji u għalhekk setgħu jiddikjaraw l-ispejjeż ma ġiex rispettat mill-konsorzju u l-ispejjeż minn parteċipant li mhuwiex fl-UE ġew rimborżati wkoll mill-baġit tal-UE.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Ksur tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jirrappreżenta 17 % tar-rata ta' żball**

5.30. L-għajnuna mill-Istat titqies inkompatibbli, fil-prinċipju, mas-suq intern billi din tista' twassal għal distorsjoni fil-kummerċ bejn l-Istati Membri [20]. Il-Kummissjoni tinforza direttament ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat. L-Istati Membri jridu jinnotifikaw kull każ ta' għajnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni (jew permezz ta' skema jew inkella każ b'każ għal proġett), sakemm il-proġett ma jkunx taħt limitu massimu "*de minimis*" jew ikun kopert mir-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (REGS) [21]. Għall-każijiet innotifikati kollha, id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni għandu mbagħad jifforma fehma dwar jekk l-għajnuna tkunx kompatibbli mas-suq intern. Din tinkludi valutazzjoni dwar jekk l-istess proġett kienx jitwettaq ukoll mingħajr tali għajnuna.

5.31. Din is-sena, il-Qorti identifikat 16-il proġett fi 8 Stati Membri li kisru r-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat. Għall-każijiet kollha l-Qorti talbet u kisbet valutazzjoni preliminarja mid-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni. Din il-valutazzjoni u l-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ttieħdu inkunsiderazzjoni matul il-klassifikazzjoni tal-iżbalji. Għal ħamsa minn dawn il-proġetti, il-Qorti tqis li l-proġett ma kien imissu kiseb ebda jew anqas finanzjament pubbliku mill-UE u/jew mill-Istati Membri skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Dawn l-iżbalji kwantifikati jammontaw għal bejn wieħed u ieħor 17 % tar-rata ta' żball stmata [22] (ara l-Kaxxa 5.4). Il-11-il każ l-ieħor ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ma jittiħdux inkunsiderazzjoni għall-istima tar-rata ta' żball mill-Qorti.

**Kaxxa 5.4 – Eżempji ta' proġetti li kisru r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat**

(a) *Effett ta' inċentiv mhux iddimostrat*: Fi proġett tal-FEŻR fil-Polonja għall-istabbiliment ta' ċentru konġunt ta' servizzi għal kumpanija multinazzjonali, l-informazzjoni pprovduta mill-impriża turi li l-proġett xorta kien profittabbli mingħajr appoġġ pubbliku u li l-għajnuna ma kinitx meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proġett. B'riżultat ta' dan, il-proġett huwa ineliġibbli għall-finanzjament mill-UE skont l-Artikolu 8 tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa.

Instab każ simili fi proġett ieħor tal-FEŻR fil-Polonja.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.31.** *Il-Kummissjoni hija l-awtorità kompetenti fl-Unjoni Ewropea li tista' tiddeċiedi jekk għajnuna hijiex inkompatibbli mar-regoli tas-suq intern. Meta tagħmel hekk, hija tiddistingwi bejn ksur ta' rekwiżiti ta' għajnuna mill-Istat formali u proċedurali u l-inkompatibbiltà ta' għajnuna mar-regoli tas-suq intern b'hekk mhux konformi ma' kundizzjonijiet sostanzjali tar-regoli ta' għajnuna mill-Istat. Għalhekk, għajnuna li ma tikkonformax ma' rekwiżiti formali u proċedurali, xorta waħda tista' tkun konformi ma' dawk materjali u dawk sostantivi.*

*Il-Kummissjoni tieħu nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti u se ssegwi l-każijiet identifikati mill-Qorti.*

[20] L-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) dwar l-għajnuna mill-Istat.

[21] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 (ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3).

[22] Fl-2012, il-proporzjon korrispondenti kien 9 % (ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 5.41).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(b) *Bonus ta' SMEs mhux dovut għall-għajnuna mill-Istat*: Fi proġett tal-FEŻR fis-Slovenja, l-għajnuna ngħatat taħt skema notifikata għal impriżi żgħar u medji (SMEs) għal attivitajiet ta' riċerka u żvilupp fl-industrija awtomobilistika. Madankollu, il-benefiċjarju *de facto* ma ssodisfax il-kriterji biex jikkwalifika bħala SME billi kien jappartjeni kollu kemm hu lil kumpaniji kbar u wettaq l-attivitajiet ta' riċerka esklussivament għalihom. L-intensità ta' għajnuna aktar baxxa għal impriżi kbar kien imissha ġiet applikata u, b'riżultat ta' dan, parti mill-għajnuna hija ineliġibbli.

Instabu każijiet simili fi proġetti tal-FEŻR fil-Bulgarija u fl-Ungerija.

**Għal terz mit-tranżazzjonijiet eżaminati, il-kontrolli fil-livell tal-Istati Membri setgħu pprevienu mill-anqas xi wħud mill-iżbalji li nstabu**

5.32. Fi 17-il każ ta' żbalji kwantifikabbli li saru minn benefiċjarji finali, l-awtoritajiet nazzjonali kellhom informazzjoni suffiċjenti (pereżempju, mingħand il-benefiċjarji finali, l-awdituri tagħhom jew mill-kontrolli proprji tal-awtoritajiet nazzjonali) biex jipprevienu, jaqbdu u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma jiddikjaraw l-infiq lill-Kummissjoni. Li kieku din l-informazzjoni kollha kienet intużat biex jiġu kkoreġuti l-iżbalji, ir-rata tal-iżball l-aktar probabbli stmata għal dan il-kapitolu kienet tkun ta' 3 punti perċentwali aktar baxxa. Għal 10 minn dawn il-każijiet, id-dikjarazzjoni saret filwaqt li ttieħed kont ta' korrezzjoni b'rata fissa imposta mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Qorti sabet li għal ħames każijiet, l-iżball li nqabad mill-Qorti sar mill-awtoritajiet nazzjonali. Dawn l-iżbalji kkontribwixxew żewġ punti perċentwali għar-rata tal-iżball l-aktar probabbli stmata.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.32.** *Il-Kummissjoni qed issegwi b'mod strett dawn il-każijiet sabiex tiżgura li s-sistemi kkonċernati jipprevjenu aħjar l-iżbalji qabel iċ-ċertifikazzjoni fil-futur. Hija taqbel li l-verifiki ta' ġestjoni tajba u f'waqtha għandhom ikunu fis-seħħ sabiex l-ewwel u qabel kollox jipprevjenu irregolaritajiet li jseħħu jew li jiġu inklużi f'talbiet għall-pagament iċċertifikati lill-Kummissjoni.*

*Sa mill-2010 l-Kummissjoni ilha twettaq, awditi ffukati fuq il-verifiki tal-ġestjoni ta' programmi ta' riskju għoli, fejn identifikat li n-nuqqasijiet jistgħu jibqgħu mistura jew jinstabu tard mill-awtorità ta' awditjar tal-programm. Ir-riżultati ta' dawn l-awditi, sal-aħħar tal-2013, huma ppreżentati fir-RAA tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana (ara l-paġna 41).*

*Il-Kummissjoni tirreferi għall-proċeduri msaħħa fil-qafas regolatorju għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, fejn verifiki u kontrolli ta' ġestjoni (inklużi verifiki fuq il-post) se jkollhom jitwettqu fil-ħin għaċ-ċertifikazzjoni lill-Kummissjoni ta' kontijiet annwali tal-programm u s-sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni mill-awtoritajiet ta' ġestjoni. Il-Kummissjoni tikkunsidra li dawn il-proċeduri ta' kontroll imsaħħa se jirriżultaw fi tnaqqis dejjiem tar-rata ta' erruri.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## EŻAMINAR TAL-ISTRUMENTI TA' INĠINERIJA FINANZJARJA

5.33. L-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja (SIF) jipprovdu assistenza lil impriżi jew lil proġetti urbani permezz ta' investimenti ta' ekwità, self jew garanziji ([23]). Huma jistgħu jintużaw prinċipalment fi tliet oqsma: għall-appoġġ ta' SMEs ([24]), għall-iżvilupp urban ([25]) u għall-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika.

5.34. Sa tmiem l-2012, 940 SIF kienu ġew stabbiliti taħt 175 PO tal-FEŻR u tal-FSE fl-Istati Membri kollha tal-UE-27 minbarra 2 (l-Irlanda u l-Lussemburgu). Meħudin flimkien, dawn għandhom dotazzjoni ta' madwar EUR 12 558 miljun ([26]).

**L-Istrumenti ta' Inġinerija Finanzjarja jkomplu juru rati baxxi ta' żborżament**

5.35. Ġeneralment, fondi għall-implimentazzjoni tal-SIF jirċievu kontribuzzjonijiet mill-PO meta l-istruttura legali tagħhom tiġi stabbilita, u sussegwentement jużaw dawn il-flus biex jappoġġaw proġetti. Appoġġ finanzjarju bħal dan jista' jiġi pprovdut biss lil proġetti li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tal-PO. Dawn l-SIF huma mfassla biex ikollhom natura rotatorja jew, għal ċerti tipi ta' fondi ta' garanzija, biex jiksbu effett ta' lieva għoli. Kwalunkwe riżorsa li tinkiseb bħala redditu fuq investiment jew fuq self li jkun sar, inklużi l-profitti, għandha terġa' tintuża għall-iskop tal-attivitajiet implimentati mill-SIF.

([23]) L-Artikolu 44 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

([24]) Dan jinkludi l-programm Riżorsi Ewropej Konġunti għall-Impriżi Mikro sa Medji (JEREMIE) implimentat flimkien mal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u l-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) biex jiġi appoġġat finanzjament addizzjonali ta' SMEs.

([25]) Dan jinkludi l-Appoġġ Konġunt Ewropew għall-Investiment Sostenibbli fiż-Żoni tal-Ibliet (JESSICA) li huwa implimentat flimkien mal-BEI biex isiru investimenti ripagabbli (fil-forma ta' ekwità, self jew garanziji) fl-iżvilupp urban.

([26]) Il-Kummissjoni Ewropea, Sommarju tad-*data* dwar il-progress li sar fil-finanzjament u fl-implimentazzjoni tal-SIF kofinanzjati mill-Fondi Strutturali, COCOF 13/0093-00/EN, id-19 ta' Settembru 2013.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5.36. L-eżaminar mill-Qorti wera li l-kampjun ta' SIF eżaminati fl-2013 għad għandhom rati baxxi ta' żborżament (jiġifieri l-fondi użati fil-livell tar-riċevituri finali) (il-Kaxxa 5.5). Skont ir-regolamenti, huma biss il-pagamenti jew il-garanziji pprovduti lir-riċevituri finali li jitqiesu bħala eliġibbli u dotazzjonijiet tal-SIF mhux użati għandhom jintraddu lill-baġit tal-UE fl-għeluq ([27]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.36.** *Risposta komuni għall-paragrafu 5.36 u l-Kaxxa 5.5:*

*Il-Kummissjoni rrappurtat dwar ir-rata baxxa ta' eżekuzzjoni tal-FEI sal-aħħar tal-2012 lill-Parlament u l-Kunsill (ara Ares(2013) 3153620 tal-1 ta' Ottubru 2013). Ir-rata ta' żborż medju tirrifletti l-istabbiliment ta' FEI addizzjonali fl-2012. Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar is-sitwazzjoni fi tmiem l-2013 fit-tieni nofs tal-2014. Il-Kummissjoni tqis li l-valutazzjoni tal-prestazzjoni għandha tiffoka wkoll fuq il-kisba tar-riżultati mill-istrumenti finanzjarji kofinanzjati, inklużi l-effetti rotanti u ta' ingranaġġ.*

*Il-Kummissjoni tinnota li analiżi dettaljata teħtieġ valutazzjoni taddiversi sitwazzjonijiet li jistgħu jseħħu waqt li tqis partikolarment li l-FEI awditjati huma fil-Bulgarija, il-Greċja, l-Italja u l-Litwanja, l-Istati Membri milquta serjament mill-kriżi ekonomika u finanzjarja.*

## Kaxxa 5.5 – Rati baxxi ta' żborżament għall-SIF

Skont il-Kummissjoni, ir-rata medja ta' żborżament għall-SIF kollha fi ħdan l-UE-27 kienet ta' 37 % fi tmiem l-2012. Din tirrappreżenta żieda ta' tliet punti perċentwali meta mqabbla mal-2011. Din ir-rata għadha wisq baxxa biex jiġi mistenni li l-fondi kollha disponibbli se jintużaw mill-anqas darba. Ġew innutati problemi partikolari għall-SIF fi tliet Stati Membri (il-Bulgarija, il-Greċja u s-Slovakkja) fejn ir-rati ta' żborżament huma, b'mod sinifikanti, taħt il-medja tal-UE għall-2012.

Għal erbgħa mill-ħames SIF eżaminati, ir-rati ta' żborżament fi tmiem l-2013 (bejn 3 % u 16 %) kienu għadhom b'mod sinifikanti taħt il-medja tal-UE għall-2012. Il-Qorti tinnota wkoll li l-Istati Membri kellhom il-possibbiltà li jagħmlu kontribuzzjonijiet addizzjonali għall-SIF mill-PO sa tmiem l-2013.

| SIF eżaminati fl-Istati Membri | 2012 | | | 2013 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ammont irrappurtat lill-Kummissjoni fil-31 ta' Diċembru 2012 f'euro (*) | | Rata ta' Żborżament | Ammont irrappurtat mis-SIF f'euro | | Rata ta' Żborżament |
| | Ammont imħallas lil jew garantit mill-fond ta' parteċipazzjoni | Ammont imħallas jew garantit lir-riċevituri finali | | Ammont imħallas lil jew garantit mill-fond ta' parteċipazzjoni | Ammont imħallas jew garantit lir-riċevituri finali | |
| Il-Bulgarija | 37 818 872 | 0 | 0 % | 37 818 872 | 1 023 107 | 3 % |
| Il-Greċja | 460 000 000 | 6 343 202 | 1 % | 488 000 338 (**) (**) | 79 701 074 | 16 % |
| L-Italja | 202 000 000 | 0 | 0 % | 202 000 000 | 10 595 207,50 | 5 % |
| L-Italja | 110 000 000 | 10 467 204 | 10 % | 110 000 000 | 16 870 778 | 15 % |
| Il-Litwanja | 169 974 513 | 64 237 987 | 38 % | 240 931 417 (**) | 87 263 848 | 36 % |

(*) *Sors*: Ir-rapporti annwali ppreżentati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 67(2)(j) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006; informazzjoni tal-2013 ipprovduta mill-SIF eżaminati.

(**) Żieda fid-dotazzjonijiet matul l-2013 meta mqabbla mal-2012: fil-Greċja ż-żieda kienet madwar EUR 28 miljun u fil-Litwanja madwar EUR 71 miljun.

([27]) L-Artikolu 78(6) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## EŻAMINAR TAS-SISTEMI TA' KONTROLL MAGĦŻULA

### Valutazzjoni tas-superviżjoni mill-Kummissjoni tal-awtoritajiet tal-awditjar

5.37. L-***Anness 5.2*** fih sommarju tar-riżultati tas-sistemi eżaminati mill-Qorti.

#### Il-Kummissjoni sserraħ fuq ix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar fl-Istati Membri

5.38. L-awtoritajiet tal-awditjar jipprovdu aċċertament lill-Kummissjoni fir-rigward tal-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u tal-kontrolli interni għal PO u tal-legalità u r-regolarità tal-infiq iċċertifikat ([28]). Din l-informazzjoni tiġi pprovduta mill-awtoritajiet tal-awditjar fir-rapporti annwali ta' kontroll (ACRs) tagħhom, fl-opinjonijiet tal-awditjar tagħhom u fir-rapporti tagħhom dwar awditi tas-sistemi (ara l-paragrafu 5.10).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.38.** *L-awtoritajiet tal-awditjar għandhom rwol prinċipali fil-proċess tal-bini tal-assigurazzjoni, sa mill-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni u l-istabbiliment tas-sistemi.*

*Ir-regolament jipprovdi lill-Kummissjoni l-possibbiltà li, f'ċerti kundizzjonijiet, toqgħod fuq ix-xogħol ta' awtorità tal-awditjar għall-assigurazzjoni tagħha (l-Artikolu 73 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006). Il-Kummissjoni qiegħda tikkoopera u tikkoordina mill-qrib magħhom, u bdiet tagħmel rieżami tal-metodoloġiji u tar-riżultati tal-awditjar tagħhom sa mill-2009. Dan ikkontribwixxa għall-bini tal-kapaċità billi pprovda pariri, gwida u rakkomandazzjonijiet lill-Awtoritajiet tal-Awditjar permezz tat-twettiq mill-ġdid, mill-Kummissjoni, ta' ħidma ta' awditjar imwettqa mill-awtoritajiet tal-awditjar.*

*Fir-Rapporti tal-Attività Annwali tagħhom tal-2013, id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana u d-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, ipprovdew valutazzjoni dettaljata tal-akkuratezza u l-affidabbiltà tal-informazzjoni u tar-riżultati ta' awditjar li ġew irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar fir-Rapporti ta' Kontroll Annwali tagħhom tal-2013, (ara t-taqsima 2.111 B, paġni 33 sa 36 tar-RAA tal-2012 tal-Politika tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana, u paġni 42 sa 44 tar-RAA tal-2013 tad-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni).*

([28]) Kumplessivament, l-Istati Membri tal-UE-28 stabbilixxew 113-il awtorità tal-awditjar għall-440 PO tal-FEŻR/FK u tal-FSE approvata għall-perjodu ta' programmazzjoni 20072013. Minn dawn l-awtoritajiet, 63 huma responsabbli kemm minn PO tal-FEŻR/FK kif ukoll tal-FSE. Għall-440 PO meħuda flimkien, 199 ACR u opinjoni tal-awditjar kienu tħejjew mill-awtoritajiet tal-awditjar sa tmiem Diċembru 2013.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5.39. Id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana u d-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni jużaw din l-informazzjoni meta jħejju r-rapporti annwali tal-attività (RAA) tagħhom u matul is-sena biex jiddeċiedu dwar interruzzjonijiet u/jew sospensjonijiet possibbli ta' pagamenti lill-PO ([29]). Sabiex jivvalutaw jekk jistgħux iserrħu fuq din l-informazzjoni, id-direttorati ġenerali jiċċekkjaw ir-rati ta' żball irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar għal kull PO (jew grupp ta' PO) ([30]):

— jekk il-Kummissjoni tqis ir-rata ta' żball bħala affidabbli (u rappreżentattiva tal-infiq iċċertifikat), hija taċċetta r-rata rrappurtata mill-awtorità tal-awditjar. Il-Kummissjoni tista' wkoll tikkalkula mill-ġdid ir-rata għall-valutazzjoni proprja tagħha bbażata fuq informazzjoni addizzjonali miksuba mill-awtorità tal-awditjar,

— fil-każ ta' rati mhux affidabbli ta' żball, il-Kummissjoni tapplika rata ta' żball fissa (bejn 2 % u 25 %) f'konformità mar-riżultati tal-valutazzjoni tagħha tal-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll intern.

5.40. Il-Kummissjoni tikkalkula wkoll rata tal-iżball residwu għal kull PO li tieħu inkunsiderazzjoni l-korrezzjonijiet finanzjarji kollha mill-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni. Din tinkludi korrezzjonijiet li jkunu diġà implimentati fil-livell tal-UE u/jew nazzjonali, kif ukoll korrezzjonijiet finanzjarji pendenti ([31]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.39.** *Fl-2013, id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana u d-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni indikaw fir-rapporti ta' attività annwali rispettivi tagħhom li madwar żewġ terzi tal-interruzzjonijiet/sospensjonijiet tal-pagamenti kienu bbażati fuq ir-riżultati tal-awditjar mgħarrfa lill-Kummissjoni minn awtoritajiet tal-awditjar (ara l-paġna 45 tar-RAA tal-2012 tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana u l-anness VII 2.1.1.1 tar-RAA tal-2013 tad-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni). Il-Kummissjoni tenfasizza li l-proċeduri ta' interruzzjoni/ta' qabel is-sospensjoni matul l-2013 kienu jikkonċernaw 181 programm tal-FEŻR/il-Fond ta' Koeżjoni u kważi EUR 6 biljun tat-talbiet għall-pagamenti mressqa mill-Istati Membri iżda mhux imħallsa sakemm il-Kummissjoni ma tkunx kisbet aktar evidenza li l-korrezzjonijiet neċessarji kollha tal-Istati Membri kkonċernati kienu saru.*

*Għall-FSE, kif irrappurtat f'paġna 49 tar-RAA tad-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni fl-2013, il-Kummissjoni bagħtet 12-il ittra ta' twissija u 19-il ittra ta' qabel is-sospensjoni; hija ddeċidiet 25 interruzzjoni ta' pagamenti u ssospendiet 11-il programm operazzjonali. B'kollox, kienu interrotti EUR 348,8 miljun ta' talbiet għall-pagamenti.*

---

([29]) F'Marzu ta' kull sena, kull direttorat ġenerali jħejji rapport annwali tal-attività li jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u jiġi ppubblikat. Flimkien ma' dan ir-rapport, id-Direttur Ġenerali jrid jipprovdi dikjarazzjoni fejn jindika jekk il-baġit taħt ir-responsabbiltà tiegħu kienx implimentat b'mod legali u regolari. Dan ikun il-każ jekk il-livell ta' irregolaritajiet ikun taħt il-livell limitu ta' materjalità tal-Kummissjoni stess, li huwa ta' 2 %. Inkella, id-Direttur Ġenerali jista' joħroġ riżervi sħaħ jew parzjali għal ċerti oqsma (jew programmi).

([30]) Ir-rati ta' żball irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar għas-sena n jiġu kkalkulati abbażi ta' kampjun ta' awditi ta' operazzjonijiet li għandhom ikunu statistikament rappreżentattivi tal-infiq iċċertifikat mill-Kummissjoni fis-sena n-1 (ir-Rapport Speċjali Nru 16/2013, il-paragrafu 11).

([31]) Ir-rapport annwali tal-attività tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, p. 49.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5.41. Fuq il-bażi ta' dawn iż-żewġ indikaturi, il-Kummisjoni tifforma l-valutazzjoni tagħha tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll għall-PO. Dik il-valutazzjoni tieħu kont ukoll tal-awditi tas-sistemi ppreżentati mill-awtoritajiet tal-awditjar matul is-sena u l-informazzjoni addizzjonali disponibbli għall-Kummissjoni. Din il-valutazzjoni mbagħad tiġi rrappurtata fir-rapport annwali tal-attività tad-direttorat ġenerali ([32]).

5.42. Il-Qorti tqis li l-Kummissjoni stabbilixxiet sistema għall-kisba ta' aċċertament dwar il-legalità u r-regolarità tal-infiq tal-FEŻR/l-FK u tal-FSE mix-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar ([33]). It-tfassil ta' din is-sistema huwa ġeneralment konformi mal-prinċipji ta' "awditu uniku" stipulati mill-Qorti fl-Opinjoni Nru 2/2004 tagħha. Il-Qorti tieħu wkoll nota tal-kooperazzjoni mill-qrib tal-Kummissjoni u mal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar, u tat-titjib fil-forma ta' livell aktar konsistenti ta' kontroll intern għall-PO tal-FEŻR/l-FK u tal-FSE fit-28 Stat Membru.

**Il-Kummissjoni tqis li l-pagamenti minn aktar minn nofs il-PO kollha kienu ħielsa minn livell materjali ta' żball**

5.43. Għall-2013, il-Kummissjoni tqis li hija kellha aċċertament li 243 mill-440 PO (li jirrappreżentaw madwar 55 % tal-pagamenti fl-2013) kienu ħielsa minn livell materjali ta' żball: l-awtoritajiet tal-awditjar kienu rrappurtaw rati ta' żball taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 % u dawn ir-rati kienu ġew ivvalidati mill-Kummissjoni. Għal 140 PO ieħor (li jirrappreżentaw 34 % tal-pagamenti), ir-rati ta' żball ivvalidati (jew ikkalkulati mill-ġdid) kienu ogħla minn 2 % iżda r-rata tal-iżball residwu kienet taħt 2 % ([34]). Meta mqabbel mal-2012, l-għadd ta' PO li għalihom ġew identifikati problemi serji mill-Kummissjoni naqas minn 61 għal 57 PO ([35]). Dawn id-39 PO tal-FEŻR/FK u t-18-il PO tal-FSE li għalihom kemm ir-rata ta' żball ivvalidata u r-rata tal-iżball residwu kienu ogħla minn 2 % jirrappreżentaw 11 % tal-pagamenti fl-2013. Il-Qorti tirrikonoxxi li l-Kummissjoni toħroġ riżervi mhux ibbażati eskussivament fuq rati ta' żball. Meta tkun qed tagħmel il-valutazzjoni tagħha, hija tapplika wkoll ġudizzju professjonali u tieħu kont ta' kull informazzjoni oħra disponibbli.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.41.** *Il-Kummissjoni tagħmel referenza għall-inkjesta ta' awditjar estensiva tagħha biex tirrieżamina l-ħidma tal-awtoritajiet tal-awditjar qabel ma tiddeċiedi biex formalment tiddependi fuq ix-xogħol tagħhom, inkluż permezz tal-prestazzjoni mill-ġdid ta' awditi fuq operazzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet tal-awditjar (ara r-RAA rispettivi taż-żewġ Direttorati Ġenerali). Bħala riżultat, id-Direttorati Ġenerali kkonkludew li l-ħidma ta' 40 u 81, rispettivament, mill-113 awtorità tal-awditjar responsabbli mill-awditjar ta' madwar 90 % tal-allokazzjonijiet tal-FEŻR/FK u 91 % tal-programmi tal-FSE ġeneralment hija affidabbli.*

**5.42.** *Il-Kummissjoni tqis li l-Istati Membri u l-Kummissjoni saħħew il-qafas ta' kontroll intern għall-programmi tal-2007–2013 meta mqabbel ma' perjodi ta' programmazzjoni preċedenti. Dan jikkontribwixxi biex jiġi żgurat l-infiq ta' koeżjoni legali u regolari madwar l-Unjoni Ewropea.*

([32]) Aktar informazzjoni tinstab fir-Rapport Speċjali Nru 16/2013 "Valutazzjoni ta' awditu uniku (single audit) u d-dipendenza tal-Kummissjoni fuq ix-xogħol tal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar fil-Koeżjoni", il-paragrafi 5 sa 11.

([33]) Ir-Rapport Speċjali Nru 16/2013, il-paragrafu 80.

([34]) Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, pp. 33 sa 36, u r-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tad-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, p. 43.

([35]) Ir-Rapport Speċjali Nru 16/2013, il-paragrafu 26 u l-Anness III.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5.44. Fl-2013, bħal fis-snin preċedenti, il-Qorti eżaminat jekk il-Kummissjoni kinitx effettiva fil-verifikazzjoni tal-preċiżjoni u l-affidabbiltà tar-rati ta' żball irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar. Dan sar għal kampjun ta' 194 PO fi 19-il Stat Membru (140 mit-322 PO tal-FEŻR/FK u 54 mill-118-il PO tal-FSE) abbażi tal-fajls ta' ħidma tal-Kummissjoni. ([36]) Barra minn hekk, il-Qorti talbet u kisbet informazzjoni addizzjonali direttament mill-awtoritajiet tal-awditjar.

5.45. L-eżaminar mill-Qorti wera li l-Kummissjoni kienet ivvalidat (jew ikkalkulat mill-ġdid) b'mod korrett ir-rati ta' żball irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar għal 155 mill-194 PO eżaminat (ara l-***Anness 5.2***).

5.46. Għal 39 mill-194 PO eżaminat (32 PO tal-FEŻR/FK u 7 PO tal-FSE) l-Qorti madankollu tqis li l-Kummissjoni kien imissha vvalidat rata ogħla ta' żball (jew imponiet rata fissa) ([37]).

5.47. F'4 minn dawn il-każijiet relatati ma' 15-il PO tal-FEŻR u PO wieħed tal-FSE, il-Qorti tqis li l-Kummissjoni ma kinitx stipulat ir-raġunijiet għalfejn ma għamlitx riżervi (jew ma għamlitx riżervi b'impatt finanzjarju ogħla) fid-dokumenti ta' ħidma interni u/jew fir-RAA 2013 tagħha (ara l-Kaxxa 5.6). Għall-PO li jifdal, il-Kummissjoni kienet diġà ħarġet riżerva għall-PO jew ir-rata ta' żball ogħla kkalkulata mill-ġdid mill-Qorti baqgħet taħt il-livell limitu ta' materjalità tal-Kummissjoni, ta' 2 %.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.46.** *Meta vvalidat ir-rati ta' erruri għall-iskop tar-rapport ta' attività annwali, il-Kummissjoni qieset l-informazzjoni kollha miksuba sad-data tal-valutazzjoni tagħha.*

*Il-Kummissjoni tenfasizza li s-sejbiet tal-Qorti ma għandhomx impatt fuq l-opinjonijiet ta' awditjar espressi u lanqas fuq in-numru ta' riżervi, u għandhom biss impatt żgħir fuq il-kwantifikazzjoni tar-riżervi magħmulin.*

*Il-Kummissjoni tinnota li fi kwalunkwe każ id-39 programm ikkwotati mill-Qorti jikkorrispondu mal-ħidma ta' 13-il awtorità tal-awditjar mit-total ta' 113-il awtorità tal-awditjar li jieħdu ħsieb il-FEŻR, il-FSE u l-FK. Hija tinnota wkoll li l-kwistjoni mqajma għall-programmi Spanjoli tirreferi għal korp intermedju nazzjonali wieħed li ppreżenta n-nefqa għal disa' programmi reġjonali fl-2013.*

*Rigward id-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, il-Kummissjoni tirreferi għar-risposti tagħha għall-paragrafi 6.34 u 6.35.*

([36]) Dawn il-194 PO jirrappreżentaw 65 % tal-pagamenti finali interim tal-FEŻR/FK u 75 % tal-pagamenti interim/finali tal-FSE awtorizzati fl-2013 u jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' 41 mill-113-il AA.

([37]) Dan ifisser li r-rata ta' żball ikkalkulata mill-ġdid mill-Qorti hija mill-anqas 0,5 punti perċentwali ogħla mir-rata vvalidata mill-Kummissjoni u/jew taqbeż il-livell limitu ta' materjalità tal-Kummissjoni (filwaqt li r-rata tal-Kummissjoni ma tagħmilx dan).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 5.6 – Eżempji għal dgħufijiet fil-validazzjoni mill-Kummissjoni tar-rati ta' żball irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar**

Għal grupp ta' erba' PO tal-FEŻR u tal-FSE fir-Renju Unit, l-awtorità tal-awditjar siltet kampjun uniku ta' 68 operazzjoni kif stipulat fl-istrateġija tal-awditjar tagħha. Madankollu, il-Qorti sabet li dan il-kampjun insilet minn popolazzjoni preliminari li, għal tlieta mill-erba' PO, kienet skorretta. Barra minn hekk, l-awtorità tal-awditjar stmat u ppreżentat fl-ACR tagħha rati ta' żball individwali għal kull wieħed mill-erba' PO, għalkemm hija kien imissha rrappurtat rata ta' żball komuni skont il-gwida applikabbli dwar il-kampjunar. Il-Kummissjoni nnutat dawn il-kwistjonijiet, iżda vvalidat ir-rati individwali skorretti stmati mill-awtorità tal-awditjar jew ikkalkulat mill-ġdid rati alternattivi billi ġabret xi PO fi gruppi. Il-Qorti tqis li r-rati rrappurtati għall-erba' PO, kollha kemm huma, huma inaffidabbli u, fil-prinċipju fin-nuqqas ta' spjegazzjonijiet u divulgazzjoni addizjonali, rata fissa ta' 5 % kien imissha ġiet applikata għall-grupp ta' erba' PO.

Għal grupp ta' erba' PO tal-FEŻR fil-Pajjiżi l-Baxxi, l-awtorità tal-awditjar siltet kampjun uniku kif stipulat fl-istrateġija tal-awditjar tagħha. Madankollu, fl-ACR ġew irrappurtati rati ta' żball mhux rappreżentattivi għal kull wieħed minn dawn l-erba' PO. Barra minn hekk, l-awtorità tal-awditjar użat metodoloġija skorretta biex tistma dawn ir-rati. Wara r-rifjut mill-Kummissjoni tal-verżjoni inizjali tal-ACR, l-awtorità tal-awditjar iddeċidiet li terġa' tiġbor fi grupp tlieta mill-erba' PO, li għalihom imbagħad ikkalkulat mill-ġdid rata ta' żball taħt 2 % b'mod li mhuwiex konformi mal-gwida applikabbli dwar il-kampjunar. Għall-PO li jifdal, rata ta' żball ta' 6,9 % ġiet ivvalidata u saret riżerva. Dan fisser ukoll li r-rata tal-iżball residwu ġiet iddikjarata b'mod insuffiċjenti għat-tliet PO kkonċernati. Madankollu, fil-fehma tal-Qorti, il-validazzjoni mill-Kummissjoni kien imissha saret għall-grupp ta' PO fl-intier tiegħu. F'Ottubru 2013, il-Kummissjoni tat l-istatus tal-Artikolu 73 ("awditu uniku") lill-erba' PO kollha kemm huma ([38]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 5.6 – Eżempji ta' dgħufijiet fil-validazzjoni tal-Kummissjoni tar-rati ta' erruri rrappurtati minn awtoritajiet tal-awditjar***

*L-istatus tal-Artikolu 73 ingħata lill-erba' programmi tal-FEŻR Olandiżi fit-30 ta' Ottubru 2013 abbażi tax-xogħol ta' awditjar komprensiv. Il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod pożittiv li ma kien hemm l-ebda evidenza ta' awditjar li tqajjem dubju dwar il-kwalità tax-xogħol tal-awtorità tal-awditjar Olandiża.*

([38]) L-Artikolu 73 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jistipula li l-Kummissjoni tista' tiddependi fuq ix-xogħol imwettaq minn awtorità nazzjonali tal-awditjar, u tnaqqas il-kontrolli proprji tagħha, ladarba tkun aċċettat il-valutazzjoni tal-konformità nazzjonali u l-istrateġija tal-awditjar tal-awtorità tal-awditjar u jekk tkun kisbet aċċertament raġonevoli li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-PO jaħdmu b'mod effettiv.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

Għal grupp ta' PO tal-FEŻR fi Spanja, l-awtorità tal-awditjar kienet sabet li benefiċjarju ma kienx żamm il-postijiet tax-xogħol maħluqin reċentement għall-perjodu meħtieġ (jiġifieri mill-anqas sentejn wara li kienet ingħatat l-għotja) kif meħtieġ mill-ftehim ta' għotja. Madankollu, l-awtorità tal-awditjar ma inkludietx din is-sejba fil-kalkolu tagħha tar-rata ta' żball billi l-impjiegi maħluqin reċentement kienu għadhom jeżistu meta l-infiq ġie ċċertifikat. Għaldaqstant, l-awtorità tal-awditjar stmat b'mod insuffiċjenti r-rata ta' żball għall-grupp ta' PO. Il-Kummissjoni aċċettat dan l-approċċ, li fisser ukoll li r-rata tal-iżball residwu (li tieħu kont tal-korrezzjonijiet finanzjarji kollha li saru mill-2007 'l hawn) kienet iddikjarata b'mod insuffiċjenti u, b'riżultat ta' dan, baqgħet taħt il-livell limitu ta' materjalità tal-Kummissjoni, ta' 2 %. Fil-fehma tal-Qorti, dan kien imissu ġie rifless fil-valutazzjoni mill-Kummissjoni għal 9 mid-19-il PO kkonċernat.

Għal erba' PO fil-Ġermanja – is-Sassonja t'Isfel, il-popolazzjoni tal-kampjunar ma ġietx rikonċiljata mal-infiq iddikjarat lill-Kummissjoni fl-2012. Kwistjoni simili kienet diġà ġiet identifikata mill-Qorti għall-ACR 2012. Minkejja dan, il-Kummissjoni vvalidat ir-rata ta' żball kif irrappurtata mill-awtorità tal-awditjar. Fil-fehma tal-Qorti, rata fissa ta' żball ta' 5 % kien imissha ġiet applikata lil żewġ PO tal-FEŻR u rata fissa ta' żball ta' 2 % kien imissha ġiet applikata lil żewġ PO tal-FSE. Dan kien imissu ġie rifless ukoll fil-valutazzjoni mill-Kummissjoni għal tnejn mill-erba' PO kkonċernati.

5.48. Il-Qorti identifikat ukoll każijiet li għalihom l-approċċ tal-Kummissjoni għall-verifikazzjoni tal-informazzjoni rrappurtata mill-awtoritajiet tal-awditjar kien differenti bejn il-PO jew bejn iż-żewġ direttorati ġenerali. Differenzi bħal dawn ifixklu valutazzjoni armonizzata tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar u, b'riżultat ta' dan, tal-legalità u r-regolarità tal-infiq għall-koeżjoni miż-żewġ direttorati ġenerali.

**L-analiżijiet fl-uffiċċju tal-Kummissjoni ma jistgħux jindirizzaw sew ir-riskju li l-Istati Membri jirrappurtaw informazzjoni impreċiża u inaffidabbli**

5.49. Meta mqabbla mal-2012, il-Qorti tqis li kumplessivament iż-żewġ direttorati ġenerali saħħew il-kontrolli tagħhom. F'ħafna każijiet il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet tal-awditjar biex jipprovdu informazzjoni addizzjonali bħal rikonċiljazzjoni tal-popolazzjoni awditjata mal-infiq iddikjarat, kalkolu mill-ġdid tad-daqs tal-kampjun jew informazzjoni dettaljata dwar awditi speċifiċi tal-operazzjonijiet. Barra minn hekk, iż-żewġ direttorati ġenerali wettqu missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni f'21 Stat Membru biex jivverifikaw id-*data* rrappurtata mill-awtoritajiet tal-awditjar. Dan ippermetta li l-Kummissjoni twettaq analiżi aktar dettaljata tar-rapporti annwali ta' kontroll.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.48.** *Il-Kummissjoni tqis li għandha fis-seħħ sistemi sodi u armonizzati biex janalizzaw ir-rapporti ta' kontroll annwali dwar iż-żewġ Direttorati Ġenerali responsabbli għall-politika ta' koeżjoni. Madankollu, ir-rapporti ta' kontroll annwali huma analizzati każ b'każ u l-valutazzjoni finali tiddependi fuq il-ġudizzji professjonali tal-awdituri inkarigati li jikkunsidraw l-informazzjoni kollha disponibbli biex jaslu għall-opinjoni tagħhom. Bħala riżultat, varjazzjonijiet żgħar jistgħu jkunu possibbli u huma aċċettabbli, sakemm il-konklużjonijiet ewlenin ma jvarjawx sostanzjalment.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5.50. Madankollu, il-Qorti tosserva li r-robustezza tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tistrieħ fuq il-preċiżjoni u l-affidabbiltà tal-informazzjoni rrappurtata mill-awtoritajiet tal-Istati Membri. B'mod partikolari, l-awditi tal-Qorti matul l-aħħar tliet snin urew li ([39]):

— xi wħud mill-awtoritajiet tal-awditjar ma jirrappurtawx problemi b'mod suffiċjenti u li r-rati ta' żball irrappurtati mhux dejjem ikunu affidabbli bis-sħiħ,

— l-informazzjoni dwar korrezzjonijiet finanzjarji rrappurtata mill-Istati Membri tista' ma tkunx dejjem affidabbli jew preċiża u li l-metodu ta' kalkolu mill-Kummissjoni jirriżulta f'rata tal-iżball residwu ddikjarata b'mod insuffiċjenti.

5.51. Il-verifikazzjonijiet mill-Kummissjoni jikkonsistu primarjament minn analiżijiet fl-uffiċċju u jistgħu jindirizzaw dawn ir-riskji parzjalment biss. Il-Qorti tqis li l-ambitu tal-Kummissjoni għall-ivvalidar (u, fejn meħtieġ, l-aġġustament) tar-rati ta' żball irrappurtati se jibqa' limitat sakemm l-awtoritajiet tal-awditjar ma jiġux mitluba sistematikament li jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni aktar speċifika dwar l-awditi tagħhom tal-operazzjonijiet għall-verifikazzjoni, minn naħa tagħha, tar-rapporti annwali ta' kontroll. Barra minn hekk, skont l-istandards internazzjonali tal-awditjar, il-monitoraġġ mill-Kummissjoni tal-awtoritajiet tal-awditjar matul is-sena għandu jinkludi twettiq mill-ġdid ta' xi wħud mill-awditi tal-operazzjonijiet imwettqa minnhom ([40]).

## Analiżi tar-rapporti annwali tal-attività tal-Kummissjoni

5.52. Il-Qorti vvalutat ir-Rapporti Annwali tal-Attività (RAA) 2013 u d-dikjarazzjonijiet ta' akkumpanjament tad-Direttorati Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, tad-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport, u tad-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija. B'mod partikolari, fir-rigward tar-regolarità tal-pagamenti awtorizzati matul l-2013, il-Qorti:

(a) iċċekkjat il-konsistenza u l-preċiżjoni tal-kalkolu mill-Kummissjoni tal-ammonti f'riskju;

(b) ivvalutat ir-riżervi li saru għall-2013.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.50.** *Il-Kummissjoni tirreferi għar-risposta tagħha għall-paragrafu 5.41. Ix-xogħol ta' awditjar tad-Direttorati Ġenerali inkluda inkjesta ta' awditjar fuq il-post eżawrjenti, inkluża l-prestazzjoni mill-ġdid tal-awditi tas-sistema u tal-awditi tal-operazzjonijiet fil-livell tal-benefiċjarji individwali.*

— *Il-Kummissjoni wettqet awditu fuq il-post speċifiku bbażat fuq ir-riskju sabiex jiġi żgurat li l-korrezzjonijiet irrappurtati għal 68 PO matul l-aħħar tliet snin ikunu implimentati b'mod effettiv u, f'każ ta' dubji jew evidenza mhux suffiċjenti, tnaqqas l-ammonti kkonċernati mill-korrezzjonijiet finanzjarji kumulattivi meqjusa għall-finijiet tal-kalkolu tar-rata ta' erruri residwi.*

**5.51.** *Il-Kummissjoni għandha fis-seħħ proċess ta' verifika bir-reqqa, inklużi missjonijiet esplorattivi fuq il-post, sabiex tiġi żgurata l-akkuratezza u l-affidabbiltà tar-rati ta' erruri rrappurtati minn awtoritajiet tal-awditjar. Hija alternattivament tuża rati fissi meta tikkunsidra r-rati ta' erruri bħala mhux affidabbli. Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni għandha titqies fil-kuntest usa' tar-rieżami tagħha tax-xogħol ta' awtoritajiet tal-awditjar, li tinkludi xogħol ta' twettiq mill-ġdid estensiv (ara r-risposti tal-Kummissjoni għall-paragrafi 5.41 u 5.54). Il-Kummissjoni twettaq ukoll awditjar abbażi tar-riskju biex tivverifika l-akkuratezza tal-korrezzjonijiet finanzjarji rraportati (ara r-risposta għall-paragrafu 5.50).*

([39]) Ir-Rapport Speċjali Nru 16/2013, il-paragrafu 83.
([40]) Ir-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 5.52 (l-ewwel inċiż) u r-Rapport Speċjali Nru 16/2013, il-paragrafu 83 u r-rakkomandazzjonijiet 1 u 4.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana

5.53. Fir-RAA 2013 tiegħu, id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana stama li bejn 2,8 % u 5,3 % tal-pagamenti interim u finali għall-PO tal-FEŻR/FK għall-perjodu ta' programmazzjoni 20072013 awtorizzati matul is-sena kienu f'riskju ta' żball. Din l-istima hija bbażata fuq rati ta' żball irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar fir-rigward tal-infiq 2012 u vvalidati mill-Kummissjoni f'Marzu 2014 (ara l-paragrafi 5.38 sa 5.42).

5.54. L-istima mill-Kummissjoni hija ogħla mil-livell limitu ta' materjalità ta' 2 % stabbilit mill-Kummissjoni. Il-Qorti tfakkar li r-rati ta' żball annwali rrappurtati mill-Kummissjoni mhumiex direttament kumparabbli ma' dawk stmati mill-Qorti ([41]).

5.55. Kumplessivament, il-kalkolu mill-Kummissjoni tal-ammonti f'riskju huwa konsistenti mal-informazzjoni disponibbli u preċiża. Barra mill-kwistjonijiet li tqajmu fil-paragrafi 5.49 sa 5.51, il-Qorti tinnota ż-żewġ aspetti li ġejjin (ara l-Kaxxa 5.7).

**Kaxxa 5.7 – Kummenti dwar l-istima mill-Kummissjoni tal-ammonti f'riskju**

Bażikament, il-kalkolu mill-ġdid tal-Qorti (2,9 %) jikkonferma l-istima mill-Kummissjoni tar-rata aktar baxxa ta' żball (2,8 % tal-pagamenti interim u finali għall-PO tal-FEŻR/FK tal-perjodu ta' programmazzjoni 20072013).

Il-Kummissjoni mmodifikat il-metodoloġija tagħha għall-istimar tal-firxa ta' żball fl-2013 ([42]). Fuq il-bażi tal-approċċ applikat fis-snin preċedenti, l-istima ogħla ta' żball għal din is-sena kienet tkun ta' 6,9 % minflok ta' 5,3 % kif iddivulgat fir-RAA 2013.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.54.** *Ir-risposta komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 5.54 u 5.55.*

*Il-Kummissjoni taqbel li r-rati ta' erruri tal-Qorti u tal-Kummissjoni mhumiex direttament komparabbli. Madankollu, l-objettiv ta' dan il-proċess huwa essenzjalment l-istess, jiġifieri l-valutazzjoni tar-riskju għall-baġit tal-UE f'sena partikolari.*

*Il-Kummissjoni tqis dawn id-differenzi kollha fil-valutazzjoni tagħha, b'mod partikolari l-iskedar, id-differenzi fil-kwantifikazzjoni ta' żbalji tal-akkwist pubbliku u l-impatt ta' korrezzjonijiet b'rata fissa li timponi fuq il-programmi (ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 11 tar-Rapport Speċjali tal-Qorti 16/2013 msemmi).*

*Ħlief għad-differenzi innotati hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li għar-rapport annwali tal-2013, kif kien il-każ għal dawn l-aħħar tliet snin konsekuttivi għad-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni u sentejn konsekuttivi għad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana qabel dan ir-rapport annwali, ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni huwa konformi mar-rati ta' erruri kkalkolati mill-Qorti.*

***Kaxxa 5.7 – Kummenti dwar l-istima tal-Kummissjoni tal-ammonti f'riskju***

*Il-Kummissjoni tieħu nota tal-valutazzjoni tal-Qorti.*

*Id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana mmodifika l-metodoloġija tiegħu għall-valutazzjoni tal-istima tar-rata ta' erruri ogħla sabiex juża aħjar l-informazzjoni kollha disponibbli rrappurtata mill-awtoritajiet tal-awditjar, meta meqjusa affidabbli.*

([41]) Ir-Rapport Speċjali Nru 16/2013, il-paragrafu 11.
([42]) Ir-Rapport Annwali tal-Attività tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana, p. 53, in-nota 73 f'qiegħ il-paġna.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5.56. Matul il-valutazzjoni ta' jekk huwiex meħtieġ li jsiru riżervi għall-PO (jew grupp ta' PO), id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana jqis ukoll ir-rata tal-iżball residwu tal-PO (ara l-paragrafi 5.40 u 5.41).

5.57. Għat-322 PO tal-FEŻR/FK tal-perjodu ta' programmazzjoni 20072013 fl-intier tiegħu, il-Kummissjoni tistma din ir-rata tal-iżball residwu bħala 1,2 % tal-pagamenti li saru mill-baġit tal-UE. L-għadd ta' PO suġġetti għal riżerva mid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana naqas minn 85 PO fl-2012 għal 73 PO ([43]). Sadanittant, l-impatt finanzjarju stmat ta' dawn ir-riżervi żdied minn EUR 308 miljun fl-2012 għal EUR 423 miljun fl-2013 ([44]).

5.58. Madankollu il-Qorti tinnota li l-Kummissjoni għandha biss informazzjoni limitata dwar jekk is-sistemi stabbiliti mill-Istati Membri biex jimponu korrezzjonijiet finanzjarji humiex effettivi u jekk l-informazzjoni rrappurtata mill-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni sa tmiem Marzu 2013 hijiex preċiża, kompleta u affidabbli ([45]). Din il-valutazzjoni hija korroborata mis-servizz tal-awditjar intern tal-Kummissjoni li jqis li jista' jitqiegħed biss aċċertament limitat ħafna fuq il-korrezzjonijiet finanzjarji rrappurtati mill-Istati Membri minħabba l-mod kif dawn jiġu rrappurtati lill-Kummissjoni, iżda wkoll minħabba li l-awtoritajiet tal-awditjar iwettqu biss kontrolli limitati fuqhom. Dan joħloq ir-riskju li l-Kummissjoni tistma r-rata tal-iżball residwu b'mod insuffiċjenti u, b'riżultat ta' dan, li l-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-PO individwali u tal-impatt finanzjarju tar-riżervi fir-RAA ma tkunx robusta biżżejjed.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.56.** *Il-Kummissjoni tenfasizza li l-użu ta' "riskju residwu kumulattiv" huwa, kif innutat mill-Qorti, kriterju addizzjonali biex possibbilment isiru riżervi addizzjonali fir-rapport ta' attività annwali, wara l-valutazzjoni tas-sistema u l-kunsiderazzjoni tar-rata ta' erruri validata (ara l-anness komuni 4 "Kriterji ta' Materjalità" tar-RAA tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana u d-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni).*

**5.58.** *Il-Kummissjoni tirreferi għar-risposta tagħha għall-paragrafu 5.50, it-tieni inċiż. L-azzjonijiet tagħha biex tivverifika l-akkuratezza tad-dejta pprovduta mill-Istati Membri. Id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana ddeċieda wkoll li jżid il-kopertura ta' awditjar tiegħu tad-dejta dwar l-irtirar u l-irkupri rappurtati mill-Istati Membri, u li jużа r-riżultati tal-awditjar kollha disponibbli minn awtoritajiet tal-awditjar, sabiex iżid l-assigurazzjoni tiegħu dwar dejta rrappurtata użata għall-kalkolu tar-riskju residwu kumulattiv.*

([43]) Id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana ħareġ ukoll riżervi għal 35 PO tal-FEŻR/FK li għalihom ir-rati ta' żball ivvalidati u/jew ir-rata tal-iżball residwu kienu taħt il-livell limitu ta' materjalità tal-Kummissjoni, ta' 2 % (ara l-paragrafu 5.43).

([44]) Dawn iċ-ċifri jinkludu riżervi kwantifikati kompletament u parzjalment għal PO li għalihom il-pagamenti interim u/jew finali ġew awtorizzati matul is-sena (61 fl-2012 u 55 fl-2013) u għal PO li għalihom ma saru ebda pagamenti bħal dawn (24 fl-2012 u 19 fl-2013).

([45]) Ir-Rapport Speċjali Nru 16/2013, il-paragrafi 35 sa 40.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Direttorat Ġenerali għall-Mobblità u t-Trasport u Direttorat Ġenerali għall-Enerġija*

5.59. Id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport u d-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija:

— għamlu riżervi li jkopru 1,4 % (fir-rigward tal-politiki tal-mobbiltà u tat-trasport) u 16,4 % (fir-rigward tal-politiki tal-enerġija) tal-pagamenti totali awtorizzati matul is-sena ([46]),

— stmaw li bejn wieħed u ieħor 4,1 % tal-pagamenti li saru matul l-2013 fir-rigward tas-Seba' Programm Kwadru għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku kienu milquta minn żbalji,

— kkalkulaw l-impatt tar-riżervi tagħhom bħala 0,1 % (fir-rigward tal-politiki tal-mobbiltà u tat-trasport) u 0,8 % (fir-rigward tal-politiki tal-enerġija) tal-pagamenti li saru fl-2013 abbażi tar-rati tal-iżball residwu rispettivi għal dawn l-oqsma.

5.60. Fl-2013 bħal fis-snin preċedenti, il-Qorti sabet bosta żbalji fir-rigward ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE u dawk nazzjonali għall-proġetti tat-TEN-T u tal-EEPR eżaminati (ara l-***Anness 5.1***). Madankollu, bħal fis-snin preċedenti, ma nħarġet ebda riżerva f'dan ir-rigward mid-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport għall-programm TEN-T. Il-Qorti tqis ukoll li d-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija ma kienx imissu ħassar ir-riżerva tiegħu, maħruġa għall-ewwel darba fl-2012 għall-EEPR fir-rigward tal-akkwist pubbliku.

([46]) Dan jinkludi pagamenti li saru mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA, preċedentement magħrufa bħala t-TEN-TEA) u mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME, preċedentement magħrufa bħala l-EACI).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.60.** *Il-Kummissjoni tqis li d-Direttorat Ġenerali għall-Mobilità u t-Trasport segwa l-istruzzjonijiet permanenti għar-RAA tal-2013 u li ma kienx hemm raġuni biex il-programm TEN-T ikollu riżerva. Ir-rata ta' erruri residwi multiannwali għal kontrolli ex post iffinalizzati għall-programm TEN-T 2007–2013 kienet taħt il-limitu ta' materjalità ta' 2 %. Barra minn hekk, matul l-2013, l-Aġenzija kompliet issaħħaħ il-kontrolli ex ante u ex post tagħha, partikolarment fil-qasam tal-akkwist pubbliku.*

*Id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija ddeċieda li jneħħi r-riżerva maħruġa fir-RAA tal-2012 tiegħu billi:*

— *numru ogħla ta' kontrolli ex post fil-programm EEPR irriżulta f'rata ta' erruri residwi tal-2013 ikkalkulata taħt il-limitu ta' materjalità kwantitattiva ta' 2 %,*

— *barra minn hekk, mill-2013 ittieħdu aktar miżuri korrettivi sabiex jonqos ir-riskju, b'mod partikolari fir-rigward tal-akkwist pubbliku.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

# KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

## Il-konklużjoni għall-2013

5.61. Għal dan il-grupp tal-politika:

— l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jindika li r-rata tal-iżball l-aktar probabbli preżenti fil-popolazzjoni hija ta' 6,9 %,

— is-sistemi eżaminati huma vvalutati bħala parzjalment effettivi ([47]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.61.**

*Il-Kummissjoni tosserva li l-iżball l-aktar probabbli rrappurtat għall-2013 huwa konformi mar-rati ta' erruri ppreżentati mill-Qorti għal dawn l-aħħar erba' snin.*

*Dan jikkonferma li r-rata ta' erruri għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013 tibqa' stabbli u b'mod sinifikanti taħt ir-rati rrappurtati għall-perjodu 2000–2006. Dan l-iżvilupp huwa derivat mid-dispożizzjonijiet ta' kontroll imsaħħaħ tal-perjodu 2007–2013 u l-politika stretta tal-Kummissjoni biex tinterrompi/tissospendi l-pagamenti meta jiġu identifikati xi nuqqasijiet, kif irrappurtat fir-rapport ta' attività annwali tal-2013 tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana (ara t-taqsima 2.111 F, pp. 44–45). Il-Kummissjoni se tkompli tiffoka l-azzjonijiet tagħha fuq il-programmi l-aktar riskjużi/l-Istati Membri u timplimenta miżuri korrettivi meta jkun meħtieġ permezz ta' politika stretta ta' interruzzjonijiet u sospensjonijiet ta' pagamenti. Għall-perjodu 2014–2020 il-kapaċità korrettiva tal-Kummissjoni ġiet imtejba aktar billi tneħħiet, f'ċerti kundizzjonijiet, il-possibbiltà għall-Istati Membri li jerġgħu jużaw fondi, biex b'hekk tirriżulta f'korrezzjonijiet finanzjarji netti. Dan se jkun inċentiv importanti għall-Istati Membri sabiex jidentifikaw u jikkoreġu l-irregolaritajiet qabel jiċċertifikaw il-kontijiet annwali lill-Kummissjoni.*

*Barra minn hekk, ir-Regolament Finanzjarju (l-Artikolu 80.4) jipprevedi l-użu skont ir-regoli dwar il-politika ta' koeżjoni (l-Artikolu 99.2 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006) ta' rati fissi jew korrezzjonijiet estrapolati meta l-ammonti minfuqa b'mod mhux xieraq ma jkunux jistgħu jiġu preċiżament identifikati, li hija sitwazzjoni komuni. Dan kien il-każ għall-politika reġjonali fl-2013. Il-Kummissjoni aġixxiet fil-limiti tal-kompetenzi tagħha u b'rispett sħiħ għar-regolamenti eżistenti sabiex tipproteġi l-baġit tal-UE. Skont l-approċċ tal-Qorti, isiru aġġustamenti sal-punt li tkun stabbilita rabta ma operazzjonijiet individwali. Il-Kummissjoni tqis li l-korrezzjonijiet tar-rata fissa applikata koprew l-intier tal-programmi u l-operazzjonijiet ikkonċernati.*

*Ara wkoll ir-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 1.17.*

([47]) Il-konklużjoni dwar is-sistemi hija limitata għas-sistemi magħżula għall-eżaminar kif definit fl-ambitu tal-awditjar fil-paragrafu 5.19 (c)(i).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

5.62. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-infiq aċċettat huwa milqut minn livell materjali ta' żball.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**5.62.** *Il-Kummissjoni ħadet azzjonijiet speċifiċi sabiex ittaffi r-riskji identifikati, li jinkludu b'mod partikolari miżuri preventivi u korrettivi, bħall-gwida, it-taħriġ u s-simplifikazzjoni minbarra l-awditi fuq il-post ibbażati fuq ir-riskju u mmirati u politika stretta dwar interruzzjonijiet/sospensjonijiet ta' pagamenti u korrezzjonijiet finanzjarji.*

## Rakkomandazzjonijiet

5.63. L-***Anness 6.2*** juri r-riżultat tal-analiżi mill-Qorti tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti bħala parti mill-Kapitolu 6.

5.64. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2013, il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni għandha:

— **Rakkomandazzjoni 1:** tirrikjedi mill-Istati Membri, fid-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni tagħhom (skont l-Artikolu 59 (5)(a) tar-Regolament Finanzjarju ([48])) konferma espliċita fir-rigward tal-effettività tal-kontrolli tal-ewwel livell im-wettqa mill-awtoritajiet maniġerjali u taċ-ċertifikazzjoni,

**5.64.**

*Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.*

*Ir-Regolament dwar id-dispożizzjonijiet Komuni għall-perjodu 2014–2020 jeħtieġ li l-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-programmi jissottomettu dikjarazzjoni ta' ġestjoni li tikkonferma li l-informazzjoni inkluża fil-kontijiet u li s-sistema ta' kontroll fis-seħħ jagħtu l-garanziji meħtieġa rigward il-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet u n-nefqa ddikjarata permezz tal-implimentazzjoni tal-verifiki ta' ġestjoni meħtieġa kif previst fl-Artikolu 125 tar-Regolament. Din id-dikjarazzjoni se tiġi akkumpanjata minn rapport li jinkludi sommarju tar-riżultati ta' kontroll u ta' awditjar kollha mwettqa saċ-ċertifikazzjoni tal-kontijiet, analiżi tan-natura u l-livell tal-iżbalji u tad-dgħufijiet identifikati fis-sistema, kif ukoll tal-azzjonijiet korrettivi meħuda jew ippjanati. Il-Kummissjoni qed tħejji linji gwida għall-awtoritajiet ta' ġestjoni dwar l-abbozzar tad-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni u s-sommarju annwali.*

([48]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| — **Rakkomandazzjoni 2:** twettaq valutazzjoni tal-"kontrolli tal-ewwel livell" imwettqa matul il-perjodu ta' programmazzjoni 20072013 skont l-Artikolu 32(5) tar-Regolament Finanzjarju. Filwaqt li tieħu kont tad-dgħufijiet identifikati, il-Kummissjoni għandha tanalizza l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' miżuri korrettivi possibbli u tieħu (jew tipproponi) azzjoni xierqa (bħas-simplifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli, it-titjib fis-sistemi ta' kontroll u t-tfassil mill-ġdid tal-programm jew tas-sistema ta' kunsinna), | *Il-Kummissjoni taċċetta parti minn din ir-rakkomandazzjoni u tirreferi għat-tfassil tas-sistema ta' twettiq għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 peress li mhux fattibbli li titfassal mill-ġdid is-sistema għall-2007–2013.*<br><br>*L-elementi ewlenin tar-riforma tal-2014–2020 huma relatati mal-iżgurar ta' nfiq aħjar u governanza tal-programm aħjar biex jiġi żgurat ambjent iktar protett mill-iżbalji. Dan se jinkludi aktar orjentazzjoni lejn ir-riżultat u l-prestazzjoni, kundizzjonalitajiet ex ante li jiġu ssodisfati fil-bidu tal-implimentazzjoni għal kull programm, is-simplifikazzjoni, b'mod partikolari għall-benefiċjarji u r-regoli armonizzat u ssimplifikati tal-eliġibbiltà.*<br><br>*Ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 fih ukoll dispożizzjonijiet ta' kontroll imsaħħa u rekwiżiti meta mqabbel mal-perjodu 2007–2013 li se jtejbu l-kontabilità tal-Istati Membri biex b'hekk jindirizzaw aħjar l-iżbalji u jiżguraw il-legalità u r-regolarità tan-nefqa kofinanzjata kull sena qabel ma jiċċertifikaw il-kontijiet tal-programm lill-Kummissjoni.*<br><br>*Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-kontrolli tal-ewwel livell għall-2007–2013 il-Kummissjoni tikkunsidra li diġà ilha twettaq din il-valutazzjoni sa mill-2010 permezz ta' awditi ffukati fuq programmi b'riskju għoli fil-qafas tal-inkjesta ta' awditjar tagħha "Tnaqqis fid-differenza ta' assigurazzjon". Ir-riżultati ta' dawn l-awditi bbażati fuq ir-riskju sa tmiem l-2013 ġew ippreżentati lill-Parlament Ewropew fil-kuntest tal-Kwittanza tal-2012 u huma ppreżentati fir-RAA tad-DĠ Politika Reġjonali u Urbana (ara paġna 41 u l-Anness 8).* |
| — **Rakkomandazzjoni 3:** tanalizza r-raġunijiet ta' bażi għall-għadd kbir ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat;, | *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u, fuq il-bażi tal-valutazzjoni ta' każijiet irrappurtati, se tiżviluppa pjan ta' azzjoni sabiex b'mod proattiv tqajjem sensibilizzazzjoni u ttejjeb il-kapaċità amministrattiva fl-awtoritajiet nazzjonali sabiex konsegwentement tnaqqas in-numru ta' żbalji marbuta man-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat.*<br><br>*Il-Kummissjoni se tiżgura wkoll li l-awtoritajiet ta' ġestjoni jagħtu attenzjoni xierqa lir-regoli applikabbli, u tinnota li n-nota tal-COCOF tal-2012 dwar kjarifika tal-ħtieġa li tiġi notifikata għajnuna għall-investimenti fl-infrastruttura u r-regolament tal-GBER il-ġdid li għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2014 se tikkontribwixxi biex jiġu ċċarati r-regoli.* |

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| — **Rakkomandazzjoni 4:** tanalizza r-raġunijiet għad-dewmien persistenti fl-iżborżament tal-fondi tal-UE permezz tal-SIF u tieħu miżuri korrettivi kif meħtieġ, | *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u se tkompli tanalizza d-dejta u tirrapporta fuq bażi annwali.*<br><br>*Il-Kummissjoni se tinkoraġġixxi l-awtoritajiet tal-programm fil-kumitat ta' monitoraġġ biex jeżaminaw u jiddiskutu l-istat ta' implimentazzjoni tal-FEI, inklużi r-raġunijiet għad-dewmien u miżuri korrettivi possibbli li għandhom jittieħdu.* |
| — **Rakkomandazzjoni 5:** tikkonferma fir-rapport annwali tal-attività (RAA) tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana li l-kalkolu mill-Kummissjoni tar-rata tal-iżball residwu huwa bbażat fuq informazzjoni preċiża, kompleta u affidabbli dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji. Sabiex tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha titlob lill-awtoritajiet tal-awditjar biex jiċċertifikaw il-preċiżjoni tad-*data* dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji rrappurtata mill-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni għal kull PO kull meta hija tqis tali azzjoni bħala neċessarja, | *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u taqbel li tiżvela fir-rapporti ta' attività annwali każijiet fejn tqis li minħabba nuqqas ta' assigurazzjoni dwar l-informazzjoni rrappurtata dwar irtirar u rkupri, hija ma kkunsidratx din l-informazzjoni fil-kalkolu tar-riskju residwu kumulattiv.*<br><br>*Il-Kummissjoni se tkompli tikkunsidra wkoll ir-riżultati tal-awditjar tal-Istati Membri f'dan il-qasam, u se titlob kontrolli addizzjonali minn awtoritajiet tal-awditjar fejn meħtieġ.*<br><br>*Barra minn hekk, il-Kummissjoni ser iżżid il-kopertura tal-awditjar tagħha dwar irkupri u rtirar fis-snin li ġejjin sabiex tikseb assigurazzjoni diretta addizzjonali dwar il-preċiżjoni tad-dejta rrappurtata.* |
| — **Rakkomandazzjoni 6:** tiddivulga b'mod konsistenti fir-rapport annwali tal-attività (RAA) tagħha r-raġunijiet għalfejn ma tkunx għamlet riżervi (jew tkun għamlet riżervi b'impatt finanzjarju aktar baxx) f'dawk il-każijiet fejn dan ikun dovut għal eċċezzjonijiet għal linji gwida jew strateġiji tal-awditjar approvati tal-Kummissjoni. | *Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u taqbel li tiżvela aktar dettalji fl-anness mar-rapporti ta' attività annwali għal dawk il-każijiet individwali fejn, abbażi tal-valutazzjoni tagħha tas-sitwazzjonijiet speċifiċi, hija tieħu deċiżjoni motivata sabiex ma tagħmilx riżervi jew li ma tinkludix il-kwistjoni fil-kwantifikazzjoni tar-riżerva.* |

ANNESS 5.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦALL-POLITIKA REĠJONALI, IT-TRASPORT U L-ENERĠIJA*

| | 2013 | | | | | | 2012 | 2011 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | FEŻR | FK | FEI | Trasport | Enerġija | Total | | | |
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | | | | | | | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet: | 125 | 38 | 5 | 8 | 4 | **180** | 180 | 180 | 177 |
| **RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR** (¹) (²) | | | | | | | | | |
| **Proporzjon (għadd) tat-tranżazzjonijiet ittestjati li nstabu li huma:** | | | | | | | | | |
| Ħielsa minn żball | 45 % (56) | 45 % (17) | 20 % (1) | 38 % (3) | 25 % (1) | **43 % (78)** | 51 % | 41 % | 43 % |
| Milquta minn żball wieħed jew aktar | 55 % (69) | 55 % (21) | 80 % (4) | 62 % (5) | 75 % (3) | **57 % (102)** | 49 % | 59 % | 57 % |
| **Analiżi tat-tranżazzjonijiet milquta minn żball** | | | | | | | | | |
| **Analiżi skont it-tip ta' żbalji** | | | | | | | | | |
| Kwistjonijiet oħra ta' konformità u żbalji mhux kwantifikabbli: | 58 % (40) | 81 % (17) | 75 % (3) | 20 % (1) | 33 % (1) | **61 % (62)** | 53 % | 64 % | 60 % |
| Żbalji kwantifikabbli: | 42 % (29) | 19 % (4) | 25 % (1) | 80 % (4) | 67 % (2) | **39 % (40)** | 47 % | 36 % | 40 % |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | | | | | | | | |
| **Rata tal-iżball l-aktar probabbli** | | | | | | **6,9 %** | 6,8 % | 6,0 % | M/A |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | | | | | | 10,1 % | | | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | | | | | | 3,7 % | | | |

(¹) Biex jitjieb il-fehim approfondit f'oqsma bi profili ta' riskju differenti fi ħdan il-grupp tal-politika, il-kampjun inqasam f'segmenti.

(²) Iċ-ċifri kkwotati fil-parentesi jirrappreżentaw l-għadd reali tat-tranżazzjonijiet.

ANNESS 5.2

*RIŻULTATI TAL-EŻAMINAR TAS-SISTEMI TA' KONTROLL MAGĦŻULA GĦALL-KOEŻJONI*

*(POLITIKA REĠJONALI U URBANA U IMPJIEGI, AFFARIJIET SOĊJALI U INKLUŻJONI)*

**Valutazzjoni tal-verifikazzjoni mill-Kummissjoni tar-rati ta' żball irrappurtati mill-awtoritajiet tal-awditjar**

| **Il-Qorti …** | | **FEŻR/FK PO eżaminati FSE PO eżaminati** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|
| ***… ma sabet ebda problema fil-kontrolli tal-Kummissjoni*** | 108 (77 %) | 47 (87 %) | 155 (80 %) |
| ***… sabet problemi sinifikanti fil-kontrolli tal-Kummissjoni;*** iżda mingħajr ebda impatt fuq l-għadd ta' riżervi rrappurtati fir-RAA (jew il-kwantifikazzjoni tagħhom) | 17 (12 %) | 6 (11 %) | 23 (12 %) |
| ***… sabet problemi sinifikanti fil-kontrolli tal-Kummissjoni;*** u r-raġunijiet għalfejn ma sarux riżervi addizzjonali (jew għalfejn ir-riżervi ġew kwantifikati b'mod differenti) ma ġewx divulgati bis-sħiħ fir-RAA | 15 (11 %) | 1 (2 %) | 16 (8 %) |
| **TOTAL tal-għadd ta' PO eżaminati** | **140 (100 %)** | **54 (100 %)** | **194 (100 %)** |

KAPITOLU 6

## Impjiegi u affarijiet soċjali

WERREJ


| | Paragrafi |
|---|---|
| Introduzzjoni | 6.1-6.12 |
| Karatteristiċi speċifiċi tal-qasam ta' politika | 6.3-6.11 |
| Objettivi tal-politika | 6.3 |
| Strumenti tal-politika | 6.4-6.8 |
| Riskji għar-regolarità | 6.9-6.11 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 6.12 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 6.13-6.27 |
| Eżaminar ta' sistemi ta' kontroll magħżula | 6.28-6.38 |
| Valutazzjoni tas-superviżjoni tal-AA mill-Kummissjoni | 6.30-6.32 |
| Analiżi tar-rapport annwali tal-attività tad-DĠ EMPL (RAA) | 6.33-6.38 |
| Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet | 6.39-6.42 |
| Il-konklużjoni għall-2013 | 6.39-6.40 |
| Rakkomandazzjonijiet | 6.41-6.42 |

Anness 6.1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għall-impjiegi u l-affarijiet soċjali

Anness 6.2 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għall-koeżjoni, it-trasport u l-enerġija

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

6.1. Dan il-kapitolu jippreżenta l-valutazzjoni speċifika tal-qasam ta' politika Impjiegi u affarijiet soċjali. Informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u l-infiq fl-2013 tingħata fit-***Tabella 6.1***.

**Tabella 6.1 – Impjiegi u affarijiet soċjali – Informazzjoni ewlenija 2013**

*(miljuni ta' euro)*

| Qasam ta' politika | Deskrizzjoni | Pagamenti |
|---|---|---|
| Impjiegi u affarijiet soċjali | Fond Soċjali Ewropew | 13 763 |
| | Impjieg, solidarjetà soċjali u ugwaljanza bejn is-sessi | 97 |
| | Nefqa amministrattiva | 90 |
| | Strument ta' Għajnuna għal Qabel l-Adeżjoni | 65 |
| | Xogħol fl-Ewropa – Djalogu soċjali u mobbiltà | 50 |
| | Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni | 42 |
| | | **14 107** |
| | Total tal-pagamenti għas-sena | **14 107** |
| | *- total tan-nefqa amministrattiva* (¹) | *90* |
| | Total tan-nefqa operazzjonali | **14 017** |
| | *- pagamenti bil-quddiem* (²) (³) | *220* |
| | *+ approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem* (²) | *2 336* |
| | *+ żborżamenti lil riċevituri finali minn Strumenti ta' Inġinerija Finanzjarja* | *67* |
| | **Popolazzjoni awditjata, total** | **16 200** |
| | **Total tal-impenji għas-sena** | **12 131** |

(1) L-awditu tan-nefqa amministrattiva huwa rrappurtat fil-Kapitolu 9.
(2) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7).
(3) Din iċ-ċifra tinkludi EUR 70 miljun ta' pagamenti bil-quddiem imħallsin lill-Istrumenti ta' Inġinerija Finanzjarja.

*Sors*: Il-kontijiet konsolidati 2013 tal-Unjoni Ewropea.

6.2. Il-qasam ta' politika "Impjiegi u affarijiet soċjali" huwa fil-biċċa l-kbira ffinanzjat permezz tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE), li huwa wieħed mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni flimkien mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK) u huwa rregolat mill-istess regoli. Dispożizzjonijiet addizzjonali għall-FSE huma stipulati f'regolament speċifiku ([1]). Għal kwistjonijiet komuni għat-tliet Fondi kollha, f'dan il-kapitolu qed issir referenza għall-Kapitolu 5.

## Karatteristiċi speċifiċi tal-qasam ta' politika

### *Objettivi tal-politika*

6.3. Il-qasam ta' politika "Impjiegi u affarijiet soċjali" jifforma parti mill-politika ta' koeżjoni tal-UE, li għandha l-għan li ssaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdan l-UE billi tnaqqas id-distakk fil-livell ta' żvilupp bejn ir-reġjuni. B'mod speċifiku, l-objettivi prinċipali tal-politika tal-impjiegi u soċjali tal-UE huma li jiġi miġġieled il-qgħad, li jiġu żviluppati r-riżorsi umani u li tiġi promossa l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol.

### *Strumenti tal-politika*

6.4. L-FSE huwa l-għodda prinċipali għall-implimentazzjoni tal-politika tal-impjiegi u soċjali, u jirrappreżenta madwar 98 % tal-infiq fil-qasam ta' politika fl-2013. L-FSE jinvesti fil-kapital uman permezz ta' taħriġ biex jitjieb l-aċċess għall-impjieg, inkluża l-għajnuna lil nies minn gruppi żvantaġġati biex isibu impjiegi u miżuri oħra għall-impjieg (eż. l-issussidjar ta' salarji u/jew tal-ispejjeż tas-sigurtà soċjali għal persuni li qabel kienu qiegħda).

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1784/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.5. Infiq ieħor f'dan il-qasam jieħu l-forma ta' sussidji u għotjiet lil organizzazzjonijiet li jimplimentaw u jikkoordinaw azzjonijiet soċjali u dwar l-impjiegi. Dan jinkludi l-finanzjament ta' aġenziji tal-UE (2), tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) (3), tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) (4) u kontribuzzjonijiet għal strumenti finanzjarji bħall-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress (5).

**Ġestjoni u kontroll tal-infiq**

6.6. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkondividu l-ġestjoni tal-implimentazzjoni tal-infiq tal-FSE u l-FEG. L-FSE huwa rregolat mis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għall-infiq għall-koeżjoni fl-intier tiegħu, kif deskritt fil-Kapitolu 5 (ara l-paragrafi 5.6 sa 5.11). Għall-FEG, l-awtorità baġitarja tal-UE (il-Kunsill u l-Parlament Ewropew) tiddeċiedi dwar l-approprjazzjonijiet. Il-Kummissjoni mbagħad tanalizza l-applikazzjonijiet għall-finanzjament ippreżentati mill-Istati Membri u tapprova l-pagamenti.

6.7. L-IPA jiġi implimentat permezz ta' ġestjoni deċentralizzata. Taħt ġestjoni deċentralizzata, il-Kummissjoni tikkonferixxi l-ġestjoni ta' ċerti azzjonijiet (eż. sejħa għal offerti, ikkuntrattar u pagamenti) fuq il-pajjiż benefiċjarju, filwaqt li żżomm ir-responsabbiltà finali kumplessiva għall-eżekuzzjoni tal-baġit ġenerali (6).

6.8. L-infiq l-ieħor soċjali u għall-impjiegi huwa fil-biċċa l-kbira mmaniġġjat direttament mid-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni fil-Kummissjoni (DĠ EMPL).

(2) l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, u l-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

(3) Il-FEG jappoġġa l-ħaddiema tal-UE ssensjati b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija u tal-kriżi finanzjarja u ekonomika.

(4) Jiġu inklużi biss pagamenti għall-komponent tal-IPA għall-iżvilupp tar-riżorsi umani taħt il-qasam baġitarju tal-politika "Impjiegi u affarijiet soċjali". Fost affarijiet oħra, l-IPA jappoġġa pajjiżi kandidati fit-tħejjija għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-FSE.

(5) Il-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress, imnieda fl-2010, iżżid id-disponibbiltà ta' mikrokreditu – self taħt EUR 25 000 – għall-istabbiliment jew l-iżvilupp ta' negozju żgħir.

(6) Skont l-Artikolu 53c tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Riskji għar-regolarità*

6.9. Ir-riskji prinċipali għal dan il-qasam ta' politika huma relatati man-natura intanġibbli tal-investimenti fil-kapital uman (bħal korsijiet ta' taħriġ), id-diversità tal-attivitajiet kofinanzjati u l-involviment ta' ħafna sħab, spiss ta' skala żgħira, fl-implimentazzjoni tal-proġetti. Dawn il-fatturi jżidu r-riskji ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli u l-leġiżlazzjoni ta' eliġibbiltà tal-UE u/jew nazzjonali, li jirriżultaw f'li jiġu aċċettati spejjeż ineliġibbli jew fi żbalji fil-kalkolu li jolqtu l-preċiżjoni ta' klejms, li mbagħad ma jinqabdux mis-sistemi stabbiliti. Il-klejms jistgħu jiġu aċċettati wkoll għal korsijiet li ma jkunux saru jew li jkunu attendew għalihom anqas parteċipanti milli ddikjarat.

6.10. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jiffaċċjaw prijoritajiet li jikkompetu ma' xulxin. L-infiq għandu jkun suġġett għal kontrolli xierqa maħsuba biex jiżguraw ir-regolarità u ġestjoni finanzjarja tajba. Fl-istess waqt, hemm interess fl-assorbiment tal-fondi allokati mill-UE. Fil-prattika, dan jista' jfixkel l-applikazzjoni konsistenti ta' kontrolli effettivi u b'hekk il-ksur ta' regoli ma jinqabadx u ma jiġix ikkoreġut u l-infiq ineliġibbli jiġi finalment rimborżat mill-baġit tal-UE. Dan jista' jirriżulta wkoll fil-finanzjament ta' proġetti li huma għaljin wisq, mhux implimentati b'mod effiċjenti jew mhux probabbli li jiksbu r-riżultati maħsuba ([7]). Dan ir-riskju jiżdied hekk kif joqrob it-tmiem tal-perjodu ta' eliġibbiltà.

6.11. Għalkemm l-implimentazzjoni tal-proġetti permezz tal-għoti ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku huwa anqas frekwenti għall-FSE (speċjalment ogħla mil-livelli limiti tal-UE), ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku għadu rilevanti fi ħdan dan il-qasam ta' politika.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.9.** *Il-Kummissjoni ħadet azzjonijiet speċifiċi sabiex ittaffi r-riskji identifikati, li jinkludu miżuri preventivi u korrettivi, bħal gwida, taħriġ, simplifikazzjoni u politika stretta fuq l-interruzzjonijiet u s-sospensjonijiet tal-pagamenti, meta jkun meħtieġ. Il-Kummissjoni b'mod partikolari tippromwovi b'mod attiv l-użu ta' għażliet simplifikati ta' kostijiet mill-Istati Membri u tindirizza każijiet identifikati ta' "regolamentazzjoni żejda (gold plating)" li jinvolvu regoli ta' eliġibbiltà kumplessi bla bżonn stabbiliti minn xi Stati Membri. Il-Kummissjoni tinsisti wkoll fuq l-importanza tal-kontrolli tal-ewwel livell. F'dan ir-rigward, id-DĠ tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni wettaq awditjar tar-riskju bbażat fuq il-verifiki ta' ġestjoni u kkondivida l-konklużjonijiet tal-awditjar u r-rakkomandazzjonijiet mal-Awtoritajiet ta' Ġestjoni tal-FSE.*

**6.10.** *L-Istati Membri japprovaw proġetti fuq bażi kontinwa kif previst fl-assi prijoritarju ta' Programmi Operazzjonali pluriennali. Il-kumitati ta' monitoraġġ ikkonċernati huma meħtieġa li jiżguraw li proġetti b'valur miżjud tal-UE jiġu magħżula u approvati u l-infiq hu soġġett għal diversi kontrolli minn awtoritajiet nazzjonali u tal-UE.*

([7]) Aktar informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' prestazzjoni hija ppreżentata fil-Kapitolu 10.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

6.12. L-***Anness 1.1***, il-***parti 2***, tal-Kapitolu 1 jiddeskrivi l-approċċ u l-metodoloġija kumplessiva tal-awditjar tal-Qorti. Għall-awditu tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali, il-punti speċifiċi li ġejjin għandhom jiġu nnutati:

(a) l-awditu kien jinvolvi l-eżaminar ta' kampjun ta' 182 tranżazzjoni ([8]) kif definit fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7. Il-kampjun huwa mfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa sħiħa tat-tranżazzjonijiet fi ħdan il-qasam ta' politika. Fl-2013 il-kampjun kien jikkonsisti minn 24 pagament (jew approvazzjoni) interim jew finali għal Programmi Operazzjonali (PO) tal-FSE fi 13-il Stat Membru ([9]), 3 aġenziji tal-UE u proġetti jew azzjonijiet oħra mmaniġġjati direttament mill-Kummissjoni,

(b) il-valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll eżaminat:

(i) l-attivitajiet ta' superviżjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-awtoritajiet tal-awditjar (AA). B'mod partikolari, ix-xogħol tal-awditjar ivvaluta l-effettività tal-kontrolli tal-Kummissjoni (DĠ EMPL) fuq il-preċiżjoni u l-affidabbiltà tal-informazzjoni u l-konklużjonijiet tar-rapporti annwali ta' kontroll (ACRs) u l-opinjonijiet tal-awditjar imħejjija mill-AA;

(ii) ir-rapport annwali tal-attività (RAA) tad-DĠ EMPL.

([8]) Għall-FSE u l-IPA, il-kampjun tal-Qorti kien fih 175 proġett tal-FSE li minnhom 161 kienu relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 u 14 mal-perjodu 2000-2006. Is-seba' proġetti li fadal kienu jikkonċernaw il-FEG u miżuri oħra għall-impjiegi u soċjali. Il-kampjun ittieħed mill-pagamenti u l-approvazzjonijiet kollha, bl-eċċezzjoni tal-pagamenti bil-quddiem li ammontaw għal EUR 220 miljun fl-2013.

([9]) Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Latvja, l-Ungerija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija u r-Renju Unit.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

6.13. L-***Anness 6.1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-182 tranżazzjoni awditjata mill-Qorti, 50 (27 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tal-30 żball li kkwantifikat, il-Qorti tistma li r-rata tal-iżball l-aktar probabbli hija ta' 3,1 % ([10]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.13.** *Risposta komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 6.13 u 6.14.*

*Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-inklużjoni ta' żball b'impatt sinifikanti minkejja l-fatt li mhi disponibbli l-ebda evidenza biex tikkonkludi li l-proġett ikkonċernat implimentat minn benefiċjarju attwalment taħt investigazzjoni preliminari li fuqu għadu ma sar l-ebda ġudizzju mill-awtoritajiet ġudizzjarji, kien affettwat minn kwalunkwe irregolarità u minkejja l-fatt li l-allegazzjonijiet, li jikkonċernaw il-prezzijiet esaġerati potenzjali ta' nefqa ma għandhom fl-ebda każ japplikaw għall-operat awditjat mill-Qorti peress li ġie implimentat permezz tal-kostijiet tal-unità standard (ara l-paragrafu 6.16) approvat mill-Awtorità ta' Ġestjoni. Jekk l-allegazzjonijiet fl-aħħar jiġu kkonfermati, il-Kummissjoni se tapplika l-korrezzjonijiet finanzjarji neċessarji.*

*Il-Kummissjoni tinnota t-tnaqqis fil-frekwenza ta' żbalji misjuba mill-Qorti fil-qasam tal-politika tal-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali fl-2013 ta' 27 % meta mqabbla ma' 35 % fl-2012 u 40 % fl-2011.*

*Il-Kummissjoni tifhem li r-rata ta' żball irrappurtata mill-Qorti hija stima annwali li tqis il-korrezzjonijiet tan-nefqa tal-proġett jew tar-rimborżi milquta minn żbalji misjuba u rreġistrati qabel l-awditjar tal-Qorti. Il-Kummissjoni ssostni li hija marbuta mir-Regolament Finanzjarju li jistipula fl-Artikolu 32(2)(e), li s-sistema ta' kontroll intern tagħha għandha tiżgura, fost affarijiet oħra, "kontroll adegwat tar-riskji li jirrigwardaw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti meta jitqies il-karattru pluriennali tal-programmi u n-natura tal-pagamenti". Il-Kummissjoni se tkompli teżerċita r-rwol superviżorju tagħha, b'mod partikolari billi timplimenta l-korrezzjonijiet u l-irkupri finanzjarji f'livell li jikkorrispondi mal-livell tal-irregolaritajiet u tan-nuqqasijiet identifikati.*

*Il-Kummissjoni tinnota wkoll li minħabba l-karattru pluriennali tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll skont il-politika ta' Koeżjoni, żbalji li saru fl-2013 jistgħu wkoll jiġu kkoreġuti fi snin sussegwenti anki wara l-għeluq tal-programmi. Biex jintwera dan, fl-2013 korrezzjonijiet finanzjarji rigward l-FSE fil-perjodi ta' programmazzjoni 2000–2006 u 2007–2013 ammontaw għal EUR 689 miljun, li jinkludu l-korrezzjonijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkunsidrat sabiex tiġi ddeterminata r-rata tal-iżbalji tagħha. Barra minn hekk, korrezzjonijiet finanzjarji li jammontaw għal EUR 153 miljun għall-perjodu ta' programmazzjoni 1994-1999 kienu implimentati wkoll fl-2013. Irkupri totali kien jammontaw għal EUR 56 miljun fl-2013.*

---

([10]) Il-Qorti tikkalkula l-istima tagħha tar-rata ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Il-Qorti hija 95 % fiduċjuża li r-rata ta' żball fil-popolazzjoni tinsab bejn 1,5 % u 4,7 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.14. Il-Kapitolu 1 fih valutazzjoni tal-preċiżjoni u l-affidabbiltà taċ-ċifri relatati mal-korrezzjonijiet finanzjarji ppreżentati fin-Nota 6 għall-kontijiet konsolidati tal-UE (ara l-paragrafi 1.12 sa 1.14). Il-punt sa fejn il-Qorti tieħu inkunsiderazzjoni l-korrezzjonijiet finanzjarji meta tkun qed tistma r-rata tal-iżball l-aktar probabbli ġie spjegat fil-Kapitolu 1 tar-Rapport Annwali 2012 [11].

6.15. Il-biċċa l-kbira mill-iżbalji li nstabu f'dan il-qasam ta' politika kienu jikkonċernaw infiq ineliġibbli u nuqqasijiet ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku. Il-***Graff 6.1*** tippreżenta l-punt sa fejn it-tipi differenti ta' irregolaritajiet ikkontribwixxew għall-istima tal-Qorti tar-rata tal-iżball l-aktar probabbli għall-2013.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.15.** *Il-Kummissjoni se ssegwi l-iżbalji kollha rrappurtati mill-Qorti u se tapplika korrezzjonijiet finanzjarji fejn ikun xieraq u legalment possibbli. Il-Kummissjoni tinnota li f'xi każijiet ir-regoli nazzjonali jew reġjonali applikati għan-nefqa ffinanzjata mill-FSE huma aktar stretti minn dawk previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għal nefqa simili ffinanzjata fil-livell nazzjonali. Għalhekk, dawn ir-rekwiżiti addizzjonali jistgħu jitqiesu bħala każ ta' regolamentazzjoni żejda, piż awtoimpost amministrattiv mhux meħtieġ u kumplessità għan-nefqa ffinanzjata mill-FSE, kif deskritt fir-rapport riċentment ippubblikat tal-Kummissjoni* [1].

**Graff 6.1 – Kontribut skont it-tip ta' żball għar-rata tal-iżball l-aktar probabbli**




[11] Ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafi 1.19 sa 1.37.

[1] http://www.europarl.europa.eu/document/activities/cont/201311/20131115ATT74496/20131115ATT74496EN.pdf

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.16. Fl-2013, il-Qorti kkampjunat 31 tranżazzjoni, li kienu relatati ma' 14 mill-24 pagament għall-PO, li kienu jinkludu għażliet simplifikati għall-ispejjeż (SCOs) fid-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tagħhom. Il-Qorti ma qabdet ebda żball relatat mal-użu speċifiku tal-SCOs. Dan jindika li proġetti li jużaw l-SCOs għandhom anqas probabbiltà li jkunu suxxettibbli għal żball minn dawk li jużaw spejjeż reali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.16.** *Il-Kummissjoni ħadmet b'mod attiv minn mindu ġew introdotti l-opzjonijiet simplifikati ta' spejjeż sabiex gradwalment jiżdied l-użu tagħhom u tqis li dawn l-isforzi diġà wasslu għal riżultati pożittivi. Il-Kummissjoni qed tkompli tippromwovi b'mod attiv l-użu tal-opzjonijiet simplifikati ta' kostijiet fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 kemm sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji u wkoll biex jitnaqqas aktar ir-riskju ta' żball.*

**Infiq ineliġibbli**

6.17. Il-Qorti qabdet ir-rimborż ta' spejjeż ineliġibbli u spejjeż ikkalkulati b'mod skorrett fi 28 tranżazzjoni, 15 % tal-182 tranżazzjoni awditjata. Minn dawn it-tranżazzjonijiet, 26 kienu relatati ma' proġetti tal-FSE. Tali żbalji jammontaw għal 93 % tal-iżbalji kwantifikabbli kollha u jirrappreżentaw madwar 93 % tar-rata ta' żball stmata għal dan il-qasam ta' politika.

**6.17.** *Il-Kummissjoni se ssegwi l-każijiet kollha rrappurtati mill-Qorti u se tiżgura li l-miżuri korrettivi jseħħu.*

6.18. Bħal fis-snin preċedenti, dan huwa s-sors prinċipali ta' żbalji. B'mod partikolari, il-biċċa l-kbira mill-iżbalji kienu dovuti għal:

(a) Debitar eċċessiv ta' spejjeż ġenerali.

(b) Dikjarazzjoni eċċessiva ta' spejjeż għall-persunal.

(c) Spejjeż ikkalkulati b'mod skorrett.

(d) Spejjeż ineliġibbli oħra.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.19. Il-Kaxxa 6.1 tippreżenta eżempji illustrattivi ta' żbalji fi ħdan din il-kategorija.

**Kaxxa 6.1 – Eżempji ta' nfiq ineliġibbli**

(a) *Debitar eċċessiv ta' spejjeż ġenerali:* Skont ir-regoli ta' eliġibbiltà tal-UE u/jew nazzjonali l-ispejjeż ġenerali għandhom jiġu allokati *pro rata* għall-operazzjoni, skont metodu ġust u ekwu, li huwa debitament ġustifikat. Fir-Repubblika Ċeka l-ispejjeż ġenerali ta' benefiċjarju li wettaq proġett ta' taħriġ ġew allokati lill-proġett tal-FSE bl-użu ta' fattur skorrett tal-ispejjeż, li rriżultaw f'debitar eċċessiv ta' spejjeż ġenerali.

Ġew identifikati sejbiet simili fi proġetti oħra tal-FSE fi Spanja u fir-Rumanija.

(b) *Dikjarazzjoni eċċessiva ta' spejjeż għall-persunal*: Fi skola privata fil-Portugall, is-salarju sħiħ tad-direttur tal-iskola ġie ddebitat għall-proġett tal-FSE mingħajr ma ttieħdu inkunsiderazzjoni l-kompiti l-oħra tiegħu mhux tal-FSE u tal-limitu massimu stabbilit għall-kofinanzjament ta' salarji mill-FSE. Wara l-awditu, dan l-iżball ġie kkoreġut mill-awtoritajiet Portugiżi f'Marzu 2014.

Ġew identifikati wkoll sejbiet simili fi proġett immaniġġjat direttament mill-Kummissjoni u fi proġetti oħra tal-FSE fil-Ġermanja, fi Spanja, fl-Italja, fil-Polonja u fir-Renju Unit.

(c) *Spejjeż ikkalkultati b'mod skorrett:* Proġett fil-Ġermanja ddikjara ammonti fatturati mis-sussidjarju tal-benefiċjarju għall-kera, il-forniment tal-ikel, materjal ta' pubblikazzjoni eċċ., mingħajr evidenza ta' spejjeż reali u r-rabta ma' attivitajiet imwettqa. L-awtoritajiet nazzjonali ma indirizzawx din il-kwistjoni anke jekk kienu konxji mis-sitwazzjoni.

Ġew identifikati wkoll sejbiet simili fi proġetti oħra tal-FSE fil-Polonja u fil-Portugall.

(d) *Spejjeż ineliġibbli oħra*: Fi proġett tal-FSE fi Spanja, il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali tal-impjegaturi titnaqqas meta jinżamm l-impjieg wara liv tal-maternità. Waħda mill-kundizzjonijiet għall-benefiċċju minn dan l-appoġġ hija l-ħtieġa li wieħed ikun aġġornat dwar l-obbligi tat-taxxa. F'każ wieħed, il-benefiċjarju ma kkonformax ma' dan l-obbligu għal sitta minn disa' xhur, li rriżulta f'infiq ineliġibbli.

Ġew identifikati wkoll każijiet simili ta' spejjeż ineliġibbli oħra fi proġett ieħor tal-FSE fil-Polonja.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| **Ksur tar-regoli tal-akkwist pubbliku** | |
| 6.20. Il-proporzjon tat-tranżazzjonijiet meta mqabbla ma' proċeduri ta' akkwist pubbliku huwa aktar baxx għall-impjieg u l-affarijiet soċjali milli għall-politika reġjonali, it-trasport u l-enerġija. Mill-182 tranżazzjoni kkampjunata, 53 kienu jinvolvu l-applikazzjoni ta' regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE u/jew nazzjonali. Il-Qorti sabet ksur ta' dawn ir-regoli tal-akkwist pubbliku fi 11 minnhom (21 %). Nuqqasijiet serji li wasslu għal żbalji kwantifikabbli ġew identifikati fi tnejn minn dawn il-każijiet. Dawn jirrappreżentaw 7 % tal-iżbalji kwantifikabbli kollha u jammontaw għal madwar 7 % tar-rata ta' żball stmata għal dan il-qasam ta' politika (ara l-Kaxxa 6.2). | **6.20.** *Filwaqt li l-Kummissjoni u l-Qorti jagħmlu awditu tal-konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku bl-istess mod, il-Kummissjoni tapplika korrezzjonijiet proporzjonali b'rata fissa fil-perjodu ta' programmazzjoni 2000–2006 u b'hekk tindirizza r-riskju ta' danni għall-baġit tal-UE u billi tikkunsidra n-natura u l-gravità tal-irregolaritajiet.*<br><br>*Dawn ir-rati fissi huma applikati mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet nazzjonali meta jimponu korrezzjonijiet finanzjarji minħabba ksur fir-regoli tal-akkwist pubbliku, inklużi wkoll l-iżbalji rappurtati mill-Qorti li huma jsegwu.*<br><br>*Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-Awtorità tal-Kwittanza talbet lill-Kummissjoni u l-Qorti biex jarmonizzaw il-metodoloġiji tagħhom biex jikkwantifikaw l-iżbalji relatati mal-akkwist pubbliku (id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2013 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011).*<br><br>*Il-Kummissjoni Ewropea aġġornat fl-2013 id-Deċiżjoni tagħha dwar il-kwantifikazzjoni ta' żbalji tal-akkwist pubbliku f'ġestjoni kondiviża, inkluż inter alia l-infiq tal-koeżjoni u l-iżvilupp rurali (ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013)9527 final).*<br><br>*Abbażi ta' din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tistima li l-kwantifikazzjoni ta' żbalji għal żbalji fl-akkwisti pubbliċi fl-2013 se tkun sa 0,1 punt perċentwali aktar baxxa minn dik ikkalkolata mill-Qorti meta tuża l-kwantifikazzjoni tagħha stess.* |
| 6.21. Għal seba' tranżazzjonijiet awditjati fi tliet Stati Membri ([12]), l-awtoritajiet nazzjonali kienu identifikaw każijiet serji ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku u imponew korrezzjonijiet finanzjarji speċifiċi fil-livell tal-proġett. ([13]). Dawk l-iżbalji ma ttiħdux inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tar-rata ta' żball, billi l-miżuri korrettivi ttieħdu qabel in-notifika tal-awditu tal-Qorti. | |

([12]) Ir-Repubblika Ċeka, il-Polonja u r-Rumanija.
([13]) Skont in-nota 07/0037/03 tal-COCOF tal-Kummissjoni Ewropea.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 6.2 – Eżempji ta' ksur fir-regoli tal-akkwist pubbliku**

(a) *Nuqqas ta' rispett tal-prinċipju tat-trattament indaqs*: Fi proġett tal-FSE fi Franza, il-prinċipju tat-trattament indaqs ma ġiex irrispettat matul il-proċess ta' evalwazzjoni għal akkwist pubbliku ogħla mil-livelli limiti tal-UE. Barra minn hekk, il-kuntratt ta' servizzi ġie suddiviż f'lottijiet b'mod mhux xieraq. Ġie riċevut offerent wieħed biss għal kull taqsima ġeografika, u b'hekk il-kompettizzjoni ġiet *de facto* ġiet limitata. Fil-fehma tal-Qorti, dawn il-kwistjonijiet kien imisshom wasslu għall-kanċellazzjoni tal-proċedura.

(b) *Ikkuntrattar ta' servizzi barra mill-ambitu tal-ftehim qafas*: Fl-Ungerija benefiċjarju akkwista servizzi għall-iżvilupp tas-softwer bl-użu ta' ftehim qafas eżistenti li rriżulta minn proċedura ta' akkwist pubbliku mwettqa minn korp ċentrali għall-akkwisti Ungeriż. Din is-sejħa speċifika għall-offerti ddikjarat b'mod espliċitu li l-iżvilupp tas-softwer ma kienx suġġett għall-ftehim qafas u seta' jinxtara biss permezz ta' proċedura ta' akkwist pubbliku individwali.

**Għadd kbir ta' nuqqasijiet fl-osservanza ta' rekwiżiti proċedurali**

6.22. Il-Qorti sabet bosta nuqqasijiet mill-awtoritajiet maniġerjali u mill-benefiċjarji biex josservaw rekwiżiti proċedurali fil-ġestjoni u fl-implimentazzjoni ta' proġetti tal-FSE. F'24 każ, in-nuqqasijiet jitqiesu mill-Qorti bħala kwistjonijiet serji ta' nuqqas ta' konformità. Il-Kaxxa 6.3 tagħti eżempji tal-kategoriji prinċipali ta' żbalji mhux kwantifikabbli. Dawn l-iżbalji ma jikkontribwixxux għall-istima tar-rata ta' żball.

**Kaxxa 6.3 – Eżempji ta' nuqqasijiet fl-osservanza ta' rekwiżiti proċedurali**

(a) *Pagamenti tardivi lill-benefiċjarji*: Fi Franza, l-awtoritajiet nazzjonali ttrasferixxew il-fondi tal-FSE lill-korpi reġjonali, waqt li kienu qed jaġixxu bħala benefiċjarji, b'dewmien serju li mhuwiex f'konformità mar-regoli. F'żewġ każijiet, id-dewmien fil-pagament kien itwal minn ħames xhur.

(b) *Avviż ta' għoti ta' kuntratt mibgħut tard jew mhux mibgħut għal kollox:* skont ir-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE l-awtoritajiet kontraenti għandhom jibagħtu avviż tar-riżultati tal-proċedura tal-għoti mhux aktar tard minn 48 jum wara l-għoti tal-kuntratt. Il-Qorti sabet tliet każijiet fir-Renju Unit fejn din ir-regola ma ġietx osservata.

Ġew identifikati wkoll sejbiet simili fi proġett tal-FSE fi Franza.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.22.** *Il-Kummissjoni se ssegwi l-iżbalji kollha rrappurtati mill-Qorti u se tiżgura li l-miżuri korrettivi jsehħu.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(c) *Nuqqas ta' verifikazzjoni ta' konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-istat*: Proġett tal-FSE fir-Renju Unit kien qed jipprovdi korsijiet ta' taħriġ bla ħlas għall-forzi tax-xogħol tal-impjegaturi. Għalkemm l-ammonti mogħtija x'aktarx li jkunu *"de minimis"*, l-awtoritajiet nazzjonali u l-isponsor tal-proġett kien imisshom ivverifikaw il-konformità tal-miżura mar-regoli dwar l-għajnuna mill-istat.

**Spejjeż eċċessivi kklejmjati li ma wasslux għal żbalji**

6.23. Il-Qorti identifikat seba' każijiet f'erba' Stati Membri ([14]) fejn l-ispejjeż iddebitati għall-baġit tal-UE kienu eċċessivi iżda fejn ir-regolamenti ma kinux ċari biżżejjed biex jiġi konkluż li l-infiq kien irregolari. Għalkemm dawn il-każijiet jistgħu jirrappreżentaw użu ineffiċjenti mill-fondi tal-UE, dawn il-każijiet ma jittiħdux inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tar-rata ta' żball (ara l-eżempji fil-Kaxxa 6.4).

**Kaxxa 6.4 – Eżempji ta' spejjeż eċċessivi kklejmjati**

(a) *Salarji eċċessivi*: Fir-Rumanija nstabu każijiet fejn individwi tħallsu, waqt li kienu qed jaħdmu fuq proġetti ffinanzjati mill-FSE, salarju b'ammont sa ħames darbiet ogħla mis-salarju normali riċevut meta jaħdmu għal proġetti ffinanzjati b'mod nazzjonali. Din il-prattika ġiet permessa b'regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà li stabbilixxew limiti massimi għal salarji fi proġetti tal-UE li huma ferm ogħla mill-kundizzjonijiet medji tas-salarji fil-pajjiż.

(b) *Spejjeż esaġerati*: Fil-Portugall il-benefiċjarju ta' proġett tal-FSE kklejmja spejjeż tal-kera abbażi ta' kuntratt ta' sullokazzjoni, li rdoppja l-kera meta mqabbel ma' kuntratt preċedenti ffirmat għall-istess spazju għall-uffiċċju tliet ġimgħat qabel. Fil-fehma tal-Qorti, it-tagħmir u l-għamara addizzjonali li saru disponibbli ma jiġġustifikawx il-livell taż-żieda fil-prezz. Il-Qorti ma setgħetx tikkwantifika din l-osservazzjoni minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-akkwist tal-għamara mill-kerrej, li ma kienx il-benefiċjarju finali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.23.** *Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-Kaxxa 6.4(a).*

***Kaxxa 6.4 — Eżempji ta' spejjeż eċċessivi mitluba***

**(a)** *Is-sitwazzjoni tas-salarji fi proġetti ffinanzjati mill-FSE fir-Rumanija kienet waħda mill-kwistjonijiet identifikati mid-DĠ tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni f'awditu li sar fl-2012. Korrezzjoni finanzjarja b'rata fissa ta' 25 % kienet applikata għal dan il-PO. B'riżultat ta' dan, l-awtorità ta' ġestjoni kkonċernata kkummissjonat studju dwar l-istruttura tal-ispejjeż u l-kont tal-pagi li jservi bħala bażi biex jistabbilixxi l-ogħla livelli ta' pagi biex jiġu applikati fi proġetti futuri. Il-Kummissjoni pprovdiet aktar rakkomandazzjonijiet lill-Awtorità ta' Ġestjoni dwar il-parametri li għandhom jintużaw għad-determinazzjoni ta' pagi massimi li għandhom jiġu applikati għal proġetti ffinanzjati mill-FSE minħabba li dawk attwali għadhom meqjusa bħala għolja wisq.*

([14]) Franza, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(c) *Akkumulazzjoni ta' prefinanzjament addizzjonali*: Fi Franza, l-awtoritajiet nazzjonali jitolbu mill-Kummissjoni r-rata massima ta' kofinanzjament għal kull assi prijoritarju [15], għalkemm il-benefiċjarji jitħallsu livelli aktar baxxi ta' kofinanzjament [16]. Għall-assi prijoritarju awditjat, id-differenza akkumulata sa issa tammonta għal EUR 32 miljun, li jirrappreżentaw "*de facto*" pagament bil-quddiem supplimentari lil Franza mingħajr deroga speċifika [17]. Li kieku l-ammonti akkumulati ma jiġux allokati lil ebda benefiċjarju fi tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni, il-fondi jkollhom jiġu ritornati lill-baġit tal-UE fl-għeluq.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**(c)** *Jista' jkun hemm diskrepanzi bejn il-pagamenti mill-Unjoni għall-prijorità u l-kontribuzzjoni effettiva mill-Fondi għall-operazzjonijiet kofinanzjati taħt dik il-prijorità. Din hija konsegwenza tal-flessibbiltà li għandhom l-awtoritajiet ta' ġestjoni fl-applikazzjoni ta' rati ta' kofinanzjament differenti għal operazzjonijiet individwali kif indikat fl-Artikolu 53(4) tar-Regolament Ġenerali.*

*Skont il-linji gwida dwar l-għeluq adottata mill-Kummissjoni fl-20 ta' Marzu 2013, il-benefiċjarji għandhom jirċievu fl-għeluq ammont ta' kontribuzzjoni pubblika (fondi nazzjonali u l-FSE) mill-inqas ugwali għal ammont ta' FSE rimborżat mill-Kummissjoni lill-Istat Membru.*

**Affidabbiltà insuffiċjenti ta' verifikazzjonijiet tal-ġestjoni**

6.24. Fi 13-il każ ta' żbalji kwantifikabbli li saru mill-benefiċjarji finali, l-awtoritajiet nazzjonali kellhom informazzjoni suffiċjenti (pereżempju, mingħand il-benefiċjarji finali, l-awdituri tagħhom jew mill-kontrolli proprji tal-awtoritajiet nazzjonali) biex jipprevienu, jaqbdu u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma jiddikjaraw l-infiq lill-Kummissjoni. Li kieku din l-informazzjoni kollha kienet intużat biex jiġu kkoreġuti l-iżbalji, ir-rata tal-iżball l-aktar probabbli stmata għal dan il-kapitolu kienet tkun 1,3 punti perċentwali aktar baxxa. Barra minn hekk, il-Qorti sabet li għal tliet każijiet, l-iżball maqbud mill-Qorti sar mill-awtoritajiet nazzjonali. Dawn l-iżbalji kkontribwixxew 0,1 punti perċentwali għar-rata tal-iżball l-aktar probabbli stmata.

**6.24.** *Il-Kummissjoni żviluppat linji gwida ġodda sabiex tkompli tissaħħaħ l-affidabbiltà ta' verifiki ta' ġestjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020. Din il-gwida, li tislet fuq it-tagħlimiet meħuda minn perjodu ta' programmazzjoni preċedenti, ġiet ippreżentata lill-Istati Membri u se tinħareġ fit-tieni nofs tal-2014.*

6.25. Fl-2013, id-DĠ EMPL wettaq awditu tematiku fuq tmien PO ta' sitt Stati Membri [18] kkampjunati fuq bażi ta' riskju. Dan l-awditu kkonkluda li kontrolli tal-ewwel livell mhumiex affidabbli peress li twettqu fuq bażi sempliċiment formali u għaldaqstant allegatament irrispettaw ir-rekwiżiti tar-regolamenti. B'riżultat ta' dan, l-ispejjeż ġew iċċertifikati lill-Kummissjoni li ma kellhom ebda valur miżjud jew ebda rabta mal-proġett [19]. Barra minn hekk, il-ksur fi proċeduri ta' akkwist pubbliku spiss ma ġewx identifikati mill-verifikazzjonijiet tal-ġestjoni, għalkemm saru kontrolli mill-awtorità maniġerjali jew mill-korp intermedju tagħha fil-bini tal-benefiċjarji.

**6.25.** *Wara xogħol estensiv dwar verifiki ta' ġestjoni magħmul fl-awditi regolari mwettqa mid-DĠ tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, l-awditjar tematiku bbażat fuq ir-riskju msemmi mill-Qorti ffoka fuq programmi operazzjonali speċifiċi sabiex jiġu identifikati u indirizzati l-kawżi ta' affidabbiltà insuffiċjenti tal-verifiki ta' ġestjoni. Ir-riżultati ta' dan l-awditjar tematiku ġew ippreżentati mill-Kummissjoni fl-2014 lill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni u Verifika, u ġew użati fl-iżvilupp tal-gwida msemmija f'paragrafu 6.24.*

(15) Kif previst fl-Artikolu 77 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

(16) Dan mhuwiex f'konformità mal-Artikolu 80 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

(17) Kif meħtieġ bl-Artikolu 78(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

(18) Id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Estonja, is-Slovakkja u Spanja.

(19) Ara Overview report on the results of the thematic audit on management verifications conducted by Member States (Rapport ta' ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-awditu tematiku dwar il-verifikazzjonijiet tal-ġestjoni li twettqu mill-Istat Membri) http://www.europarl.europa.eu/document/activities/cont/201311/20131115ATT74498/20131115ATT74498EN.pdf

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Żbalji li nstabu f'PO magħluqa**

6.26. Il-kampjun tal-Qorti kien jinkludi 14-il tranżazzjoni b'pagamenti finali għall-għeluq ta' 2 PO 2000–2006. F'żewġ programmi, il-Qorti identifikat żbalji kwantifikabbli f'ħames tranżazzjonijiet. Għal erbgħa minn dawn it-tranżazzjonijiet, l-awtoritajiet nazzjonali kellhom informazzjoni suffiċjenti biex jipprevienu, jaqbdu u jikkoreġu l-iżbalji qabel ma jiddikjaraw l-infiq lill-Kummissjoni. Madankollu, la l-Istat Membru u lanqas il-Kummissjoni ma qabdu dawn l-iżbalji fil-kontrolli mwettqa fl-għeluq ([20]). Wieħed mill-PO ngħalaq mingħajr korrezzjonijiet finanzjarji. L-ieħor kien suġġett għal korrezzjoni ta' 5 % li taffettwa xi wħud mill-proġetti kkampjunati. Dawn il-korrezzjonijiet speċifiċi għall-proġetti ttieħdu inkunsiderazzjoni mill-Qorti fil-valutazzjoni tagħha, li naqqsu b'mod sinifikanti r-rati ta' żball irrappurtati mill-Qorti. Anke wara li dawn il-korrezzjonijiet ittieħdu inkunsiderazzjoni, dawn il-każijiet jammontaw għal 26 % tar-rata ta' żball stmata għal dan il-qasam ta' politika.

6.27. Għal darb'oħra dan jikkorrobora l-osservazzjoni li saret fir-Rapporti Annwali 2011 u 2012 ([21]) li l-infiq ineliġibbli jibqa' wara l-proċess ta' għeluq, sakemm il-Kummissjoni twettaq awditu *ex-post* u sussegwentement tieħu azzjonijiet korrettivi.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.26.** *Ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafi 6.26 u 6.27.*

*Fir-rigward tal-perjodu ta' programmazzjoni 2000–2006, il-Kummissjoni timmira li tiżgura li r-rata ta' żbalji fl-għeluq mhux se taqbeż it-2 % għal kull programm operazzjonali. Għal dan l-għan, minbarra numru sinifikanti ta' awditi mwettqa matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2000–2006, id-DĠ tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni wettaq bejn l-2011 u l-2013 14-il awditu konklużiv abbażi tar-riskju li jkopru 21 PO fil-perjodu 2000–2006, li jirrappreżentaw 8,8 % tan-numru totali ta' programmi operazzjonali u 25,6 % tal-ammont totali tan-nefqa.*

*Fuq il-bażi ta' dan ix-xogħol ta' awditjar estensiv, u sabiex jiġi protett il-baġit tal-UE, korrezzjonijiet finanzjarji sinifikanti ġew implimentati fl-għeluq. Kif żvelat fir-RAA tad-DĠ tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni tal-2013 (paġna 121), sal-aħħar tal-2013, 233 PO ġew magħluqa għall-perjodu ta' programmazzjoni 2000–2006. Il-Kummissjoni implimentat korrezzjonijiet finanzjarji kumulattivi għall-perjodu ta' programmazzjoni 2000–2006 li jammontaw għal EUR 1,7 biljun, li minnhom EUR 452 miljun fl-2013, meta l-pagamenti finali u l-approvazzjonijiet għall-perjodu ta' programmazzjoni 2000–2006 ammontaw għal EUR 3,3 biljun. Il-Kummissjoni se ssegwi l-iżbalji speċifiċi identifikati mill-Qorti u tosserva li tista' tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji sa tliet snin wara l-għeluq formali ta' programm, meta jinstabu żbalji residwi.*

*Filwaqt li tirrikonoxxi r-riskji msemmija, il-Kummissjoni tenfasizza li min-natura tagħhom huwa kważi inevitabbli li każijiet individwali ta' nefqa mhux eliġibbli fil-livell tal-proġetti tibqa' wara l-proċess ta' għeluq, peress li dan il-proċess għandu l-għan li jiżgura li r-rata kumplessiva li tifdal tal-iżbalji tkun taħt il-limitu tal-materjalità ta' 2 %. Barra minn hekk, bl-applikazzjoni ta' rata fissa ta' korrezzjonijiet finanzjarji fl-għeluq, il-Kummissjoni effettivament tipproteġi l-baġit tal-UE mingħajr ma neċessarjament tikkoreġi kull każ ta' nefqa ineliġibbli fil-livell tal-proġett.*

([20]) Il-Ġermanja (Thüringen) u Spanja.
([21]) Ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafi 6.26 u 6.27 u r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafi 5.52 sa 5.64.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## EŻAMINAR TA' SISTEMI TA' KONTROLL MAGĦŻULA

6.28. L-***Anness 5.2*** fih sommarju tar-riżultati tas-sistemi eżaminati mill-Qorti.

6.29. Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013, 113-il awtorità tal-awditjar ġew stabbiliti fl-Istati Membri kollha għat-322 PO tal-FEŻR/FK u l-118-il PO tal-FSE ([22]). Kull sena l-AA jippreżentaw lill-Kummissjoni ACR u opinjoni tal-awditjar li jipprovdu informazzjoni dwar ir-regolarità tal-infiq tal-UE. Fl-2013, tħejjew total ta' 199 ACR u opinjonijiet tal-awditjar, li minnhom 104 kienu jittrattaw PO tal-FSE. Minn dawn l-AA, 63 ikopru fl-istess ħin u fi ħdan l-istess ACR, PO ta' fondi differenti (FEŻR/FK u/jew l-FSE).

## Valutazzjoni tas-superviżjoni tal-AA mill-Kummissjoni

6.30. Ir-riżultati tal-analiżi mill-Qorti tas-superviżjoni tal-AA mill-Kummissjoni jidhru fil-Kapitolu 5 (ara l-paragrafi 5.37 sa 5.51).

6.31. Fir-rigward tal-FSE, id-DĠ EMPL ivvaluta r-rata ta' żball irrappurtata mill-AA bħala kompletament affidabbli għal 65 (56 %) mill-117-il PO tal-FSE ([23]). Dan ifisser li r-rati ta' żball ma ġewx ikkalkulati mill-ġdid u l-opinjonijiet tal-awditjar kwalifikati u mhux kwalifikati sussegwenti ma nbidlux. Il-Kummissjoni aġġustat jew qieset bħala inaffidabbli r-rata ta' żball irrappurtata għat-52 mill-117-il PO fl-2013 (31 minn 117-il PO fl-2012). Iż-żieda maġġuri meta mqabbla mas-sena li għaddiet hija dovuta prinċipalment għall PO b'rati ta' żbalji affiabbli iżda kkalkulati mill-ġdid (minn 18 fl-2012 għal 41 fl-2013) aktar milli għall-PO b'rati ta' żball mhux affidabbli jew b'ebda rata ta' żball. Barra minn hekk, għal 12 minn 41 PO r-riżultat tal-kalkolu mill-ġdid kien marġinali (+/- 0,1 %). Il-Qorti tirrikonoxxi li l-Kummissjoni toħroġ riżervi mhux ibbażati eskussivament fuq ir-rati ta' żball. Meta tagħmel il-valutazzjoni tagħha, hija tapplika wkoll ġudizzju professjonali u tieħu kont tal-informazzjoni l-oħra kollha li tkun disponibbli.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*__6.29.__ L-awtoritajiet tal-awditjar, sa mill-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni u tal-istabbiliment tas-sistemi, għandhom rwol ċentrali fil-proċess li jagħti aċċertament.*

*Ir-Regolament jipprevedi li l-Kummissjoni, taħt ċerti kundizzjonijiet, tista' toqgħod fuq ix-xogħol ta' awtorità tal-awditjar għall-aċċertament tagħha (l-Artikolu 73 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006). Il-Kummissjoni qiegħda tikkoopera u tikkoordina mill-qrib magħhom, u bdiet tagħmel rieżami tal-metodoloġiji u tar-riżultati tal-awditjar tagħhom sa mill-2009. Dan ikkontribwixxa għall-bini tal-kapaċità billi pprovda pariri, gwida u rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet tal-awditjar permezz ta' xogħol ta' prestazzjoni mill-ġdid tal-Kummissjoni tal-ħidma ta' awditjar mwettqa mill-awtoritajiet tal-awditjar.*

*Fir-rapport ta' attività annwali tiegħu tal-2013 (ara l-paġni 42 sa 44), id-DĠ tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni pprovda valutazzjoni dettaljata tal-akkuratezza u l-affidabbiltà tal-informazzjoni ta' awditjar u tar-riżultati li ġew irrapportati mill-awtoritajiet tal-awditjar fir-Rapporti ta' Kontroll Annwali tagħhom tal-2013.*

([22]) Dawn iċ-ċifri jinkludu l-istabbiliment tal-awtoritajiet tal-awditjar wara l-adeżjoni tal-Kroazja (waħda għall-FEŻR/FK u waħda għall-FSE).

([23]) L-awtorità tal-awditjar Kroata ma kellhiex għalfejn tibgħat ACR fl-2013.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.32. Eżempji tad-dgħufijiet identifikati mill-Qorti kienu:

(a) F'każ wieħed il-Kummissjoni vvalidat rata ta' żball fissa ta' 10 % għalkemm ġew identifikati defiċjenzi maġġuri fl-awtorità tal-awditjar. Fuq il-bażi tad-*data* pprovduta mill-awtorità tal-awditjar, il-Qorti stmat ir-rata ta' żball għal madwar 25 % u tqis li l-Kummissjoni kien imissha użat rata fissa ta' 25 % (minflok ta' 10 %).

(b) F'każ wieħed il-popolazzjoni tal-kampjunar kienet skorretta. Barra minn hekk, l-awtorità tal-awditjar stmat u ppreżentat fl-ACR tagħha rati ta' żball individwali għal żewġ PO tal-FSE, għalkemm hija kien imissha rrappurtat rata ta' żball komuni minħabba li ttieħed kampjun komuni ma' żewġ PO oħra. Il-Kumissjoni nnutat dawn il-kwistjonijiet, iżda vvalidat ir-rati individwali stmati mill-awtorità tal-awditjar. Il-Qorti tqis li, fil-prinċipju, fin-nuqqas ta' spjegazzjonijiet u divulgazzjoni addizzjonali, kien imissha ġiet applikata rata ta' żball fissa ta' 5 % għall-grupp ta' erba' PO (ara l-Kaxxa 5.6).

(c) F'każ wieħed, l-awtorità tal-awditjar qieset żball li ġie aċċettat mill-Kummissjoni bħala anomalu ([24]), għalkemm fil-fehma tal-Qorti n-natura tal-iżball ma tiġġustifikax tali klassifikazzjoni. Żbalji anomali mhumiex ipproġettati lill-popolazzjoni kollha u għaldaqstant ir-rata ta' żball hija stmata b'mod insuffiċjenti.

## Analiżi tar-rapport annwali tal-attività tad-DĠ EMPL (RAA)

6.33. Il-Qorti vvalutat ir-RAA 2013 u d-dikjarazzjoni ta' akkumpanjament tad-Direttur Ġenerali tad-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni. B'mod partikolari, fir-rigward tar-regolarità tal-pagamenti awtorizzati fl-2013, il-Qorti:

(a) ivvalutat ir-riżervi li saru fir-RAA;

(b) iċċekkjat il-konsistenza u l-preċiżjoni tal-kalkolu mill-Kummissjoni tal-"ammonti f'riskju".

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.32.**

**(a)** *Il-Kummissjoni kkonkludiet li r-rata ta' żball affidabbli ma setgħetx tiġi kkalkulata fuq il-bażi tal-elementi disponibbli. Hija ddeċidiet għalhekk li tapplika provviżorjament rata fissa ta' 10 %, skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2011)7321 tad-19 ta' Ottubru 2011 — Linji gwida dwar il-prinċipji, il-kriterji u l-iskali indikattivi li għandhom ikunu applikati fir-rigward tal-korrezzjonijiet finanzjarji 2007–2013.*

([24]) In-Nota ta' gwida 08/0021/03 tal-COCOF dwar metodi ta' kampjunar għall-awtoritajiet tal-awditjar tiddefinixxi fit-taqsima 4.3 tagħha żball anomalu bħala "żball li, b'mod ċar, mhuwiex rappreżentattiv tal-popolazzjoni… Kampjun statistiku huwa rappreżentattiv għall-popolazzjoni u għalhekk żbalji anomali għandhom jiġu aċċettati biss f'ċirkustanzi mmotivati tajjeb u eċċezzjonali ħafna.. Ir-rikors frekwenti għal dan il-kunċett mingħajr ġustifikazzjoni xierqa jista' jdgħajjef l-affidabilità tal-opinjoni tal-awditjar."

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

6.34. Fir-RAA 2013 tiegħu, id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni stima li bejn 2,6 % u 3,5 % tal-pagamenti interim u finali għall-PO tal-FSE għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013 awtorizzati matul is-sena kienu f'riskju ta' żball. Din l-istima hija bbażata fuq rati ta' żball irrappurtati minn awtoritajiet tal-awditjar fir-rigward tal-infiq 2012 u vvalidati mill-Kummissjoni f'Marzu 2014 (ara l-paragrafi 6.30 sa 6.31). Madwar 41 % tal-pagamenti saru għal PO fejn il-valutazzjoni finali tal-Kummissjoni fir-RAA 2013 kienet li dawn ġew milquta minn żbalji materjali (aktar minn jew daqs 2 %).

6.35. L-istima tal-Kummissjoni hija ogħla mil-livell limitu ta' materjalità ta' 2 % stabbilita mill-Kummissjoni. Il-Qorti tfakkar li r-rati ta' żball annwali rrappurtati mill-Kummissjoni mhumiex direttament kumparabbli għal dawk stmati mill-Qorti.

6.36. Ir-RAA tad-DĠ EMPL fih riżerva relatata ma' pagamenti li saru għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013 għal ammont f'riskju ta' EUR 123,2 miljun fl-2013. Din ir-riżerva tkopri 36 minn 118-il PO tal-FSE (meta mqabbla ma' 27 minn 117-il PO fl-2012).

6.37. Il-Qorti tqis li għal PO wieħed il-Kummissjoni kien imissha ddivulgat ir-raġunijiet għalfejn ma għamlitx riżerva (ara l-eżempju fil-Kaxxa 5.6 u l-paragrafu 6.31).

6.38. Il-Kapitolu 10 jinkludi s-sejbiet tal-eżaminar mill-Qorti tar-rappurtar tad-DĠ EMPL dwar il-kisbiet tal-politika (ara l-paragrafi 10.32 sa 10.39).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.34.** *Skont l-istruzzjonijiet permanenti tal-Kummissjoni għar-RAA tal-2013, riservazzjoni hija meħtieġa biss jekk ir-riskju finanzjarju kumulattiv huwa ogħla minn 2 %, li ma kienx il-każ fil-biċċa kbira tal-PO's imsemmija mill-Qorti, minħabba li l-korrezzjonijiet finanzjarji neċessarji diġà kienu ġew implimentati sa meta nħareġ ir-Rapport Annwali tal-Attività. Kif imsemmi fir-RAA tad-DĠ tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni tal-2013, mill-41 % tal-pagamenti għal PO msemmija mill-Qorti, it-30 punt perċentwali msemmija għall-PO b'rata ta' żball ta' bejn 2 u 5 % u 11-il punt perċentwal biss tal-pagamenti saru għall-PO b'rata ta' żball ta' aktar minn 5 %. Dan juri biċ-ċar il-politika stretta ta' interruzzjonijiet u sospensjonijiet implimentata b'mod sistematiku mid-DĠ tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, li rriżultat f'25 interruzzjoni, 12-il ittra ta' twissija u 11-il deċiżjoni ta' sospensjoni adottati fl-2013.*

**6.35.** *Il-Kummissjoni taqbel li r-rata ta' żbalji tal-Qorti u tal-Kummissjoni mhumiex direttament komparabbli. Madankollu l-objettiv ta' dan il-proċess huwa essenzjalment l-istess, jiġifieri valutazzjoni tar-riskju għall-baġit tal-UE f'sena partikolari.*

*Il-Kummissjoni tqis dawn id-differenzi kollha fil-valutazzjoni tagħha, b'mod partikolari differenzi fiż-żmien fil-kwantifikazzjoni tal-akkwist pubbliku u żbalji oħra u l-impatt ta' korrezzjonijiet b'rata fissa li timponi fuq programmi (ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 11 tar-Rapport Speċjali tal-Qorti 16/2013).*

*Ħlief għad-differenzi innotati hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li għar-rapport annwali tal-2013, kif kien il-każ għal dawn l-aħħar tliet snin konsekuttivi għad-DĠ għall-Impjiegi qabel dan ir-rapport annwali, ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni huwa skont ir-rati ta' żbalji kkalkolati mill-Qorti.*

**6.38.** *Ara r-risposti tal-Kummissjoni għall-paragrafi 10.32 sa 10.39.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

### Il-konklużjoni għall-2013

6.39. Għall-qasam ta' politika "Impjiegi u affarijiet soċjali",

(a) l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jindika li r-rata tal-iżball l-aktar probabbli preżenti fil-popolazzjoni hija ta' 3,1 % u

(b) is-sistemi ta' kontroll eżaminati huma vvalutati bħala parzjalment effettivi ([25]).

6.40. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-infiq aċċettat huwa milqut minn livell materjali ta' żball.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.39.**

**(a)** *Ara r-risposta Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 6.39 (a) u (b).*

*Il-Kummissjoni taqbel mal-valutazzjoni tal-Qorti bl-eċċezzjoni ta' żball wieħed (ara r-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 6.13).*

*B'mod ġenerali, il-Kummissjoni diġà għandha proċess dettaljat biex tivverifika l-affidabbiltà tar-rati ta' żball rapportati mill-awtoritajiet tal-awditjar li huma riveduti fejn xieraq. Il-fatt li r-rati ta' żball rrappurtati fir-RAA tad-DĠ tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni huma skont ir-rata ta' żball stabbilita mill-Qorti jiċċertifika l-affidabilità tas-sistemi ta' awditjar u ta' rappurtar.*

*Il-Kummissjoni tifhem li r-rata ta' żball irrappurtata mill-Qorti hija stima annwali li tqis il-korrezzjonijiet tan-nefqa tal-proġett jew ir-rimborżi milquta minn żbalji misjuba u rreġistrati qabel l-awditjar tal-Qorti. Il-Kummissjoni hija marbuta mir-Regolament Finanzjarju li jistipula fl-Artikolu 32(2)(e), li s-sistema ta' kontroll intern tagħha għandha tiżgura, fost affarijiet oħra, "kontroll adegwat tar-riskji li jirrigwardaw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti meta jitqies il-karattru pluriennali tal-programmi u n-natura tal-pagamenti". Il-Kummissjoni se tkompli teżerċita r-rwol superviżorju tagħha, b'mod partikolari billi timplimenta l-korrezzjonijiet u l-irkupri finanzjarji f'livell li jikkorrispondi mal-livell tal-irregolaritajiet u tan-nuqqasijiet identifikati.*

*Il-Kummissjoni tinnota wkoll li minħabba l-karattru pluriennali tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll skont il-politika ta' Koeżjoni, żbalji li saru fl-2013 jistgħu wkoll jiġu kkoreġuti fi snin sussegwenti anki wara l-għeluq tal-programmi.*

*Il-Kummissjoni se ssegwi l-każijiet kollha rrappurtati mill-Qorti u se tiżgura li l-miżuri korrettivi jseħħu.*

([25]) Ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafi 17 u 18.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Rakkomandazzjonijiet

6.41. L-***Anness 6.2*** juri r-riżultat tal-analiżi mill-Qorti tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti. Fir-Rapporti Annwali 2010 u 2011, il-Qorti ppreżentat 15-il rakkomandazzjoni għall-koeżjoni, it-trasport u l-enerġija. Minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, il-Kummissjoni implimentat bis-sħiħ sitt rakkomandazzjonijiet, filwaqt li erbgħa ġew implimentati fil-biċċa l-kbira mill-aspetti. Il-ħames rakkomandazzjonijiet li jifdal għandhom livelli differenti ta' implimentazzjoni, skont id-DĠ involut.

6.42. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2013, il-Qorti tirrakkommanda li l-Kummissjoni:

— **Rakkomandazzjoni 1:** għandha ssegwi mal-Istati Membri d-dgħufijiet identifikati fl-awditu tematiku bbażat fuq ir-riskju tad-DĠ EMPL tal-verifikazzjonijiet tal-ġestjoni. Dan ikun jeħtieġ it-tisħiħ tal-kontrolli relatati ma' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku u ma' sorsi rilevanti oħra ta' żbalji (spejjeż mhux marbuta mal-proġett jew mingħajr ebda valur miżjud),

— **Rakkomandazzjoni 2:** tikkonferma fir-RAA tagħha li hija wettqet kontrolli xierqa biex tiżgura li r-rata tal-iżball residwu hija ibbażata fuq informazzjoni preċiża, kompleta u affidabbli dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji. Sabiex tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha titlob lill-awtoritajiet tal-awditjar biex jiċċertifikaw il-preċiżjoni tad-*data* dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji rrappurtati minn awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni għal kull PO, kull meta hija tqis li tali azzjoni hija meħtieġa,

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**6.42.** *Il-Kummissjoni ħadet azzjonijiet speċifiċi sabiex ittaffi r-riskji identifikati, li jinkludu b'mod partikolari miżuri preventivi u korrettivi, bħal gwida, taħriġ, simplifikazzjoni u politika stretta fuq l-interruzzjonijiet u s-sospensjonijiet tal-pagamenti u korrezzjonijiet finanzjarji.*

*Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u taqbel fuq l-importanza ta' kontrolli tal-"ewwel livell" imwettqa mill-Istati Membri u hija tal-fehma li dawn għandhom jissaħħu ulterjorment. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ilha tagħti linji gwida lill-Istati Membri dwar kif l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni għandhom jiddefinixxu u jimplimentaw il-verifiki ta' ġestjoni tagħhom. Barra minn hekk, nota ta' gwida komprensiva dwar il-verifiki ta' ġestjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, li hija msejsa fuq it-tagħlimiet mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013 u mis-sejbiet tal-Qorti, ġiet abbozzata u se tinħareġ fit-tieni nofs tal-2014.*

*Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u taqbel li tiżvela fir-rapporti tal-attività annwali każijiet fejn tqis li minħabba nuqqas ta' assigurazzjoni dwar l-informazzjoni rrappurtata dwar irtirar u rkupri, hija ma ħaditx din l-informazzjoni inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-kalkolu tar-riskju residwu kumulattiv.*

*Il-Kummissjoni se tkompli wkoll tieħu inkunsiderazzjoni r-riżultati tal-awditjar tal-Istati Membri f'dan il-qasam, u se tqis li titlob kontrolli addizzjonali mill-awtoritajiet tal-awditjar fejn meħtieġ.*

*Barra minn hekk, il-Kummissjoni ser iżżid il-kopertura tal-awditi tagħha dwar irkupri u rtirar fis-snin li ġejjin sabiex tikseb assigurazzjoni addizzjonali dwar il-preċiżjoni tad-dejta rrappurtata.*

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
| --- | --- |
| — **Rakkomandazzjoni 3:** għandha tiżgura li l-applikazzjoni tal-Artikoli 78 u 130 tal-RDK għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 tiġi applikata b'mod li tipprekludi l-akkumulazzjoni tal-prefinanzjament barra mill-pagament ta' prefinanzjament inizjali (ara l-eżempju fil-Kaxxa 6.4), | *Il-Kummissjoni ma taċċettax din ir-rakkomandazzjoni.*<br><br>*Filwaqt li l-Kummissjoni taqbel mal-Qorti li l-flessibbiltà fl-allokazzjoni ta' Fondi għal operazzjonijiet b'rata iktar baxxa jew ogħla mir-rata ta' kofinanzjament għall-assi prijoritarju fiss li ġiet mogħtija lill-Istati Membri fir-regolamenti 2007–2013 u 2014–2020 tista' twassal għal differenzi bejn il-kontribuzzjoni mill-Fondi mħallsa mill-Kummissjoni lill-Istat Membru u l-ammont ta' FSE rimborżat mill-Istat Membru fil-livell tal-proġett, hija tqis li din ma tistax tiġi assimilata għall-prefinanzjament.*<br><br>*Skont is-CPR għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 u għal kull talba għal pagamenti riċevuti u fl-għeluq, il-Kummissjoni tiżgura li l-FSE mħallas lill-Istat Membru fil-livell tal-assi prijoritarju mhuwiex ogħla minn kontribuzzjoni pubblika eliġibbli indikata fl-applikazzjoni għal pagament għall-prijorità (l-Artikolu 130.2 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013). Barra minn hekk, l-Art. 132.1 jistipula li l-awtoritajiet ta' ġestjoni jiżguraw li l-benefiċjarji jirċievu l-ammont totali tan-nefqa pubblika eliġibbli sħiħ u mhux aktar tard minn 90 jum mid-data ta' sottomissjoni tat-talba għall-pagament mill-benefiċjarju. Fl-aħħar, l-Istat Membru għandu jiżgura li mal-għeluq tal-programm operazzjonali, l-ammont tan-nefqa pubblika mħallsa lill-benefiċjarji huwa tal-inqas daqs il-kontribuzzjoni mill-Fondi mħallsa mill-Kummissjoni lill-Istat Membru (l-Artikolu 129 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013).* |
| — **Rakkomandazzjoni 4:** għandha tiżgura li l-awtoritajiet tal-Istati Membri inkarigati mill-immaniġġjar tal-fondi strutturali jindirizzaw il-kwistjoni dwar id-debitar tal-ispejjeż għall-persunal b'rati ogħla għal proġetti tal-UE meta mqabbla ma' dawk iffinanzjati minn fondi nazzjonali, | *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni, iżda temmen li hemm bżonn li dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati fuq bażi ta' każ b'każ. Dan il-punt diġà tqajjem f'diversi rapporti tal-awditjar maħruġa mill-Kummissjoni (id-DG tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni). Għal ċerti Stati Membri, fejn il-problema ġiet meqjusa li hija ta' natura sistemika, pjanijiet ta' azzjoni ġew mitluba li jindirizzaw b'mod speċifiku dan il-fenomenu.* |
| — **Rakkomandazzjoni 5:** tiżgura, meta tapprova l-PO għall-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid, li l-Istati Membri jkunu qiesu l-possibbiltajiet kollha ta' simplifikazzjoni permessi bir-regolamenti tal-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment 2014–2020, | *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u diġà qed tiġi implimentata. Rigward is-simplifikazzjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, il-Kummissjoni ħadet l-azzjonijiet neċessarji biex tiżgura li l-Istati Membri jimplimentaw il-miżuri rilevanti fil-programmi operazzjonali tagħhom kif previst fir-Regolamenti tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej. L-appoġġ meħtieġ jingħata lill-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li l-possibbiltajiet kollha għas-simplifikazzjoni huma kkunsidrati permezz ta' taħriġ, gwida dwar għażliet ta' spejjeż simplifikati u gruppi ta' ħidma tekniċi li jinkoraġġixxu skambju attiv tal-aħjar prattiki Madankollu tali possibbiltajiet għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' simplifikazzjoni huma wkoll riflessi fl-adozzjoni ta' Ftehimiet ta' Sħubija li biha l-Istati Membri huma meħtieġa li juru l-azzjonijiet meħtieġa biex jinkiseb tnaqqis fil-piż amministrattiv kif ukoll fil-kapaċità amministrattiva tagħhom. Nota ta' gwida dwar is-simplifikazzjoni qed titħejja wkoll sabiex tassisti lill-Istati Membri biex jgħinu b'mod sinifikanti l-opportunitajiet imsaħħa ta' simplifikazzjoni fil-perjodu ta' programmazzjoni ġdid.* |
| — **Rakkomandazzjoni 6:** tiddivulga b'mod konsistenti fir-rapport annwali tal-attività (RAA) tagħha r-raġunijiet għalfejn ma tagħmilx riżervi (jew tagħmel riżervi b'impatt finanzjarju aktar baxx) f'dawk il-każijiet fejn dan ikun dovut għal eċċezzjonijiet għal gwida jew strateġiji tal-awditjar approvati u applikabbli tal-Kummissjoni. | *Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u taqbel li tiżvela aktar dettalji fl-anness għar-rapporti ta' attività annwali għal dawk il-każijiet individwali li abbażi tal-valutazzjoni tagħha tas-sitwazzjonijiet speċifiċi, tieħu deċiżjoni motivata li ma tagħmilx riżervi jew li ma tinkludix il-kwistjoni fil-kwantifikazzjoni tar-riżerva.* |

ANNESS 6.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJIET SOĊJALI*

| | 2013 | | | 2012 | 2011 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | FSE + IPA | Kwistjonijiet soċjali oħra | Total | | | |
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | | | | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet: | 175 | 7 | **182** | 180 | 180 | 66 |
| **RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR** (1) (2) | | | | | | |
| **Proporzjon (għadd) tat-tranżazzjonijiet ittestjati li nstabu li huma:** | | | | | | |
| Ħielsa minn żball | 73 % (127) | 71 % (5) | **73 % (132)** | 65 % | 60 % | 73 % |
| Milquta minn żball wieħed jew aktar | 27 % (48) | 29 % (2) | **27 % (50)** | 35 % | 40 % | 27 % |
| **Analiżi tat-tranżazzjonijiet milquta minn żball** | | | | | | |
| **Analiżi skont it-tip ta' żball** | | | | | | |
| Kwistjonijiet oħra ta' konformità u żbalji mhux kwantifikabbli: | 42 % (20) | 0 % — | **40 % (20)** | 51 % | 58 % | 39 % |
| Żbalji kwantifikabbli: | 58 % (28) | 100 % (2) | **60 % (30)** | 49 % | 42 % | 61 % |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | | | | | |
| Rata tal-iżball l-aktar probabbli | | | **3,1 %** | 3,2 % | 2,2 % | M/A |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | | | 4,7 % | | | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | | | 1,5 % | | | |

(1) Biex jitjieb il-fehim approfondit f'oqsma bi profili ta' riskju differenti fi ħdan il-grupp tal-politika, il-kampjun inqasam f'segmenti.
(2) Iċ-ċifri kkwotati fil-parentesti jirrappreżentaw l-għadd reali tat-tranżazzjonijiet.

ANNESS 6.2

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦALL-KOEŻJONI, IT-TRASPORT U L-ENERĠIJA*

***E = DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni; R = DĠ Politika Reġjonali u Urbana, DĠ Mobbiltà u Trasport u DĠ Enerġija; X = Valutazzjoni komuni għad-DĠ kollha***

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | M/A taħt il-qafas attwali | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | f'xi aspetti | | | | |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 1** (Rakkomandazzjonijiet 1 u 3 tal-2010): teħtieġ strettament il-konformità mar-rekwiżiti tal-eliġibbiltà għall-finanzjament mill-UE u, abbażi tal-esperjenza tagħha miksuba matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, twettaq valutazzjoni tal-użu tar-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà bil-ħsieb li jiġu identifikati oqsma possibbli għal aktar simplifikazzjoni u biex jiġu eliminati sorsi potenzjali ta' żbalji għall-perjodu wara l-2013; | | E (1) | R (1) | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 2 tal-Kapitolu 6 u rakkomandazzjoni 3 tal-Kapitolu 5**: tfakkar lill-Istati Membri dwar ir-responsabbiltà tagħhom li jipprevedu proċeduri li jiżguraw il-korrettezza u r-regolarità tan-nefqa ddikjarata u tindirizza d-dgħufijiet fil-"kontrolli tal-ewwel livell" mill-awtoritajiet maniġerjali u l-korpi intermedji permezz ta' aktar miżuri ta' gwida u ta' taħriġ; | E | R (2) | | | | | |
| | Kapitolu 6, **rakkomandazzjoni 3** (Rakkomandazzjoni 2 tal-2010): tħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali biex japplikaw b'mod rigoruż il-mekkaniżmi korrettivi qabel iċ-ċertifikazzjoni tal-infiq lill-Kummissjoni (2008). Kull meta jiġu identifikati defiċjenzi sinifikanti fil-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, il-Kummissjoni għandha tinterrompi jew tissospendi l-pagamenti sakemm tkun ittieħdet azzjoni korrettiva rimedjali mill-Istat Membru u tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji jekk ikun meħtieġ; | X | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 4** (Rakkomandazzjoni 5 tal-2010): tipprovdi aktar gwida lill-AA għall-perjodu ta' programmazzjoni attwali, b'mod partikolari dwar il-kampjunar u l-ambitu tal-verifikazzjonijiet li għandhom jitwettqu għall-awditi tal-proġetti u l-kontroll tal-kwalità; tħeġġeġ lill-AA biex iwettqu awditi speċifiċi tas-sistema dwar "kontrolli tal-ewwel livell" li saru mill-awtoritajiet maniġerjali u l-korpi intermedji. | | X (3) | | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | M/A taħt il-qafas attwali | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | f'xi aspetti | | | | |
| 2011 | Kapitolu 6, **rakkomandazzjoni 5**: tivverifika b'mod rigoruż il-preċiżjoni u l-kompletezza tal-informazzjoni ddivulgata mill-AA fl-ACRs u fl-opinjonijiet tal-awditjar tagħhom. Il-verifikazzjoni mill-Kummissjoni għandha tieħu kont sħiħ tal-informazzjoni disponibbli dwar awditi tas-sistema u awditi tal-operazzjonijiet imwettqa mill-AA; | | E (4) | | | | | |
| | Kapitolu 6, **rakkomandazzjoni 6**: tħeġġeġ l-użu mill-Istati Membri tal-għażliet ta' spejjeż simplifikati permessi fir-regolamenti sabiex jitnaqqas l-ambitu għal żball. | E | | | | | | |
| | Kapitolu 5, **rakkomandazzjoni 1**: tagħmel is-sistemi ta' sanzjonijiet aktar effettivi billi żżid l-impatt tal-korrezzjonijiet finanzjarji u billi tnaqqas il-possibbiltà li l-infiq ineliġibbli jiġi sostitwit bi nfiq ieħor, kif propost mill-Kummissjoni fil-qasam tal-koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss. Għandu jkun hemm suppożizzjoni li kull irregolarità maqbuda li tkun sussegwenti għall-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali twassal għal korrezzjoni finanzjarja netta. | R | | | | | | |
| | Kapitolu 5, **rakkomandazzjoni 5**: sabiex il-proċedura għall-għeluq ta' programmi pluriennali fil-qasam tal-koeżjoni tkun aktar effiċjenti:<br>— tfakkar lill-Istati Membri biex jiżguraw li d-dikjarazzjonijiet finali ppreżentati għall-programmi 2007-2013 jkunu affidabbli,<br>— teżamina d-dgħufijiet speċifiċi identifikati mill-Qorti fid-dikjarazzjonijiet ta' stralċ għall-għeluq tal-programmi 2000-2006,<br>— tqis jekk dawn il-problemi seħħewx ukoll għal PO oħra, u tapplika korrezzjonijiet finanzjarji fejn meħtieġ,<br>— tiżgura li l-awditi tal-għeluq li għadhom għaddejjin jindirizzaw b'mod adegwat il-kwistjonijiet li tqajmu mill-Qorti. | <br>R<br>R<br>R<br>R | | | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | M/A taħt il-qafas attwali | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | f'xi aspetti | | | | |
| 2010 | Ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa fil-kuntest tar-Rapport Annwali 2010, li huma sostanzjalment simili għal dawk maħruġa fl-2011, ġew analizzati flimkien. | | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 4**: tipproponi emenda għar-Regolamenti dwar il-Fondi Strutturali għall-perjodu attwali ta' programmazzjoni, sabiex titlob lill-Istati Membri jirrappurtaw dwar l-implimentazzjoni finanzjarja tal-Istrumenti ta' Inġinerija Finanzjarja. L-implimentazzjoni tal-fondi għandha tiġi ċċekkjata wkoll mill-Kummissjoni fuq bażi regolari; | X | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 6**: tipproponi l-allinjament tal-perjodi ta' rappurtar tar-rapporti annwali ta' kontroll mas-sena finanzjarja tal-baġit tal-UE fir-regolamenti dwar il-Fondi Strutturali għall-perjodu ta' wara l-2013 u biex jiġu armonizzati l-approċċi, biex b'hekk l-opinjonijiet tal-awditjar tal-AAs ikunu jistgħu jiġu aggregati għal kull fond fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE. | | X ([5]) | | | | | |

([1]) Ma kien hemm ebda valutazzjoni sistematika tar-regoli nazzjonali ta' eliġibbiltà bil-ħsieb ta' simplifikazzjoni. Fir-rigward tad-DĠ EMPL, l-azzjoni mill-Kummissjoni essenzjalment iffukat fuq il-promozzjoni tal-użu ta' għażliet ta' spejjeż simplifikati fl-Istati Membri kollha.

([2]) Ara l-Kapitolu 5, ir-Rakkomandazzjonijiet 1 u 2.

([3]) Minkejja l-gwida ġdida lill-awtoritajiet tal-awditjar maħruġa matul is-sena 2013, il-Qorti xorta sabet xi dgħufijiet partikolari fil-gwida maħruġa mill-Kummissjoni lill-awtoritajiet tal-awditjar, jiġifieri t-trattament ta' strumenti ta' inġinerija finanzjarja u l-użu ta' kampjunar ta' unità monetarja. Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjoni biex l-AA iwettqu awditi speċifiċi tas-sistema dwar il-"kontrolli tal-ewwel livell" li saru mill-awtoritajiet tal-awditjar u l-korpi intermedji ma setgħetx tiġi ppruvata.

([4]) Il-Qorti sabet għadd limitat ta' każijiet fejn is-superviżjoni mill-Kummissjoni tax-xogħol tal-awtoritajiet tal-awditjar tista' tittejjeb (il-paragrafu 6.32).

([5]) Il-Qorti tinnota l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, inkluż l-allinjament parzjali tal-perjodi ta' rappurtar mas-sena finanzjarja tal-baġit tal-UE fil-Fondi Strutturali. Madankollu, fir-rigward tal-approċċi tal-awtoritajiet tal-awditjar, xorta nqabdu xi inkonsistenzi (il-paragrafi 5.48 u 6.32).

KAPITOLU 7

## Relazzjonijiet esterni, għajnuna u tkabbir

WERREJ


| | Paragrafu |
|---|---|
| Introduzzjoni | 7.1-7.10 |
| Karatteristiċi speċifiċi tal-grupp tal-politika | 7.2-7.9 |
| Riskji għar-regolarità | 7.5-7.9 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 7.10 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 7.11-7.18 |
| Eżaminar tas-sistemi ta' kontroll magħżula | 7.19-7.21 |
| EuropeAid | 7.19 |
| DĠ Tkabbir | 7.20 |
| Kuntratti qafas | 7.21 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 7.22-7.25 |
| lI-konklużjoni għall-2013 | 7.22-7.23 |
| Rakkomandazzjonijiet | 7.24-7.25 |

Anness 7.1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għar-relazzjonijiet esterni, l-għajnuna u t-tkabbir

Anness 7.2 — Riżultati tal-eżaminar tas-sistemi magħżula għar-relazzjonijiet esterni, l-għajnuna u t-tkabbir

Anness 7.3 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għar-relazzjonijiet esterni, l-għajnuna u t-tkabbir

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

7.1. Dan il-kapitolu jippreżenta l-valutazzjoni speċifika tar-relazzjonijiet esterni, l-għajnuna u t-tkabbir, li jinkludi l-oqsma ta' politika: "Relazzjonijiet esterni", "Żvilupp u relazzjonijiet mal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP)" ([1]), "Tkabbir" u "Għajnuna umanitarja". Informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u l-infiq fl-2013 tingħata fit-***Tabella 7.1***.

**Tabella 7.1 — Relazzjonijiet esterni, għajnuna u tkabbir — Informazzjoni ewlenija 2013**

*(EUR miljun)*

| Qasam ta' politika | Deskrizzjoni | Pagamenti |
|---|---|---|
| Relazzjonijiet esterni | Politika Ewropea tal-viċinat u relazzjonijiet mar-Russja | 1 423 |
| | Relazzjonijiet mal-Asja, l-Asja Ċentrali u l-pajjiżi tal-Lvant Nofsani | 623 |
| | Politika estera u ta' sigurtà komuni | 312 |
| | Relazzjonijiet mal-Amerika Latina | 298 |
| | Rispons għal kriżijiet u theddid globali għas-sigurtà | 264 |
| | Nefqa amministrattiva | 157 |
| | Strument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) | 136 |
| | Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil | 39 |
| | Strateġija ta' politika u koordinament | 24 |
| | Relazzjoni u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi industrijalizzati | 19 |
| | | **3 295** |
| Żvilupp u relazzjonijiet mal-AKP | Nefqa amministrattiva | 349 |
| | Kooperazzjoni ġeografika mal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) | 295 |
| | Atturi mhux Statali fl-iżvilupp | 212 |
| | Sigurtà tal-ikel | 203 |
| | Ambjent u ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluża l-enerġija | 134 |
| | Żvilupp uman u soċjali | 108 |
| | Azzjonijiet ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u programmi *ad hoc* | 30 |
| | Strateġija ta' politika u koordinament | 14 |
| | | **1 345** |

([1]) Għajnuna pprovduta permezz tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp hija rrappurtata separatament peress li ma tiġix iffinanzjata mill-baġit ġenerali.

*(EUR miljun)*

| Qasam ta’ politika | Deskrizzjoni | Pagamenti |
|---|---|---|
| Għajnuna umanitarja | Għajnuna umanitarja | 1 197 |
| | Nefqa amministrattiva | 36 |
| | Strument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili | 16 |
| | | **1 249** |
| Tkabbir | Proċess u strateġija tat-tkabbir | 833 |
| | Nefqa amministrattiva | 87 |
| | | **920** |
| | Total tal-pagamenti għas-sena | **6 809** |
| | *- total tan-nefqa amministrattiva* (1) | *629* |
| | Total tan-nefqa operazzjonali | **6 180** |
| | *- pagamenti bil-quddiem* (2) | *4 181* |
| | *+ approvazzjonijiet ta’ pagamenti bil-quddiem* (2) | *4 020* |
| | **Popolazzjoni awditjata, total** | **6 019** |
| | **Total tal-impenji għas-sena** | **9 173** |

(1) L-awditu tan-nefqa amministrattiva huwa rrappurtat fil-Kapitolu 9.
(2) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta’ bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7).

*Sors:* Il-kontijiet konsolidati 2013 tal-Unjoni Ewropea.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Karatteristiċi speċifiċi tal-grupp tal-politika

7.2. L-azzjoni esterna tal-UE hija ggwidata mill-prinċipji stipulati fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Fil-qasam tal-**kooperazzjoni għall-iżvilupp**, l-objettiv prinċipali tal-UE huwa t-tnaqqis u, fuq terminu twil, il-qerda tal-faqar ([2]). L-objettiv tat-**tkabbir** huwa li jassisti lil pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali biex jirrispettaw il-valuri tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem ([3]). L-**għajnuna umanitarja** hija maħsuba biex tipprovdi assistenza *ad hoc* u għajnuna u protezzjoni għal nies f'pajjiżi terzi li jkunu vittmi ta' diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem ([4]).

7.3. Il-finanzjament jiġi pprovdut permezz tal-programmi u l-istrumenti li ġejjin:

(a) programmi ġeografiċi, li jkopru pajjiżi tal-viċinat, pajjiżi tat-tkabbir u pajjiżi li qed jiżviluppaw (EUR 3 526 miljun);

(b) programmi tematiċi li jittrattaw is-sigurtà tal-ikel, atturi mhux statali u awtoritajiet lokali, l-ambjent, is-saħħa u l-edukazzjoni, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem (EUR 846 miljun);

(c) azzjoni tal-politika barranija taħt il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, l-Istrument għall-Istabbiltà, Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali u l-Istrument għall-Pajjiżi Industrijalizzati (EUR 595 miljun); u,

(d) għajnuna umanitarja u l-Istrument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili (EUR 1 213 miljun).

7.4. Il-baġit għar-relazzjonijiet esterni u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp ġie implimentat mid-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni – il-EuropeAid kif ukoll mis-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija – l-FPI. Il-baġit għat-tkabbir ġie implimentat mid-Direttorat Ġenerali għat-Tkabbir – id-DĠ ELARG, u l-baġit għall-għajnuna umanitarja ġie implimentat mid-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili – id-DĠ ECHO.

([2]) L-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
([3]) L-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
([4]) L-Artikolu 214 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Riskji għar-regolarità*

7.5. L-infiq kopert f'dan il-kapitolu jsir taħt firxa wiesgħa ta' strumenti ta' kooperazzjoni u ta' metodi ta' twassil, li jiġu applikati f'aktar minn 150 pajjiż. Ir-regoli u l-proċeduri spiss huma kumplessi, inklużi dawk għas-sejħiet għall-offerti u l-għoti ta' kuntratti. Il-Qorti vvalutat ir-riskju bħala għoli b'mod inerenti.

7.6. F'żewġ oqsma – appoġġ baġitarju ([5]) u kontribuzzjonijiet mill-UE għal proġetti ta' multidonaturi mwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali ([6]) bħan-Nazzjonijiet Uniti (NU) – in-natura tal-istrumenti u l-kundizzjonijiet ta' pagament jillimitaw il-punt sa fejn it-tranżazzjonijiet huma suxxettibbli għal żbalji.

7.7. L-appoġġ baġitarju jikkontribwixxi għall-baġit ġenerali ta' stat jew għall-baġit tiegħu għal politika speċifika jew għal objettiv speċifiku. Il-Qorti teżamina jekk il-Kummissjoni kkonformatx mal-kundizzjonijiet speċifiċi meta għamlet pagamenti għall-appoġġ baġitarju lill-pajjiż sieħeb ikkonċernat u jekk ivverifikatx li kien kien hemm konformità mal-kundizzjonijiet ġenerali ta' eliġibbiltà (bħall-progress fil-ġestjoni finanzjarja tas-settur pubbliku).

7.8. Madankollu, il-Kummissjoni għandha flessibbiltà konsiderevoli fit-teħid ta' deċiżjoni dwar jekk dawn il-kundizzjonijiet ġenerali ġewx issodisfati. L-awditu tar-regolarità tal-Qorti ma jistax imur lil hinn mill-istadju li fih titħallas l-għajnuna lill-pajjiż sieħeb. Il-fondi trasferiti huma mbagħad inkorporati mar-riżorsi baġitarji tal-pajjiż riċevitur. Kwalunkwe dgħufija fil-ġestjoni finanzjarja tiegħu ma tiġġenerax żbalji fl-awditu tar-regolarità tal-Qorti.

([5]) Pagamenti għall-appoġġ baġitarju li saru mill-baġit ġenerali fl-2013 ammontaw għal EUR 805 miljun.

([6]) Il-pagamenti li saru lill-organizzazzjonijiet internazzjonali mill-baġit ġenerali fl-2013 ammontaw għal EUR 1,5 biljun.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.9. Il-kontribuzzjonijiet mill-Kummissjoni għal proġetti ta' multidonaturi jinġabru flimkien ma' dawk ta' donaturi oħra u ma jiġux assenjati għal partiti identifikabbli speċifiċi tal-infiq eliġibbli. Taħt l-hekk imsejjaħ "approċċ nozzjonali" l-Kummissjoni tassumi li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma regolari dment li l-ammont miġbur flimkien ikun jinkludi nfiq eliġibbli suffiċjenti biex ikopri l-kontribuzzjoni mill-UE. Jekk donaturi oħra jsegwu l-istess approċċ u japplikaw l-istess kriterji ta' eliġibbiltà għall-kontribuzzjoni tagħhom, hemm riskju li l-infiq kumplessiv ma jissodisfax ir-rekwiżiti kkombinati tal-Kummissjoni u tad-donaturi l-oħra fir-rigward tal-kundizzjonalità.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.9.** *Il-Kummissjoni temmen li l-miżuri ta' kontroll intern stabbiliti, flimkien ma' dawk tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, jillimitaw dan ir-riskju teoretiku għal livell li huwa aċċettabbli.*

*Il-Kummissjoni mhix konxja minn xi problemi speċifiċi "bl-approċċ kunċettwali" (li ġie żviluppat fis-snin riċenti biex jippermetti lill-Kummissjoni tipparteċipa f'azzjonijiet b'bosta donaturi inkluż fondi fiduċjarji). Din l-istrateġija tiggarantixxi li r-rekwiżiti legali applikabbli għall-finanzjament tal-UE f'azzjonijiet esterni jiġu ssodisfati (billi jiġi żgurat li l-ammont ikkontribwit minn donaturi oħra jkun biżżejjed biex iħallas għal xi attività li hija ineliġibbli skont ir-regoli tal-UE) filwaqt li l-fondi tal-UE jintefqu bl-aktar mod effiċjenti (permezz ta' koordinazzjoni tad-donaturi), f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda.*

*Il-Kummissjoni tillimita dan ir-riskju billi tivvaluta l-kontabilità, l-awditjar, il-kontroll intern, l-akkwist, il-pubblikazzjoni ex post ta' informazzjoni u l-protezzjoni ta' proceduri tad-dejta personali tal-organizzazzjonijiet internazzjonali sħab qabel ma ssir xi ħidma konġunta, il-preżenza tal-persunal tagħha fuq il-post (u l-parteċipazzjoni fi gruppi ta' tmexxija) u r-rappurtar finanzjarju globali rigoruż meħtieġ mill-organizzazzjoni internazzjonali. Barra minn hekk, matul l-implimentazzjoni tal-programmi tal-azzjonijiet esterni, is-sistemi huma riveduti regolarment permezz tat-twettiq ta' missjonijiet ta' verifika mwettqa minn awdituri esterni.*

*L-awditjar imwettaq mill-Kummissjoni sa issa għadu ma evidenzja l-ebda "riskji speċifiċi" ta' dan it-tip, u l-Kummissjoni lanqas ma taf li jeżistu donaturi oħra bl-"istess kriterji ta' eliġibbiltà".*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

7.10. L-***Anness 1.1***, il-***parti 2***, tal-Kapitolu 1 jiddeskrivi l-approċċ u l-metodoloġija ġenerali tal-awditjar tal-Qorti. Għall-awditjar tar-relazzjonijiet esterni, l-għajnuna u t-tkabbir, għand-hom jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin:

(a) l-awditu kien jinvolvi l-eżaminar ta' kampjun ta' 172 tranżazzjoni kif definit fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7. Il-kampjun huwa mfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa sħiħa ta' tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp tal-politika. Fl-2013, il-kampjun kien jikkonsisti f'60 tranżazzjoni approvata mill-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni u 112-il tranżazzjoni approvata mid-delegazzjonijiet tal-UE ([7]);

(b) fejn inqabdu żbalji, is-sistemi ta' kontroll rilevanti ġew analizzati biex jiġu identifikati d-dgħufijiet speċifiċi tas-sistemi involuti;

(c) il-valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll eżaminat il-kontrolli *ex-ante*, il-monitoraġġ u s-superviżjoni, u l-awditjar intern tal-EuropeAid;

(d) il-Qorti analizzat għażla ta' kuntratti qafas imnedija mis-servizzi tal-Kummissjoni;

(e) il-Qorti analizzat ir-rapporti annwali tal-attività tal-FPI u tal-EuropeAid; u

(f) eżaminat jekk il-Kummissjoni kinitx segwiet ir-rakkomandazzjonijiet li kienu saru fir-Rapporti Annwali 2010 u 2011 tagħha (ara l-***Anness 7.3***).

## REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

7.11. L-***Anness 7.1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-172 tranżazzjoni awditjata mill-Qorti, 50 (29 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tat-30 żball li kkwantifikat, il-Qorti tistma li r-rata tal-iżball l-aktar probabbli hija ta' 2,6 % ([8]).

([7]) Fil-Bosnja-Ħerzegovina, fil-Kambodja, fil-Moldova, fil-Palestina, fil-Perù, fit-Tuneżija u fit-Turkija, li l-awdituri żaru; l-Afganistan, il-Bangladexx u l-Iraq ġew eżaminati permezz ta' analiżi fl-uffiċċju.

([8]) Il-Qorti tikkalkula l-istima tagħha tar-rata ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Il-Qorti hija 95 % fiduċjuża li r-rata ta' żball fil-popolazzjoni tinsab bejn 1,2 % u 4,0 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 7.12. Minn 172 pagament u approvazzjoni, 30 kienu milquta minn żbalji kwantifikabbli. Minn dawn, 20 instabu f'pagamenti u approvazzjonijiet finali. Dawn l-iżbalji kwantifikabbli kollha seħħew fi tranżazzjonijiet li fil-prinċipju kienu ġew suġġetti għall-kontrolli mill-Kummissjoni; l-ebda wieħed minnhom ma kien ġie pprevenut jew maqbud. F'żewġ tranżazzjonijiet, il-Qorti sabet żbalji li ma kinux inqabdu mill-awdituri maħtura mill-benefiċjarji. | **7.12.** *Risposta komuni għal paragrafi 7.12 sa 7.15.*<br>*Il-kontrolli tal-Kummissjoni huma mfassla b'tali mod li l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbalji, permezz tal-awditjar ex post – wara l-ħlasijiet finali – jibqgħu possibbli. Programm estensiv ta' awditi ex post huwa ppjanat u implimentat mid-Direttorati Ġenerali tal-għajnuna esterna fuq bażi annwali, fuq il-bażi ta' proċess formali ta' valutazzjoni tar-riskju.* |
| 7.13. Il-***Graff 7.1*** tagħti ħarsa ġenerali lejn in-natura tal-iżbalji u l-kontribut tagħhom għar-rata kumplessiva ta' żball stmata, skont it-tip, għall-grupp tal-politika. | |

**Graff 7.1 — Kontribut skont it-tip ta' żball għar-rata tal-iżball l-aktar probabbli**




| | |
|---|---|
| 7.14. Il-kategorija ta' żball, *infiq ineliġibbli* (14-il tranżazzjoni), tinkludi nfiq relatat ma' attivitajiet li ma kinux koperti mill-kuntratt jew imġarrba barra mill-perjodu ta' eliġibbiltà, taxxi ineliġibbli u spejjeż indiretti ddebitati b'mod żbaljat bħala spejjeż diretti. Fi tliet każijiet oħra, il-Kummissjoni aċċettat (u approvat) b'mod skorrett infiq għal servizzi, xogħlijiet u provvisti li ma kienx iġġarrab fil-mument li fih il-Kummissjoni aċċettatu. Eżempji ta' żbalji jingħataw hawn taħt (ara l-eżempju fil-Kaxxa 7.1). | |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 7.1 — Eżempji ta' żbalji kwantifikabbli**

Infiq ineliġibbli

*DĠ ECHO*

Il-Kummissjoni ffirmat ftehim ta' għotja ma' NGO Ġermaniża għal ammont ta' EUR 750 000 għat-twettiq ta' proġett ta' għajnuna umanitarja relatat mal-kura tas-saħħa għal persuni vulnerabbli fin-Niġer matul l-2011/2012. L-NGO ddebitat EUR 12 800 f'imposti tas-sigurtà soċjali u taxxi għall-proġett, li l-Kummissjoni ma kienx imissha rrimborżat peress li l-ispejjeż ma kinux relatati mal-proġett iffinanzjat mill-UE.

Infiq mhux imġarrab

*EuropeAid – Il-Moldova*

Il-Kummissjoni ffirmat ftehim ta' kontribuzzjoni mal-programm ta' żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti għal ammont ta' EUR 10,6 miljun li minnhom EUR 9,5 miljun ġew iffinanzjati mill-UE sabiex jitrawwem l-iżvilupp ekonomiku u soċjali fil-Moldova.

Fl-2013, il-Kummissjoni aċċettat b'mod skorrett infiq li ammonta għal EUR 1,8 miljun li kien jikkonċerna kuntratti ffirmati mill-organizzazzjoni iżda li għalihom ma kien iġġarrab l-ebda nfiq.

7.15. Mit-30 żball kwantifikabbli, 4 kienu relatati ma' proċeduri irregolari ta' akkwist jew tal-ikkuntrattar, li twettqu mill-Kummissjoni nfisha (każ wieħed) jew mill-benefiċjarji tal-għotjiet (tliet każijiet) (ara l-eżempju fil-Kaxxa 7.2).

**Kaxxa 7.2 — Proċedura irregolari tal-ikkuntrattar**

EuropeAid — It-Tuneżija

Il-Kummissjoni ffirmat kuntratt ta' servizzi li ammonta għal EUR 98 000 ma' espert legali Franċiż għat-twettiq ta' servizzi ta' konsulenza fit-Tuneżija. Fil-fatt, il-kuntratt kien estensjoni għal kuntratt eżistenti ta' servizzi. L-estensjoni saret bi ksur tar-Regolament Finanzjarju u għalhekk kienet irregolari.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 7.1 — Eżempji ta' żbalji kwantifikabbli***

*Il-Kummissjoni tenfasizza l-fatt li kontrolli ex ante mwettqa qabel kull ħlas għandhom jitqiesu fil-kuntest tas-sistema ġenerali ta' kontroll. Is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll fis-seħħ xorta setgħu jikxfu l-iżbalji permezz tal-implimentazzjoni ta' kontrolli ex post, billi l-azzjoni awditjata mill-Qorti ma ġietx awditjata wara l-aħħar passi tal-katina ta' kontroll tal-Kummissjoni.*

*Madankollu, il-Kummissjoni fakkret lis-Sieħeb dwar id-dmirijiet kuntrattwali tiegħu u b'mod partikolari dwar il-ħtieġa li jkompli jtejjeb is-sistemi ta' kontroll intern tiegħu.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

7.16. Għal disa' tranżazzjonijiet relatati mal-programm nazzjonali għal qabel l-adeżjoni, il-Kummissjoni, fuq l-inizjattiva proprja tagħha, ivvalidat (jiġifieri approvat ([9])) infiq ta' EUR 150 miljun b'kollox fin-nuqqas ta' dokumentazzjoni ta' sostenn, li kienet tippermettilha tikkonferma li l-ispejjeż kienu fil-fatt iġġarrbu, li dawn intwerew b'mod preċiż fl-ammonti aċċettati u li kienu eliġibbli. L-ammonti approvati kienu bbażati fuq l-istimi proprji tal-Kummissjoni aktar milli fuq spejjeż imġarrba, imħallsa u aċċettati li jikkorrispondu għall-ispejjeż reali evidenzjati minn dokumenti ta' sostenn. Minbarra d-disa' tranżazzjonijiet ikkampjunati, il-Qorti sabet tranżazzjonijiet oħra milquta mill-istess żball sistemiku. Wara l-awditu tal-Qorti, il-Kummissjoni rrikonoxxiet l-iżball fl-approvazzjoni identifikat mill-Qorti u pproċediet bil-korrezzjonijiet kontabilistiċi għat-tranżazzjonijiet ikkonċernati. Il-Kummissjoni qablet ukoll li temenda l-proċedura ta' approvazzjoni tagħha kif meħtieġ.

7.17. Mill-172 tranżazzjoni, 20 kienu milquta minn 30 żball mhux kwantifikabbli relatati ma' nuqqas ta' konformità ma' obbligi legali jew kuntrattwali.

7.18. L-20 tranżazzjoni ta' appoġġ baġitarju eżaminata kienu ħielsa minn żball regolatorju. Waħda mit-tranżazzjonijiet kienet tikkonċerna l-pagament ta' EUR 15-il miljun li sar mill-Kummissjoni f'Novembru 2013 u li jikkorrispondi għall-ewwel segment fiss ta' appoġġ baġitarju ta' EUR 35 miljun għall-"Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-politika ambjentali nazzjonali tal-Ukraina". Dan il-pagament ġie awtorizzat mill-Kummissjoni fuq il-bażi li kemm il-kundizzjonijiet ġenerali kif ukoll dawk speċifiċi ġew issodisfati. B'mod konkret, dan ifisser li, għal tnejn mill-kundizzjonijiet ġenerali, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Gvern tal-Ukraina kien qed jiżgura l-istabbiltà makroekonomika tal-pajjiż kif ukoll l-affidabbiltà u t-trasparenza tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi (ukoll jekk xi indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin kellhom valuri baxxi ħafna). Dan l-eżempju juri r-riskji kif deskritt fil-paragrafi 7.7 u 7.8.

## EŻAMINAR TAS-SISTEMI TA' KONTROLL MAGĦŻULA

### EuropeAid

7.19. L-***Anness 7.2*** fih sommarju tar-riżultati tas-sistemi tal-EuropeAid li ġew eżaminati mill-Qorti. Ir-riżultati dettaljati tal-valutazzjoni tas-sistemi tal-EuropeAid, inkluż l-istudju mwettaq mill-EuropeAid dwar ir-rata tal-iżball residwu huma ppreżentati fir-Rapport Annwali tal-Qorti dwar it-8, id-9 u l-10 Fondi Ewropej għall-Iżvilupp, il-paragrafi 33–45.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.16.** *Il-Kummissjoni taqbel li l-proċeduri tagħha ma kinux segwiti dwar dan l-ikklerjar li sar biss għal finijiet ta' kontabilità u ta' ġestjoni interna u huwa separat minn proċeduri formali għall-aċċettazzjoni tan-nefqa ddikjarata. Il-Kummissjoni taċċetta li dan il-metodu tal-kontabilità irid jinbidel u diġà kienet invertiet l-ikklerjar inkwistjoni. Id-DĠ ELARG se jistabbilixxi proċedura ta' approvazzjoni ġdida. It-twassil tal-assistenza ta' qabel l-adeżjoni jinkludi verifika u monitoraġġ stretti ta' sistemi u proċeduri qabel kwalunkwe prefinanzjament li jitħallas. Kull programm se jibqa' għaddej għal għadd ta' snin u huwa biss fi tmiem l-implimentazzjoni ta' kull programm li jkun possibbli li jiġu vvalutati l-ispejjeż reali u s-suċċess tal-proġett innifsu.*

**7.18.** *Il-Kummissjoni bi pjaċir tinnota li t-tranżazzjonijiet ta' Appoġġ Baġitarju huma ħielsa mill-iżbalji.*

([9]) L-approvazzjoni tal-prefinanzjamenti għandha sseħħ abbażi ta' informazzjoni verifikabbli mingħand ir-riċevituri, skont il-proċedura stipulata fir-Regolament Finanzjarju u r-regoli ta' applikazzjoni tiegħu.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## DĠ Tkabbir

7.20. Fid-dikjarazzjoni ta' aċċertament tiegħu għas-sena 2013, id-Direttur Ġenerali għat-Tkabbir iddikjara li kellu aċċertament raġonevoli li l-proċeduri ta' kontroll stabbiliti kienu jipprovdu l-garanziji meħtieġa fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u li l-informazzjoni pprovduta fir-rapport kienet affidabbli, kompleta u korretta. Madankollu, kif deskritt fil-paragrafu 7.16, il-Qorti sabet li l-infiq irreġistrat mid-DĠ ELARG kien ibbażat fuq l-istimi proprji tagħhom aktar milli fuq spejjeż imġarrba, imħallsa u aċċettati, li kienu jikkorrispondu għall-ispejjeż reali evidenzjati minn dokumenti ta' sostenn. Peress li l-ammont f'riskju huwa ta' EUR 150 miljun, id-Direttur Ġenerali kien imissu għamel riżerva.

## Kuntratti qafas

7.21. Il-Qorti wettqet analiżi tal-kuntratti qafas li ngħataw permezz ta' sejħa għall-offerti mit-tliet DĠ u mis-servizz (FPI) relatati mal-grupp tal-politika. L-analiżi ma identifikatx żbalji jew dgħufijiet fis-sistemi.

## KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

## Il-konklużjoni għall-2013

7.22. Għal dan il-grupp tal-politika:

(a) l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jindika li r-rata tal-iżball l-aktar probabbli preżenti fil-popolazzjoni hija ta' 2,6 %,

(b) hemm żball sistemiku fl-approvazzjoni tal-infiq mid-DĠ ELARG li jirrappreżenta EUR 150 miljun; u

(c) is-sistemi eżaminati fil-EuropeAid huma vvalutati bħala parzjalment effettivi ([10]).

7.23. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li l-infiq aċċettat huwa milqut minn livell materjali ta' żball.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**7.20.** *Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għal 7.16.*

*Il-Kummissjoni tqis li d-Direttur Ġenerali għat-Tkabbir ma kienx meħtieġ li jagħmel riżerva. It-tranżazzjonijiet ikkonċernati kollha ġew invertiti qabel ma ġew stabbiliti l-kontijiet finali.*

**7.22.**

**(c)** *Il-Kummissjoni tinnota li r-rata ta' żbalji għat-tranżazzjonijiet ġestiti mill-EuropeAid hija aktar baxxa minn dik tal-2012.*

([10]) Il-konklużjoni dwar is-sistemi hija limitata għas-sistemi magħżula għall-eżaminar kif definit fl-ambitu tal-awditjar fil-paragrafu 7.10.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Rakkomandazzjonijiet

7.24. L-***Anness 7.3*** juri r-riżultat tal-analiżi mill-Qorti tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti. Fir-Rapporti Annwali 2010 u 2011, il-Qorti ppreżentat 11-il rakkomandazzjoni. Minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, il-Kummissjoni implimentat bis-sħiħ tmien rakkomandazzjonijiet, filwaqt li tnejn ġew implimentati fil-biċċa l-kbira mill-aspetti, u waħda ġiet implimentata f'xi aspetti.

7.25. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2013, il-Qorti tirrakkomanda li:

— **Rakkomandazzjoni 1:** il-Kummissjoni, u b'mod partikolari d-DĠ ELARG, jiżguraw li l-istruzzjonijiet lill-persunal jiddikjaraw li l-approvazzjonijiet għandhom isiru biss abbażi ta' nfiq imġarrab u ma għandhomx ikunu bbażati fuq l-istimi proprji tagħhom,

— **Rakkomandazzjoni 2:** l-FPI jakkredita l-missjonijiet kollha tal-PESK skont il-"valutazzjoni fuq sitt pilastri" ([11]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni u tenfasizza li r-regoli tal-kontabilità u l-gwida eżistenti diġà kkomunikati lid-DĠs jiċċaraw it-trattament korrett li għandu jiġi segwit għal approvazzjonijiet. Id-DĠ ELARG se jistabbilixxi proċedura ta' approvazzjoni ġdida. Ir-rikonoxximent tal-ispejjeż se jkompli jkun ibbażat fuq il-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet.*

*Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. It-titjib ġie innutat mill-awdituri kif speċifikat fl-Anness 7.3. L-FPI ntrabat li jimmira għal konformità progressiva tal-missjonijiet, billi jibda mill-akbar. Dak l-għan għadu qed jiġi implimentat iżda l-FPI jqis li r-riskji minħabba nuqqas ta' konformità ttaffew. L-akbar 4 missjonijiet li jew huma konformi jew dalwaqt ikunu konformi fil-futur qrib jikkostitwixxu aktar minn 80 % tal-baġit tal-PESK ġestit mill-missjonijiet. Hemm ukoll kwistjoni ta' kosteffettività biex il-missjonijiet isiru konformi meta ħafna jista' jkollhom tul ta' ħajja limitat. Il-missjonijiet il-ġodda tal-PESK bħala definizzjoni ma jistgħux ikunu konformi mal-ewwel peress li dawn jeħtieġu ż-żmien biex jistabbilixxu s-sistemi tagħhom. Meta l-missjonijiet ma jkunux konformi, l-FPI ma jiddelegax ġestjoni finanzjarja sħiħa iżda jżomm kontrolli ta' mitigazzjoni. Dan issa huwa kompletament rikonoxxut mir-Regolament Finanzjarju (Artikolu 60(2)).*

([11]) Ara l-***Anness 7.3***.

ANNESS 7.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦAR-RELAZZJONIJIET ESTERNI, L-GĦAJNUNA U T-TKABBIR*

| | 2013 | | | | | | | | | | 2012 | 2011 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | EuropeAid ([3]) | | FPI | | ELARG | | ECHO | | Total | | | | |
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | | | | | | | | | | | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet: | 115 | | 9 | | 18 | | 30 | | **172** | | 174 | 120 | 90 |
| **RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR ([1]) ([2])** | | | | | | | | | | | | | |
| **Proporzjon (għadd) tat-tranżazzjonijiet ittestjati li nstabu li huma:** | | | | | | | | | | | | | |
| Ħielsa minn żball | 77 % | (88) | 78 % | (7) | 50 % | (9) | 60 % | (18) | **71 %** | **(122)** | 77 % | 59 % | 62 % |
| Milquta minn żball wieħed jew aktar | 23 % | (27) | 22 % | (2) | 50 % | (9) | 40 % | (12) | **29 %** | **(50)** | 23 % | 41 % | 38 % |
| **Analiżi tat-tranżazzjonijiet milquta minn żball** | | | | | | | | | | | | | |
| **Analiżi skont it-tip ta' żball** | | | | | | | | | | | | | |
| Kwistjonijiet oħra ta' konformità u żbalji mhux kwantifikabbli: | 22 % | (6) | 100 % | (2) | 100 % | (9) | 25 % | (3) | **40 %** | **(20)** | 25 % | 55 % | 47 % |
| Żbalji kwantifikabbli: | 78 % | (21) | 0 % | (0) | 0 % | (0) | 75 % | (9) | **60 %** | **(30)** | 75 % | 45 % | 53 % |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | | | | | | | | | | | | |
| Rata tal-iżball l-aktar probabbli | | | | | | | | | **2,6 %** | | 3,3 % | M/A | M/A |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | | | | | | | | | 4,0 % | | | | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | | | | | | | | | 1,2 % | | | | |

([1]) Biex jitjieb il-fehim approfondit f'oqsma bi profili ta' riskju differenti fi ħdan il-grupp tal-politika, il-kampjun inqasam f'segmenti.
([2]) Iċ-ċifri kkwotati fil-parentesi jirrappreżentaw l-għadd reali tat-tranżazzjonijiet.
([3]) Jinkludi żewġ tranżazzjonijiet mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura.

## ANNESS 7.2

### *RIŻULTATI TAL-EŻAMINAR TAS-SISTEMI MAGĦŻULA GĦAR-RELAZZJONIJIET ESTERNI, L-GĦAJNUNA U T-TKABBIR*

**Valutazzjoni tas-sistema eżaminata**

| Sistema kkonċernata | Kontrolli *ex-ante* | Monitoraġġ u superviżjoni | Awditu intern | Valutazzjoni kumplessiva |
|---|---|---|---|---|
| **EuropeAid** | Parzjalment effettivi | Parzjalment effettivi | Parzjalment effettivi | **Parzjalment effettivi** |

ANNESS 7.3

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦAR-RELAZZJONIJIET ESTERNI, L-GĦAJNUNA U T-TKABBIR*

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | M/A taħt il-qafas attwali | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 1:** Il-EuropeAid, id-DĠ ECHO u l-FPI jtejbu s-superviżjoni ta' kuntratti ta' għotjiet, filwaqt li jagħmlu użu aħjar minn żjarat fuq il-post biex jipprevienu u jaqbdu nfiq ineliġibbli ddikjarat u/jew iżidu l-kopertura tal-awditi kkuntrattati mill-Kummissjoni. | | X | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 2.1:** L-FPI għandu jiżgura li l-Kapaċità tal-Awditjar Intern issir operazzjonali. | X | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 2.2:** L-FPI għandu jindika b'mod espliċitu l-kriterji użati għall-valutazzjonijiet tar-riskju meta jkun qed jagħżel il-kuntratti li jridu jiġu awditjati taħt l-IfS u l-PESK. | X | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 2.3:** L-FPI għandu jiżgura li l-missjonijiet kollha tal-PESK jiġu akkreditati skont il-"valutazzjonijiet fuq sitt pilastri". | | | X | | | | *Ara t-tweġiba tal-Kummissjoni għar-Rakkomandazzjoni 2.* |
| | **Rakkomandazzjoni 2.4:** L-FPI għandu jaċċellera l-għeluq ta' kuntratti antiki tal-PESK. (segwitu/aġġornament fl-2011 ta' rakkomandazzjoni tal-2009). | | X | | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | M/A taħt il-qafas attwali | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2010 | **Rakkomandazzjoni 3:** Id-DĠ ELARG għandu jistipula f'aktar dettall il-kriterji għat-tneħħija tal-kontroll *ex-ante* u u s-sospensjoni tal-"konferiment ta' ġestjoni" lil pajjiżi deċentralizzati u jittestja l-prestazzjoni tas-sistemi użati mill-awtoritajiet nazzjonali (segwitu/aġġornament fl-2011 ta' rakkomandazzjoni tal-2009). | X | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 4:** Id-DĠ ELARG għandu jkompli jtejjeb il-kwalità tad-*data* mdaħħla fis-sistema ta' informazzjoni għall-ġestjoni tiegħu. (segwitu/aġġornament fl-2010 ta' rakkomandazzjoni tal-2009). | X | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 5:** Id-DĠ ELARG għandu jiżviluppa għodda biex jiffaċilita l-konsolidament tar-riżultati taż-żjarat tal-awditjar relatati ma' kwistjonijiet ta' legalità u regolarità. (segwitu/aġġornament fl-2010 ta' rakkomandazzjoni tal-2009). | X | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 6:** Id-DĠ ELARG għandu jżid l-għadd ta' analiżijiet *ex post* ta' tranżazzjonijiet għal ġestjoni ċentralizzata. | X | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 7:** Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi metodoloġija koerenti għall-kalkolu tar-rata tal-iżball residwu mid-direttorat għar-relazzjonijiet esterni li abbażi tagħha d-diretturi ġenerali jwasslu r-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment tagħhom. | X | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 8:** Id-DĠ ECHO għandu jfassal u jintroduċi mekkaniżmu għall-ġbir u l-analiżi tad-*data* dwar l-użu ta' "Ċentri ta' Akkwist Umanitarju" mis-sħab tiegħu (segwitu/aġġornament fl-2010 ta' rakkomandazzjoni tal-2009). | X | | | | | | |

KAPITOLU 8

## Riċerka u politiki interni oħra

WERREJ


| | *Paragrafu* |
|---|---|
| Introduzzjoni | 8.1-8.5 |
| Karatteristiċi speċifiċi tal-grupp tal-politika | 8.2-8.4 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 8.5 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 8.6-8.16 |
| L-infiq għar-riċerka huwa milqut mill-istess tip u firxa ta' żbalji bħal qabel | 8.8-8.12 |
| Żieda fl-iżbalji fil-qasam ta' politika tal-edukazzjoni u l-kultura | 8.13 |
| Nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għar-rata ta' żball fl-2013 | 8.14-8.15 |
| Spejjeż ineliġibbli jistgħu jillimitaw il-valur miżjud tal-UE | 8.16 |
| Eżaminar tas-sistemi ta' kontroll magħżula | 8.17-8.32 |
| Iċ-ċertifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż ma teliminax l-iżbalji kollha | 8.18-8.20 |
| Kontrolli qabel l-awtorizzazzjoni ta' pagamenti milquta minn dgħufijiet | 8.21-8.24 |
| Awditi ta' benefiċjarji affettwati minn dewmien f'xi Direttorati Ġenerali | 8.25-8.30 |
| Analiżi ta' rapporti annwali tal-attività magħżula tal-Kummissjoni | 8.31-8.32 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 8.33-8.36 |
| Il-konklużjoni għall-2013 | 8.33-8.34 |
| Rakkomandazzjonijiet | 8.35-8.36 |
| Riżultati tal-awditu tal-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni għall-2013 | 8.37-8.40 |

Anness 8.1 – Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għar-riċerka u politiki interni oħra

Anness 8.2 – Riżultati tal-eżaminar tas-sistemi magħżula għar-riċerka u politiki interni oħra

Anness 8.3 – Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għar-riċerka u politiki interni oħra

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

8.1. Dan il-kapitolu jippreżenta l-valutazzjoni speċifika tar-riċerka u politiki interni oħra, li jinkludi l-oqsma ta' politika "Riċerka", "Edukazzjoni u kultura", "Netwerks tal-komunikazzjonijiet, kontenut u teknoloġija", "Intrapriża", "Affarijiet interni", "Riċerka diretta", "Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji", "Komunikazzjoni", "Ġustizzja", "Suq intern", "Kummerċ" u "Kompetizzjoni'." Huwa jirrapporta wkoll dwar l-awditu rikorrenti mill-Qorti tal-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni. Informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u l-infiq fl-2013 tingħata fil-***Graff 8.1***.

## Karatteristiċi speċifiċi tal-grupp tal-politika

8.2. L-infiq ikopri firxa wiesgħa ta' objettivi tal-politika, bħar-riċerka u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni, is-sigurtà, il-migrazzjoni u miżuri għall-ġlieda kontra l-effetti tal-kriżi finanzjarja.

8.3. Kważi 90 % tal-infiq huwa f'forma ta' għotjiet lill-benefiċjarji li jipparteċipaw fil-proġetti. Infiq ieħor jinkludi, pereżempju, appoġġ għal strumenti finanzjarji mmaniġġjati mill-Bank Ewropew tal-Investiment u kontribuzzjonijiet għal programmi mmaniġġjati mill-Istati Membri, bħall-Fond għall-Fruntieri Esterni.

8.4. Minbarra pagamenti ta' prefinanzjament, li jitħallsu mal-iffirmar ta' ftehim ta' għotja jew ta' deċiżjoni ta' finanzjament, il-pagament ta' fondi tal-UE jirrimborża l-ispejjeż iddikjarati mill-benefiċjarji fid-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż ta' programmi jew ta' proġetti. Ir-riskju prinċipali għar-regolarità huwa li l-benefiċjarji jinkludu spejjeż ineliġibbli jew mhux sostanzjati fid-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tagħhom, li la jinqabdu u lanqas ma jiġu kkoreġuti mis-sistemi ta' kontroll tal-Kummissjoni jew tal-Istati Membri.

## Graff 8.1 – Riċerka u politiki interni oħra – Informazzjoni ewlenija 2013




| | |
|---|---|
| Total tal-pagamenti għas-sena kif inkluż fil-graff ta' hawn fuq | **14 793** |
| - *total tan-nefqa amministrattiva* (1) | *1 637* |
| Total tan-nefqa operazzjonali | **13 156** |
| - *pagamenti bil-quddiem* (2) | *8 823* |
| + *approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem* (2) | *6 098* |
| **Popolazzjoni awditjata, total** | **10 431** |
| **Total tal-impenji għas-sena** | **17 812** |

(1) L-awditu tan-nefqa amministrattiva huwa rrappurtat fil-Kapitolu 9.
(2) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7).

*Sors*: Il-kontijiet konsolidati 2013 tal-Unjoni Ewropea.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

8.5. L-***Anness 1.1,*** il-***parti 2***, tal-Kapitolu 1 jiddeskrivi l-approċċ u l-metodoloġija kumplessivi tal-awditjar tal-Qorti. Għall-awditu tar-riċerka u politiki interni oħra, għandhom jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin:

(a) l-awditu kien jinvolvi l-eżaminar ta' kampjun ta' 150 tranżazzjoni kif definit fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7. Il-kampjun huwa mfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa sħiħa ta' tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp tal-politika. Fl-2013 il-kampjun kien jikkonsisti f'89 tranżazzjoni relatata mar-riċerka (86 għas-Seba' Programm Kwadru (FP7) u 3 għas-Sitt Programm Kwadru (FP6)), 25 tranżazzjoni għall-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja (LLP) u dak ta' Żgħażagħ fl-Azzjoni (YiA) u 36 tranżazzjoni għal programmi oħra;

(b) il-valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll eżaminat is-Seba' Programm Kwadru (FP7) li għandu tliet elementi prinċipali ta' kontroll:

— ċertifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet mill-benefiċjarji tal-ispejjeż ta' proġetti minn awdituri indipendenti qabel il-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet lill-Kummissjoni,

— kontrolli tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż ippreżentati u rapporti ta' progress tal-proġetti mill-Kummissjoni qabel l-awtorizzazzjoni ta' pagamenti,

— awditi mill-Kummissjoni ta' kampjun tal-benefiċjarji u l-irkupru ta' kwalunkwe ammont ineliġibbli rimborżat li jinqabad mill-awditi;

(c) il-Qorti analizzat ir-Rapporti Annwali tal-Attività 2013 tad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (DĠ RTD), id-Direttorat Ġenerali għan-Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija (DĠ CONNECT), id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura (DĠ EAC) u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

8.6. L-***Anness 8.1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-150 tranżazzjoni awditjata mill-Qorti, 76 (51 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tal-54 żball li kkwantifikat, il-Qorti tistma li r-rata tal-iżball l-aktar probabbli hija ta' 4,6 % ([1]).

8.7. It-tipi l-aktar komuni ta' żball huma spejjeż għall-persunal li jiġu kkalkulati b'mod skorrett; spejjeż diretti ineliġibbli oħra bħal spejjeż mhux sostanzjati għal vjaġġar jew għal tagħmir; u spejjeż indiretti li jkunu bbażati fuq rati żbaljati ta' spejjeż ġenerali jew li jkunu jinkludu kategoriji ta' spejjeż ineliġibbli mhux marbuta mal-proġett. Barra minn hekk, nuqqasijiet mill-benefiċjarji li jikkonformaw mar-regoli tal-akkwist pubbliku, li qabel ma kinux sors importanti ta' żball f'dan il-grupp tal-politika, ikkontribwixxew b'mod sinifikanti għar-rata ta' żball fl-2013 (ara l-***Graff 8.2***).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**8.6.** *Il-Kummissjoni tqis li r-rata tal-iżbalji identifikati mill-Qorti huwa indikatur wieħed tal-effikaċja tal-implimentazzjoni tan-nefqa tal-UE. Huwa importanti wkoll li jitqiesu r-riżultati tal-istrateġija ta' kontroll multiannwali tagħha. Fuq din il-bażi s-servizzi tagħha jikkalkulaw rata ta' erruri residwi, li tqis l-irkupri, il-korrezzjonijiet u l-effetti tal-kontrolli u l-verifiki kollha tagħhom matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-programm. Il-kalkolu ta' erruri residwi fi tmiem l-2013 kien madwar 3 % għall-familja tar-riċerka, 0.95 % għall-programmi tal-LLP u YiA ġestiti permezz tal-Aġenziji Nazzjonali, u inqas minn 2 % għall-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni.*

**Graff 8.2 – Kontribut skont it-tip ta' żball għar-rata tal-iżball l-aktar probabbli**




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

([1]) Il-Qorti tikkalkula l-istima tagħha tar-rata ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Il-Qorti hija 95 % fiduċjuża li r-rata ta' żball fil-popolazzjoni tinsab bejn 2,6 % u 6,6 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

## L-infiq għar-riċerka huwa milqut mill-istess tip u firxa ta' żbalji bħal qabel

8.8. Fir-rigward tal-infiq għar-riċerka, il-Qorti sabet tip u firxa simili ta' żbalji bħal dawk għas-snin preċedenti. Il-Kummissjoni ssib dawn it-tipi ta' żball b'firxa u frekwenza kumparabbli fl-awditi proprji tagħha.

8.9. Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, l-iżbalji jirriżultaw peress li benefiċjarji jikkalkulaw b'mod skorrett l-ammont ta' spejjeż eliġibbli li jistgħu jiġu ddebitati għall-proġett jew jiddikjaraw spejjeż li ma jkunux relatati mal-proġett jew li ma jkunux jistgħu jiġu sostanzjati. L-ispejjeż għall-persunal ta' spiss jiġu ddikjarati b'mod eċċessiv peress li l-benefiċjarji jiddikjaraw spejjeż ibbaġitjati aktar milli spejjeż reali jew peress li r-rati ta' ħlas fis-siegħa jkunu skorretti jew jiġu ddebitati spejjeż għal ħin li ma jkunx tqatta' fuq il-proġett. Għal spejjeż diretti oħra, il-benefiċjarji li jwettqu żbalji spiss jikkalkulaw l-ispejjeż eliġibbli b'mod skorrett (pereżempju, jiddikjaraw b'mod eċċessiv l-ispejjeż ta' deprezzament ta' tagħmir użat fuq il-proġett) jew jiddikjaraw it-taxxi indiretti bħala spejjeż eliġibbli. L-ispejjeż indiretti spiss jiġu ddikjarati b'mod eċċessiv peress li l-benefiċjarji jinkludu imposti mhux relatati ma' attività tar-riċerka, bħal spejjeż ta' kummerċjalizzazzjoni jew spejjeż ta' distribuzzjoni (ara l-eżempju fil-Kaxxa 8.1).

**8.9.** *Il-Kummissjoni tirrikonoxxi t-tip u l-firxa tal-iżbalji identifikati mill-Qorti.*

**Kaxxa 8.1 – Żbalji fl-ispejjeż iddikjarati għal proġett ta' finanzjament tar-riċerka Ewropea (FP7)**

Benefiċjarju involut fi proġett tal-FP7 iddikjara spejjeż ta' EUR 185 500, li wassal għal rimborż mill-Kummissjoni tal-kontribuzzjoni mill-UE ta' EUR 98 000. Il-Qorti qabdet bosta żbalji fl-ispejjeż iddikjarati, inklużi:

— metodu ta' kalkolu skorrett tal-ispejjeż għall-persunal ibbażat fuq stimi ta' ċifri,

— dikjarazzjoni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ineliġibbli fi spejjeż ta' vjaġġar,

— iddebitar ta' spejjeż indiretti mhux marbuta mal-proġett.

L-ispejjeż ineliġibbli ddikjarati mill-benefiċjarju ammontaw għal madwar EUR 36 000.

Il-Qorti qabdet każijiet ta' spejjeż iddikjarati li kienu ineliġibbli f'aktar minn terz tal-proġetti tal-FP7 li ġew ikkampjunati.

***Kaxxa 8.1 – Żbalji fil-kostijiet iddikjarati għal proġett ta' finanzjament Ewropew għar-Riċerka (FP7)***

*Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li t-tip ta' żbalji rrappurtati mill-Qorti setgħu biss inkixfu permezz tal-awditi finanzjarji ex post fil-fond u mhux ex ante.*

*Ir-regoli għal Orizzont 2020, il-programm qafas il-ġdid, għandhom jevitaw ħafna minn dan it-tip ta' żbalji minħabba li l-ispejjeż medji stmati tal-persunal se jiġu permessi (fejn dan huwa l-prattika tas-soltu tal-benefiċjarju), il-VAT ser ikun kost eliġibbli, jekk ma jkunx rekuperabbli u rata fissa ta' kostijiet indiretti se tevitata t-tip ta' żball identifikat.*

8.10. L-aħħar ftehimiet ta' għotjiet tal-FP7 ġew iffirmati fl-2013. Il-ġestjoni u l-awditjar ta' dawn il-proġetti mill-Kummissjoni se jkomplu sa mill-inqas l-2017, b'mod parallel mal-bidu tal-programm ta' riċerka li jmiss Orizzont 2020.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 8.11. Ir-regoli aktar sempliċi għal Orizzont 2020, bħall-aċċettazzjoni usa' tal-prattiki normali tal-kontabbiltà tal-benefiċjarji u r-rimborż b'rata fissa tal-ispejjeż indiretti, huma intenzjonati li jnaqqsu l-kumplessità għall-benefiċjarji u jniżżlu r-rata ta' żball. Madankollu, kwalunkwe effett fuq ir-rata ta' żball se jkun jidher biss fi tmiem l-2016 wara li jkun sar l-ewwel ċiklu ta' pagamenti interim sinifikanti. | |
| 8.12. Fl-2013, il-Kummissjoni kompliet tnaqqas iż-żmien li jittieħed biex jitħallsu l-għotjiet għar-riċerka. Madankollu, il-Qorti sabet 14-il każ fejn il-koordinaturi tal-proġetti dewmu t-trasferiment tal-fondi lil sħab oħra tal-proġetti. Għalkemm f'xi każijiet kien hemm raġunijiet komprensibbli għad-dewmien, bħal dubju dwar l-infiq reali tas-sieħeb, dewmien mhux meħtieġ li jaffettwa b'mod negattiv lill-benefiċjarji li jiddependu ferm fuq il-finanzjament mill-UE biex jiffinanzjaw ir-riċerka tagħhom, bħall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs). | **8.12.** *It-tqassim tal-fondi huwa suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-ftehim tal-konsorzju konkluż mill-benefiċjarji, li l-Kummissjoni ma tagħmilx parti minnu. Il-Kummissjoni tqis li jkun aħjar jekk it-trasferiment ta' fondi bejn il-membri tal-konsorzju jkun ġestit fil-konsorzju. Meta jinkixef każ ta' dewmien fid-distribuzzjoni tal-fondi, il-prattika standard tal-Kummissjoni hija li tagħmel segwitu mal-koordinatur tal-proġett dwar ir-raġunijiet ta' dan id-dewmien.*<br><br>*Barra minn hekk, il-Kummissjoni fakkret lill-koordinaturi bl-obbligu tagħhom biex jittrasferixxu fondi minnufih.* |

## Żieda fl-iżbalji fil-qasam ta' politika tal-edukazzjoni u l-kultura

8.13. Fl-2013, madwar nofs (12 minn 22) it-tranżazzjonijiet tal-LLP li ġew ikkampjunati kienu għal proġetti tal-edukazzjoni u t-taħriġ għajr għal skambji ta' studenti tal-Erasmus. Dawn il-proġetti tipikament jiġu implimentati minn entitajiet żgħar, bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi, skejjel u SMEs. Dawn il-benefiċjarji għandhom kapaċità amministrattiva limitata. Spiss ikunu ġodda għall-programm u inqas familjari mar-regoli u l-proċeduri, b'mod partikolari r-rekwiżit li jinżammu rekords kontabilistiċi separati tal-proġetti u li jinżammu d-dokumenti kollha ta' sostenn għall-ispejjeż tagħhom li jġarrbu għall-proġett. Bħala riżultat, l-iżbalji huma aktar frekwenti (ara l-eżempju fil-Kaxxa 8.2).

**Kaxxa 8.2 – Żbalji fl-ispejjeż iddikjarati għal proġett tal-LLP**

Benefiċjarju involut fi proġett ta' taħriġ tal-LLP iddikjara aktar minn EUR 260 000 fi spejjeż għall-persunal fid-dikjarazzjoni tal-ispejjeż tiegħu, li wassal għal rimborż mill-Kummissjoni tal-kontrubuzzjoni mill-UE ta' madwar EUR 190 000. Il-Qorti qabdet bosta żbalji fl-ispejjeż iddikjarati:

— kalkolu ta' spejjeż għall-persunal bl-użu ta' rati fis-siegħa skorretti,

— dikjarazzjoni ta' spejjeż ta' subkuntrattar bħala spejjeż għall-persunal,

— dikjarazzjoni ta' spejjeż imġarrba qabel il-bidu tal-perjodu ta' eliġibbiltà tal-proġett.

Għal dan il-proġett, il-Qorti eżaminat spejjeż li ammontaw għal madwar EUR 114 000 u identifikat spejjeż ineliġibbli li ammontaw għal madwar EUR 48 000.

Il-Qorti qabdet każijiet ta' spejjeż iddikjarati li kienu ineliġibbli f'aktar minn kwart tal-proġetti tal-LLP li ġew ikkampjunati.

***Kaxxa 8.2 – Żbalji fil-kostijiet iddikjarati għal proġett tal-LLP***

*Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-iżbalji mikxufa mill-Qorti u se tirkupra l-ammont li ma kellux jitħallas.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għar-rata ta' żball fl-2013

8.14. Tranżazzjonijiet għar-riċerka u politiki interni oħra ġeneralment mhumiex suġġetti għall-akkwist pubbliku. Minn 150 tranżazzjoni li ġew ikkampjunati, 8 biss kienu jinvolvu l-applikazzjoni ta' regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE jew dawk nazzjonali.

8.15. Il-Qorti sabet żbalji kwantifikati fi tnejn mit-tmien każijiet. F'każ wieħed ta' kuntratt għall-forniment ta' servizzi ta' taħriġ għal proġett tal-YiA, l-awtorità kontraenti fl-Istat Membru applikat il-kriterji tal-għoti tal-kuntratt b'mod skorrett, li rriżulta fl-għoti tal-kuntratt lill-kumpanija żbaljata. Fil-każ l-ieħor ta' kuntratt għall-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma għal proġett tar-riċerka, il-benefiċjarju ta l-kuntratt direttament lil kumpanija, għalkemm ir-regoli tal-akkwist nazzjonali kienu jeħtieġu li tintuża proċedura tal-offerti (ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafi 10 u 11).

## Spejjeż ineliġibbli jistgħu jillimitaw il-valur miżjud tal-UE

8.16. Minbarra n-nuqqas ta' aċċertament dwar ir-regolarità tal-infiq, ir-rimborż ta' spejjeż ineliġibbli x'aktarx ifixkel l-implimentazzjoni b'suċċess tal-objettivi tal-politika. Il-Kaxxa 8.3 tipprovdi eżempju ta' kif l-ispejjeż ineliġibbli jistgħu jillimitaw il-valur miżjud tal-UE li jirriżulta mill-proġetti.

**Kaxxa 8.3 – Spejjeż ineliġibbli jistgħu jillimitaw il-valur miżjud tal-UE li jirriżulta mill-proġetti**

Il-Fond għall-Fruntieri Esterni (FFE) huwa l-istrument finanzjarju prinċipali tal-UE għall-appoġġ tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni, li għandu l-għan li jiżgura kontrolli effiċjenti u effettivi fil-fruntieri esterni tal-UE. L-FFE jikkofinanzja programmi u proġetti mmaniġġjati mill-Istati Membri.

Il-Qorti eżaminat proġett fi Spanja li kien jikkonsisti fix-xiri ta' erba' ħelikopters biex jintużaw għas-sorveljanza u l-kontroll tal-fruntieri esterni. L-awtorità responsabbli fl-Istat Membru sostniet li l-attivitajiet ta' sorveljanza tal-fruntieri esterni kellhom jammontaw għal 75 % tal-użu tal-ħelikopters.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**8.15.** *Fit-tieni każ imsemmi, għall-kostijiet ta' sessjonijiet ta' ħidma organizzati minn università (EUR 24 000), l-università naqset milli tikkonforma mar-regoli nazzjonali li kienu jeħtieġu proċedura ta' sejħa għal offerti pubblika sħiħa għall-ammonti kollha ta' aktar minn EUR 10 000. Dan jagħmel il-pagamenti għas-sessjoni ta' ħidma ineliġibbli, minkejja l-valur miżjud tas-sessjoni ta' ħidma (u l-kost aċċettabbli tagħha). Dan jenfasizza d-diffikultà għall-Kummissjoni biex tiżgura l-eliġibbiltà tal-kostijiet kollha, l-aktar meta awtoritajiet nazzjonali (jew reġjonali) joħolqu regoli addizzjonali li jaqbżu r-rekwiżiti tal-Programm Qafas għar-Riċerka u mhumiex neċessarja-ment xierqa għall-finanzjament tar-riċerka.*

***Kaxxa 8.3 – Spejjeż ineliġibbli jistgħu jillimitaw il-valur miżjud tal-proġetti tal-UE***

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
| --- | --- |
| Il-Qorti ċċekkjat l-użu tal-ħelikopters ibbażat fuq informazzjoni pprovduta mill-awtorità responsabbli. L-informazzjoni kien fiha żbalji u inkonsistenzi, u b'hekk id-*data* ma kinitx affidabbli bħala sors għall-verifikazzjoni tal-użu tal-ħelikopters għal attivitajiet eliġibbli għall-FFE. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, il-Qorti tistma li l-ħelikopters intużaw għal attivitajiet ta' sorveljanza u kontroll tal-fruntieri esterni f'livell ta' mhux aktar minn 25,5 % tal-attivitajiet totali tagħhom. Għalhekk, l-ammont massimu eliġibbli għall-kofinanzjament taħt l-FFE jkun ta' EUR 8,3 miljun u mhux l-ammont iddikjarat ta' EUR 24,3 miljun.<br><br>Ammonti kbar ta' spejjeż ineliġibbli li jirriżultaw minn tagħmir mixtri li ma jkunx qed jintuża għall-finijiet tal-proġett kofinanzjat jistgħu jillimitaw il-valur miżjud tal-UE li jirriżulta mill-FFE u juru nuqqas ta' monitoraġġ adegwat mill-awtorità responsabbli tal-Istat Membru. Kwistjonijiet fir-rigward tal-effettività u l-valur miżjud tal-FFE huma identifikati fir-Rapport Speċjali Nru 15/2014 dwar l-FFE, tal-Qorti ([2]). | *Din il-kostatazzjoni tikkonċerna l-kwistjoni ta' użu mħallat ma' kompiti ta' sigurtà interna oħra għall-istess tagħmir. Il-Kummissjoni se ssegwi din il-ksotatazzjoni billi tiftaħ mill-ġdid l-għeluq tal-programm annwali Spanjol tal-EBF tal-2009.* |

## EŻAMINAR TAS-SISTEMI TA' KONTROLL MAGĦŻULA

8.17. L-***Anness 8.2*** fih sommarju tar-riżultati tas-sistema eżaminata mill-Qorti.

### Iċ-ċertifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż ma teliminax l-iżbalji kollha

8.18. Il-benefiċjarji tal-FP7 għandhom jipprovdu ċertifikati tal-awditjar mad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tagħhom jekk il-kontribuzzjoni mill-UE għall-proġett tagħhom taqbeż EUR 375 000. L-awditur indipendenti huwa meħtieġ jiċċertifika li l-ispejjeż iddikjarati jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u jirrapporta kwalunkwe eċċezzjoni.

8.19. Għal dawk id-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż eżaminati mill-Qorti li għalihom kien ġie pprovdut ċertifikat (32 mid-89 tranżazzjoni taħt il-finanzjament tar-riċerka Ewropea (FP7) li ġew ikkampjunati), il-Qorti qabblet ir-riżultati tal-eżaminar proprju tagħha mal-konklużjoni tal-awditur indipendenti. F'disa' każijiet fejn l-awditur indipendenti kien iċċertifika li l-ispejjeż iddikjarati ssodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà, il-Qorti sabet livell sinifikanti ta' żball fid-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż.

([2]) http://eca.europa.eu

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8.20. Iċ-ċertifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tgħin biex jitnaqqas il-livell ta' żball għall-FPs fl-intier tagħhom. Għalkemm il-Kummissjoni wettqet kampanja ta' komunikazzjoni biex tfakkar lill-awdituri indipendenti dwar ir-regoli ta' eliġibbiltà, il-kwalità tax-xogħol li fuqu huma bbażati ċ-ċertifikati tal-awditjar ma teliminax l-iżbalji kollha.

## Kontrolli qabel l-awtorizzazzjoni ta' pagamenti milquta minn dgħufijiet

8.21. Il-Kummissjoni naqqset il-kontrolli qabel il-pagament għal minimu, sabiex jitħaffu l-pagamenti u biex jiġi pprovdut bilanċ raġonevoli bejn fiduċja u kontroll.

8.22. Qabel ma l-Kummissjoni tagħmel pagamenti, l-uffiċjali tal-proġetti jiċċekkjaw ir-rapporti ta' progress ippreżentati mill-benefiċjarji. L-uffiċjali finanzjarji jiċċekkjaw id-dikjarazzjonijiet korrispondenti tal-ispejjeż u ċ-ċertifikati tal-awditjar. F'xi każijiet, jistgħu jitwettqu kontrolli fil-fond, inkluża verifikazzjoni tal-elementi ta' spejjeż individwali bbażata fuq dokumentazzjoni ulterjuri mitluba mingħand il-benefiċjarju.

8.23. Il-Qorti identifikat żewġ kwistjonijiet speċifiċi:

— f'każ wieħed, il-Kummissjoni aċċettat għar-rimborż spejjeż għall-persunal u spejjeż indiretti li kienu bbażati b'mod skorrett fuq rati bbaġitjati, minkejja l-fatt li dan l-iżball kien ġie identifikat mill-awditur indipendenti fiċ-ċertifikat dwar dikjarazzjoni tal-ispejjeż. Kwistjoni simili li tikkonċerna l-kontrolli nstabet mill-unità tal-awditjar intern tad-Direttorat Ġenerali (DĠ CONNECT),

— il-kwistjoni ulterjuri kienet tikkonċerna kontrolli inkonsistenti mill-Kummissjoni. Jekk benefiċjarju ma jkollux għad-dispożizzjoni tiegħu *data* dwar l-ispejjeż reali fiż-żmien meta jfassal id-dikjarazzjoni tal-ispejjeż tiegħu, jista' jiddikjara stima tal-ispejjeż. Kwalunkwe aġġustament għall-ispejjeż li jkun meħtieġ jista' jsir fid-dikjarazzjoni tal-ispejjeż għall-perjodu sussegwenti ta' rappurtar. Fil-każ ta' dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż ippreżentati għall-perjodu finali ta' rappurtar ta' proġett, il-Kummissjoni mhux dejjem tiċċekkja jekk ikunux jinħtieġu aktar aġġustamenti qabel ma tagħmel il-pagament finali.

8.24. Fir-Rapport Speċjali Nru 2/2013 ([3]) dwar l-FP7, il-Qorti ġibdet l-attenzjoni li l-Kummissjoni mhux dejjem tapplika proċeduri uniformi, li jista' jnaqqas l-implimentazzjoni effiċjenti tal-programm u jżid il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji. Rapporti li nħarġu fl-2013 mill-unitajiet tal-awditjar intern tad-DĠ RTD u d-DĠ CONNECT jirreferu wkoll għal dawn ir-riskji.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**8.23.**

*Ir-regoli għal Orizzont 2020 ġew adattati sabiex l-użu ta' rati baġitjati għall-ispejjeż tal-persunal ikunu eliġibbli, jekk ikunu bbażati fuq il-prattiċi li normalment juża l-benefiċjarju. L-ispejjeż indiretti se jkunu bbażati fuq ir-rimborż tar-rati fissi, u b'hekk jevitaw dan it-tip ta' żball.*

*Segwitu xieraq tal-obbligu ġenerali li jaġġusta l-ispejjeż stmati rriżulta diffiċli taħt l-FP7. Għal dik ir-raġuni, Orizzont 2020 jaċċetta l-użu ta' figuri stmati għall-ispejjeż medji tal-persunal jekk din hija l-prattika li normalment juża l-benefiċjarju sabiex jelimina dan ir-riskju ta' żball.*

**8.24.** *Il-Kummissjoni tagħraf din il-kwistjoni u qed tinvesti ħafna biex tiżgura trattament uniformi għal Orizzont 2020, l-aktar permezz tal-ħolqien ta' Ċentru ta' Appoġġ Komuni, li jiġbor flimkien il-pariri legali, proċessi tan-negozju, l-IT u l-awditu f'direttorat uniku li jappoġġa s-servizzi kollha tar-riċerka ta' ġestjoni tal-Kummissjoni.*

([3]) http://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR13_02/SR13_02_EN.PDF

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Awditi ta' benefiċjarji affettwati minn dewmien f'xi Direttorati Ġenerali

8.25. L-awditi tal-benefiċjarji li saru mill-Kummissjoni jipprovdu input essenzjali għad-dikjarazzjonijiet ta' aċċertament annwali tad-diretturi ġenerali dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet u jiffurmaw il-bażi għall-irkupru mill-benefiċjarji ta' kwalunkwe fondi li jkunu rrimborżaw spejjeż ineliġibbli.

8.26. Id-DĠs u l-aġenziji eżekuttivi tar-riċerka stabbilixxew strateġija konġunta għall-awditjar tan-nefqa taħt l-FP7, inkluż kampjun rappreżentattiv komuni tal-awditjar imfassal biex jiġi stmat il-livell kumplessiv ta' żball fil-finanzjament tar-riċerka Ewropea (FP7), ikkumplimentat minn awditi bbażati fuq ir-riskju.

8.27. Sa tmiem l-2013, l-ammont tan-nefqa li ġiet awditjata mid-direttorati ġenerali u l-aġenziji tar-riċerka laħaq EUR 1,4 biljun jew 7 % tat-total tal-finanzjament mill-FP7. L-għadd ta' awditi magħluqa kien ta' 2 195, kemmxejn inqas mill-għadd ta' 2 236 ippjanati fl-istrateġija tal-awditjar. Dan in-nuqqas ta' 1,8 % fl-għadd ta' awditi magħluqa jaħbi varjazzjonijiet fil-prestazzjoni mid-DĠ u mill-aġenziji. Pereżempju, id-DĠ RTD għalaq 977 awditu (3,2 % aktar mid-947 ippjanati), filwaqt li d-DĠ CONNECT għalaq 435 awditu (8,4 % inqas mill-475 ippjanati) u l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka għalqet 192 awditu (18,3 % inqas mill-235 ippjanati).

8.28. Fejn jinqabdu żbalji minn awditu li jsir mill-Kummissjoni, il-fondi mħallsa għar-rimborż tal-ispejjeż ineliġibbli jridu jiġu rkuprati mingħand il-benefiċjarju permezz ta' ordni ta' rkupru jew permezz ta' tpaċija ma' pagament futur.

8.29. Sa tmiem l-2013, l-ammonti rkuprati kienu laħqu EUR 29,6 miljun, għalkemm l-ammonti rekuperabbli li kienu pendenti kienu żdiedu wkoll minn EUR 12-il miljun fi tmiem l-2012 għal kważi EUR 17-il miljun. Il-Qorti sabet li ż-żmien li ttieħed biex jitwettqu l-irkupri kien ivarja b'mod konsiderevoli kemm bejn id-direttorati ġenerali kif ukoll bejn id-direttorati fi ħdan id-direttorati ġenerali.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**8.27.** *L-istrateġija ta' awditu hija strateġija multiannwali, mal-Kummissjoni kollha, li fiha jistgħu jiġu mistennija varjazzjonijiet annwali, kemm fin-numru totali ta' awditi kif ukoll bejn is-servizzi mingħajr ma tintlaqat serjament l-effiċjenza ġenerali tal-funzjoni ta' awditu ex post. Kwalunkwe xogħol b'lura f'sena partikolari se jiġi kkumpensat fis-snin ta' wara, skont in-natura multiannwali tal-istrateġija tal-awditjar.*

*B'mod partikolari għal ERCEA il-kampanji ta' awditjar bdew ftit aktar tard milli kien previst fl-istrateġija tal-awditjar. Madankollu, ix-xejra turi tnaqqis fid-differenza.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8.30. Il-Qorti analizzat ukoll il-progress li sar mill-Kummissjoni fit-twettiq ta' rkupri għall-iżbalji kwantifikati identifikati mill-Qorti fl-2012. L-ammonti kienu ġew irkuprati għall-maġġoranza ta' dawk l-iżbalji f'politiki interni oħra. Għar-riċerka, 7 mill-35 każ analizzat kienu għadhom ma ġewx ipproċessati kompletament. Sa tmiem l-2013, il-Kummissjoni kienet irkuprat EUR 0,4 miljun ibbażat fuq l-iżbalji ta' EUR 3,6 miljun maqbuda mill-Qorti.

## Analiżi ta' rapporti annwali tal-attività magħżula tal-Kummissjoni

8.31. Il-Qorti analizzat ir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ RTD, id-DĠ CONNECT, id-DĠ EAC u l-EACEA. Il-Qorti sabet li r-rapporti jipprovdu valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u l-informazzjoni pprovduta tikkorrobora s-sejbiet u l-konklużjonijiet tal-Qorti fil-biċċa l-kbira mill-aspetti.

8.32. Inġenerali, jekk ir-rata tal-iżball residwu tkun ogħla minn 2 % għal żona ta' nfiq fit-tmiem ta' sena ta' rappurtar, għandha titqajjem riżerva. Madankollu, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ CONNECT ma qajjimx riżerva dwar l-infiq għall-Programm ta' Appoġġ għall-Politika tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni ([4]), minkejja li r-rata tal-iżball residwu fi tmiem l-2013 kienet ta' 2,77 %. Meta din ir-rata tal-iżball residwu tiġi applikata għall-pagamenti ta' EUR 122,9 miljun li saru fl-2013 għal dan il-programm, l-ammont f'riskju huwa ta' EUR 3,4 miljun.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**8.32.** *Ir-Rapport Annwali tal-Attività pprovda trasparenza sħiħa, u ta indikazzjoni tar-rata ta' żball residwu, l-ammont f'riskju u l-materjalità. Id-deċiżjoni kkunsidrat bir-reqqa biex ma tinħariġx riżerva dwar il-pagamenti CIP ICT PSP hija bbażata fuq il-fatt li r-rata ta' żball ma tistax tintuża għall-estrapolazzjoni u biex jinġibdu konklużjonijiet sodi minħabba l-kampjun limitat (14-il verifika magħluqa). Id-DĠ CONNECT se jkompli bl-isforzi tiegħu biex jimplimenta kompletament l-istrateġija ta' awditjar mhux ta' riċerka u jissorvelja mill-qrib iċ-ċifri li jirriżultaw. Fil-perjodu ta' pprogrammar il-ġdid, dan il-qasam tal-programm taċ-CIP ġie integrat f'Orizzont 2020.*

([4]) Sottoprogramm fi ħdan il-Programm Kwadru għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni:

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

# KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

## Il-konklużjoni għall-2013

8.33. Għal dan il-grupp tal-politika,

— l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jindika li r-rata tal-iżball l-aktar probabbli preżenti fil-popolazzjoni hija ta' 4,6 %, u

— is-sistema eżaminata għall-FP7 hija vvalutata bħala parzjalment effettiva: il-Qorti identifikat dgħufijiet fiċ-ċertifikati tal-awditjar (il-paragrafu 8.17) u fil-kontrolli ta' qabel l-awtorizzazzjoni ta' pagamenti (il-paragrafi 8.21 sa 8.22), kif ukoll dewmien fl-irkupru ta' spejjeż ineliġibbli rimborżati (il-paragrafi 8.27 u 8.30).

8.34. L-evidenza kumplessiva għall-awditjar tindika li n-nefqa aċċettata hija milquta minn livell materjali ta' żball.

## Rakkomandazzjonijiet

8.35. L-***Anness 8.3*** juri r-riżultat tal-analiżi mill-Qorti tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti. Fir-Rapporti Annwali 2010 u 2011, il-Qorti ppreżentat seba' rakkomandazzjonijet. Il-Kummissjoni implimentat bis-sħiħ tliet rakkomandazzjonijiet, filwaqt li erbgħa kienu implimentati fil-biċċa l-kbira mill-aspetti.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**8.33.**

*Il-Kummissjoni tqis li r-rata tal-iżbalji identifikati mill-Qorti hija indikatur wieħed tal-effikaċja tal-implimentazzjoni tan-nefqa tal-UE. Huwa importanti wkoll li jitqiesu r-riżultati tal-istrateġija ta' kontroll multiannwali tagħha. Fuq din il-bażi s-servizzi tagħha jikkalkulaw rata tal-erruri residwi, li tqis l-irkupri, il-korrezzjonijiet u l-effetti tal-kontrolli u l-verifiki kollha tagħhom. Il-kalkolu ta' errur residwu fi tmiem tal-2013 kien madwar 3 % għall-familja tar-riċerka, 0.95 % għall-programmi tal-LLP u YiA ġestiti permezz tal-Aġenziji Nazzjonali, u inqas minn 2 % fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

8.36. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2013, il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni:

— **Rakkomandazzjoni 1**: testendi u tintensifika l-kampanja ta' komunikazzjoni tagħha biex il-benefiċjarji u l-awdituri indipendenti jkollhom għarfien tar-regoli ta' eliġibbiltà għall-infiq għar-riċerka taħt l-FP7,

— **Rakkomandazzjoni 2**: fil-grupp tal-politika kollu, tagħmel li l-attivitajiet ta' kontroll tagħha jkunu mmexxija aktar mir-riskju, filwaqt li tiffoka l-kontrolli fuq benefiċjarji b'riskju għoli (pereżempju entitajiet b'inqas esperjenza ta' finanzjament Ewropew) u tnaqqas il-piż ta' kontrolli fuq benefiċjarji inqas riskjużi,

— **Rakkomandazzjoni 3**: għall-programmi l-ġodda 2014-2020 għar-riċerka u politiki interni oħra, tipprovdi gwida f'waqtha, konsistenti u ċara lill-benefiċjarji u lill-awtoritajiet maniġerjali fir-rigward tar-rekwiżiti riveduti tal-eliġibbiltà u l-kontroll.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**8.36.**

*Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Il-kampanja ta' komunikazzjoni s'issa laħqet aktar minn 3100 persuna li attendew 24 avveniment. Il-Kummissjoni se tkompli b'dawn l-isforzi fil-kuntest li tipprovdi gwida għal Orizzont 2020 (ara r-rakkomandazzjoni 3).*

*Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Fil-qasam tar-riċerka, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni jwissu lill-persunal tal-Kummissjoni bir-riskji partikolari ta' tipi differenti ta' benefiċjarji. Dan jirrigwarda kemm l-istadju tal-ħlas, fejn għad jista' jkun hemm effett fuq l-FP 7, u l-istadju kontraenti, fejn kwalunkwe effett ikun fuq Orizzont 2020. Għal Orizzont 2020, din it-tip ta' informazzjoni se tinbena b'mod aktar sistematiku fis-sistemi tal-informazzjoni użati mill-Kummissjoni. Huwa mistenni li 83 % tal-awditi ex post għall-perjodu 2012-2016 jintgħażlu bl-użu ta' fatturi ta' riskju differenti, li jgħinu biex jissodisfaw ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti.*

*Għal politiki interni oħra, ir-rakkomandazzjoni se tiġi analizzata aktar fid-dawl tal-ambjent il-ġdida tal-programm, biex twassal għal soluzzjoni kosteffiċjenti.*

*Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u tirrikonoxxi l-obbligu tagħha li tipprovdi gwida f'waqtha u effikaċi lill-benefiċjarji. Għall-programmi tal-2014-2020 diġà ġiet offruta gwida fi stadju iktar bikri minn dik għal kwalunkwe programm aktar kmieni.*

*Għar-Riċerka, sett ta' dokumenti ta' gwida diġà huwa disponibbli fil-portal tal-parteċipanti fuq il-websajt (http://ec.europa.eu/research/participants/portal/desktop/en/funding/reference_docs.html).*

*Fost dawn id-dokumenti, il-Ftehim tal-Għotja Annotat ta' Orizzont 2020 (AGA) jispjega fid-dettall, u b'għadd kbir ta' eżempji prattiċi, id-dispożizzjonijiet kollha tal-Ftehimiet tal-Għotja. Ingħatat attenzjoni speċjali lil dawk il-partijiet tal-Ftehim tal-Għotja li huma differenti b'mod sinjifikattiv minn tal-FP7, bħal pereżempju d-dispożizzjonijiet ġodda għall-ispejjeż tal-persunal.*

*Għall-edukazzjoni u l-kultura, il-Kummissjoni żviluppat gwida komprensiva għall-Aġenziji Nazzjonali għall-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett u l-implimentazzjoni tal-istandards ta' kontroll interni, inklużi b'mod partikolari l-għażla, l-eżekuzzjoni u r-reġistrazzjoni tal-kontrolli fuq il-benefiċjarji taħt il-programm Erasmus +.*

*Se tiġi żviluppata gwida immirata oħra kif meħtieġ.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## RIŻULTATI TAL-AWDITU TAL-FOND TA' GARANZIJA GĦALL-AZZJONIJIET ESTERNI GĦALL-2013

8.37. L-għan tal-Fond ta' Garanzija għall-Azzjonijiet Esterni, li jiggarantixxi self mill-UE lil pajjiżi li mhumiex Stati Membri, huwa li jirrimborża lill-kredituri tal-UE fl-eventwalità ta' inadempjenza minn benefiċjarju fir-rigward ta' self u biex jiġi evitat rikors dirett għall-baġit tal-UE. Abbażi ta' ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), il-ġestjoni amministrattiva tal-Fond titwettaq mid-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (DĠ ECFIN), filwaqt li l-BEI huwa responsabbli mill-ġestjoni finanzjarja tal-Fond.

8.38. L-awditu tal-Qorti ffoka fuq il-konformità mal-ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment għall-ġestjoni finanzjarja tal-Fond u fuq il-proċeduri ta' monitoraġġ imwettqa mill-Kummissjoni.

8.39. Il-Qorti sabet li, fl-2013, il-ġestjoni finanzjarja tal-Fond kienet f'konformità mal-ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment, u li l-Kummissjoni kienet wettqet proċeduri ta' monitoraġġ adegwati.

8.40. Il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Kummissjoni jużaw indiċi tal-punt ta' riferiment biex janalizzaw il-prestazzjoni annwali tal-Fond. Ir-redditu fuq il-portafoll tal-Fond fl-2013 ammonta għal 0,7914 %, li jirrappreżenta prestazzjoni ta' 34 punt bażi taħt il-punt ta' riferiment.

ANNESS 8.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦAR-RIĊERKA U POLITIKI INTERNI OĦRA*

| | 2013 | | | | | | | | 2012 | 2011 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | FP | | LLP u YiA | | Oħra | | Total | | | | |
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | | | | | | | | | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet: | 89 | | 25 | | 36 | | **150** | | 150 | 86 | 73 |
| **RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR** (1) (2) | | | | | | | | | | | |
| **Proporzjon (għadd) tat-tranżazzjonijiet ittestjati li nstabu li huma:** | | | | | | | | | | | |
| Ħielsa minn żball | 42 % | (37) | 56 % | (14) | 64 % | (23) | **49 %** | **(74)** | 51 % | 51 % | 61 % |
| Milquta minn żball wieħed jew aktar | 58 % | (52) | 44 % | (11) | 36 % | (13) | **51 %** | **(76)** | 49 % | 49 % | 39 % |
| **Analiżi tat-tranżazzjonijiet milquta minn żball** | | | | | | | | | | | |
| **Analiżi skont it-tip ta' żball** | | | | | | | | | | | |
| Kwistjonijiet oħra ta' konformità u żbalji mhux kwantifikabbli: | 29 % | (15) | 27 % | (3) | 31 % | (4) | **29 %** | **(22)** | 32 % | 38 % | 33 % |
| Żbalji kwantifikabbli: | 71 % | (37) | 73 % | (8) | 69 % | (9) | **71 %** | **(54)** | 68 % | 62 % | 67 % |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | | | | | | | | | | |
| **Rata tal-iżball l-aktar probabbli** | | | | | | | **4,6 %** | | 3,9 % | M/A | M/A |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | | | | | | | 6,6 % | | | | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | | | | | | | 2,6 % | | | | |

(1) Biex jitjieb il-fehim approfondit f'oqsma bi profili ta' riskju differenti fi ħdan il-grupp tal-politika, il-kampjun inqasam f'segmenti.
(2) Iċ-ċifri kkwotati fil-parentesi jirrappreżentaw l-għadd reali tat-tranżazzjonijiet.

*ANNESS 8.2*

*RIŻULTATI TAL-EŻAMINAR TAS-SISTEMI MAGĦŻULA GĦAR-RIĊERKA U POLITIKI INTERNI OĦRA*

**Valutazzjoni tas-sistema eżaminata**

| Sistema | Ċertifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż | Iċċekkjar tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż qabel l-awtorizzazzjoni ta' pagament | Awditi u rkupri | Valutazzjoni kumplessiva |
|---|---|---|---|---|
| **Programm Kwadru għar-Riċerka (FP7)** | Parzjalment effettiva | Parzjalment effettiva | M/A [1] | **Parzjalment effettiva** |

[1] L-awditi u l-irkupri jipprovdu aċċertament fuq bażi pluriennali aktar milli għal sena finanzjarja waħda.

ANNESS 8.3

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦAR-RIĊERKA U POLITIKI INTERNI OĦRA*

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | Il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni għandha:<br>— fil-qasam tal-FPs għar-riċerka: | | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 1:**<br>tintensifika l-isforzi tagħha biex tindirizza l-iżbalji misjuba fil-pagamenti interim u finali; | | X | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 2:**<br>ittejjeb l-inizjattivi tagħha sabiex il-benefiċjarji u l-awdituri indipendenti jsiru konxji tal-iżbalji li jinqabdu matul l-awditi *ex post* tal-Qorti u tal-Kummissjoni; | | X | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 3:**<br>tiżgura li d-ditti tal-awditjar estern li jwettqu awditi f'isimha jallinjaw il-proċeduri tagħhom mal-linji gwida u l-prattika standard tal-Kummissjoni u b'mod partikolari jtejbu l-kwalità tad-dokumentazzjoni tal-awditjar tagħhom. | X | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 4:**<br>Il-Kummissjoni għandha:<br>— fil-qasam tal-politiki interni l-oħra:<br>tintroduċi malajr kemm jista' jkun, strateġija tal-awditjar *ex post* għall-programm ICT-PSP, filwaqt li tislet mit-tagħlimiet miksuba mill-istrateġija tal-awditjar *ex post* tad-DĠ INFSO, li hija bbażata fuq ir-riskju, għall-proġetti tal-programmi kwadri. | X | | | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2010 | Il-Qorti tirrakkomanda li l-Kummissjoni għandha:<br>— fil-qasam tal-FPs għar-riċerka:<br>**Rakkomandazzjoni 1:**<br>(i) tislet mit-tagħlimiet miksuba mill-prattika tajba tal-metodu tal-awditjar *ex post* tad-DĠ INFSO, li huwa bbażat fuq ir-riskju, biex ittejjeb aktar il-kontrolli *ex ante* tal-Kummissjoni bil-għan li jiġu identifikati pagamenti bi profil ta' riskju relattivament għoli, u | | X | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 2:**<br>(ii) bil-għan li ttejjeb aktar l-affidabbiltà taċ-ċertifikati tal-awditjar, tintensifka l-azzjonijiet tagħha biex tqajjem l-għarfien tal-awdituri indipendenti dwar l-eliġibbiltà tar-regoli tan-nefqa, notevolment billi tinforma lill-awdituri dwar każijiet ta' nuqqas ta' identifikazzjoni ta' spejjeż ineliġibbli. (il-paragrafu 6.51) | | X | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 3:**<br>Il-Kummissjoni għandha:<br>— fil-qasam tal-LLP tkompli tagħmel enfasi fuq l-implimentazzjoni ta' kontrolli primarji. B'mod partikolari għandha tingħata attenzjoni biex jiġi żgurat li l-aġenziji nazzjonali jiċċekkjaw mill-inqas l-għadd minimu ta' fajls meħtieġa mill-Kummissjoni u li l-kontrolli kollha jiġu dokumentati b'mod xieraq. (il-paragrafu 6.51) | X | | | | | | |

KAPITOLU 9

## Nefqa amministrattiva u nfiq relatat

WERREJ


| | *Paragrafu* |
|---|---|
| Introduzzjoni | 9.1-9.6 |
| Karatteristiċi speċifiċi tal-grupp tal-politika | 9.3-9.4 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 9.5-9.6 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 9.7 |
| Eżaminar tas-sistemi ta' kontroll magħżula | 9.8 |
| Osservazzjonijiet dwar istituzzjonijiet u korpi speċifiċi | 9.9-9.17 |
| Il-Kummissjoni | 9.10-9.12 |
| Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) | 9.13-9.15 |
| Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizzja u istituzzjonijiet u korpi oħra | 9.16 |
| Il-Qorti tal-Awdituri | 9.17 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 9.18-9.20 |
| Il-konklużjoni għall-2013 | 9.18 |
| Rakkomandazzjonijiet | 9.19-9.20 |

Anness 9.1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għan-nefqa amministrattiva u nfiq relatat

Anness 9.2 — Riżultati tal-eżaminar tas-sistemi għan-nefqa amministrattiva u nfiq relatat

Anness 9.3 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għan-nefqa amministrattiva u nfiq relatat

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

9.1. Dan il-kapitolu jippreżenta l-valutazzjoni speċifika tan-nefqa amministrattiva u nfiq relatat tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea ([1]). Informazzjoni ewlenija dwar l-istituzzjonijiet u l-korpi koperti, u l-infiq fl-2013 tingħata fit-***Tabella 9.1***.

### Tabella 9.1 — Nefqa amministrattiva u nfiq relatat — Informazzjoni ewlenija 2013

*(EUR miljun)*

| Qasam ta' politika | Deskrizzjoni | Pagamenti |
|---|---|---|
| Nefqa amministrattiva u nfiq ieħor | Il-Kummissjoni | 6 544 |
| | Il-Parlament Ewropew | 1 770 |
| | Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna | 735 |
| | Il-Kunsill | 496 |
| | Il-Qorti tal-Ġustizzja | 342 |
| | Il-Qorti tal-Awdituri | 132 |
| | Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew | 125 |
| | Il-Kumitat tar-Reġjuni | 87 |
| | L-Ombudsman Ewropew | 10 |
| | Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* | 7 |
| | **Total tal-pagamenti għas-sena** | **10 248** |
| | *- pagamenti bil-quddiem* ([1]) | *19* |
| | *+ approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem* ([1]) | *371* |
| | **Popolazzjoni awditjata, total** | **10 600** |
| | **Total tal-impenji għas-sena** | **10 505** |

([1]) F'konformità mad-definizzjoni armonizzata tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (għad-dettalji ara l-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7).

*Sors*: Il-kontijiet konsolidati 2013 tal-Unjoni Ewropea.

([1]) Din tinkludi n-nefqa kklassifikata bħala operazzjonali fil-baġit ġenerali iżda li hija diretta, fil-biċċa l-kbira, lejn il-funzjonament tal-amministrazzjoni tal-Kummissjoni aktar milli lejn it-twassil tal-politika.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

9.2. Il-Qorti tirrapporta separatament dwar l-aġenziji u l-korpi l-oħra tal-UE u dwar l-Iskejjel Ewropej ([2]). Il-mandat tal-Qorti ma jkoprix l-awditu finanzjarju tal-Bank Ċentrali Ewropew.

## Karatteristiċi speċifiċi tal-grupp tal-politika

9.3. In-nefqa amministrattiva u nfiq relatat tinkludi n-nefqa fuq riżorsi umani (salarji, allowances u pensjonijiet), li tammonta għal 60 % tat-total, u n-nefqa fuq bini, tagħmir, enerġija, komunikazzjoni, u teknoloġija tal-informatika.

9.4. Ir-riskji prinċipali fir-rigward tan-nefqa amministrattiva u nfiq relatat huma n-nuqqas ta' konformità mal-proċeduri għall-akkwist, l-implimentazzjoni ta' kuntratti, ir-reklutaġġ u l-kalkolu tas-salarji u tal-allowances.

## Ambitu u approċċ tal-awditjar

9.5. L-***Anness 1.1***, il-***parti 2***, tal-Kapitolu 1 jiddeskrivi l-approċċ u l-metodoloġija kumplessivi tal-Qorti. Għall-awditjar tan-nefqa amministrattiva u nfiq relatat, għandhom jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin:

(a) l-awditu kien jinvolvi l-eżaminar ta' kampjun ta' 153 tranżazzjoni ta' pagament kif definit fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7. Il-kampjun huwa mfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa sħiħa ta' tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp tal-politika. Fl-2013 il-kampjun kien jikkonsisti minn 95 pagament ta' salarji, pensjonijiet u allowances relatati, 17-il pagament fir-rigward ta' kuntratti relatati ma' bini u 41 pagament konness ma' nfiq ieħor;

(b) il-valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll eżaminat is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll applikati minn kull istituzzjoni u korp sabiex ikun hemm konformità mar-Regolament Finanzjarju ([3]);

([2]) Ir-rapporti annwali speċifiċi tal-Qorti dwar l-aġenziji u l-korpi l-oħra huma ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali. Ir-rapport annwali speċifiku tal-Qorti dwar l-Iskejjel Ewropej huwa ppreżentat lill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej, u kopja tiegħu tintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([3]) Kontrolli *ex ante* u *ex post*, uffiċċju tal-awditjar intern, rappurtar ta' eċċezzjonijiet u standards ta' kontroll intern.

(c) il-valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll eżaminat ukoll il-proċeduri għar-reklutaġġ ta' persunal temporanju u kuntrattwali u l-proċeduri ta' akkwist fil-Kummissjoni u fil-Qorti tal-Ġustizzja [4];

(d) ir-rapporti annwali tal-attività ta' erbgħa mid-direttorati ġenerali u uffiċċji tal-Kummissjoni [5] li huma primarjament responsabbli min-nefqa amministrattiva u tal-istituzzjonijiet l-oħra kollha ġew analizzati;

(e) l-awditu kien jinkludi l-eżaminar tal-obbligazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE fir-rigward tal-pensjonijiet [6]. Ir-riżultati ta' dan l-eżaminar huma rrappurtati fil-paragrafu 1.10.

9.6. Il-Qorti tal-Awdituri hija awditjata minn ditta tal-awditjar estern [7] li ħarġet rapport tal-awditjar dwar ir-rapporti finanzjarji għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013 u rapport ta' aċċertament dwar ir-regolarità tal-użu tar-riżorsi tal-Qorti, u l-proċeduri ta' kontroll stabbiliti fl-2013 (ara l-paragrafu 9.17).

## REGOLARITÀ TAT-TRANŻAZZJONIJIET

9.7. L-***Anness 9.1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet. Mill-153 tranżazzjoni awditjata mill-Qorti, 15 (10 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tad-disa' żbalji li kkwantifikat, il-Qorti tistma li r-rata tal-iżball l-aktar probabbli hija 1,0 % [8].

## EŻAMINAR TAS-SISTEMI TA' KONTROLL MAGĦŻULA

9.8. L-***Anness 9.2*** fih sommarju tar-riżultati tas-sistemi eżaminati mill-Qorti.

---

(4) Ibbażat fuq l-approċċ b'sistema ta' rotazzjoni meħud mill-2012 'l hawn, l-awditu tas-sistemi jkopri żewġ istituzzjonijiet jew korpi kull sena, u jittieħed kampjun tat-tranżazzjonijiet għal kull istituzzjoni jew korp u sistema.

(5) Id-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u tas-Sigurtà, l-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali, l-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell u d-Direttorat Ġenerali għall-Informatika.

(6) Din l-obbligazzjoni tal-pensjonijiet tirriżulta minn kalkolu attwarju mwettaq mill-Eurostat, li jingħata pariri minn konsulent estern.

(7) PricewaterhouseCoopers, Société à responsabilité limitée, Réviseur d'Entreprises (PricewaterhouseCoopers, Kumpanija b'responsabbiltà limitata, Awditur ta' Intrapriżi).

(8) Il-Qorti tikkalkula l-istima tagħha tar-rata ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Il-Qorti hija 95 % fiduċjuża li r-rata ta' żball fil-popolazzjoni tinsab bejn 0,0 % u 2,3 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## OSSERVAZZJONIJIET DWAR ISTITUZZJONIJIET U KORPI SPEĊIFIĊI

9.9. L-osservazzjonijiet speċifiċi li ġejjin huma ppreżentati skont l-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni Ewropea u ma jaffettwawx il-valutazzjonijiet kumplessivi ppreżentati fil-paragrafi 9.7 u 9.8. Filwaqt li mhumiex materjali għan-nefqa amministrattiva u nfiq relatat fit-totalità tagħha, huma sinifikanti fil-kuntest tal-istituzzjoni jew korp individwali kkonċernat.

## Il-Kummissjoni

9.10. Mill-erba' pagamenti eżaminati, li saru miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) għall-forniment ta' servizzi, żewġ każijiet kienu milquta minn żball peress li d-dokumenti ta' sostenn ma kkonfermawx li s-servizzi kollha kienu ġew ipprovduti skont il-kuntratt.

RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

**9.10.** *Il-Kummissjoni tieħu nota tas-sejbiet tat-tnejn li huma u se tiżgura li d-dokumenti ta' sostenn kollha jkunu fis-seħħ biex tikkonferma li s-servizzi huma pprovduti skont il-kuntratti.*

9.11. Il-Qorti eżaminat 66 pagament li saru mill-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali (PMO) u sab li tliet tranżazzjonijiet li jikkonċernaw salarji u pensjonijiet u żewġ rimborżi ta' spejjeż tal-ivvjaġġar kienu milquta minn żball. Barra minn hekk, inqabdu dgħufijiet fi 11-il każ fil-ġestjoni ta' allowances tal-familja b'riżultat kemm tan-nuqqas ta' informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni personali ta' membri tal-persunal kif ukoll minħabba żbalji fil-kalkolu tal-allowances. Dawn id-dgħufijiet kienu ta' natura simili għal dawk li nstabu mill-Qorti fi snin preċedenti.

9.12. Il-valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll ibbażata fuq l-eżaminar ta' 15-il proċedura ta' reklutaġġ u 19-il proċedura ta' akkwist ma żvelat l-ebda dgħufija serja.

RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

**9.11.** *Ara wkoll ir-risposta tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjoni 1*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)

9.13. L-awditu eżamina 11-il pagament li saru mis-SEAE. Erbgħa minn dawn kienu pagamenti ta' salarji lill-persunal, li minnhom wieħed kien milqut minn żball. Fl-istess pagament, kienu nnutati wkoll dgħufijiet fil-ġestjoni tal-allowances tal-familja, li titwettaq mill-PMO f'isem is-SEAE abbażi ta' ftehim dwar il-livell ta' servizz.

RISPOSTA TAS-SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

**9.13.** *Bejn l-2012 u l-2013, is-SEAE f'diversi okkażjonijiet fakkar lill-membri tal-persunal dwar l-obbligu tagħhom li jiddikjaraw il-benefiċċji minn sorsi oħra. Barra minn hekk matul l-aħħar sena, il-PMO żied l-għadd ta' pajjiżi li fuqhom hu mibni l-modulu għall-benefiċċji riċevuti minn sorsi oħra; għall-2014 dan l-eżerċizzju huwa skedat li jinkludi wkoll lill-Awstrija – il-pajjiż tal-oriġini tal-membru tal-persunal li l-pagament tas-salarju tiegħu ġie ċċekkjat, skont l-informazzjoni mogħtija mill-PMO.*

*Fil-mument tal-ħolqien tiegħu s-SEAE ttrasferixxa l-attività u r-riżorsi (6.5 postijiet) għall-kalkolu u l-likwidazzjoni tal-emolumenti lill-PMO. Liv mhux meħud jiġi kkodifikat fl-applikazzjoni tal-IT Sysper2 mis-SEAE. Wara l-kodifikazzjoni, isegwi awtomatikament il-pagament mill-PMO mingħajr interazzjoni mis-SEAE u f'konformità mal-ipprogrammar tal-NAP (Nouvelle Application Paie) immaniġġjata mill-PMO. Id-data mis-Sysper2 tiġi esportata fin-NAP u n-NAP tikkalkula r-rata tat-taxxa. Aħna għalhekk qegħdin f'kuntatt mal-PMO biex il-programm tan-NAP jiġi adattat kif xieraq.*

9.14. Il-kuntratt għall-akkwist ta' servizzi tas-sigurtà fid-Delegazzjoni fil-Kenja (li l-pagamenti li saru għalihom fl-2013 kienu jammontaw għal EUR 865 000) ġie estiż b'mod irregolari għal aktar minn sentejn. Din l-estensjoni rriżultat minn problemi li nqabdu mill-Kwartieri Ġenerali fil-proċedura ta' akkwist imnedija mid-Delegazzjoni biex kuntratt ġdid għal servizzi simili li għandhom jiġu pprovduti fil-futur, jiġi konkluż f'waqtu.

RISPOSTA TAS-SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

**9.14.** *Kif enfasizzat fl-"opinjoni negattiva" mill-KĠ tas-SEAE għaż-żewġ offerti, il-kumitati mwaqqfa fuq livell ta' delegazzjoni għamlu żbalji prinċipalment fil-ftuħ u fl-evalwazzjonijiet tat-talbiet għal parteċipazzjoni. Konsegwenza diretta ta' dan hija li l-kuntratt fis-seħħ kellu jiġi estiż aktar mit-terminu inizjali tiegħu. Din il-proċedura ta' akkwist, kif ukoll it-tiġdid ta' għadd ta' kuntratti oħra ta' sigurtà, issa ġiet adottata mit-task force maħluq fil-KĠ għall-kuntratti tas-sigurtà fid-delegazzjonijiet. Il-kuntratt il-ġdid għandu jingħata sal-aħħar tal-2014.*

9.15. Pagament wieħed relatat ma' kuntratt għal servizzi tal-IT kien milqut minn żball peress li d-dokumenti ta' sostenn ma kkonfermawx li s-servizzi kollha kienu ġew ipprovduti skont il-kuntratt qafas li ngħata. Barra minn hekk, il-Qorti sabet li l-proċedura nnegozjata għall-konklużjoni ta' dan il-kuntratt ma kinitx dokumentata biżżejjed.

RISPOSTA TAS-SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

**9.15.** *Matul il-ħajja tal-proġett, saru disponibbli teknoloġiji tat-telekomunikazzjoni ġodda mill-kuntrattur biex titjieb il-kwalità tas-servizzi eżistenti li jagħmlu parti mill-kuntratt qafas mogħti. Il-prezz ta' dan it-titjib fis-servizz ġie nkluż fil-Formoli tal-Ordni ta' Servizz rilevanti, dokumenti li huma parti integrali tal-kuntratt speċifiku konkluż taħt il-kuntratt qafas mogħti.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizzja u istituzzjonijiet u korpi oħra

9.16. Ma nqabdet l-ebda dgħufija serja fil-15-il proċedura ta' reklutaġġ u l-15-il proċedura ta' akkwist eżaminata fil-Qorti tal-Ġustizzja bħala parti mill-valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll. L-awditu ma identifika l-ebda dgħufija serja fir-rigward tas-suġġetti awditjati għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni, l-Ombudsman Ewropew jew il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

RISPOSTI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**9.16** *Il-Parlament ħa nota tal-kummenti tal-Qorti.*

RISPOSTA MILL-KEPD

**9.16.** *Il-KEPD jieħu nota sewwa tar-riżultati tal-analiżi tal-Qorti u ser ikompli jtejjeb is-sistema tiegħu għall-monitoraġġ u l-kontroll fil-ħin.*

## Il-Qorti tal-Awdituri

9.17. Ir-rapport tal-awditur estern ([9]) jiddikjara l-opinjoni li, "ir-rapporti finanzjarji jagħtu stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-31 ta' Diċembru 2013, tal-prestazzjoni finanzjarja u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar".

## KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

## Il-konklużjoni għall-2013

9.18. Għal dan il-grupp tal-politika,

— l-ittestjar tat-tranżazzjonijiet jindika li r-rata tal-iżball l-aktar probabbli preżenti fil-popolazzjoni hija ta' 1,0 %,

— Is-sistemi eżaminati huma vvalutati bħala effettivi ([10]).

B'mod ġenerali, l-evidenza għall-awditjar tindika li l-infiq aċċettat mhuwiex milqut minn livell materjali ta' żball.

([9]) Ara r-rapport tal-awditur estern dwar ir-rapporti finanzjarji msemmija fil-paragrafu 9.6.

([10]) Il-konklużjoni dwar is-sistemi hija limitata għas-sistemi magħżula għall-eżaminar kif definit fl-ambitu tal-awditjar fil-paragrafu 9.5.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Rakkomandazzjonijiet

9.19. L-***Anness 9.3*** juri r-riżultat tal-analiżi mill-Qorti tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti. Fir-Rapporti Annwali 2010 u 2011, il-Qorti ppreżentat 12-il rakkomandazzjoni. Minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, erbgħa ma ġewx analizzati din is-sena fid-dawl tal-approċċ, b'sistema ta' rotazzjoni, tal-Qorti. L-istituzzjonijiet u l-korpi kkonċernati implimentaw ħames rakkomandazzjonijiet fil-biċċa l-kbira tal-aspetti u tlieta ġew implimentati f'xi aspetti.

9.20. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2013, il-Qorti tirrakkommanda li:

— **Rakkomandazzjoni 1**: il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom jieħdu passi ulterjuri biex jiżguraw li l-membri tal-persunal jipprovdu dokumenti li jikkonfermaw is-sitwazzjoni personali tagħhom fuq bażi regolari, kif ukoll biex itejbu s-sistemi għall-ipproċessar f'waqtu ta' dawk id-dokumenti li jkollhom impatt fuq il-kalkolu ta' allowances tal-familja (ara l-paragrafi 9.11 u 9.13),

**9.20.**

RISPOSTA TAL-KUMMISSJONI

*Din ir-rakkomandazzjoni ġiet imtennija u kkummenta fl-osservazzjonijiet tal-2013:*

*Ittieħdu miżuri biex jiġu kkoreġuti l-iżbalji skoperti.*

*L-aġġornament awtomatiku tal-ammonti tal-gratifiki ta' natura simili ġie implimentat u hu kompletament operazzjonali. L-aġġornament awtomatiku diġà jkopri iktar minn 90 % tal-popolazzjoni. Qed jiġu żviluppati estensjonijiet ulterjuri. Isiru kontrolli addizzjonali fil-qafas ta' proċeduri eżistenti (il-bidu/it-tmiem tas-servizz).*

*Fl-2013, ġie implimentat modulu li jippermetti d-dikjarazzjoni ta' gratifiki ta' natura simili. Fl-aħħar ta' Ġunju 2014 tnieda modulu ieħor li jippermetti id-dikjarazzjoni ta' bidliet fl-attività professjonali ta' konjuġi.*

RISPOSTA TAS-SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

*Is-SEAE fakkar lill-persunal dwar l-obbligu tagħhom li jipprovdu informazzjoni aġġornata kif dovut dwar is-sitwazzjoni personali tagħhom, u b'mod partikolari biex jiddikjaraw benefiċċji minn sorsi oħra.*

*Fl-2012 u l-2013, is-SEAE kiteb emajl personali lill-persunal kollu li kien iddikjara dħul minn sorsi oħra sabiex ifakkarhom dwar l-obbligu tagħhom li jaġġornaw id-dikjarazzjoni tagħhom.*

*Barra minn hekk intbagħtet tfakkira lill-persunal kollu tas-SEAE fil-"weekly flash" amministrattiva u ppubblikata fuq is-sit tal-internet tas-SEAE.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

— **Rakkomandazzjoni 2**: is-SEAE għandu jtejjeb it-tfassil, il-koordinazzjoni u t-tmexxija tal-proċeduri ta' akkwist billi l-Kwartieri Ġenerali tiegħu jipprovdi aktar appoġġ u gwida lid-Delegazzjonijiet (ara l-paragrafi 9.14 u 9.15).

RISPOSTA TAS-SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA

*F'konformità mar-Regolamenti Finanzjarji, l-akkwist pubbliku fil-KĠ u d-Delegazzjonijiet ta' 'il fuq minn EUR 60 000 jeħtieġ proċeduri miftuħa ta' sejħa għall-offerti u huwa soġġett għal verifika qabel il-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt jew l-iffirmar ta' kuntratt. Il-verifika tal-proċeduri u d-dokumenti tal-offerti isir permezz ta' diviżjoni dedikata fil-KĠ. Dan id-diviżjoni tipprovdi wkoll appoġġ lill-awtoritajiet kontraenti matul il-fażijiet kollha tal-proċeduri tas-sejħiet għall-offerti.*

*Mudelli u prassi tajba jiġi kondiviżi fost is-servizzi operazzjonali, b'mod partikolari d-delegazzjonijiet, biex titjieb il-kwalità tagħhom u jitnaqqsu r-riskji tal-awtoritajiet kontraenti.*

*Mill-2012, bis-saħħa ta' dan l-arranġament il-ġdid ġie nnutat titjib sostanzjali fil-kwalità tas-sejħiet tal-offerti ppreparati mid-diviżjonijiet operazzjonali u d-Delegazzjonijiet.*

*Qed tingħata attenzjoni speċjali lill-kuntratti tas-servizzi tas-sigurtà, peress li dawn huma l-kuntratti li jiġi offruti l-aktar ta' spiss mid-delegazzjonijiet madwar id-dinja.*

*Fl-aħħar tal-2013, inħolqot task force magħmula minn membri tad-diviżjoni tal-Kontroll Ex ante u tad-diviżjoni tas-sigurtà fuq il-post biex tirrazzjonalizza l-operazzjonijiet tal-akkwist pubbliku relatati mas-sigurtà u tiżgura r-rispett tal-iskadenzi.*

ANNESS 9.1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦAN-NEFQA AMMINISTRATTIVA U NFIQ RELATAT*

| | 2013 | | | | 2012 | 2011 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Spejjeż relatati mal-persunal** | **Spejjeż relatati mal-bini** | **Spejjeż oħra** | **Total** | | | |
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | | | | | | |
| **Total tat-tranżazzjonijiet:** | 95 | 17 | 41 | **153** | 151 | 56 | 58 |
| **RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR** (1) (2) | | | | | | | |
| **Proporzjon (għadd) tat-tranżazzjonijiet ittestjati li nstabu li huma:** | | | | | | | |
| Ħielsa minn żball | 94 % (89) | 82 % (14) | 85 % (35) | **90 % (138)** | 99 % | 93 % | 93 % |
| Milquta minn żball wieħed jew aktar | 6 % (6) | 18 % (3) | 15 % (6) | **10 % (15)** | 1 % | 7 % | 7 % |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | | | | | | |
| Rata tal-iżball l-aktar probabbli | | | | **1,0 %** | 0,0 % | 0,1 % | 0,4 % |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | | | | 2,3 % | | | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | | | | 0,0 % | | | |

(1) Biex jitjieb il-fehim approfondit f'oqsma bi profili ta' riskju differenti fi ħdan il-grupp tal-politika, il-kampjun inqasam f'segmenti. Ir-riżultati tal-ittestjar jirriflettu s-sehem proporzjonali li kull segment għandu fi ħdan il-grupp tal-politika.

(2) Iċ-ċifri kkwotati fil-parentesi jirrappreżentaw l-għadd reali tat-tranżazzjonijiet.

ANNESS 9.2

*RIŻULTATI TAL-EŻAMINAR TAS-SISTEMI GĦAN-NEFQA AMMINISTRATTIVA U NFIQ RELATAT*

**Valutazzjoni tas-sistemi eżaminati**

| Sistema kkonċernata | Il-Kummissjoni | Il-Qorti tal-Ġustizzja | Istituzzjonijiet u korpi oħra | Valutazzjoni kumplessiva |
|---|---|---|---|---|
| Kontrolli ewlenin definiti fir-Regolament Finanzjarju u standards ta' kontroll intern | Effettiva | Effettiva | Effettiva | **Effettiva** |
| Reklutaġġ ta' persunal temporanju u kuntrattwali | Effettiva | Effettiva | Mhux Ivvalutata | **Effettiva** |
| Akkwist | Effettiva | Effettiva | Mhux Ivvalutata | **Effettiva** |

ANNESS 9.3

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦAN-NEFQA AMMINISTRATTIVA U NFIQ RELATAT*

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Istituzzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli (*) | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 1 (il-Parlament Ewropew):**<br>*Aġġornament tas-sitwazzjoni personali u tal-allowances riċevuti mill-perunal*<br>Il-Parlament Ewropew għandu jieħu passi biex jiżgura li l-persunal jibgħat, f'intervalli adatti, dokumenti li jikkonfermaw is-sitwazzjoni personali tiegħu u għandu jimplimenta sistema għall-monitoraġġ f'waqtu ta' dawn id-dokumenti (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafu 9.12). | | L-awditu ma identifika l-ebda dgħufija serja fir-rigward tal-ġestjoni tal-allowances tal-familja (ara l-paragrafu 9.16). | | | | | *Il-Parlament ħa nota tal-kummenti tal-Qorti.* |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 2 (il-Kummissjoni):**<br>*Aġġornament tas-sitwazzjoni personali u tal-allowances riċevuti mill-perunal*<br>Il-Kummissjoni għandha tieħu passi biex tiżgura li l-persunal jibgħat, f'intervalli adatti, dokumenti li jikkonfermaw is-sitwazzjoni personali tiegħu u għandha timplimenta sistema għall-monitoraġġ f'waqtu ta' dawn id-dokumenti (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafu 9.19). | | | Baqgħu jippersistu dgħufijiet fil-ġestjoni tal-allowances tal-familja (ara l-paragrafu 9.11). | | | | *Fl-2013, ġie implimentat modulu li jippermetti d-dikjarazzjoni ta' gratifiki ta' natura simili. Fl-aħħar ta' Ġunju 2014 tnieda modulu ieħor li jippermetti id-dikjarazzjoni ta' bidliet fl-attività professjonali ta' konjuġi minn kull membru tal-persunal. L-intitolament għall-gratifika tal-familja issa qed jingħata biss bil-kondizzjoni li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ta' introjtu tal-konjuġi. Dwar l-intitolament għall-gratifiki għall-ulied dipendenti fuq l-età ta' 18-il sena, għandu jkun possibbli wkoll fix-xhur li ġejjin li jiġu awtomatikement maqtugħin meta l-ebda dikjarazzjoni annwali tal-edukazzjoni ma tkun ingħatat.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Istituzzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli (*) | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 3 (is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna):**<br>*Aġġornament tas-sitwazzjoni personali u tal-allowances riċevuti mill-perunal*<br>Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandu jieħu passi biex jiżgura li l-persunal jibgħat, f'intervalli adatti, dokumenti li jikkonfermaw is-sitwazzjoni personali tiegħu u għandu jimplimenta sistema għall-monitoraġġ f'waqtu ta' dawn id-dokumenti (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafu 9.25). | | | Baqgħu jippersistu dgħufijiet fil-ġestjoni tal-allowances tal-familja (ara l-paragrafu 9.13). | | | | *Is-SEAE fakkar lill-persunal dwar l-obbligu tagħhom li jipprovdu informazzjoni aġġornata kif dovut dwar is-sitwazzjoni personali tagħhom, u b'mod partikolari biex jiddikjaraw benefiċċji minn sorsi oħra.*<br>*Fl-2012 u l-2013, is-SEAE kiteb emajl personali lill-persunal kollu li kien iddikjara dħul minn sorsi oħra sabiex ifakkarhom dwar l-obbligu tagħhom li jaġġornaw id-dikjarazzjoni tagħhom.*<br>*Barra minn hekk intbagħtet tfakkira lill-persunal kollu tas-SEAE fil-"weekly flash" amministrattiva u ppubblikata fuq is-sit tal-internet tas-SEAE.* |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 4 (il-Parlament Ewropew):**<br>*Reklutaġġ ta' persunal temporanju u kuntrattwali*<br>Il-Parlament Ewropew għandu jieħu passi biex jiżgura li d-dispożizzjonijiet tar-regolamenti rilevanti jiġu applikati fil-konklużjoni, l-estensjoni jew il-modifika ta' kuntratti tal-impjieg ma' persunal mhux permanenti (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafu 9.13). Huwa għandu jiżgura wkoll li tiġi stabbilita dokumentazzjoni xierqa biex tiġġustifika d-deċiżjonijiet ta' reklutaġġ li jkunu saru (ara r-Rapport Annwali 2010, il-paragrafu 7.15). | | Fl-2012 l-awditu ma sab l-ebda żball jew dgħufija fl-eżaminar ta' 15-il proċedura ta' reklutaġġ (ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 9.11). | | | | | *Il-Parlament ħa nota tal-kummenti tal-Qorti.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Istituzzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli (*) | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 5 (il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew):**<br>*Reklutaġġ ta' persunal temporanju u kuntrattwali*<br>Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandu jieħu passi biex jiżgura li d-dispożizzjonijiet tar-regolamenti rilevanti jiġu applikati fil-konklużjoni, l-estensjoni jew il-modifika ta' kuntratti tal-impjieg ma' persunal mhux permanenti (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafi 9.23 u 9.24). | | | | | X | | |
| | **Rakkomandazzjoni 6 (is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna):**<br>*Reklutaġġ ta' persunal temporanju u kuntrattwali*<br>Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandu jieħu passi biex jiżgura li d-dispożizzjonijiet tar-regolamenti rilevanti jiġu applikati fil-konklużjoni, l-estensjoni jew il-modifika ta' kuntratti tal-impjieg ma' persunal mhux permanenti (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafu 9.26). | | | | | X | | *Matul il-perjodu tranżizzjonali meta kienu rreklutati għadd kbir ta' diplomatiċi mill-Istati Membri bħala aġenti temporanji, jista' jkun li xi kuntratti ġew iffirmati ftit taż-żmien biss wara li l-membri tal-persunal bdew ħidmithom.*<br>*Dawn il-każijiet baqgħu eċċezzjonali. Il-persuni kollha kienu rreklutati skont il-proċeduri standard u regolari.*<br>*Is-SEAE ħa l-passi meħtieġa biex jiżguraw li tali każijiet ma jerġgħux iseħħu.* |
| | **Rakkomandazzjoni 7 (il-Parlament Ewropew):**<br>*Akkwist*<br>Il-Parlament Ewropew għandu jiżgura li l-uffiċjali awtorizzanti jtejbu t-tfassil, il-koordinazzjoni u l-prestazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist permezz ta' kontrolli adatti u gwida aħjar (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafi 9.15 sa 9.17). | | Fl-2012 l-awditu ma sab l-ebda żball jew dgħufija serja fl-eżaminar ta' 18-il proċedura ta' akkwist (ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 9.12). | | | | | *Il-Parlament ħa nota tal-kummenti tal-Qorti.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Istituzzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli (*) | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 8 (il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill):**<br>*Akkwist*<br>Il-Kunsill għandu jiżgura li l-uffiċjali awtorizzanti jtejbu t-tfassil, il-koordinazzjoni u l-prestazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist permezz ta' kontrolli adatti u gwida aħjar (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafu 9.18). | | Fl-2012 il-Qorti ma sabet l-ebda żball jew dgħufija serja fl-eżaminar ta' 15-il proċedura ta' akkwist (ara r-Rapport Annwali 2012, il-paragrafu 9.14). | | | | | O/S |
| | **Rakkomandazzjoni 9 (il-Kummissjoni):**<br>*Akkwist*<br>Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-uffiċjali awtorizzanti jtejbu t-tfassil, il-koordinazzjoni u l-prestazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist permezz ta' kontrolli adatti u gwida aħjar (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafi 9.20 u 9.21). | | L-awditu ma kixef l-ebda dgħufija serja fil-proċeduri ta' akkwist (ara l-paragrafu 9.12). | | | | | *Is-servizzi kkonċernati implimentaw minn nofs l-2011 bosta miżuri ta' simplifikazzjoni fil-qasam tal-akkwist bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kwalità tal-fajls tal-offerti. Fil-waqt li tiġi żgurata konformità mar-Regolament Finanzjarju, tajjeb li jiġi applikat is-sens komun li jiffavorixxi il-parteċipazzjoni ta' aktar offerent.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Istituzzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli (*) | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 10 (is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna):**<br>*Akkwist*<br>Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandu jiżgura li l-uffiċjali awtorizzanti jtejbu t-tfassil, il-koordinazzjoni u l-prestazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist permezz ta' kontrolli adatti u gwida aħjar (ara r-Rapport Annwali 2011, il-paragrafu 9.28). | | | L-awditu kixef dgħufijiet fil-proċeduri ta' akkwist (ara l-paragrafi 9.14 u 9.15). | | | | *F'konformità mar-Regolamenti Finanzjarji, l-akkwist pubbliku fil-KĠ u d-Delegazzjonijiet ta' 'il fuq minn EUR 60 000 jeħtieġ proċeduri miftuħa ta' sejħa għall-offerti u huwa soġġett għal verifika qabel il-pubblikazzjoni ta' avviż ta' kuntratt jew l-iffirmar ta' kuntratt. Il-verifika tal-proċeduri u d-dokumenti tal-offerti isir permezz ta' diviżjoni dedikata fil-KĠ. Dan id-diviżjoni tipprovdi wkoll appoġġ lill-awtoritajiet kontraenti matul il-fażijiet kollha tal-proċeduri tas-sejħiet għall-offerti.*<br>*Mudelli u prassi tajba jiġi kondiviżi fost is-servizzi operazzjonali, b'mod partikolari d-delegazzjonijiet, biex titjieb il-kwalità tagħhom u jitnaqqsu r-riskji tal-awtoritajiet kontraenti.*<br>*Mill-2012, bis-saħħa ta' dan l-arranġament il-ġdid ġie nnutat titjib sostanzjali fil-kwalità tas-sejħiet tal-offerti ppreparati mid-diviżjonijiet operazzjonali u d-Delegazzjonijiet.*<br>*Qed tingħata attenzjoni speċjali lill-kuntratti tas-servizzi tas-sigurtà, peress li dawn huma l-kuntratti li jiġi offruti l-aktar ta' spiss mid-delegazzjonijiet madwar id-dinja.*<br>*Fl-aħħar tal-2013, inħolqot task force magħmula minn membri tad-diviżjoni tal-Kontroll Ex ante u tad-diviżjoni tas-sigurtà fuq il-post biex tirrazzjonalizza l-operazzjonijiet tal-akkwist pubbliku relatati mas-sigurtà u tiżgura r-rispett tal-iskadenzi.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Istituzzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli (*) | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2010 | **Rakkomandazzjoni 11 (il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew):**<br>*Akkwist*<br>Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandu jiżgura li l-uffiċjali awtorizzanti jkollhom kontrolli adatti u gwida aħjar għad-dispożizzjoni tagħhom sabiex itejbu t-tfassil, il-koordinazzjoni u l-prestazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist (ara r-Rapport Annwali 2010, il-paragrafu 7.27). | | | | | X | | |
| | **Rakkomandazzjoni 12 (il-Kumitat tar-Reġjuni)**<br>*Akkwist*<br>Il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jiżgura li l-uffiċjali awtorizzanti jkollhom kontrolli adatti u gwida aħjar għad-dispożizzjoni tagħhom sabiex itejbu t-tfassil, il-koordinazzjoni u l-prestazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist (ara r-Rapport Annwali 2010, il-paragrafi 7.29 u 7.30). | | | | | X | | |

(*) Taħt l-approċċ għar-rotazzjoni tal-eżaminar approfondit tas-sistemi ta' kontroll fost l-Istituzzjonijiet u l-korpi, is-segwitu ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet se jitwettaq fis-snin li ġejjin.

KAPITOLU 10

## Kisba ta' riżultati mill-baġit tal-UE

WERREJ


| | Paragrafu |
|---|---|
| Introduzzjoni | 10.1-10.2 |
| Parti 1 — Fokus fuq il-Prestazzjoni | 10.3-10.16 |
| Perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013 | 10.4-10.10 |
| Perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020 | 10.11-10.16 |
| Parti 2 — Rappurtar tal-Kummissjoni dwar il-Prestazzjoni | 10.17-10.39 |
| Rappurtar mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill | 10.18-10.22 |
| Analiżi tar-rapport ta' evalwazzjoni ppubblikat f'Ġunju 2014 | 10.23-10.26 |
| Ippjanar u rappurtar dwar il-prestazzjoni fil-livell tad-direttorat ġenerali | 10.27-10.39 |
| Ġenerali | 10.28-10.31 |
| Ippjanar u rappurtar dwar prestazzjoni fi tliet DĠ magħżula | 10.32-10.39 |
| Parti 3 — Riżultati tal-awditu tal-Qorti dwar il-prestazzjoni | 10.40-10.55 |
| Ir-rapporti speċjali 2013 tal-Qorti | 10.41-10.52 |
| Valur miżjud tal-UE | 10.44-10.48 |
| Deadweight | 10.49-10.52 |
| Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti speċjali | 10.53-10.55 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 10.56-10.65 |
| Konklużjoni | 10.56-10.63 |
| Rakkomandazzjonijiet | 10.64-10.65 |

Anness 10.1 — Rapporti speċjali adottati mill-Qorti tal-Awdituri fl-2013

Anness 10.2 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għall-kisba ta' riżultati mill-baġit tal-UE

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

10.1. Dan il-kapitolu jiffoka fuq il-prestazzjoni. Il-prestazzjoni fl-Unjoni Ewropea (UE) hija vvalutata abbażi tal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba (l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja (effettività)) ([1]), u tkopri:

(a) l-inputs — il-mezzi finanzjarji, umani, materjali, organizzazzjonali jew regolatorji meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programm;

(b) l-outputs — ir-riżultati tanġibbli tal-programm;

(c) ir-riżultati — l-effetti immedjati tal-programm fuq destinatarji jew riċevituri diretti;

(d) l-impatti — bidliet fuq terminu twil fis-soċjetà li jkunu, għall-inqas parzjalment, attribwibbli għall-azzjoni tal-UE.

10.2. Il-kapitolu huwa maqsum fi tliet partijiet. L-ewwel parti tqis ir-regoli baġitarji tal-UE u l-fokus intenzjonat tagħhom fuq il-prestazzjoni. It-tieni parti tippreżenta l-osservazzjonijiet tal-Qorti dwar xi aspetti tar-rappurtar mill-Kummissjoni dwar il-prestazzjoni, inklużi r-rappurtar tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, ir-raba' rapport ta' evalwazzjoni tagħha ([2]), u r-rapporti annwali tal-attività (RAA) mħejjija mid-diretturi ġenerali tal-Kummissjoni. It-tielet parti tenfasizza xi wħud mit-temi prinċipali li jirriżultaw mir-rapporti speċjali 2013 tal-Qorti ([3]) dwar il-prestazzjoni, u s-segwitu mill-Qorti ta' kif ir-rakkomandazzjonijiet tagħha jiġu implimentati.

## PARTI 1 — FOKUS FUQ IL-PRESTAZZJONI

10.3. Din il-parti tal-kapitolu tanalizza l-punt sa fejn kien hemm fokus fuq il-prestazzjoni — minbarra l-infiq tal-flus f'konformità mar-regoli — fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013; u hija tqis il-bidliet li saru għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020.

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-bagit generali tal-Komunitajiet Ewropej, l-Artikolu 27; imħassar bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), l-Artikolu 30 (dħul fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013).

([2]) L-Artikolu 318 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-valutazzjoni (l-evalwazzjoni) tal-finanzi tal-Unjoni bbażat fuq ir-riżultati miksuba.

([3]) Ir-rapporti speċjali tal-Qorti jkopru l-baġit tal-UE, kif ukoll il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013

10.4. Għal partijiet kbar mill-baġit tal-UE — prinċipalmenti dawk fejn topera l-ġestjoni kondiviża — il-livell massimu ta' nfiq taħt l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) huwa ripartit f'allokazzjonijiet annwali għal kull Stat Membru. Il-Kummissjoni tqis tali allokazzjonijiet bħala meħtieġa għall-programmazzjoni u għall-kwantifikazzjoni *ex ante* ta' miri. Madankollu, il-Qorti nnutat li hija sfida li jinkisbu riżultati kwalitattivi tajbin minn skemi fejn l-assorbiment ta' fondi mill-Istati Membri huwa objettiv impliċitu u, fil-prattika, ta' sikwit l-objettiv prinċipali ([4]).

10.5. Din l-isfida ġiet innutata wkoll fir-rapport speċjali tal-Qorti dwar l-effettività tal-komponent Ambjent tal-programm LIFE ([5]) — "is-sinsla ambjentali tal-UE". Il-Qorti kkonkludiet li l-allokazzjonijiet nazzjonali indikattivi xekklu l-għażla tal-aħjar proġetti peress li l-proġetti ntgħażlu mhux biss fuq il-bażi tal-mertu tagħhom iżda wkoll ibbażat fuq l-Istat Membru tal-oriġini tagħhom. L-allokazzjonijiet nazzjonali fissru li l-kompetizzjonijiet għall-aħjar proġetti biex jiġbdu l-finanzjament seħħew fil-livell nazzjonali, fi ħdan l-Istati Membri, aktar milli madwar l-Ewropa kollha. B'konsegwenza ta' dan, xi wħud mill-proġetti li rċevew il-finanzjament ġew ikklassifikati f'livell aktar baxx matul il-proċess tal-għażla minn proġetti oħra li ma rċevewx finanzjament ([6]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**10.4.** *L-Awtorità Baġitarja qieset li l-allokazzjonijiet annwali għal kull Stat Membru kienu strument importanti biex jintlaħaq ftehim dwar il-QFP. B'konsegwenza ta' dan, l-allokazzjonijiet ġew adottati fil-bażijiet legali.*

*Madankollu, l-assorbiment tal-fondi mhuwiex objettiv impliċitu, iżda prekundizzjoni biex jinkisbu r-riżultati.*

**10.5.** *Fil-qafas ta' ġestjoni diretta, il-Kummissjoni pproponiet fir-Regolament il-ġdid LIFE, l-eliminazzjoni ta' allokazzjonijiet nazzjonali indikattivi. Dawn se jiġu progressivament eliminati fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.*

([4]) Ir-Rapport Annwali 2012 tal-Qorti, il-paragrafu 10.4. Ara wkoll l-Opinjoni Nru 7/2011 tal-Qorti dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew (FEMS) koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 (ĠU C 47, 17.2.2012), il-paragrafu 4 (http://eca.europa.eu).

([5]) *L'Instrument Financier pour l'Environnement*. Il-programm LIFE mhwiex suġġett għall-ġestjoni kondiviża, iżda huwa mmaniġġjat direttament mill-Kummissjoni.

([6]) Ir-Rapport Speċjali Nru 15/2013 "Il-komponent Ambjent tal-programm LIFE kien effettiv?"", il-paragrafi 17 sa 21 (http://eca.europa.eu).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

10.6. Ingħataw eżempji tal-fokus ġenerali fuq l-infiq li jsir, a skapitu tal-kisba ta' riżultati, f'għadd ta' rapporti speċjali ppubblikati fl-2013 fil-qasam tal-iżvilupp rurali. L-awditu tal-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni sab li l-Istati Membri u l-Kummissjoni ffukaw fuq l-implimentazzjoni finanzjarja — l-infiq tal-baġit — aktar milli fuq il-kisba ta' riżultati ([7]). L-awditi tal-appoġġ lill-industrija tal-ipproċessar tal-ikel u tal-miżuri għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali t-tnejn li huma pprovdew eżempji fejn l-Istati Membri kienu nefqu flus fi proġetti li, skont is-sistemi tal-għażla tagħhom stess, x'aktarx kienu se jagħmlu biss kontributi foqra lill-miri tal-UE ([8]).

10.7. Mod ieħor kif il-qafas leġiżlattiv 2007–2013 kellu l-ħabta jiffoka primarjament fuq l-infiq f'konformità mar-regoli kien l-użu minn korrezzjonijiet u rkupri finanzjarji. Ir-Rapport Annwali 2012 irrapporta dwar l-azzjonijiet disponibbli għall-Kummissjoni meta l-infiq tal-fondi tal-UE taħt ġestjoni kondiviża ma jikkonformax mar-regoli. Skont iċ-ċirkustanzi, l-użu minn korrezzjonijiet u rkupri finanzjarji jista' jirriżulta f'telf ta' finanzjament għall-Istat Membru jew għall-benefiċjarju finali ([9]).

10.8. Fil-koeżjoni, meta l-Istati Membri jaqblu li n-nefqa ma tikkonformax mar-regoli, huma ġeneralment ikunu jistgħu jissostitwixxu proġetti ineligibbli. Kull sena l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-firxa tan-nefqa li ġiet suġġetta għas-sostituzzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni ma tanalizzax din in-nefqa sostitwita, u lanqas ma vvalutat l-effett potenzjali fuq il-prestazzjoni kumplessiva tal-politika.

10.9. Dawn l-aspetti tal-qafas leġiżlattiv — korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri, u proġetti ta' sostituzzjoni — huma kkawżati minn problemi ta' konformità. Ma hemm l-ebda proċess ekwivalenti fis-seħħ jekk il-proġetti jew il-programmi ma jkunux wasslu l-impatti u r-riżultati mistennija minnhom.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**10.6.** *Fir-rwol tagħha ta' sorveljanza, il-Kummissjoni insistiet, matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 dwar il-ħtieġa għal aktar selettività u mmirar fl-implimentazzjoni tal-Programmi ta' Żvilupp Rurali.*

*Rigward il-Qafas Komuni ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni fil-qasam tal-Iżvilupp Rurali, id-dejta u l-informazzjoni kollha disponibbli, pereż. id-dejta finanzjarja u ta' monitoraġġ, is-sejbiet tal-evalwazzjoni, huma kkunsidrati f'laqgħat annwali mal-Istati Membri, biex jivvalutaw il-progress tal-implimentazzjoni tal-programmi u kwalunkwe bżonn għal aġġustamenti fl-istrateġija tagħhom u l-allokazzjonijiet finanzjarji.*

**10.8–10.9.** *Skont il-qafas legali 2007-2013, applikabbli fil-kuntest ta' ġestjoni kondiviża, l-Istati Membri biss għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-ammont ta' nefqa rregolari mibdula (l-Artikolu 20(2) tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006). Ma għandhomx jipprovdu informazzjoni li tippermetti li jingħaqdu l-ammont sostitwiti mal-proġett speċifiċi li jipproduċu prestazzjonijiet u riżultati, peress li ma hemmx rekwiżit legali għal dan.*

([7]) Ir-Rapport Speċjali Nru 12/2013 "Jistgħu l-Kummissjoni u l-Istati Membri juru li l-baġit tal-UE allokat għall-politika ta' żvilupp rurali jintnefaq tajjeb?", il-paragrafi 58 sa 75 u 81 (http://eca.europa.eu).

([8]) Ir-Rapport Speċjali Nru 1/2013 "L-appoġġ tal-UE lill-industrija tal-ipproċessar tal-ikel kien effettiv u effiċjenti fiż-żieda tal-valur lill-prodotti agrikoli?", il-paragrafu 38; ir-Rapport Speċjali Nru 6/2013, "L-Istati Membri u l-Kummissjoni kisbu l-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz bil-miżuri għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali?", il-paragrafi 31 u 87 (http://eca.europa.eu).

([9]) Dettalji sħaħ jinsabu fir-Rapport Annwali 2012 tal-Qorti, il-paragrafi 1.20 sa 1.35.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

10.10. Ibbażat fuq ix-xogħol tal-awditjar tagħha, il-Qorti sabet li l-għażla ta' proġetti taħt ġestjoni kondiviża — kwistjoni tal-Istati Membri — iffukat l-ewwel fuq il-ħtieġa li jintnefqu l-flus tal-UE disponibbli, it-tieni fuq il-ħtieġa ta' konformità mar-regoli u biss it-tielet — u sa punt limitat — fuq il-prestazzjoni mistennija minnhom (10). Billi l-proġetti ta' sostituzzjoni jintgħażlu bl-istess mod bħall-proġetti li qed jiġu sostitwiti, l-istess xejra ta' prijorità tapplika. F'fehmet il-Qorti, il-konformità u l-prestazzjoni għandhom jingħataw piż indaqs matul iċ-ċiklu kollu tal-proġetti.

## Perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020

10.11. Fir-rispons tagħha għar-Rapport Annwali 2012 tal-Qorti, il-Kummissjoni ddikjarat li l-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid, għall-2014–2020, kien se jkollu aktar fokus fuq il-prestazzjoni, b'enfasi fuq ħames aspetti speċifiċi (11):

(a) approċċ imġedded għall-evalwazzjoni, kif stipulat fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni (12). Għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat l-operat tal-arranġamenti l-ġodda;

(b) kundizzjonalitajiet makroekonomiċi, li jorbtu l-iżborżament ta' fondi mill-UE mal-konformità li l-Istati Membri jkollhom mar-rekwiżiti tal-governanza ekonomika kif stabbiliti permezz tas-Semestru Ewropew (13). Fejn l-Istati Membri ma jikkonformawx, il-Kummissjoni tista' tissospendi l-pagamenti sakemm issir ir-reviżjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija (ara l-Kaxxa 10.1) jew tal-programmi rilevanti (14);

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**10.10.** *Il-Kummissjoni tinnota li l-kriterji ta' prestazzjoni huma inkorporati fil-proċess tal-għażla ta' kull proġett li jrid jiġi ffinanzjat.*

*Permezz tal-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji peżati tal-għażla l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jidentifikaw il-proġetti li jistgħu jagħtu l-aħjar kontribut għall-kisba ta' riżultati.*

(10) Intlaħqu konklużjonijiet simili mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni fl-awditu tiegħu tas-sistemi tal-kejl tal-prestazzjoni tad-Direttorat Ġenerali (DĠ) għall-Politika Reġjonali (REGIO) u d-DĠ Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni (EMPL), it-tnejn li huma rrappurtati f'Diċembru 2013.

(11) Ir-risposta tal-Kummissjoni għar-Rapport Annwali 2012 tal-Qorti, il-paragrafu 10.3. Ir-rekwiżiti rreveduti japplikaw għall-"Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (ESI)", jiġifieri l-FEŻR, l-FSE, l-FK, il-FAEŻR u l-FEMS. Huma stipulati fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320), li kultant issir referenza għalih bħala r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, jew RDK.

(12) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-Artikoli 54-57 u 114.

(13) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-Artikolu 23.

(14) Fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti, 2007–2013, il-leġiżlazzjoni ppermettiet is-sospensjoni ta' impenji tal-Fond ta' Koeżjoni biss fil-kuntest ta' nuqqas ta' konformità mal-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Tali sospensjoni seħħet f'każ wieħed, fl-Ungerija. Madankollu, din is-sospensjoni qatt ma daħlet fis-seħħ mindu l-Ungerija ssottomettiet programm ta' konverġenza rrevedut qabel ma s-sospensjoni daħlet f'effett.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 10.1 — Ftehimiet ta' Sħubija**

Fil-qalba tal-qafas irrevedut li jirregola l-iżborżament mill-fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment (ESI) hemm il-Ftehimiet ta' Sħubija bejn kull Stat Membru u l-Kummissjoni. Dawn il-Ftehimiet jistabbilixxu kif l-Istat Membru jkun bi ħsiebu juża l-finanzjament disponibbli tal-UE għall-ilħuq tal-objettivi tiegħu, b'aktar dettall – dwar miri u stadji importanti, pereżempju – fil-programmi operazzjonali tal-livell aktar baxx ([15]).

(c) loġika ta' intervent imsaħħa, li torbot l-objettivi tal-UE u tal-Istati Membri. Meta jkunu qed jippjanaw programmi operazzjonali, l-Istati Membri huma meħtieġa jiffukaw fuq ir-riżultat mixtieq qabel ma jqisu kif se jiksbuh;

(d) kundizzjonalitajiet *ex ante*, intenzjonati biex jiżguraw li l-oqfsa t-tajba jinsabu fis-seħħ għall-użu effettiv mill-fondi tal-ESI, bħall-eżistenza ta' strateġiji/pjanijiet rilevanti ([16]). L-Istati Membri huma meħtieġa jiddimostraw, fi Ftehimiet ta' Sħubija u fi programmi operazzjonali, konformità mal-kundizzjonalitajiet *ex ante* rilevanti, jew ikollhom pjanijiet li jagħmlu dan sa tmiem l-2016. Fejn jonqsu milli jagħmlu dan, il-Kummissjoni tista' tissospendi l-pagamenti;

(e) riżerva għall-prestazzjoni, diskussa hawn taħt.

10.12. Ir-**riżerva għall-prestazzjoni** hija l-inċentiv prinċipali għall-Istati Membri biex dawn ikomplu jiffukaw fuq il-prestazzjoni ladarba l-programmi jkunu bdew ([17]). L-operat ippjanat tar-riżerva għall-prestazzjoni huwa spjegat fil-Kaxxa 10.2.

**Kaxxa 10.2 — Ir-riżerva għall-prestazzjoni**

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-Artikoli 20 sa 22, jistabbilixxi kif ir-riżerva għall-prestazzjoni se topera. Il-karatteristiċi prinċipali huma:

— Fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni, fil-Ftehimiet ta' Sħubija u fil-programmi operazzjonali, il-Kummissjoni u kull Stat Membru jaqblu dwar liema prijoritajiet speċifiċi fi ħdan il-programmi se jiffurmaw il-bażi għall-allokazzjoni ta' riżerva għall-prestazzjoni ta' 6 %.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**10.12.** *Ir-riżerva tal-prestazzjoni hija waħda mill-inċentivi ewlenin għall-Istati Membri biex jiffukaw fuq il-prestazzjoni. Li jkun hemm indikaturi ċari fi programmi u rappurtaġġ trasparenti kontrihom huwa wkoll parti importanti ta' responsabilità u jinċentiva fowkus fuq il-prestazzjoni.*

([15]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-Artikoli 15 sa 17.

([16]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-Artikolu 19.

([17]) Barra minn hekk, fl-2014–2020 għall-ewwel darba hemm rekwiżit li d-*data* tiġi ppubblikata, li r-rapporti annwali ta' implimentazzjoni jkun fihom taqsiriet għall-pubbliku u li r-rapporti ta' evalwazzjoni jiġu ppubblikati. Dan huwa intenzjonat biex jiffaċilita d-dibattitu pubbliku dwar l-outputs u r-riżultati miksuba.

— Fl-2019, il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, se tanalizza l-kisba ta' stadji importanti ta' programmi għall-prijoritajiet magħżula, ibbażati fuq ir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni ppreżentati mill-Istati Membri f'dik is-sena.

— Fejn il-prestazzjoni titqies sodisfaċenti, il-Kummissjoni tirrilaxxa r-riżerva għall-prestazzjoni ta' 6 %. Fejn ma tkunx, l-Istati Membri jipproponu r-riallokazzjoni tar-riżerva lil prijoritajiet oħra.

— Fejn ikun hemm evidenza li kien hemm "nuqqas serju" ta' lħuq ta' stadji importanti, f'ċerti ċirkustanzi jista' jkun li l-Kummissjoni tista' tissospendi l-pagament tar-riżerva għall-prestazzjoni.

10.13. Għall-perjodu 2007–2013 ([18]) (u mhux għall-FAEŻR), l-għażla tal-użu ta' riżerva għall-prestazzjoni ġiet delegata lill-Istati Membri ([19]). Madankollu, żewġ Stati Membri biss, il-Polonja u l-Italja, għażlu li jagħmlu użu minn din il-possibbiltà, fiż-żewġ każijiet bi ftit li xejn jew bl-ebda fokus ġenwin fuq il-prestazzjoni.

10.14. Li r-riżerva għall-prestazzjoni tiġġiegħel taħdem b'mod aktar effettiv minn qabel se tiddependi mis-suċċess tal-Kummissjoni f'pereżempju:

(a) In-negozjar ta' miri u stadji adatti fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni. Dawn il-miri jridu jinħolqu fil-livell it-tajjeb – impenjattivi biżżejjed biex l-ilħuq tagħhom ma jkunx formalità, filwaqt li jibqgħu realistikament fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Istat Membru.

(b) Il-kisba ta' *data* preċiża, affidabbli u f'waqtha mill-Istati Membri biex jiġi determinat jekk il-miri ntlaħqux.

([18]) Riżerva għall-prestazzjoni — regolata minn proċessi differenti — kienet ukoll fis-seħħ għall-Fondi Strutturali fil-perjodu ta' programmazzjoni 2000–2006. Madankollu, f'awditu ta' dawn l-arranġamenti u ta' arranġamenti relatati (ir-Rapport Speċjali Nru 1/2007, il-paragrafu III) l-Qorti kkonkludiet li r-riżerva għall-prestazzjoni ma żiditx fokus fuq il-prestazzjoni iżda "kienet użata prinċipalment sabiex l-infiq jilħaq il-massimu minflok biex jiġi kkonċentrat l-infiq fuq attivitajiet li kienu murija bħala partikolarment effettivi. Il-Kummissjoni enfasizzat l-importanza tal-assorbiment".

([19]) Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25), l-Artikolu 50.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

10.15. Madankollu, l-istadji importanti applikati fir-riżerva għall-prestazzjoni se jinkludu indikaturi finanzjarji, indikaturi tal-produzzjoni (tal-output) u, fejn xieraq biss, indikaturi tar-riżultat ([20]). Ġeneralment, ir-rapporti speċjali tal-Qorti ma jkunux żvelaw problemi sinifikanti bl-outputs; id-diffikultajiet għandhom il-ħabta jseħħu fil-livell ta' riżultati/impatti. Fil-prattika, ir-riżerva għall-prestazzjoni se tagħmel użu limitat biss minn indikaturi tar-riżultat peress li l-Kummissjoni ma tippjanax li tuża indikaturi tar-riżultat għall-ebda qasam ieħor minbarra l-FSE, fuq il-bażi li l-programmi ffinanzjati mill-UE, waħidhom, ma għandhomx influwenza biżżejjed fuq il-kisba ta' riżultati, u li jista' jkun hemm tul ta' żmien konsiderevoli bejn l-infiq ta' flus u l-kisba ta' riżultati. Ir-Regolament jispeċifika wkoll li l-indikaturi tar-riżultat ma għandhomx jitqiesu waqt id-deċiżjoni dwar jekk il-pagamenti tar-riżerva għall-prestazzjoni għandhomx jiġu sospiżi jew dwar jekk għandhomx jinħarġu korrezzjonijiet finanzjarji. L-inklużjoni ta' indikaturi finanzjarji bħala bażi għal pagamenti tar-riżerva għall-prestazzjoni tirriskja riverżjoni għall-fokus fuq l-assorbiment aktar milli fuq il-prestazzjoni.

10.16. L-arranġamenti l-ġodda jintlaqgħu tajjeb u l-istabbiliment ta' riżerva għall-prestazzjoni jista' jħeġġeġ fokus akbar fuq ir-riżultati. Madankollu, l-impatt x'aktarx li jkun marġinali peress li għad ma hemm l-ebda inċentiv finanzjarju reali jew sanzjoni finanzjarja reali fil-qafas 2014–2020 relatata mar-riżultati miksuba bil-finanzjament mill-UE.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**10.16.** *Il-pubblikazzjoni tad-dejta tal-prestazzjoni mir-Rapporti tal-Implimentazzjoni Annwali kif ukoll ir-rekwiżiti ta' evalwazzjoni (obbligu għal mill-inqas evalwazzjoni waħda tal-impatt għal kull prijorità) huma maħsuba biex jistimulaw dibattitu politiku u responsabbiltà reali.*

*Barra minn hekk, kif previst fil-qafas regolatorju 2014-2020 (l-Artikolu 22(6 u 7) tar-Regolament Nru 1303/2013), il-Kummissjoni se tkun tista' tissanzjona l-Istati Membri f'każ ta' insuffiċjenza serja, bħala riżultat tar-rieżami tal-prestazzjoni (l-Artikolu 22(6) tar-Regolament Nru 1303/2013) u fl-għeluq (l-Artikolu 22(7)).*

## PARTI 2 – RAPPURTAR TAL-KUMMISSJONI DWAR IL-PRESTAZZJONI

10.17. Din il-parti tal-kapitolu tkopri tliet elementi: il-qafas għar-rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-Kummissjoni; ir-raba' rapport ta' evalwazzjoni; u r-rappurtar tal-prestazzjoni fil-livell tad-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni.

([20]) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013, l-Anness II, il-paragrafu 2.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Rappurtar mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

10.18. Il-Kummissjoni tipproduċi firxa wiesgħa ta' pubblikazzjonijiet, fuq suġġetti differenti u għal udjenzi differenti. Legalment, hija meħtieġa li tirrapporta kull sena dwar it-twettiq tal-obbligu tagħha li timplimenta l-baġit ([21]) fi tliet dokumenti separati ([22]):

(a) ir-"*rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja*", inkluża deskrizzjoni tal-għanijiet milħuqa għas-sena, skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba ([23]);

(b) ir-"*rapport ta' sinteżi*", li jirrappreżenta taqsira tar-rapporti annwali tal-attività li, fost affarijiet oħra, jirrappurtaw dwar il-kisbiet tal-politika ([24]); u

(c) ir-"*rapport ta' evalwazzjoni*" dwar il-finanzi tal-Unjoni bbażat fuq riżultati miksuba ([25]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**10.18.** *Skont il-prattika attwali, it-tliet rapporti jservu skopijiet differenti u huma komplementari għal xulxin. Ir-Rapport ta' Sinteżi jiffoka fuq il-kisbiet tal-maniġment tal-Kummissjoni, ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Artikolu 318 jiffoka fuq ir-riżultati milħuqa minn programmi ta' nfiq u r-rapport dwar ir-rapporti tal-Ġestjoni Baġitarja u Finanzjarja dwar l-aspetti baġitarji u l-ġestjoni baġitarja.*

---

([21]) L-Artikolu 317 TFUE.

([22]) Barra minn hekk, l-Artikolu 249(2) TFUE jeħtieġ mill-Kummissjoni li din tippubblika ta' kull sena "rapport ġenerali fuq l-attivitajiet tal-Unjoni". Dan ir-rapport huwa mmirat lejn il-qarrej ġenerali, u jiddeskrivi f'livell għoli l-attivitajiet tal-Kummissjoni, tal-korpi l-oħra tal-UE u tal-Istati Membri. Dan ma jikkostitwixxix analiżi tal-implimentazzjoni tal-baġit mill-Kummissjoni.

([23]) L-Artikolu 142 tar-Regolament Finanzjarju (UE, Euratom) Nru 966/2012 u r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1), l-Artikolu 227.

([24]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, l-Artikolu 66(9).

([25]) L-Artikolu 318 TFUE.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

10.19. Fil-prattika, ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjara u r-rapport ta' sinteżi ma fihom l-ebda, jew inkella ftit, informazzjoni dwar il-prestazzjoni. Filwaqt li r-rapport ta' sinteżi għall-2013 jistipula xi informazzjoni ġenerali dwar il-qafas tal-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-prestazzjoni, huwa ma pprova jipprovdi l-ebda dettall dwar dak li l-baġit tal-UE kien kiseb f'dik is-sena.

10.20. It-tliet rapporti huma lkoll, skont il-leġiżlazzjoni, indirizzati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ([26]). Mil-lat tat-twaqqit, il-Kummissjoni timmira li tippubblika r-rapport ta' evalwazzjoni u r-rapport ta' sinteżi f'Ġunju tas-sena n+1, filwaqt li r-Regolament Finanzjarju jispeċifika li r-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja għandu jitħejja aktar kmieni, sal-31 ta' Marzu tas-sena n+1. Ir-rapport ta' evalwazzjoni huwa intenzjonat speċifikament biex jintuża fil-proċess ta' kwittanza, iżda altrimenti l-leġiżlazzjoni ma tagħmilx ċar l-iskop partikolari ta' kull rapport. Meta jittieħdu dawn it-tliet rapporti flimkien hemm, konsegwentement, trikkib li ġej mil-leġiżlazzjoni kif ukoll diskrepanzi u inkonsistenzi.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**10.19.** *Fir-rigward tar-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja (report on budgetary and financial management, RBFM), tabilħaqq hemm referenza fir-RAP li r-rapport għandu jiddeskrivi l-għanijiet li jinkisbu. Madankollu, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja tassumi li din tkun marbuta ma' objettivi ta' politika, il-Kummissjoni temmen li din tirrigwarda l-objettivi fil-qasam ta' ġestjoni tal-baġit. L-Artikolu 227 tar-RAP jistipula li "ir-rapport għandu jiddeskrivi l-objettivi li ntlaħqu għas-sena, skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda". L-RBFM, skont l-Artikolu 142.2 FR, jistipula fid-dettall, fiż-żewġ tabelli u t-test, ir-rati ta' implimentazzjoni miksuba, u jispjega kif l-istrumenti ta' ġestjoni baġitarja, bħal trasferimenti u baġits emendatorji, ġew użati sabiex jinkiseb il-massimu ta' implimentazzjoni, u jiżgura approprjazzjonijiet biżżejjed għal prijoritajiet. B'dan il-mod, jindirizza l-elementi stabbiliti fl-FR (142.2) u r-RAP (227), filwaqt li jitqies ukoll li l-Artikolu 227 tar-Regoli ta' Applikazzjoni jgħid li r-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u dik finanzjarja għandu jkun separat mir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit.*

*Fir-rigward tar-Rapport ta' Sinteżi, il-Kummissjoni tindika li, minbarra r-referenza għall-qafas tal-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-prestazzjoni, l-aspetti differenti ta' prestazzjoni, kif indikati fir-risposta għal 10.58, huma koperti.*

**10.20.** *Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li din il-prassi ta' rappurtar, li fih dawn ir-rapporti kollha għandhom rwol u skop distint, huwa f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali u operattivi f'diversi livelli (tat-TFUE, ir-Regolament Finanzjarju u l-istruzzjonijiet permanenti interni tal-Kummissjoni).*

*Il-Kummissjoni qieset gwida preċedenti mogħtija mid-diversi rapporti ta' kwittanza mill-PE u mill-Kunsill u mir-rapporti annwali tal-Qorti. Din il-gwida, pereżempju, indikat id-direzzjoni biex jiġi żviluppat ir-rapport tal-Artikolu 318. Il-Kummissjoni għalhekk hija tal-opinjoni li, b'konformità mal-linji gwida li diġà waslu, ma hemmx aktar bżonn ta' bidla radikali fil-prattika ta' rappurtar.*

([26]) Ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja huwa indirizzat ukoll lill-Qorti tal-Awdituri.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

10.21. Il-Kummissjoni enfasizzat ripetutament li l-valur miżjud tal-UE huwa test ewlieni għall-ġustifikazzjoni tal-infiq iffinanzjat mill-baġit tal-UE ([27]). L-importanza ta' dan il-kunċett ġie kkonfermat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Madankollu, l-ebda wieħed mit-tliet rapporti prinċipali ppubblikati fl-2013 ma pprovda ħarsa ġenerali komprensiva lejn ir-riżultati f'termini ta' valur miżjud tal-UE. Din hija diskrepanza sinifikanti fir-rappurtar.

10.22. Il-preżentazzjoni ta' informazzjoni fit-tliet rapporti hija inkonsistenti, u dan ma jiffaċilitax it-tqabbil bejniethom. Ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja u r-rapport ta' evalwazzjoni jippreżentaw l-informazzjoni skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), filwaqt li l-parti rilevanti tar-rapport ta' sinteżi hija strutturata madwar kategoriji użati fil-baġit tal-UE ("titoli tal-baġit"). Mhuwiex faċilment possibbli li jiġu rrikonċiljati dawn iż-żewġ strutturi differenti u kif waħda tikkorrispondi għall-oħra. Għalhekk huwa prattikament impossibbli għall-qarrejja biex jużaw dawn ir-rapporti bħala sorsi komplementari ta' informazzjoni.

## Analiżi tar-rapport ta' evalwazzjoni ppubblikat f'Ġunju 2014

10.23. Il-Kummissjoni ppubblikat ir-raba' rapport ta' evalwazzjoni tagħha f'Ġunju 2014 ([28]). It-Trattat jirrikjedi li l-Kummissjoni tipproduċi rapport bħal dan, u li r-rapport ikun parti mill-evidenza li fuqha l-Parlament jagħti kwittanza lill-Kummissjoni rigward il-baġit kull sena ([29]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**10.21.** *Meta pproponiet programmi ġodda ta' nfiq, il-Kummissjoni għamlet sforz kbir biex tbassar il-valur miżjud tal-UE ta' kull programm. Meta l-koleġiżlaturi qablu ma' din il-fehma, adottaw il-programmi ta' nfiq proposti. Il-Kummissjoni se tmexxi dawn il-programmi u se tirrapporta dwar il-valur miżjud tal-UE, li huwa wieħed mill-aspetti li l-evalwazzjonijiet ex post se jivvalutaw. Dawn l-evalwazzjonijiet huma disponibbli pubblikament u r-rapport tal-Artikolu 318 jinkludi informazzjoni dwar il-valur miżjud tal-UE.*

**10.22.** *Rigward l-istruttura differenti tar-rapporti, il-Kummissjoni tfakkar li l-awtorità tal-kwittanza talbet lill-Kummissjoni biex tfassal ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Artikolu 318 madwar l-intestaturi tal-QFP. Ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja huwa strutturat b'dan il-mod. Ir-Rapport ta' Sinteżi tal-kisbiet tal-ġestjoni tal-Kummissjoni hu strutturat skont it-titoli baġitarji, li jirrifletti kif il-Kummissjoni hija organizzata u ġestita.*

*Minħabba l-iskopijiet differenti tagħhom, huwa inevitabbli li l-informazzjoni tkopri aspetti differenti.*

([27]) Ara wkoll it-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 10.31 sa 10.32 u l-Kaxxa 10.2 tar-Rapport Annwali 2011 tal-Qorti.

([28]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tal-finanzi tal-Unjoni fuq il-bażi tar-riżultati miksuba, (COM(2014) 383 final tas-26.6.2014).

([29]) L-Artikoli 318 u 319 TFUE.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

10.24. Meta mqabbel mar-rapporti ta' evalwazzjoni preċedenti, ir-raba' rapport jirrappreżenta titjib sa fejn huwa jipprova jistabbilixxi rabta bejn il-programmi finanzjarji prinċipali ppreżentati skont l-intestatura tal-QFP u l-informazzjoni disponibbli, dwar il-prestazzjoni, rilevanti għall-istrateġija Ewropa 2020. Madankollu kif iddikjarat fir-rapport ta' evalwazzjoni stess "mhuwiex possibbli li jiġi individwat x'kien il-kontribut eżatt ta' kull wieħed mill-programmi finanzjarji sabiex jintlaħqu l-miri ta' Ewropa 2020". Il-Qorti tikkondividi din il-valutazzjoni u tqis li r-rapport ta' evalwazzjoni għandu jiġbor l-informazzjoni kollha disponibbli dwar il-progress lejn il-miri ta' Ewropa 2020 sabiex il-qarrej jingħata ħarsa ġenerali aktar ċara tal-kisbiet li saru ([30]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**10.24.** *Il-Kummissjoni tapprezza li l-Qorti tal-Awdituri tqis li r-raba' rapport jirrappreżenta titjib meta mqabbel mar-rapporti ta' evalwazzjoni preċedenti: dwar ir-rabta bejn il-programmi finanzjarji ewlenin u l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni disponibbli rilevanti għall-istrateġija Ewropa 2020. Kif il-Kummissjoni diġà indikat, l-Istrateġija Ewropa 2020 ma kinitx ġiet adottata meta ġie adottat il-QFP 2007–2013 u meta daħlu fis-seħħ l-arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar. Dan jispjega b'mod ġenerali għaliex ma kienx possibbli li wieħed jippreżenta l-kontribut ta' kull programm finanzjarju għall-miri stabbiliti f'dik l-istrateġija. Skont il-QFP 2014–2020 il-ġdid, il-miri tal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv saru parti integrali tal-loġika ta' intervent tal-programmi ewlenin ta' nfiq u l-fondi. Dan għandu jiffaċilita l-identifikazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-programmi tal-infiq għall-objettivi prinċipali tal-Unjoni u jikkontribwixxu f'edizzjonijiet futuri tar-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Artikolu 318. Il-Kummissjoni se tikkunsidra jekk kwalunkwe aġġustament fl-istruttura tar-Rapport tal-Artikolu 318 ikunx xieraq fid-dawl tal-mod kif dan ir-rappurtar żviluppa matul is-snin li ġejjin, filwaqt li titqies ukoll l-eżistenza ta' rappurtar ieħor aktar komprensiv dwar l-Ewropa 2020 pereżempju permezz tas-Semestru Ewropew.*

([30]) Kull xahar l-Eurostat jippubblika t-tmien indikaturi ewlenija tal-Ewropa 2020 (għal dettalji ara http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/europe_2020_indicators/headline_indicators). F'Marzu, il-Kummissjoni ppubblikat "Evalwazzjoni tal-istrateġija tal-Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2014) 130). Madankollu dan ir-rapport mhuwiex eżerċizzju annwali.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

10.25. F'ħafna oqsma importanti, l-informazzjoni u d-data pprovduta fir-rapport ta' evalwazzjoni jikkonċernaw l-azzjonijiet meħuda u l-outputs imwassla aktar milli r-riżultati miksuba. Tabilħaqq, kif il-Qorti diġà indikat, se jilħqu jgħaddu xi snin qabel ma l-Kummissjoni tkun tista' tirrapporta b'mod sinifikanti dwar il-kisbiet reali tal-programmi ta' nfiq għall-2007–2013. Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, hemm qafas ġdid fis-seħħ għall-ġestjoni u r-rappurtar tal-prestazzjoni ([31]). Fuq il-bażi ta' dan il-qafas, il-Kummissjoni tistenna li, fis-snin finanzjarji 2017–2018, ir-rapport ta' evalwazzjoni jkun jista' jinkludi konklużjonijiet inizjali dwar il-prestazzjoni tal-programmi u informazzjoni dwar jekk il-programmi humiex għaddejjin skont il-pjan jew jirrikjedux aġġustament.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**10.25.** *Il-Kummissjoni tqis li l-arranġamenti meħtieġa ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar skont l-oqfsa legali tal-programmi differenti, jeħtieġu li jkunu ilhom joperaw għal xi żmien qabel ma l-informazzjoni dwar ir-riżultati tista' tiġi mistennija li tappoġġa r-rappurtar dwar il-kisbiet ta' programmi ta' nfiq. Barra minn hekk, għandu jkun għadda żmien suffiċjenti fl-implimentazzjoni tal-programmi finanzjarji qabel l-azzjonijiet iffinanzjati jipproduċu l-effetti tagħhom u l-evalwazzjoni tar-riżultati u l-impatti jkunu jistgħu jibdew. Għall-programmi tal-2007–2013, l-evalwazzjonijiet ex post u finali se jkunu bbażati xorta waħda fuq arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar stabbiliti għal dawk il-programmi. Il-Kummissjoni se tfittex li tipprovdi kemm jista' jkun possibbli informazzjoni dwar il-prestazzjoni. Għall-programmi tal-2014–2020, hemm ħafna enfasi aktar qawwija fuq il-prestazzjoni ta' rappurtar u huwa mistenni li l-evalwazzjonijiet interim, skedati għall-2017–2018, kif tindika l-Qorti tal-Ġustizzja, jinkludu konklużjonijiet inizjali dwar il-prestazzjoni tal-programmi u informazzjoni dwar jekk il-programmi jkunux qegħdin fit-triq it-tajba jew jeħtiġux aġġustamenti.*

([31]) Kif deskritt fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Overview of the Monitoring, Reporting and Evaluation Frameworks for the MFF 2014–2020 Programmes" (Ħarsa ġenerali lejn l-Oqfsa tal-Monitoraġġ, tar-Rappurtar u tal-Evalwazzjoni għall-Programmi tal-QFP fl-2014–2020) (SWD (2014)200 final tas-26.6.2014) li akkumpanja r-rapport ta' evalwazzjoni (COM(2014)383 final tas-26.6.2014).

10.26. Ir-rapport ta' evalwazzjoni huwa akkumpanjat minn analiżi tal-pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp tar-rapport ta' evalwazzjoni tal-Artikolu 318 ([32]). Il-Qorti se tkompli timmonitorja l-progress f'dan il-qasam.

## Ippjanar u rappurtar dwar il-prestazzjoni fil-livell tad-direttorat ġenerali

10.27. Din it-taqsima tal-kapitolu l-ewwel tagħmel xi osservazzjonijiet ġenerali dwar l-ippjanar u r-rappurtar dwar il-prestazzjoni fil-livell tad-DĠ. Hija mbagħad tippreżenta s-sejbiet tal-eżaminar dettaljat mill-Qorti dwar l-elementi tal-prestazzjoni fil-pjanijiet u r-rapporti ta' tliet DĠ speċifiċi, kif ilha tagħmel għar-rapporti annwali ta' dawn l-aħħar tliet snin ([33]).

*Ġenerali*

10.28. Sors importanti ta' informazzjoni għat-tliet rapporti prinċipali diskussi fil-paragrafi 10.18 sa 10.22 huwa r-rapporti annwali tal-attività mħejjija minn kull DĠ ([34]) u ppubblikati sal-31 ta' Marzu tas-sena n+1. Ir-RAA jirrappreżentaw it-tmiem ta' proċess li jibda b'dikjarazzjonijiet ta' attività u pjanijiet ta' ġestjoni tad-DĠ; dan il-proċess huwa deskritt f'aktar dettall fil-Kaxxa 10.3.

([32]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Stock-taking on the Action Plan for the Development of the Article 318 Evaluation Report" (Analiżi tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Iżvilupp tar-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Artikolu 318) (SWD(2014) 201 final tas-26.6.2014).

([33]) Ir-Rapport Annwali 2010 tal-Qorti, il-Kapitolu 8: Id-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali (AGRI), id-DĠ REGIO u d-DĠ Riċerka, Innovazzjoni u Xjenza (RTD); ir-Rapport Annwali 2011 tal-Qorti, il-Kapitolu 10: Id-DĠ AGRI, Żvilupp u Kooperazzjoni – EuropeAid, id-DĠ REGIO; u r-Rapport Annwali 2012 tal-Qorti, il-Kapitolu 10: Id-DĠ Kompetizzjoni (COMP), id-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd (MARE) u d-DĠ Mobbiltà u Trasport (MOVE).

([34]) Referenzi għal direttorati u għal diretturi ġenerali għandhom jitqiesu li jinkludu servizzi u kapijiet tas-servizz kif xieraq.

**Kaxxa 10.3 — Dikjarazzjonijiet ta' attività u pjanijiet ta' ġestjoni**

Dikjarazzjonijiet ta' attività (mill-2014 'il quddiem, li għandhom ikunu magħrufa bħala dikjarazzjonijiet tal-programmi bi struttura u kontenut differenti) huma abbozzati għal użu estern, bħala parti mill-proċess tal-baġit, biex jiġu ġġustifikati l-ammonti mitluba mill-Kummissjoni. Id-dikjarazzjonijiet jipprovdu informazzjoni dettaljata mhux biss dwar ir-riżorsi, l-objettivi u l-indikaturi, iżda wkoll dwar ir-riżultati antiċipati u l-valur miżjud fil-livell tal-UE.

Parti sinifikanti tad-dikjarazzjonijiet hija duplikata sitt xhur wara, meta d-DĠ jħejju l-pjanijiet ta' ġestjoni tagħhom (PĠ). Il-PĠ huwa komponent ewlieni taċ-ċiklu tal-ippjanar u tal-ipprogrammar strateġiċi tal-Kummissjoni. Huwa intenzjonat li jipprovdi għodda koerenti li biha s-servizzi kollha jistgħu jippjanaw l-attivitajiet tagħhom.

Fuq il-bażi tal-PĠ, id-diretturi ġenerali jirrappurtaw lill-Kummissjoni fir-RAA tagħhom dwar it-twettiq ta' dmirijiethom, u jagħtu kont tal-attivitajiet tad-DĠ u dwar l-ilħuq tal-objettivi ewlenin tal-politika. Ir-RAA huma l-istrument prinċipali tal-obbligu ta' rendikont tal-maniġment fi ħdan il-Kummissjoni u jikkostitwixxu l-bażi li fuqha l-Kummissjoni tieħu r-responsabbiltà għall-ġestjoni tar-riżorsi u l-ilħuq tal-objettivi. Jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-Kummissjoni u jinkludu erba' partijiet, fejn l-ewwel parti, "kisbiet tal-politika", hija relatata mal-prestazzjoni. It-tliet partijiet l-oħra jkopru l-ġestjoni tar-riżorsi, il-valutazzjoni tal-effettività tas-sistemi ta' kontroll intern u l-affidabbiltà tal-ġestjoni.

10.29. Ir-RAA jinkludi dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni, li fiha d-direttur-ġenerali jipprovdi aċċertament li, fost affarijiet oħra, "l-informazzjoni li hemm fir-rapport tippreżenta stampa vera u ġusta" u li "ir-riżorsi assenjati lill-attivitajiet deskritti f'dan ir-rapport intużaw għall-finijiet intenzjonati tagħhom u f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba" ([35]). Jekk jitqies meħtieġ, id-dikjarazzjoni tista' tiġi kkwalifikata b'riżerva. Minkejja r-referenza speċifika għal ġestjoni finanzjarja tajba fir-regolament finanzjarju, fil-prattika, il-Kummissjoni tillimita din id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni għall-partijiet 2 sa 4 tar-rapport, li prinċipalment jittrattaw kwistjonijiet ta' regolarità u ta' kontroll intern (ara wkoll il-Kaxxa 10.4).

([35]) L-Artikolu 66(9)(a) u (b) tar-Regolament Finanzjarju.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 10.4 — Ir-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ġestjoni finanzjarja tajba**

Taħt it-Trattat, il-Kummissjoni hija meħtieġa li timplimenta l-baġit b'konsiderazzjoni tal-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja soda (ġestjoni finanzjarja tajba) ([36]). Ir-Regolament Finanzjarju jiddefinixxi l-ġestjoni finanzjarja tajba bħala li tinkludi "il-prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja (effettività)" (l-Artikolu 30); l-effettività hija ddefinita b'mod ulterjuri bħala "l-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti u li jintlaħqu r-riżultati ppjanati". L-interpretazzjoni tal-Qorti — li hija tapplika b'mod konsistenti — hija li din id-definizzjoni tkopri jekk l-objettivi ta' politika tal-UE humiex qed jintlaħqu. Billi teskludi l-kisbiet ta' politika mid-dikjarazzjonijiet tar-RAA, il-Kummissjoni għaldaqstant qed tapplika definizzjoni idjaq ta' "ġestjoni finanzjarja tajba". Il-konsegwenza hija li l-Kummissjoni ma terfax ir-responsabbiltà għall-kisbiet ta' politika.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 10.4 — Ir-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni fir-rigward ta' ġestjoni finanzjarja soda***

*Il-Kummissjoni ttenni dak li ddikjarat fir-Rapport ta' Sinteżi l-aktar riċenti tagħha. Kull rapport ta' attività annwali jinkludi dikjarazzjoni ffirmata ta' assigurazzjoni li fiha d-Direttur Ġenerali jew il-kap tas-servizz jipprovdi assigurazzjoni li tikkonċerna stampa vera u ġusta mogħtija mir-rapport u li tikkonċerna l-legalità u r-regolarità u l-ġestjoni finanzjarja soda tat-transazzjonijiet finanzjarji kollha taħt ir-responsabbiltà tiegħu/tagħha, kif ukoll in-nuqqas ta' omissjoni ta' informazzjoni sinifikanti. Jekk jitqies meħtieġ, id-dikjarazzjoni jkun fiha riżervi relatati ma' oqsma definiti ta' dħul u nefqa. Sabiex jiżguraw li d-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni fir-RAA jibqgħu konformi bis-sħiħ mar-responsabbiltà finanzjarja tagħha għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, il-Kummissjoni tikkonferma li dawn għandhom jiffukaw fuq kwistjonijiet ta' ġestjoni u finanzjarji skont ir-rekwiżiti tal-awditjar tal-Kummissjoni rigward l-effiċjenza, l-effikaċja u t-trasparenza tal-amministrazzjoni tagħha tal-finanzi tal-UE.*

*Bl-adozzjoni tar-Rapport ta' Sinteżi, il-Kummissjoni tassumi r-responsabbiltà ġenerali għall-ġestjoni tal-baġit tal-UE. Din hija kwistjoni distinta mill-azzjonijiet u l-impenn ċar tal-Kummissjoni, kif deskritt fir-Rapport ta' Sinteżi riċenti, li tkompli ssaħħaħ aktar ir-rappurtar dwar il-kisbiet tal-politika fl-istess rapporti ta' Attività Annwali kif ukoll fir-Rapport ta' Evalwazzjoni kif meħtieġ mit-Trattat. Dawn il-kisbiet tal-politika huma r-riżultat ta' azzjoni kollettiva u r-responsabbiltà mal-koleġiżlaturi li jikkontribwixxu għat-tfassil tal-programmi u l-adozzjoni tagħhom, kif ukoll l-Istati Membri li ta' spiss għandhom rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-programmi. Barra minn hekk, ħafna fatturi oħra fl-ekonomija u s-soċjetà, ferm lil hinn mill-kontroll tad-Diretturi Ġenerali, jinfluwenzaw il-prestazzjoni ġenerali tal-programmi.*

*Il-Kummissjoni biħsiebha tissokta bil-prassi attwali tagħha għar-rappurtar permezz tar-Rapport ta' Sinteżi u r-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Artikolu 318, li huwa kompletament konformi mad-dispożizzjonijiet legali.*

([36]) L-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 10.30. Wara din il-prattika, id-direttur ġenerali mhuwa meħtieġ li jipprovdi l-ebda aċċertament dwar ir-rappurtar tal-kisbiet tal-politika fil-parti 1 tar-RAA. B'riżultat ta' dan, id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tkopri biss dawk l-aspetti limitati tal-prestazzjoni li jokkorru fil-partijiet l-oħra tar-rapport. L-ebda waħda mis-17-il riżerva kwantifikata li saru fir-RAA 2013 kollha ma saret għal raġunijiet ta' prestazzjoni [37]. Fl-analiżi mill-Qorti tal-parti 1 ta' kampjun ta' RAA fir-rapporti annwali tagħha għall-2010 sal-2013, żewġ riżervi biss kienu jinkludu xi elementi limitati relatati mal-prestazzjoni [38]. | **10.30.** *Ara r-risposta għall-Kaxxa 10.4* |

10.31. Il-Qorti tinnota li l-valur miżjud tal-UE jingħata prominenza dovuta fid-dikjarazzjonijiet ta' attività — meta r-riżorsi jkunu qed jiġu mfittxija — iżda ħafna inqas fir-RAA meta dak li nkiseb b'dawn ir-riżorsi jiġi deskritt. Mit-12-il RAA kopert mill-analiżi tal-Qorti għall-2010 sal-2013, 3 biss (ir-RAA 2010 u r-RAA 2011 tad-DĠ REGIO u, sa ċertu punt, ir-RAA 2013 tad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumaturi (id-DĠ SANCO)) rrappurtaw b'mod speċifiku dwar il-valur miżjud tal-UE. F'dan ir-rigward id-dikjarazzjonijiet ta' attività jagħtu stampa aktar kompleta mir-RAA.

*Ippjanar u rappurtar dwar prestazzjoni fi tliet DĠ magħżula*

10.32. Il-Qorti analizzat id-dikjarazzjonijiet ta' attività, il-PĠ u r-RAA (il-parti 1) 2013 [39] tad-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni (id-DĠ EMPL), id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumaturi (id-DĠ SANCO) u l-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fil-Lussemburgu (l-OIL). B'mod partikolari, il-Qorti vvalutat jekk ir-RAA jipprovdux informazzjoni utli dwar il-kontribut annwali tad-DĠ għall-kisbiet tal-politika. L-analiżi kienet ibbażata fuq rekwiżiti stipulati fir-Regolament Finanzjarju, l-istandards ta' kontroll intern tal-Kummissjoni u l-istruzzjonijiet tal-PĠ u tar-RAA maħruġa mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni (l-SĠ) u mid-Direttorat Ġenerali għall-Baġit (id-DĠ BUDG).

[37] Ara l-paragrafu 1.31 u t-Tabella 1.3 tar-Rapport Annwali 2013 tal-Qorti.

[38] Id-DĠ REGIO għamel iż-żewġ riżervi; waħda fl-2011 u waħda fl-2010.

[39] Ara l-paragrafu 10.29.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**L-objettivi tad-DĠ mhumiex adatti għall-użu intenzjonat tagħhom fir-rigward tal-ġestjoni**

10.33. Skont l-istruzzjonijiet permanenti tal-Kummissjoni għall-PĠ 2013, id-DĠ għandu jistabbilixxi objettivi ġenerali b'indikaturi tal-impatt (fuq terminu twil) u objettivi speċifiċi b'indikaturi tar-riżultat (fuq terminu qasir/medju). Id-diretturi ġenerali kellhom imbagħad jirrappurtaw fil-parti 1 tar-RAA tagħhom dwar ir-riżultati miksuba u dwar il-punt sa fejn ir-riżultati kellhom l-impatt intenzjonat.

10.34. F'konformità mal-osservazzjonijiet tagħha magħmula fis-snin preċedenti b'rabta ma' DĠ oħra, l-awditu tal-Qorti sab li għad-DĠ EMPL u għad-DĠ SANCO ħafna mill-objettivi (ġenerali u speċifiċi) użati fil-PĠ u fir-RAA kienu meħuda direttament minn dokumenti ta' politika jew dokumenti leġiżlattivi u għal-daqstant kienu f'livell għoli wisq biex ikunu utli bħala strumenti ta' ġestjoni (ara l-Kaxxa 10.5).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**10.34.** *L-objettivi, kif definiti għall-perjodu l-ġdid, jippermettu l-preżentazzjoni integrata tar-raison d'être, tal-prijoritajiet ewlenin u l-mezzi operattivi tad-DĠs (responsabbiltajiet finanzjarji, leġiżlattivi u ta' politika).*

*L-istruzzjonijiet permanenti għal pjanijiet ta' ġestjoni jirrikjedu li l-objettivi ġenerali jiġu allinjati mal-objettivi politiċi tal-Kummissjoni b'elaborazzjoni ulterjuri tagħhom fil-pjanijiet ta' ġestjoni. Ir-raġuni fundamentali għal dan l-approċċ hu mogħti mill-ħtieġa li jiġi żgurat li s-servizzi tal-Kummissjoni jsegwu fuq it-twassil tal-objettivi politiċi u l-prijoritajiet prinċipali ta' politika tal-Kummissjoni. Fejn possibbli, objettivi speċifiċi b'indikaturi tar-riżultat u tal-produzzjoni huma definiti wkoll u dawn jikkontribwixxu għat-twassil tal-objettivi politiċi u tal-prijoritajiet prinċipali ta' politika tal-Kummissjoni.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kaxxa 10.5 — Eżempji ta' "objettivi speċifiċi" li mhumiex adatti għall-użu intenzjonat tagħhom fir-rigward tal-ġestjoni**

Id-DĠ SANCO: Għall-objettiv speċifiku "It-trawwim ta' saħħa tajba f'Ewropa b'popolazzjoni dejjem ixjeħ", l-influwenza tad-DĠ SANCO ma tistax titkejjel.

Id-DĠ EMPL: Dan id-DĠ għandu bħala objettiv speċifiku li "issir promozzjoni tal-mobbiltà ġeografika u professjonali (inkluża l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali) tal-ħaddiema fl-Ewropa biex jingħeleb ix-xkiel għall-moviment liberu u biex ikun jista' jinħoloq suq tax-xogħol reali fil-livell Ewropew". Huwa diffiċli li jiġi determinat il-kontribut speċifiku tad-DĠ EMPL għall-ilħuq ta' dan l-objettiv.

10.35. Skont ir-Regolament Finanzjarju, l-objettivi tad-Direttorati Ġenerali għandhom ikunu SMART — speċifiċi, miżurabbli, li jistgħu jintlaħqu, rilevanti u bi skadenza li ġew stabbiliti minn qabel ([40]). Madankollu, 11 mill-15-il objettiv eżaminat ([41]) ma jissodisfawx il-kriterji SMART kollha. Filwaqt li l-objettivi eżaminati kienu rilevanti għall-qasam ta' politika li fih joperaw id-DĠ, huma stabbiliti f'livell tant għoli li mhuwiex ċar kif jistgħu jintlaħqu. F'ħafna każijiet, l-indikaturi li jakkumpanjaw l-objettiv ma jkejlux l-aspetti kollha b'mod eżawrjenti fil-livell xieraq. Konklużjoni simili ntlaħqet f'Diċembru 2013 mis-Servizz tal-Awditjar Intern għad-DĠ EMPL li rrapporta li l-objettivi ma kinux dejjem definiti b'mod ċar.

10.36. Bħala servizz orizzontali tal-Kummissjoni, l-OIL mhuwiex DĠ għall-politika jew għall-infiq. Huwa jipprovdi appoġġ intern għal DĠ oħra; l-objettivi prinċipali tiegħu huma amministrattivi. B'konsegwenza ta' dan, fl-ippjanar tal-attivitajiet tiegħu fil-PĠ u fir-rappurtar dwarhom fir-RAA, l-OIL ma jippreżentax objettivi ġenerali u indikaturi tal-impatt, u bir-raġun, iżda jinkludi biss objettivi speċifiċi b'indikaturi tar-riżultat.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

***Kaxxa 10.5 — Eżempji ta' "objettivi speċifiċi" li mhumiex tajbin għal skopijiet ta' ġestjoni***

*Il-kawżalità bejn l-attivitajiet tad-DĠ SANCO u "biex titrawwem saħħa tajba f'Ewropa b'popolazzjoni li kull ma jmur qed tixjieħ" hija tassew kumplessa, xi drabi indiretta u mhux kwantifikabbli. Il-Kummissjoni qed tiżviluppa qafas ta' monitoraġġ biex jiġi evalwat il-progress b'indikaturi bħalma huma l-kwalità tal-ħajja, is-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa u l-innovazzjoni u fl-aħħar mill-aħħar dwar il-mira tas-snin ta' ħajja b'saħħitha sal-2020.*

*Id-DĠ tal-"Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni" se jikkunsidra li jtejjeb il-preżentazzjoni tal-loġika ta' intervent ġenerali tiegħu għall-MPs li jmiss sabiex jenfasizza aħjar il-ġid ta' attivitajiet li jikkontribwixxu lejn dan l-objettiv.*

**10.35.** *Il-Kummissjoni dejjem tqis il-kriterji SMART meta tifformula l-objettivi. Meta tivvaluta l-konformità mal-kriterji SMART, l-informazzjoni fil-pjan ta' ġestjoni għandha tkun analizzata fl-intier tagħha. Il-Kummissjoni tenfasizza li r-rappurtar dwar il-prestazzjoni għandu jiffoka fuq il-ħtiġijiet reali tal-partijiet ikkonċernati u għandu jkun flessibbli biżżejjed biex jirrifletti n-natura differenti tal-attivitajiet tas-servizzi tal-Kummissjoni.*

---

([40]) Ir-Regolament Finanzjarju, l-Artikolu 38(3)(e).
([41]) Ħamsa għal kull wieħed mid-DĠ EMPL, id-DĠ SANCO, l-OIL.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Fadal diffikultajiet bl-indikaturi għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni**

10.37. L-għażla tal-indikaturi għandha tkun ibbażata fuq konsiderazzjonijiet bħar-rilevanza, kemm jistgħu jitkejlu, u d-disponibbiltà ta' *data* tal-prestazzjoni li tkun f'waqtha u affidabbli. Sa fejn ikun possibbli, l-indikaturi għandhom jissodisfaw il-kriterji "RACER" ([42]). L-indikaturi li jkejlu eżiti li fuqhom id-DĠ għandhom influwenza limitata, għandhom ikunu kkomplementati b'indikaturi oħra li jkejlu direttament l-attivitajiet tad-DĠ.

10.38. Iż-żewġ DĠ u l-OIL għandhom mill-anqas indikatur wieħed tal-prestazzjoni għal kull objettiv biex jgħin lill-maniġment fil-monitoraġġ, fl-evalwazzjoni u fir-rappurtar dwar il-kisbiet. Eżaminar ta' 15-il indikatur (5 għal kull organizzazzjoni) wera li 2 biss mill-indikaturi ssodisfaw b'mod adegwat il-kriterji RACER kollha ([43]). Barra minn hekk, il-Qorti identifikat għadd ta' nuqqasijiet (ara l-Kaxxa 10.6).

**Kaxxa 10.6 — Eżempji ta' problemi bl-indikaturi**

(a) *Indikaturi li kienu barra l-kapaċità tad-DĠ li jinfluwenzaw*

Id-DĠ SANCO: Rata ta' tilqim kontra l-influwenza fost iċ-ċittadini tal-UE li għandhom 'il fuq minn 65 sena: Filwaqt li dan l-indikatur kien stabbilit mill-Kunsill, l-implimentazzjoni hija għalkollox ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Konsegwentement, l-ilħuq tal-mira jaqa' barra l-ambitu ta' influwenza tas-SANCO.

(b) *Indikaturi li kienu nieqsa minn informazzjoni rilevanti*

Id-DĠ EMPL: L-objettiv speċifiku taż-żieda ta' aċċess għall-impjieg u ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol jitkejjel b'żewġ indikaturi tar-riżultat: Għadd ta' ċittadini li jgawdu mis-sostenn tal-FSE fil-għamla ta' taħriġ, impjieg jew gwida, u l-FSE bħala % ta' Politiki Attivi tas-Suq tax-Xogħol fl-UE. L-indikaturi jittraċċaw il-parteċipazzjoni tal-FSE u l-allokazzjoni tal-baġit tal-FSE iżda l-ebda wieħed minnhom ma jipprovdi informazzjoni dwar l-iskop tal-objettiv: li jiżdied (l-aċċess għal) l-impjieg.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**10.38.** *Il-Kummissjoni analizzat l-indikaturi tagħha b'mod sinifikanti għall-perjodu 2014–2020 u tqis li l-indikaturi ppreżentati ġeneralment jipprovdu informazzjoni utli dwar il-progress lejn il-kisba tal-objettivi tal-politika tal-Kummissjoni kif ukoll għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni.*

***Kaxxa 10.6 — Eżempji ta' problemi b'indikaturi***

**(a)** *It-tilqim kontra l-influwenza staġjonali huwa miżura tas-saħħa pubblika speċifika li taqa' esklussivament fil-kompetenza tal-Istati Membri. Id-DĠ SANCO huwa konxju li ma għandu l-ebda influwenza diretta fuq il-progress ta' dan l-indikatur.*

*Madankollu, il-Kunsill stabbilixxa objettiv għal kopertura ta' tilqim fil-livell tal-UE li tista' tiġi mmonitorjata biss mill-Kummissjoni. Għaldaqstant, id-DĠ SANCO jkompli jissorvelja miżuri nazzjonali biex jintlaħqu l-miri u, bħala tali, jikkontribwixxi għall-kisba tal-miri ffissati.*

**(b)** *Il-Kummissjoni tqis li l-indikaturi kkonċernati huma utli, iżda tirrikonoxxi li dawn jistgħu jkunu aktar speċifiċi u dan ġie indirizzat għall-perjodu 2014–2020.*

([42]) Rilevanti, aċċettati, kredibbli, faċli u robusti: standard ta' kontroll intern tal-Kummissjoni dwar objettivi u indikaturi tal-prestazzjoni (ICS 5).

([43]) Konklużjoni simili ntlaħqet f'Diċembru 2013 mis-Servizz tal-Awditjar Intern għad-DĠ EMPL li rrapporta li l-indikaturi mhux dejjem issodisfaw il-kriterji RACER.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| (c) *L-indikaturi li għalihom l-affidabbiltà kienet dubjuża*<br><br>Id-DĠ SANCO: Proporzjon tal-popolazzjoni inkwetata li se ġġarrab avveniment avvers waqt li tkun qed tingħata l-kura tas-saħħa: Biex tinġabar id-*data*, l-indikatur iserraħ fuq stħarriġiet taċ-ċittadini (Ewrobarometri). L-ewwel tali stħarriġ twettaq fl-2009, u sar il-linja ta' bażi. L-istħarriġ li jmiss huwa skedat għall-2014. L-indikatur ikejjel il-perċezzjoni taċ-ċittadini. Din tista' jkun evidenza ċirkustanzjali utli ħafna, iżda teħtieġ tkun ikkomplementata b'forma iktar diretta ta' feedback (eż. l-għadd reali ta' avvenimenti negattivi). Minħabba n-natura suġġettiva tiegħu, jista' jkun li dan l-indikatur ma jindikax b'mod affidabbli jekk is-sikurezza tal-pazjenti tjebitx jew le. | **(c)** *L-istħarriġ tal-Ewrobarometru mhuwiex imfassal biex iservi ta' indikatur waħdieni. Huwa analizzat flimkien ma' numru ta' indikaturi oħra bħal pereżempju l-indikatur strutturat dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill rilevanti fl-Istati Membri, akkumpanjat minn indikatur tar-riżultat tal-prokura fl-esplorazzjoni tal-impatt tal-miżuri meħuda fuq il-perċezzjoni taċ-ċittadini dwar il-probabbiltà ta' effett avvers matul it-trattament ta' kura tal-pazjenti.* |
| (d) *L-indikaturi ġew ippreżentati bħala indikaturi tar-riżultat iżda minflok kienu orjentati lejn l-output*<br><br>L-OIL: Xi indikaturi, għalkemm definiti bħala indikaturi tar-riżultat, fil-fatt jirrappreżentaw indikaturi tal-output. Il-PĠ 2013 jinkludi bħala indikaturi tar-riżultat: medja ta' ikliet mibjugħa kuljum, għadd ta' utenti taċ-ċentri tal-fitness jew għadd ta' komunikazzjonijiet ambjentali li saru. Dawn mhumiex indikaturi tar-riżultat. Huma jirrappreżentaw l-għadd ta' prodotti/servizzi mwassla (outputs) u mhux l-effetti immedjati tal-azzjonijiet/attivitajiet fuq il-popolazzjoni fil-mira. | **(d)** *OIL jirrapporta dwar l-ilħuq ta' kull objettiv speċifiku assenjat lill-Uffiċċju, prinċipalment permezz ta' elementi kwalitattivi ppreżentati f'format ta' test.*<br><br>*Sabiex jirriflettu b'mod eżatt il-kisbiet attwali filwaqt li jgħaqqdu dawn tal-aħħar ma' proċessi sottostanti u riżorsi allokati maħsuba, l-indikaturi tal-produzzjoni f'ħafna każijiet jirriżultaw bħala sinifikanti u bħala tali, ġew maqbula mill-Bord ta' Tmexxija tal-OIL. Għal raġunijiet ta' ċarezza, komparabbiltà tul iż-żmien u d-disponibbiltà tad-dejta, l-indikaturi magħżula għar-Rapport dwar l-Attività Annwali ma jistgħux ikunu limitati biss għal indikaturi tal-impatt jew tar-riżultati.*<br><br>*F'dan ir-rigward, l-indikaturi enfasizzati mill-Qorti tal-Awdituri, għalkemm jistgħu jitjiebu, ġeneralment huma kkumplimentati minn indikaturi orjentati lejn ir-riżultati (kotba bil-bilanċ milħuq għas-servizzi tal-catering, għarfien dwar kwistjonijiet ambjentali evidenzjati permezz tal-ambitu estiż tal-EMAS).* |
| (e) *Indikaturi fejn informazzjoni ewlenija għall-mira hija nieqsa*<br><br>Id-DĠ EMPL: Għall-indikatur tar-riżultat "Għadd ta' Awtoritajiet Maniġerjali (AM) u Korpi Intermedji (KI) li qed jieħdu sehem f'netwerks ta' tagħlim", il-mira hija li AM jew KI minn kull Stat Membru jieħu sehem f'mill-inqas netwerk tranżnazzjonali wieħed ta' tagħlim rilevanti. Ir-RAA ma jipprovdix ir-rati ta' parteċipazzjoni għal kull Stat Membru. | **(e)** *Il-Kummissjoni tqis li l-indikatur ppreżentat huwa utli ħafna u rilevanti, iżda madankollu taqbel li l-informazzjoni dwar il-kisba tal-mira għal dan l-indikatur partikolari kien diffiċli ħafna li jinkiseb meta titqies il-kollaborazzjoni tat-28 Stat Membru u mijiet ta' MA u IB. Id-DĠ tal-"Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni" se jistinka biex imur għall-aħjar fil-futur.* |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Kooperazzjoni insuffiċjenti bejn id-DĠ**

10.39. Skont l-istruzzjonijiet għar-RAA, id-DĠ f'oqsma ta' politika relatati jew li jimmanniġġjaw programmi simili huma mistennija jikkooperaw matul it-tħejjija tal-abbozz tar-RAA. Jista' jkun li nuqqas ta' koperazzjoni jwassal għal inkonsistenzi fir-rappurtar bejn id-DĠ (ara l-Kaxxa 10.7).

**Kaxxa 10.7 — Eżempji ta' koordinazzjoni insuffiċjenti bejn id-DĠ**

Id-DĠ EMPL u d-DĠ SANCO: Id-DĠ SANCO juża l-indikatur dwar "Għadd ta' Snin ta' Ħajja b'Saħħitha (HLY) mat-twelid" bħala indikatur tal-impatt taħt l-objettiv ġenerali "Protezzjoni u titjib ta' saħħet il-bniedem". Għalkemm hija tittraċċa l-istess *data* bħall-indikatur tal-impatt tad-DĠ EMPL dwar l-istennija ta' ħajja mingħajr diżabbiltà, iż-żewġ indikaturi għandhom miri u stadji importanti differenti mingħajr l-ebda raġuni ovvja għal din id-diskrepanza.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**10.39.** *Il-Kummissjoni tfakkar li, matul it-tħejjija tal-RAA dejjem kien hemm koordinazzjoni u kollaborazzjoni mill-qrib bejn id-DĠs fl-oqsma ta' politika relatati.*

***Kaxxa 10.7 — Eżempji ta' nuqqas ta' koordinazzjoni bejn id-DĠs***

*L-indikatur HLY huwa Indikatur tas-Saħħa Prinċipali Ewropew (ECHI) u bħala tali jintuża f'kuntesti differenti. Sabiex jiġu evitati d-diskrepanzi, il-metodoloġija sottostanti hija kkoordinata mill-qrib bejn id-DĠs SANCO, tal-"Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni", u tal-ESTAT. Hemm u dejjem kien hemm kooperazzjoni tajba bejn id-DĠs tal-"Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni" u tas-SANCO dwar l-indikaturi tas-saħħa, pereż. permezz tal-Istħarriġ ta' Intervista dwar is-Saħħa Ewropea fejn żewġ DĠs żammew laqgħat ta' koordinazzjoni dwar id-dejta li għandha tinġabar.*

*Madankollu, il-miri speċifiċi tad-DĠ jistgħu jkunu meħtieġa li jieħdu xi aspetti speċifiċi ta' ċertu xogħol partikolari tad-DĠ.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## PARTI 3 — RIŻULTATI TAL-AWDITU TAL-QORTI DWAR IL-PRESTAZZJONI

10.40. Din il-parti tal-kapitolu fiha żewġ taqsimiet: l-ewwel waħda tiġbed l-attenzjoni għal xi wħud mit-tagħlimiet prinċipali mir-rapporti speċjali 2013 tal-Qorti; u t-tieni parti ssegwi l-punt sa fejn jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti speċjali tal-Qorti — minn tmien rapporti speċjali mill-2007 sal-2010.

## Ir-rapporti speċjali 2013 tal-Qorti

10.41. Ir-rapporti speċjali tal-Qorti jeżaminaw jekk il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba (il-paragrafu 10.1) jiġux applikati għall-infiq tal-Unjoni Ewropea. Il-Qorti tagħżel is-suġġetti tagħha għar-rapporti speċjali — oqsma baġitarji speċifiċi jew temi ta' ġestjoni — biex ikun hemm impatt massimu, ibbażati fuq firxa ta' kriterji, bħal-livell ta' introjtu jew l-infiq involut (materjalità), ir-riskji għall-ġestjoni finanzjarja tajba u l-grad ta' interess tal-partijiet interessati. Fl-2013, il-Qorti adottat ([44]) 19-il rapport speċjali, kif elenkati fl-***Anness 10.1***.

10.42. Kull rapport speċjali fih innifsu jikkostitwixxi kontribut importanti biex il-partijiet awditjati jkollhom obbligu ta' rendikont għall-ġestjoni tagħhom tal-fondi tal-UE, u biex jgħinhom jagħmlu titjib fil-futur. B'kollox, dawn ir-rapporti speċjali jkopru l-firxa sħiħa taċ-ċiklu tal-ħajja tal-ġestjoni, mill-konċepiment għall-evalwazzjoni. F'rapporti annwali tas-snin preċedenti, il-Qorti ġibdet l-attenzjoni għal għadd limitat ta' temi, meqjusa ta' rilevanza partikolari, minn fost il-firxa ta' rapporti speċjali ta' dik is-sena. Fir-Rapport Annwali 2011, dawn it-temi kienu l-analiżi tal-ħtiġijiet, it-tfassil, u l-valur miżjud tal-UE; fir-Rapport Annwali 2012 dawn kienu l-objettivi u l-indikaturi, id-data dwar il-prestazzjoni, u s-sostenibbiltà ta' proġetti ffinanzjati mill-UE.

10.43. F'dan ir-rapport annwali, il-Qorti tagħżel li tenfasizza żewġ kwistjonijiet identifikati fir-rapporti speċjali 2013 tagħha li huma ta' importanza partikolari għall-Kummissjoni u għal-leġiżlatur f'termini ta' ksib ta' impatt massimu mill-ġenerazzjoni li jmiss ta' programmi ta' nfiq: il-valur miżjud tal-UE, u l-kunċett ta' deadweight li huwa assoċjat mill-qrib.

### *Valur miżjud tal-UE*

10.44. Il-valur miżjud tal-UE huwa ta' importanza dejjem akbar f'termini ta' garanzija tal-aħjar prestazzjoni possibbli minn fondi limitati tal-UE (ara wkoll il-paragrafu 10.21). Mid-19-il rapport speċjali adottat fl-2013, 7 indirizzaw il-kwistjonijiet ta' valur miżjud tal-UE u/jew deadweight.

([44]) . Adottat ifisser approvat għall-pubblikazzjoni.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 10.45. Il-valur miżjud tal-UE huwa l-valur li jirriżulta minn intervent tal-UE li huwa addizzjonali għall-valur li altrimenti kien jinħoloq minn azzjoni tal-Istati Membri waħidha ([45]). Il-garanzija tal-valur miżjud tal-UE hija fundamentali għall-kisba ta' ġestjoni finanzjarja tajba ([46]). | **10.45.** *Il-Kummissjoni tisħaq li l-kunċett ta' valur miżjud tal-UE jista' jintuża f'bosta kuntesti differenti, bħal f'riflessjonijiet akkademiċi dwar il-baġit tal-UE, għad-definizzjoni ta' objettivi u/jew kriterji għall-għażla ta' proġetti fi programmi speċifiċi tal-UE, f'dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u fl-evalwazzjoni ta' programmi eżistenti iżda tikkunsidra wkoll li l-valur miżjud ta' proġett politiku jmur lil hinn minn sempliċement riferiment għal dejta kwantitattiva.*<br><br>*Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba huwa stabbilit fl-Artikolu 30 tal-FR u li l-kisba ta' ġestjoni finanzjarja soda għandha titkejjel f'konfront ma' dawn il-prinċipji.* |
| 10.46. L-awditi tal-Qorti sabu li l-valur miżjud ġenwin tal-UE ħafna drabi kien diffiċli li jiġi identifikat, b'mod partikolari fil-kuntest ta' ġestjoni kondiviża fejn il-biċċa l-kbira mill-baġit tintnefaq. Ir-riskju huwa li l-finanzjament mill-UE jintuża bħala sostitut għal fondi nazzjonali, u b'hekk riżorsi nazzjonali jiġu rilaxxati biex jintużaw xi mkien ieħor. Din l-għażla tista' tkun attraenti għall-Istati Membri li l-baġits nazzjonali tagħhom jinsabu taħt pressjoni. | **10.46.** *Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha għal 10.48 u 10.52, fejn hi tikkunsidra li l-miżuri meħuda pprovdew valur miżjud tal-UE.*<br><br>*Il-Kummissjoni vvalutat il-valur miżjud tal-UE meta ppreżentat proposti dwar programmi ġodda ta' nfiq. Meta l-koleġiżlaturi qablu ma' din il-fehma, adottaw il-programmi ta' nfiq proposti. Il-Kummissjoni se tmexxi dawn il-programmi u se tirrapporta dwar il-valur miżjud tal-UE, li huwa wieħed mill-aspetti li l-evalwazzjonijiet ex post se jivvalutaw. Dawn l-evalwazzjonijiet huma disponibbli pubblikament u r-rapport tal-Artikolu 318 jinkludi wkoll informazzjoni dwar il-valur miżjud tal-UE.* |
| 10.47. Eżempju huwa pprovdut fir-rapport speċjali tal-Qorti dwar il-programm LIFE, imsemmi qabel fil-paragrafu 10.5. Il-Qorti sabet li l-użu ta' allokazzjonijiet nazzjonali u l-kompetizzjoni nazzjonali, aktar milli dik madwar l-UE kollha, għall-finanzjament ta' proġetti, kellu l-effett li jnaqqas il-valur miżjud tal-UE tal-programm ([47]). | **10.47.** *Ara r-risposta għall-paragrafu 10.5.* |
| 10.48. Eżempju ieħor huwa r-Rapport Speċjali tal-Qorti dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, li fih il-Qorti kkonkludiet li terz tal-finanzjament minn dan is-sors ikkumpensa l-ħaddiema affettwati minn telf ta' impjieg fuq bażi massiva, mingħajr l-ebda valur miżjud tal-UE. Dan kien il-proporzjon ta' finanzjament relatat ma' miżuri ta' appoġġ għall-introjtu li kienu jitħallsu xorta waħda mill-Istati Membri. Madankollu, ir-rapport tabilħaqq innota li meta l-Fond intuża għall-kofinanzjament ta' servizzi li normalment ma kinux jeżistu fl-Istati Membri, bħat-taħriġ għal ħaddiema li jkunu tilfu l-impjieg tagħhom, huwa tabilħaqq wassal għal valur miżjud tal-UE ([48]). | **10.48.** *Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni għall-konklużjonijiet tar-rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu relatati mal-valur miżjud tal-UE. Dan ir-rapport jikkonkludi li l-FEG ta "valur miżjud sinifikanti" u "esperti indipendenti kkonkludew li ma kien jinkiseb kważi l-ebda riżultat mingħajr is-sostenn mill-FEG".*<br><br>*Il-Kummissjoni tosserva li s-sostenn ipprovdut mill-FEG għandu jiġi kkunsidrat bħala "pakkett" ta' finanzjament ta' miżuri interrelatati, li b'mod ġenerali jikkontribwixxu għas-suċċess ta' operazzjonijiet iffinanzjati. Tabilħaqq il-FEG jipprovdi sostenn lill-ħaddiema permezz ta' diversi forom ta' għajnuna, inklużi sussistenzi sabiex ikun żgurat li l-ħaddiema jkollhom introjtu suffiċjenti sakemm idumu l-miżuri ta' attivazzjoni, u jkunu għalhekk f'pożizzjoni li jibbenefikaw minn diversi azzjonijiet b'sostenn bħat-taħriġ.* |

([45]) Għal definizzjoni isħaħ ta' valur miżjud tal-UE, ara l-Kaxxa 10.2 tar-Rapport Annwali 2011 tal-Qorti.

([46]) L-Opinjoni Nru 7/2011 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-paragrafu 9 (http://eca.europa.eu).

([47]) Ir-Rapport Speċjali Nru 15/2013, il-paragrafi 4, 20 sa 21 u 63 (http://eca.europa.eu).

([48]) Ir-Rapport Speċjali Nru 7/2013, "Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wassal għal valur miżjud tal-UE bir-riintegrazzjoni ta' ħaddiema li jkunu tilfu l-impjieg tagħhom?", il-paragrafi 77 u 78 (http://eca.europa.eu).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Deadweight*

10.49. Kunċett marbut, li jaffettwa l-valur miżjud tal-UE b'mod negattiv, huwa dak ta' deadweight: meta applikat għal għotjiet tal-UE, dan jirreferi għall-punt sa fejn benefiċjarju kien jidħol għall-proġett anke fin-nuqqas tal-appoġġ tal-UE. Għal-daqstant il-preżenza ta' deadweight kieku tnaqqas jew saħansitra telimina l-valur miżjud tal-UE.

10.50. Deadweight, min-natura tiegħu, mhuwiex faċli li jiġi identifikat. Madankollu, in-nuqqas ta' analiżi tajba tal-ħtiġijiet ta' spiss jindika li hemm ir-riskju ta' deadweight. F'xi okkażjonijiet l-awditi tal-Qorti nnutaw proġetti li ġew awtorizzati — jew saħansitra kkompletati — qabel ma l-finanzjament mill-UE kien ġie approvat; dan jindika l-preżenza ta' deadweight.

10.51. Pereżempju, fl-awditu tagħha ta' appoġġ tal-UE lill-industrija tal-ipproċessar tal-ikel, il-Qorti kkonkludiet li l-probabbiltà ta' deadweight kienet għolja b'konsegwenza ta' nuqqas sistematiku mill-Istati Membri milli jimmiraw il-finanzjament direttament lejn proġetti li għalihom kien hemm ħtieġa dimostrabbli għal appoġġ pubbliku ([49]). Fil-qasam tal-agrikoltura wkoll, il-Qorti sabet li r-riskju ta' deadweight kien għoli fil-miżuri użati mill-Istati Membri biex jiddiversifikaw l-ekonomija rurali, bi Stat Membru wieħed biss li rrikjeda li l-benefiċjarji jiddimostraw il-ħtieġa għall-għotja; f'każ minnhom, l-appoġġ tal-UE ġie pprovdut wara li proġett kien diġà ġie kkompletat ([50]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**10.51.** *Il-Kummissjoni taqbel mal-Qorti li t-titjib fl-immirar aħjar tas-sostenn huwa meħtieġ fil-livell tal-Istati Membri.*

*Meta s-sostenn tal-investiment ikun immirat sew (bl-użu fost l-oħrajn tal-kriterji ta' eliġibbiltà u tal-għażla, id-differenzazzjoni fir-rati ta' għajnuna) u abbażi tan-nuqqasijiet/tal-ħtiġijiet identifikati b'mod ċar, ir-riskju ta' deadweight u spostament ikun minimizzat. L-immirar tas-sostenn għall-investiment (l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006) kien introdott f'dan il-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013 eżattament biex jillimita l-effetti ta' deadweight u ta' spostament li joħorġu mill-evalwazzjonijiet ta' qabel.*

*Il-qafas legali għall-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid jirrikjedi li l-ħtiġijiet speċifiċi marbutin mal-kundizzjonijiet speċifiċi fil-livell reġjonali jew subreġjonali jiġu kkunsidrati u indirizzati b'mod konkret permezz ta' kombinazzjonijiet ta' miżuri jew subprogrammi tematiċi mfasslin tajjeb.*

*Barra minn hekk, il-qafas legali l-ġdid jirrikjedi li jiġu stabbiliti miri xierqa għal kull wieħed mill-oqsma ta' fowkus tal-prijoritajiet tal-Unjoni, fuq il-bażi ta' indikaturi ta' riżultat komuni, u li l-miżuri magħżulin b'rabta mal-prijoritajiet tal-Unjoni jkunu bbażati fuq intervent tal-loġika sod sostnut minn evalwazzjoni ex ante.*

([49]) Ir-Rapport Speċjali Nru 1/2013, "'L-appoġġ tal-UE lill-industrija tal-ipproċessar tal-ikel kien effettiv u effiċjenti s'issa fiż-żieda tal-valur ta' prodotti agrikoli?", il-paragrafu 86 (http://eca.europa.eu).

([50]) Ir-Rapport Speċjali Nru 6/2013, "L-Istati Membri u l-Kummissjoni kisbu l-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz b'miżuri għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali?", il-paragrafi 54-57 u 93 (http://eca.europa.eu).

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

10.52. Aktar eżempji ta' deadweight instabu fl-eżaminar mill-Qorti tal-programm Marco Polo, imfassal biex iċaqlaq it-traffiku ta' merkanzija lil hinn mit-toroq. Għalkemm kien hemm evidenza li l-appoġġ tal-UE kien ta' benefiċċju għall-proġetti f'termini ta' meta setgħu jibdew, tal-iskala tas-servizz ipprovdut jew ta' redditu aktar rapidu fuq l-investiment, l-awditu sab ukoll indikazzjonijiet serji ta' deadweight: pereżempju, 13 mis-16-il benefiċjarju awditjat ikkonfermaw li kieku kienu jibdew u joperaw il-proġett mingħajr is-sussidju tal-UE ([51]). Bl-istess mod il-Qorti kkonkludiet li l-Kummissjoni ma kinitx iddimostrat b'mod suffiċjenti li l-appoġġ tal-UE taħt il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (strument finanzjarju mfassal sabiex itejjeb l-aċċess għall-finanzjament tad-dejn għar-riċerka) jwassal għal investimenti ogħla mil-livell li l-benefiċjarji kienu xorta waħda jidħlu għalih fin-nuqqas tiegħu ([52]).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**10.52.** *Għar-raġunijiet indikati mill-Qorti (jiġifieri bidu bikri ta' proġetti, żieda fl-iskala ta' servizzi u ritorn aktar kmieni fuq l-investiment), il-Kummissjoni tikkunsidra li l-programm Marco Polo għandu b'mod ċar valur miżjud tal-UE għall-proġetti awditjati.*

*Barra minn hekk, il-fenomenu tad-deadweight huwa diffiċli li jiġi kkwantifikat peress li jista' jkun hemm ħafna fatturi oħra li għandhom jitqiesu pereżempju l-kwistjoni ta' sostenibbiltà (dwar jekk il-proġetti kinux ikunu sostenibbli mingħajr is-sussidju), il-fattur tal-multiplikazzjoni (proġetti akbar jiġġeneraw ħafna aktar ċaqliq modali), aktar kredibbiltà u viżibbiltà tal-benefiċjarji (marka tal-proġett tal-UE), benefiċċji li jirriżultaw mill-kollaborazzjoni bejn is-sħab (trasferiment tal-għarfien, l-aħjar prassi).*

*Fir-rigward tal-RSFF, il-Kummissjoni tqis li dan l-istrument wera s-siwi tiegħu, partikolarment fi żminijiet ekonomiċi diffiċli. L-evalwazzjoni interim RSFF uriet ukoll il-valur miżjud tal-istrument, li jiddikjara:*

*"L-RSFF għenet lil bosta kumpaniji intensivi fir-riċerka Ewropea biex iżommu l-attivitajiet RŻI fi żmien ta' stress finanzjarju kbir, għenet lil xi wħud mill-iktar ditti innovattivi fl-Ewropa biex jirristrutturaw il-pożizzjonijiet finanzjarji tagħhom fi żmien li fih il-banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn kienu qed inaqqsu l-aċċess għall-finanzi għal investimenti ta' riskju għoli…" (Evalwazzjoni Interim RSFF fir-Rapport ta' Awwissu 2010, il-paġna 18).*

*Barra minn hekk, it-tieni evalwazzjoni interim (Ġunju 2013) tirreferi li "l-valur ekonomiku ewlieni tal-RSFF huwa n-natura antiċiklika li tipprovdi l-promoturi bi stabbiltà finanzjarja fit-tul biex iwettqu r-RŻI anki fi żminijiet ta' kriżi.*

## Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti speċjali

10.53. Skont l-istandards internazzjonali tal-awditjar, is-segwitu ta' rapporti tal-awditjar huwa l-istadju finali fiċ-ċiklu tal-awditjar tal-prestazzjoni li jinkludi l-ippjanar, l-eżekuzzjoni u s-segwitu ([53]). Is-segwitu tar-rapporti tal-awditjar tal-prestazzjoni tal-Qorti huwa element meħtieġ fiċ-ċiklu tal-obbligu ta' rendikont u jgħin biex titħeġġeġ l-implimentazzjoni effettiva, mill-Kummissjoni, tar-rakkomandazzjonijiet tar-rapporti.

([51]) Ir-Rapport Speċjali Nru 3/2013, "Il-programmi Marco Polo kienu effettivi fiċ-ċaqliq tat-traffiku lil hinn mit-toroq?", il-paragrafi 32 u 33 (http://eca.europa.eu).

([52]) Ir-Rapport Speċjali Nru 2/2013, "Il-Kummissjoni żgurat l-implimentazzjoni effiċjenti tas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka?", il-paragrafu 104 (http://eca.europa.eu).

([53]) Standards Internazzjonali tal-Awditjar tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar, ISSAI 3000 u 3100.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

10.54. Il-Qorti analizzat is-segwitu mill-Kummissjoni ta' kampjun ta' 59 rakkomandazzjoni tal-awditjar minn tmien rapporti speċjali adottati fil-perjodu 2007–2010. Mis-56 li setgħu jiġu vverifikati ([54]), il-Qorti kkonkludiet li l-Kummissjoni implimentat 79 % mir-rakkomandazzjonijiet, jew bis-sħiħ jew inkella fil-biċċa l-kbira mill-aspetti. Kien hemm 12 % oħra mir-rakkomandazzjonijiet li kienu ġew implimentati f'xi aspetti filwaqt li 9 % kienu ġew inizjalment rifjutati u konsegwentement mhux implimentati ([55]).

10.55. Fl-eżerċizzju ta' segwitu tas-sena l-oħra, il-Qorti rrakkomandat li l-Kummissjoni tirfina l-għodda tagħha tal-IT għall-monitoraġġ tal-istatus ta' rakkomandazzjonijiet tal-awditjar u ta' talbiet ta' kwittanza. L-għodda tal-IT għandha tippermetti reġistrazzjoni aktar preċiża tal-istatus ta' rakkomandazzjonijiet li jkunu ġew implimentati parzjalment biss. Wara r-rakkomandazzjoni tal-Qorti, il-Kummissjoni pproponiet titjib li għandu jagħmilha possibbli li jiġu rreġistrati rakkomandazzjonijiet parzjalment implimentati fl-għodda tal-IT aktar tard fl-2014.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**10.55.** *Il-Kummissjoni vvalutat il-possibilità li tiżviluppa ulterjorment l-applikazzjoni RAD biex ittejjeb l-informazzjoni pprovduta lill-maniġment. L-iżvilupp tar-rakkomandazzjoni addizzjonali bl-istatus "Parzjalment implementata" ġie mitlub mill-fornitur ta' sistema fi ħdan il-Kummissjoni.*

## KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

### Konklużjoni

10.56. Waqt l-infiq tal-fondi tal-UE fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013, il-fokus kien fuq l-assorbiment (il-ħtieġa li jintnefqu l-flus) u l-konformità aktar milli fuq il-prestazzjoni tajba. Arranġamenti ġodda huma fis-seħħ għall-perjodu 2014–2020 u l-Qorti se ssegwi l-impatt ta' dawn f'awditi tal-prestazzjoni futuri. Filwaqt li l-arranġamenti l-ġodda jintlaqgħu tajjeb u l-istabbiliment ta' riżerva għall-prestazzjoni jista' jħeġġeġ fokus akbar fuq ir-riżultati, madankollu l-impatt x'aktarx li jkun marġinali peress li għad ma hemm l-ebda inċentiv finanzjarju reali jew sanzjoni finanzjarja reali fil-qafas 2014–2020 relatat mar-riżultati miksuba bil-finanzjament mill-UE (il-paragrafi 10.3 sa 10.16).

**10.56.** *Il-pubblikazzjoni tad-dejta tal-prestazzjoni mir-Rapporti ta' Implimentazzjoni Annwali kif ukoll ir-rekwiżiti tal-evalwazzjonijiet (obbligu għal mill-inqas evalwazzjoni waħda tal-impatt għal kull prijorità) se tħeġġeġ dibattitu politiku u responsabbiltà reali.*

*Barra minn hekk, kif previst fil-qafas regolatorju 2014–2020 (l-Artikolu 22(6 u 7) tar-Regolament Nru 1303/2013), il-Kummissjoni se tkun tista' tissanzjona l-Istati Membri f'każ ta' insuffiċjenza serja, bħala riżultat tar-rieżami tal-prestazzjoni (l-Artikolu 22(6) tar-Regolament Nru 1303/2013) u fl-għeluq (l-Artikolu 22(7)).*

---

([54]) L-azzjonijiet ta' segwitu relatati ma' tlieta mir-rakkomandazzjonijiet magħżula ma setgħux jiġu vverifikati, billi l-evidenza meħtieġa kienet disponibbli biss fil-livell tal-Istati Membri, li kien barra mill-ambitu tal-analiżi.

([55]) Il-ħames rakkomandazzjoni li ġew rifjutati kollha kienu jikkonċernaw ir-Rapport Speċjali Nru 7/2010 dwar il-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet, u kienu jikkonċernaw aspetti dettaljati tal-proċedura rilevanti. Madankollu, għal tnejn minn dawk il-ħames rakkomandazzjonijiet, xi azzjonijiet ta' rimedju nbdew mill-Kummissjoni fil-kuntest tat-tħejjija tar-regolament orizzontali għall-politika agrikola komuni 2014–2020.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

10.57. F'fehmet il-Qorti, in-nuqqas ta' fokus fuq il-prestazzjoni jindika problema aktar fundamentali. Il-prinċipju ta' ġestjoni kondiviża sserraħ fuq il-fiduċja: li l-Istati Membri — li jiffinanzjaw il-proġetti parzjalment — jimmaniġġjaw il-fondi tal-UE bl-istess attenzjoni li jużaw għar-riżorsi proprji tagħhom. Fuq il-bażi tax-xogħol tal-awditjar tagħha, il-Qorti sabet li l-għażla ta' proġetti ffukat l-ewwel fuq il-ħtieġa li jintnefqu l-flus tal-UE disponibbli ("tużahom jew titlifhom"), it-tieni fuq il-ħtieġa ta' konformità mar-regoli u biss it-tielet — u sa punt limitat — fuq il-prestazzjoni mistennija tagħhom. Il-konformità u l-prestazzjoni għandhom jingħataw piż indaqs matul iċ-ċiklu kollu tal-proġetti. Din it-tensjoni bejn ix-xewqa għal fokus fuq ir-riżultati u l-imperattivi politiċi li l-Istati Membri qed jiffaċċjaw hija difett fundamentali fit-tfassil ta' ħafna mill-baġit tal-UE.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**10.57.** *Il-Kummissjoni tinnota li l-kriterji ta' prestazzjoni huma inkorporati fil-proċess tal-għażla ta' kull proġett li għandu jiġi ffinanzjat.*

*Permezz tal-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji peżati tal-għażla l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jidentifikaw proġetti li jistgħu jikkontribwixxu aħjar lejn il-kisba tar-riżultati.*

*Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li, minbarra finanzjament mill-Unjoni, għandu dejjem ikun hemm kofinanzjament nazzjonali (jew pubbliku jew privat). Għalhekk il-"fiduċja: li l-Istati Membri – li jiffinanzjaw parzjalment il-proġetti – jamministraw il-fondi tal-UE bl-istess reqqa kif jagħmlu mar-riżorsi proprji tagħhom", hija ġġustifikata minħabba li kwalunkwe nfiq "ħażin" tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, jaffettwa awtomatikament u jinfirex fuq l-infiq tal-kontribuzzjoni nazzjonali. Rati massimi ta' kofinanzjament huma stabbiliti mis-CPR (l-Artikolu 120), iżda dawn ir-rati jistgħu jiġu modulati (l-Artikolu 121). Filwaqt li f'reġjuni inqas żviluppati l-kofinanzjament nazzjonali jista' jkun limitat għal 15 %, għal reġjuni aktar żviluppati se jkun ta' mill-inqas 50 %. F'dawn il-każijiet hemm għalhekk riskju għoli għall-kontribuzzjoni nazzjonali fil-każ li l-programm ma "jkunx ġestit bil-għaqal' u jiffoka fuq l-infiq aktar milli fuq il-kisba tar-riżultati. Barra minn hekk, il-kundizzjonalitajiet ex ante għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' qafas it-tajba għall-infiq ikunu fis-seħħ. Għalhekk, anki jekk ikun hemm fowkus fuq l-infiq (li jaffettwa wkoll il-kontribuzzjoni nazzjonali), il-kundizzjonalità ex ante teħtieġ li l-Istati Membri jkollhom fis-seħħ qafas ta' politika strateġika li jkun konformi mal-impenji meħuda fil-livell tal-UE sabiex tkun żgurata l-kisba effettiva u effiċjenti tal-objettivi tal-programm u għaldaqstant ir-riżultati.*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

10.58. Ir-rappurtar lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-prestazzjoni jsir f'qafas li evolva matul ħafna snin u mhuwiex adattat għall-kultura ta' prestazzjoni li l-Kummissjoni qed tfittex li toħloq. Legalment, il-Kummissjoni hija meħtieġa li tirrapporta kull sena dwar il-prestazzjoni tagħha fi tliet rapporti prinċipali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Madankollu, ir-rapport ta' evalwazzzjoni biss jiffoka fuq il-prestazzjoni. Ir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjara u r-rapport ta' sinteżi ma fihom l-ebda, jew inkella ftit, informazzjoni dwar il-prestazzjoni. F'fehmet il-Qorti, il-prattika tal-Kummissjoni li tiffoka r-rappurtar tagħha dwar il-prestazzjoni fir-rapport ta' evalwazzjoni hija sensibbli, peress li ż-żewġ rapporti l-oħra għandhom skopijiet differenti (il-paragrafi 10.18 sa 10.20).

10.59. Barra minn hekk, il-Qorti sabet eżempji ta' diskrepanzi fil-kopertura: ir-rapporti ma jindirizzawx il-valur miżjud tal-UE. Il-Qorti tikkonkludi li l-ġestjoni finanzjarja tajba mhija rrappurtata b'mod utli fl-ebda wieħed minn dawn it-tliet rapporti (il-paragrafi 10.18 sa 10.22).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**10.58.** *Ir-rappurtar lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill qed jiżviluppa flimkien mal-kultura tal-prestazzjoni li l-Kummissjoni qed timplementa, li tqis il-fehmiet tal-Parlament Ewropew u tal-Qorti tal-Awdituri. Kif intqal diġà, permezz tal-adozzjoni tal-QFP tal-2014–2020, il-qafas ta' rappurtar lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill ġie adattat, b'fowkus akbar fuq il-prestazzjoni tal-programmi. Kif indikat fir-Rapport ta' sinteżi, il-Kummissjoni diġà ħadet l-azzjonijiet meħtieġa biex ittejjeb ir-rappurtar dwar il-prestazzjoni billi ssaħħaħ il-qafas ta' prestazzjoni tal-programmi fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014–2020 (QFP) u billi tinkorpora dan il-qafas ta' prestazzjoni fl-ippjanar strateġiku tal-Kummissjoni, l-ipprogrammar u r-rappurtar dwar il-kisbiet. Se jieħu ż-żmien għal dawn il-bidliet biex iwasslu lejn ir-riżultati. Fir-rigward tar-rapporti msemmija mill-Qorti, l-aspetti differenti ta' prestazzjoni, komplementari għal xulxin, huma koperti minn tliet rapporti, li jikkonċernaw id-dettalji tal-implimentazzjoni dwar il-ġestjoni finanzjarja u baġitarja, is-sinteżi tal-kisbiet tal-ġestjoni tal-Kummissjoni u l-prestazzjoni globali tal-programmi finanzjarji tal-UE. Għandha tinżamm distinzjoni ċara bejn dawn l-aspetti, differenti imma relatati. Il-Kummissjoni tilqa' l-indikazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li l-prattika attwali ta' rappurtar hija loġika, li t-tliet rapporti għandhom skopijiet differenti u li r-rapportar dwar il-prestazzjoni tal-programmi finanzjarji jkun aħjar li jsir fir-rapport ta' evalwazzjoni.*

**10.59.** *Il-Kummissjoni tqis li ma hemmx lakuni fil-kopertura. Kif indikat fit-tweġibiet tagħha għall-paragrafu 10.46, il-Kummissjoni vvalutat il-valur miżjud tal-UE meta tippreżenta proposti dwar programmi ġodda ta' nfiq. Il-Kummissjoni tinkludi informazzjoni dwar il-valur miżjud tal-UE bħala parti mir-rappurtar dwar l-evalwazzjonijiet magħmula fil-kuntest tar-Rapport tal-Artikolu 318. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma taqbilx mal-interpretazzjoni tal-Qorti li l-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda jimplika rappurtar dwar il-valur miżjud tal-UE. Barra minn hekk, l-ebda wieħed mit-tliet rapporti ma huwa meħtieġ jew imfassal individwalment biex ikopri t-tliet elementi u b'hekk jipprovdi rendikont sħiħ għall-iskopijiet kollha ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Huma għandhom l-iskopijiet speċifiċi tagħhom (ara r-risposta għal 10.58).*

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
| --- | --- |
| 10.60. Meta mqabbel mar-rapporti ta' evalwazzjoni preċedenti, ir-raba' rapport jirrappreżenta titjib sa fejn huwa jipprova jistabbilixxi rabta bejn il-programmi finanzjarji prinċipali ppreżentati skont l-intestatura tal-QFP u l-informazzjoni disponibbli, dwar il-prestazzjoni, rilevanti għall-istrateġija Ewropa 2020. Madankollu, f'ħafna oqsma importanti, l-informazzjoni u d-*data* pprovduta fir-rapport ta' evalwazzjoni għadhom mhumiex adatti għall-użu intenzjonat tagħhom fil-proċedura ta' kwittanza. Il-Qorti tinnota l-aspettattiva tal-Kummissjoni li se jgħaddu xi snin qabel ma l-qafas tal-prestazzjoni l-ġdid ikun jista' jipprovdi informazzjoni sinifikanti dwar il-prestazzjoni firrigward ta' kisbiet annwali ta' politika. Il-Qorti se tkompli timmonitorja l-progress f'dan il-qasam (il-paragrafi 10.23 sa 10.26). | **10.60.** *Il-Kummissjoni tqis li, skont l-arranġamenti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni applikabbli għall-programmi tal-2007–2013, l-aħħar rapport ta' evalwazzjoni jipprovdi kontribut siewi għall-ħidma tal-awtorità ta' kwittanza għas-sena inkwistjoni. F'ħafna aspetti l-istruttura u l-kontenut tar-rapport ta' din is-sena jirriflettu l-gwida mogħtija mill-awtorità ta' kwittanza. Pereżempju, ir-rapport jissepara informazzjoni dwar il-progress biex jintlaħqu l-objettivi tal-programm minn informazzjoni dwar l-aspetti operattivi tal-prestazzjoni, bħal azzjoni mill-Kummissjoni biex timplimenta u tamministra l-programmi finanzjarji. Issir distinzjoni bejn il-politiki interni tal-UE u l-politiki esterni tagħha. Ir-rapport ukoll saħansitra sab possibbiltà fil-provvista ta' informazzoni ta' prestazzjoni disponibbli dwar kif il-programmi finanzjarji kkontribwixxew għall-Istrateġija Ewropa 2020. Madankollu, għandu jiġi mfakkar li, minkejja li l-2013 kienet l-aħħar sena tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007–2013, għadu kmieni wisq biex jitkejlu r-riżultati u l-impatti tal-programmi bħala finali u l-evalwazzjonijiet ex post tal-programmi finanzjarji huma skedati għall-erba' snin suċċessivi (2014–2017). Barra minn hekk, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-arranġamenti ta' rappurtar ma ġewx applikati lanqas għall-programmi 2007–2013 li ffukaw fuq ir-rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-programmi. L-informazzjoni tal-prestazzjoni għall-programmi 2014–2020 se tibda gradwalment issir disponibbli skont l-arranġamenti ta' rappurtar u evalwazzjoni stipulati fl-atti legali adottati mill-koleġiżlaturi u se jikkontribwixxu għar-Rapport tal-Artikolu 318.* |
| 10.61. Id-diretturi ġenerali jirrappurtaw lill-Kummissjoni fir-RAA tagħhom dwar it-twettiq ta' dmirijiethom, dwar l-attivitajiet tad-DĠ u dwar il-kisbiet tal-politika. Ir-RAA jinkludu dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni mid-diretturi ġenerali li, fost affarijiet oħra, ir-riżorsi assenjati lill-attivitajiet deskritti fir-rapport intużaw għall-iskop intenzjonat tagħhom u l-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba. Madankollu, fil-prattika, l-aċċertament ipprovdut fir-RAA jeskludi speċifikament kwistjonijiet ta' prestazzjoni. L-aċċertament, u kwalunkwe riżerva assoċjata oħra, huwa limitat għal kwistjonijiet ta' regolarità u ta' kontroll intern (ara l-paragrafi 10.28 sa 10.30 u l-Kaxxa 10.4). | **10.61.** *Kif iddikjarat fir-risposta għall-Kaxxa 10.4, il-Kummissjoni se tkompli tapplika l-istess prassi għar-rappurtar li hija konformi mad-dispożizzjonijiet legali. Kif indikat fir-Rapport ta' sinteżi, id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tiffoka fuq il-ġestjoni u l-kwistjonijiet finanzjarji, konformi b'mod sħiħ mar-responsabilità finanzjarja tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. Bl-adozzjoni tar-Rapport ta' sinteżi, il-Kummissjoni tassumi r-responsabbiltà ġenerali għall-ġestjoni tal-baġit tal-UE. Din hija kwistjoni distinta mill-impenn ċar tal-Kummissjoni biex tkompli ssaħħaħ ir-rappurtar dwar il-kisbiet tal-politika fl-istess rapporti ta' attività annwali kif ukoll fir-Rapport ta' evalwazzjoni kif meħtieġ mit-Trattat. Dawn il-kisbiet tal-politika huma r-riżultat ta' azzjoni kollettiva u r-responsabbiltà mal-koleġiżlaturi u l-Istati Membri li għandhom rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-programmi. Barra minn hekk, ħafna fatturi oħra fl-ekonomija u s-soċjetà, ferm lil hinn mill-kontroll tad-Diretturi Ġenerali, jinfluwenzaw il-prestazzjoni ġenerali tal-programmi.* |

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

10.62. L-analiżi tar-RAA ta' din is-sena wriet li, bħal fis-snin preċedenti, l-objettivi tad-DĠ mhumiex adatti għall-użu intenzjonat tagħhom fir-rigward tal-ġestjoni; li għadd ta' dgħufijiet jippersistu bl-għażla tal-indikaturi, li jfisser li l-idoneità tagħhom għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni hija limitata; u li d-DĠ ma jikkooperawx biżżejjed fil-formulazzjoni tal-objettivi u tal-indikaturi tagħhom (ara l-paragrafi 10.32 sa 10.39).

10.63. L-awditi tal-prestazzjoni tal-Qorti jkomplu jissodisfaw il-miri doppji tagħhom f'termini ta' obbligu ta' rendikont u titjib. Ir-rapporti tagħha tal-2013, fost ħafna suġġetti oħra, irrappurtaw dwar każijiet fejn il-valur miżjud tal-UE — fundamentali għall-kisba ta' ġestjoni finanzjarja tajba — ma kienx ġie garantit, jew inkella tnaqqas. Eżempju partikolari ta' dan, misjub f'għadd ta' każijiet, kien il-preżenza ta' deadweight — fejn il-benefiċjarji kieku kienu jkomplu bl-attività anke mingħajr il-finanzjament mill-UE (il-paragrafi 10.40 sa 10.53).

## Rakkomandazzjonijiet

10.64. L-***Anness 10.2*** juri r-riżultat tal-analiżi mill-Qorti tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti. Fir-Rapporti Annwali 2010 u 2011, il-Qorti ppreżentat disa' rakkomandazzjonijet. Minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, tnejn ma kinux applikabbli peress li kien kmieni wisq biex il-Qorti tivvaluta l-progress. Il-Kummissjoni implimentat seba' rakkomandazzjonijiet f'xi aspetti.

10.65. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2013, il-Qorti tirrakkommanda li:

— **Rakkomandazzjoni 1**: il-Kummissjoni għandha, fl-okkażjoni li jmiss meta r-Regolament Finanzjarju jiġi rrevedut, tirrazzjonalizza l-qafas għar-rappurtar tal-prestazzjoni tagħha,

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**10.62.** *Kif indikat fir-Rapport ta' Sinteżi tal-2013, l-istruttura tar-rapporti ta' attività annwali tal-2013 ġiet rieżaminata b'mod sinifikanti. Kien hemm sforz kbir fit-titjib tal-indikaturi tal-prestazzjoni u fir-rappurtar tal-prestazzjoni kif ukoll fir-rappurtar dwar l-ekonomija u l-effiċjenza fir-RAA tagħhom.*

*Barra minn hekk, ġie ddedikat sforz kbir fl-istruzzjonijiet rieżaminati biex jiżguraw li r-rapporti jinkludu biss dak li huwa rilevanti u biex titjieb iċ-ċarezza u l-konsistenza ġenerali kollha. Barra minn hekk, se jkun hemm allinjament eqreb ta' pjanijiet ta' ġestjoni b'rapporti annwali tal-attività rigward ir-rappurtaġġ dwar objettivi u indikaturi.*

**10.63.** *Il-Kummissjoni tirreferi għat-tweġibiet tagħha 10.48 u 10.52, fejn hi tikkunsidra li l-miżuri meħuda jipprovdu valur miżjud tal-UE. Barra minn hekk, kif indikat fit-tweġiba tagħha għal 10.45, il-Kummissjoni ma għandhiex l-istess prinċipji ssuġġeriti mill-Qorti li fuqhom huwa bbażat il-kunċett ta' valur miżjud tal-UE kif indikat fir-risposta annwali tagħha tal-2011.*

*Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni hija lesta li tadatta r-Regolament Finanzjarju sabiex jiġi allinjat mal-prattika attwali tagħha ta' rappurtar dwar il-prestazzjoni. Skont il-prattika attwali, it-tliet rapporti msemmija mill-Qorti fil-paragrafu 10.18, jservu skopijiet differenti u huma komplementari għal xulxin. Ir-Rapport ta' Sinteżi jiffoka fuq il-kisbiet tal-maniġment tal-Kummissjoni, ir-rapport ta' evalwazzjoni skont l-Artikolu 318 jiffoka fuq ir-riżultati milħuqa minn programmi ta' nfiq u r-rapport dwar ir-rapporti tal-Ġestjoni Baġitarja u Finanzjarja dwar l-aspetti baġitarji u l-ġestjoni baġitarja. Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li din il-prassi ta' rappurtar, li fiha dawn ir-rapporti kollha għandhom rwol u skop distint, hija f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali u operazzjonali f'diversi livelli (tat-TFUE, ir-Regolament Finanzjarju u l-istruzzjonijiet permanenti interni tal-Kummissjoni).*

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
| --- | --- |
| — **Rakkomandazzjoni 2:** il-Kummissjoni għandha tiżgura li r-rapport ta' evalwazzjoni jippreżenta kont sommarju li jiġbor l-informazzjoni kollha disponibbli dwar il-progress lejn il-miri ta' Ewropa 2020 sabiex il-qarrej jingħata ħarsa ġenerali ċara lejn il-kisbiet li jkunu saru, | *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Il-Kummissjoni se tiffoka fuq l-iżgurar li r-Rapport tal-Artikolu 318 jippreżenta rendikont fil-qosor li jiġbor flimkien l-informazzjoni dwar il-progress lejn il-miri ta' Ewropa 2020 bl-għan li jipprovdi ħarsa ġenerali ċara tal-kisbiet li saru. Il-Kummissjoni se tikkunsidra jekk xi aġġustament fl-istruttura tar-Rapport tal-Artikolu 318 ikunx xieraq fid-dawl tal-mod kif dan ir-rappurtar jiżviluppa matul is-snin li ġejjin, filwaqt li titqies l-eżistenza ta' rappurtar ieħor aktar komprensiv dwar Ewropa 2020, permezz tas-Semestru Ewropew.* |
| — **Rakkomandazzjoni 3:** il-Kummissjoni għandha tkompli tiżviluppa s-sistema tagħha ta' ġestjoni u rappurtar tal-prestazzjoni sabiex din tal-aħħar tippermetti li l-Kummissjoni tieħu r-responsabbiltà għal ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll il-kontribut mill-baġit tal-UE għal kisbiet ta' politika fid-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni annwali mid-diretturi ġenerali. | *Il-Kummissjoni ma taċċettax din ir-rakkomandazzjoni.*<br><br>*Il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura ġestjoni u rappurtar dwar il-baġit tal-UE sodi u ta' kwalità għolja, filwaqt li tqis bis-sħiħ is-suġġerimenti kollha għal aktar żviluppi ta' dan. Kif indikat fir-Rapport ta' Sinteżi, il-Kummissjoni diġà ħadet l-azzjonijiet meħtieġa biex ittejjeb ir-rappurtar dwar il-prestazzjoni billi ssaħħaħ il-qafas ta' prestazzjoni tal-programmi taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014–2020 (QFP) u billi tinkorpora dan il-qafas ta' prestazzjoni fl-Ippjanar strateġiku tal-Kummissjoni, l-ipprogrammar u r-rappurtar dwar il-kisbiet.*<br><br>*Madankollu, jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn ir-responsabbiltà diretta tad-Diretturi Ġenerali, min-naħa waħda, għat-tmexxija tal-programmi finanzjarji u l-implimentazzjoni tal-baġit u, min-naħa l-oħra, il-kisbiet tal-politika bħall-impatt tal-programmi finanzjarji. Dan tal-aħħar huwa wkoll ir-responsabbiltà tal-koleġiżlaturi li jikkontribwixxu għat-tfassil tal-programmi u jadottawhom, kif ukoll tal-Istati Membri li ta' spiss, għandhom rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-programmi. Barra minn hekk, ħafna fatturi oħra fl-ekonomija u fis-soċjetà, ferm lil hinn mill-kontroll tad-Diretturi Ġenerali, jinfluwenzaw ir-rendiment ġenerali tal-programmi.*<br><br>*Il-Kummissjoni għalhekk tqis li l-iskop tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni pprovdut minn diretturi ġenerali għandu jkompli jiffoka fuq il-ġestjoni u kwistjonijiet finanzjarji, konformi b'mod sħiħ mar-responsabilità finanzjarja tal-Kummissjoni u r-rekwiżiti tal-awditjar għall-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni tal-baġit tal-UE. Bl-adozzjoni tar-Rapport ta' Sinteżi, il-Kummissjoni tassumi r-responsabbiltà ġenerali għall-ġestjoni tal-baġit tal-UE.* |

ANNESS 10.1

*RAPPORTI SPEĊJALI ADOTTATI MILL-QORTI TAL-AWDITURI FL-2013*

- Nru 1/2013 "L-appoġġ tal-UE lill-industrija tal-ipproċessar tal-ikel kien effettiv u effiċjenti fiż-żieda tal-valur lill-prodotti agrikoli?"
- Nru 2/2013 "Il-Kummissjoni żgurat l-implimentazzjoni effiċjenti tas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka?"
- Nru 3/2013 "Il-programmi Marco Polo kienu effettivi fiċ-ċaqliq tat-traffiku lil hinn mit-toroq?"
- Nru 4/2013 "Kooperazzjoni tal-UE mal-Eġittu fil-Qasam tal-Governanza"
- Nru 5/2013 "Il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE jintnefqu sew fuq it-toroq?"
- Nru 6/2013 "L-Istati Membri u l-Kummissjoni kisbu l-aħjar kwalità meta mqabbla mal-prezz bil-miżuri għad-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali?"
- Nru 7/2013 "Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wassal għal valur miżjud tal-UE bir-riintegrazzjoni ta' ħaddiema li jkunu tilfu l-impjieg tagħhom?"
- Nru 8/2013 "Appoġġ għat-Titjib tal-valur ekonomiku tal-foresti mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali"
- Nru 9/2013 "Appoġġ tal-UE għall-governanza fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo"
- Nru 10/2013 "Politika Agrikola Komuni: L-appoġġ speċifiku pprovdut taħt l-Artikolu 68 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 huwa mfassal u implimentat tajjeb?"
- Nru 11/2013 "Kisba ta' *data* korretta dwar l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING): approċċ aktar strutturat u ffukat aħjar itejjeb l-effettività tal-verifikazzjoni mill-Kummissjoni"
- Nru 12/2013 "Jistgħu l-Kummissjoni u l-Istati Membri juru li l-baġit tal-UE allokat għall-politika ta' żvilupp rurali jintnefaq tajjeb?"
- Nru 13/2013 "Assistenza għall-Iżvilupp mill-UE lill-Asja Ċentrali"
- Nru 14/2013 "Appoġġ Finanzjarju Dirett mill-Unjoni Ewropea lill-Awtorità Palestinjana"
- Nru 15/2013 "Il-komponent Ambjent tal-Programm LIFE kien effettiv?"
- Nru 16/2013 "Valutazzjoni ta' awditu uniku (single audit) u d-dipendenza tal-Kummissjoni fuq ix-xogħol tal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar fil-Koeżjoni"
- Nru 17/2013 "Finanzjament għall-klima mill-UE fil-kuntest ta' għajnuna esterna"
- Nru 18/2013 "L-affidabbiltà tar-riżultati tal-kontrolli mill-Istati Membri tal-infiq agrikolu"
- Nru 19/2013 "Rapport 2012 dwar is-segwitu tar-Rapporti Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri".

ANNESS 10.2

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦALL-KISBA TA' RIŻULTATI MILL-BAĠIT TAL-UE*

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli (*) | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 1:** Il-Kummissjoni għandha, fit-tfassil ta' programmi ġodda ta' nfiq, tfittex li tiffoka l-attivitajiet tagħha fuq ir-riżultati u l-impatti li hija trid tikseb. Jekk ir-riżultati u l-impatti ma jistgħux jitkejlu faċilment, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi indikaturi u stadji importanti, ibbażati fuq objettivi "SMART" li juru li l-attivitajiet tagħha jappoġġaw l-għanijiet mixtieqa tagħha. | | | X | | | | *Il-programmi ta' nfiq kollha taħt il-QFP l-ġdid jinkludu qafas ta' prestazzjoni ġdid inklużi objettivi, indikaturi u monitoraġġ, arranġamenti ta' evalwazzjoni u rappurtar li jippermettu kejl u rappurtar dwar il-prestazzjoni.*<br><br>*B'mod parallel, il-Kummissjoni żviluppat l-għodod tagħha tal-ġestjoni interna – il-Pjanijiet ta' Ġestjoni u r-Rapporti Annwali tal-Attività tad-Direttorati Ġenerali – biex jinkludu aktar rappurtar fuq il-prestazzjoni tal-programmi finanzjarji.*<br><br>*Huwa importanti li niftakru li l-koleġiżlaturi kienu involuti mill-qrib fl-istabbiliment tal-objettivi tal-programm u tal-indikaturi ta' prestazzjoni.* |
| | **Rakkomandazzjoni 2:** Il-Kummissjoni għandha taħdem mal-Istati Membri bil-ħsieb li ttejjeb il-kwalità u l-puntwalità tad-*data* ppreżentata. B'mod partikolari, hija għandha tuża kwalunkwe tagħlim li jista' tinkiseb mill-passi li qegħdin jittieħdu fil-Fondi tal-QSK biex l-Istati Membri jingħataw inċentivi biex jipprovdu *data* dwar il-prestazzjoni ta' kwalità għolja. | | | X | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli (*) | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 3:** Għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, 2014-2020, il-Kummissjoni għandha tiddimostra u tirrapporta dwar kif hija tiżgura l-valur miżjud tal-UE. | | | | | X | | *Kif indikat fit-tweġibiet tagħha għall-paragrafu 10.46, il-Kummissjoni tat attenzjoni kbira lill-valur miżjud tal-UE fit-tfassil tal-programmi l-ġodda ta' nfiq. Hija se tirrapporta dwar il-valur miżjud tal-UE, li huwa wieħed mill-aspetti li l-evalwazzjonijiet ex post se jivvalutaw. Dawn l-evalwazzjonijiet huma disponibbli pubblikament u r-Rapport tal-Artikolu 318 juri wkoll fil-qosor l-informazzjoni dwar il-valur miżjud tal-UE.* |
| 2010 | **Rakkomandazzjoni 1:** Għandu jitpoġġa aktar fokus fuq il-prestazzjoni fir-rapporti annwali tal-attività tad-DĠ, partikolarment b'analiżi tad-differenzi bejn miri u kisbiet ippjanati kif ukoll bir-rappurtar dwar l-ekonomija u l-effiċjenza tal-finanzjament mill-UE (ara l-paragrafu 8.53). | | | X | | | | *Ara t-tweġiba għar-rakkomandazzjoni 1 għall-2011* |
| | **Rakkomandazzjoni 2:** Is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jiddefinixxu stadji importanti interim xierqa għal miri pluriennali sabiex il-progress ikun jista' jiġi vvalutat b'mod adegwat (ara l-paragrafu 8.54). | | | X | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 3:** Il-Kummissjoni u l-Istati Membri, fi ħdan il-kuntest tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom taħt ġestjoni kondiviża, għandhom jaqblu dwar indikaturi tal-prestazzjoni konsistenti u jiżguraw l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar miri ppjanati u riżultati miksuba (ara l-paragrafu 8.56). | | | X | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli (*) | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2010 | **Rakkomandazzjoni 4:** Matul l-ippjanar tal-programmi ta' nfiq tal-UE, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom joqogħdu aktar attenti biex jiddefinixxu objettivi SMART, kif ukoll biex jidentifikaw u jtaffu r-riskji li jista' jkun hemm matul l-implimentazzjoni (ara l-paragrafu 8.57). | | | | | X | | *Ara t-tweġiba għar-rakkomandazzjoni 1 għall-2011* |
| | **Rakkomandazzjoni 5:** L-obbligu ta' rendikont mill-maniġment għandu jinftiehem ukoll bħala li jinkludi rappurtar dwar ir-riżultati b'korrispondenza bejn il-kisbiet mistennija fil-pjan ta' ġestjoni u l-kisbiet irrappurtati fir-rapport annwali tal-attività (ara l-paragrafu 8.58). | | | X | | | | *Ara t-tweġiba għar-rakkomandazzjoni 3 tar-rapport attwali dwar is-sena 2013* |
| | **Rakkomandazzjoni 6:** Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri fejn xieraq fil-kuntest ta' ġestjoni kondiviża, għandha tfassal u topera sistemi ta' monitoraġġ u kontroll biex tipproduċi informazzjoni kompleta u preċiża dwar ir-riżultati (ara l-paragrafu 8.58). | | | X | | | | |

(*) Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid 2014-2020, li jagħmilha diffiċli li ssir valutazzjoni tal-progress tal-Kummissjoni.

# RAPPORT ANNWALI DWAR L-ATTIVITAJIET IFFINANZJATI MIT-8, MID-9 U MILL-10 FONDI EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP (FEŻ)

(2014/C 398/02)

## Rapport annwali dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-8, mid-9 u mill-10 Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ)

WERREJ


| | *Paragrafu* |
|---|---|
| Introduzzjoni | 1-10 |
| Karatteristiċi speċifiċi tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp | 2-10 |
| Riskji għar-regolarità | 6-10 |
| Kapitolu I – Implimentazzjoni tat-8 , tad-9 u tal-10 FEŻ | 11-15 |
| Implimentazzjoni finanzjarja | 11-14 |
| Ir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni finanzjarja tat-8 sal-10 FEŻ | 15 |
| Kapitolu II — Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti dwar il-FEŻ | 16-44 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti dwar it-8, id-9 u l-10 FEŻ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Rapport tal-awditur indipendenti | I-X |
| Informazzjoni li tappoġġa d-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni | 16-44 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 16-19 |
| Affidabbiltà tal-kontijiet | 20 |
| Regolarità tat-tranżazzjonijiet | 21-31 |
| Eżaminar ta' sistemi ta' kontroll magħżula | 32-44 |
| Konklużjoni u rakkomandazzjonijiet | 45-51 |
| Il-konklużjoni għall-2013 | 45-47 |
| Rakkomandazzjonijiet | 48-51 |

Anness 1 — Riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet għall-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

Anness 2 — Riżultati tal-eżaminar tas-sistemi magħżuIa għall-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp u l-għajnuna għall-iżvilupp taħt il-baġit tal-UE

Anness 3 — Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għall-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## INTRODUZZJONI

1. Dan ir-rapport annwali jippreżenta l-valutazzjoni mill-Qorti tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ). Informazzjoni ewlenija dwar l-attivitajiet koperti u l-infiq fl-2013 tingħata fit-***Tabella 1***.

### Tabella 1 — Fondi Ewropej għall-Iżvilupp — Informazzjoni ewlenija 2013

*(miljuni ta' euro)*

| Titolu tal-baġit | Qasam ta' politika | Deskrizzjoni | Pagamenti 2013 |
|---|---|---|---|
| Fondi Ewropej għall-Iżvilupp | It-8 FEŻ | Nefqa operazzjonali | |
| | | *Proġetti* | 20 |
| | | *Appoġġ baġitarju* | 0 |
| | | Nefqa amministrattiva | 0 |
| | | | **20** |
| | Id-9 FEŻ | Nefqa operazzjonali | |
| | | *Proġetti* | 256 |
| | | *Appoġġ baġitarju* | 1 |
| | | Nefqa amministrattiva | 2 |
| | | | **259** |
| | L-10 FEŻ | Nefqa operazzjonali | |
| | | *Proġetti* | 1 961 |
| | | *Appoġġ Baġitarju* | 717 |
| | | Nefqa amministrattiva | 94 |
| | | | **2 772** |
| | | Total tan-nefqa operazzjonali (Proġetti) | **2 237** |
| | | Total tan-nefqa operazzjonali (Appoġġ baġitarju) | 718 |
| | | Total tan-nefqa amministrattiva | 96 |
| | | **Total tal-pagamenti** | **3 051** |
| | | *- pagamenti bil-quddiem* | *- 1 753* |
| | | *+ approvazzjonijiet ta' pagamenti bil-quddiem* | *1 314* |
| | | **Popolazzjoni awditjata** | **2 612** |
| | | **Total tal-impenji individwali** (1) | **3 350** |
| | | **Total tal-impenji globali** (1) | **3 923** |

(1) Impenji globali huma relatati ma' deċiżjonijiet ta' finanzjament. Impenji individwali huma relatati ma' kuntratti individwali.

*Sors:* Il-kontijiet 2013 tat-8, tad-9 u tal-10 FEŻ.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Karatteristiċi speċifiċi tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

2. Il-FEŻ huma l-istrument prinċipali għall-għoti ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lill-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u lill-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej (PTEE). Il-ftehim ta' sħubija ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 għal perjodu ta' 20 sena ("il-Ftehim ta' Cotonou") huwa l-qafas attwali għar-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mal-Istati AKP u l-PTEE. Il-fokus prinċipali tiegħu huwa fuq it-tnaqqis u eventwalment il-qirda tal-faqar.

3. Il-FEŻ huma ffinanzjati mill-Istati Membri, irregolati mir-regolamenti finanzjarji tagħhom stess u mmaniġġjati, mill-Kummissjoni Ewropea, 'il barra mill-qafas tal-baġit ġenerali tal-UE. Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) jimmaniġġja l-faċilità ta' investiment, li mhijiex koperta mid-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti jew mill-proċedura ta' kwittanza tal-Parlament Ewropew ([1]) ([2]).

4. Il-FEŻ huma mmaniġġjati kważi għalkollox mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni (EuropeAid), li jimmaniġġja wkoll firxa wiesgħa ta' nfiq mill-baġit tal-UE ([3]) ([4]).

5. L-interventi tal-FEŻ jiġu implimentati permezz ta' proġetti u appoġġ baġitarju ([5]) taħt tliet arranġamenti prinċipali. Fl-2013, 42 % tal-pagamenti saru taħt ġestjoni ċentralizzata, 32 % taħt ġestjoni deċentralizzata u 26 % taħt ġestjoni konġunta ([6]).

([1]) Ara l-Artikoli 118, 125 u 134 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 78, 19.3.2008, p. 1) u l-Opinjoni tal-Qorti Nru 9/2007 dwar il-proposta għal dan ir-Regolament (ĠU C 23, 28.1.2008, p. 3).

([2]) Fl-2012 ftehim tripartitiku bejn il-BEI, il-Kummissjoni u l-Qorti (l-Artikolu 134 tar-Regolament (KE) Nru 215/2008) stabbilixxa regoli għall-awditu ta' dawn l-operazzjonijiet mill-Qorti.

([3]) Id-Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili (DĠ ECHO) jimmaniġġja 1,7 % tal-infiq mill-FEŻ.

([4]) Ara l-Kapitolu 7 "Relazzjonijiet esterni, għajnuna u tkabbir" tar-Rapport Annwali 2013 tal-Qorti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE.

([5]) L-appoġġ baġitarju jinvolvi t-trasferiment ta' fondi mill-Kummissjoni għat-teżor nazzjonali tal-pajjiż sieħeb. Dan jipprovdi riżorsi baġitarji addizzjonali biex tiġi appoġġata strateġija ta' żvilupp nazzjonali.

([6]) Taħt ġestjoni ċentralizzata, l-għajnuna tiġi implimentata direttament mis-servizzi tal-Kummissjoni (kwartieri ġenerali jew delegazzjonijiet) jew indirettament permezz ta' korpi nazzjonali (eż. aġenzija tal-iżvilupp ta' Stat Membru tal-UE). Taħt ġestjoni deċentralizzata, l-implimentazzjoni tiġi delegata lil pajjiż terz. Taħt ġestjoni konġunta, l-implimentazzjoni tiġi delegata lil organizzazzjoni internazzjonali.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Riskji għar-regolarità*

6. L-infiq kopert f'dan ir-rapport isir taħt firxa wiesgħa ta' metodi ta' twassil, li jintużaw f'79 pajjiż. Ir-regoli u l-proċeduri spiss huma kumplessi, inklużi dawk għas-sejħiet għall-offerti u l-għoti ta' kuntratti. Il-Qorti vvalutat ir-riskju bħala għoli b'mod inerenti.

7. F'żewġ oqsma – l-appoġġ baġitarju ([7]) u l-kontribuzzjonijiet mill-UE għal proġetti multidonatur imwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali ([8]) bħan-Nazzjonijiet Uniti (NU) – in-natura tal-istrumenti u tal-kundizzjonijiet għal pagament jillimitaw il-punt sa fejn it-tranżazzjonijiet huma suxxettibbli għal żbalji.

8. L-appoġġ baġitarju jikkontribwixxi għall-baġit ġenerali ta' stat jew għall-baġit tiegħu għal politika speċifika jew objettiv speċifiku. Il-Qorti teżamina jekk il-Kummissjoni rrispettatx il-kundizzjonijiet speċifiċi biex isiru pagamenti għall-appoġġ baġitarju lill-pajjiż sieħeb ikkonċernat u jekk ivverifikatx li kien hemm konformità mal-kundizzjonijiet ġenerali ta' eliġibbiltà (bħalma huwa l-progress fil-ġestjoni finanzjarja tas-settur pubbliku).

9. Madankollu l-Kummissjoni għandha flessibbiltà konsiderevoli meta tiġi biex tiddeċiedi jekk dawn il-kundizzjonijiet ġenerali jkunux intlaħqu. L-awditu tar-regolarità li jsir mill-Qorti ma jistax imur lil hinn mill-istadju li fih titħallas l-għajnuna lil pajjiż sieħeb. Il-fondi trasferiti mbagħad jingħaqdu mar-riżorsi baġitarji tal-pajjiż riċevitur. Kwalunkwe dgħufija fil-ġestjoni finanzjarja tiegħu ma jiġġenerax żbalji fl-awditu tar-regolarità li jsir mill-Qorti.

([7]) Pagamenti gross għall-appoġġ baġitarju li saru mill-FEŻ fl-2013 ammontaw għal EUR 718-il miljun.

([8]) Pagamenti gross mill-FEŻ fl-2013 għal proġetti multidonatur imwettqa minn organizzazzjonijiet internazzjonali ammontaw għal EUR 458 miljun.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

10. Il-kontribuzzjonijiet mill-Kummissjoni għal proġetti multidonatur jinġabru flimkien ma' dawk ta' donaturi oħra u ma jiġux assenjati għal elementi speċifiċi u identifikabbli ta' nfiq eliġibbli. Taħt l-hekk imsejjaħ "approċċ nozzjonali" il-Kummissjoni tassumi li t-tranżazzjonijiet ta' bażi jkunu regolari dment li l-ammont miġbur flimkien ikun jinkludi biżżejjed infiq eliġibbli biex ikopri l-kontribuzzjoni mill-UE. Jekk donaturi oħra jsegwu l-istess approċċ u japplikaw l-istess kriterji ta' eliġibbiltà għall-kontribuzzjoni tagħhom, hemm riskju li l-infiq kumplessiv ma jissodisfax ir-rekwiżiti kkombinati ta' kundizzjonalità tal-Kummissjoni u tad-donaturi l-oħra.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**10.** *Il-Kummissjoni temmen li l-miżuri ta' kontroll intern li daħlu fis-seħħ, flimkien ma' dawk tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, jillimitaw dan ir-riskju teoretiku għal livell li tabilħaqq huwa aċċettabbli. Il-Kummissjoni ma taf b'ebda problema speċifika bl-"approċċ nozzjonali" (li ġie żviluppat sabiex jippermetti lill-Kummissjoni tipparteċipa f'azzjonijiet multidonatur inklużi fondi fiduċjarji). Din l-istrateġija tiggarantixxi li r-rekwiżiti legali applikabbli għall-finanzjament tal-UE f'azzjonijiet esterni jiġu sodisfatti (billi jiżgura li l-ammont ikkontribwit minn donaturi oħra jkun suffiċjenti biex iħallas għal xi attività li hija ineliġibbli skont ir-regoli tal-UE) filwaqt li l-fondi tal-UE jintefqu bl-aktar mod effiċjenti (permezz ta' koordinazzjoni tad-donatur), f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda.*

*Il-Kummissjoni tillimita dan ir-riskju billi tivvaluta l-kontabilità, l-awditjar, il-kontroll intern, l-akkwist, il-pubblikazzjoni ex post ta' informazzjoni u l-proċeduri tal-protezzjoni ta' dejta personali tal-organizzazzjonijiet internazzjonali msieħba qabel kull ħidma konġunta, il-preżenza tal-persunal tagħha fil-qasam (u l-parteċipazzjoni fi gruppi ta' tmexxija) u r-rappurtaġġ finanzjarju globali rigoruż meħtieġ mill-organizzazzjoni internazzjonali. Barra minn hekk, matul l-implimentazzjoni ta' programmi ta' azzjoni esterni, is-sistemi huma analizzati regolarment permezz tat-twettiq ta' missjonijiet ta' verifika mwettqa minn awdituri esterni.*

*L-awditi li tagħmel il-Kummissjoni sa issa għadhom ma rrappurtaw l-ebda "riskju speċifiku" ta' dan it-tip, u l-Kummissjoni lanqas ma taf li jeżisti xi donatur ieħor bl-"istess kriterji ta' eliġibbiltà".*

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## KAPITOLU I — IMPLIMENTAZZJONI TAT-8 , TAD-9 U TAL-10 FEŻ

### Implimentazzjoni finanzjarja

11. Il-ftehimiet relatati mal-FEŻ normalment jiġu konklużi għal perjodu ta' impenn ta' madwar ħames snin, iżda l-pagamenti jistgħu jsiru fuq perjodu itwal. Fl-2013, saru pagamenti mit-8, mid-9 u mill-10 FEŻ. It-8 FEŻ (1995–2000) jammonta għal EUR 12 840 miljun u d-9 FEŻ (2000-2007) għal EUR 13 800 miljun.

12. L-10 FEŻ (2008–2013) jammonta għal EUR 22 682 miljun. Minn dan l-ammont, EUR 21 967 miljun jiġu allokati lill-pajjiżi AKP u EUR 285 miljun lill-PTEE. Dawn is-somom jinkludu, rispettivament, EUR 1 500 miljun u EUR 30 miljun għall-faċilità ta' investiment immaniġġjata mill-BEI għall-pajjiżi AKP u PTEE. Fl-aħħar nett, EUR 430 miljun jiġu assenjati għall-infiq tal-Kummissjoni għall-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-FEŻ.

13. Fl-2013, il-kontribuzzjonijiet totali mill-Istati Membri ammontaw għal EUR 3 200 miljun, li minnhom EUR 2 950 miljun kienu għal azzjonijiet immaniġġjati mill-Kummissjoni.

14. It-***Tabella 2*** turi l-użu, matul l-2013 u b'mod kumulattiv, tar-riżorsi tal-FEŻ. Billi l-fondi tal-10 FEŻ mhumiex se jibqgħu jiġu impenjati wara l-31 ta' Diċembru 2013 ([9]), il-Kummissjoni rnexxielha tikseb riżultati ogħla milli ppjanat f'termini ta' impenji: l-impenji globali u individwali kienu, rispettivament, 29 % u 31 % ogħla mit-tbassir inizjali. B'konsegwenza ta' dan, il-pagamenti kienu 7 % aktar milli mbassar inizjalment u l-impenji pendenti żdiedu bi 8 % meta mqabbla mal-2012.

([9]) L-Artikolu 1(5) tal-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Finanzjament ta' għajnuna tal-Komunità taħt il-qafas finanzjarju multiannwali għall-perjodu 2008 sa 2013 skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE u dwar l-allokazzjoni ta' għajnuna finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej li għalihom tapplika l-Parti Erbgħa tat-Trattat KE (ĠU L 247, 9.9.2006, p. 32).

**Tabella 2 — Użu tar-riżorsi tal-FEŻ sal-31 ta' Diċembru 2013**

*(miljuni ta' euro)*

| | Sitwazzjoni fi tmiem l-2012 | | Implimentazzjoni baġitarja matul is-sena finanzjarja 2013 (netta) (6) | | | | Sitwazzjoni fi tmiem l-2013 | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Ammont totali** | Rata ta' implimentazzjoni (2) | It-8 FEŻ (3) | Id-9 FEŻ (3) | L-10 FEŻ | **Ammont totali** | It-8 FEŻ | Id-9 FEŻ | L-10 FEŻ | **Ammont totali** | Rata ta' implimentazzjoni (2) |
| **A – RIŻORSI** (1) | **48 920** | | - 104 | - 336 | 548 | **108** | 10 481 | 16 114 | 22 433 | **49 028** | |
| **B – UŻU** | | | | | | | | | | | |
| 1. **Impenji globali** (4) | **43 991** | **89,9 %** | - 98 | - 72 | 4 093 | **3 923** | 10 478 | 16 084 | 21 351 | **47 914** | **97,7 %** |
| 2. **Impenji individwali** (5) | **38 059** | **77,8 %** | - 11 | - 96 | 3 457 | **3 350** | 10 437 | 15 408 | 15 565 | **41 410** | **84,5 %** |
| 3. **Pagamenti** | **32 417** | **66,3 %** | 18 | 230 | 2 715 | **2 963** | 10 363 | 14 795 | 10 222 | **35 380** | **72,2 %** |
| **C – Impenji pendenti (B1-B3)** | **11 574** | **23,7 %** | | | | | 115 | 1 289 | 11 129 | **12 534** | **25,6 %** |
| **D – Bilanċ disponibbli (A-B1)** | **4 929** | **10,1 %** | | | | | 3 | 30 | 1 082 | **1 114** | **2,3 %** |

(1) Jinkludu allokazzjonijiet inizjali għat-8, għad-9 u għall-10 FEŻ, kofinanzjament, imgħax, riżorsi varji u trasferimenti minn FEŻ preċedenti.
(2) Bħala perċentwal tar-riżorsi.
(3) Ammonti negattivi jikkorrispondu ma' diżimpenji.
(4) Impenji globali huma relatati ma' deċiżjonijiet ta' finanzjament.
(5) Impenji individwali huma relatati ma' kuntratti individwali.
(6) Impenji netti wara diżimpenji. Pagamenti netti wara rkupri.

*Sors:* Il-Qorti tal-Awdituri, ibbażat fuq rapporti tal-FEŻ dwar l-implimentazzjoni finanzjarja u r-rapporti finanzjarji fil-31 ta' Diċembru 2013.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Ir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni finanzjarja tat-8 sal-10 FEŻ

15. Ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 FEŻ jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrapporta kull sena dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-FEŻ ([10]). Fl-opinjoni tal-Qorti, dan ir-rapport jippreżenta b'mod preċiż l-informazzjoni finanzjarja relevanti.

([10]) L-Artikoli 118, 124 u 156 tar-Regolament (KE) Nru 215/2008.

## KAPITOLU II — ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI TAL-QORTI DWAR IL-FEŻ

### Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti dwar it-8, id-9 u l-10 FEŻ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Rapport tal-awditur indipendenti

I – Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 141 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 FEŻ, li japplika wkoll għall-FEŻ preċedenti, il-Qorti awditjat:

(a) il-kontijiet annwali tat-8, tad-9 u tal-10 Fondi Ewropej għall-Iżvilupp li jinkludu l-karta tal-bilanċ, il-kont tar-riżultat ekonomiku, ir-rapport tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u t-tabella tal-partiti pagabbli lill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp u r-rapport dwar l-implimentazzjoni finanzjarja għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2013 approvati mill-Kummissjoni fis-17 ta' Lulju 2014; u

(b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet fi ħdan il-qafas legali tal-FEŻ fir-rigward ta' dik il-parti mir-riżorsi tal-FEŻ li l-ġestjoni finanzjarja tagħha hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni ([11]).

*Ir-responsabbiltà tal-maniġment*

II – Skont l-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u r-Regolamenti Finanzjarji applikabbli għat-8, id-9 u l-10 FEŻ, il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali tal-FEŻ fuq il-bażi ta' standards kontabilistiċi għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment ([12]) u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Din ir-responsabbiltà tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Il-maniġment huwa wkoll responsabbli milli jiżgura li l-attivitajiet, it-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-informazzjoni riflessi fir-rapporti finanzjarji jkunu konformi mal-awtoritajiet li jirregolawhom. Il-Kummissjoni terfa' r-responsabbiltà aħħarija għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-FEŻ (l-Artikolu 317 tat-TFUE).

*Ir-responsabbiltà tal-awditur*

III – Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti mexxiet l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-FEŻ ikunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

IV – Awditu jinvolvi t-twettiq ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, inkluża valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-FEŻ, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jsiru dawk il-valutazzjonijiet tar-riskji, jitqiesu l-kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet u s-sistemi ta' superviżjoni u kontroll implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex jitfasslu proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi iżda mhux bl-iskop li tingħata opinjoni dwar l-effettività tal-kontroll intern. Awditu jinkludi wkoll l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi użati u r-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi li jsiru, kif ukoll l-evalwazzjoni tal-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

V – Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjonijiet tagħha.

---

([11]) Skont l-Artikoli 2, 3, 4,125(4) u 134 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 FEŻ din id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni ma testendix għall-parti mir-riżorsi tal-FEŻ li hija mmaniġġjata mill-BEI u li għaliha huwa responsabbli.

([12]) Ir-regoli u l-metodi kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-FEŻ huma mfassla fuq il-bażi tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) jew fin-nuqqas ta' dan tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) kif maħruġa rispettivament mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti u mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

## Affidabbiltà tal-kontijiet

*Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet*

VI – Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tat-8, tad-9 u tal-10 FEŻ għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2013 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja fil-31 ta' Diċembru 2013, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom, il-flussi tal-flus tagħhom, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ u skont l-istandards kontabilistiċi għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment.

## Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

### Dħul

*Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet*

VII – Fl-opinjoni tal-Qorti, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2013 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

### Impenji

*Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-impenji li fuqhom huma bbażati l-kontijiet*

VIII – Fl-opinjoni tal-Qorti, l-impenji li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2013 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

### Pagamenti

*Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet*

IX – Il-Qorti tikkonkludi li s-sistemi ta' superviżjoni u kontroll huma parzjalment effettivi biex jiżguraw il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet. L-istima mill-Qorti tar-rata tal-iżball l-aktar probabbli għat-tranżazzjonijiet ta' nfiq mit-8, mid-9 u mill-10 FEŻ hija ta' 3,4 %.

*Opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet*

X – Fl-opinjoni tal-Qorti, minħabba s-sinifikat tal-kwistjonijiet deskritti fil-paragrafu tal-bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2013 huma milquta materjalment minn żball.

L-4 ta' Settembru 2014

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

*President*

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

12, rue Alcide De Gasperi, 1615 il-Lussemburgu, IL-LUSSEMBURGU

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

## Informazzjoni li tappoġġa d-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni

*Ambitu u approċċ tal-awditjar*

16. L-***Anness 1.1*** tal-Kapitolu 1 tar-Rapport Annwali 2013 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit jiddeskrivi l-approċċ u l-metodoloġija kumplessivi tal-Qorti. Għall-awditu tal-FEŻ, għandhom jiġu nnutati l-punti speċifiċi li ġejjin.

17. L-osservazzjonijiet tal-Qorti fir-rigward tal-affidabbiltà tal-kontijiet tal-FEŻ jikkonċernaw ir-rapporti finanzjarji ([13]) u r-rapport dwar l-implimentazzjoni finanzjarja tat-8, tad-9 u tal-10 FEŻ ([14]) approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ ([15]) u riċevuti, flimkien mal-ittra tar-rappreżentazzjoni tal-uffiċjal tal-kontabbiltà, mill-Qorti fis-17 ta' Lulju 2014. L-awditu kien jinvolvi l-ittestjar ta' ammonti u divulgazzjonijiet u l-valutazzjoni tal-prinċipji kontabilistiċi użati, l-istimi sinifikanti magħmula mill-maniġment u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

18. L-awditu tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet kien jinvolvi:

(a) eżaminar tal-kontribuzzjonijiet kollha mill-Istati Membri u kampjun ta' tipi oħra ta' tranżazzjonijiet ta' dħul;

(b) eżaminar ta' kampjun ta' 30 impenn ([16]);

(c) eżaminar ta' kampjun ta' 165 tranżazzjoni ([17]). Il-kampjun huwa mfassal biex ikun rappreżentattiv tal-firxa kollha ta' pagamenti fi ħdan il-FEŻ. Huwa kien jikkonsisti fi 93 pagament approvat minn 10 delegazzjonijiet tal-UE ([18]) u fi 72 pagament approvat mill-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni ([19]);

([13]) Ara l-Artikolu 122 tar-Regolament (KE) Nru 215/2008: ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ, ir-rapport tar-riżultat ekonomiku, ir-rapport tad-dħul u l-infiq tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u t-tabella tal-elementi pagabbli lill-FEŻ.

([14]) Ara l-Artikolu 123 tar-Regolament (KE) Nru 215/2008: ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni finanzjarja jinkludu tabelli ta' approprjazzjonijiet, ta' impenji u ta' ħlasijiet.

([15]) Ara l-Artikolu 125 tar-Regolament (KE) Nru 215/2008.

([16]) Impenji finanzjarji globali u l-impenji legali korrispondenti (ftehimiet ta' finanzjament) wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' finanzjament mill-Kummissjoni.

([17]) Kif definit fl-***Anness 1.1***, il-paragrafu 7, tar-Rapport Annwali 2013 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit.

([18]) L-Unjoni Afrikana, il-Kamerun, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Côte d'Ivoire, il-Kenja, il-Lesoto, il-Możambik, in-Niġerja, ir-Rwanda u ż-Żimbabwe.

([19]) EuropeAid: 34 proġett u 35 pagament għall-appoġġ baġitarju; DĠ ECHO: 3 pagamenti għal proġetti dwar għajnuna umanitarja.

(d) fejn inqabdu żbalji, is-sistemi ta' kontroll rilevanti ġew analizzati biex jiġu identifikati d-dgħufijiet speċifiċi fis-sistemi involuti;

(e) valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll eżaminati fil-EuropeAid u fid-delegazzjonijiet tal-UE, li kopriet:

(i) il-kontrolli *ex ante* mwettqa mill-persunal tal-Kummissjoni, mill-awdituri esterni jew mis-superviżuri esterni qabel ma jsiru l-pagamenti;

(ii) il-monitoraġġ u s-superviżjoni, notevolment is-segwitu tal-awditi esterni, il-missjonijiet ta' verifikazzjoni, iż-żjarat ta' monitoraġġ, u l-istudji 2012 u 2013 tal-EuropeAid dwar ir-rata tal-iżball residwu (RER); u

(iii) l-awditu intern;

(f) analiżi tar-rapport annwali tal-attività (RAA) mid-Direttur Ġenerali tal-EuropeAid; u

(g) segwitu tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-Qorti.

19. Kif indikat fil-paragrafu 4, il-EuropeAid jimplimenta l-biċċa l-kbira tal-istrumenti ta' assistenza esterna ffinanzjati mill-baġit ġenerali u mill-FEŻ. L-osservazzjonijiet tal-Qorti li jikkonċernaw kemm l-effettività tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll u l-affidabbiltà tar-RAA u d-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali għall-2013 jirreferu għall-qasam sħiħ ta' responsabbiltà tal-EuropeAid.

### *Affidabbiltà tal-kontijiet*

20. Il-kont tar-riżultat ekonomiku jinkludi bħala dħul l-imgħax fuq prefinanzjament (EUR 5,7 miljun) fir-rigward ta' pagamenti ta' prefinanzjament lil benefiċjarji ta' aktar minn EUR 250 000. Għal pagamenti ta' prefinanzjament ta' aktar minn EUR 750 000, il-Kummissjoni hija meħtieġa li tirkupra l-imgħax fuq bażi annwali ([20]). Il-Qorti sabet xi titjib meta mqabbel mal-2012 billi l-għadd u l-valur tal-irkupri żdiedu ([21]). Madankollu, l-uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega għadhom ma jikkonformawx sistematikament ma' din ir-regola u l-ammont ta' dħul mill-imgħax divulgat fil-kontijiet huwa bbażat parzjalment fuq stimi. Barra minn hekk, l-imgħax iġġenerat minn prefinanzjamenti bejn EUR 250 000 u EUR 750 000 għadu ma jidhirx bħala dħul finanzjarju fir-rapporti finanzjarji peress li l-Kummissjoni għadha ma kkompletatx l-iżvilupp tas-sistema CRIS.

([20]) L-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 215/2008.

([21]) Kien hemm 24 irkupru li ammontaw għal EUR 4,7 miljun fl-2013, meta mqabbla ma' 13-il irkupru li ammontaw għal EUR 1,3 miljun fl-2012.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Regolarità tat-tranżazzjonijiet*

**Dħul**

21. L-awditu tat-tranżazzjonijiet ta' dħul imwettaq mill-Qorti sab li dawn kienu ħielsa minn żball materjali.

**Impenji**

22. L-awditu tal-impenji mwettaq mill-Qorti sab li dawn kienu ħielsa minn żball materjali.

**Pagamenti**

23. L-***Anness 1*** fih sommarju tar-riżultati tal-ittestjar tat-tranżazzjonijiet ta' pagament. Mill-165 tranżazzjoni ta' pagament awditjata mill-Qorti, 45 (27 %) kienu milquta minn żball. Abbażi tat-32 żball li kkwantifikat, il-Qorti tistma li r-rata tal-iżball l-aktar probabbli hija ta' 3,4 % ([22]) ([23]).

*Proġetti*

24. Mill-130 tranżazzjoni ta' pagament awditjata mill-Qorti, 42 (32 %) kienu milquta minn żball, li minnhom 30 (71 %) kienu żbalji kwantifikabbli. Mit-30 tranżazzjoni ta' pagament milquta minn żbalji kwantifikabbli, 17 kienu tranżazzjonijiet finali awtorizzati wara li kienu twettqu l-kontrolli *ex ante* kollha.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**23.** *Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-analiżi tal-Qorti ta' żewġ żbalji ta' akkwist b'impatt sinifikanti fuq ir-rata ta' żball stmata tal-Qorti. Ara wkoll ir-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 26.b.*

([22]) Il-Qorti tikkalkula l-istima tagħha tar-rata ta' żball minn kampjun rappreżentattiv. Iċ-ċifra kkwotata hija l-aħjar stima. Il-Qorti hija 95 % fiduċjuża li r-rata ta' żball fil-popolazzjoni tinsab bejn 1,4 % u 5,4 % (il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball rispettivament).

([23]) Fir-rigward taż-żewġ żbalji kkontestati mill-Kummissjoni, f'każ wieħed l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati ħafna stabbiliti fl-avviż dwar is-sejħa għall-offerti ma kinux ġustifikati mill-użu intenzjonat tal-vetturi u eskludew *de facto* għadd ta' offerenti potenzjali, li toħloq ostaklu għal sejħiet kompetittivi għall-offerti. Fil-każ l-ieħor, ma kien hemm ebda ġustifikazzjoni valida għall-qsim tal-akkwist fi tliet sejħiet lokali u miftuħa għall-offerti, minflok ma sar użu minn sejħa internazzjonali u miftuħa għall-offerti. Dawn l-iżbalji jindikaw dgħufijiet fil-kontrolli mwettqa mid-delegazzjonijiet tal-UE, li kienu taw l-approvazzjoni tagħhom minn qabel għal dawn il-proċeduri ta' akkwist.

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 25. Kif kien il-każ fl-2012 ([24]), l-iżbalji nstabu aktar spiss fi tranżazzjonijiet relatati ma' stimi ta' programmi, ma' għotjiet u ma' ftehimiet ta' kontribuzzjonijiet bejn il-Kummissjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali, milli f'forom oħra ta' appoġġ. Mit-72 tranżazzjoni ta' dan it-tip awditjata, 32 (44 %) kienu milquta minn żball. | |
| 26. It-tipi prinċipali ta' żbalji kwantifikabbli li nqabdu mill-Qorti fit-tranżazzjonijiet ta' pagament relatati ma' proġetti kienu jikkonċernaw: | **26.** |
| (a) nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn biex jiġi ġġustifikat il-fatt li seħħet attività eliġibbli (12-il tranżazzjoni); | |
| (b) nuqqas ta' konformità mill-benefiċjarju mar-regoli ta' akkwist (tmien tranżazzjonijiet); ([25]) | **(b)** *Il-Kummissjoni ma taqbilx mal-analiżi tal-Qorti ta' żball wieħed kwantifikabbli. Il-Kummissjoni tqis li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kif definiti mill-awtorità kontraenti, skont is-setgħa ta' diskrezzjoni wiesgħa tagħha, prinċipju li hu rikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja, ma kinux sproporzjonati u li ma kinux iwasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni. Dan il-prinċipju jipprovdi ċertezza legali għall-awtoritajiet kontraenti li mingħajrha kwalunkwe proċedura futura ta' akkwist tista' tiġi kompromessa.*<br><br>*Għal żball ieħor marbut għall-offerti, il-Kummissjoni tqis li dan jirrifletti l-interpretazzjoni stretta ħafna tar-regoli.* |
| (c) infiq ineliġibbli bħall-infiq relatat ma' attivitajiet mhux koperti mill-kuntratt (ħames tranżazzjonijiet), VAT ineliġibbli (tliet tranżazzjonijiet), infiq imġarrab barra mill-perjodu ta' implimentazzjoni (żewġ tranżazzjonijiet) jew li mhux konformi mar-regola tal-oriġini (tranżazzjoni waħda); | |

([24]) Il-paragrafu 26 tar-Rapport Annwali 2012 tal-Qorti.

([25]) Fir-rigward taż-żewġ żbalji kkontestati mill-Kummissjoni, f'każ wieħed l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati ħafna stabbiliti fl-avviż dwar is-sejħa għall-offerti ma kinux ġustifikati mill-użu intenzjonat tal-vetturi u eskludew *de facto* għadd ta' offerenti potenzjali, li toħloq ostaklu għal sejħiet kompetittivi għall-offerti. Fil-każ l-ieħor, ma kien hemm ebda ġustifikazzjoni valida għall-qsim tal-akkwist fi tliet sejħiet lokali u miftuħa għall-offerti, minflok ma sar użu minn sejħa internazzjonali u miftuħa għall-offerti. Dawn l-iżbalji jindikaw dgħufijiet fil-kontrolli mwettqa mid-delegazzjonijiet tal-UE, li kienu taw l-approvazzjoni tagħhom minn qabel għal dawn il-proċeduri ta' akkwist.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

(d) infiq mhux imġarrab mill-benefiċjarji (seba' tranżazzjonijiet);

(e) kalkolu skorrett tal-infiq ikklejmjat (ħames tranżazzjonijiet).

27. Il-***Graff 1*** tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kontribut tat-tipi differenti ta' żbalji għar-rata kumplessiva ta' żball stmata. Żbalji relatati man-nuqqas ta' konformità mill-benefiċjarji mal-proċeduri ta' akkwist u n-nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn jirrappreżentaw 70 % tar-rata tal-iżball l-aktar probabbli.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**Graff 1 — Kontribut skont it-tip ta' żball għar-rata tal-iżball l-aktar probabbli**




**Kaxxa 1 — Eżempji ta' żbalji kwantifikabbli fi tranżazzjonijiet ta' proġetti**

*Nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn biex jiġi ġġustifikat l-infiq*

Il-Qorti eżaminat l-approvazzjoni finali tal-infiq imġarrab taħt il-programm "Appoġġ għall-attivitajiet ta' konsolidazzjoni tal-paċi u ta' tranżizzjoni" implimentat minn organizzazzjoni internazzjonali fl-Afrika sub-Saħarjana. Il-Qorti ttestjat 25 element ta' nfiq. Għal erba' elementi, relatati mas-salarju tal-persunal u ma' spejjeż tal-ivvjaġġar li jammontaw għal EUR 18 200, id-dokumenti ta' sostenn essenzjali għall-ġustifikazzjoni tal-infiq (eż. kuntratt ta' impjieg, karta tas-salarju, prova ta' pagament għas-salarji tal-persunal, fattura, biljetti tal-imbarkazzjoni, prova tal-pagament għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar) ma ġewx ipprovduti lill-Qorti.

***Kaxxa 1 — Eżempji ta' żbalji kwantifikabbli fi tranżazzjonijiet ta' proġetti***

*Nuqqas min-naħa tal-benefiċjarju li jikkonforma mal-proċeduri ta' akkwist*

Il-Qorti eżaminat l-approvazzjoni finali tal-infiq imġarrab taħt il-programm "Assistenza lil Intrapriżi Mikro u Żgħar" fl-Afrika u sabet żball fl-akkwist ta' tagħmir tal-IT għal ċentru ta' informazzjoni għan-negozji li jammonta għal EUR 23 398. Skont l-avviż dwar is-sejħa għall-offerti, il-kriterju għall-għoti tal-kuntratt kien l-orħos prezz. Ir-rapport ta' evalwazzjoni ma kienx jirrefletti b'mod korrett l-offerti finanzjarji li saru mill-offerenti. B'riżultat ta' dan, l-offerta bl-orħos prezz ma ngħatatx il-kuntratt.

L-iżball ma nqabadx mill-awditur, li taħt il-kuntratt qafas tal-awditjar tal-Kummissjoni, wettaq awditu finanzjarju ta' dan il-programm.

*Infiq ineliġibbli u nfiq mhux imġarrab mill-benefiċjarju*

Il-Qorti eżaminat l-approvazzjoni finali tal-infiq imġarrab taħt il-"Programm għall-Komoditajiet Agrikoli tal-AKP kollha" implimentat minn organizzazzjoni internazzjonali. L-infiq ta' USD 254 000 kklejmjat minn sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni kien jinkludi ammont ta' USD 17 675 ta' spejjeż ġenerali li ma kinux previsti fil-kuntratt u li għaldaqstant kienu ineliġibbli.

Barra minn hekk, kien hemm differenza ta' USD 3 862 bejn l-ammont imħallas mill-organizzazzjoni internazzjonali lis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni bħala pagamenti bil-quddiem, u l-infiq li fil-fatt iġġarrab.

L-iżball jindika dgħufija fil-kontrolli li saru mill-organizzazzjoni internazzjonali fuq il-konformità mad-dispożizzjonijiet kuntrattwali u l-użu ta' pagamenti bil-quddiem.

*Nefqa ineliġibbli u nefqa mhux imġarrba mill-benefiċjarju*

*Il-Kummissjoni fakkret lill-organizzazzjoni dwar ir-regoli applikabbli u l-obbligi. L-ineliġibbiltajiet li sabet il-Qorti se jippermettu lill-Kummissjoni tikkalkola mill-ġdid l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-UE. Fil-futur, se jitwettqu missjonijiet ta' verifika msaħħa għall-programmi ġestiti minn din l-organizzazzjoni.*

28. L-iżbalji mhux kwantifikabbli kienu jikkonċernaw nuqqasijiet fil-proċeduri ta' akkwist li ġew segwiti (sitt tranżazzjonijiet), dokumenti ta' sostenn insuffiċjenti għall-ġustifikazzjoni tal-korrettezza tal-ammont imħallas (tliet tranżazzjonijiet) u informazzjoni insuffiċjenti biex il-Qorti tkun tista' tikkwantifika l-iżball relatat mal-eliġibbiltà tal-infiq (tliet tranżazzjonijiet).

*Appoġġ baġitarju*

29. Għall-35 tranżazzjoni ta' appoġġ baġitarju ttestjati, tlieta (9 %) kienu milquta minn żbalji, li minnhom tnejn (67 %) kienu żbalji kwantifikabbli.

**29.** *Il-Kummissjoni tinnota li n-numru ta' żbalji marbuta mal-appoġġ tal-baġit naqas bi 82 % mill-2011 sal- 2013.*

30. L-iżbalji kwantifikabbli li nqabdu mill-Qorti fit-tranżazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju kienu jikkonċernaw l-applikazzjoni skorretta tal-metodu ta' evalwazzjoni għad-determinazzjoni ta' jekk ir-riċevituri kinux issodisfaw il-kundizzjonijiet għal segment varjabbli bbażat fuq il-prestazzjoni (tranżazzjoni waħda) u l-użu ta' rata tal-kambju skorretta għall-konverżjoni ta' żborżament ta' appoġġ baġitarju għall-munita lokali (tranżazzjoni waħda).

31. Il-Qorti identifikat ukoll żball mhux kwantifikabbli wieħed. Il-Kummissjoni ma kinitx ħtieġet li r-riċevitur jipprovdi evidenza li ntużat ir-rata tal-kambju korretta għall-konverżjoni tal-iżborżament għall-munita lokali.

**Kaxxa 2 — Eżempju ta' żball kwantifikabbli fi tranżazzjoni ta' appoġġ baġitarju**

*Applikazzjoni skorretta tal-metodu ta' evalwazzjoni għal segment varjabbli bbażat fuq il-prestazzjoni*

Il-Qorti eżaminat segment varjabbli bbażat fuq il-prestazzjoni ta' EUR 4 181 250 taħt il-"*Programme d'appui au plan de développement territorial*" fil-Majott. Skont il-ftehim ta' finanzjament, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-progress li jkun sar fir-rigward tal-kredibbiltà baġitarja separatament għal kull kapitolu tal-baġit magħżul. Minflok, il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni kumplessiva bbażata fuq l-ammont totali tal-kapitoli tal-baġit, li fisser li l-varjazzjonijiet pożittivi u negattivi fuq kapitoli individwali tal-baġit ikkanċellaw lil xulxin meta ngħaddew flimkien. In-nuqqas ta' konformità mal-metodu ta' evalwazzjoni stipulat fil-ftehim ta' finanzjament irriżulta f'pagament eċċessiv ta' EUR 222 861 (5,33 %).

***Kaxxa 2 — Eżempju ta' żball kwantifikabbli fi tranżazzjoni ta' appoġġ baġitarju***

*Applikazzjoni skorretta tal-metodu ta' evalwazzjoni għal segment varjabbli bbażat fuq il-prestazzjoni*

*Il-Kummissjoni kkoreġiet dan għall-iżborżament sussegwenti u stabbiliet ordni ta' rkupru.*

## *Eżaminar ta' sistemi ta' kontroll magħżula*

32. L-***Anness 2*** fih sommarju tar-riżultati tas-sistemi tal-EuropeAid eżaminati mill-Qorti.

**Kontrolli** *ex ante*

33. Fid-dawl tal-ambjent ta' riskju għoli (ara l-paragrafu 6), il-EuropeAid jiddependi prinċipalment fuq kontrolli *ex ante* (kontrolli mill-persunal tal-Kummissjoni, mis-superviżuri esterni jew mill-awdituri esterni qabel ma jsiru l-pagamenti għall-proġetti) għall-prevenzjoni jew il-qbid u l-korrezzjoni ta' pagamenti irregolari. Bħal fi snin preċedenti, il-frekwenza ta' żbalji li nstabu mill-Qorti, inklużi xi wħud li jaffettwaw il-klejms finali li kienu suġġetti għal awditi esterni u verifikazzjonijiet ta' nfiq, tindika dgħufijiet f'dawn il-kontrolli *ex ante*.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

34. F'Mejju 2013, il-EuropeAid adotta pjan ta' azzjoni biex jindirizza d-dgħufijiet identifikati fl-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll tal-EuropeAid ([26]). Il-pjan ta' azzjoni jindirizza għadd ta' rakkomandazzjonijiet li saru mill-Qorti fir-rapporti annwali preċedenti tagħha, kif ukoll il-kwistjonijiet identifikati mill-istudji 2012 u 2013 tal-EuropeAid dwar ir-RER. Huwa jinkludi sensibilizzazzjoni, taħriġ u provvediment ta' gwida dwar it-tipi prinċipali ta' żball u kif dawn jistgħu jiġu evitati. Huwa jistabbilixxi wkoll azzjonijiet immirati lejn it-titjib tal-kwalità ta' awditi esterni ([27]), li huma komponent ewlieni tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tal-EuropeAid, u lejn ir-rinforz tal-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali fir-rigward tal-kontroll tar-regolarità (ara l-paragrafu 39).

**Monitoraġġ u superviżjoni**

35. Kif indikat fir-rapporti annwali preċedenti tal-Qorti ([28]), hemm nuqqasijiet, fis-sistema ta' informazzjoni għall-ġestjoni tal-EuropeAid, dwar ir-riżultati u s-segwitu ta' awditi esterni, il-verifikazzjonijiet ta' nfiq u ż-żjarat ta' monitoraġġ. Għalhek huwa diffiċli li d-Direttur Ġenerali jżomm lill-kapijiet ta' unità jew lill-kapijiet tad-delegazzjonijiet tal-UE responsabbli għas-segwitu u l-korrezzjoni f'waqthom tad-dgħufijiet fis-sistemi u l-iżbalji identifikati. Il-EuropeAid qed jiżviluppa funzjonijiet ġodda fil-modulu tal-awditjar tas-sistema ta' informazzjoni tiegħu CRIS, għat-tijib tas-segwitu tar-rapporti tal-awditjar.

36. Il-EuropeAid qed jiżviluppa wkoll għodda biex jgħin lid-delegazzjonijiet tal-UE jagħrblu l-portafoll ta' proġetti tagħhom b'mod aktar effettiv u jipprijoritizzaw iż-żjarat għal dawk bi ħtieġa partikolari ta' monitoraġġ, ibbażat fuq valutazzjonijiet tar-riskju.

([26]) Ara r-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tal-EuropeAid, pp. 188-190 u 195-196.

([27]) Il-mudelli tal-kuntratti ġew riveduti biex il-Kummissjoni tkun tista' jkollha influwenza fuq l-għażla ta' awdituri esterni. Għandhom jitfasslu grilji għall-evalwazzjoi tal-kwalità biex tiġi vvalutata l-affidabbiltà tar-rapporti tal-awditjar u biex jipprovdu gwida f'każ ta' nuqqas ta' konformità. Il-metodoloġija għall-ippjanar tal-awditi bbażata fuq ir-riskju għandha ssir obbligatorja.

([28]) Il-paragrafu 42 tar-Rapport Annwali 2010 tal-Qorti, il-paragrafu 43 tar-Rapport Annwali 2011 tal-Qorti u l-paragrafu 35 tar-Rapport Annwali 2012 tal-Qorti.

## L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

*Studju 2013 dwar ir-RER*

37. Il-EuropeAid wettaq it-tieni studju tiegħu dwar ir-RER biex ikejjel il-livell ta' żball li evada l-kontrolli kollha tal-maniġment għall-prevenzjoni, il-qbid u l-korrezzjoni ta' żbalji. L-istudju kien jikkonsisti f'eżaminar ta' kampjun rappreżentattiv ta' tranżazzjonijiet relatati ma' kuntratti magħluqin bejn Settembru 2012 u Awwissu 2013 sabiex tiġi stmata r-rata tal-iżball l-aktar probabbli fil-popolazzjoni ta' kuntratti magħluqa.

38. Ir-riżultati tal-istudju 2013 dwar ir-RER huma ppreżentati fir-RAA ([29]). L-istudju jistma li r-RER huwa 3,35 %, jiġifieri ogħla mil-livell ta' materjalità ta' 2 % stabbilit mill-Kummissjoni. It-tipi prinċipali ta' żbalji identifikati mill-istudju huma:

(a) nuqqas ta' dokumentazzjoni sodisfaċenti li turi l-eliġibbiltà, ipprovduta mill-organizzazzjonijiet benefiċjarji (51,63 % tar-RER);

(b) żbalji li ġew stmati għax ma kienx hemm biżżejjed evidenza biex tiġi ċċekkjata r-regolarità tat-tranżazzjonijiet (17,82 % tar-RER);

(c) nuqqas ta' konformità mal-proċeduri ta' akkwist pubbliku (12,45 % tar-RER).

(d) ammonti mhux irkuprati u mhux ikkoreġuti (8,71 % tar-RER);

(e) tipi oħra ta' żbalji (9,39 %).

39. It-tranżazzjonijiet implimentati mill-organizzazzjonijiet internazzjonali jirrappreżentaw waħda minn ħamsa tat-tranżazzjonijiet kollha kkampjunati iżda jirrappreżentaw 29,18 % tar-rata tal-iżball residwu.

40. Kif indikat mill-Qorti fir-Rapport Annwali 2012 tagħha ([30]), kumplessivament, it-tfassil tal-metodoloġija tar-RER huwa xieraq. Għal dan it-tieni studju, saru raffinamenti fil-kalkolu tar-rati ta' żball fuq tranżazzjonijiet individwali u fit-trattament ta' tranżazzjonijiet li għalihom ma kien hemm ebda informazzjoni li kienet faċilment disponibbli.

---

([29]) Pp. 140-142.

([30]) Il-paragrafu 39.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

41. Ir-RAA jindika ([31]) li l-metodoloġija tar-RER tirriżulta f'valutazzjoni preċiża tal-volum ta' żbalji li ma nqabdux mis-sistema ta' kontroll kumplessiva u li r-riżultat tal-evalwazzjoni tar-rata kumplessiva ta' żball imbagħad ġie espress bħala livell reali ta' żball b'livell ta' fiduċja ta' 95 %. Din mhijiex preżentazzjoni għalkollox preċiża tar-riżultati tal-istudju dwar ir-RER:

(a) il-metodoloġija tar-RER tirrifletti kunsiderazzjonijiet validi dwar il-kosteffettività, notevolement fir-rigward tal-grad ta' fiduċja li jitqiegħed fuq rapporti tal-awditjar jew tal-verifikazzjoni preċedenti u tal-punt sa fejn jitwettaq ittestjar sostantiv. Dan jinvolvi limitazzjoni tal-ambitu li għandu jiġi ddivulgat biex ikun jista' jseħħ fehim korrett tar-riżultati tal-istudju dwar ir-RER;

(b) abbażi tal-istudju 2013 dwar ir-RER, ir-rata tal-iżball l-aktar probabbli stmata hija fil-fatt 3,35 %, iżda l-livell ta' fiduċja ta' 95 % jfisser li r-rata ta' żball tinsab bejn il-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball, li madankollu mhumiex divulgati.

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**41.**

**(a)** *Sabiex jiġi promoss studju effiċjenti u kosteffikaċi, il-metodoloġija RER tipprevedi dipendenza fuq xogħol ta' kontroll preċedenti, inklużi awditi finanzjarji u tekniċi, id-DAS, verfiki, evalwazzjonijiet u rapporti tas-superviżuri tekniċi.*

*Dan l-aspett tal-metodoloġija RER huwa bbażat fuq il-preżunzjoni li l-proċeduri RER ma jipproduċux benefiċċji akbar minn dawk diġà pprovduti minn xogħol preċedenti ta' kontroll komprensiv u diliġenti. Xogħol ta' kontroll preċedenti tipikament ikun twettaq b'intensità akbar u aktar spejjeż minn proċeduri RER.*

**(b)** *L-iżvelar tal-limiti superjuri u inferjuri tal-iżball fir-Rapport Annwali tal-Attività tal-2013 ma ġiex espliċitament previst mill-istruzzjonijiet mogħtija mis-Servizzi Ċentrali tal-Kummissjoni.*

**Awditu intern**

42. Fir-Rapport Annwali 2011 ([32]) tagħha, il-Qorti indikat li r-riorganizzazzjoni tal-Kummissjoni li seħħet fl-2011 kellha impatt kbir fuq l-attività tal-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) ([33]). *Fir-risposta* tagħha għar-Rapport Annwali 2011 tal-Qorti, il-Kummissjoni impenjat lilha nfisha li tivvaluta l-kapaċità tal-IAC u li teżamina l-possibbiltà li ssaħħaħha jekk meħtieġ ([34]). Dan ma sarx u ma kien hemm ebda titjib sinifikanti fil-funzjonament tal-IAC fl-2013.

**42.** *Il-Kummissjoni bdiet xi azzjonijiet li jtejbu l-kapaċità tal-awditjar intern (IAC).*

([31]) Il-paġna 141.
([32]) L-IAC hija unità ta' direttorat ġenerali tal-Kummissjoni. Hija mmaniġġjata minn Kap ta' Unità li jirrapporta direttament lid-Direttur Ġenerali. Il-kompitu tagħha huwa li tipprovdi aċċertament indipendenti dwar l-effettività tas-sistema ta' kontroll intern bil-ħsieb li ttejjeb l-operazzjonijiet tad-direttorat ġenerali.
([33]) Il-paragrafu 50 tar-Rapport Annwali 2011 tal-Qorti.
([34]) Ir-risposta tal-Kummissjoni għall-paragrafu 59(e) tar-Rapport Annwali 2011 tal-Qorti.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

**Analiżi tar-rapport annwali tal-attività**

43. Fid-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tiegħu, id-Direttur Ġenerali jagħmel riżerva fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet, billi li l-ammont meqjus f'riskju (EUR 228,55 miljun) jirrappreżenta aktar minn 2 % tal-pagamenti li saru mill-EuropeAid fl-2013. Madankollu, id-Direttur Ġenerali jiddikjara wkoll li l-proċeduri ta' kontroll stabbiliti jagħtu l-garanziji meħtieġa fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tqis li din mhijiex konklużjoni loġika għax is-sistemi ta' kontroll mhumiex effettivi jekk jonqsu milli jipprevienu, jaqbdu u jikkoreġu l-iżball materjali.

44. Din ir-riżerva hija relatata mal-legalità u r-regolarità tal-infiq kollu mmaniġġjat mill-EuropeAid. Riżerva hija xierqa meta d-dgħufijiet fil-kontroll ikunu relatati ma' oqsma definiti ta' dħul jew ta' nfiq ([35]), iżda mhux meta jaffettwaw l-operat tas-sistema ta' kontroll fl-intier tagħha u l-impatt finanzjarju jaqbeż il-livell limitu ta' materjalità għall-baġit kollu li huwa taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur Ġenerali. Madankollu, l-istruzzjonijiet permanenti tal-Kummissjoni għar-RAA 2013 ma jindirizzawx sitwazzjoni bħal din b'mod ċar.

## KONKLUŻJONI U RAKKOMANDAZZJONIJIET

### Il-konklużjoni għall-2013

45. Fuq il-bażi tax-xogħol tal-awditjar tagħha, il-Qorti tikkonkludi li l-kontijiet tal-FEŻ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2013 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-FEŻ fil-31 ta' Diċembru 2013, u r-riżultati tal-operazzjonijiet u l-flussi tal-flus tagħhom għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-FEŻ u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà.

46. Il-Qorti tikkonkludi li, għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2013:

(a) id-dħul tal-FEŻ kien ħieles minn żball materjali;

(b) l-impenji li għalihom kienu daħlu l-FEŻ kienu ħielsa minn żball materjali;

(c) it-tranżazzjonijiet ta' pagament tal-FEŻ kienu milquta minn żball materjali (ara l-paragrafi 23 sa 31).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**43.** *Minħabba l-ambjent ta' riskju li jopera fih id-DĠ DEVCO u l-fatt li l-iżball residwali mhuwiex konsegwenza tat-tfassil tas-sistema ta' kontroll, iżda pjuttost ta' dgħufijiet fl-implimentazzjoni tagħha, għadu raġonevoli li jiġi konkluż li l-proċeduri ta' kontroll fis-seħħ jagħtu l-garanziji meħtieġa rigward il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti.*

([35]) Ara l-Artikolu 66(9) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), u l-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 215/2008.

L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI

47. Is-sistemi eżaminati tal-EuropeAid huma vvalutati bħala parzjalment effettivi (ara l-paragrafi 19 u 32 sa 38) ([36]). Madankollu, f'Mejju 2013 il-EuropeAid adotta pjan ta' azzjoni biex jindirizza d-dgħufijiet prinċipali identifikati.

## Rakkomandazzjonijiet

48. L-***Anness 3*** juri r-riżultat tal-analiżi mill-Qorti tal-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li saru f'rapporti annwali preċedenti. Fir-Rapporti Annwali 2010 u 2011, il-Qorti ppreżentat 14-il rakkomandazzjoni. Minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, il-EuropeAid implimenta tliet rakkomandazzjonijiet bis-sħiħ, filwaqt li erbgħa ġew implimentati fil-biċċa l-kbira tal-aspetti, ħamsa ġew implimentati f'xi aspetti u tnejn ma ġewx implimentati.

49. Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet li ma ġewx implimentati, il-EuropeAid ma għamilx obbligatorji l-linji gwida dwar l-analiżi tar-riskju għat-tħejjija ta' pjanijiet annwali tal-awditjar u ma vvalutax il-kapaċità tal-IAC biex twettaq il-kompitu tagħha b'mod effettiv.

50. Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet implimentati f'xi aspetti biss, il-EuropeAid qed jieħu azzjoni:

(a) il-EuropeAid ipparteċipa fi grupp ta' ħidma mmexxi mid-DĠ Baġit għall-analiżi tal-kosteffettività tal-arkitettura kumplessiva ta' kontroll tiegħu. Fir-RAA 2013, għall-ewwel darba, huwa pprovda *data* dwar spejjeż u benefiċċji tal-kontroll stmati. Filwaqt li dan juri li l-EuropeAid ta attenzjoni dovuta għall-ħtieġa ta' monitoraġġ tal-effiċjenza tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tiegħu, il-Qorti sabet xi dgħufijiet fir-rigward tal-kwantifikazzjoni tal-benefiċċji, li jaffettwaw l-affidabbiltà tal-proporzjonijiet spiża/benefiċċju.

(b) il-EuropeAid qed jiżviluppa għodod u gwida biex jgħinu lid-delegazzjonijiet tal-UE jipprijoritizzaw aħjar iż-żjarat ta' monitoraġġ tagħhom tal-proġetti u biex jivvalutaw aħjar il-kwalità tar-rapporti tal-awditjar.

(c) il-EuropeAid qed jiżviluppa funzjonijiet ġodda fil-modulu tal-awditjar tas-sistema ta' informazzjoni tiegħu CRIS, għat-tijib tas-segwitu tar-rapporti tal-awditjar (ara l-paragrafu 35).

IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI

**47.** *Il-Kummissjoni taqbel li, filwaqt li t-tfassil tas-sistema ta' kontroll hu ġeneralment konsistenti u sod, għad irid isir progress fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi ta' kontroll. Il-Pjan ta' Azzjoni huwa diġà miexi f'din id-direzzjoni.*

**49.** *Il-Kummissjoni bdiet xi azzjonijiet li jtejbu l-IAC.*

**50.**

**(a)** *Ġiet proposta gwida dwar l-approċċi possibbli għall-kalkolu jew stima tal-benefiċċji u l-ispejjeż l-aktar komuni tas-sistemi ta' kontroll intern tal-Kummissjoni, flimkien ma' Mudelli ta' Kontroll Intern relatati.*

*Kull DĠ huwa mistenni li japplika approċċi sabiex jiġu stmati l-benefiċċji u l-ispejjeż tal-istrateġiji ta' kontroll intern ikkonċernati tiegħu għan-nefqa korrispondenti – inkluż l-aħjar stima tal-benefiċċji kemm kwantifikabbli kif ukoll mhux kwantifikabbli tal-kontrolli.*

*B'konformità mal-impenji li saru fir-rapport ta' sinteżi, id-DĠ Baġit se jkompli jiżviluppa gwida ulterjuri, filwaqt li jidentifika għadd limitat ta' indikaturi tal-kosteffettività li jistgħu jintużaw madwar il-Kummissjoni kollha, u jiddefinixxi b'mod aktar preċiż il-metodoloġija li għandha tintuża għall-kalkolu tagħhom.*

([36]) Il-konklużjoni dwar is-sistemi hija limitata għas-sistemi magħżula għall-eżaminar kif definit fl-ambitu tal-awditjar fil-paragrafu 18 (e).

| L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-QORTI | IR-RISPOSTI MILL-KUMMISSJONI |
|---|---|
| 51. Wara din l-analiżi u s-sejbiet u l-konklużjonijiet għall-2013, il-Qorti tirrakkommanda li l-EuropeAid: | **51.** |
| — **Rakkomandazzjoni 1**: jiżgura li l-uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega kollha jirkupraw kull sena l-imgħax iġġenerat minn prefinanzjament ta' aktar minn EUR 750 000, | *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. L-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni diġà pproduċew riżultati tajba. Il-Kummissjoni se tintensifika dawn l-azzjonijiet fl-2014.* |
| — **Rakkomandazzjoni 2**: jikkompleta l-iżvilupp tas-sistema CRIS sa tmiem l-2014, biex l-imgħax fuq prefinanzjament ta' bejn EUR 250 000 u EUR 750 000 ikun jista' jiġi rikonoxxut bħala dħul finanzjarju, | *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. Minħabba l-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid u r-rilaxx tal-ABAC relatat, ma kienx possibbli li jiġi implimentat dak l-aspett kif ippjanat. Il-finalizzazzjoni issa hija skedata għall-aħħar kwart tal-2014.* |
| — **Rakkomandazzjoni 3**: jirrevedi l-kwantifikazzjoni tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-kontrolli implimentati, | *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni u se tkompli ttejjeb il-kwantifikazzjoni tal-benefiċċji tal-kontroll f'konformità mal-linji gwida pprovduti mis-Servizzi Ċentrali tal-Kummissjoni.* |
| — **Rakkomandazzjoni 4**: jirrapporta fir-RAA dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni għall-indirizzar tad-dgħufijiet fis-sistema ta' kontroll, u | *Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.* |
| — **Rakkomandazzjoni 5**: jiddivulga fir-RAA l-ambitu tal-istudju dwar ir-RER u l-limiti inferjuri u superjuri tal-iżball stmati. | *Il-Kummissjoni taqbel ma' din ir-rakkomandazzjoni u se tkompli tiddiskuti mal-Qorti dwar kif timplimentaha. Id-definizzjoni tal-RER u l-kalkolu ta' ammont f'riskju se tibqa' bbażata fuq l-Iżball l-Aktar Probabbli (Most likely Error – MLE).* |

ANNESS 1

*RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR TAT-TRANŻAZZJONIJIET GĦALL-FONDI EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP*

| | 2013 | | | | | | 2012 | 2011 | 2010 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Proġetti | | Appoġġ baġitarju | | Total | | | | |
| **DAQS U STRUTTURA TAL-KAMPJUN** | | | | | | | | | |
| Total tat-tranżazzjonijiet: | 130 | | 35 | | **165** | | 167 | 163 | 165 |
| **RIŻULTATI TAL-ITTESTJAR** ([1]) ([2]) | | | | | | | | | |
| **Proporzjon (għadd) tat-tranżazzjonijiet ittestjati li nstabu li huma:** | | | | | | | | | |
| Ħielsa minn żball | 68 % | (88) | 91 % | (32) | **73 %** | **(120)** | 74 % | 67 % | 73 % |
| Milquta minn żball wieħed jew aktar | 32 % | (42) | 9 % | (3) | **27 %** | **(45)** | 26 % | 33 % | 27 % |
| **Analiżi tat-tranżazzjonijiet milquta minn żball** | | | | | | | | | |
| **Analiżi skont it-tip ta' żball** | | | | | | | | | |
| Kwistjonijiet oħra ta' konformità u żbalji mhux kwantifikabbli: | 29 % | (12) | 33 % | (1) | **29 %** | **(13)** | 32 % | 46 % | 49 % |
| Żbalji kwantifikabbli: | 71 % | (30) | 67 % | (2) | **71 %** | **(32)** | 68 % | 54 % | 51 % |
| **IMPATT STMAT TA' ŻBALJI KWANTIFIKABBLI** | | | | | | | | | |
| Rata tal-iżball l-aktar probabbli | | | | | **3,4 %** | | 3,0 % | 5,1 % | 3,4 % |
| Limitu Superjuri tal-Iżball (UEL) | | | | | 5,4 % | | | | |
| Limitu Inferjuri tal-Iżball (LEL) | | | | | 1,4 % | | | | |

([1]) Biex jitjieb il-fehim approfondit f'oqsma bi profili ta' riskju differenti fi ħdan il-grupp tal-politika, il-kampjun inqasam f'segmenti.
([2]) Iċ-ċifri kkwotati fil-parentesi jirrappreżentaw l-għadd reali tat-tranżazzjonijiet.

ANNESS 2

*RIŻULTATI TAL-EŻAMINAR TAS-SISTEMI MAGĦŻULA GĦALL-FONDI EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP U L-GĦAJNUNA GĦALL-IŻVILUPP TAĦT IL-BAĠIT TAL-UE*

## Valutazzjoni tas-sistemi eżaminati

| Sistema kkonċernata | Kontrolli ex ante | Monitoraġġ u superviżjoni | Awditi interni | Valutazzjoni kumplessiva |
|---|---|---|---|---|
| **EuropeAid** | Parzjalment effettivi | Parzjalment effettivi | Parzjalment effettivi | **Parzjalment effettiva** |

ANNESS 3

*SEGWITU TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦALL-FONDI EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP*

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 1:** Il-EuropeAid għandu jtejjeb il-ġestjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti, billi jistabbilixxi kriterji tal-għażla ċari u billi jiddokumenta aħjar il-proċess ta' evalwazzjoni (ir-Rapport Annwali 2011, il-paragrafu 59(a)). | | x | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 2:** Il-EuropeAid għandu jintroduċi ppjanar dokumentat u bbażat fuq ir-riskju, u segwitu sistematiku għal żjarat ta' verifikazzjoni u żjarat ta' monitoraġġ fuq il-post (ir-Rapport Annwali 2011, il-paragrafu 59(b)). | | | x | | | | *Il-Kummissjoni qed tisħaq biex ittejjeb l-ippjanar għal żjarat ta' proġetti, ibbażat fuq ir-riskji marbuta mal-proġetti. Is-servizzi tal-Kummissjoni qed jaħdmu fuq għodda ta' ġestjoni tal-portafoll biex tgħin lid-Delegazzjonijiet jeżaminaw aħjar il-portafoll tagħhom ta' proġetti u jagħtu prijorità lil żjarat li jirrigwardaw proġetti li partikolarment jeħtiġilhom monitoraġġ.*<br><br>*Minħabba l-limiti ta' riżorsi attwali – li x'aktarx jiżdiedu fil-futur – il-Kummissjoni teħtieġ iżżomm f'moħħha l-aspetti ta' kosteffettività.*<br><br>*Wieħed għandu wkoll iżomm f'moħħu r-restrizzjonijiet ta' sigurtà possibbli; f'xi pajjiżi riċevituri verifiki fuq il-post jistgħu jpoġġu f'riskju, lill-persunal magħżul jew ikun diffiċli ħafna li jitwettqu.*<br><br>*Fit-tweġiba tagħha għar-rakkomandazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet se "tikkunsidra tagħmel il-metodoloġija tal-EuropeAid għall-ippjanar tal-awditi bbażat fuq ir-riskju għall-perjodu mill-2013 'il quddiem obbligatorja."*<br><br>*Għaldaqstant, konsiderazzjoni interna pprovdiet riżultati pożittivi u analiżi ta' riskju se jsir obbligatorju fi Pjanijiet tal-Awditu mill-2015 'il quddiem.* |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2011 | **Rakkomandazzjoni 3:** Il-EuropeAid għandu jrendi obbligatorji l-linji gwida dwar l-analiżi tar-riskju għat-tħejjija ta' pjanijiet tal-awditjar annwali mid-delegazzjonijiet u mill-kwartieri ġenerali tal-EuropeAid (ir-Rapport Annwali 2011, il-paragrafu 59(c)). | | | | x | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 4:** Il-EuropeAid għandu janalizza t-tfassil tal-KPIs biex jiżgura li dawn mhumiex ambigwi u li huwa faċli li jiġu interpretati (ir-Rapport Annwali 2011, il-paragrafu 59(d)). | | x | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 5:** Il-EuropeAid għandu jivvaluta l-kapaċità tal-IAC biex twettaq il-kompitu tagħha b'mod effettiv (ir-Rapport Annwali 2011, il-paragrafu 59(e)). | | | | x | | | *Il-Kummissjoni bdiet xi azzjonijiet li jtejbu l-kapaċità tal-IAC.* |
| 2010 | **Rakkomandazzjoni 1:** Il-EuropeAid għandu jiżviluppa indikatur prinċipali għall-impatt finanzjarju stmat ta' żbalji residwi wara li l-kontrolli *ex-ante* u *ex-post* kollha jkunu ġew implimentati (ir-Rapport Annwali 2010, il-paragrafu 62(a)). | x | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 2:** Il-EuropeAid għandu jivvaluta l-kosteffettività tad-diversi kontrolli, l-aktar tas-sistemi ta' kontroll *ex-post* tat-tranżazzjonijiet (ir-Rapport Annwali 2010, il-paragrafu 62(b)). | | | x | | | | *Peress li l-EuropeAid, fl-AAR tagħha għall-2013, ivvalutat il-kosteffettività tal-kontrolli tagħha abbażi tal-gwida mogħtija mis-Servizzi Ċentrali tal-Kummissjoni, il-EuropeAid tqis li din ir-rakkomandazzjoni ġiet implimentata* |
| | **Rakkomandazzjoni 3:** Il-EuropeAid għandu jsaħħaħ l-effettività tal-monitoraġġ tal-proġetti, inklużi żjarat fuq il-post, abbażi ta' pjanijiet ta' monitoraġġ u evalwazzjoni pluriennali (ir-Rapport Annwali 2010, il-paragrafu 62(c)). | | | x | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2010 | **Rakkomandazzjoni 4:** Il-EuropeAid għandu jirrevedi l-affidabbiltà ta' ċertifikati minn superviżuri esterni, awditi u verifikazzjonijiet tal-infiq (ir-Rapport Annwali 2010, il-paragrafu 63(a)). | | | x | | | | *Anke jekk din ir-rakkomandazzjoni ġiet aċċettata mill-Kummissjoni, riflessjoni ulterjuri wasslet għall-konklużjoni li ma kienx ir-rwol tal-Kummissjoni li tipprovdi tali verifiki ta' affidabbiltà.*<br>*Il-pjan ta' azzjoni għall-korrezzjoni tan-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll intern jinkludi miżuri mmirati lejn it-titjib tal-kwalità u l-effikaċja ta' verifiki esterni u verifiki tan-nefqa.*<br>*Il-mudelli tal-kuntratti ġew riveduti biex jippermettu li l-Kummissjoni jkollha influwenza fuq l-għażla tal-awdituri esterni.*<br>*In-nuqqasijiet tar-rapporti tal-verifika diġà ġew analizzati u l-grilji tal-kwalità għandhom jitlestew sa tmiem l-2014 sabiex jagħmluha possibbli li tiġi vvalutata l-affidabbiltà tagħhom u jipprovdu gwida f'każ ta' nuqqas ta' konformità.* |
| | **Rakkomandazzjoni 5:** Il-EuropeAid għandu jintroduċi sistemi ta' informazzjoni għall-ġestjoni li jippermettu lid-Direttur Ġenerali u lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet jimmonitorjaw aħjar is-segwitu tar-riżultati minn żjarat fuq il-post, awditi esterni u verifikazzjonijiet tal-infiq (ir-Rapport Annwali 2010, il-paragrafu 63(b)). | | | x | | | | *Kif indikat mill-Qorti fil-paragrafu 50, ix-xogħol jinsab għaddej.* |
| | **Rakkomandazzjoni 6:** Il-EuropeAid għandu jorbot flimkien is-sistemi ta' informazzjoni CRIS relatati mal-Awditjar u dawk relatati mal-Ordnijiet ta' Rkupru (ir-Rapport Annwali 2010, il-paragrafu 63 (c)). | x | | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 7:** Il-EuropeAid għandu jkompli fl-isforzi tiegħu biex jiżgura li d-*data* tiġi rreġistrata b'mod preċiż, komprensiv u f'waqtu fis-sistema ta' informazzjoni CRIS (ir-Rapport Annwali 2010, il-paragrafu 63(d)). | | x | | | | | |

| Sena | Rakkomandazzjoni tal-Qorti | Analiżi mill-Qorti tal-progress li sar | | | | | | Risposta tal-Kummissjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Implimentata bis-sħiħ | Qed tiġi implimentata | | Mhux implimentata | Mhux applikabbli | Evidenza insuffiċjenti | |
| | | | Fil-biċċa l-kbira mill-aspetti | F'xi aspetti | | | | |
| 2010 | **Rakkomandazzjoni 8:** Il-EuropeAid għandu jiżgura li d-Delegazzjonijiet japplikaw b'mod konsistenti l-format u l-iskema l-ġodda għar-rappurtar annwali tad-Delegazzjonijiet dwar riformi ta' sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi f'pajjiżi riċevituri sabiex jintwera b'mod aktar strutturat u formalizzat il-progress fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi (ir-Rapport Annwali 2010, il-paragrafu 64(a)). | | x | | | | | |
| | **Rakkomandazzjoni 9:** Il-EuropeAid għandu jippromwovi, permezz ta' djalogu ta' politika, l-istabbiliment ta' oqfsa ċari ta' valutazzjoni fil-programmi ta' riforma tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi ta' pajjiżi riċevituri (ir-Rapport Annwali 2010, il-paragrafu 64(b)). | x | | | | | | |

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT